# Rapport tal-Inkjesta Pubblika

## Jean Paul Sofia li miet fit-3 ta` Diċembru 2022

## Preżentat lill-Onor. Prim Ministru fit-28 ta` Frar 2024

**Chairman :**

**Imħallef Emeritus**
**Joseph Zammit McKeon**

**Membri :**

**Charles Deguara**
**Perit Mario Cassar**

## WERREJ


| | | |
|---|---|---|
| **I.** | **L-ittra tat-2 ta` Awissu 2023** | **Paġ. 7** |
| **1.** | **Il-ħatra** | **Paġ. 7** |
| **2.** | **It-termini ta` referenza fid-dettall** | **Paġ. 7** |
| **3.** | **Setgħat, obbligi u fakoltajiet** | **Paġ. 9** |
| **II.** | **Il-finalità ta` inkjesta pubblika** | **Paġ. 12** |
| **III.** | **Il-grad ta` prova** | **Paġ. 19** |
| **IV.** | **L-iter tal-inkjesta** | **Paġ. 23** |
| **V.** | **Provi** | **Paġ. 26** |
| **1.** | **Elenku tas-seduti u tax-xhieda** | **Paġ. 26** |
| **2.** | **Sintesi tax-xiehda** | **Paġ. 30** |
| **a)** | **Isabelle Bonnici** | **Paġ. 30** |
| **b)** | **Onor Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi** | **Paġ. 35** |
| **c)** | **Onor. Ministru Clyde Caruana** | **Paġ. 51** |
| **d)** | **Perit David Xuereb** | **Paġ. 54** |
| **e)** | **Tabib Dr. Mark Gauci** | **Paġ. 72** |
| **f)** | **Assistent Kummissarju tal-Pulizija Kenneth Haber** | **Paġ. 89** |
| **g)** | **Supretendent tal-Pulizija Denise Miruzzi Mula** | **Paġ. 89** |

| | | |
|---|---|---|
| **h)** | **Franklin Calleja** | **Paġ. 90** |
| **i)** | **Karl Azzopardi** | **Paġ. 92** |
| **j)** | **Perit Maria Schembri Grima** | **Paġ. 104** |
| **k)** | **Saviour Camilleri** | **Paġ. 113** |
| **l)** | **Jesmond Muscat** | **Paġ. 118** |
| **m)** | **Adrian Galea** | **Paġ. 130** |
| **n)** | **Abigail Agius Mamo** | **Paġ. 132** |
| **o)** | **Kurunell Mark Mallia** | **Paġ. 136** |
| **p)** | **Av. Dr. Jason Azzopardi** | **Paġ. 139** |
| **q)** | **Av. Dr. John Vassallo** | **Paġ. 141** |
| **r)** | **Nutar Dr. Jean Pierre Attard** | **Paġ. 146** |
| **s)** | **Oliver Magro** | **Paġ. 171** |
| **t)** | **Perit Andre` Pizzuto** | **Paġ. 175** |
| **u)** | **Perit Charles Buhagiar** | **Paġ. 180** |
| **v)** | **Dr. Peter Gatt** | **Paġ. 189** |
| **w)** | **Perit Dr. John Ebejer** | **Paġ. 190** |
| **x)** | **Perit Tano Zammit** | **Paġ. 192** |
| **y)** | **Av. Dr. Julian Buhagiar Vella** | **Paġ. 194** |
| **z)** | **Kurt Farrugia** | **Paġ. 195** |
| **aa)** | **Perit Joseph Attard** | **Paġ. 207** |
| **bb)** | **Noel Azzopardi** | **Paġ. 209** |
| **cc)** | **Dr. Joyce Cassar** | **Paġ. 212** |
| **dd)** | **Michael Stivala** | **Paġ. 215** |
| **ee)** | **Alexia Vella** | **Paġ. 220** |

| | | |
|---|---|---|
| **ff)** | **Ing. Helga Pizzuto** | **Paġ. 227** |
| **gg)** | **Robert Vella** | **Paġ. 233** |
| **hh)** | **Dr. Luke Anthony Fiorini** | **Paġ. 236** |
| **ii)** | **Michael Ferry** | **Paġ. 238** |
| **jj)** | **Simon Debono** | **Paġ. 244** |
| **kk)** | **Peter Micallef** | **Paġ. 245** |
| **ll)** | **Damian Whitehead** | **Paġ. 246** |
| **mm)** | **Perit Martin Debono** | **Paġ. 249** |
| **nn)** | **Dr. Victor Sultana** | **Paġ. 257** |
| **oo)** | **Wayne Flask** | **Paġ. 257** |
| **pp)** | **Andre' Callus** | **Paġ. 258** |
| **qq)** | **Ing. David Spiteri** | **Paġ. 258** |
| **rr)** | **Peter Paul Coleiro** | **Paġ. 259** |
| **ss)** | **Perit Alex Bezzina** | **Paġ. 268** |
| **tt)** | **Martina Urso** | **Paġ. 271** |
| **uu)** | **Ing. Arthur Ciantar** | **Paġ. 272** |
| **vv)** | **Mark Cachia** | **Paġ. 273** |
| **ww)** | **Perit Daniel Darmanin** | **Paġ. 273** |
| **xx)** | **Kevin Camilleri** | **Paġ. 274** |
| **yy)** | **Perit David Mifsud Parker** | **Paġ. 288** |
| **zz)** | **Paul Vella** | **Paġ. 290** |
| **aaa)** | **John Sofia** | **Paġ. 290** |
| **bbb)** | **Dr. Albert Caruana** | **Paġ. 316** |

**ccc) Av. Dr. Ivan Mifsud** **Paġ. 318**

**ddd) Av. Dr. Kurt Xerri** **Paġ. 318**

**eee) Perit Ray De Micoli** **Paġ. 330**

**VI. It-Termini ta` Referenza :**
**Risultanzi** **Paġ. 332**

**1. Osservazzjonijiet Preliminari** **Paġ. 332**

**2. L-Ewwel (1) Terminu ta` Referenza** **Paġ. 334**

**a) Sottomissjonijiet** **Paġ. 335**
**b) Osservazzjonijiet** **Paġ. 339**
**c) Konsiderazzjonijiet** **Paġ. 341**

**3. It-Tieni (2) Terminu ta` Referenza** **Paġ. 363**

**a) Sottomissjonijiet** **Paġ. 363**
**b) Konsiderazzjonijiet** **Paġ. 365**

**4. It-Tielet (3) Terminu ta` Referenza** **Paġ. 366**

**a) Sottomissjonijiet** **Paġ. 366**
**b) Osservazzjonijiet** **Paġ. 379**
**c) Konsiderazzjonijiet** **Paġ. 391**

**5. Ir-raba` (4) terminu ta` referenza** **Paġ. 418**

**a) Sottomissjonijiet** **Paġ. 419**

| | | |
|---|---|---|
| **b)** | **Konsiderazzjonijiet** | **Paġ. 419** |
| **6.** | **Il-ħames (5) terminu ta` referenza** | **Paġ. 425** |
| **a)** | **Sottomissjonijiet** | **Paġ. 425** |
| **b)** | **Konsiderazzjonijiet** | **Paġ. 426** |
| **7.** | **Is-sitt (6) terminu ta` referenza** | **Paġ. 432** |
| **a)** | **Sottomissjonijiet** | **Paġ. 432** |
| **b)** | **Konsiderazzjonijiet** | **Paġ. 439** |
| **8.** | **Is-seba` (7) terminu ta` referenza** | **Paġ. 444** |
| **a)** | **Sottomissjonijiet** | **Paġ. 444** |
| **b)** | **Osservazzjonijiet** | **Paġ. 448** |
| **c)** | **Rakkomandazzjonijiet** | **Paġ. 449** |
| **9.** | **Konklużjoni** | **Paġ. 483** |

## I. L-ITTRA TAT-2 TA` AWISSU 2023

## 1. IL-ĦATRA

**Permezz ta` ittra tat-2 ta` Awissu 2023 iffirmata mill-Onor. Prim Ministru, aħna t-tlieta sottofirmati, b`referenza għall-inċident li seħħ fit-3 ta` Diċembru 2022 fejn iġġarrfet binja waqt xogħol ta` kostruzzjoni ġewwa s-sit KKW 710 fil-qasam industrijali ta` Kordin, limiti ta` Raħal Ġdid, u miet iż-żagħżugħ Jean Paul Sofia u ndarbu persuni oħrajn, konna mahtura, wara l-aċċettazzjoni tagħna, sabiex inservu fuq Bord ta` Inkjesta, skont l-artikolu 4 tal-Att dwar l-Inkjesti (Kap. 273 tal-Liġijiet ta` Malta), sabiex, wara li nieħdu konjizzjoni tal-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Inkwerenti Marse-Ann Farrugia fl-inkjesta maġisterjali li saret dwar l-istess inċident, għall-għanijiet tal-paragrafi (b) u (ċ) tal-artikolu 3 tal-istess Att, immexxu nkjesta skont it-termini ta` riferenza li ġejjin.**

## 2. IT-TERMINI TA` REFERENZA : ID-DETTALJI

**It-termini ta` referenza jgħidu hekk :-**

***1. Jiġi mistħarreġ jekk l-allokazzjoni minn entitajiet tal-Gvern lil AllPlus Limited (C 93876) li tagħha Matthew Schembri u Kurt Buhagiar huma diretturi, tas-sit li fuqu kien qiegħed isir ix-xogħol ta` kostruzzjoni inkwistioni, saritx skont il-liġi, b`mod regolari u skont il-proċeduri viġenti, jew xort`oħra ;***

***2. Jiġi nvestigat u stabbilit jekk kienx hemm relazzjoni bejn il-mod kif saret l-imsemmija allokazzjoni, it-tiġrif tal-binja de quo u l-konsegwenzi tagħha ;***

***3. Fil-kuntest ta` x'ġara qabel, matul u wara l-mewt ta` Jean Paul Sofia, jiġi nvestigat jekk l-iStat kellux fis-seħħ regolamenti u jekk assigurax l-infurzar ta` regolamenti, policies, proċessi u obbligi amministrattivi, u miżuri operazzjonali preventivi, li kapaċi jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà ta` persuni matul il-fażijiet kollha tal-iżvilupp u l-kostruzzjoni.***

***4. Sabiex jiġi nvestigat jekk miżuri adekwati għall-prevenzjoni ta` fatalitajiet u korrimenti minħabba l-iżvilupp u l-kostruzzjoni humiex serjament integrati fil-proċessi kollha relatati ma` dawn is-setturi.***

***5. Sabiex jiġi nvestigat jekk il-proċess tal-ippjanar, l-iżvilupp u l-kostruzzjoni għandux fi ħdanu liġijiet, policies, regolamenti, proċessi amministrattivi u miżuri operazzjonali xierqa li kemm jista` jkun jeliminaw ir-riskju ta` korriment u/jew mewt.***

***6. Sabiex jiġi nvestigat jekk kienx hemm xi entità tal-iStat, inkluż dawk tal-iżvilupp u l-kostruzzjoni li naqset milli tieħu passi/azzjoni fil-parametri tal-poteri tagħha li f`ġudizzju raġjonevoli kienet mistennija tieħu sabiex tevita r-riskju ta` korriment u/ jew mewt.***

***7. Sabiex jitressqu dawk ir-rakkomandazzjonijiet, kemm regolatorji kif ukoll amministrattivi, skont id-deċizjoni tal-Bord, sabiex jittieħdu miżuri għat-tisħiħ tas-saħħa u sigurtà fuq siti ta` kostruzzjoni.***

**L-akbar valur miżjud ta` inkjesta ta` din ix-xorta hu l-fatt stess li l-Gvern iddeċieda li jissottometti fil-pubbliku l-operat tal-entitajiet tal-iStat għall-iskrutinju u l-ġudizzju ta` dan il-Bord. Kien għaqli mill-Gvern li jagħmel dan għaliex f`demokrazija l-atti jew l-omissjonijiet tal-Gvern jew tal-entitajiet tiegħu għandhom ikunu soġġetti għall-iskrutinju attent mhux biss tal-fergħat leġislattivi u ġudizzjarji tal-Istat imma wkoll għall-opinjoni pubblika.**

**Il-ġbir ta` provi fil-pubbliku fih innifsu huwa eżerċizzju qawwi ta` trasparenza u kontabilità maħsub biex jagħti miżura ta` sodisfazzjon u fejqan lill-familjari ta` kull min safa` vittma, u lis-soċjetà in ġenerali. Indaġini wkoll li għandha l-għan li jingħata tagħrif essenzjali li għalih iċ-ċittadin hu intitolat, dwar kif l-entitajiet tal-iStat aġixxew jew irreaġixxew fiċ-ċirkostanzi tal-kaz.**

## 3. SETGĦAT, OBBLIGI U FAKOLTAJIET

**Fl-ittra tal-Prim Ministru, ikompli jingħad hekk :-**

***L-inkjesta għandha titmexxa b`mod illi ma tfixkilx u ma tippreġudikax l-integrità ta` xi investigazzjoni jew prosekuzzjoni kriminali jew proċedimenti legali oħra dwar l-inċident fuq imsemmi.***

***L-inkjesta pubblika għandha titmexxa f`waħda mill-awli tal-bini tal-Qorti u ssir bil-miftuħ. Iżda l-Bord għandu l-fakultà li jirrestrinġi l-aċċess tal-pubbliku għal informazzjoni, xhieda jew dokumenti mogħtija lilu. Tali restrizzjoni fuq l-aċċess tal-pubbliku tista` sseħħ fuq deċizjoni tal-Bord wara li dan iqis dik l-informazzjoni bħala waħda li hija kunfidenzjali fit-termini tal-liġi, jew***

li l-kunfidenzialità ta` dik l-informazzjoni hija strettament neċessarja sabiex jipproteġu s-sigurtà u d-drittijiet tax-xhieda, is-sigurtà nazzjonali u informazzjoni sensittiva oħra, u sabiex ma jippreġudikax proċeduri oħra.

Inoltre, il-Bord għandu d-diskrezzjoni li limitatament jirrestrinġi l-iżvelar u l-pubblikazzjoni ta` dawk il-partijiet tar-rapport li jkun jikkunsidra neċessarji sabiex jissalvagwardja protezzjoni tad-data, id-drittijiet tax-xhieda, is-sigurtà pubblika, sigurtà nazzjonali, jew proċeduri pendenti quddiem il-qrati.

F`każ li l-Bord jiddeċiedi li huwa meħtieġ li partijiet mir-rapport finali ma jiġux ippubblikati, huwa għandu jindika lili liema huma dawn l-istess partijiet.

Inoltre, f`każ li jsir hekk, il-Bord ikun obbligat li jipprovdi lill-familja ta` Jean Paul Sofia bl-opportunità li taqra r-rapport sħiħ bla restrizzionijiet, mingħajr però ma jingħataw kopja tal-partijiet redatti, u dan taħt obbligu ta` kunfidenzjalità f`dak ir-rigward.

Senjatament iżda mhux limitatament u mingħajr preġudizzju għas-smigħ xieraq tal-partijiet kollha involuti, il-parteċipazzjoni tal-familja taż-żagħżugħ Jean Paul Sofia, u tar-rappreżentanti legali tagħhom f`din l-Inkjesta, għandha tiġi assigurata.

Bla ħsara għall-premess, il-Bord għandu jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu u jiddetermina kull kwistjoni procedurali.

Il-Bord għandu jagħmel ħiltu sabiex jikkonkludi xogħlu fi żmien ħames (5) ×hur mid-data ta` din il-

*ħatra, dan però mingħajr preġudizzju għall-qadi komplet u adegwat ta` dawn it-termini ta` referenza. F`każ li l-bord jara ħtiega li jkompli ħidmietu oltre t-terminu oriġinali ta` ħames (5) xhur, huwa għandu jinforma lili b`tali estensjoni.*

*Mal-konklużjoni tar-rapport tiegħu, il-Bord ta` Inkjesta għandu (i) jagħtini kopja tar-rapport finali ; (ii) jagħmel avviż pubbliku li huwa kkonkluda r-rapport u li kopja tiegħu giet mogħtija lili ; u (iii) jagħti kopja tar-rapport finali lill-familja ta` Jean Paul Sofia.*

*Il-pubblikazzjoni tar-rapport għandha ssir fi żmien tlett (3) ijiem mid-data meta nirċievi r-rapport finali mill-Bord tal-Inkjesta, b`dan illi kemm-il darba f`għeluq it-terminu ta` tlett (3) ijiem dan ma jkunx seħħ, il-Bord ikun obbligat jippubblika r-rapport finali hu. Ir-rapport finali tal-inkjesta ser ikun qed jitqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti f`dik is-seduta li jkun imiss wara għeluq it-tlett (3) ijiem minn meta jkun ingħata l-istess rapport.*

*Għat-tmexxija ta` din l-inkjesta, il-Ministeru għall-Ġustizzja huwa disponibbli biex jagħtikom is-sostenn loġistiku kollu meħtieġ u mitlub minnkom.*

*Il-Bord ta` Inkjesta jkollu s-setgħa li jaħtar dawk il-persuni li jidhirlu xierqa biex jassistuh fl-espletament tal-inkarigu fuq definit u fit-twettiq ta` din l-inkjesta, b`dan li għandu jassigura li kwalunkwe persuna maħtura tkun indipendenti u imparzjali.*

*Il-Bord ta` Inkjesta għandu jingħata aċċess għal dik l-informazzjoni kollha, skont il-liġi, li l-Bord iqis rilevanti għall-qadi ta` dmirijietu, u li hija jew li tkun għand entitajiet tal-iStat.*

***F`għeluq sena mit-tqegħid tar-rapport finali tal-inkjesta fuq il-mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti, il-Gvern jintrabat li jiddibatti r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Bord.***

***Nixtieq nirringrazzjakom talli aċċettajtu li tmexxu din l-Inkjesta.***

## **II. <u>IL-FINALITA` TA` INKJESTA PUBBLIKA</u>**

**L-iskop tal-Inkjesta jibqa` dejjem li jistabbilixxi dak li seħħ u kif dan kien jirrelata mal-amministrazzjoni pubblika, li jiġi nvestigat għaliex seħħ, u jsiru rakkomdazzjonijiet dwar miżuri li jistgħu jgħinu biex nuqqasijiet gravi ta` governanza tajba ma jerġgħux iseħħu.**

**Dan premess, tibqa` kontroversa u, fl-istess waqt, drammatika t-tnedija ta` din l-inkjesta senjatament :-**

**it-talba qawwija u ma taqta` xejn fil-pubbliku taħt il-qilla tax-xemx tas-sajf Malti ta` Isabelle Bonnici (omm Jean Paul Sofia) ;**

**id-dibattitu mqanqal li sar fil-Parlament wara mozzjoni tal-Oppożizzjoni ;**

**ir-reazzjoni b`għajjat ta` disapprovazzjoni mill-familja taż-żagħżugħ mejjet fil-Parlament wara l-vot ;**

**ir-reazzjoni kważi ddisprata tal-familjari taż-żagħżugħ mejjet barra l-bini tal-Parlament ;**

**il-manifestazzjoni pubblika ta` għadd kbir ta` persuni barra l-Berġa ta` Kastilja; id-deċiżjoni tal-Prim Ministru li jniedi l-inkjesta pubblika ;**

**huma kollha ġrajjiet li għadhom u li għandhom jibqgħu friski fil-memorja kollettiva tal-pubbliku.**

**Anke dan premess, tibqa` però l-kwistjoni fejn għandha twassal inkjesta pubblika u għaliex hija distinta minn inkjesta maġisterjali.**

**Tajjeb li jkun rimarkat illi inkjesta maġisterjali hija regolata mid-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali (<u>Kap 9 tal-Liġijiet ta` Malta</u>).**

**<u>Fis-sostanza</u>, inkjesta maġisterjali hija prinċipalment intiza sabiex tikkonserva l-provi.**

**Wara li tal-provi miġbura jsir l-aċċertament dovut sal-grad rikjest mil-liġi f`dak l-istadju, jinħareġ proċess verbal mill-Maġistrat Inkwirenti. Fil-każ li jirriżulta li hemm dak rikjest mil-liġi sabiex persuna/i jiġi/u akkużat/i, dan isir billi dan/dawn jitressaq/qu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u jibda l-proċediment kriminali kontra tiegħu/tagħhom.**

**Hekk sar fil-każ tal-lum.**

**Infatti kien hemm proċess verbal, u fuq l-iskorta tiegħu, ħames persuni jinsabu akkużati quddiem il-qrati u l-proċediment kontrihom huwa *sub judice.***

**Tajjeb jingħad illi fit-termini ta` referenza jissemma l-proċess verbal evidentement sabiex fit-tmexxija tal-inkjesta pubblika, dan il-Bord juri kawtela fl-istħarriġ tiegħu b`mod u manjiera li b`ebda mod ma jinċidi jew jixref fuq il-proċediment kriminali *sub judice.***

**Fil-fatt il-Bord qagħad attent għall-osservanza tal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza, u tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq, ta` kull persuna, <u>hi min hija din il-persuna</u>, propju għaliex huwa konxju mid-dover li għandu li bl-ebda mod ma jikkomprometti xi investigazzjoni jew prosekuzzjoni kriminali.**

**Għad-differenza ta` inkjesta maġisterjali, inkjesta pubblika għandha finalità diversa.**

**Hija regolata b`liġi *ad hoc* u cioè bl-Att dwar l-Inkjesti (<u>Kap 273 tal-Liġijiet ta` Malta</u>) u jkollha termini ta` referenza.**

**Id-dispożizzjoni rilevanti tal-Kap 273 hija l-<u>Artikolu 3</u> li jaqra hekk :**

***Dan l-Att għandu japplika għal kull Bord maħtur jew awtorizzat b`xi liġi, jew taħtha, magħdud dan l-Att, biex imexxi inkjesta jew inkjesti dwar xi ħaġa minn dan li ġej :***

***(a) l-imġieba ta` ufficjali pubbliċi, jew ta` ufficjali jew impjegati ta` korp imwaqqaf b`liġi, jew ta` kull wieħed jew iżjed minn dawk l-ufficjali pubbliċi jew ufficjali jew impjegati;***

***(b) l-imġieba u t-tmexxija ta` kull dipartiment tal-Gvern jew ta` kull korp imwaqqaf b`liġi ;***

***(ċ) kull ħaġa li taqa` taħt il-funzjonijiet jew ir-responsabbiltà ta` xi dipartiment jew korp bħal dawk, jew xort'oħra li għandha x`taqsam ma` jew tolqot servizz tal-Gvern, u b`mod partikolari, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta` dak li ntqal qabel, dan l-Att għandu japplika għal kull Bord jew awtorità oħra, li teżercita s-setgħat ta` dixxiplina dwar ufficjali pubbliċi skont l-artikolu 110 u l-artikolu 121 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u kull regolamenti magħmula bis-saħħa tagħhom.***

**Għandu jingħad kjarament li l-istħarriġ tal-Bord, indipendentement mill-mod kif kien deskritt fil-medja, huwa arġinat u delineat mit-termini ta` referenza u mill-Kap 273.**

**Premess dan kollu, u għall-fini ta` apprezzament aktar preċiż tal-finalità ta` inkjesta pubblika, u b`riferenza għas-sitwazzjoni fir-Renju Unit fejn saru diversi inkjesti pubbliċi matul is-snin, il-Bord sejjer jiċċita mill-ktieb "<u>Public Inquiries</u>" (Oxford University Press – 2011) fejn l-awtur Jason Beer QC jagħmel affermazzjonijiet li - dwar xi wħud in partikolari - jgħoddu għall-inkjesta odjerna :-**

***A. <u>The Need for and Function of Public Inquiries</u>***

***(1) <u>Introduction</u>***

***Can the description of the public inquiry as "the organizing of controversy into a form more catholic than litigation but less anarchic than street fighting be improved ?***

***...***

***Calls for an "independent/judicial public inquiry" are made with increasing frequency (and sometimes pitch) often in Parliament or by the media. They often follow some particularly controversial event or series of events, especially those where life has been lost and State agencies have been involved in some way.***

***(2) <u>Establishing the facts</u>***

***1.02 The first function of the inquiry is often said to be establishing the facts. Lord Howe has described this purpose as "providing a full and fair account of what happened, especially in circumstances where the facts are disputed, or the course and caution of events is not clear". It is certainly the case that the modern model of the public inquiry often has as its central (but not only) question : what happened ?***

***1.03 Historically, the establishment of the facts was often the limited purpose of the inquiry, with responsibility for the interpretation of those facts,***

***making findings of culpability, and advancing recommendations for change being left to others – such as Parliament, minister and/or the courts. More recently, however public inquiries have been required to do all of these things, perhaps as Parliament and ministers have been unwilling, or unable, to do so themselves.***

***(3) <u>Accountability, blame, and retribution</u>***

***1.04 Public inquiries may serve to ensure accountability in at least two ways. First, in the broadest sense, that serve the cause of public accountability in the sense that the decision to institute a public inquiry is an aspect of ministerial responsibility and the minister is responsible to Parliament. Secondly, and more directly, they may identify wrongdoing, blameworthy conduct, or culpability by individuals, organisations, and organs of the State.***

***(4) <u>Learning lessions</u>***

***1.05. .... "the primary purpose of an inquiry is to prevent recurrence and the main aim is to learn lessons not to apportion blame". It is generally recognized, however, that public inquiries do not make decisions as to what action should be taken in the light of their findings of facts – they instead make reccommendations for such action.***

***(5) <u>Restoring public confidence</u>***

***A clear aim of public inquiries is to attempt to restore the confidence of the public, or a section of the public, in a public authority or the Government ...***

…

***(8) <u>Discharging investigative obligations</u>***

***Articles 2 and 3 of the European Convention on Human Rights impose upon the State a procedural obligation to hold an effective public investigation by an independent official body where one or more of the substantive obligations set out in Article 2 or 3 has been, or may have been, violated and it appears that agents of the State are, or may be, implicated in some way …***

**Sabiex tkun effettiva, u allura twassal fejn għandha twassal, inkjesta pubblika għandha tkun kwalitattiva aktar milli kwantitattiva.**

**Madam Justice Freya Kristjanson fil-kitba "<u>Proċedural Fairness and Public Inquiries</u>" li tidher fil-pag. 98 ta\` Public Inquiries in Canada : Law and Practice – Ronda Bessner & Susan Lightstone – Toronto : Thomson Reuters 2017 : tagħti r-riċetta tagħha sabiex inkjesta pubblika tilħaq il-milja tagħha :**

***fairness, thoroughness, cost-effectiveness, and providing a comprehensive and timely report that analyses the key issues and provides concrete and realistic recommendation.***

**Il-Bord ħtieġlu jżomm quddiem għajnejh f\`kull ħin, in-natura ta\` din l-Inkjesta bħala indaġini tal-operat tal-amministrazzjoni pubblika. Dan biex ikun f\`qagħda li**

**sewwa jevalwa l-valur probatorju tal-provi akkwiżiti, u l-piż u r-relevanza tagħhom biex jirrispondi għall-kweżiti lilu mogħtija fit-termini ta` referenza.**

**Din l-Inkjesta hi ppernjata u ggwidata primarjament fil-parametri tad-dritt amministrattiv pubbliku in kwantu hu msejjaħ biex jiddetermina fis-sostanza atti jew omissjonijiet minn jew fi ħdan xi entità tal-iStat.**

**Il-Bord hu konxju illi din l-Inkjesta u l-provi fiha akkwiżiti jistgħu jagħtu lok għal aktar skrutinju dwar il-komportament tal-amministrazzjoni pubblika u ta` l-uffiċjali li jikkomponuha, u anki ta` terzi, f`sitwazzjonijiet li pprovokaw allegazzjonijiet ta` malamministrazzjoni serja. Mhux eskluż allura li l-fatti li emerġew minn din l-Inkjesta jistgħu jagħtu lok għall-indaġinijiet ulterjuri minn awtoritajiet kompetenti.**

**Il-Bord jibqa` tal-fehma li t-termini ta` referenza ta` din l-Inkjesta Pubblika jesiġu li ssir indaġni sħiħa kemm jista` jkun dwar dak kollu li seta` ipprovoka jew ikkontribwixxa għall-inċident, bil-għan li possibbilment ma jseħħux oħrajn bħal dan l-inċident, kif del resto talbet fuq li talbet il-familja ta` Jean Paul Sofia mill-bnadi kollha mmaġinabbli.**

## III. IL-GRAD TA` PROVA

**F`Malta, qabel din tal-lum, saru żewġ inkjesti pubbliċi oħra : (a) l-inkjesta tal-*Bus Ticketing System* tal-1996 ; u (b) l-inkjesta (21/07/2021) dwar l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia (16/10/2017).**

**Għal dak illi jirrigwarda l-grad ta` prova illi din l-inkjesta teħtieġ sabiex issejjes il-konklużjonijiet tagħha fir-rigward ta` kull wieħed mis-seba` termini ta` referenza, jiġi rilevat li d-disposizzjonijiet tal-Kap 273 tal-Liġijiet ta` Malta huma siekta dwar dan l-aspett.**

**Tiġi sottolineata għal kull buon fini d-distinzjoni fondamentali bejn l-oneru tal-prova meħtieġ biex il-Bord jissodisfa l-konklużjonijiet li għalihom ikun wasal, u proċeduri kriminali fuq l-istess mertu.**

**Hu paċifiku li filwaqt li fil-proċeduri ta` indole kriminali, maħsuba biex jistabbilixxu l-innoċenza jew il-ħtija ta` persuna akkużata b`reat, il-ġudikant jeħtieġlu li jakkwista provi lil hinn minn kull dubju raġonevoli, f`Inkjesta bħal din li qed tindaga l-komportament tal-amministrazzjoni pubblika, hu biżżejjed illi l-ġudizzju tal-Bord ikun ibbażat fuq il-preponderanza tal-provi u l-bilanċ tal-probbabbiltajiet.**

**Id-direzzjoni li għandu l-Bord, skont kif din tirriżulta mill-ittra tal-Prim Ministru tat-2 ta` Awissu 2023, hija li huwa l-Bord li għandu jirregola l-proċedura ta` l-inkjesta. Fl-istess waqt ikun f`waqtu jekk il-Bord ifittex konfort dwar dan l-aspett fuq li sar fl-inkjesta Caruana Galizia, kif ukoll jidderiġi fuq dak li sar fir-Renju Unit.**

**Il-ġudizzju tal-Bord ibbażat fuq il-bilanċ ta` probabbiltajiet għandu jwassal għaċ-ċertezza morali li l-Bord, wara deliberazzjoni meqjusa u responsabbli mdawla b`integrità professjonali, jasal għall-konvinċiment li mhux biss kien possibbli imma anki probabbli li l-fatti seħħew kif kienu juru l-provi akkwiżiti.**

**Il-Bord kellu bilfors jillimita l-ġbir tal-provi għal dawk li kienu rilevanti u meħtieġa għad-deliberazzjonijiet tiegħu biex jasal għall-konvinċiment li fuqha jrid isejjes il-konklużjonijiet tiegħu. Kien tal-fehma li ladarba jkunu nġabru biżżejjed provi li jissodisfaw dak il-livell ta` ċertezza li jippermettielu jespleta l-inkarigu, ma kienx jeħtieġlu li jmur *oltre*.**

**Il-Bord hu konxju illi din l-Inkjesta u l-provi fiha akkwiżiti jistgħu in fatti jagħtu lok għal aktar skrutinju dwar il-komportament tal-amministrazzjoni pubblika u l-uffiċjali li jikkomponuha u anki ta` terzi, f`sitwazzjonijiet li pprovokaw allegazzjonijiet ta` amministrazzjoni ħażina serja. Mhux eskluż allura li l-fatti li emerġew minn din l-Inkjesta jistgħu jagħtu lok għall-indaġinijiet ulterjuri minn awtoritajiet kompetenti.**

**L-akbar valur miżjud ta` din l-Inkjesta Pubblika hu l-fatt stess li l-Gvern iddeċieda li jissottometti l-operat tal-entitajiet kollha tal-iStat għall-iskrutinju u l-ġudizzju ta` dan il-Bord.**

**Il-Bord sejjer jerġa` jagħmel referenza għal Jason Beer QC fejn fil-paġna 369 et seq tal-ktieb tiegħu citat aktar kmieni jgħid hekk :-**

***D. Fact-finding by the Inquiry and the Standard of Proof***

***(1) The importance of the issue***

***When the inquiry has gathered all its evidence and is preparing its report it may have to resolve conflicts of***

***evidence and make determinations of fact. Those determinations may have serious consequences for individuals, especially if they concern wrongdoing or misconduct. It is for this reason that the question of what standard the inquiry should apply in reaching its determinations is very important. For instance should the inquiry have to be satisfied beyond reasonable doubt on any matter before being in a position to conclude as a fact that something occurred, or is it sufficient that the inquiry is satisfied on the balance of probabilities (that it is more likely than not) of a matter when making its findings ? The answer ot this question clearly has important consequences for the inquiry.***

**L-awtur jirrimarka li l-liġi Ngliża (*del resto* bħal ma hija l-liġi tagħna) ma tgħid xejn dwar l-grad ta` prova li inkjesta għandha tadotta u jsostni li l-inkjesta hija awtorizzata tirregola hija l-proċedura tagħha. Abbażi ta` dan, l-inkjesti adottaw il-prinċipju tal-*fairness* fil-konsiderazzjoni tal-provi li jingabru. Fil-fatt l-awtur jirreferi għal tliet *public inquiries* partikolari : l-omicida serjali Dr Harold Shipman (<u>2000-2005</u>), *The Bloody Sunday* (<u>1998-2020</u>) u *The Baha Mousa Inquiry* (2008-2011).**

**Il-kontroversja kienet jekk il-livell ta` prova kellux ikun dak ta` prova mingħajr dubju dettat mir-raġuni, u cioè il-grad ta` prova fil-kamp kriminali, jew inkella kellux ikun dak ta` bilanc ta` probabilitajiet, u cioè l-grad ta` prova tal-kamp civili.**

**<u>Lord Saville</u> li kien parti minn "*The Bloody Sunday Inquiry*" irrileva :-**

***"As we have said earlier, since we are an Inquiry and not a Court (Criminal or Civil) we cannot give a verdict or pass judgement on the question of whether an***

***individual was guilty of a specific crime or legally recognised serious wrong doing. For the same reason the terminology and requirements of the Criminal or Civil Law are largely inapplicable. Thus it seems to us that we can and should reach conclusions without being bound by rules designed for court cases, such as who has the burden of proof and the strict rules of evidence*."**

**Fuq l-iskorta tal-esperjenza tar-Renju Unit, Jason Beer QC jirrimarka illi :**

**" … *public inquiries are not prepared to be constrained to applying one standard or proof … Inquiries have consistently reserved to themselves the flexibility to determine what standard of proof they require in order to make their findings, and this approach is unlikely to change*".**

## IV. L-*ITER* TAL-INKJESTA

**Kif appena waslet l-ittra tal-Prim`Ministru tat-2 ta` Awissu 2023, il-Bord kien pront fassal il-programm tal-ħidma tiegħu b`serje ta` laqgħat interni u preparatorji, sabiex iwettaq l-inkariku - tajjeb, b`reqqa u, kemm jista` jkun b`ħeffa.**

**Fost il-provvedimenti meħuda mill-Bord kien hemm dak fejn permezz ta` email address li sar apposta, il-pubbliku seta` jitlob sal-31 ta` Awissu 2023 illi jixhed purche` jkun indikat l-oġġett tal-prova. Diversi kienu l-persuni li talbu li jixhdu u li jagħmlu sottomissjonijiet, għalkemm mhux kulħadd kien ammess bħala xhud. Il-Bord żamm id-diskrezzjoni tal-għażla unikament abbażi tal-parametri tat-termini ta` referenza.**

**Provvediment ieħor kien dak fejn il-Bord aċċetta li l-ġenituri ta` Jean Paul Sofia u l-Avukat tal-Istat jipparteċipaw attivament fl-inkjesta billi jressqu provi, jagħmlu domandi u anke sottomissjonijiet bil-miktub.**

**Il-ġbir ta` provi ġo forum pubbliku fih innifsu huwa eżerċizzju qawwi ta` trasparenza u kontabilità maħsub biex jagħti miżura ta` sodisfazzjon u fejqan lill-familjari tal-vittma u lis-soċjetà in ġenerali. Indaġini wkoll li għandha l-għan li jingħata tagħrif essenzjali li għalih il-pubbliku hu ntitolat, dwar kif l-entitajiet tal-iStat aġixxew jew irreaġixxew fiċ-ċirkostanzi tal-każ.**

**Hi allura għal kollox żbaljata l-fehma li l-ġbir ta` provi f`Inkjesta Pubblika ta` din ix-xorta, li timxi b`mod parallel ma` proċeduri kriminali li jikkonċernaw l-istess mertu, jista` jippreġudika dawk l-istess proċeduri. Fil-fatt baqa` mhux mittiefes il-jedd tas-silenzju ta` dawk il-persuni li huma akkużati b`reati li jemerġu mill-fatti ndagati. Il-Bord sa mill-bidu nett baqa` attent li ma jgħaddix ġudizzju fuq l-innoċenza jew il-ħtija ta` persuni akkużati anke għaliex konsiderazzjoni ta` din ix-xorta tmur lil hinn mit-termini ta` referenza. Il-provi għandhom valur oġġettiv u ċirkoskritt għall-indaġini tal-komportament tal-entitajiet tal-Istat u persuni fihom involuti. Fid-dawl ta` dan kollu, ir-riċerka tal-veritá f`Inkjesta maħsuba biex tistabbilixxi l-fatti dwar il-komportament tal-amministrazzjoni pubblika ma tistax tippreġudika l-preżunzjoni ta` innoċenza li għaliha hu intitolat kull akkużat, meta l-innoċenza jew il-ħtija tiegħu ma tkunx il-mertu ta` tali indaġini.**

**Għandu jkun ġelożament imħares il-prinċipju li l-ġid komuni jitlob illi s-soċjetà tkun mgħarrfa sewwa u tempestivament bil-kondotta tal-entitajiet tal-Istat u ta` d-diriġenti u/jew funzjonarji tagħhom. L-iskop tal-Inkjesta jibqa` dejjem li tinvestiga u tesprimi ruħha kjarament dwar dak li qiegħed jintalab fit-termini ta`**

**referenza, inkluż fejn dawn jirreferu għall-amministrazzjoni pubblika. Skrutinju fil-pubbliku jgħin b`mod determinanti sabiex l-amministrazzjoni pubblika tkun aktar kontabbli. Dan l-iskrutinju huwa meqjus bħala fattur essenzjali fil-ħolqien ta` demokrazija parteċipattiva li kull stat demokratiku għandu jaspira għalih għaliex jissarraf fit-twettieq tas-saltna tad-dritt fost firxa aktar wiesgħa ta` persuni.**

**Il-ġbir tal-provi sar waqt udjenzi fil-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta, li nżammu <u>kollha</u> fil-pubbliku. Is-smigħ tax-xhieda beda fl-10 ta` Awissu 2023 u għalaq fit-13 ta` Novembru 2023. B`kollox saru 15-il udjenza - inkluż darba fil-jum tas-Sibt u xi drabi anke aktar minn udjenza waħda f`ġimgħa. Waqt kull seduta, instemgħu medja ta` 4 xhieda, ġieli aktar. Ma kienx hemm udjenza waħda li nżammet għal xejn.**

**Is-smigħ tax-xhieda *viva voce* wassal għat-tlestija ta` paġni fuq paġni ta` traskrizzjoni ta` depożizzjonijiet. Fil-kors tas-seduti, inġabru bħala parti mill-provi kwantita` konsiderevoli ta` dokumenti. L-ewwel instemgħu l-persuni li l-Bord ried li jixhdu. Wara xehdu l-persuni li l-ġenituri ta` Jean Paul Sofia talbu li jinstemgħu. U fl-aħħar xehdu l-persuni li l-Avukat tal-Istat talab li jixhdu. Il-persuni li kienu ndikati kemm mill-familja ta` Jean Paul Sofia u mill-Avukat tal-Istat bħala xhieda kienu ammessi kollha u nstemgħu.**

**Fit-13 ta` Novembru 2023, id-data meta għalaq il-ġbir tal-provi, il-familja ta` Jean Paul Sofia u l-Avukat tal-Istat talbu li jippreżentaw noti ta` sottomissjonijiet. It-talba kienet akkordata u ngħataw terminu perentorju sal-31 ta` Diċembru 2023 biex jippreżentaw in-noti ta` sottomissjonijiet tagħhom. Iż-żewġ noti ta` sottomissjonijiet kienu preżentati fit-terminu.**

**Billi t-terminu ta` ħames xhur għall-preżentata tar-rapport mill-Bord kien it-2 ta` Jannar 2024, u billi wara l-għeluq tal-provi u l-presentata tan-noti ta` osservazzjonijiet ma kienx se jkun hemm żmien biżżejjed biex il-Bord jagħmel il-kostatazzjonijiet tiegħu u jippreżenta r-rapport, il-Prim Ministru kien infurmat b`ittra tat-13 ta` Novembru 2023 li l-Bord kien se jippreżenta r-rapport mhux aktar mit-28 ta` Marzu 2024. U hekk sar.**

## V. PROVI

**Il-provi kienu kostitwiti (a) mid-depożizzjonijiet ta` persuni li xehdu *viva voce* u (b) minn dokumenti.**

### 1. ELENKU TAS-SEDUTI U TAX-XHIEDA

**Il-persuni li xehdu fis-seduti ta` din l-inkjesta kienu :**

**10 ta` Awissu 2023**

1. **Isabelle Bonnici**
2. **Onor. Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi**
3. **Onor. Ministru Clyde Caruana**

**17 ta` Awissu 2023**

4. **Perit David Xuereb**
5. **Tabib Dr. Mark Gauci**
6. **Ass. Kumm. tal-Pulizija Kenneth Haber**
7. **Supt. tal-Pulizija Denise Miruzzi Mula**
8. **Franklin Calleja, Reġistratur Qorti Kriminali**

**18 ta` Awissu 2023**

9. Karl Azzopardi
10. Perit Maria Schembri Grima
11. Saviour Camilleri
12. Jesmond Muscat

**25 ta` Awissu 2023**

13. Tabib Dr. Mark Gauci
14. Adrian Galea
15. Abigail Agius Mamo
16. Jesmond Muscat

**18 ta` Settembru 2023**

17. Onor. Ministru Clyde Caruana
18. Onor. Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi
19. Ass. Kumm. tal- Pulizija Kenneth Haber
20. Col. Mark Mallia
21. Av. Jason Azzopardi

**22 ta` Settembru 2023**

22. Av. John Vassallo
23. Nutar Jean Pierre Attard
24. Oliver Magro
25. Publius sive` Leo Said

**29 ta` Settembru 2023**

**26. Perit Andre Pizzuto**
**27. Perit Charles Buhagiar**
**28. Dr Peter Gatt**
**29. Perit Dr. John Ebejer**
**30. Perit Tano Zammit**

**30 ta` Settembru 2023**

**31. Av. Julian Buhagiar Vella**
**32. Kurt Farrugia**
**33. Perit Joseph Attard**
**34. Karl Azzopardi**
**35. Noel Azzopardi**

**9 ta` Ottubru 2023**

**36. Onor. Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi**
**37. Dr. Joyce Cassar**
**38. Michael Stivala**
**39. Alexia Vella**
**40. Ing. Helga Pizzuto**
**41. Robert Vella**

**16 ta` Ottubru 2023**

**42. Dr. Luke Anthony Fiorini**
**43. Simon Debono**
**44. Michael Ferry**
**45. Damian Whitehead**
**46. Peter Micallef**
**47. Nutar Jean Pierre Attard**

**<u>18 ta` Ottubru 2023</u>**

**48. Wayne Flask**
**49. Perit Martin Debono**
**50. Dr. Victor Sultana**
**51. Andre` Callus**
**52. Ing. David Spiteri**

**<u>20 ta` Ottubru 2023</u>**

**53. Peter Paul Coleiro**
**54. Ing. Arthur Ciantar**
**55. Perit Alex Bezzina**
**56. Martina Urso**

**<u>27 ta` Ottubru 2023</u>**

**57. Mark Cachia**
**58. Perit Daniel Darmanin**
**59. Kevin Camilleri**
**60. Perit David Mifsud Parker**

**<u>3 ta` Novembru 2023</u>**

**61. Paul Vella**
**62. Ing. Helga Pizzuto**
**63. Alexia Vella**
**64. John Sofia**

**<u>13 ta` Novembru 2023</u>**

**62. Dr Albert Caruana**
**63. Av. Ivan Mifsud**
**64. Av. Kurt Scerri**
**65. Perit Ray De Micoli**
**66. Jesmond Muscat**

## 2. <u>SINTESI TAX-XIEHDA</u>

**Il-Bord sejjer jirreferi <u>BISS</u> għal dik ix-xiehda u għal dawk id-dokumenti li jqis <u>RILEVANTI</u> għall-aċċertament tat-termini ta` referenza.**

### a) <u>ISABELLE BONNICI</u>

**Iż-żamma tal-inkjesta pubblika hija frott id-determinazzjoni ineżawribbli u kontinwa tal-ġenituri ta` Jean Paul Sofia, partikolarment ta` <u>ISABELLE BONNICI</u> (omm Jean Paul Sofia) li mill-bidu nett tal-mewt traġika ta` binha rrifjutat li taċċetta l-*fatto compiuto* u rnexxielha tasal fejn ħaddieħor forsi kien jaqta` qalbu. Ir-rilevanza tad-depożizzjoni tagħha mhuwiex limitat għar-rakkont sobriju tal-fatti u ċirkostanzi li konsegwenza tagħhom sfat maħsuda l-ħajja tal-uniku wild tagħha, iżda għall-kwesiti li tagħmel fil-kors tax-xiehda tagħha. Hija ppreżentat <u>dokument</u> bl-istqarrija tagħha.**

**Propju għaliex il-kwesiti tagħha jsibu post fit-termini ta` referenza, il-Bord se jagħmel l-almu tiegħu sabiex safejn jista` jagħti tweġiba. Qed jiġu riprodotti *verbatim* il-kwesiti u t-talbiet ta` Isabelle Bonnici :**

***Għandi ħafna mistoqsijiet, fosthom il-Malta Enterprise kienet korretta u eżatta fl-ipproċessar tal-applikazzjoni miż-żewġ żviluppaturi ?***

***Sar kollox kif suppost u l-applikanti kellhom ir-rekwiżiti meħtieġa skond l-applikazzjoni ?***

***Apparti r-rekwiżiti neċessarji, sar due diligence fuq l-iżviluppaturi kif suppost ?***

***Possibbli li anke nies bil-proċeduri kriminali jistgħu japplikaw qisu xejn m'hu xejn ?***

***Ix-xogħol kollu amministrattiv li kellu jsir minn Malta Enterprise u l-INDIS mill-punt tal-applikazzjoni sa l-allokazzjoni tal-art u l-għoti tal-fondi sar kif kellu kollox isir bl-akbar reqqa u diliġenza minn kull uffiċjal tad-dipartimenti?***

***Huwa tajjeb li jkollok l-istess persuna f`kariga għolja li jkollha rwol ta` tmexxija f`żewġ entitajiet differenti li suppost parti minn xogħolhom tagħhom hu li jiċċekkjaw lil xulxin ? Id-direttur tal-BICC huwa wkoll iċ-Chairman ta` l-MCESD.***

***Huwa tajjeb li l-periti li jaħdmu mal-gvern, nassumi b`ħinijiet u xogħol fissi, ikunu wkoll periti ta` sit ta` kostruzzjoni mal-privat ?***

***Ma` kemm-il sit ilaħħqu l-periti, il-bennejja, il-kuntratturi, is-site officers u l-ħaddiema l-oħra ?***

***Kemm huma mħarrġa l-impjegati li jaħdmu fuq dawn is-siti ?***

***Kien hemm pressjoni biex l-applikazzjoni relatata ma` dan il-proġett tgħaddi fast track ?***

***Fuq liema każi l-applikazzjoni tgħaddi fast track ?***

***Il-kariga ta` wieħed mill-iżviluppaturi mal-Awtorità tal-Lands u l-fatt li qabel kien jaħdem mal-Malta Enterprise jagħti lok għal pressjoni żejda ?***

***X'inhu l-effett tal-konnessjoni politiċi u ma` persuni f`karigi pubbliċi fuq ħruġ u proċessar tal-applikazzjoni, liċenzjar u approvazzjonijiet ta` proġetti ?***

***Saret superviżjoni mill-entitajiet fuq il-fondi li ngħataw biex inbniet binja li l-flus qed jintefqu***

***f`materjal ta` kwalità u li jkun hemm xogħol serju waqt il-bini fl-istess binja ?***

***Min iċċekkja li verament ġew imqabbda l-health and safety officers u li dawn kienu preżenti ?***

***Jagħmel sens li jekk ma jqabbadx il-health and safety officers, dan jaqa' fuq l-iżviluppaturi ?***

***Possibbli biex wieħed iġedded liċenzja ta` bennej kull ma jrid jagħmel hu li jħallas il-miżata ?***

***Ħadd ma jiċċekkja l-età u s-saħħa ta` dawk il-bennejja li jġeddu l-liċenzja ?***

***Kien hemm xi dipartimenti oħra relatati ma` dan is-settur u xi uffiċjali minn tagħhom li naqas minn dmiru minn meta beda dan il-proġett matul ix-xogħol fuq il-binja sa dik il-ġurnata li waqgħet ?***

***Possibbli ħadd ma jiċċekkja xejn f`sentejn u nofs bini ?***

***Jagħmel sens li jekk hemm DNO fuq industrial projects li ma jmissx ma` terza binja ma jkunx hemm bżonn STO u bżonn ta` insurance ?***

***Għalfejn fejn jidħlu industrial projects hemm inqas skrutinju u ċċekkjar ?***

***Żgur li l-liġi ċara li ma hemmx bżonn STO ?***

***Għandhom apparat biex ifittxu mobile signal eżistenti biex jamplifikaw il-frekwenza tal-mobile ?***

***Għaliex ma sarx bħalma jsir is-soltu meta jkollna traġedja u s-Supretendent tal-Isptar jagħti rendikont u tagħrif fuq l-imwiet ta` dawk midruba ? Dakinhar ma sar xejn jiġifieri.***

***...***

***Jien irrid inkun naf eżatt x`setgħu għamlu l-entitajiet pubbliċi iżda ma għamlux jew m'għamlux sew, mhux biss jekk obdewx il-liġi jew jekk infurzawhiex biżżejjed, jiena rrid inkun naf jekk laħqux dak l-istandard meħtieġ minnhom li jipproteġu l-ħajja fuq il-postijiet tax-xogħol.***

***Irrid inkun naf x`seta` jsir aħjar, jekk għandix garanzija li seta` sar aħjar kien bilfors se jsalva lil ibni. Imma ma nistgħux nibqgħu għaddejjin qisu xejn mhu xejn u lanqas inraqqu l-pannu bil-qargħa aħmar.***

***...***

***tinvestigawx biss il-wiċċ imma tidħlu verament fil-fond tal-politika, prattiċi u proċessi eżistenti tal-entitajiet differenti li huma parti integrali minn din is-sistema, biex dak li hemm ħażin jitranġa verament u jsiru r-rakkomandazzjonijiet siewja.***

**b) <u>Onorevoli Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi</u>**
**<u>Ministru tax-Xogħolijiet Pubbliċi u Ippjanar</u>**

**Xehed tliet (3) darbiet.**

**<u>Meta xehed għall-ewwel darba</u>, il-Ministru stqarr illi huwa sar Ministru tax-Xogħolijet Pubbliċi u Ippjanar fit-<u>30 ta` Marzu 2022</u>. Fid-dikasteru tiegħu hemm inklużi l-Awtorità tal-Ippjanar ("<u>PA</u>") l-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni ("<u>BCA</u>") u l-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol ("<u>OHSA</u>"). It-tliet awtoritajiet għandhom l-awtonomija u s-setgħat kollha mogħtija bil-liġi.**

**Kien mistoqsi dwar *direction of policy* fil-każ tat-tliet awtoritajiet.**

**Stqarr illi fir-rigward tal-PA, kien hemm deċiżjonijiet fejn kellu jsir tibdil, anke f`avviżi legali.**

**Fil-każ tal-BCA, sar ħafna xogħol inkluż l-introduzzjoni tal-liċenzja tal-kuntratturi, apparti konsultazzjonijiet pubbliċi. Fl-aħħar tal-2022, numru ta` setgħat li kellha l-PA għaddew għand il-BCA. B`dan il-mod kienu evitati *overlaps.***

**Fil-każ tal-OHSA, il-korp leġiżlattiv huwa diġà bbażat l-aktar fuq id-dritt tal-UE. Kien qed jiġi rivedut l-A.L. 88/2018 għar-rigward tal-*project supervisor*. Ukoll fil-każ tal-OHSA, din saħħet inizjattivi ta` *outreach* b`mod partikolari ma` ħaddiema barranin biex dawn ikollhom għarfien u taħriġ dwar materji ta` saħħa u sigurtà.**

**Kompla jixhed illi sal-lum kemm kien ilu Ministru huwa ressaq *budget* wieħed. Dan apparti huwa ħaseb ukoll għal diskussjoni fil-Parlament dwar il-*financials* ta` l-PA u tal-OHSA. Bħala fatt illum il-PA hija *financially self-sufficient.***

**Dwar il-*funding* tal-*budget* tal-BCA u tal-OHSA, stqarr illi fix-xhur ta` Lulju/Awissu kull ministeru jagħmel it-talbiet tiegħu lill-Ministeru tal-Finanzi bil-presentata ta` *projections* ta` dak li jkun irid jagħmel, isir rendikont tal-ħidma li tkun għadha pendenti mis-sena preċedenti, u jkunu sottomessi proposti. Kollox ikun analizzat mill-Ministeru tal-Finanzi, li mbagħad inressaq il-*budget* lil-Parlament.**

**Meta xehed għall-ewwel darba, il-Ministru ma kienx f`qagħda li jgħid kemm kienet iċ-ċifra ta` fondi li l-Ministeru talab fl-aħħar budget lill-Ministeru tal-Finanzi**

**għall-*funding* tal-OHSA u kemm fil-fatt kienu allokati fondi mill-Ministeru tal-Finanzi. Fisser li bħala fatt anke fil-każ tal-OHSA l-biċċa l-kbira tal-fondi jmorru għall-ħlas tal-pagi. Mistoqsi dwar l-ingaġġ tan-nies u t-taħriġ, il-Ministru fisser l-proċess ta` ingaġġ anke fil-każ tal-OHSA jiddependi fuq awtorizzazzjonijiet li huma komuni għas-settur pubbliku kollu. L-Awtorità tagħmel il-pjan tagħha ta` kif se tkun qiegħda taħdem, isiru d-diskussjonijiet meħtieġa għar-rigward ta` *head count* kif ukoll ta` finanzi, u mbagħad skont ma jingħata, wieħed jara minn hemm 'il quddiem.**

**Kompla jixhed illi fil-każ tal-OHSA, wara li hu sar Ministru, il-persuni li kienu membri tal-bord baqgħu l-istess. Fil-każ tal-Kap Eżekuttiv, Dr Mark Gauci wasal biex jirtira wara kien ilu Kap Eżekuttiv għal aktar minn 20 sena, mill-bidu nett li saret l-OHSA. Fisser illi huwa beda jaħdem fil-pront mal-Awtorità sabiex flimkien jidentifikaw liema kienu l-inizjattivi jew inkella x-xogħol li kien jeħtieġ isir. Wieħed mill-punti li ssemmew kien l-*outreach* apparti l-bidla fl-AL 88/2018. Waħda mill-affarijiet li dwarha sar ħafna xogħol kien meta fit-28 ta` April 2023 meta kienet ippubblikata għal konsultazzjoni *white paper* li qegħda taħseb għal reviżjoni tal-qafas legali li bih tissawwar l-OHSA. Eventwalment se jkun qed jitressaq abbozz ta` liġi biex ikun hemm att ġdid dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.**

**Stqarr illi jidher li l-liġijiet jidentifikaw b`mod ċar min huma d-*duty holders* li għandhom jerfgħu r-responsabbiltà fi kwalunkwe post tax-xogħol, u b`mod partikolari fir-rigward tal-kostruzzjoni. Hemmhekk wieħed jista` jgħid illi l-OHSA kompliet bil-ħidma tagħha**

**ta` spezzjonijiet, però lil hinn minn hekk, kien hemm materja għaliex kien hemm il-ħtieġa għall-*white paper* fis-sens illi jkunu ndikati mezzi ta` infurzar divers. Fil-fatt id-dokument qiegħed iżid għodod ta` infurzar illi l-Awtorità sal-lum għad m'għandhiex. Bidla fil-liġi hija meħtieġa anke fuq l-esperjenza ta` 20 sena u aktar sabiex tissaħħah. L-istatistika hija importanti iżda m`għandhiex titqies waħedha. Kull mewt fuq il-postijiet tax-xogħol għandha tiġi evitata u biex dan ikun m`għandniex nistrieħu biss fuq il-persentaġġi u l-istatistiċi. Fl-2022 l-OHSA kkommissjat studju mill-Università dwar kif żvolġa l-qasam tal-OHS minn mindu kienet kostitwita l-Awtorità. Qal illi l-Awtorità għandha l-*business plan* tagħha li jinkludi talbiet biex tingaġġa nies. Bħalissa wkoll għaddejjin diskussjonijiet dwar il-ftehim kollettiv tan-nies li jaħdmu l-Awtorità. Fil-parametri ta` dak li huwa *available* bħala riżorsi, wieħed iħares kif wieħed jista` jsaħħaħ l-ispettorat.**

**Dwar il-BCA, xehed illi llum il-poteri tal-Awtorità huma regolati minn żewġ liġijiet sussidjarji, waħda li tirrigwarda t-terzi u l-oħra li tirrigwarda *site management* u ricenti addizzjonalment daħal il-proċess tal-liċenzjar tal-kuntratturi. Fl-2019 kien iddaħħal avviż legali fejn inbeda proċess illi qabel ma xi ħadd fis-sit jagħmel xogħlijiet li b`xi mod se jmiss, jolqot, jaffettwa, b`xi mod jew ieħor terzi, hemmhekk iddaħħal il-proċess li jkun irid javża lill-BCA. Daħlu l-*method statements* fejn tidħol proprjetà ta` terzi u numru ta` rekwiżiti oħrajn. Dak il-proċess kompla jevolvi. Fejn tidħol proprjetà tat-terz, l-*insurance* hija rikjesta. Il-BCA llum tista` titlob ukoll testijiet tal-blat. Qabel ikun hemm clearance min-naħa tal-Awtorità, ix-xogħlijiet ma jistgħux jinbdew.**

**Kompla jixhed illi Reg 26 tal-AL 623 tal-2008 jittratta sitwazzjonijiet fejn ma jkunx hemm terzi nvoluti, u allura l-liġi tipprospetta eżenzjoni minn ċerta proċeduri meta jkun hemm terzi. Il-BCA tagħmel il-proċess ta` *clearances* qabel jibda proġett. Mil-lat ta` nfurzar dawk il-*clearances* iridu jiġu segwiti. Wara Diċembru 2022, is-*site management regulations* saru kompetenza tal-BCA.**

**Dwar persuni mpenjati fl-infurzar, il-Ministru stqarr li l-għadd tagħhom illum huwa ta` 20. Apparti l-*headcount* il-BCA qiegħda taħdem fuq miżuri oħrajn amministrattivi biex anke l-effikaċja ta` kif isiru l-proċessi jkomplu jimxu l'quddiem. Din l-Awtorità twaqqfet fl-2021, il-*complement* tagħha f`dawn is-sentejn baqa Awtorita` jikber u huwa proġettat illi apparti li kif qed jiddaħħal il-proċess ta` liċenzjar u r-reviżjoni tal-liċenzja tal-bennej li qegħdin għaddejjin fuqha, u allura jikber ir-*remit* tagħha, allura jkomplu jiżdiedu n-nies.**

**Kompla fisser illi kull min hu nvolut fl-Awtorità għandu jara illi jkun hemm l-aqwa *output* possibbli, inkluż fil-preżenza tal-uffiċjali. Jgħid li jekk wieħed iqis l-għadd ta` żjarat fuq siti li saru għal skop ta` nfurzar u l-penali li kienu nflitti lil min kien inadempjenti, l-Awtorità qegħda taħdem. Jemmen li għandu jkun hemm proċessi li jkunu aktar *streamlined*, mingħajr piżijiet bla bżonn. L-iskop finali għandha tkun aktar sigurtà u serjetà fil-mod kif isiru l-affarijiet.**

**Dwar il-PA, il-Ministru xehed illi llum hija aktar iffokata fuq x`isir minn sit, il-kobor tal-iżvilupp, l-għoli u d-dehra. Meta tagħmel l-ispezzjonijiet tagħha, il-PA tikkoncentra fuq *planning issues* u tagħmel l-aċċertamenti tagħha fl-isfond ta` permessi li jkunu ħarġu jew l-assenza tagħhom. Dwar min jagħmel l-ispezzjonijiet, ippreċiża li fil-każ tal-OHSA u tal-PA dawn jissejħu *enforcement officers.***

**Dwar rapporti li jsiru lill-BCA wara l-ħinijiet tax-xogħol u fil-*weekends* il-Ministru kien pront wieġeb illi l-informazzjoni li għandu hija fis-sens illi jkun hemm persuni *on call.* Wiegħed li se jagħmel l-aċċertamenti tiegħu biex ineħħi kull dubju u jserrah moħħ il-pubbliku.**

**Il-Ministru kompla jiġi mistoqsi hekk :-**

***… kif is-siti industrijali ma jaqgħux u jgħaddux l-istess xibka ta` applikazzjoni għall-iżvilupp bħal proġetti oħra li jgħaddu mill-Planning Authority ? U sempliċiment b`DNO joħroġ permess … Għaliex fejn fi proġetti ta` din in-natura fejn seħħ l-inċident kieku kien proġett mhux industrijali taħt il-kappa tal-INDIS kien jgħaddi, jiġi ppreżentat rapport tekniku strutturali l-BCA, dik hija kundizzjoni, f`dan il-każ ma kienx hemm bżonn ?***

**Il-Ministru wieġeb hekk :-**

***… Ħa nibdew bil-kwistjoni tad-DNO (development notification order). Lura fiż-żmien kienet ittieħdet deċiżjoni illi meta inti għandek bini ta` fabbriki illi huma fuq art industrijali, minflok isir il-full development permit illi f`dak l-istadju qegħdin nitkellmu dwar disinn, għoli, użu, eċċetra u mhux struttura, minflok jgħaddi mill-proċess li jgħaddu l-applikazzjonijiet l-oħrajn, għalkemm isiru konsultazzjonijiet ma` entitajiet lil hinn mill-Planning Authority bħalma jekk m'inix sejjer żball l-SEH, l-ERA u oħrajn, jimxi bil-proċess tad-development notification order, illi għall-Planning Authority jagħmel differenza għax il-fees, it-tariffi, ikunu ħafna inqas. Id-DNO ġaladarba li jkun hemm kollox sottomess kif ikun indikat min-naħa tal-Awtorità jkun kollox in place, jinħareġ il-permess fi żmien iqsar u fil-fatt jiġi approvat minn membru wieħed tal-bord, u dak huwa biex ngħidu hekk għalfejn kien hemm din id-direzzjoni. Kienet … direzzjoni politika la qed nitkellmu fuq fabbrika allura qed nitkellmu fuq l-industrija, kien hemm dan il-bidla fil-proċess biex il-fabbrika tinbena biex ngħidu hekk il-proċess ma jdumx daqshekk biex jinħarġu l-permessi għall-bini ta` fabbrika. Tajjeb li ngħidu wkoll illi apparti u f`ċertu ċirkostanzi, apparti l-permess tad-DNO, hemm ukoll il-permess li trid toħroġ l-ERA f`ċirkostanzi partikolari f`ċertu tip ta` attivitajiet.***

**Stqarr illi kif daħal l-Avviż Legali dwar il-liċenzjar tal-kuntratturi, mill-1 ta` Novembru 2023, il-kuntratturi se jkollhom obbligu ġdid illi f`kull biċċa xogħol li jagħmlu, iridu jassiguraw iridu jkollhom kopertura ta` assikurattiva. Id-diskussjonijiet dwar in-natura tal-assikurazzjoni għadhom għaddejjin mal-partijiet interessati. Il-Ministeru qiegħed l-importanza fuq il-prinċipju tal-*mitigation of risk*. L-assikurazzjoni hija**

**ntiża bħala *fallback measure* għal meta r-riskju javvera ruhu.**

**Il-Ministru kien mistoqsi jekk hemmx minuti tal-laqgħat li saru dwar materji li qegħdin jiġu trattati f`din l-inkjesta pubblika u t-tweġiba kienet fin-negattiv.**

**<u>Meta xehed it-tieni darba</u>, il-Ministru ppreżenta d-dokumenti li ma kienx f`pożizzjoni li jippreżenta fl-ewwel okkażjoni.**

**Xehed illi fil-kors tal-inkjesta pubblika ssemmew ħafna sistemi kif l-awtoritajiet permezz tal-informatika jistgħu jikkollaboraw aktar flimkien. Wara xogħol li ilu għaddej diversi xhur, huwa kien infurmat mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tiegħu li *hemm commitment in principle* ta` €1.8 miljun min-naħa tal-Finanzi biex issir sistema tal-I.T. tal-BCA tkun aggjornata sabiex tinkorpora l-informazzjoni kollha tal-BCA, plus li tkun tista` tgħin anke fl-infurzar minħabba li b`mod diġitali wieħed jista` jagħmel sorveljanza u anke jaċċedi anke għal sistemi ta` entitajiet oħrajn.**

**Stqarr li fil-każ tal-OHSA f`Mejju 2023 kien hemm proċess ta` tender li permezz tiegħu akkwistat sistema ġdida tal-I.T. Fil-fatt din l-*Information Management System* tinsab fil-fażi ta` implimentazzjoni. Tgħin lill-Awtorità biex it-tagħrif li jkollha l-OHSA, sija biex tirċeviha, sija biex tipproċessaha, tkun aktar effikaċi. Tista` tkun pjattaforma għal aktar kordinazzjoni bejn l-OHSA, il-BCA u l-PA.**

**Kompla jgħid illi l-Ministeru tal-Finanzi fl-aħħar żminijiet ta l-awtorizzazzjoni sabiex dak li l-BCA tiġġenera minn multi jew fondi oħra u li sal-lum riedu jiġu trasferiti lill-Finanzi biex jidħlu fl-erarju tal-Gvern, sejrin jibdew jakkumulaw f`kontijiet tal-BCA stess sabiex, b`żieda mas-*subvention* li tingħata mill-Finanzi jservu bħala finanzjament addizzjonali għall-bżonnijiet tal-Awtorità stess. Il-ħsieb hu li fuq il-mudell tal-PA, il-BCA tkun *self-sufficient* mil-lat ta` *budget,* però dan ma jistax jitwettaq fl-immedjat, għaliex il-BCA m`għandhiex biżżejjed fondi minn tagħha sabiex tkun *self-sufficient.***

**Il-Ministru ngħata l-opportunita` jwieġeb għal dak li xehed Karl Azzopardi li kien Kap Eżekuttiv tal-BCA qabel dak attwali.**

**Il-Ministru wieġeb hekk :**

***... kien hemm diskussjonijiet mas-Sur Azzopardi li wasslu biex is-Sur Azzopardi jiddeċiedi li jagħti r-riżenja tiegħu.***

***... Biex inkun aktar preċiż, il-kliem eżatt li kien intuża kien that he was ready to move on. Dak kien id-diskors li kien jintuża f`dik il-laqgħa minn hemmhekk 'il quddiem.***

**Dwar l-informatika, kompla jixhed illi meta kienet iffurmata l-BCA kienet ittiehdet deċiżjoni għaqlija illi l-bażi tal-informatika tagħha tirkeb fuq dik tal-PA. Lil hinn minn hekk, xi ħaġa li daħlet ftit taż-żmien ilu hija li meta xi ħadd idaħħal *commencement notice* lill-PA, u l-perit**

**jew l-applikant jirċievi l-irċevuta relattiva, illum trid tinforma ukoll lill-BCA u lill-OHSA.**

**Il-Ministru kien mistoqsi hekk :-**

***Ministru, li nixtieq mingħandek huwa serħan tal-moħħ. Is-serħan tal-moħħ li rridu aħna huwa dan. Dawn se jibqgħu tliet awtoritajiet kulħadd fuq il-binarju tiegħu u ma jiltaqa' qatt ? Meta nafu illi għandna problema ta` ingaġġ ta` nies, ingaġġ ta` nies ta` min irid potenzjalment jidħol f`din bħala enforcer, ingaġġ ta` nies għax trid tgħaddi mill-unit ta`, awtonomu kemm int awtonomu trid tgħaddi minn Kastilja wkoll ħaġa bħal din, imma se nagħmlu xi ħaġa prattika li l-istess spetturi per eżempju, li jkunu ta` ċertu awtorità, qed jagħmlu findings, isibu infrazzjonijiet, ikunu mħarrġin għal din, li dawn jifflegjawhom dawn ?***

**Wieġeb hekk :-**

***... dak li qed tistaqsi, diġà beda jsir, u dan huwa riżultat ħa nibdew bejn il-BCA u l-OHSA. Waħda mill-ewwel inizjattivi li saret meta sirt Ministru kien illi bejn il-BCA u l-OHSA kien ġie ffirmat MOU biex isiru joint inspections, u kienet inizjattiva illi bdiet issir ...***

***Ir-rwoli tal-Planning, tal-BCA u tal-OHSA qatt ma jistgħu jkunu meqjusin bħala ħaġa waħda, speċjalment tal-OHSA, għaliex għalkemm l-OHSA u anke fil-common parlance, u anke minn dak li tirrapporta l-midja, tingħata l-impressjoni li din l-Awtorità hija qisha estensjoni ta` l-Awtorità tal-kostruzzjoni, fil-verità l-OHSA tmur lil hinn minn hekk. Timpenja ħafna ruħha fil-qasam tal-***

*kostruzzjoni però mhux limitata għall-qasam tal-kostruzzjoni.*

*... illum l-I.T. platforms, l-entitajiet jistgħu, ġaladarba jkun hemm is-sistemi in place, jistgħu jitkellmu ħafna aktar flimkien u anke ċertu sitwazzjonijiet jistgħu jiġu flagged b`mod diġitali, li jgħin ħafna fl-infurzar.*

*... llum għad għandek xogħol illi qed jiddependi fuq l-intervent manwali jew l-intervent tal-persuni. Anke biex tidentifika ċertu affarijiet, imma b`dawn is-sistemi nistgħu mmorru quddiem.*

*... il-focus li jrid ikun aktar huwa fejn jidħol is-sorveljanza matul l-implimentazzjoni tal-proġett, kif isir ix-xogħol u waqt li jsir ix-xogħol.*

**Il-Ministru kompla hekk :-**

*... il-Planning Authority tibqa', u issa iktar minn qatt qabel, il-focus dwar il-mod kif jiġi ppjanat l-iżvilupp, jiġifieri kif inti se tippjana ċertu sit, x'tista` tagħmel u ma tistax tagħmel, il-permess. Il-fatt jekk għandek żvilupp li mhuwiex skont il-permess jew li m'għandux ebda permess. Dak huwa x-xogħol tal-Planning Authority. Apparti t-tfassil ta` policies, eċċetra.*

*Il-BCA d-differenza li qiegħda tagħmel huwa illi għall-ewwel darba għandna awtorità illi qiegħda tiffoka fuq il-parti tal-operat. Issa meta aħna qegħdin nitkellmu fuq il-kwalità tal-bini per eżempju, ejja ma ninsewx illi*

***f`pajjiżna għandna professjoni importanti li tingħata warrant li huwa l-warrant tal-perit.***

**Dwar it-twettiq tal-Att dwar il-Periti, il-Ministru xehed li l-Att jagħti lill-Kamra tal-Periti setgħat dixxiplinarji. Min-naħa tiegħu l-Gvern investa l-flus sabiex il-Kamra wkoll tkun tista` tikseb I.T. system biex tkun tista` tħaddem aħjar il-kwistjoni tal-warrants, u anke materji relatati mad-dixxiplina. Dan ifisser li mhux sempliċiment daħlet il-liġi fis-seħħ imma bdew jitkellmu dwar assistenza finanzjarja. Il-periti jerfgħu r-responsabbiltà ta` dak li jiddisinjaw u ta` dak li qiegħed iseħħ. L-impenn tal-BCA, bil-qafas leġiżlattiv li għandha llum, huwa sħiħ, fejn jidħlu third parties.**

**Stqarr li fejn si tratta ta` *stand alone buildings,* għaddej proċess ta` reviżjoni biex jaraw x`inhuma t-tibdiliet li hemm bżonn isiru, b`mod partikolari fejn jidħol l-obbligu li dak ix-xogħol ikollu insurance, avolja ma jkunx hemm *third party*.**

**Qal ukoll li wara l-2022 id-dikjarazzjonijiet tal-perit a tenur tar-Reg 26 qegħdin jiġu vvettjati mill-BCA.**

**Dwar il-building codes xehed illi saru diversi *drafts*, u diskussjonijiet. Jinsab infurmat li dwar l-aħħar abbozz, il-bord tal-BCA ddeċieda li jagħmel konsultazzjoni mal-Kamra tal-Periti. Infurmat ukoll illi waqt illi tul is-snin issemmew diversi *building codes*, il-focus qed ikun fuq *buildings codes* dwar bini, twaqqigħ u tqattigħ, in sintonija mal-għażla li saret illi l-ewwel tliet liċenzji tal-kuntratturi jkunu propju għal bini, twaqqigħ u tqattigħ.**

**Kompla jixhed li r-riżultati qegħdin juru li l-impenn tal-BCA qed ikompli jiżdied, qed ikompli jissaħħaħ, in-numri ta` l-infurzar, qed juri illi matul din is-sena ż-żieda tal-infurzar kien wieħed konsiderevoli meta mqabbel maż-żmien ta` qabel. Hemm investiment anke fl-inspectors attwali. In progress hemm ukoll proċess ta` ingaġġ ta` 4 spetturi oħra. Għal dawk diġà mpjegati hemm programm ta` aktar taħriġ. Qed isir ukoll proċess ta` *streamlining*, fejn jidħlu *clearances*. Ghad fadal ħafna xi jsir. Fl-istess waqt l-Awtorità qiegħda twassal il-preżenza tagħha. Qed taħdem fuq l-effiċjenza enerġetika, li torbot mal-*building codes.***

**Stqarr illi f`dawn l-aħħar xhur frott id-direzzjoni li qiegħda tingħata u l-impenn li qed juri l-istaff kollu, kien hemm avvanzi, però wieħed għandu jibqa` riflessiv biex jifhem dak illi jkun sar bil-għan illi jibni u jtejjeb. Ħaġa li huwa jinsisti fuqha hija kull bidla *has to take a stakeholder approach* (kliem il-Ministru) Mhijiex kwistjoni ta` xi ħadd jaqbad u jfajjar l-affarijiet. Qegħda ssir bidla illi ilha tissemma s-snin. Fil-fatt il-ħtieġa tal-liċenzja tal-kuntrattur kienet ilha tissemma tal-inqas mill-2010.**

**Dwar il-*clearance* tal-*method statements,* xehed li l-ħtieġa tal-*vetting* u tal-*clearance* tal-*method statements* kienet konsegwenza tar-rapport ta` inkjesta wara l-mewt ta` Miriam Pace. Qal li meta sar Ministru kien infurmat li ma kienx hemm nies biżżejjed impjegati tal-BCA sabiex jagħmlu *vetting* l-ewwel segwit minn *clearance* tal-*method statements* li jkunu preżentati mill-periti. Għalhekk kellhom jiġu ngaġġjati *external consultants* biex jagħmlu dak ix-xogħol. Ma kienx qed jeskludi li fil-futur il-BCA kienet ser timpjega nies tagħha (mhux esterni) għal dan l-iskop.**

**Ippreċiża li l-*external consultants* għall-fini ta\`*vetting* u *clearance* kienu diġà ngaġġjati meta huwa sar Ministru u żammhom.**

**Mistoqsi dwar l-ispettorat tal-OHSA, fisser li t-taħriġ li għandhom l-ispetturi tal-OHSA huwa relatat ma\` *safe systems*. Materji relatati mal-proċedura tal-kostruzzjoni ta' sit jaqgħu fir-remit tal-BCA. Ir-rwol tal-OHSA mhuwiex li tara jekk pjanti li jkun ippreżenta perit humiex qegħdin jiġu segwiti jew le. Anke t-taħriġ tal-ħaddiema tal-OHSA joħroġ għal kollox barra minn dan il-kuntest. L-istess jgħodd għall-BCA ; l-ispettorat jara jekk ix-xogħol ikunx qed isir skont il-*method statement.* Imbagħad hemm ir-responsabilità tal-perit.**

**Kien mistoqsi hekk :**

***Mela għandna flaw fis-sistema allura Ministru, għax xi ħadd se jibqa' barra. Jiġifieri l-area ta\` cover, se jkollna nies li se jiddependu fuq is-self regulation. U aħna nafu, mill-istakeholders li ġew jixhdu hawn, li qalulna li mhumiex sodisfatti bis-self regulation ...***

**Wieġeb hekk :**

***Jiena qed nifhem perfettament x\`qed tgħid ...***

***dak li qed jiġi suġġerit, filwaqt li naħseb li jimmerita diskussjoni, jimmerita ħafna ħsieb ukoll għaliex il-fatt, issa din hija kif naraha jiena u m'hu qed neskludi xejn.***

**Kompla jixhed hekk :**

***… jekk aħna llum ir-responsabbiltà tad-disinn qed nitfgħuh fuq il-perit, dak id-disinn ħa nitolbu lill-perit, qed naħsbu f`sistema illi l-perit jiġi soġġettat għal periti oħra per eżempju biex ngħidulu hux tajjeb jew le ?***

***Jew inkella għandek sistema fejn oltre l-perit responsabbli mill-binja ikun hemm xi ħadd ieħor li huwa perit ukoll li se jmur jara jekk il-perit hux qed jissorvelja jew le ?***

***… l-ewwel tweġiba trid tibda mill-fatt illi bil-liċenzjar tal-kuntratturi, ir-rekwiżit tal-għarfien ta` dak li wieħed irid jagħmel u l-fatt li inti on site ħa jkun hemm il-ħtieġa li jkun hemm xi ħadd bi kwalifika li qed isemmi l-avviż legali, jiġifieri l-ewwel liċenzja tal-bennej jew dak li huwa meqjus bħala competent person, qiegħda tinbidel mill-fatt li inti jkollok sites illi tħallew għal riħhom.***

**Qal li fejn jirrigwarda l-persuni responsabbli b`xi mod jew ieħor f`sit ta` kostruzzjoni, *irridu nkomplu nirfinaw fejn tibda u tispiċċa r-responsabbiltà ta` wieħed mal-ieħor*. (kliem il-Ministru) Una volta dan ikun kjarit wieħed ikun irid jara jekk il-BCA tistax tintervjeni iżjed jew le meta għandek a *warranted architect and a licensed contractor*.**

**Dwar l-*stakeholder approach*, il-Ministru xehed illi l-BICC għandu rwol importanti, għaliex li jkollok mal-mejda l-*stakeholders* li titkellem magħhom regolarment f`dak kollu li qed tipproponi huwa mekkaniżmu li**

jagħmel ħafna sens. Però kien notat li l-BICC, għalkemm kien ilu jopera għal ħafna snin, ma kellux qafas legali ċar. Ladarba llum hemm il-BCA, il-Gvern kien tal-fehma li l-BICC għandu jiġi strutturat legalment fil-qafas tal-liġi tal-BCA. Fil-fatt il-Parlament għadda l-Att XVI tal-2023 li bih saret emenda għall-Att dwar il-BCA, li biha ngħata *vires* biex jinħoloq kunsill konsultattiv fi ħdan il-BCA, mhux biss għall-fini ta` konsultazzjoni, iżda anke sabiex iħares ukoll lejn kordinazzjoni fejn jidħol it-taħriġ. Qal ukoll li kien qed jiġi finalizzat Avviż Legali bil-għan li tinħoloq il-proċedura u d-dettalji ta` kif se jiġi kostitwit il-kunsill il-gdid. Stqarr li huwa ma jemminx fid-diskussjoni għall-iskop ta` diskussjoni, imma jemmen li d-diskussjoni għandha ssir fuq proposta u wara tittieħed deċiżjoni.

Dwar il-*vetting* tal-*method statements*, xehed illi l-konsulenti huma obbligati bil-kunfidenzjalità kif ukoll li jagħmlu dikjarazzjoni li m`għandhom ebda konflitt ta` nteress.

Xehed illi l-MOU bejn il-BCA u l-OHSA kien iffirmat f`Marzu 2022 u cioè wara li hu sar Ministru responsabbli kemm tal-BCA kif ukoll tal-OHSA.

Dwar id-dħul fis-seħħ tad-disposizzjonijiet tal-liġi li sejrin idaħħlu l-liċenzja tal-kuntratturi, il-Ministru stqarr illi l-ewwel effett pożittiv se jkun illi l-BCA se jkollha f`idejha lista ta` min huma n-nies illi jagħmlu xogħol ta` bini, twaqqigħ u tqattigħ. It-tieni effett tajjeb huwa li se jkun hemm kjariment ta` min jista` jkun kuntrattur. It-tielet hija l-evoluzzjoni mil-liċenzja tal-bennej. Il-fatt importanti huwa li r-responsabilità tax-xogħol se taqa' fuq il-liċenzja tal-kuntrattur illi abbażi tal-Ewwel Skeda tal-Avviż Legali jirriżultaw il-

**kwalitajiet u l-modalitajiet biex wieħed ikun jista` jaħdem meta tidħol din il-liċenzja.**

**Saħaq li fl-1 ta` Jannar 2025 kull kuntrattur irid ikollu liċenzja. Jekk persuna trid taħdem fl-1 ta` Novembru 2023, trid tkun applikat mhux aktar tard mill-31 ta` Ottubru 2023 jekk trid tagħmel xogħol ta` bini, twaqqigħ jew tqattigħ.**

**Meta xehed it-tielet darba, il-Ministru ppreżenta għan-nom tal-Onor. Prim Ministru kopja tar-rapport tal-bord ta` inkjesta wara l-mewt ta` Miriam Pace.**

**c) Onorevoli Clyde Caruana**
**Ministru tal-Finanzi u Xogħol**

**Il-Ministru Clyde Caruana xehed darbtejn.**

**Meta xehed l-ewwel darba, il-Ministru stqarr illi huwa sar Ministru f`Novembru 2020 u d-dikasteru tiegħu huwa tal-Finanzi u Xogħol. Is-settur tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol qatt ma kien parti mid-dikasteru tiegħu.**

**Stqarr illi l-preżentata tal-*budget* ikun preċedut minn proċess fejn f`Ġunju jsir eżami tal-*business plans* li kull Ministeru jkun ippreżenta bit-talbiet għal infieq rikorrenti u kapitali. Bl-informazzjoni li tasal, l-ispiża attwali tkun isservi għal previżjonijiet ta` nefqa għas-snin ta` wara. Abbażi ta` dak l-eżerċizzju, ikunu jistgħu joħorġu r-riżorsi addizzjonali li kull Ministeru jkollu**

**bżonn bħala infieq rikorrenti u kapitali. Bħala fatt it-talbiet ikunu jeċċedu sewwa dak li jkun fil-fatt allokat fil-*budget.***

**Il-Kabinett tal-Ministri jindika l-prijoritajiet tal-politika tal-Gvern u skont dawk il-prijoritajiet isir il-*budget.***

**Kompla jixhed li wara li jsir dak l-eżerċizzju mill-Ministeru tal-Finanzi, għal ħabta tat-tielet ġimgħa ta` Awissu, isiru diskussjonijiet bilaterali mal-Ministeri kollha fejn ikun komunikat lilhom l-għadd tal-fondi sabiex kulħadd ikun jaf il-parametri ta` nefqa li jista` jaħdem fihom. Isir sforz sabiex kull Ministeru jkun jista` jilħaq l-għanijiet u l-proġetti tiegħu bir-riżorsi għad-dispożizzjoni tiegħu.**

**Stqarr illi meta Ministeru jkun irid iżid il-*manpower* tiegħu jew inkella jrid iżid il-proġetti u inizjattivi, dik tkun nefqa rikorrenti, mentri jekk trid jinbena xi ħaġa li minnha jridu jiġu offruti servizzi, dik tkun nefqa kapitali. Billi huwa l-Ministeru tal-Finanzi li jiddeċiedi jekk fondi imorrux naħa jew oħra, tkun trid issir analiżi ta` kull talba. Jekk Ministeru għandu responsabilità ta` xi Awtorità u jkun irid isaħħah dik l-Awtorità billi isir l-ingaġġ ta` persuni, mal-*business plan* ikun irid jippreżenta dokument separat bil-*manpower plan* tiegħu li jmur imbagħad għand it-Taqsima *People and Standards* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Abbażi tal-*manpower plan* (li jkun irid jiġi approvat kemm mill-*People and Standards* kif ukoll mill-Finanzi) wieħed ikun jista` jasal għall-ispiża. Jiġri li t-talba fil-*manpower***

**_plan_ tkun għal żieda ndikata ta` persuni, in-numru rikjest ikun jiġi jiswa figura, iżda l-figura li tkun akkordata mill-Finanzi tkun ta` inqas. Jispetta għall-Ministeru li jkun li bil-flus li jiġu vvotati lilu jara l-ħtiġijiet tiegħu għal dak li huwa ingaġġ ta` nies. Issa fil-każ tal-PA din għandha r-risorsi tagħha. Fil-każ tal-BCA, kien hemm żieda sostanzjali fil-_budget_ allokat minħabba ż-żieda tax-xogħol u t-tibdil li kien hemm. Id-_deployment_ tan-nies jispetta lill-Awtorità li naturalment tkun trid taddatta ruħha għall-_budget_ li tingħata. Fil-każ tal-OHSA kien hemm xi żidiet ukoll, però ma kinux daqshekk kbar żgur.**

**Kompla jixhed illi jkun hemm każi fejn tinqala` xi ħaġa ġdida lil Ministeru jew inkella jkun irid isir xi ħaġa matul is-sena (anke għal xi Awtorità), u ma jkunx jista` jistenna sal-_budget_ ta` wara, f`dak il-każ il-Ministeru jkellem lill-Finanzi, dawn jindagaw jekk hemm disponibbli risorsi finanzjarji li jkunu għadhom ma ntużawx u li jistgħu jiġu _directed_ għall-bżonn li jkun inqala`. Meta t-talba tkun tagħmel sens u jkun hemm minn dawk il-fondi dawk jiġu _redirected._ Jekk ma jkunx hemm fondi disponibbli, u l-bżonn ikun motivat, kien hemm każi fejn ingħataw fondi addizzjonali.**

**<u>Meta xehed it-tieni darba</u>, il-Ministru Caruana ppreżenta dokumenti.**

**Dwar il-_headcount_ stqarr illi dan jiġi deċiż mill-_People & Standards Department_ fi ħdan l-OPM u d-dettalji jinsabu għandhom.**

**d) <u>Perit David Xuereb</u>**
**<u>Chairman - OHSA</u>**

**Xehed illi huwa kien maħtur Chairman tal-OHSA f`Novembru 2021. Huwa biss Chairman tal-Bord tal-Awtorità u mhux Chairman Eżekuttiv. F`Jannar 2023 kien maħtur ukoll Chairman tal-MCESD. Huwa wkoll membru tal-Bord tad-diretturi tal-BCA.**

**Mill-bidu nett ta` xhieda tiegħu, Perit Xuereb kien mistoqsi kienx jara konflitt bejn il-fatt li huwa direttur tal-BCA u Chairman ta` l-OHSA. It-tweġiba tiegħu kienet din :-**

***Mela jiena staqsejt fuqha din il-mistoqsija qabel ma aċċettajt. L-ewwel nett l-ewwel konflitt li ridt nirrisolvi huwa jekk dawn ir-roles li inti semmejt għandhomx kunflitt mal-interessi personali tiegħi, ħa nibdew minn hemmhekk; u dawn ma hemmx …***

**Dwar il-BCA qal :**

**…** ***l-interess li għandi jiena fuq il-Bord*** **… mhijiex ta`** ***chairman u lanqas jiena CEO u m'għandi l-ebda role eżekuttiv, imma huwa dak ta` direttur … fil-fatt l-ikbar kontribuzzjoni li nagħmel f` dan il-Bord jiena huwa fl-areas ta` trasformazzjoni ta` l-industrija tal-kostruzzjoni fl-ambitu tas-sostenibilita` … wieħed ikun jista` jdaħħal sens ta` serjetà fl-industrija permezz ta` trasformazzjoni ta` l-ambjent u tad-dekarbonizzazzjoni.***

**Ix-xhud jeskludi konflitt billi jgħid hekk :-**

***… il-BCA tiffoka biss fuq l-industrija tal-kostruzzjoni u fuq il-kwalità u t-trasformazzjoni ta` serjetà. Il-BCA m' għandhiex responsabbiltajiet ta` health and safety … Hemm awtorità oħra li hija l-OHSA … Il-BCA tirregola l-kwalità tal- kostruzzjoni u r-responsabbiltà li l-kostruzzjoni għandha fuq it-third parties, fuq il-ħsarat, fuq il-kwalità u fuq is-certification tal-kwalità tal-prodott - f` dak li wieħed jibni. L-OHSA responsabbli fl-areas ta` occupation health and safety mhux biss għall-kostruzzjoni imma għal bqija ta` l-industriji kollha.***

**Kompla jixhed illi :**

***… meta binja tiġġarraf jew l-inċident ikun ġej minħabba l-kwalità tan-natura tax-xogħol u mhux minħabba hoarding jew minħabba PPE wear … jekk tiġġarraf minħabba raġunijiet strutturali jew raġunijiet li huma tekniċi r- responsabbiltà ovvjament huma ta` duty holders tal-proġett u ta` min qed jieħu ħsieb l-andament tal-kostruzzjoni imma l-Awtorità li tirregola u li tiffoka fuq dak il-parti tal-proġett hija l-BCA. L-OHSA hija responsabilità fuq is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema.***

**Dwar spetturi fl-OHSA, Perit Xuereb xehed illi l-għadd tagħhom huwa ta` 14 li jkopru l-postijiet tax-xogħol kollha, kompriża l-industrija tal-kostruzzjoni. Sal-2022, in-numru kien ta 12. Wara d-diżgrazzja ta` Jean Paul Sofia, l-għadd baqa` 14.**

**Safejn jaf hu l-għadd tal-ispetturi fil-BCA huwa ta` 20.**

**Dwar l-operat tal-OHSA, stqarr hekk :-**

***jiena nipprova bħala non-executive chairman ta` l-OHSA inżomm arm's length relationship ma` l-eżekuttiv kollu, jiġifieri mal-kap eżekuttiv u t-team tiegħu. Jiena kelli numru ta` ċirkostanzi fejn ngħaddi mit-triq nara l-affarijiet mhux qegħdin sew, niġbed ir-ritratti u nibgħatuhom lill-kap eżekuttiv … ma tistax tħares in-naħa l-oħra.***

**Dwar il-kompożizzjoni tal-bord tal-OHSA, stqarr li skont il-liġi kif inhi sal-lum, il-bord huwa kompost minn 9 membri, li magħhom ikun hemm is-CEO u s-Segretarju.**

**Dwar il-qadi tar-rwol tiegħu bħala Chairman tal-OHSA, Perit Xuereb xehed illi :-**

***… jiena tlabt illi nkun naf illi aħna bħala board jkollna business plan … biex wieħed jidentifika fejn qiegħda l- Awtorità …***

***u fejn irridu l-OHSA tkun … u allura x' għandna bżonn nagħmlu biex nagħmlu trasformazzjoni ta` l-Awtorità kif wieħed jixtieqha u kif jixirqilha … Dan sar.***

**Jgħid illi l-*business plan* tlesta fi tliet xhur mis-CEO u kien preżentat lill-bord.**

**Kompla jgħid illi l-liġi kienet ilha fis-seħħ 20 sena u kellha bżonn li tkun aġġjornata.**

**Dwar it-twettieq tal-policy tal-Gvern, li huwa l-kompitu tal-bord, Perit Xuereb spjega li lilu ħadd ma qallu la bil-miktub u lanqas xort`oħra x`kienet il-policy tal-Gvern fil-kamp tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Però l-bord ħa l-inizjattiva li jfassal il-miri li kellha tasal għalihom l-OHSA.**

**Qal illi l-*business plan* kien qed jitkellem fuq bżonn ta` spettorat li 14-il ruħ jiżdied bi 23 biex jiġi 45-il persuna.**

**L-impjegati kollha tal-OHSA kellhom jitilghu minn 35 għal 88 ruħ. In-nefqa biex dan isir kienet stmata li tkun ta` €2 miljun fi tliet snin. Kien hemm ukoll ta` infieq fil-*Management Information System* ("<u>MIS</u>").**

**Kompla jixhed illi l-*business plan* kien approvat mill-bord tal-OHSA. Għal dak li huwa *procurement* ta` fondi dejjem kien hemm dewmien mill-Finanzi.**

**Fisser illi wara l-aħħar elezzjoni nbidlet id-direzzjoni politika tal-OHSA mill-Ministru Fearne għall-Ministru Zrinzo Azzopardi. Kien hemm ukoll bdil fil-membri tal-bord. Iċ-ċaqlieq ġab miegħu diffikultajiet ta` żmien għall-finanzjament tal-*business plan.* Għal ħabta ta` Novembru/Diċembru 2022, l-*procurement* tal-MIS ħadet spinta u tinsab *in progress.***

**Dwar l-allokazzjoni ta` fondi, stqarr hekk :-**

… *meta titkellem fuq riżorsi fil-health and safety, meta inti titlob il-flus, jiena tgħallimt għax fiċ-ċivil jidher li hekk jaħdmu l-affarijiet, jiena l-esperjenza tiegħi għadha kemmxejn ġdida, trid tkun ċert li meta qed titlob għal flus tkun taf li meta tmur fis-suq dawk il-flus ser tonfoqhom ; jigifieri dawk ir-riżorsi li għandek bżonn issibhom. Waħda mill-problemi li hemm fis-suq ġenerali, mhux eskluża l-OHSA, imma fis-suq ġenerali, huwa nuqqas ta` riżorsa teknika kompetenti fl-areas ta` l-OHSA ; kemm għax forsi n-numru ta` studenti li jmorru l-università naqas jew huwa numru kemmxejn żgħir, u kemm ukoll għax id-diplomas li kienu forsi jiġu ppreparati minn l-MCAST ma baqgħux isiru. Infatti hemm xogħol attiv għaddej bħalissa minn l-OHSA biex it-training għal nies kompetenti biex jiżdiedu fis-suq dak isir* …

Saħaq illi l-ingaġġ mill-OHSA ta` nies kompetenti fis-settur huwa problema serja. Għalkemm il-kors universitarju għadu hemm, xorta waħda hemm il-problemi *għaliex l-interess tan-nies biex jagħmlu dawk il-courses ma għadux b`saħħtu daqs kemm wieħed jixtieq* (kliem testwali tax-xhud). Qal ukoll : *għandna bżonn firxa aktar wiesgħa ta` kompetenza li forsi m' hemmx għalfejn tilħaq id-degree li l-universita tista` toffri, u għalhekk id-diskussjoni tal-kap eżekuttiv li naf jiena huwa bħalissa focused fuq l-MCAST, proprju biex ikollna kwalifiċi li forsi m' humiex tal-livell ta` degree ta` l-universita imma xejn xejn iżżid il-kompetenza ta` risk management*.

Dwar il-BCA, xehed illi illi *l-enforcement tal-BCA li mhumiex neċessarjament qed iħarsu lejn il-health and safety ; imma …. għandhom persuna li ddur l-*

***enforcement li qegħdin fuq is-sites biex tissalvagwardja l-interessi tas-*****saħħa u s-sigurtà ta` l- enforcement officers infushom*****; però hi u ddur tissensitizza l-enforcement officers tal-BCA biex meta jaraw xi ħaġa mhux qiegħda tajba, flok noqogħdu nistennew xi awtorità oħra li xi darba tiġi u tagħmel xi ħaġa fuqha, jew jirrapportawha jew jieħdu azzjoni fuqha.***

**Meta mistoqsi specifikament, Perit Xuereb xehed li sal-lum l-MCAST m`għandhiex korsijiet dwar OHS. L-Università għandha kors però x-xhud ftit li xejn seta` jagħti dettalji għax ma kienx jafhom.**

**Ix-xhud obbliga ruħu li jippreżenta kopja tal-*business plan* li kien approvat mill-bord tal-OHSA fil-11 ta` Jannar 2022.**

**Dwar il-ħtieġa ta` *channels of communication* tajbin bejn id-diversi awtoritajiet pubbliċi, Perit Xuereb stqarr illi minn mindu l-Ministru Zrinzo Azzopardi huwa responsabbli għall-PA, OHSA u BCA, ħa l-inizjattiva *biex jippruvaw ikellmu lil xulxin, għax qabel ma naħsibx li kienet qed tiġri* (kliem testwali tax-xhud). Saħaq li meta jsiru MOUs *ma jibqgħux biċċa karta ffirmata għal ritratt imma fil-fatt ihallu riżultat li jista` jitkejjel* (kliem testwali tax-xhud)**

**Mistoqsi x`jaħseb dwar *information sharing* bejn id-diversi entitajiet meta l-PA tirċievi *commencement notice,* Perit Xuereb stqarr illi huwa persważ li fl-era tad-diġitalizzazzjoni meta kollox huwa magħqud, u kollox jista` jkun koordinat, lill hinn mill-bżonn ovvju li n-nies jitkellmu ma` xulxin, id-diġitalizzazzjoni timbotta `l**

**quddiem il-koperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet pubbliċi.**

**Mistoqsi dwar konflitt ta` interess potenzjali fir-rwol preżenti tal-STO li huwa nkarikat mill-kuntrattur u jkun barra mill-kontroll tal-awtoritajiet pubbliċi, ix-xhud wieġeb hekk :-**

***Iva … fid-dinja li għext fiha barra minn Malta … ir-role tal-STO ma rajtu mkien. Jiena dejjem rajt project manager; jigifieri dak il-persuna li hu mqabbad mid-developer … biex jgħaqqad l- affarijiet ma` xulxin. Il-health and safety officer ikun distint mill-project manager għax ir-responsabbiltajiet tal-esegwiment ta` kwalità u ta` ħin huma kultant kontrastanti ma` … health and safety …***

**Kien mistoqsi :**

***… l-STO responsabbiltà prinċipali tiegħu huwa li jiċċekkja li l-method statement jiġi osservat waqt l-eżekuzzjoni tal-proġett. Ma taqbilx li l-method statement għandu jiġi ppreżentat flimkien ma` kull kalkulazzjoni strutturali fl-istadju ta` l- applikazzjoni u mhux ħafna drabi wara ?***

**Wieġeb :**

***Bla dubju. Għandu bżonn ikun hemm depożitarju għal kull kalkolu u kull inizjattiva … Mhux biss il-method statement il-kliem, imma l-fatti. Depożitarju diġitali illi ma tistax tbiddlu sakemm ovvjament mhux qed tbiddlu waqt il-lant tax-xogħol. Illi anke jekk ikun hemm***

***professjonisti oħrajn huma min huma li għandhom bżonn isegwu l-lant tax-xogħol u jew jagħmlu tibdiliet fil-lant tax-xogħol jew waqt il-proġett jew saħansitra ħafna snin wara, dak id-depożitarju jkun mitqlu deheb biex naċċertaw rwieħna li l-affarijiet jridu jsiru serji u naċċertaw ukoll illi s-saħħa u s-sigurtà ta` min qed jagħmel dawk ix-xogħlijiet ikunu wkoll imħarsin.***

**Fil-każ ta` Jean Paul Sofia, bħal fil-każ ta` inċidenti gravi oħra ta` mwiet, Perit Xuereb stqarr li l-OHSA għamlet l-istħarriġ tagħha distint mill-inkjesta maġisterjali. Kemm jista` jkun, il-bord tal-awtorità jzomm *an arms length relationship* mill-eżekuttiv. Għalkemm il-bord m`għandux funzjoni eżekuttiva, fl-istess waqt jaċċerta ruhu li l-eżekuttiv ikun qed jagħmel xogħlu, u jekk isiru domandi jippretendu risposta għalihom. Il-bord kien infurmat li l-eżekuttiv lesta stqarrig intern u sar rapport. Il-bord m`għandux aċċess għal dan ir-rapport.**

**Dwar il-ħtieġa ta` serjetà fil-qasam tal-kostruzzjoni, Perit Xuereb kellu hekk x`jistqarr :-**

**… *ma għandniex biżżejjed credits illi duty holder, m' hemmx għalfejn ikun kuntrattur, jista` jkun perit - ħalli ħadd ma jaħseb li qed niddefendi lil ħadd - kuntrattur, perit, developer, inġinier, li trid, project managers tiegħu, li trid ; illi at one stage irridu naslu għal sitwazzjoni fejn inti jekk inti tkun wieħed minn dawk li tħobb tikser il-liġijiet jew ma tosservax jew ma tinnotifikax jew ma tagħmilx l-affarijiet skont il-liġi, tibda jew ad litteram tieqaf tmur x' imkien ieħor jew inkella tibda titlef il-punt sakemm tispiċċa mingħajr liċenzja u jew mingħajr warrant jew mingħajr xiex trid.***

***Naħseb in-name and shame f`din l-industrija hija importanti***

***… irridu nirrikonoxxu li parti mill-industrija hija serja. Però r-rispett, id-dixxiplina, il-maturità li għandna f` settur ta` l- industrija li qed tagħmel ħafna ħsara li għandna bżonn illi nindirizzawha u nagħmlulha minn kollox li għandha bżonn, jew biex nedukawha, għax mhux kulħadd jaf jitwieled jagħmel kollox mill-bidu, nilliċenzjaw lil min verament huwa liċenzjabbli, u naraw illi min ma jridx josserva ngħidulu - ħu paċenzja dan ix-xogħol tagħmlux ; aħjar tagħmel affarijiet li ma joħolqux periklu lil ħaddieħor. U dik tagħmel differenza kbira ..***

**Meta mistoqsi, xehed illi huwa favur riforma tal-formoli fejn persuna tapplika għal liċenzja ta` bennej.**

**Kompla jixhed hekk :-**

***… tista` tgħid li għandna pazjent marid u qed nipprovaw nagħtuh ħafna injections u ħafna pilloli kollha fl-istess ħin. Ir-realtà hija li l-pazjent huwa marid, għax għal dan l-aħħar ħafna snin, għexieren ta` snin, l-industrija ma rregolajnihiex. L-unika liċenzja li għandna hija warrant ta` perit u l-liċenzja ta` bennej. Meta aħna nafu li fuq is-sit tal-kostruzzjoni għandek kumplikazzjonijiet ħafna iktar minn dawn it-tnejn***

***… din l-industrija għal għexieren ta` snin kienet komda mingħajr regoli u mingħajr l-abilità li nissanzjonaw lil min mhux responsabbli. Dak li naħseb illi ovvjament qed iweġġagħna llum-il ġurnata.***

**Qal li l-inċident ta` Jean Paul Sofia li ġara fit-3 ta` Diċembru 2022 kien trattat fil-laqgħa tal-bord tal-OHSA ta` Marzu 2023. Obbliga ruħu li jippreżenta l-minuti ta` dik il-laqgħa.**

**Xehed illi l-bord tal-Awtorità ddiskuta l-*white paper* fejn qegħda tkun proposta r-riforma tal-Kap 424 f`Mejju 2023. Sabiex saret il-*white paper* kienet ingaġġjata mill-Ministeru ditta ta` avukati. L-OHSA ma kenitx involuta fl-għażla mill-Ministeru. Obbliga ruħu li jippreżenta l-minuti tal-laqgħa tal-Bord fejn kienet diskussa l-*white paper*.**

**Dwar kif l-industrija tal-kostruzzjoni ma tibqax fl-istat ħażin li tinsab illum, fejn tirrenja l-mentalita` ta` *x`jimpurtani* mis-saħħa u mis-sigurtà ta` kulħadd, inkluż tal-ħaddiema, u fejn jirrenja disrispett ċiviku, Perit Xuereb stqarr li s-settur jeħtieġ trasformazzjoni kbira. Biex din il-bidla għall-aħjar issir sejrin *niskopru li għandna ħafna nies li jaħdmu fis-settur ma humiex kapaċi jilħqu dak il-livelli ta` aspettattivi* (kliem testwali tax-xhud) It-taħriġ tal-persuni fil-ħiliet li tirrikjedi l-industrija, u allura l-mod kif tiġi organizzata l-industrija, irid jinbidel biex nilħqu dawk il-livelli. Minn x`imkien irridu nibdew.**

**Kompla billi rrikonoxxja li mhux kulħadd fis-settur huwa ħażin. Jgħid li ħadem ġo siti ta` kostruzzjoni f`Malta li jitmexxew b`serjetà. Mhux kulħadd huwa ħażin. *Il-ħżiena huma f`wiċċna u narawhom* (kliem testwali tax-xhud).**

**Ix-xhud mar imbagħad għall-*public procurement.***

**Xehed hekk :-**

***… meta joħorġu t-tenders mhux biss tal-privat, kif ukoll tal-Gvern, u naraw x' enfasi nagħmlu biex ikollna block item fil-preliminaries ta` bill of quantities li titkellem fuq health and safety ta` serjetà. U meta naraw it-tenders li joħorġu u nassumu illi l-health and safety supervision irid isir b` ċertu ammont ta` sigħat bil-mod ta` fee li r-rata per square meter iggaghlek tisthi lil kulħadd.***

***Dawk huma l-problemi li għandna.***

**…** ***nuqqas ta` apprezzament ta` health and safety. Issa jien qed nitkellem hekk għax ovvjament jiena konxju tagħhom u rrid nara dawn ir-riformi jsiru. Imma meta tibda tarahom madwarek jiġifieri fil-proċess ta` trasformazzjoni tinduna kemm għandna bżonn naħdmu. U mhix ġejja biss minn xi kuntrattur jew minn xi perit jew ħaġa jew oħra; dawk wkoll. Għax il-cowboys għandna bżonn nindirizzawhom; però istituzzjonalment kollettivament, jiġifieri mhux biss il-pulizija, il-BCA li semmejtlek, u l-Jobsplus, imma kull min juża flus tal-Gvern jew flus pubbliċi li jagħmel xogħol ta` triq jew xogħol ta` kostruzzjoni jew xogħol li għandu x' jaqsam mal-kostruzzjoni f`dan il-każ, ikun ċert li l-liġijiet tal-health and safety naraw li jiġu attwati kif suppost. U dan huwa azzjoni li qed nieħdu bħalissa.***

**Perit Xuereb kien domandat dwar il-website tal-OHSA.**

**Xehed hekk fir-rigward :-**

***Il-website ta` l-OHSA kienet down sa jidherli xi sena. Kienet ta` l-iskantament u tal-mistħija li l-OHSA ma kellhiex website. Issa l-website ta` l-OHSA hija pin running, u għandhom numru ta` ineżattezzi u żbalji.***

**Dwar ir-regolamenti li jidhru fil-website, stqarr :-**

***Le mhux aggornata. Dan huwa proprju l-punt li qed ngħidlek. Per eżempju jiena konxju tal-fatt illi peress li l-OHSA m' għandhiex IT person tiddependi mill-MITA u min-nies oħrajn, dawn huma ftit mill-kumplikazzjonijiet tar-riżorsi ta` l-OHSA, waħda minnhom. Mhux skużabbli ; però l-verità dik hija, li qed inkun onest magħkom. Tirrealizza li per eżempju l-financial statements ta` 2022, ir-rapport ta` l-attività ta` l-OHSA ta` 2022 għadu mhux uploaded fuq il-website. Issa jiena għandi kopja tagħha għax ġiet printjata u ġiet ippreżentata fuq il-mejda tal-Kamra, u ġiet approvata millPparlament, u dan kollu sar fil-ħin, u mhux problema. Imma kif qed tgħid inti meta tidħol fuq il-website dik id-data għal raġunijiet li spjegajtlek ma hijiex hemm.***

**Perit Xuereb kompla jiġi mistoqsi dwar l-ispezzjonijiet fil-postijiet tax-xogħol. Xehed illi jsiru madwar 4000 spezzjoni fi-sena. Fl-2022 kien hemm 4400 spezzjoni. Iddeskriva l-għadd bħala *a drop in the ocean* (kliem testwali tax-xhud) komparat ma` dak li tista` tagħmel l-industrija. In linea ġenerali, spezzjoni tiskatta jew wara rapport li jsir mill-pubbliku jew inkella minn xi talba li ssir mis-*supervisor* innifsu, billi hemm *supervisors* serji li mhux biss jagħmlu xogħolhom, imma**

**meta jaraw illi għandhom bżonn ikunu iktar iebsin mal-klijenti tagħhom iċemplu lill-OHSA biex tmur u tara.**

**Kompla jfisser illi l-OHSA tirċievi avviż mingħand il-*competent person* 30 ġurnata qabel ma jibda x-xogħol fejn in-nies responsabbli jiġu ndikati lill-OHSA. Jekk l-OHSA ma tirċievi ebda avviż, lanqas tkun taf li beda x-xogħol. Ir-risorsi tal-OHSA huma limitati sabiex ikollha kontroll fuq kullimkien sabiex tkopri dawk il-postijiet li ma tkunx ġiet avżata bihom. Biex tikkompara ma` barra, l-OHSA għandha terz tal-għadd ta` spetturi li għandha bżonn.**

**Fil-każ tal-inċident ta` Jean Paul Sofia, Perit Xuereb stqarr illi l-OHSA ma kenitx notifikata bil-bidu tal-kostruzzjoni tas-sit.**

**Kien mistoqsi jekk qattx kien ikkunsidrat li l-ispetturi tal-BCA u tal-OHSA jiġu amalgamati. Wieġeb fl-affermattiv però ried jagħmel *caveat* għal din it-tweġiba. Waqt li l-BCA hija kollha kemm hija konċentrata fis-settur tal-kostruzzjoni, l-OHSA għandha obbligi u responsabbiltajiet li huma aktar wesgħin. Qal illi *kieku jkunu organizzati sew l-affarijiet naħseb li l-abilità li bir-riżorsi limitati li għandu kulħadd mingħajr duplikazzjoni ta` efforts li jsir minn kulħadd, jista` jsir proprju din il-ħaġa, naħseb li hija importanti* (kliem testwali tax-xhud).**

**Kien mistoqsi jekk waqt li tkun qegħda ssir spezzjoni u tinġabar data li tista` tkun ta` interess għal entitajiet oħra pubbliċi bħall-PA, BCA u JobsPlus id-data tigix *shared* magħhom, Perit Xuereb wieġeb hekk :-**

***Ma nafx nirrispondik … Però mistoqsija tajba, u to be honest I will ask it.***

**Saħaq li l-kuntrattur li joqgħod mal-obbligi tiegħu għandu jiġi ppremjat. Min jikser l-obbligi tiegħu mhux biss għandu jkun *named* u *shamed* imma għandu jirriskja ħafna mhux biss ir-reputazzjoni iżda anke l-abilità li jopera band`ohra.**

**Kompla jisħaq :-**

***Jekk dik l-informazzjoni, dik l-intelligence ma tigix ixxerjata anke tramite din il-kollaborazzjoni li tkellimna fuqha li bdejniha proprju issa, għandna ċans li nibdew naraw nies li joqogħdu jaħsbuha tliet darbiet qabel ma jagħmlu l-ħmerijiet li kultant naraw.* (kliem testwali tax-xhud)**

**Reġa` kien mistoqsi dwar il-*business plan.***

**Insista li l-*business plan* għandu jagħmel differenza għall-aħjar. Għat-twettieq tiegħu jirrikjedi żieda ta` €3 miljun fil-*budget* mifrux fuq 3 snin.**

**Kien mistoqsi jekk huwiex tassew li l-budget tal-OHSA żdied biss b`€100,000 tenut kont fil-*budget document* ta` l-2023 fejn jidher *actual expenditure* ta` l-OHSA għall-2021, *approved estimate* ta` l-2022 u l-*estimate* tal-2023.**

**Wieġeb :**

***Iva sewwa qed tgħid.* … *li kieku kieku kellna l-flus, kienu tawni l-flus, kienx jirnexxielna ningaġġaw ir-riżorsi li l-OHSA għandha bżonn biex teżegwixxi* … (kliem testwali tax-xhud)**

**Kompla jixhed illi l-*budget request* li l-Kap Eżekuttiv ressaq lill-Ministeru tal-Finanzi kien approvat mill-Bord tal-OHSA. Il-*budget request* tagħmel parti mill-*business plan*.**

**Perit Xuereb kien mistoqsi dwar il-formola li trid tintbagħat lill-OHSA dwar il-bidu tax-xogħol.**

**Ippreċiża li fil-każ ta` proġetti "żgħar" u allura – skont ix-xhud - b`riskji żgħar - cioè dawk li jinvolvu inqas minn 30 ġurnata xogħol, ikunu jimpjegaw inqas minn 20 persuna, jew inkella jieħdu inqas minn 500 *man days* in-notifika mhijiex rikjesta.**

**Kompla jippreċiża li l-*strategic plan 2022 – 2027* li jidher fil-website tal-OHSA, u li sar qabel hu kien maħtur Chairman, mhuwiex il-*business plan* li semma aktar kmieni fix-xiehda tiegħu. Fil-fatt fl-*strategic plan* jingħad li kellu jsir *business plan* li fir-realtà huwa t-twettieq fattwali tal-*strategic plan.***

**Saret referenza lix-xhud għal pagna 15 tal-*strategic plan* li tgħid :-**

***a summary analysis of the available data concerning national fatal accidents at work highlights two important issues ; between 2002 and 2020 out of 107 fatal accidents at work recorded and investigated by OHSA, 65, that is sixty one per cent (61%) of all accidents, happened in the construction industry. With 25 of these fatalities involving foreign workers (38% of construction fatalities and 23% of all accidents). This data confirms that whereas construction sector is associated with disproportionately higher risks, foreign workers especially those in construction are associated with disproportionately higher fatality rates. Thus both the construction sector as well as foreign workers need to continue receiving attention from OHSA in the coming years.***

**Kien mistoqsi x`azzjoni ttieħdet mill-OHSA.**

**Ir-risposta kienet elenku ta` diffikultajiet speċjalment fejn si tratta tat-taħriġ tat-TCNs u r-responsabilità tad-*duty holders.***

**Din ġabet magħha domanda oħra dwar x`qed tagħmel l-OHSA sabiex tħares lill-ħaddiema direttament.**

**Ir-risposta kienet din :-**

***L-OHSA hi regolatur ; ma hijiex duty holder fuq is-sit ta` kostruzzjoni. Nagħmlu distinzjoni. Jiġifieri għalhekk, u għedtilkom, biex nispjegalkom l-erbat elef u erba' mitt (4400) spezzjoni li l-OHSA tista` tagħmel bin-nies li għandha, u jalla jittriplikaw kif għedtilkom,***

***jittriplikaw, erbat elef isiru tnax-il elf; ir-realtà hija illi almenu bid-duty holders li għandna fuq il-lista ta` l-OHSA, hemm mija u tletin (130) minnhom, apparti dawk li mhux qegħdin fuq il-lista li huma l-periti u l-inġiniera u … supervisors li ppreferew li ma jkunux fuq dik il-lista, ok ?, jekk tagħmel sempliċiment multiplikazzjoni ta` five visits a day u mitejn – mitejn u għoxrin ġurnata xogħol fis-sena, dawk jiġuk mal-mija u ħamsin (150) spezzjoni.***

***Issa mhux l-ispezzjoni li jgħodd ; l-azzjoni. Jiġifieri l-azzjonijiet fejn huma ? Again, mhux qed inkun tekniku u lanqas jiena tekniku; imma jiena naf illi l-azzjonijiet huma l-health and safety plans li jagħmlu dawk id-duty holders, ir-risk assessment li jagħmlu dawk id-duty holders; u x`hemm miktub f`dawk ir-risk assessments huwa sagrosant mid-duty holders. U l-iktar importanti meta inti tagħmel risk assessment u bħalma tafu jkunu bil-kuluri, aħdar, oranġjo jew aħmar, jekk għandek xi numru minnhom li huma ħomor u jirrepetu ruħhom xi ħaġa trid tagħmel. Jekk ma tagħmel xejn jista` jkollok kull regolatur jagħmillek liġijiet ta` l-aqwa livell u ma jaqbdux dawn. Jiġifieri għalhekk qed nitkellem fuq duty holders bħala responsabbiltà.***

**Kien mistoqsi wkoll dwar kif jista` jittejjeb l-għarfien tal-pubbliku dwar materji ta` OHS.**

**It-tweġiba ta` Perit Xuereb kienet din :-**

**…** ***jekk tara r-riżorsi ta` communications MPR ta` l-OHSA hija fqira ħafna. Jiġifieri qed inkun onest miegħek.***

**Dwar il-BICC, fisser li l-OHSA għandha lil Silvio Farrugia bħala membru li jirrappreżentaha.**

**Dwar reklutament ta` persuni li jistgħu jservu bħala spetturi, Perit Xuereb aċċetta li apparti l-kwistjoni tal-kompetenza akkademika u tat-taħriġ hemm problema reali ta` kemm hemm nies lesti li jidħlu għal dan l-impenn.**

**Fil-kuntest ta` konflitt ta` interess potenzjali bil-fatt li huwa membru tal-BCA kif ukoll Chairman tal-OHSA, Perit Xuereb kien mistoqsi jekk meta fil-BCA tkun qegħda tiġi kkunsidrata t-teknika u l-kwalità fil-kostruzzjoni jkunu kkunsidrati s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.**

**Wieġeb hekk :-**

***Ir-risposta hija iva, però r-responsabbiltà ta` l-azzjonijiet fuq saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol tispetta l-OHSA. Ha intik eżempju jekk ma jimpurtax. Mela bħalma tafu ovvjament hemm drive kbira biex ikun hemm l-iskill cards … għal kull min jaħdem fuq il-post tax- xogħol. L-iskill cards tirrikjedi żewġ tip ta` kompetenzi. Waħda minnhom hija a basic understanding ta` health and safety, u l-oħra hija a certainly good understanding of … skill … li inti jrid ikollok biex tagħmel dak ix-xogħol li inti mqabbad biex tagħmel. Ma jfissirx li għax għandek l-iskill card tal-BCA with a basic understanding of health and safety tagħmlek espert tal-health and safety u tagħmlek persuna li tista` tkun supervisor fuq il-construction site. Dik id-differenza …***

**Dwar ħruġ ta` sejħiet għall-impieg ta` spetturi kemm ilu Chairman tal-OHSA Perit Xuereb xehed hekk :-**

**…** ***Fil-bidu ta` 2022 …. ħriġna calls, applikaw naf bihom 5 ; u by the time li stajna ningaġġaw 3 minnhom kienu ga sabu xogħol x' mkien ieħor.***

**e) <u>Tabib Dr. Mark Gauci</u>**
**<u>Kap Eżekuttiv - OHSA</u>**

**Xehed darbtejn.**

**<u>Meta xehed l-ewwel darba</u>, Dr Gauci beda b`din il-premessa :**

***… ċertu affarijiet li nkun qed ngħid jista` jkun li jinstemgħu insensittivi jew distakkati mill-umanità. M' hemm l-ebda intenzjoni li noffendi lil xi ħadd, però nagħmel hekk biex fl-interess tal-oġġettivita u ta` rigorożità xjentifika.***

**Stqarr illi ilu nvolut fis-settur tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol għal dawn l-aħħar 35 sena. Għal aktar minn 20 sena minnhom, u cioè wara l-2001, CEO tal-OHSA, però f`inqas minn xagħrejn jirtira. Qal li ma jafx min se jkun il-Kap Eżekuttiv il-ġdid.**

**Mistoqsi jekk huwiex se jirtira seren, Dr Gauci wieġeb :**

***Iva jiena minn dejjem ħdimt u aġixxejt b`mod integru, u dejjem tajt dak li fl-opinjoni tiegħi ikun l-aqwa parir fiċ-ċirkustanzi. Jiena qatt ma kont motivat, per eżempju waħda mill-problemi li għandna hawn Malta hija l-politika. Jiena qatt ma tajt l-ebda parir b`motivazzjoni politika jew inkella b`motivazzjoni li tkun kontra l-aħjar interessi ta` saħħa u sigurtà. U allura naf u konvint, u għandi l-kuxjenza safja li dejjem aġixxejt b`mod korrett f`kull ċirkostanza. M' inhiex ngħid li m`inhix … jien uman, u li qatt ma ħadt żbalji jew ma ghamiltx żbalji fil-karriera tiegħi. Però l-iżbalji ma kinux intenzjonati, u meta ndunajt li kien hemm żball irretifikajt is-sitwazzjoni minn l-ewwel.***

**Xehed illi għas-settur tal-bini u kostruzzjoni, hemm regolamenti speċifiċi u cioè dawk tal-2018 però għas-settur jgħoddu wkoll regolamenti oħrajn li huma komuni u applikabbli anke għal setturi oħra. Huma kollha regolamenti li huma fis-seħħ bis-saħħa tal-OHSA Act 2000 (Kap 424 tal-Liġijiet ta` Malta) ["Kap 424"].**

**Stqarr illi l-OHSA m`għandha l-ebda responsabbiltà legali jew teknika f`materji ta` *public safety*, fil-protezzjoni ta` terzi waqt xogħol li jkun qed isir. M`għandna l-ebda kompetenza biex tintervjeni dwar emissjonijiet ambjentali. M`għandhiex kompetenza teknika u legali biex taġixxi fir-rigward ta` strutturi ta` bini. L-uffiċjali ta` l-OHSA mhumiex kompetenti biex jindunaw, għaliex mhux ittrenjati, u mhux il-kompetenza tagħhom li jaraw jekk bini huwiex mibni safe jew le. Dik hija responsabbiltà ta` entitajiet oħra skont liġijiet oħra, iżda mhux il-Kap 424.**

**Dr Gauci fisser li l-Awtorità taħdem qrib ma` entitajiet pubbliċi oħra biex l-ebda qasam ma jibqa`**

barra mill-proċess ta` kontroll u regolamentazzjoni. Ħaġa li tissemma` spiss hija l-kwistjoni ta` ħaddiema mpjegati llegalment. Jekk issir analiżi ta` l-istatistika għandu jirriżulta li persentaġġ għoli ta` persuni li jmutu fuq ix-xogħol huma ħaddiema barranin. Koxjenti ta` dan l-OHSA tindirizza ħidma partikolari min-naħa tagħha mal-komunitajiet barranin u tintervjeni ma` JobsPlus dwar *sharing of information*. Dan isir billi fuq is-sit l-uffiċjali tal-Awtorità jiksbu kemm jista` jkun tagħrif dwar il-ħaddiema li jsibu, javżaw lil JobsPlus li min-naħa tagħhom jagħmlu verifika ta` jekk il-persuni koncernati humiex reġistrati jew le. Min ma jkunx jittieħdu proċeduri mill-pulizija.

Għal dak li huwa nfurzar, ix-xhud fisser li l-OHSA tkopri l-postijiet tax-xogħol u l-*work stations* kollha, inkluż il-postijiet fejn ikun qed isir bini. Fil-preżent hemm 13-il spettur għall-pajjiż kollu. Bħala gerarkija, il-*manager* responsabbli huwa Charles Micallef. Hemm *head of operations* li għandu *oversight* tal-ispettorat u huwa nvolut ukoll fil-kawżi quddiem il-qorti.

Stqarr illi l-OHSA ilha titlob żieda fir-riżorsi nkluż fl-infurzar. Tajjeb li dan jingħad għaliex il-funzjonijiet tal-OHSA mhux limitati għall-infurzar. Fil-fatt għandha 12-il funzjoni assenjata lilha mil-liġi. Talbu budget aktar konsistenti milli fil-fatt kien allokat lilhom.

Dwar l-ingaġġ tan-nies, Dr Gauci kien ċar fis-sens li l-propost ingaġġ mill-OHSA ma kienx approvat mill-Finanzi. Fisser li l-OHS huwa settur fejn hemm problema sabiex tattira nies biex iservu ta`spetturi. Kompetenza waħedha mhux biżżejjed. Jeħtieġ it-taħriġ għaliex is-settur tas-saħħa u sigurtà huwa speċjalizzat ħafna. Biex sar il-kors għal diploma l-Università kellha tkun il-

**Kummissjoni għall-Promozzjoni għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol fl-1997 li kienet il-prekursur tal-OHSA li min-naħa tagħha kompliet timbotta `l quddiem. Kompetenza, taħriġ u kif ukoll kuraġġ li taffronta n-nies fuq il-postijiet tax-xogħol u tenforza l-liġijiet. L-ispetturi ta` spiss ikollhom jiffaccjaw agressivita` u theddid u saħansitra rapporti lill-Ministri sempliċement għaliex jagħmlu xogħolhom.**

**Kompla jgħid :-**

***Meta bdejna kienet illi jekk nantiċipaw li hemm problema nieħdu pulizija magħna, però llum, il-mod ta` kif jitħaddmu l-affarijiet …. jmorru tnejn min-nies … tnaqqas ir-riskju ta` korruzzjoni. Jekk inti għandek tnejn, diffiċli iktar li xxaħħam lil tnejn milli ixxaħħam wieħed waħdu. Fortunatament ma kellniex dawn it-tip ta` sitwazzjonijiet. Però li inti għandek tnejn tagħmel kuraġġ b` xulxin; u allura jmorru żewġ uffiċjali … Meta qegħdin ngħidu li għandna 13-il uffiċjali, fil-maġġoranza tal-każijiet imorru tnejn. Sibt ħafna reżistenza biex indaħħal dik il-miżura però biż-żmien ġiet aċċettata. U llum, anki minħabba r-realtajiet mhux biss hawn Malta imma fl- Ewropa per eżempju, fl-evalwazzjoni ta` l-OHSA mill-Kummissjoni Ewropea dik ġiet rikonoxxuta bħala eżempju ta` prattika tajba.***

**Fisser li jekk iż-żewġ uffiċjali jsibu reżistenza, jew isibu xi ħadd li ħa jipprova jhedded, jew xi ħadd li ħa jipprova jaħrab mill-post, jew jirrifjuta li jagħti l-*particulars*, hemm jitolbu l-assistenza tal-pulizija. Ftit kienu l-każi ta` din ix-xorta. Tul dawn l-aħħar 5 snin kien hemm inqas minn 10 każi fejn talbu l-assistenza tal-pulizija.**

**Kompla jgħid li għal dak li huwa ġbir ta` statistika ta` inċidenti u mard industrijali, Dr Gauci qal illi Malta l-ġbir tagħha jiddependi fuq it-talbiet għal benefiċċji soċjali. Hekk kienet is-sitwazzjoni minn dejjem u hekk għadha sal-lum. Fisser ir-raġuni għala s-sitwazzjoni baqgħet hekk :-**

***m`hemmx il-ħsieb li titbiddel, għaliex dik hija s-sistema użata fil-maġġoranza ta` l-Ewropa, u fiha l-benefiċċji … Għaliex inti eliminajt l-obbligu ta` dual reporting. Sa ftit taż-żmien ilu kellek l-obbligu ta` employer li jinnotifika lill-OHSA, u huwa l-entitlement tal-ħaddiem li jinnotifika lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. L-obbligu li jirrapporta l- employer għadu jeżisti però huwa limitat għal dawk l- inċidenti li jwasslu għal iktar minn erbat (4) ijiem ta` sick leave jew osservazzjoni fl-isptar jew iktar. Aħna fil-każ tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali niġbru … l-istatistika kollha anki inċident li jwassal għal ġurnata sick leave. Li dan huwa differenti mill-bqija tal-Unjoni Ewropea.***

**Dwar l-għadd tal-inċidenti, Dr Gauci rrimarka hekk :-**

***… hawn ħafna misunderstandings ta` kif nanalizzaw l-istatistika … meta tisma` ħafna l-inċidenti li qed jiżdiedu. Mhu veru xejn … L-inċidenti qegħdin jonqsu … għandek xejra persistenti. L-uniku ħaġa li wieħed jista` jinnota li hija negattiva hija illi hawn Malta qegħdin nilħqu dak li nistgħu nsejħulu bħala plateau. Dak huwa fenomenu ta` statistika li ġie rreġistrat f`pajjiżi oħrajn, però d-differenza hija li hawn Malta aħna lħaqnieh f`20 sena. Pajjiżi oħrajn kellhom il-lussu ta` ħafna u ħafna snin biex waslu għal dak il-plateau …***

**Kien mistoqsi :**

***… inti qed tgħid illi għalkemm in-numru ta` nies jaħdmu żdied, kemm l-uffiċjali, kemm mhux uffiċjali, … in-numru ta` l-inċidenti in proporzjon naqas ?***

**Dr Gauci wieġeb :-**

***… f`dak li għandu x`jaqsam ma` korrimenti fuq ix-xogħol in-numru naqas.***

**Kompla jixhed illi għal dawk li huma mwiet, l-istatistika turi li l-għadd baqa' bejn wieħed u ieħor l-istess. Però n-numru ma jfisser xejn. Fil-każ ta` Malta, in-numri huma żgħar. Malta għandha medja ta` 4 fatalitajiet fis-sena. L-Italja għandha 700 fis-sena. Stqarr illi ż-żieda żgħira fl-imwiet f`Malta li kien hemm matul dawn l-aħħar 3 snin trid taraha fil-kuntest taż-żieda fin-numru ta` ħaddiema li jkunu qegħdin jaħdmu. In-numru ta` ħaddiema li kellna s-sena li għaddiet m`għandu x`jaqsam xejn man-numru ta` ħaddiema li kienu qegħdin jaħdmu meta bdiet l-OHSA li kien ta` 148,000. Is-sena li għaddiet kien hemm 280,000.**

**Qal illi l-akbar numru ta` fatalijiet f`Malta kien fil-qasam tal-bini u kostruzzjoni. Fl-UE huwa s-settur li l-aktar huwa assoċjat ma` inċidenti. Ir-rata ta` inċidenti li jseħħu fis-settur huwa ta` bejn il-25% u t-30%. Hawn Malta 62% ta` l-inċidenti fatali jseħħu fil-kostruzzjoni.**

**Kien mistoqsi hekk :-**

***… jekk inti sa tgħid … we are within the norm li inti jkollok dawn in-numru ta` inċidenti, ma taħsibx li tkun qed tibgħat messaġġ, ma ngħidlux perikoluż, imma antipatiku, illi min hu cowboy jibqa` jagħmilha ta` cowboy?***

**It-tweġiba kienet :-**

***… Għandek raġun mija fil-mija u qed nifhem eżattament x'inti tgħid. Però jien qed nitkellem minn l-aspett xjentifiku.***

**Kienu moqrija lix-xhud it-3 u r-4 paragrafi tat-termini ta` referenza tal-inkjesta pubblika. Saret enfasi max-xhud dwar il-ħtieġa li jkun ċar mhux biss fir-risposti li jagħti imma wkoll dwar kif jispjega l-hidma tal-OHSA.**

**Riferibbilment għall-inkjesta maġisterjali li saret wara l-mewt ta` Jean Paul Sofia, xehed illi saret talba lill-maġistrat inkwirenti (kif sar f`okkażjonijiet oħra) sabiex rappreżentanti tal-OHSA jkunu preżenti waqt is-smigħ tax-xhieda fl-inkjesta. It-talba kienet michuda.**

**Skont Dr Gauci, il-mewt ta` Jean Paul Sofia kienet diskussa diversi drabi fil-bord tal-OHSA għalkemm b`mod ristrett billi l-bord mhuwiex eżekuttiv u kien hemm investigazzjonijiet għaddejjin.**

**Stqarr li għall-OHSA l-inċident tal-mewt ta` Jean Paul Sofia *ma huwiex distint jew differenti mill-fatalitajiet l-oħra li jkunu qegħdin iseħħu*. (kliem testwali tax-xhud)**

**Sostna li l-OHSA hi proattiva. Meta bdew isibu li fl-inċidenti kienu qegħdin jiżdied l-involvimenti ta` ħaddiema barranin, l-OHSA nieda serje ta` inizjattivi ndirizzati propju lejn dawn il-ħaddiema. Inoltre naqas in-numru ta` persuni li lesti jmorru għal kwalifika universitarja u l-kwalifika sservihom biex ikunu *project supervisors* kompetenti. Ir-raġuni għal dan kien il-fatt li dik li qabel kienet id-Diploma fl-OHS kienet elevata għal Baċellerat bil-konsegwenza li ma baqgħetx tattira studenti bħal qabel. Għalhekk bdew jitkellmu mal-MCAST imma sal-lum għad ma hemm xejn konkret jew *in place* mal-MCAST.**

**Dwar bdil fil-liġijiet, Dr Gauci stqarr illi dan huwa proċess kontinwu. In partikolari fil-każ tas-settur tal-kostruzzjoni, fl-2022 sar abbozz li ħareġ għall-konsultazzjoni u saru diskussjonijiet mal-korpi kostitwiti. Fil-fatt waslu għal abbozz aġġjornat finali li se jkun ippubblikat dalwaqt. Irrimarka li anke Kap 424 jeħtieġ revizjoni mill-qiegħ. Għalkemm jaħseb anke għall-kundanna ta` priġunerija fil-każ ta` sejbien ta` ħtija, l-impożizzjoni tal-priġunerija hija rari. Ir-riforma prospettata tmur oltre dak li jirriżulta mill-*White Paper* li kienet ippubblikata. Bdil fl-Att ilu s-snin jiġi ventilat ma` Ministri differenti *però qatt ħadd ma wera interess* (kliem testwali tax-xhud) Kien biss il-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi l-uniku li wera disponibilita` ċara li jmur għal riforma tant li nkarika *law firm biex toħroġ b`kunċetti ġodda wkoll* (kliem testwali tax-xhud).**

**Fisser li l-OHSA m`għandhiex bżonn teknikament tibdil. Qatt ma kien hemm problemi, la ta` governanza, la ta` kif jitmexxew l-affarijiet. Minn dawn it-tip ta` problemi qatt ma kien hemm. Fl-istess waqt il-governanza ġġib magħha trasparenza. Għalhekk qiegħed jiġi kontemplat Bord ta` Governanza li se jrid ikun indipendenti mill-Eżekuttiv. Kif ukoll jingħata rwol aktar sostanzjali lill-imsieħba soċjali, u fl-istess waqt ikun indirizzat dak li hu jqis konflitt ta` interess minħabba l-presenza tal-imsieħba soċjali fil-bord tal-OHSA. Saħaq li l-OHSA ma ħarset lejn wiċċ ħadd meta ħadet diretturi tagħha stess il-qorti. Ir-rwol tal-imsieħba soċjali għandu jkun ristrutturat u differenti minn dak attwali fis-sens li għandu jkollhom kompitu preċiż li jippromwovu s-saħħa u s-sigurtà fost il-membri tagħhom, u li jkunu direttament involuti fil-proċess ta` tfassil ta` policies. B`izjed governanza tnaqqas kull possibilita` ta` konflitt ta` interess. Ikkonferma li l-abbozz ta` liġi għadu ma kienx preżentat quddiem il-Parlament.**

**Dwar l-istatistika tal-imwiet fuq ix-xogħol, stqarr illi għall-preċiżjoni u korrettezza ta` apprezzament wieħed għandu jitkellem dwar *trends* fuq medda ta` snin. Fl-2004, fis-settur tal-kostruzzjoni, l-imwiet kienu 9 waqt li fl-2022 dawn kienu 8. Ma tistax titkellem dwar numri *in isolation*.**

**Ix-xhud kien mistoqsi dwar traċċjabbilita` ta` ħaddiema barranin li jkunu qegħdin jaħdmu llegalment. Sostna li dawn huma problema speċjalment fl-istadju tal-investigazzjoni u aktar minn hekk jekk il-każ imur il-qorti. Saħaq li s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem għandha titħares dejjem indipendentement jekk il-persuna tkun qed taħdem legalment inkella le. L-OHSA taħdem fil-qrib**

**ma` JobsPlus, mad-DIER u mal-Pulizija biex tara li l-ħaddiema rregolari jkunu protetti.**

**Saret referenza għal li xehed iċ-Chairman tal-OHSA dwar l-IT tal-Awtorità. Min-naħa tiegħu Dr Gauci kkontesta dak li xehed Perit Xuereb billi qal li fil-fatt l-OHSA għandha persuna li hija IT *administrator* li tieħu ħsieb il-ħin kollu taġġjorna l-informazzjoni. Ċaħad li riċentement kellhom problemi bil-website tal-Awtorità. Il-problemi kienu fil-passat fi żmien il-pandemija tal-Covid 19. Ċaħad li fl-2022 kellhom il-problemi. Kliem ix-xhud kien : *mhu veru xejn … jiena m' inhiex responsabbli x'qal il-Perit Xuereb.***

**Dr Gauci ppreżenta dokumenti.**

**<u>Meta xehed it-tieni darba</u>, Dr Gauci ppreżenta dokumenti.**

**Dwar l-istatistika tal-korrimenti, stqarr illi l-informazzjoni hija dik tan-NSO minn tagħrif li jibgħat id-DSS.**

**Dwar l-ispetturi li jagħmlu l-infurzar, xehed li l-għadd tagħhom huwa ta` 13 u ppreżenta lista kompleta tal-ismijiet.**

**Dr Gauci kien mistoqsi mill-Bord :**

***Din l-ġimgħa deher editorjal tal-Malta Independent fuq id-diverġenzi fix-xiehda tiegħek, ma` taċ-Chairman***

***tal-OHSA. L-ewwelnett qrajtu dak ? Rajtu dak ? Rajtu. Mela jekk rajtu mhux x'tikkummenta rrid inkun naf, it-tliet punti li ħarġu … fejn hemm din id-diverġenza ċara ħafna fil-fehma tiegħi jiġifieri l-editorjal kien leali ħafna għax aħna smajniha ħafna oħrajn, x'għandek xi tgħid int mill-punto di vista tiegħek biex l-audi alteram partem ikunu smajnieh kollu. X'għandek xi tgħid inti ?***

**Dr Gauci wieġeb :**

***Mela fir-rigward tal-uffiċjali għadni, dalgħodu għadni kif tajt il-lista bl-ismijiet tal-uffiċjali li fil-fatt uffiċjali li jagħmlu xogħol ta` spezzjonijiet b`mod regolari huwa ta` 13 jiġifieri jien kont korrett anki fix-xhieda li tgħid is-seduta ta` qabel. Ic-Chairperson kif spjegajt id-darba l-oħra ma kontx f`moħħ iċ-Chairperson però jista` jkun li kien qed jinkludi lil xi ħadd ukoll li huwa appuntat bħala Health and Safety Officer skont il-liġi imma li fil-fatt m'huwiex involut fl-ispezzjonijiet. Jista` jkun li qiegħed jirreferi per eżempju għal Head Technical Operations li għalkemm huwa appuntat bħala Health and Safety Officer.***

**.....**

***Dik l-ewwel waħda. It-tieni waħda saret referenza għall-websajt u l-involviment tal-MITA u fil-fatt irċevejt email ta` kjarifika mingħand is-CEO tal-MITA li jekk nista` nħalliha hawnhekk. Fejn dan qed jgħid illi il-websajt tal-OHSA it's not hosted by MITA jiġifieri jekk kien hemm xi problema, jekk, għax issa nispjega kif ma kienx hemm, il-MITA mhix responsabbli għalihom. It-tieni nett, hu ddikjara illi minkejja illi it is not hosted mill-MITA, il-MITA jagħmlu jimmoniterjaw il-websites inkluż tal-OHSA u fil-fatt iddikjara illi il-websajt tal-OHSA has experience no prolonged long***

***times since the time that the OHSA websajt was launched …***

**Dwar l-istatistika ta` korrimenti fuq ix-xogħol in relazzjoni mal-*claims* li jsiru lid-DSS, Dr Gauci fisser illi s-sistema li hija użata Malta, bħal bosta pajjiżi oħra, tiddependi fuq is-sistema ta` l-insurance tas-sigurtà soċjali fejn isiru talbiet għal benefiċċji/kumpens għal inċidenti fuq ix-xogħol. Hemm pajjiżi oħra fejn minħabba l-assikurazzjonijiet privati s-sistema hija diversa. Huwa fatt rikonoxxut illi jista` jkollok numru ta` każi li ma jidħlux fl-istatistika uffiċjali però meta tkun qed tagħmel analiżi bilfors trid tagħmel ċertu *assumptions* fis-sens illi numru kbir ta` każi huma rappurtati.**

**Dr Gauci kien mistoqsi mill-Bord :**

***…. jekk ikollok near miss jew dangerous occurrence kif igħidu l-Inglizi fil-liġijiet tagħhom … ma jkunx hemm dmir ta` rapportaġġ f`dak il-każ ?***

**Ir-risposta kienet :-**

***Le imkien ma hemm.***

**Il-Bord kompla jistaqsi :**

***Lanqas fis-sistema Britannika ma għadha jiġifieri din ?***

**Wieġeb :**

***Near misses ... anke skont il-liġi tagħna għandhom ikunu investigati mid-duty holder li huwa l-employer però m'hemm l-ebda obbligu tar-rappurtaġġ lill-ispettorat.***

**Il-Bord :**

*Sewwa jiġifieri tibqa' ?*

**Xhud :**

***Jinvestiga u jieħu l-miżuri biex jara illi s-sitwazzjonijiet li wasslu għal dik il-near miss ma jerġgħux jiġru ... Irid jagħmilha min iħaddem.***

**Kompla :**

***.... ikun hemm employers li jinnotifikaw lill-OHSA mingħajr ma għandhom dak l-obbligu legali u jkollok ukoll diversi każijiet rappurtati fil-media jew inkella jekk isir rapport minn xi ħadd li jkun għaddej barra triq ra inċident eċċetra u jinnotifikaw, jirrappurtaw lill-OHSA. F` dawk it-tip ta` sitwazzjonijiet speċjalment meta near miss seta` kellu l-potenzjal li jħalli konsegwenzi.***

**Dr. Gauci kien mistqosi dwar il-*competent persons*. Huwa xehed illi fil-kostruzzjoni huwa l-klijent li jagħti l-inkariku lill-*competent person.* Huwa dan li obbligat jirrapporta lill-klijent. Rinfaċċjat bil-possibilita` ta` konflitt ta` interess, wieġeb :-**

***Jinforma lill-klijent bin-nuqqas teknikament, teknikament lanqas għandu għalfejn jirrapporta għaliex skont il-liġi il-proġett supervisor huwa dak il-persuna li hu obbligat li jara li jkunu jridu jittieħdu. Issa kif titħaddem is-sistema hawn Malta u din is-sistema illi tista` ssir b`mod aħjar dawn qegħdin jirrapportaw lill-klijent u qegħdin jistennew lill-klijent li jagħmel xi ħaġa.***

**Fisser li skont il-liġi, il-*project supervisor* huwa persuna li jagixxi għan-nom tal-klijent. Il-*health and safety officer* huwa persuna oħra differenti mill-ewwel waħda u tkun impjegata mill-klijent. Kompla jispjega fuq il-lant ta` proġett ta` kostruzzjoni jkun hemm is-*site technical officer* ("<u>STO</u>") il-*competent person* u l-*health and safety officer.***

**Dwar il-BCA, Dr Gauci stqarr li l-OHSA għandha relazzjoni tajba ħafna f`dak li għandu x`jaqsam ma` *sharing of information*. Bejn iż-żewġ awtoritajiet, hemm bejniethom *memorandum of understanding* biex isiru *joint inspections*. Fil-fatt dawn isiru b`mod regolari għalkemm għal 3/4 xhur kienu sospiżi għal 3/4 xhur minħabba azzjoni industrijali.**

**Fir-rigward tal-*commencement notices,* fisser illi mal-PA kien hemm insistenza li meta joħroġ permess għall-bini ikun hemm referenza għall-obbligi kontemplati bil-Kap 424 u r-regolamenti tagħha. Għalkemm kien hemm ċerta resistenza, il-PA aċċettat dak li ngħad mill-OHSA tant li llum meta joħroġ permess tal-bini hemm lista tal-obbligi skont il-leġislazzjoni tal-OHS. In segwitu l-*website* tal-PA kienet modifikata sabiex il-*commencement notices* ikollha aċċess għalihom anke l-OHSA u b`hekk tkun taf il-*commencement notices* li jkunu qegħdin jiġu rreġistrati mal-PA.**

**Kompla jixhed illi l-OHSA m`għandhiex l-obbligu li tispezzjona kull post tax-xogħol imma trid iddaħħal sistema ta` monitoraġġ illi ddur numru ta` postijiet tax-xogħol għall-għarrieda. Irrefera għal sentenza li tat il-Qorti tal-Appell li tgħid li fil-każ ta` postijiet tax-xogħol fejn ma jkunx hemm xogħol għaddej dak il-ħin, l-uffiċjali tal-OHSA ma jkunux jistgħu jidħlu u jintervjenu. Id-diffikultà tinsab fil-fatt illi anke meta post ma jkunx jaqa` taħt ir-remit tal-BCA xorta waħda hemm potenzjal li jiġi taħt ir-radar tal-OHSA imma li kieku l-uffiċjali tal-OHSA marru *ma kinux se jindunaw għaliex mhux kompetenti b`mod tekniku li jaraw illi l-binja mhux qed tinbena kif suppost. Dik mhix kompetenza teknika tal-uffiċjali … li kieku kienet infurmata u li kieku marru l-uffiċjali tal-OHSA xorta ma kinux ser jidentifikaw li hemm problema.*  (kliem testwali tax-xhud)**

**Mistoqsi dwar x`kompetenza għandhom l-uffiċjali, Dr Gauci wieġeb hekk :-**

***Il-kompetenza hija f`dak li għandu x'jaqsam ma` l-applikabilità tal-liġijiet ta` Health and Safety. Il-liġi tal-Health and Safety ma għandna l-ebda referenza għall-iskills u kif inti tkun qed tagħmel ix-xogħol għal kwalunkwe attivita. Il-liġi tal-OHSA ma tirregolax lil tabib kif għandu jopera imma jista` jkollok inċidenti li jwasslu jekk ikollok per eżempju tabib li qed jopera b`mod negliġenti u jwassal għall-inċident. L-OHSA mhux se tinvestiga dan jekk mhux kompetenti, kif opera, eċċetera. Tinvestiga kif wassal għall-inċident u fis-settur tal-kostruzzjoni l-istess ħaġa.***

**Skont Dr Gauci, l-uffiċjali tal-OHSA huma mħarrġa biex jaraw li l-ħtiġijiet previsti mill-Kap 424 u r-regolamenti jkunu osservati.**

**Kompla jisħaq li l-OHSA mhijiex entità reattiva. Parti mix-xogħol tagħha huwa reattiv għax jiddependi minn rapporti ta` persuni nkluż il-pubbliku, il-*project supervisors* u l-media. Però l-OHSA kuljum tidentifika numru ta` postijiet skont l-informazzjoni li jkollha għall-ispezzjoni.**

**Skont Dr Gauci, hemm element qawwi ta` xogħol li huwa proattiv. Prova ta` dan huwa t-tagħrif li jirriżulta mill- *activity report* li tqiegħed l-OHSA fil-website tagħha. Qal illi l-Awtorità tagħmel ħafna xogħol ta` prevenzjoni li jsir qabel isiru l-ispezzjonijiet. Dan tagħmlu b`kampanji ta` informazzjoni saħansitra b`ilsna li fihom ħaddiema barranin isibu ruħhom komdi fihom.**

**Dwar it-tnaqqis fl-għadd ta` inċidenti, Dr Gauci xehed hekk testwalment :-**

***… ma hemm l-ebda evidenza xjentifika però jiena konvint illi hija ħafna minn dawk it-tnaqqis huwa dovut għal dawn l-azzjonijiet li tieħu l-OHSA u fil-fatt fl-analiżi li kkummissjonat l-OHSA mid-dekan tal-fakultà tax-xjenza isemmi illi l-effett tal-ħidma tal-OHSA fuq it-tnaqqis fir-rati tal-inċidenti.***

**Kompla jixhed illi meta ssir ħidma sabiex jonqsu l-inċidenti, dak huwa messaġġ pożittiv fih innifsu. Min għandu l-obbligu li jieħu l-azzjonijiet joħodhom. L-OHSA hija entità attiva anke għaliex għax qegħda tieħu n-nies il-qorti u twahhal il-multi. Saħaq li mhux minnu li l-OHSA ma tinfurzax. Il-forza ta` deterrenza tagħha qegħda hemm u tidher. Mhux biss imma tmexxi kampanji ta` tagħlim dwar l-użu tajjeb, korrett u sikur tal-apparat tax-xogħol bħala *cranes* u dan kemm lil min ihaddem kif ukoll lill-ħaddiema. L-OHSA tipparaguna tajjeb ma` spettorati oħra fl-UE speċjalment kemm**

**ittella` nies il-qorti għall-ksur tal-liġijiet ta` OHS. L-uffiċjali tal-OHSA mhux biss jimponu multi iżda anke jwaqqfu x-xogħol meta jsibu l-periklu u dan sakemm il-periklu jitneħħa. Fil-proċess l-OHSA tinvolvi lid-*duty holders* kollha nklużi l-*project supervisors*. Dr Gauci jaċċetta li l-pożizzjoni legali ta` dawn tal-aħħar tista` tkun aktar b`saħħitha, u għandha tkun indirizzata, *għaliex dawn jibżgħu illi jekk huma se jieħdu azzjoni drastika il-klijent se jitterminalhom il-kuntratt tax-xogħol* (kliem testwali tax-xhud). Il-ħsieb konkret hu li jekk il-*project supervisor* ikun qiegħed jagħmel ix-xogħol tiegħu ma jkunx jista` jitkecca, kif ukoll li jkollu s-setgħa li jwaqqaf ix-xogħol u jsir reat jekk min jingħata l-ordni jonqos li jobdi.**

**Dwar statistika ta` mwiet matul dawn l-aħħar ħames snin fil-kostruzzjoni li taf bihom l-OHSA, Dr Gauci xehed li 2018 kien hemm 4 (3 minnhom kienu barranin), fl-2019 kien hemm 3 (2 minnhom kienu barranin), fl-2020 kien hemm 3 (2 minnhom kienu barranin), fl-2021 kien hemm 9 (6 minnhom kienu barranin), fl-2022 kien hemm 8 (4 minnhom kienu barranin) u fl-2023 sat-30 ta` Gunju ma kienx hemm imwiet. In segwitu qal li 2023 miet ħaddiem barrani.**

**Fil-każ tal-ħaddiema barranin li mietu, l-investigazzjoni tinkludi x`taħriġ ikun ingħata mill-*employer* però ikollhom joqogħdu fuq dak li jgħid l-*employer.* Qal li jitkellmu wkoll mal-ħaddiema l-oħra, inkluż dwar jekk ikunux ingħataw taħriġ minn min ihaddem.**

**Dr Gauci kien sollecitat mill-Bord sabiex l-OHSA tippresta attenzjoni u ħidma partikolari min-naħa tagħha għall-ħaddiema vulnerabbli l-aktar dawk barranin.**

**Dwar l-ispezzjonijiet li jagħmlu l-uffiċjali tal-OHSA Dr Gauci kien mistoqsi :**

***… Fis-sena 2020 meta bdiet il-covid saru 4947 inspections … Is-sena li għaddiet fejn ma kienx hawn covid jew naqset ħafna saru 600 inqas inspections meta żdiedu l-inspectors.***

**Ir-risposta kienet :**

***Imma hemm raġuni. Il-għaliex fi żmien il-covid l-OHSA bħala entità attiva ħafna kienet ħarġet, kienet waħda mill-ewwel entitajiet fl-Unjoni Ewropea kollha biex ħarġet il-protokolli ta` kif għandhom jaġixxu l-uffiċjali tagħna. Fil-fatt il-protokoll li ppreparat l-OHSA vis a vis il-covi intuża bħala dokument biex ġie disseminat madwar l-ewropa kollha biex l-ispettorati kollha jimxu dwaru. U fosthom dakinhar kienet illi dawn ma jridux jew jevitaw li jkellmuh nies allura l-laqgħat allura kellhom iżjed ħin.***

**f) <u>Assistent Kummissarju tal-Pulizija</u>**
**<u>Kenneth Haber</u>**

**Ippreżenta dokumenti bi statistika li għandhom jitqiesu bħala żieda ma` t-tagħrif li kienet għaddiet lill-Bord is-Supt. Denise Miruzzi Mula. B`hekk l-istampa hija aktar sħiħa u kompleta.**

**g) <u>Supretendent tal-Pulizija</u>**
**<u>Denise Miruzzi Mula</u>**

**Xehdet li hija tmexxi l-*Principal Citations Office* ("PCO") tal-Pulizija. Waħda mis-seduti li jieħu ħsieb l-PCO hija dik tal-OHSA li kienet presjeduta mill-Maġistrat Elaine Rizzo. Xi każi sejrin jinstemgħu mill-Maġistrat Kevan Azzopardi.**

**Kompliet tgħid li l-OHSA tgħaddi c-*charges* lill-PCO. Minn Settembru 2018 sa Lulju 2023 kien hemm 526 każi appuntati. Minnhom kienu deċiżi 516. Hemm pendenti 119-il kaz. Il-*prosecutions* mhux bilfors ikunu wara inċidenti fuq il-postijiet tax-xogħol imma jinkludu spezzjonijiet li jkunu għamlu l-uffiċjali tal-OHSA fuq is-siti. Inoltre l-għadd mhux limitat għall-postijiet ta` kostruzzjoni imma huwa mifrux għall-postijiet kollha tax-xogħol.**

**h) Franklin Calleja**
**Reġistratur tal-Qrati Kriminali**

**Kien imħarrek mill-Bord sabiex jixhed dwar :**

***kemm kienu l-każi li tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-każi li kien hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati in materja ta` vjolazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet dwar saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ; minnhom kemm kienu każi ta` siti ta` kostruzzjoni, l-għadd ta` maġistrati li semgħu dawn il-każi matul l- aħħar ħames snin, u minn dawn kemm kienu d-deċiżjonijiet appellati u kif kienu deċiżi.***

**Stqarr illi bejn Jannar 2018 u Lulju 2023 kien hemm 859 każ ġdid u 758 deċiżjoni. Fl-aħħar ta` Lulju 2023 kien hemm 105 każi pendenti fis-seduta tas-Saħħa u Sigurtà quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fejn il-kompetenza hija dik ordinarja għaliex ma teċċedix is-sentejn priġunerija.**

**Qal illi proċediment jista` jitressaq quddiem qrati oħra skont kif jipproċedu l-Pulizija. Eżempju ta` dan huwa meta l-Pulizija tmexxi skont l-Art 225 tal-Kap 9 għax ikun jinvolvi omiċidju nvolontarju. Jekk ir-reat prinċipali fil-korp tal-akkuża jkun l-omiċidju nvolontarju fl-akkuża allura l-Qorti tal-Maġistrati ssir Qorti Istruttorja għaliex tkun taqbez il-kompetenza ordinarja tal-Qorti tal-Maġistrati. Dawn il-każi mhux inklużi fl-istatistika mogħtija fil-paragrafu preċedenti.**

**Kien mistoqsi kemm Maġistrati semgħu l-kawżi tal-OHSA matul dawn l-aħħar ħames snin.**

**Wieġeb li fl-2018 il-kawżi kienu jinstemgħu mill-Maġistrat (illum Imħallef) Anthony Vella. In segwitu bdew jinstemgħu mill-Maġistrat Astrid May Vella. Fl-2021 il-kawżi marru għand il-Maġistrat Elaine Rizzo. Il-kawżi li daħlu bejn is-17 ta` Mejju 2023 u t-30 ta` Settembru 2023, marru quddiem il-Maġistrat Kevan Azzopardi. Dan ifisser li kien hemm erba` Maġistrati f`temp ta` ħames snin.**

**Kien mistoqsi wkoll dwar appelli.**

**Bejn l-2018 u l-2023 kienu preżentati 29 appell li minnhom 25 kienu deċiżi waqt li 4 oħra għadhom pendenti.**

**i) <u>Karl Azzopardi</u>**

**Xehed <u>darbtejn</u>.**

**<u>Meta xehed l-ewwel darba</u>, Karl Azzopardi stqarr illi huwa gradwat fil-management u jeżerċita l-professjoni ta` Chartered Construction Project Manager. Fl-2020 kien appuntat fil-bord tal-BCA meta din kienet għadha aġenzija. Kien parti minn *working group* li kien inkarikat mill-Ministru Ian Borg sabiex iħares lejn l-operat tal-aġenzija u jagħmel rakkomandazzjonijiet bl-iskop ta` riforma. Il-*working group* lesta x-xogħol tiegħu f`Settembru/Ottubru 2020. Fis-sostanza r-rakkomandazzjonijiet lill-Ministru kienu fis-sens illi jekk l-entità kellha tibqa` aġenzija, din kellha ċertament tiġi rafforzata. Qal ukoll però li fil-fehma tagħhom l-aħjar kellu jkun illi l-aġenzija ssir awtorità li tikkonċentra mhux fuq ippjanar iżda fuq metodoloġiji u kostruzzjoni. Kien hemm bżonn ta` awtorità distinta mill-PA għaliex skont ix-xhud :**

***… L-Awtorità tal-Ippjanar hija proprja planning policy, jiġifieri fejn jidħol id-disinn urban, il-limitazzjonijiet fejn jidħlu l-height limitations, iz-zoning, jiġifieri hija iktar ħolistika, l-arkitettura u l-pjan special plans fejn jidħol policy tal-planning.***

***Mentri l-awtorità (għall-BCA) il-focus tagħha kien iktar fuq it-trasformazzjoni tal-industrija fejn jidħlu standards. Jiġifieri l-mod kif nibnu, il-materjal li jintuża, il-mod kif l-istakeholders qed jaħdmu ma` xulxin u ovvjament illi, illi is-settur ma jaqax lura imma jimxi l-quddiem ma` standards internazzjonali.***

**Qal li kien deċiż mill-Ministeru li ssir l-awtorità minflok l-aġenzija. Ir-rwol tiegħu waqaf hemm sakemm l-abbozz ta` liġi kien preżentat u approvat fil-Parlament f`April 2021.**

**Kompla jgħid illi wara li l-Ministeru għadda mingħand Dr Ian Borg għal Dr Aaron Farrugia huwa kien maħtur bħala l-ewwel Kap Eżekuttiv tal-BCA fejn dam għal ftit aktar minn sena fil-ħatra. Fil-fatt spiċċa f`Mejju 2022. Iċ-Chairperson tal-Bord (kompost minn 11-il persuna) kienet il-Perit Maria Schembri Grima.**

**Dwar iż-żmien li kemm dam hu bħala CEO tal-BCA, Azzopardi xehed illi l-awtorità kienet għadha fl-infanzja tagħha. Min-naħa tal-Ministeru kien hemm l-aspettativa li l-bord jagħmel l-istrateġija ta` l-awtorità, u fl-istess waqt jiġi `l quddiem bl-azzjonijiet li kienu meħtieġa sabiex is-settur tal-kostruzzjoni jgħaddi minn trasformazzjoni. Jgħid illi l-bord xammar il-kmiem, inħolqu *working groups* b`diversi membri tal-bord jagħmlu parti mill-*working groups* skont l-ispeċjalizzazzjoni tagħhom.**

**Dwar il-kuntatti mal-entitajiet l-oħra pubbliċi bil-għan illi jinkiseb dak li għalih saret il-liġi li biha kienet kostitwita l-BCA, Azzopardi stqarr illi kien hemm qbil fil-prinċipju li l-BCA kellha tidħol bħala *consultee* fil-proċess *at planning stage*, mhux *at commencement stage*, u prattikament tagħmel – jekk ikun il-każ – riservi għal applikazzjonijiet partikolari għal ħruġ ta` permessi, speċjalment fejn jidħol il-livell ta` kostruzzjoni, kif ukoll l-element tal-enerġija, jiġifieri il-famuż PPC.**

**Kompla jgħid illi huwa kien ċar mal-bord. Il-problemi fis-settur huma vasti. Dak li ma sarx fi 30/40 sena, kien jeħtieġ *a staggered approach* sabiex l-industrija ma tiħux xokk, però fl-istess ħin sabiex l-industrija tirrealizza li dak li qed isir kien għall-benefiċċju tagħha stess ħalli ma taqax lura.**

**Stqarr illi għall-bord it-*top priority* kienet li jinħolqu in-*National Building Codes* kif hemm f`pajjiżi oħra bħall-UK u Singapore. Il-*Codes* jirrigwardaw *cycles* differenti tal-kostruzzjoni : l-iskavar, id-*demolition*, il-bini per ser, l-ambjent, is-sostenibbiltà, l-enerġija. Kien magħżul qafas li jgħodd għal Malta.**

**Fisser li meta jsir kodiċi dan ikun maqsum fi tliet sezzjonijiet : l-ewwel parti tkun dwar in-nies kompetenti, għal dik li hija natura tax-xogħol u kwalifiki ; it-tieni parti tittratta l-*Construction Regulations* ; waqt li t-tielet parti hija elenku ta` *standards* internazzjonali.**

**Kompla jgħid li l-BCA kellha twassal biex jogħlew l-i*standards.* Sar pjan mifrux fuq tliet snin. Mal-i*standards* kellha ssir regolamentazzjoni tal-kuntratturi u tal-i*skills.* Jekk kuntrattur ma jsibx ħaddiema mhux kuntrattur. Jekk il-ħaddiem irid jaħdem fil-kostruzzjoni u jixtieq jaħdem ma` kuntrattur irid ikollu *skill card*. Il-pjan kien illi l-*Masons Licence Board* jiġi superat bil-BCA għaliex ladarba kuntrattur ikun liċenzjat, ladarba jkun hemm l-*skill cards* allura wieħed ikun jista` jimxi. Hemm imbagħad il-kwistjoni tal-*Energy Performance Certificate* li jittratta l-materjali li jintużaw kif ukoll id-disinn li jintuża mill-professjonist oriġinali biex jilħaq rendiment tal-enerġija aħjar u kwalita ta` bini aħjar.**

**Qal li l-BCA kien intiż li jkun regolatur proattiv. Iqiegħed fuq quddiem *partnership* ma` istituzzjonijiet li jippromwovu l-edukazzjoni, l-innovazzjoni, u l-i*skills* sabiex jitħejjew korsijiet għall-finijiet tal-liċenzja tal-kuntratturi.**

**Fisser illi l-pjan kien sostnut minn *budget proposal* sabiex il-pjan jibda jiġi mwettaq f`Jannar 2022. Għall-BCA intalbu €18 miljun għall-ewwel sena, u kienu akkordati €9 miljun. Spjega li meta tqis illi l-aġenzija kellha budget ta` €1.2 miljun anke l-fatt li ngħataw €9 miljun kienet qabża drastika `il quddiem.**

**Xehed li bħala operat huma għamlu *a business case* dwar kif trid tiżviluppa l-awtorità skont ir-riżorsi disponibbli. Kienet imfassla *human resources platform* li tinkludi l-infurzar u spezzjonijiet. Il-pjan tiegħu kien illi sabiex il-BCA tkun tista` topera fil-konfini tal-liġi**

**kienet teħtieġ mhux inqas minn 300 ruh inkluż il-qafas korporattiv, dak operattiv u dak legali. *External resourcing* kien eskluz. Sakemm baqa` hu Kap Eżekuttiv, kien beda l-ingaġġ.**

**Kompla hekk :-**

***… sfortunatament bħala pajjiż għaddejna minn żmien tal-elezzjoni fejn ir-reklutaġġ jieqaf għall-perjodu tal-elezzjoni, allura kien hemm slowdown fir-reklutaġġ. Jiġifieri konna qbadna f` Jannar, Frar bdejna ningaġġaw headship positions biex imbagħad nibbildjaw it-timijiet ma` dawk il-headships, però mbagħad għal raġunijiet ta` Elezzjoni Ġenerali jieqaf kollox u anki bħala responsabbiltà inti ma tieħux ċertu deċiżjonijiet f`dak iż-żmien li jkun għadu riesaq lejn elezzjoni.***

**Stqarr li meta spiċċa hu kien hemm *head count* ta` 70 persuna. Minnhom minn 9 sa 11 kienu spetturi.**

**Dwar il-kompożizzjoni tal-Bord, xehed illi dan kien iffurmat minn *full spectrum* ta` persuni b`kompetenzi tajba fis-settur : inġiniera, periti, nies mill-industrija, mill-kamp tal-kuntratturi, nies legali, mill-kummerċ. Kien bord attiv.**

**Qal illi liċ-Chairman Maria Schembri Grima ma kienx jafha qabel sar Kap Eżekuttiv.**

**Kien mistoqsi għalfejn spiċċa minn CEO meta kien ilu biss sena u xahar fil-kariga li kellha tkun ta` tliet snin.**

**Azzopardi wieġeb hekk :-**

***Il-verità hija illi ovvjament jien bniedem naqra aggressiv fuq ix-xogħol, jiġifieri inkun irrid inwassal. Il-fatt illi Jannar, Frar, Marzu kien hemm l-Elezzjoni Ġenerali slowjajt però mbagħad kien hemm tibdil fl-amministrazzjoni, tibdil tal-Ministru, għaddew ċertu ġimgħat iltaqna numru ta` laqgħat, kien jidher ċar illi il-pjan forsi ta` azzjoni, jew il-istrateġija li kont nedejt jien flimkien mal-bord jista` jagħti l-każ li ma kienx konformi … mal-mod kif kont qed isegwi u ovvjament kien hemm laqgħa partikolari fejn qbilna, illi, we agreed to disagree.***

**Kompla jiġi mistoqsi jekk irriżenjax minn CEO.**

**Wieġeb :-**

***Le ma nistax ngħid li jiena rriżenjajt.***

***… tħoss bħala bniedem li qiegħed fil-professjoni tħoss mil-language illi jekk ħa nibqa' hemm mhux ħa naħdem. Fl-istess ħin kien hemm ċarezza illi bil-mod, illi l-pjan u l-mod kif qed immexxi, mhux qed, mhux qed***

***jaqbel miegħu il-Ministru partikolari. Il-Ministru jaħtrek u l-Ministru jista` jneħħik.***

***… kellna laqgħa partikolari fejn jien kont qed ninsisti illi isma, nista` nkompli ningaġġa n-nies ? Nista` nkompli bil-pjan ta` azzjoni? Nistgħu niftħu konsultazzjonijiet oħrajn? …***

***…. Jien mhux bniedem li I stop and wait, jiġifieri kien hemm dak, dak il-prinċipju li, ħassejt u tħoss. Jiġifieri jekk dan qed naħdem miegħek, dan bħal meta għandek tim tal-futbol trid ittellgħu premiere u għamilna pjan sena wara sena li rridu ntellgħuh fi tliet snin, ma nistax nimmisja sena. Għax is-settur għandu bżonn.***

**Il-Ministru kien Dr Stefan Zrinzo Azzopardi.**

**Qal li għalih f`dik il-laqgħa kien ċar li l-Ministru ma kienx qed jaqbel mat-tmexxija tiegħu.**

**Kompla stqarr li fil-każ tiegħu seħħ *a constructive dismissal.* Għalhekk mar quddiem it-Tribunal Industrijali fejn il-każ ġie trattat u issa qiegħed għad-deċiżjoni.**

**Kien mistoqsi kif tista` l-BCA tkun effettiva bi 11-il spettur biss meta s-sena l-oħra kienu approvati 1500 permess.**

**Wieġeb :-**

***Il-pjan tagħna kien li dawk l-inspectors jridu jitilgħu għal erbgħin (40), ħamsin (50), minimi, f` temp ta` sena sena u nofs, u mhux li tingaġġa li tittrejnjahom proper training. Tibda mill-affarijiet bażiċi sal-health and safety, għax hija paramount fl-industrija, u tittrenjahom għal xiex iridu jmorru fuq il-lant. Għax inti għandek sitwazzjoni fejn għandek entitajiet li jaraw il-partijiet tagħhom, u prattikament jiena wieħed minn dawk li kont nemmen li nistgħu nikkonsolidaw l-inspection, jiġifieri jekk hux PA, jekk hux bil-BCA, jekk hux health and safety. L-industrija għandha bżonn consolidation … li kemm jista` jkun we share resources jekk hemm problema ta` riżorsi, għax hemm problema ta` riżorsi. Jiġifieri meta toħroġ call, mhux qed ngħidu li ma ssibx, imma l-kwalità li qed japplikaw, mhux qed ngħid inferjuri, imma għax hemm bżonn it-training, m'hemmx awareness.***

**Dwar is-sit fejn miet Jean Paul Sofia, Azzopardi stqarr illi s-sit in kwistjoni qatt ma ġie għall-attenzjoni tiegħu : la bħala enforcement, la pjanti, la kwalità ta` materjali assolutament xejn. Sar jaf bl-inċident mill-media għaliex kien diġà spiċċa mill-BCA f`Diċembru 2022.**

**Ippreċiża li bħala fatt li l-BCA ma kellhiex tkun infurmata bil-*commencement notice* għaliex l-iżvilupp ma kienx jinvolvi *third party property.***

**Ikkonferma li l-STO irid imur fuq il-post biex jara li l-*method statement* qed jiġi osservat. Id-dokument ikopri l-istruttura.**

**Stqarr illi fil-pjan ta` azzjoni li ħadem fuqu kien qed jaspira li jasal għal *Building Passport* fis-sens illi meta binja tkun żviluppata u *commissioned* ikun hemm *certification* bl-*structural calculations* u l-pjanti li jkun hemm bżonn, u ċ-ċertifikat tar-rendiment tal-enerġija li jkun ikkwalifikat fil-livell ta` *planning* fil-bidu. Kull ħames snin iġġedded l-i*state of repair* tal-binja bil-għan li jkollok id-data kollha miġbura.**

**Kien mistoqsi hekk :-**

***.... sakemm kien hemm ...* (il-Ministru) *Ian Borg dik l-istrateġija kienet approvata mill-politiċi ? Jiġifieri kien hemm ir-rieda politika biex titwettaq, imbagħad inti sibt nuqqas ta` rieda politika, jew a go slow direction mal-bdil ta` Ministru ?***

**It-tweġiba kienet :-**

***Nikkonferma li r-rieda politika hemm kienet. Nikkonferma wkoll illi forsi kienet prematura r-reazzjoni tiegħi imma għax jien bniedem impatient. Illi skużani, impazjenti jiġifieri. Jekk għandi pjan ta` azzjoni qed jaqa' lura, it-training tiegħi huwa project management, nipprova nasal għalih. Dawk it-tliet xhur ta` wara elezzjoni li għadek floating, ma tafx x' qed jiġri, ġabni***

***impazjenti u ġara dak li spjegajt …. I am not there to stay pretty behind a desk and doing nothing …***

**Dwar il-liċenzjar tal-kuntratturi, xehed illi huwa ħadem fuq tlieta jew erba' abbozzi ta` regolamenti. Sal-2022, il-Kabinett tal-Ministri kellu l-abbozzi għall-ewwel *review*.**

**Rega` kien mistoqsi dwar il-*Building Codes.* Qal li l-istrateġija kienet li dawn jinholqu fuq medda ta` tliet snin.**

**Stqarr li fl-ewwel ġimgħa li kien maħtur bħala Kap Eżekuttiv tal-BCA l-ewwel ħaġa li għamel kien li ltaqa` mal-OHSA fejn magħhom ittratta l-kwistjoni tal-ispetturi.**

**<u>Meta xehed it-tieni darba</u>, Karl Azzopardi kien mistoqsi dwar iż-żmien ta` bejn Settembru 2016 u April 2021 meta kien Kap Eżekuttiv ta` INDIS.**

**Xehed illi fi żmienu MIP kienet diġà separata minn Malta Enterprise u l-proċess ta` rebranding ta` MIP għal INDIS kien diġà beda.**

**Dwar ir-rwol ta` INDIS fl-allokazzjoni ta` artijiet industrijali, xehed illi meta proġett ikun approvat minn Malta Enterprise fid-dettalji tiegħu, ikun imiss lil INDIS li talloka l-art u jsir kuntratt. Wara li l-proġett ikun**

**kompletat imbagħad jinzamm kuntatt bejn Malta Enterprise u INDIS dwar it-twettieq tal-proġett kif patwit.**

**Qal li fil-każ in kwistjoni kien hu li ffirma l-kuntratt ma` All Plus Limited. Il-kontenut tal-*letter of intent was never questioned* minn INDIS. Fil-kuntratt kienu stipulati l-miri li kellu jilhaq All Plus Limited.**

**Kien mistoqsi :**

***li jġib il-permessi tal-bini, li l-permessi huma in order, illi dan għandu lill-ħaddiema tiegħu qiegħed jittutelhom, dan tidħlu fihom intom ?***

**Wieġeb :**

***l-istess kuntratt jagħtik it-terminu xi żmien għandek biex tagħmel dawn l-affarijiet kollha u tiżviluppa l-proprjetà tiegħek u trid issegwi skond il-kuntratt li nkunu għamilna b` terminu partikolari. Jiġifieri li jrid isir, hija responsabbilta tal-iżviluppatur u t-tenant li applikaw u jimxu skont il-prassi tal-liġijiet fejn jidħol pjanar u żvilupp.***

**Stqarr illi l-iżviluppatur huwa obbligat isegwi design guidelines taż-żona partikolari u jagħmel l-applikazzjoni mal-PA. Jgħaddilhom kopja tal-permessi li toħroġ il-PA. Kollox imur għand it-tim tekniku għall-**

**eżami. Hemm ukoll il-Compliance Committee li jagħrbel *any breaches jew irregularities.* Sakemm dan hu, xejn ma kien senjalat. Il-Compliance Committee huwa kompost minn persuni ġejjin kemm minn Malta Enterprise kif ukoll minn INDIS.**

**Kompla jixhed illi waqt li kien qed isir l-iżvilupp il-compliance jsir fi tliet oqsma : il-parti finanzjarja dwar il-ġbir taċ-ċens, il-compliance li trid tara jkunx qed isir ix-xogħol u l-unit li tara li jkun hemm checks. Dwar is-sit fejn miet Jean Paul Sofia ma kinux sollevati jew indikati rregolaritajiet.**

**Dwar il-permessi, stqarr illi huwa personalment ma ħax viżjoni taż-żewġ DNOs billi INDIS għandha unit tekniku apposta biex isegwi l-proċess.**

**Dwar il-kompiti tal-Compliance Committee, fisser li dan il-kumitat jivverifika jekk l-applikant ikunx qiegħed jimxi mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt u mal-letter of intent. Isiru site inspections kemm minn Malta Enterprise kif ukoll minn INDIS. Saħaq li l-applikant ma kienx għadu beda jopera. Għalhekk l-ispezzjonijiet ma jsirux waqt li jkun tiela` l-bini billi ma jkunx għadu beda jopera. L-ispettorat ta` INDIS ma jharisx lejn kif ikun tiela` l-bini iżda biss jekk ix-xogħol iwassalx għall-bini li jkun irid jopera.**

**Kien mistoqsi kif jispjega li l-binja kellha tkun lesta sa Ottubru 2021 u sal-bidu ta` Diċembru 2022**

**mhux biss ma kenitx lesta iżda waqgħet bil-mod kif waqgħet u bil-konsegwenzi ben magħrufa.**

**Wieġeb :**

***Jien li nista` ngħidlek hija li għandek tmintax-il xahar biex tiżviluppa, u fit-tmintax-il xahar jiġru ħafna affarijiet. Jiġifieri fosthom nafu li fis-sena twenty twenty (2020) faqqgħet il-covid jista` jkun hemm it-tulijiet u problemi jiġifieri mhux qed nitkellmu fuq dan l-individwu biss, iżda qed nitkellmu fuq il-proċess kollu.***

**Saħaq però li ma kienx jaf minħabba l-covid kienx waqaf ix-xogħol ta` kostruzzjoni.**

**j) <u>Perit Maria Schembri Grima</u>**

**Xehdet illi bejn April 2021 u Frar 2023 kienet l-ewwel Chairperson tal-BCA. Il-Kap Eżekuttiv l-ewwel kien Karl Azzopardi u warajh inħatar Jesmond Muscat.**

**Qalet li hija perit u *construction engineer. Bħala* perit tagħmel xogħol għall-ħruġ ta` permessi tal-bini : tibda mill-bidu bid-disinn, u wara tkompli sal-binja bl-istruttura. Kienet involuta f`ħafna proġetti – kbar u żgħar ; il-kbar jinkludu hotels Paceville, residential blocks ma` Malta kollha, Park Lane ta` Ħal Balzan, u oħrajn. Għandha firm bin-nies tagħha, biżżejjed biex jieħdu ħsieb. Ħafna mill-proġetti kienu diġà avvjati**

**meta saret Chairperson tal-BCA.  Wara li spiċċat, il-proġetti baqgħu deħlin.**

**Kienet mistoqsija jekk ratx konflitt.**

**It-tweġiba tagħha kienet fin-negattiv u qalet fil-fehma tagħha għaliex :-**

***Ħa ngħidlek mela jiena qabel ma kont chairperson tal-BCA, forsi l-media pinġietni differenti ħafna, jien dejjem għamilt xogħli b`reqqa, b`korrettezza kbira u bi mħabba kbira. Jiġifieri jien nemmen li għalhekk ġejt maħtura bħala chairperson tal-BCA, għax stajt nagħmel dik ir-riforma u dik il-bidla li kien hemm u għad hemm bżonnha, jiġifieri għadhom lura, għadna lura ħafna fl-industrija tal-kostruzzjoni, irridu nammettuha. Apparti minn hekk meta jiena ġejt avviċinata, jien qatt ma applikajt għaliha il-post. Jiġifieri meta ġejt avviċinata jien dejjem għamiltha ċara li l-professjoni tiegħi privata ma stajtx nitlaqha però kienet xi ħaġa sabiħa ħafna li stajt inkun parti minn riforma kbira li kien ħa jkun hemm għall-ewwel darba wara snin twal ta` l-industriji tagħna kienet fl-istat li kienet. Għamiltha ċara.***

**Kompliet tgħid li meta saret Chairperson l-industrija ma kenitx regolata. Min irid jagħmel li jrid. Fil-każ tagħha, hija qatt ma għamlet li trid *on site*, anzi dejjem għamlet affarijiet li llum huma applikati mill-BCA, affarijiet li kienet diġà qegħda tagħmel għax ma qagħditx tistenna li jidħlu ċertu liġijiet biex tara li jsiru fuq is-siti.  Temmen li għalhekk kienet magħżula inti.**

**Qalet li hija riedet iżżomm il-professjoni privata tagħha. Għalhekk bħad-diretturi l-oħra tal-BCA kienet *non executive* u kienu nvoluti biss fil-*policy making* mhux fid-*day to day running* tal-BCA.**

**Domandata jekk l-influwenza tistax tkun dettata xorta, wieġbet : *hemm nies u nies*.**

**Fissret li għandek bżonn bniedem li qiegħed fuq is-siti tal-kostruzzjoni għax il-problemi jkunu jafuhom in-nies li qegħdin fuq is-siti. Il-*policy makers* iridu jkunu jafu x'inhu jiġri hemm barra.**

**Dwar il-każ tar-rizenja tagħha, xehdet hekk :**

**... *sakemm jiena rriżenjajt kienu diġà ħarġu żewġ stop notices. Jien qatt ma dħalt u għedt lil xi ħadd biex ma joħroġx stop notice jew joħroġ stop notice.* Jiġifieri kienu diġà *għamlu xogħolhom il-BCA, l-Awtorità, u ħarġitilhom stop notice. Issa ovvjament kienet ċara li jien għamilt xogħli li l-method statements ma mxewx magħhom imma dik insiha, jiġifieri u jiena tant kemm kienet għal qalbi l-BCA illi, u tant kemm ħdimt biex il-BCA timxi 'l quddiem, illi ma stajtx inxekkel ix-xogħol tal-BCA. Jiġifieri ridtha li toħroġ il-verità li jiena bħala perit tajt istruzzjonijiet differenti, imma ma ridtx illi nxekkel qatt il-proċess tal-BCA. Le, kunflitt qatt ma kien hemm ta` interess.***

**Reġa` kienet domandata :**

***Għalfejn irriżenjajt ?***

**Wieġbet :**

***… qed nitkellem il-verità kollha issa. Tant kemm kien hemm media spin u ma kienx hemm affarijiet veritieri illi l-BCA kienet ħa ssofri minħabba episodju ta` xi ħaġa li ddeċieda li jagħmel persuna, u jiena tant kemm kienet għal qalbi l-BCA li ma ridtx, ridt li joħroġ il-verità jiġifieri u ħareġ jiġifieri. Il-method statements u l-karti tiegħi kollox kien hemm kif suppost u l-istruzzjonijiet, imma le ma ridtx illi jkun hemm perċezzjoni ta` konflitt. Konflitt ma kien hemm qatt imma l-perċezzjoni kienet parti mill-media spin.***

**Dwar il-pożizzjoni tagħha vis-à-vis l-Kamra tal-Periti, stqarret li l-Kamra tal-Periti kienu talbuha *statement* u hekk għamlet. Imbagħad ħalliet f`idejhom. Waqfet hemm għax kulħadd jaf x`persuna hi.**

**Xehdet illi Karl Azzopardi rriżenja minn CEO tal-BCA qabel irriżenjat hi. Min-naħa tiegħu qal li *he wanted to move on*. Bħala bord ma daħlux ta` x`seta` għadda bejn Azzopardi u l-Ministru. Taf bil-kawża li Azzopardi ppreżenta fit-Tribunal Industrijali tant li hija kienet imsejħa biex tagħti x-xiehda tagħha f`dik il-kawża.**

**Qalet li s-suċċessur ta` Azzopardi bħala CEO kien Jesmond Muscat li kien magħżul skont il-liġi mill-Ministru.**

**Stqarret li meta kien kostitwit il-bord, bħala proċess l-ewwel ma bdew kien il-liċenzjar għax kien meqjus bħala l-aktar importanti. Bdew jaħdmu mill-ewwel fuq il-*codes*. Hija kienet insistiet li l-codes jingħalqu u hekk suppost li sar anke wara li spiċċat hi mill-BCA.**

**Qalet li haġa oħra li kienet ħafna għal qalbha kienet id-depożitorju. Kif titlesta struttura, il-perit irid idaħħal eżatti kif inbniet il-binja biex min jiġi warajh jaf x'hemm, u min ħa jibqa` ħdejh jaf x'hemm. Fil-bord kien hemm persuni validissimi : periti, inġiniera, quantity surveyors u oħrajn. Wara li nbidel ic-CEO, il-ħidma ta` qabel baqgħet għaddejja. Kien hemm kontinwita` assoluta għalkemm kien hemm żmien ta` waqfien minn xahar sa xahrejn minħabba l-elezzjoni.**

**Kompliet tiġi domandata dwar il-ħidma li saret mill-BCA taħt il-presidenza tagħha. Skont ix-xhud, l-iktar importanti kienu l-*strategic plan* u l-*business plan.* Għamlu KPIs biex jibdew kull quarter tas-sena. L-iskop ta` dawn kien kruċjali għaliex mhux biżżejjed li jkollok *business plan* imma li jkun hemm audit tal-*business plan*.**

**Dwar il-liċenzjar, ippreċiżat li dan illum ikopri t-twaqqigħ, l-iskavar u l-bini. Però hemm izjed xi jrid joħroġ għax il-pjan huwa fit-tul. Hija favur l-*streaming***

**tal-kuntratturi, jiġifieri li jkollok kuntratturi A, B, u C skont klassifika. Iżda dan l-*streaming* ma setax jibda fil-pront għaliex il-BCA kienet għadha fil-bidu tagħha. Eventwalment il-klassifika kellha tgħin sabiex tiddistingwi lill-kuntratturi ż-żgħar mill-kbar. Sabiex kuntrattur jidħol għal proġetti kbar irid ikollu n-nies u l-makkinarju.**

**Xehdet illi fi Frar 2023 il-BCA kellha 21 spetturi ; l-ispetturi bdew jidhlu minn Lulju 2022, meta daħlu 11. Sakemm spiċċat hi, żdiedu 10 oħra. Dawn in-numri saret tafhom mis-CEO li jattendi għal-laqgħat tal-bord.**

**Dwar l-inċident ta` Jean Paul Sofia, ikkonfermat li nies mill-BCA marru fuq il-post inkluż is-CEO.**

**Stqarret li l-BCA kienet kostitwita l-ewwel u qabel kollox sabiex ikunu mharsa terzi. Fit-tieni lok saret sabiex tibda u titlesta t-triq għal *energy performance buildings*. Ikkonfermat illi meta jsir bini li ma jinvolvix lil terzi l-BCA m`għandhiex ġurisdizzjoni. Ippreċiżat illi l-ġurisdizzjoni tal-BCA ma testendix meta ma jkunx hemm terzi fid-dawra. Qalet :**

***Meta jkun hemm proprjetà illi ma tmissx ma` terzi, ikun hemm commencement illum-il ġurnata notifying third parties, u dak il-bini li jkun tiela', qed nippawsa sabiex inkun kemm jista` jkun newtrali, ma rridx ninstema` fl-ebda ħin, dak li jinbena fuq dik is-sit ta` kostruzzjoni huwa responsabbiltà tar-role players ...***

**Kompliet tispjega li minħabba r-riskju ta` dikjarazzjonijiet foloz, meta jkun dikjarat fil-*commencement notice* li ma jkunx hemm it-terz direttament involut, xorta waħda l-BCA tagħmel il-verifiki tagħha sabiex taċċerta ruħha li tassew ma hemmx terzi. Għalkemm tkun preżentata l-*commencement notice,* sabiex ikun jista` jibda x-xogħol, il-BCA tkun trid tagħti l-*clearance.* Min jaqbad jaħdem mingħajr il-*clearance jiġi* mizmum billi jinħareġ *stop notice* immedjatament. Fejn ikun hemm terzi nvoluti, toħroġ *stop notice* anke meta jsir xogħol li ma jkunx konformi mal-*method statement.* Il-PA tidħol biss bl-infurzar tagħha jekk ikun qed isir bini mhux skont il-pjanti approvati.**

**Kompliet tfisser illi meta ma jkunx hemm terzi nvoluti ma jkunx hemm *method statement* preżentat lill-BCA. U l-BCA ma tidħolx ġo siti fejn ma jkunx hemm terzi nvoluti. B`siti bħal dan fejn miet Jean Paul Sofia topera s-*self regulation* tad-duty holder.**

**Qalet :-**

***... meta għandek sit li ma taffettwax terzi, mhux il-BCA li tieħu ħsieb terzi, għandek it-tim li qed jagħmel il-binja. Għandek il-project managers, għandek il-bennej, għandek il-perit.***

**Kienet mistoqsija jekk hemmx interess li l-klassifikazzjoni tal-kuntratturi tkun implimentata.**

**Ir-risposta tal-Perit Schembri Grima kienet :-**

***... ma nemminx li m'hawnx interess li tiġi applikata, għax inti kif tibda tapplika dik it-tip ta` ħa ngħidulha policy, kif tibda tapplika dik l-iskema ħa jibdew jinqatgħu l-kuntratturi cowboys li hawn kollha. Jiġifieri inti dik li għandna bżonn.***

**Dwar *time-frames*, qalet li kemm il-klassifikazzjoni kif ukoll il-liċenzjar huma meħtieġa.**

**Stqarret li l-inċident tal-mewt ta` Jean Paul Sofia kien diskuss fil-bord tal-BCA għalkemm is-sit fejn kien qed isir il-bini ma kienx jaqa` fir-remit tal-BCA billi ma kienx jivolvi bini ta` terzi. Fil-fatt baqgħu jiddiskutu l-liċenzji.**

**Xehdet li hija favur *centralisation of the commencement notice* bejn l-awtoritajiet kollha li jista` jkollhom interess. Kulħadd skont ir-remit tiegħu għandu jkollu kontroll u jintervjeni jekk ikun il-kaz.**

**Dwar il-każ li kien l-isfond għar-rizenja tagħha, Perit Schembri Grima xehdet li Excel Developments kienu d-developers mhux il-kuntrattur li għamel it-twaqqigħ. F`ebda stadju, bħala l-perit tad-*developer*, ma tat il-"benedizzjoni" tagħha sabiex saret id-demolizzjoni u kif saret. Hija tgħid li dejjem hadmet b`reqqa u hekk għamlet f`dak il-każ ukoll.**

**Dwar il-ħatra ta` Jesmond Muscat bħala Kap Eżekuttiv, xehdet illi l-ħatra kienet diskussa fil-bord tal-BCA waqt żewġ laqgħat. U ttieħed vot.**

**Dwar il-mewt ta` Jean Paul Sofia, fissret li kien il-Kap Eżekuttiv li żammha nfurmata kontinwament bil-mobile billi huwa mar fuq il-post ftit tal-ħin wara li ġara l-inċident. Kien hemm komunikazzjoni mal-Ministru wkoll.**

**Dwar il-professjoni tal-periti, qalet li llum din hija *self regulated* mill-Kamra tal-Periti li hija r-regolatur.**

**Kompliet tixhed illi l-*building codes* fil-fatt huma gwida ta` *good practice* li jsiru mill-BCA iżda li jridu jiġu mplimentati mill-professjonisti fis-siti ta` kostruzzjoni bħall-project managers, kif ukoll mill-bennejja. Li tagħmel il-BCA huwa li tassikura li jkunu qegħdin jimxu mal-metodoloġija tat-twaqqigħ u ta` skavar. Ir-responsabbiltà tal-metodoloġija hija tal-perit.**

**Kompliet tfisser illi jekk il-perit jippreżenta *commencement notice not effecting third parties* u l-BCA taċċetta li hekk huwa l-każ, xejn ma jżomm lill-perit milli xorta jippreżenta lill-BCA *method statement* u/jew li jagħmel *insurance*.**

**Stqarret li l-Kamra tal-Periti, bħala regolatur, għandha l-poteri illi tinvestiga waqt jkun qed isir ix-xogħol.**

**k) <u>Saviour Camilleri</u>**
**<u>Chairman - BCA</u>**

**Xehed illi b`effett mis-17 ta` Frar 2023 kien maħtur Chairman tal-BCA. Għandu 78 sena. Qabel irtira mix-xogħol bl-eta`, huwa kien jagħmel diversi xogħolijiet fosthom *management* ta` siti, disinjatur, *draughtsman*, u *quantity surveyor*. Ic-Chairperson ta` qablu kienet il-Perit Maria Schembri Grima li kienet irriżenjat. Dwar ir-raġuni għar-rizenja tagħha, stqarr li din seħħet *wara xi inċident ta` xi twaqqigħ jew waqa' xi ħaġa fit-triq* (kliem testwali tax-xhud). Ir-riżenja ma kinitx diskussa fil-bord tal-BCA.**

**Fisser li meta sar hu Chairman, kien hemm diġà qafas tal-liċenzjar tal-kuntratturi. Baqgħu jiddiskutu fil-bord biex jiġi rfinat u jintlaħqu *areas* li qabel ma kinux koperti. Fil-preżent għaddej proċess ta` konsultazzjoni fejn jirrigwarda l-liċenzjar tal-bennejja. Dan il-proċess jinkludi l-*energy performance certificate* (ECP).**

**Kompla jgħid illi sal-aħħar tal-2024, se jkun mandatorju li l-kuntratturi jrid ikollhom liċenzja. Biex tinkiseb din il-liċenzja jridu jkunu sodisfatti rekwiżiti. Bil-liġi kif inhi llum fil-każ ta` ksur il-BCA tinfliġġi multa. Bil-liġi kif se ssir mhux biss ikunu mposti multi kbar iżda anke revoka tal-liċenzja tal-kuntrattur li tkun tgħodd mhux biss għar-rigward tas-sit fejn ikun riskontrat il-ksur tal-liġi imma kull xogħol ieħor li jkun qed isir minn dak il-kuntrattur. Sal-lum, kuntrattur m`għandux**

**liċenzja u allura mhux reġistrat. Il-bennej biss huwa soġġett għal-liġi.**

**Ix-xhud kien mistoqsi sakemm il-leġislazzjoni tiġi f`postha x`se jsir sabiex ma jibqgħux imutu n-nies. Wieġeb illi skont il-liġi kif inhi llum, il-BCA tikkontrolla l-bini billi tibgħat l-ispettorat. Illum qed isiru ferm aktar spezzjonijiet minn qabel. Kull ħaġa li tkun notata bħala mhijiex korretta fejn għandhom x'jaqsmu l-ġirien tittiehed azzjoni. Saħaq illi sal-lum ir-remit tal-BCA huwa biss li jħares lill-ġirien u bini adjacenti għal sit fejn ikun se jsir skavar, twaqqigħ jew bini.**

**Il-ġrajja ta` Jean Paul Sofia ma kinitx taqa` fir-remit tal-BCA. Mistoqsi jekk kienx jiddejjaq b`fatt bħal dan, ix-xhud wieġeb testwalment :-**

***Iddejjqek. Jekk jingiref bniedem, jien ilni tnejn u sittin (62) sena f`dan ix-xogħol, jekk jingiref bniedem ukoll niddejjaq aħseb u ara titlef ħajja ta` bniedem, mhux hekk ?***

**Mistoqsi dwar l-għadd tal-*inspectors* ix-xhud stqarr illi hemm 21 ruħ. Bdew bi 3 jew 4 *inspectors*. In-numru tela` għal 21 f`sena u nofs. Huma qegħdin jitolbu li jkollhom aktar.**

**Dwar l-għadd tal-*inspections* ma kienx f`qagħda li jgħid.**

**Mistoqsi dwar il-kriterji tal-liċenzja tal-bennejja, stqarr illi l-linja hija li tal-inqas il-persuna koncernata jkun jaf jaqra għaliex irid jara l-pjanti. Però mhux beħsiebhom jieqfu hemm. Se jmorru għal diskussjonijiet ma` entitajiet edukattivi bħall-MCAST. Qed jaħsbu għal *refresher courses* perjodiċi għall-persuni li jkollhom liċenzja ta` bennej.**

**Ippreċiża li l-ħtieġa tal-liċenzja tal-bennejja mhux se ssir fl-immedjat għaliex inkella tieqaf l-industrija għal kollox. Propju għalhekk qed isiru diskussjonijiet anke ma` entitajiet akkreditati biex l-ewwel jibdew mis-sit, bil-persuna jkollha level *four (4)* tan-*National Occupational Standards* ("NOS") Dan ikun ifisser li jkun hemm *supervisor* kontinwament fuq is-sit biex jagħmel superviżjoni tal-ħaddiema. Eventwalment kull ħaddiem li jkun hemm fis-sit irid ikollu klassifika ta` sengħa. Il-persuni jridu joqgħodu għal testijiet. Il-kontroll tas-sistema tkun f`idejn l-ispetturi.**

**Se jaraw li l-ħaddiem ikollu l-*level four (4)* ikun imħarreġ, ikun jaf jikkomunika u li jkun kompetenti biex ikun qiegħed fuq is-sit. Jekk jirriżultaw vjolazzjonijiet, jingħalaq is-sit. Jekk l-*inspectors* isibu skorrettezzi fis-sit, u skont il-kategorija ta` l-iskorrettezza, ikun hemm multi adekwati, u saħansitra revoka tal-liċenzji mhux tas-sit in kwistjoni biss imma ta` siti oħra fejn il-kuntrattur ikun qed jaħdem. Jekk persuna ma jkollhiex l-NOS *standard level four* il-bord li se jkun kostitwit li jkollu l-fakolta` li jittestja lil kull persuna li tkun qed titlob liċenzja.**

**Mistoqsi dwar possibilita` ta` konflitt ta` interess fil-persuna li se tkun inkarikata mill-iżviluppatur u/jew kuntrattur spejjeż tiegħu biex iżżomm l-istandards, Camilleri wieġeb li ma kienx qed jara dan il-konflitt għaliex** ***jekk aħna qegħdin nagħmlu fuq il-post nies illi x-xogħol tagħhom huwa biss li jieħdu ħsieb is-sit, ma narax li hemm xi konflitt ta` interess personalment*** **(kliem testwali tax-xhud)**

**Kien mistoqsi hekk :**

***Inti taf li fuq l-avviż legali 340/22 irid ikun hemm bords fuq is-sit. Jekk ikun sit żgħir A2 u jekk ikun ta` ċerta entità 1.5 meters by 2.5 meters. Issa jien meta għamilt referenza għal dawn il-bords ma sibt l-ebda indikazzjoni, forsi żbaljat ikkoreġini int, jekk hemmx xi dettaljar fejn il-pubbliku jista` jikkuntattja lill-BCA jew xi entità fejn ikun jista` jagħmel rapport dwar xi ħaġa li bħal speċi ma tkunx ?***

**Camilleri ma kienx f`qagħda li jwieġeb għall-kwesit.**

**Ix-xhud kien solleċitat sabiex il-BCA ikollha** ***hotline*** **operattiva 24 siegħa kuljum – Sibijiet u Ħdud inklużi – sabiex il-pubbliku jissenjala lmenti dwar l-imġieba ta` kuntratturi.**

**Camilleri kien domandat hekk :-**

***Jeżisti consensus, mingħajr dubju, jekk hawn qasam f`dan is-settur fejn għandu bżonn jissaħħah biex nevitaw imwiet iżjed bħal dawn, huwa l-qasam ta` l-enforcement, mingħajr dubju u nixtieq niffoka fuq dan il-qasam. Inti bħala chairman x'inhi l-viżjoni strateġika tiegħek biex il-BCA issaħħah dan il-qasam ?***

**Wieġeb :**

***Il-BCA il-ħsieb tagħna, u fil-fatt qed jitwettqu, huwa li dawk kollha li qed jiġu mpjegati human resources biex ikunu inspectors fuq is-site, saħansitra nagħmlulhom kors apposta biex ikunu jistgħu jidentifikaw iktar fejn u kif għandhom jittrattaw ma` ċertu każijiet ħalli nkunu iktar effiċjenti. Barra minn hekk qed napgrejdjaw id-digital system tagħna biex fejn hemm il-ħtieġa li jkun hemm iktar ispettorat jew iktar mod kif nikkontrollaw is-sites permezz ta` apparat diġitali, aħna nkunu qegħdin hemm ukoll.***

**Ix-xhud saħaq biex jaċċerta lill-Bord li min-naħa tagħhom kienu qegħdin jagħmlu l-almu tagħhom sabiex jizdied il-*budget* tal-Awtoritàbil-għan li jkunu mpjegati aktar persuni kemm fl-IT kif ukoll fl-ispettorat.**

**Kien hemm imbagħad dan l-iskambju :**

***Domanda :***

***Imma jekk ma ntefaqx tas-sena li għaddiet, tmien miljun (8,000,000) jew disgħax miljuni (9,000,000) jekk fhimt sew jien, kif se jintefaq jekk jiżdied. Jiena ma nistax nifhem personalment, skużani, smajna dalgħodu, jekk fhimt sew, il-baġit minn miljun (1,000,000) żdied disgħa miljuni (9,000,000). Issa mil-lbieraħ sal-lum wieħed u għoxrin (21) kienu u wieħed u għoxrin (21) baqgħu. Dawn il-baġit x'sar minnhom ? Fejn intefqu ?***

***Risposta :***

***Jiena ma nistax nagħtik dak ir-rendikont, jiddispjaċini, m'għandix.***

***Domanda :***

***Allura min jista` jweġibna fuqha din ?***

***Risposta :***

***Is-CEO jista` jwieġbek iktar.***

**l) <u>Jesmond Muscat</u>**

**<u>Kap Eżekuttiv – BCO</u>**

**Xehed tliet darbiet.**

**<u>Meta xehed l-ewwel darba</u>, Jesmond Muscat stqarr illi huwa sar CEO tal-BCO f`Ġunju 2022 wara Karl Azzopardi. Qabel kien għamel 18-il sena jaħdem il-PA. Huwa gradwat fl-Environmental Planning – Urban Regeneration minn Birmingham.**

**Stqarr illi meta hu sar CEO kien hemm 11-il spettur. Illum hemm 21 spettur. Fost dawn hemm *Chief Officer*, 3 *Senior Inspectors* u 17 *inspectors*. L-għadd żdied wara *public call* u bdew deħlin fis-servizz f`Awissu 2023. Waqt li c-*Chief Officer* ma jmurx fuq is-siti, is-*Senior Inspector* ġieli jmur waqt li fil-każ tas-17 l-oħra x-xogħol tagħhom l-ħin kollu huwa li jduru s-siti. L-għadd jagħmel 30% tan-nies li għandha l-BCA. Hemm il-ħsieb li n-nies fil-BCA jibqgħu jiżdiedu bi 30% oħra għaliex ix-xogħol tal-BCA mhuwiex biss spezzjonijiet. Hemm ukoll l-*energy efficiency* u l-*permitting.***

**Kompla jixhed li fil-jum li seħħet id-diżgrazzja ta` Jean Paul Sofia, kien is-Sibt, huwa kien id-dar, kien infurmat u mar fuq is-sit. Hemm ra *straġi* (kliem testwali tax-xhud). Fuq ġewwa ma setax jidħol u osserva minn fejn seta` jasal. Fuq il-post kien hemm żewġ uffiċjali minn tagħhom. Ma tħejjiex rapport fuq li kien osservat. Li sar kien illi fil-laqgħa tal-bord tal-Awtorità li sar fil-15 ta` Diċembru 2022 il-każ kien trattat u diskuss hemm.**

**Ippreċiża li meta mar fuq il-post huwa ma kienx jaf x`se jsib. La kien jaf il-PA number, la kien jaf il-lant, ma kien jaf xejn. Però ma qagħadx spettatur. Mar hemm b`responsabilità biex jekk hemm xi ħaġa li tista` ssir, issir.**

**Qal li fil-laqgħa tal-bord kienu mistħarrġa r-responsabilitajiet tal-BCA. Billi ma kienx hemm bini ta` terzi nvoluti, ma tantx setgħu jagħmlu aktar. Għamlu verifika tad-dokumenti. Irriżultat DNO tat-2020 u oħra**

**tat-2022. In segwitu bdew isaħħu l-ħidma tagħhom dwar il-liċenzjar tal-kuntratturi u l-liċenzjar tal-bennejja.**

**Stqarr illi l-inċident reġa` kien diskuss mill-bord fil-laqgħa tat-3 ta` Awissu 2023 wara li ssejħet l-inkjesta pubblika.**

**Kompla jixhed illi in segwitu komplew jittrattaw il-liċenzja tal-kuntratturi. Kien hemm 6 ġimgħat ta`** ***public consultations*** **fil-miftuħ li ma kinux faċli. Wara l-approvazzjoni tal-Kabinett ħarġu r-regolamenti u bdew deħlin l-applikazzjonijiet. Id-data tal-għeluq hija 31 ta` Ottubru 2023. Wara din id-data hemm kumitat li se jibda jevalwa l-applikazzjonijiet.**

**Kien mistoqsi mill-Bord :-**

***… llum allura x' inhi s-sitwazzjoni hemm barra ta` siti li qegħdin għaddejjin il-kostruzzjoni fuqhom? X`inhi s-sitwazzjoni llum ?***

**Ix-xhud wieġeb :-**

***Is-sitwazzjoni ta` bniedem marid għal erbgħin (40) sena.***

**Kompla :-**

***… ma jfissirx li huwa beyond control. Hemm ċans tfejqu.***

**Xehed li hemm kontrolli.**

**Fil-kwadru tar-*remit* preżenti tal-BCA, bħala *site visits* fl-2021 kien hemm 6200, fl-2022 kien hemm 10200 waqt li sa Awissu 2023 kien hemm 7000. Meta jsiru rapporti mill-pubbliku huma dejjem jattendu għalihom b`site visits. Ikun hemm drabi – mhux ftit – li jmorru għalxejn.**

**Dwar il-kuntratturi, stqarr li għall-bidu huma għamlu enfasi fuq l-informazzjoni, it-taghlim u l-kelma t-tajba. Però għal min ma jridx jisma`, il-liġi qegħda tkun ċara fis-sens li kuntrattur li jirrifjuta bl-agir tiegħu li jgib ruhu sewwa mhux biss jitwaqqaf mil-lant tax-xogħol fejn ikun inadempjenti iżda jista` jitwaqqaf ukoll minn kull xogħol ieħor. Il-liġi saret fit-18 ta` Lulju 2023 u hija fis-seħħ.**

**Dwar il-*commencement notice* xehed li dik tiġi preżentata mill-perit lill-PA. Sal-lum il-BCA ma tkunx infurmata. Ir-responsabilità hija tal-perit u tal-kuntrattur. Trid titwaħħal *site notice* fuq barra.**

**Ix-xhud stqarr li qiegħed ikun prospettat illi meta jkun ħa jibda bini, twaqqigħ jew tqattigħ, irid ukoll avviż fuq barra. Illum li qed jiġri huwa li l-kuntrattur jiltaqa' mal-ġar, għax jgħaddi ħafna żmien minn meta ssir l-inspection, forsi jkun hemm il-permessi, jgħaddu x-xhur, ma jkunx magħruf meta se jibda x-xogħol. Irid ikun hemm aktar kuntatt bejn il-perit u l-ġirien.**

**Bħala budget tal-BCA, xehed illi fl-2021 kienu approvati €3 miljun għal *operational expenditure.* Fl-2022 kienu approvati €1.5 miljun għal *operational expenditure* u għall-*projects and initiatives* ġew approvati €2.5 miljun. Fl-2023 kienu rikjesti €2.8 miljun għal *capital expenditure* u approvati €200,000, kienu rikjesti €9 miljun għal *operational expenditure* u approvati €5 miljun, u kienu rikjesti €13-il miljun għal *projection and initiatives* u kienu approvati €500,000. Għall-2024, saret rikjesta għal €3 miljun għal capital expenditure, kważi €10.8 miljun għal *operational expenditure* (li tinkludi l-*staff*) u €125 miljun għal *projects and initiatives* (li tinkludi l-kwistjoni tal-energija). Kompla jgħid li l-flus allokati għall-2023 sejrin jintefqu kollha. Diga hemm *go ahead* biex jiġu mpjegati 25 ħaddiem oħra. Sal-aħħar 2023, fit-taqsima tal-infurzar, l-għadd tal-ħaddiema se jiżdied b`6 ; 4 minnhom spetturi. Ikopru Malta u Ghawdex.**

**Kompla jgħid :**

***... pari passu mal-enforcement hemm l-edukazzjoni, hemm il-periti, hemm il-kuntratturi. Qed naħdmu aħna wkoll ma` dawn in-nies u jekk naħdmu sewwa ma` dawn in-nies mhux ħa jkun hemm bżonn in-numri ta` uffiċjali tal-infurzar fis-sitwazzjoni li qegħdin.***

***... il-kuntratturi ma kinitx faċli li tiġborhom taħt saqaf wieħed. Qed jingħaqdu wkoll bejniethom. Qed jaraw li hemm bżonn.***

***... Fil-liċenzjar tal-kuntratturi aħna għafasna biex ikun hemm insurance fuq kull lant tax-xogħol.***

**Dwar penali, xehed li fl-2021 kienu nflitti mill-BCA 68 penali. Ma kienx jaf il-figura ta` kemm dawn kienu jammontaw. L-istess għas-snin 2022 u 2023. Fil-każ tal-2022 kien hemm 129 penali waqt li fl-2023 kien hemm 424.**

**Dwar waqfien tax-xogħol, qal illi fl-2021 kien hemm 59 kaz, fl-2022 kien hemm 350, u sa Lulju tal-2023 kien hemm 259.**

**Kien mistoqsi dwar il-klassifikazzjoni tal-kuntratturi.**

**Wieġeb li kienu proposti minn 8 sa 10 *skills* għall-iskop ta` liċenzja. Minħabba limitazzjoni ta` risorsi kellhom jinżlu għal 3 : tqattigħ, twaqqigħ u bini.**

**Qal li sal-lum ma teżistix lista ta` kuntratturi. Wieħed ikun jista` jasal għall-għadd preċiż b`effett mill-31 ta` Ottubru 2023 meta jibdew jiġu proċessati l-applikazzjonijiet. Min ma japplikax jibqa` barra. Imbagħad sa Mejju 2024 ikun meħtieġ skrutinju aktar speċifiku u kwalifikat.**

**Xehed li l-liċenzja tal-kuntrattur daħlet b`liġi f`Lulju 2023. Ix-xogħol preparatorju ta` tfassil beda fl-2019 – qabel kienet kostitwita l-BCA. L-abbozzi ta` regolamenti li jaf bihom hu huma tnejn wara Ġunju 2023.**

**Kien mistoqsi :**

***… Id-draft tal-liċenzjar tal-kuntratturi kif taf inti, dak l-ewwel draft kien f` Diċembru li għadda ?***

**Wieġeb :**

***Hekk hu, eżatt.***

**<u>Meta xehed it-tieni darba</u>, Jesmond Muscat ippreżenta dokumenti.**

**Xehed dwar il-BICC. Din l-entità ilha teżisti mill-1997. Wasal iż-żmien li l-BICC issir parti mill-BCA u hekk jidher li se jsir. Qal li l-BICC kienet involuta fil-proċess ta` konsultazzjoni – bħal stakeholders oħra - fit-tfassil tar-regolamenti dwar liċenzjar tal-kuntratturi li kien kondott mill-BCA.**

**Xehed dwar il-verifiki li tagħmel il-BCA sabiex taċċerta ruħha jekk żvilupp jinvolvix lil terzi. Fil-każ ta` dubju l-inkartament jerġa` jmur lura għand il-perit li jkun ippreżenta l-inkartament fil-bidu. Hemm ukoll numru ta` periti li b`inkariku tal-BCA jivverifikaw il-*method statements*.**

**Kien mistoqsi :**

***… ħa tkunu f`pożizzjoni li jekk tagħmlu site inspection u jkun hemm xi persuna li m`għandhiex skill card tieħdu azzjoni fuqha ?***

**Wieġeb :**

*L'hemmhekk sejrin. Però qabel immorru hemm irid ikun hemm ta` l-anqas il-kap tal-lant tax-xogħol li ħa jkun il-kuntrattur illiċenzjat qiegħed hemm …*

*… kemm ilha hemm il-BICC inħarġu elfejn erba' mija u disgħin (2490) skill card ; ma jfissirx li hemm elfejn erba` mija u disghin (2490) ruħ. Għax . hemm min għandu tliet (3) skill cards; voldieri. Din is-sena ħdimna tajjeb mal-BICC u rnexxielna aħna wkoll noħorġu ħames mija u għoxrin (520) professional skill card fuq renovation. Hawn qed nitkellmu l-aktar fuq struttura …*

**Kien mistoqsi hemmx prospettat li kull ħaddiem fil-lantijiet ikollu *skill card*.**

**Wieġeb :-**

*Waħda minn l-iktar challenges li ħa jkollna hemm barra hija l-lingwa. Voldieri li jagħmlu skill card hija tajba, naqblu magħha, miexjin 'l hemmhekk …*

**Muscat esprima l-fehma tiegħu fis-sens illi l-awtoritajiet għandhom jingħaqdu aktar fejn jidħlu r-riżorsi. Anke għalhekk tajjeb li l-BICC tkun parti mill-BCA.**

**<u>Meta xehed it-tielet darba</u>, Jesmond Muscat ippreżenta dokumenti oħra.**

**Ikkonferma li għandu kompetenza fuq l-iskorta ta` esperjenza kif ukoll ta` kwalifiki sabiex jaqdi tajjeb il-kariga tiegħu ta` Kap Eżekuttiv tal-BCA.**

**Stqarr li b`effett mis-16 ta` Diċembru 2022, il-ġurisdizzjoni tal-Construction and Management Regulations għaddiet għand il-BCA. Qabel dakinhar kienet responsabilità tal-PA. Dawk ir-regolamenti jirrigwardaw l-ambjent u l-pubbliku : trab, bankini, hoarding ; però mhux strutturi għaliex għal dawk ir-responsabilità hija tal-perit. Ċertament il-BCA mhijiex responsabbli għal strutturi ; lanqas wara s-16 ta` Diċembru 2022.**

**Dwar infurzar, kompla jaġġjorna l-figuri li kien ippreżenta f`udjenzi oħra.**

**Stqarr illi wara s-16 ta` Diċembru 2022 kienu nflitti 2242-il penali.**

**Fisser li dwar il-kwistjoni tal-liċenzjar tal-kuntratturi huma ma waqfu qatt – qal x`qal ħaddieħor fil-kors tal-inkjesta. Sal-31 ta` Ottubru 2023, applikaw 3797 persuna għal-liċenzja ta` kuntratturi. Bdew jibgħatu għan-nies biex tkun mistħarrga l-kompetenza (proficiency) tagħhom. Min mhuwiex fost dawk it-3797 ma jistax jaħdem però jista` japplika għal liċenzja proviżorja. L-aċċertamenti għandhom ikunu lesti f`Jannar 2025.**

**Kien mistoqsi :**

***għalaqtu t-toqob kollha biex ma jaħrabx xi wieħed u jgħallik ?***

**Wieġeb :**

***Meta xandarna l-ismijiet kollha tal-masons licence fuq il-website, kellna issue mill-GPDR, kellna xeba' issues, voldieri kien kemm xi ħadd u qisna tlifnih il-każ. Però li għamilna, għamilna l-I.D. card number u n-nies jistgħu jqabblu l-mason tagħhom, il-kuntrattur tagħhom, bl-I.D. card number dak iż-żmien. Illum naħseb mexjin għal dik is-sistema wkoll. Plus li l-liġi tagħtina li meta bniedem jiġi llicenzjat, issa aħna nagħtuh il-liċenzja, nistgħu nippubblikaw ismu. Voldieri aħna mexjin lil hemm, il-KTP, il-Kamra tal-Periti, tixtieq li nagħmlu dik ukoll. Voldieri apparti li ħa niċċekkjaw aħna, ħa nagħtu ċans lill-pubbliku wkoll iċ-ċwievet biex jiċċekkja hu.***

**Kompla jkun mistoqsi :**

***Jiġifieri jekk jiena rrid inkun naf min huma l-bennejja b`mod ġenerali qed ngħid jien, ta` Malta, biex imbagħad nagħżel jien lil min irrid, jien ma nistax niħħitja fuq il-website u nsib il-lista, hux hekk ?***

**Wieġeb :**

***Illum le.***

***Il-liġi tal-bennejja li ġejja ħa naraw li jkun iva.***

**Dwar l-i*skill card*, stqarr hekk :-**

***L-iskill card ġejja magħna. Il-BICC minn f`idejn Martin Debono ħa tiġi għandna. Fi żmien il-BICC … ħarġu qisu elfejn (2,000) skill card … Ħa jiġu wkoll in-nies min irid tal-BICC, voldieri qegħdin sebgħa (7) min-nies …***

**Dwar building codes, xehed li dawn ma kinux lesti u l-periti ma kinux aċċettawhom. Il-kordinatur kien il-Perit Martin Debono. Fis-26 ta` Ottubru 2022, Perit Debono avżah li l-codes ma kinux lesti.**

**Kompla jixhed li qegħdin jiġu applikati l-codes tal-1989 li harget il-UE għalkemm ma jistgħux jiġu enforzati bil-liġi.**

**Dwar il-kompiti assenjati lill-Perit Bezzina stqarr :-**

***qed jagħtu ħafna weight eżempju fuq is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem, li aħna bl-ikbar rispett għan-nies li hawn ġo din il-kamra, aħna m'għandniex responsabbiltà. Ħa noħolqu mega BCA aħna ? Għalkemm nagħmlu l-codes, u ħa niġi għall-mistoqsija tiegħek, Sur Perit, min ħa jieħu ħsiebhom dawn il-codes ? Hemm***

***ħafna cross reference tal-licensing of contractors u laqgħat tagħna, li ma jagħmilx sens bħala cross reference. L-istess dejjem irridu naraw who is going to follow up, min ħa jmexxi fuqhom, għax inutli nagħmlu l-liġijiet*.**

**Stqarr li bħala BCA huwa assikura li l-ħaddiema tiegħu jkollhom assikurazzjoni għal meta jkunu qegħdin jagħmlu xogħolhom inkluż fuq il-lantijiet tax-xogħol. Qabdu r-Rapport Quintano u qasmuh f`sezzjonijiet għall-fini ta` implimentazzjoni. Se jkomplu jsaħħu r-Reg. 623.06 biex dawn isiru aħjar. L-istess dwar l-i*skill cards* fejn se jkomplu jagħfsu fuqhom.**

**Kompla stqarr li fejn jirrigwarda l-liċenzjar tal-kuntratturi waslu ma` kulħadd però dwar il-building codes qal li għadhom *lura ħafna* (kliem testwali tax-xhud)**

**Dwar edukazzjoni u taħriġ, Muscat xehed li qed isir kors intern għall-enforcement officers. Qegħdin jirċievu taħriġ dwar conflict resolution, kif imorru man-nies, interpretazzjoni ta` pjanti, *method statements* u tagħrif dwar xjenza u materjali. Mhux għax ħa jagħmlu x-xogħol tal-perit imma biex hemm barra meta ħarġu dawn jifhmu aktar dwar ix-xogħol u l-kompiti tagħhom.**

**Saret din ir-rimarka lix-xhud mill-Bord :**

***… tiddejqux meta xi ħadd iċempel biex jinfurmakom li hemm cowboy jiġri fit-triq u qiegħed jibni bl-addoċċ, b`periklu għan-nies. Jekk hemm bżonn tmorru għaxar darbiet fuq il-post, għaxar darbiet jekk hemm bżonn, ma jimpurtax, tmorru, tinqabdu fit-traffiku ma jimpurtax, imma tmorru, għax il-preżenza tagħkom fis-sit hija kollox. Il-preżenza tagħkom fis-sit. Jiena rridkom tkunu suċċess mhux falliment. Imma turuhom li intom m'intomx, that you are prepared to take decisions that have to be taken. Hekk biss jisma` dan il-pajjiż. Mill-bqija ma jismax.***

**m) Adrian Galea**
**Direttur Ġenerali – Malta Insurance Association ("MIA")**

**Ikkonferma li bejn il-BCA u l-MIA għaddejjin diskussjonijiet (li jinsabu fi stadju avvanzat) dwar materji relatati mal-assikurazzjoni tal-kuntratturi. Id-diskussjonijiet bdew wara li ħareġ għall-konsultazzjoni l-ewwel abbozz tal-avviż legali dwar il-liċenzjar tal-kuntratturi.**

**Fisser illi kif kien abbozzat l-avviz legali kien pjuttost generiku. L-abbozz kien jaħseb għal asskiurazzjoni bħala prerekwiżit biex toħroġ il-liċenzja għall-kuntrattur. Fil-fehma tal-MIA dan ma kellux ikun u bħala analoġija għamlet referenza għall-assikurazzjoni tal-vetturi kif regolata bil-Kap 104 tal-Liġijiet ta` Malta. Kompla jfisser illi meta persuna ġġib il-liċenzja tas-sewqan mhux rikjest minn dik il-persuna li sabiex tingħata l-liċenzja biex isuq irid ikollha polza ta` assikurazzjoni. Din issir rekwiżit meta l-persuna tiġi biex issuq vettura sabiex terzi persuni jkunu**

**salvagwardati għal danni li jġarrbu tort tal-persuna li tkun qegħda ssuq vettura. Issa fil-każ tal-kuntratturi, jekk il-Gvern irid jassigura ruħu illi l-persuni li se jintlaqtu ħażin minn demolizzjoni, skavar jew kostruzzjoni ta` siti, allura ngħad mill-MIA li l-ħtieġa ta` assikurazzjoni m`għandux ikun meqjus bħala rekwiżit preġudizzjali għall-ħruġ ta` liċenzja.**

**Ix-xhud kompla jgħid illi l-MIA qalet lill-Gvern li hija favur *project based insurance cover* li hija kopertura bażata fuq proġett bil-karatteristiċi u/jew riskji tiegħu, aktar milli fuq *annual cover* li hija kopertura ġenerali ta` kuntrattur ta` sena, indipendentement mill-għadd ta` proġetti li jidħol għalihom f`dik is-sena.**

**Kompla jgħid illi l-Gvern fehem il-pożizzjoni tal-MIA tant illi fl-Avviż Legali li ħareġ f`Lulju 2023 l-assikurazzjoni ma baqgħetx rekwiżit sabiex toħroġ liċenzja. Illum l-obbligu tal-kuntrattur sabiex jopera huwa li jkollu *contractors all risks policy* però dik il-polza mhijiex rekwiżit sabiex toħroġ liċenzja favur kuntrattur.**

**Dwar *employers liability policy* li hija diversa minn *contractors all risks policy* għaliex filwaqt li tal-ewwel tkopri lill-impjegati tal-prinċipal it-tieni tkopri biss lil terzi li ma jkunx impjegati tal-prinċipal, Galea stqarr illi dwar *employers liability* id-diskussjoni mal-Gvern hija dwar liema setturi għandha tkopri. Bħala fatt is-settur tal-kostruzzjoni huwa *meqjus bħala relatively high risk*. L-MIA hija kontra li *employers liability insurance* tkun obbligatorja b`liġi biss għas-settur tal-kostruzzjoni għaliex temmen f`bilanċ bejn riskji tajbin u oħrajn bil-wisq inqas tajbin. Li kieku l-assikurazzjoni kellha tkun imposta b`liġi għal *high risk sector* bħal ma hija l-**

**kostruzzjoni, il-*premium* ikun għoli tant li l-ebda assikurazzjoni ma tippresta ruħha għar-riskju.**

**Ix-xhud kien mistoqsi dwar x`kienet sejra tkun il-pożizzjoni tal-MIA dwar *claims* ta` mpjegati skont *employers liability insurances* mposti b`liġi meta l-principal ifalli fl-obbligi kontrattwali tiegħu vis-à-vis l-assikurazzjoni, Galea wieġeb li d-diskussjonijiet mal-Gvern għadhom ma waslux sa dak l-istadju.**

**n) <u>Abigail Agius Mamo</u>**

**<u>Direttur Ġenerali - Malta Chamber of SMEs</u>**

**Xehdet illi fost il-membri tal-Malta Chamber of SMEs ("<u>Chamber</u>"). hemm il-kuntratturi tal-bini. Uħud jagħmlu ammont ta` proġetti limitati fis-sena u oħrajn huma fost l-ewlenin tal-pajjiż. Bħala organizzazzjoni huma jirrappreżentaw 90 settur ; il-konstruzzjoni huwa settur minnhom. Il-Malta Developers Association ("<u>MDA</u>") hija entità settorjali distinta miċ-Chamber.**

**Dwar jekk iċ-Chamber kenitx involuta fid-diversi stadji u bidliet leġislattivi tal-kwistjoni tal-liċenzjar tal-kuntratturi, kif ukoll kenitx involuta b`xi mod fl-aspett tal-assikurazzjoni tal-kuntratturi, ix-xhud wieġbet illi fil-parti regolatorja l-involviment taċ-Chamber bħala membru rappreżentat fil-Building Industry Consultative Council ("<u>BICC</u>") kien meta tkellmu dwar *skill cards* fis-sens illi kienu jaħdmu lejn sett ta` skills li jkun hemm bżonn fl-industrija f`livelli differenti u tipi ta` xogħolijiet differenti fl-industrija. Qalet li hija nvoluta b`mod dirett fid-diskussjonijiet relatati mal-BCA li sejra tkun qegħda tieħu post il-BICC. Fil-fatt il-BCA se jkollha**

**rwol konsultattiv. Dan huwa mudell li sar band`oħra fejn bordijiet konsultattivi li jkunu jinkludu l-imsieħba soċjali jagħtu kontribut. Il-ħsieb huwa li jkun se jiġi revokat regolament jew inkella jkun se jsir ieħor ġdid jitressaq quddiem il-bord konsultattiv il-membri jagħtu reazzjoni jew *feedback* tagħhom.**

**Xehdet illi fil-każ tal-liċenzjar tal-kuntratturi hekk qed isir. Fil-fatt iċ-Chamber kellu żewġ laqgħat ta` konsultazzjoni mal-BCA prinċipalment sabiex issir analiżi tar-revizjonijiet meħtieġa u l-fattur taż-żmien. Iċ-Chamber ressaq il-proposti tiegħu u qed jistenna rispons. Żiedet tgħid li r-riforma tal-BCA kienet diskussa fil-Malta Council for Economic and Social Development ("MCESD") ta` liema ċ-Chamber huwa membru u fejn għamel il-proposti tiegħu. Fis-sostanza, il-*feedback* taċ-Chamber kien favur il-liċenzjar serju tal-kuntratturi.**

**Għal domanda fis-sens li sal-lum kulħadd jista` jsir kuntrattur mingħajr obbligu ta` assikurazzjoni, ta` kompetenza u ta` taħriġ tan-nies, ix-xhud wieġbet li sal-lum hekk huwa l-kaz. Qalet illi fejn ikun hemm nuqqas kbir ta` standards min qed jipprova jagħmel l-affarijiet sewwa, min jipprova jimxi b`mod korrett u bi standards tajbin, ibati a skapitu tal-ħafna li jkunu *qegħdin jiġu jaqgħu u jqumu* (kliem testwali tax-xhud) bil-konsegwenza li jkunu qegħdin jagħmlu ħafna ħsara mhux biss lilhom infushom iżda lill-industrija kollha.**

**Stqarret illi huwa fl-interess taċ-Chamber li jkun stabbiliti *standards* minimi u minn hemm l-*standards* jibdew mhux biss jogħlew iżda jkunu nfurzati, b`enfasi fuq din tal-aħħar. Iċ-Chamber għamel insistenza mal-BCA li għandu jkun hemm investiment għal sistema elettronika ta` nfurzar.**

**Dwar l-aspett tal-assikurazzjoni, xehdet illi ċ-Chamber jemmen li l-kuntratturi, apparti liċenzja, għandu jkollhom assikurazzjoni adegwata. Huma japprezzaw li mhuwiex facli li jinkisbu *insurances* li għandhom livell ta` *exposure* qawwi u li huma daqsxejn komplessi kif jinħadmu. Aċċertat il-qbil fil-prinċipju, b`diskussjonijiet tekniċi wieħed jasal għal Sistema assikurattiva li tkun adattata. L-importanti huwa li jekk l-*insurance* ssir *requirement*, irridu nkunu ċerti minn qabel li l-*insurance* tkun teżisti Malta. L-obbligu għandu jidħol biss wara li jkunu saru l-aċċertamenti meħtieġa fis-suq tal-assikurazzjoni.**

**Kompliet tgħid illi meta sejħu laqgħa tal-kuntratturi membri tagħhom, dawk preżenti kienu favur il-liċenzjar. Dwar klassifikazzjoni ma kinux interrogati speċifikament. Qalet illi l-membri ma jiħdux gost fejn ikun hemm *cowboys* fl-industrija li jkunu qegħdin jagħmlu ħsara lill-industrija stess. Ħafna mid-drabi min jieħu l-briga li jidħol membru ta` assoċjazzjoni bħal tagħhom ikunu nies li l-biċċa l-kbira jkunu jixtiequ jagħmlu l-affarijiet sew u jinteressaw ruħhom li l-industrija timxi 'l quddiem.**

**Dwar it-TCNs qalet illi ċ-Chamber jaħdem mal-membri dwar din il-kwistjoni fuq bazi regolari. Waħda mill-*concerns* tal-membri huwa li għalkemm jaqblu li Malta għandha timxi lejn *framework* regolatorju, ma jsibux biżżejjed nies ta` ċertu *knowhow* li jkunu jistgħu jaħdmu u jkunu konformi kompletament. Dak li jgħodd għall-Maltin għandu jgħodd ukoll għat-TCNs. Illum biex inti ġġib TCN jaħdem f`settur partikolari, inti trid tipprova li dan għandu ċertu esperjenza li jaħdem f`dak is-settur. Ma jistax wieħed jiġi jagħmel xogħol speċifiku**

**li jrid ikollok *skills* partikolari għalih mingħajr ma ssir prova tal-esperjenza. Inoltre meta tingħata approvazzjoni li TCN jista` jaħdem f`qasam fejn irid ikollu *skill* partikolari, ikunu jsiru aċċertamenti tal-kaz ma` l-*employer*. L-aċċertamenti jsiru minn JobsPlus u Identity Malta.**

**Kienet domandata dwar l-abbozzi tal-avviżi legali tas-settur tal-kostruzzjoni li saru fl-2019, 2020, 2021 u 2022.**

**Stqarret li saru laqgħat ta` konsultazzjoni kemm preliminari kif ukoll fuq livell ta` BICC. Lejn l-aħħar kien hemm ukoll konsultazzjoni fl-MCESD.**

**Saret mistoqsija dwar x`qed isir min-naħa taċ-Chamber biex jassikura li l-membri jimpjegaw biss persuni li jkollhom *skill card*.**

**Ix-xhud wieġbet li *self-regulation* mhijiex is-soluzzjoni. Fl-istess waqt *enforcement* min-naħa tal-awtoritajiet irid ikun. Altrimenti li jiġri hu li meta min iħaddem ma jarax kontroll dovut minn min għandu l-awtorità hemm allura s-sistema ma taħdimx.**

**Apparti l-bżonn tal-i*skill cards* ix-xhud kienet domandata dwar il-pożizzjoni taċ-Chamber dwar regolamenti li jenforza l-ħtieġa li l-ħaddiema jkollhom ħiliet bażiku, ladarba self-regulation ma twassal imkien. Ir-risposta kienet illi safejn taf hi hemm diġà kriterji li jirriżultaw mil-liġijiet eżistenti imma ma kinux qegħdin jiġu nfurzati. Min-naħa tagħhom huma saħqu fuq l-*enforcement* għax aħna jemmnu li jekk sistema ma**

**tistax tiġi *enforced* b`mod sistematiku u prattiku *not just relying on human resources but adding other resources*, nafu li s-sistema mhix se tkun ta` suċċess. Iċ-Chamber b`ebda mod mhu joqgħod lura jew jittituba.**

**Dwar TCNs li ma jkunux reġistrati mal-awtoritajiet kompetenti u li jirriżultaw qegħdin jaħdmu, kienet domandata x`jagħmel iċ-Chamber jekk jirriżulta li l-*employer* ikun membru tagħhom. It-tweġiba kienet :-**

***Aħna ma jkollniex dik it-tip ta` viżibbiltà. Jiġifieri aħna la aħna l-awtorità li nkunu nafu min għandu fuq il-ktieb tax-xogħol tiegħu, m'għandna l-ebda dritt nistaqsu għal din it-tip ta` informazzjoni fuq il-membru. Aħna ovvjament dejjem niggwidawhom li it is absolutely not a good idea anke does not make business sense li huma jesponu ruħhom b`dan il-mod.***

**o) <u>Col. Mark Mallia,</u>**
**<u>Kap Eżekuttiv Aġenzija Identità</u>**

**Xehed illi dik li qabel kienet Identity Malta llum saret l-Aġenzija Identità, li tagħha huwa l-Kap Eżekuttiv.**

**Fisser :**

**Illi l-Aġenzija Identità dejjem kienet responsabbli mill-ħruġ ta` permessi ta` residenza fejn jidħlu Third Country Nationals ("<u>TCNs</u>"). Fil-każ ta` persuni li jaslu minn pajjiżi membri tal-UE joħroġ biss dokument ta` residenza. Fit-13 ta` Diċembru 2011 l-UE ħarġet is-Single Work Permit Directive, fejn għaqdet il-permess**

**tax-xogħol mal-permess ta` residenza. Dan l-eżerċizzju qed isir minn Aġenzija Identità.**

**Illi meta jkun hemm TCN li se jiġi jaħdem Malta hemm proċess x'jiġi segwit. L-ewwel ħaġa l-employer tal-persuna irid ikun reġistrat u jrid ikollu permess biex iħaddem nies rilaxxjat minn Jobsplus. Jekk ikollu dik il-liċenzja, u ser iġib TCN minn barra, irid jirreġistra fil-portal tal-Aġenzija Identità biex ikun jista` japplika għal ħaddiema barranin. Meta japplika għall-ħaddiema barranin, kemm l-employer u kif ukoll il-prospective employee iridu jidħlu fuq il-portal u jissottomettu diversi dokumenti li jkunu rikjesti bħal impjieg ta` xogħol li se jingħata u fejn se joqgħod, li ser ikollu insurance u dokumenti oħra.**

**Illi meta l-employer jissottometti l-applikazzjoni kompleta bid-dokumenti, din tmur għand l-prospective employee biex jagħmel endorsement biex ikunu ċerti li dak l-applikant jaf tassew bid-dokumenti li jkunu ġew preżentati. Wara l-endorsement, u wara li taċċerta ruħha li kollox qiegħed in order, l-Aġenzija Identità tibgħat kollox lill-istakeholders tagħna.**

**Tmur għand Jobsplus peress li hija l-aġenzija responsabbli mis-suq tax-xogħol. In-nies tagħha jagħmlu l-Labour Market Testing tagħhom. L-applikazzjoni tmur ukoll għand il-Pulizija li jagħmlu l-verifiki tagħhom dwar l-applikant għall-fini ta` sigurtà u ordni pubbliku.**

**Intant Aġenzija Identità tistenna sakemm jintemmu l-verifiki kollha.**

**Meta Jobsplus u l-Pulizija jagħtu l-go ahead tagħhom, Aġenzija Identità toħroġ l-Approval in**

**Principle Letter ("APL") favur it-TCN. Minn hemm 'l hemm jekk il-persuna tkun ġejja minn pajjiż illi Malta jkollha ftehim dwar visa exempt status allura t-TCN ikollu żmien 90 jum biex jiġi Malta u japplika għall-biometrics. Meta jiġi għall-biometrics il-persuna jġib id-dokumenti oriġinali kollha. Imbagħad minn hemm toħroġlu l-card.**

**Jekk il-persuna tkun ġejja minn pajjiż fejn ikun hemm bżonn ta` visa biex jidħol fiż-żona Schengen, f`dak il-każ għalkemm ikollu l-APL jiskatta proċess ieħor.**

**Dan huwa l-proċess ta` applikazzjoni ta` visa li huwa separat u indipendenti mill-ewwel stadju. Tiġi preżentata applikazzjoni għal D Visa hija *a long stay visa* li qabel kienu jiġu sottomessi fl-Ambaxxjati ta` Malta barra. Fi żminijiet riċenti, il-proċess tad-D Visa għadda għand l-Aġenzija Identità.**

**Il-punt huwa li jekk il-persuna għandu bżonn D Visa jrid japplika għat-tieni stadju, fejn tiġi evalwata l-applikazzjoni tiegħu, u jekk il-visa toħroġ, ikun jista` jiġi Malta u jkompli ghat-tieni stadju. Dan ifisser li jiġi għall-biometrics iġġib id-dokumenti kollha oriġinali. Minn hemm jistenna s-*single work permit card* u biha biss ikun jista` jibda jaħdem. Normalment dik is-*single work permit card* tkun valida għal sena.**

**Kien mistoqsi jkun rikjest minn employer li jitlob li jimpjega TCN fil-kostruzzjoni.**

**It-tweġiba kienet :**

**Jintalab il-kuntratt ta` impjieg. L-eżerċizzju tal-labour market testing u l-iskrutinju relattiv huwa kompetenza ta` Jobsplus. Aċċertamenti dwar esperjenza, kompetenza, sengħa jrid isir minn Jobsplus. Id-dokumenti li l-Aġenzija Identità tircievi tibgħathom lil Jobsplus għall-iskrutinju tagħha tant li l-Aġenzija ma toħroġ ebda *single work permit* mingħajr l-*endorsement* ta` Jobsplus.**

**Ippreċiża li fl-2019 kien hemm deċiżjoni li jkun hemm *declaration of suitability* – formola fejn l-*employer* jiċċertifika illi l-applikant huwa kompetenti fix-xogħol u jimmarka fuq liema bażi qed isostni l-kompetenza tal-persuna. L-aħħar kelma tkun ta` Jobsplus. Jekk Jobsplus tapprova, l-Aġenzija Identità toħroġ is-*single work permit*.**

**Kompla jfisser li r-regoli għall-impieg ta` persuni ġejjin minn Stati Membri tal-UE u dawk li huma TCNs huma differenti. Infatti tal-ewwel lanqas jgħaddu mill-Aġenzija.**

**Qal illi meta jkun ħareġ *single work permit* l-Aġenzija għandha *reporting unit* li jagħmel parti mill-*compliance unit* li bis-saħħa tal-liġi għandha s-setgħa ta` verifika ta` jekk persuna għandhiex permess ta` xogħol. Fl-2022 u 2023 zdiedu l-ispezzjonijiet. Jekk persuna b`*single work permit* tibdel l-impieg jew ir-residenza tagħha trid tavża lill-Aġenzija nkella l-preżenza tagħha Malta tkun illegali u tkun soġġetta għal deportazzjoni. L-Aġenzija għandha d-dettalji tat-TCNs kollha li jaħdmu Malta.**

**p) <u>Av. Dr. Jason Azzopardi</u>**

**Dr Azzopardi kien wieħed mill-persuni li minn jeddu talab li jixhed, liema talba kienet ammessa mill-Bord.**

**Ippreżenta dokumenti u kkonferma l-awtenticita` tagħhom.**

**Stqarr li wara l-mewt ta` Jean Paul Sofia, huwa kien avvicinat taħt is-sigriet professjonali minn uffiċjal pubbliku għoli ħafna fil-Gvern li qallu li kien hemm regolamenti diġà lesti fl-2021 u twaqqfu mill-Kabinett f`Jannar.**

**Kompla jixhed li wara l-1987 il-prassi kienet fil-Kabinett, Ministru jippreżenta memorandum b`*draft legal notice* anness. Fil-każ tal-lum, hekk sar tant li rriżulta li kien hemm memorandum li kien preżentat lill-Kabinett fis-7 ta` Diċembru 2021 mill-Ministru Aaron Farrugia u s-Segretarju Parlamentari Chris Agius. Huwa kiseb konferma minn membru tal-Kabinett preżenti.**

**Qal illi fl-ewwel paġna tal-memorandum hemm l-ispjega tal-Ministru. Hemm ukoll żewġ sets tad-*draft legal notices* li kienu ffirmati mill-Ministru Aaron Farrugia, mis-Segretarju Parlamentari Chris Agius, u miċ-Chairperson tal-Bord tal-BCA. Ma hemmx il-firma tal-Prim Ministru. Fid-dokument jingħad mill-Ministru Farrugia : *Cabinet is invited to approve the draft licencing of building contractors regulations 2021 and the establishment of the skill level requirements for construction works regulation 2021 for public consultation.***

**Tirriżulta minuta tal-Cabinet Secretary Mario Cutajar tal-25 ta` Jannar 2022.**

**Kompla jgħid li kien hemm abbozz ta` minuti tal-minuti tal-laqgħa numru 98 tat-tieni Kabinett li saret fl-10 ta` Jannar 2022. Il-Ministru għall-Ambjent kellu żewġ memoranda għad-diskussjoni. Is-Segretarju Parlamentari għall-Kostruzzjoni fisser l-ewwel memorandum bit-titlu Licensing of Building Contractors 2021 u l-Establishment of the Skill Level Requirements for Construction Works Regulation 2021. Il-kabinett iddiskuta fit-tul is-suġġett quddiemu u qies iċ-ċirkustanzi kollha li wasslu għal dan il-memorandum. Kien diskuss dwar jekk il-bidliet fil-liġi kellhomx imorru għal konsultazzjoni pubblika f`dak l-istadju. Wara li qies kollox, il-Kabinett idderiġa li għandu jkun hemm taħdidiet mal-istakeholders involuti qabel ma jkun hemm passi oħra biex jiġu ntrodotti t-tibdiliet. Sadanittant ukoll il-Kabinett idderiġa li għandha ssir reviżjoni tal-penali amministrattivi involuti minħabba li uħud minnhom ma kinux jibbilanċjawx man-nuqqas nnifsu u allura setgħu jidhru li huma akbar min-nuqqas.**

**Stqarr li r-regolamenti li ħarġu fis-sajf tal-2023 huma prattikament identici għall-abbozzi. B`hekk intilfu sena u nofs. L-unika differenza kienet li l-licencing tal-kuntratturi kienet remit proposta tal-BCA fir-regolamenti ta` Lulju 2023.**

**Ippreċiża li l-Ministru li tkellem mieħu stqarr mieħu li meta saret id-diskussjoni fil-Kabinett ta` Jannar 2022, xagħrejn qabel l-elezzjoni, kollox waqaf hemm għar-raguni :** ***'Ħa tispiċċaw iġġielduni mal-kuntratturi'*** **Kien għalhekk li ma kienx hemm public consultation.**

**q) <u>Av. Dr. John Vassallo</u>**
**<u>Chairman – Awtorità tal-Artijiet</u>**

**Xehed illi huwa kien maħtur Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet fi Frar 2021. L-Awtorità mhijiex sid imma tieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-art kollha tal-Gvern, hlief għal dawk l-istanzi fejn b`liġi l-amministrazzjoni, drittijiet u responsabbiltajiet għal ċerti artijiet tal-Gvern għaddew għand entità pubblika oħra.**

**Dr Vassallo ppreżenta dokumenti li jsostnu x-xiehda tiegħu.**

**Fil-fatt fir-rigward tal-qasam industrijali ta` Kordin inkluż is-sit fejn miet Jean Paul Sofia, huwa personalment għamel riċerka u sab li fl-1992 diġà kien hemm korrispondenza bejn il-Malta Development Corporation ("MDC") u l-Kummissarju ta` l-Art kif kien magħruf dak iż-żmien biex jidentifikaw liema art fil-qasam industrijali ta` Kordin għandha tgħaddi f`idejn l-MDC.**

**Kompla jixhed illi in segwitu għal dawn it-trattattivi sar l-Avviż Legali 67 tal-1993. Hemm sar trasferiment ta` drittijiet u responsabbiltajiet li fost oħrajn kien jinkludi *biċċa art f`Kordin limiti ta` Raħal Ġdid flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta LD10 tan-92.***

**Kompla jixhed :**

***Issa fuq din il-pjanta tlabt li jidentifikawli jiena is-sit partikolari mertu ta` dawn il-proċeduri.***

**Dwar il-Kap 169 li bis-saħħa tiegħu sar l-Avviż Legali fisser :**

***... Hemm proviso għas-section 2 that in respect of such land that may from time to time be specified in an order of the President published in the Gazette the Malta Development Corporation shall exercise the rights and responsibilities of the Commissioner of Land.***

**Kompla stqarr illi taħt kull amministrazzjoni, trasferiment ta` drittijiet u responsabbiltajiet dejjem kien mifhum li l-Kummissarju tal-Artijiet (illum l-Awtorità tal-Artijiet) ma jibqax ikollha ġurisdizzjoni u *ipso jure* kollox igħaddi għand l-entità li tkun, f`dan il-każ l-MDC. In segwitu l-funzjonijiet tal-MDC in kwantu għal investiment barrani għaddew għand MIMCOL waqt li dawk rigwardanti investiment lokali għaddew għand Malta Enterprise. L-amministrazzjoni għaddiet għand Malta Industrial Parks ; din wara kellha bidla fl-isem u saret INDIS.**

**Ix-xhud kien mistoqsi :**

***... meta tiġi operation ex lege bħalma saret f`dan il-każ, L-Awtorità, qabel il-Kummissarju mbagħad l-Awtorita, tibqa' żżomm track ta` x'jkun qed isir minn dik l-art ?***

**Wieġeb :**

***Mhux possibli.***

**Stqarr illi l-art toħroġ għal kollox barra mir-remit tal-Awtorità.**

**Saħaq illi mhuwiex umanement possibbli għall-bord tat-tmexxija tal-Awtorità li jiskrutinja l-esproprji kollha ta` Malta, it-tfassil ta`** ***policies*** **rigward art tal-Gvern, tranżazzjonijiet li jeċċedu l-€400,000, dawn tal-aħħar aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar ikun hemm minnhom. Kien preċiż-**

***There is not the manpower, there is not the human possibility illi għal kull entità pubblika li lilha tkun saret il-handover ta` art jew oħra illi jiena nkun naf inkun il-pulizija ta` kulħadd*** **(kliem testwali ta`Dr Vassallo)**

**Sostna li l-uniku xenarju li seta` jara bħala Chairman tal-Awtorità huwa li** ***fil-każ li jasal rapport fondat li biċċa art illi kienet ġiet fir-remit ta` INDIS or whoever barra minn fuqna qed tintuża bħala burdell, le hemmhekk imbagħad inkun l-ewwel wieħed li jmur għand il-gvern u ngħidu ħa naraw x'se nagħmlu sieb fuqha din għax mhux sewwa.*** **(kliem testwali ta` Dr Vassallo) Jagħmel hekk mhux għax l-Awtorità għandha setgħa residwali iżda fuq l-inizjattiva tiegħu billi ikun hemm fin-nofs l-interess pubbliku.**

**Xehed li l-Awtorità tal-Artijiet la direttament u lanqas indirettament ma kienet involuta fl-allokazzjoni tal-art in kwistjoni lil All Plus Limited u/jew lil Matthew Schembri u/jew lil Kurt Buhagiar. U lanqas setgħet qatt tkun** ***ipso jure.***

**Stqarr illi bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tal-Kap 573, il-Gvern għandu dritt jagħti deċiżjonijiet strateġiċi min-naħa tiegħu. Fil-każ taħt eżami ma kienx hemm deċiżjoni strateġika. Fakkar li ipso jure r-remit ta` entità pubblika is not** ***a matter of political direction or of choice*****. Issa jekk is-sitwazzjoni hijiex ideali o meno dik ħaġa li jrid jaraha l-leġislatur.**

**Kompla jixhed illi meta INDIS tagħti talloka art l-Awtorità ma tkunx infurmata minn INDIS bit-trasferiment.**

**Kien mistoqsi :**

***... Fuq ir-rapport tagħkom anqas ikun hemm rekord ta` dan it-trasferiment nimmaġina ? Id-database tagħkom, artijiet.***

**Wieġeb fin-negattiv :**

***Għaliex kif inhi l-liġi ... l-INDIS tkun mhux biss daħlet fiż-żarbun tagħna tkun ħaditulna ż-żarbun.***

**Kompla hekk :**

***... I think we are in agreement illi l-liġi kif inhi mhix fi stat ideali u dan hu li jiġri meta minħabba l-volum ta` xogħol, minħabba tibda ssir firxa ta` responsabbiltajiet, jinħolqu ħafna entitajiet pubbliċi.***

**Qal li l-Awtorità mhijiex is-*safe keeper* tal-artijiet tal-Gvern imma biss l-amministratur.**

**U kompla li fil-każ anke tal-art de qua u oħrajn *dak id-dritt ittiehed minn idejna ... ipso jure* (kliem testwali ta` Dr Vassallo)**

**Żied b`insistenza :**

***… nixtieq kieku li inkun nista` nieħu inizjattiva immur fuq l-INDIS u ngħidilhom isma` ħudu paċenzja imma nsib lil xi ħadd jgħidli ħu paċenzja m'għandek l-ebda rimit inti.***

**Sar kumment mill-Bord lil Dr Vassallo :**

***Nixtieq, nixtieq nisimgħu jgħidilek Dr Vassallo però ta lilek għax ma naħsibx li tħallilu għaddejja lixxa ta` jiena.***

**Ir-reazzjoni ta` Dr Vassallo kienet :**

***Maybe we will try it someday.***

**r) <u>Not. Dr. Jean Pierre Attard</u>**

**<u>Chairman Eżekuttiv – INDIS Malta Limited</u>**

**Xehed <u>darbtejn</u>.**

**<u>Meta xehed l-ewwel darba</u>, stqarr illi huwa sar Chairman Eżekuttiv ta` INDIS Malta Limited ("<u>INDIS</u>") fl-1 ta` Lulju 2023. Fit-2 ta` Settembru 2020 kien inħatar Chairman Mhux Eżekuttiv tal-istess kumpanija. Sal-1 ta` Lulju 2023 il-Kapijiet Eżekuttivi kienu Karl Azzopardi, warajh il-Perit Joseph Attard, u wara dan Keith Fenech.**

**Il-Bord staqsa :**

***U dawn il-bidliet kollha għalfejn ?***

**Ix-xhud wieġeb :**

***Ħa ngħidlek, naħseb illi l-INDIS Malta minn min mindu l-Prim Ministru fl-amministrazzjoni preċedenti, jiġifieri qabel l-elezzjoni, firdilha r-responsabbiltà ministerjali, kien hemm qisu modi ġodda ta` kif naħdmu. Jiġifieri llum mit-2020 minn mindu laħaq il-Ministru Silvio Schembri u ġiet taħt ir-responsabbiltà tiegħu qisna tbegħedna naqra mill-Malta Enterprise, għaliex dawn ilhom jaħdmu flimkien mit-2004. Jiġifieri meta ġiet abolita l-MDC, l-INDIS Malta, dak iż-żmien Malta Industrial Parks, ħadet iktar l-element ta` property division li kien jeżisti fl-MDC, u l-Malta Enterprise baqgħet ovvjament tagħmel ix-xogħol li kien jagħmel l-MDC. Wara li l-INDIS waqgħet taħt ir-responsabbiltà tal-Ministru Silvio Schembri u l-Malta Enterprise baqgħet taħt ir-responsabbiltà tal-Onorevoli Miriam Dalli, qisu kien hemm ftit awtonomija iktar milli kien hemm qabel, għaliex iż-żewġ awtoritajiet qabel kienu jaħdmu ħafna flimkien, u mbagħad qishom l-entità u l-kumpanija tagħna bdew iktar jaħdmu b`mod awtonomu. U domna ftit sakemm sibna saqajna b`mod amministrattiv.***

**Xehed illi Malta Enterprise kienet is-suċċessur tal-Malta Development Corporation ("<u>MDC</u>"). Malta Industrial Parks Limited ("<u>MIP</u>") kienet kostitwita fl-**

**2002 u ħadet il-*property division* li kienet tmexxi l-MDC. Il-bidla ta` MIP għal INDIS kienet biss kosmetika fis-sens li bdil fl-isem.**

**Kien mistoqsi għala sar il-bdil tal-isem.**

**Wieġeb :**

***Iva, ngħidlek x'kienet eżatt meta meta dħalt jiena fl-2020, kienu bdew jaħdmu fuqu Karl Azzopardi, però mbagħad meta lħaqt chairman niftakar li kien eżatt il-mument illi kien qed isir ir-rebranding. Dak iż-żmien il-Gvern kien ħabbar investiment infrastrutturali ta` erba' mija u sebgħin miljun (470,000,000) li kien ġie approvat anke mill-Kabinett u allura qisu kien ħa jibda jingħata dehra ġdida, kien hemm pjan ta` seba` (7) snin biex l-industrial estates l-iktar nimmodernizzawhom, u kien dak iż-żmien illi kien ġie deċiż mill-bord ta` qabel illi jsir rebranding tal-kumpanija. Saret iktar, jiġifieri maż-żmien il-Malta Industrial Parks ma baqgħetx biss dak illi għadditilha l-MDC, jiġifieri llum l-INDIS, ex Malta Industrial Parks, tamministra per eżempju l-Malta Maritime Hub, li jaqa' taħtha, tamministra s-Safi Aviation Park, illum għalaqna għaxar (10) snin illi bdejna fl-Aviation Park. Nieħdu ħsieb il-Crafts Villages. Jiġifieri maż-żmien evolviet u ħadet iktar industrial estates fuq il-kotba tagħha.***

**Qal li INDIS hija l-amministratur tal-oqsma industrijali għax *l-owner tibqa' l-Lands Authority*. (kliem**

**testwali tax-xhud) In segwitu stqarr :** ***L-owner tal-artijiet jibqa' dejjem il-Gvern*****. (kliem testwali tax-xhud)**

**Kompla jixhed illi fost l-oqsma ndustrijali amministrati minn INDIS hemm dak ta` Kordin wara li kien sar trasferiment tal-amministrazzjoni mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet. L-estate ilu hekk amministrat mill-2004. Kompla jgħid : ...**

***għadna sal-lum nieħdu artijiet mingħand per eżempju l-Lands Authority. Jiġifieri fl-estate ta` Kordin jaf hemm artijiet li huma owned u administered mil-Lands per eżempju. Hemm artijiet li huma private, mhumiex tal-Gvern, u allura l-eżerċizzju kontinwu għadu għaddej sal-ġurnata tal-lum, fejn ċertu artijiet jgħaddu mingħand il-Lands għal għand l-INDIS.***

**Ikkonferma li fil-pjanti esebiti mic-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet hemm l-estate ta` Kordin u s-sit fejn miet Jean Paul Sofia. Però ppreċiża :** ***ma jfissirx illi dan li hawn demarkat hawnhekk għadu l-istess. Jiġifieri jista` jkun li naqsu xi artijiet jew żdiedu xi artijiet.***

**Ippreżenta dokument fejn tirriżulta l-eżenzjoni mill-Prim Ministru tal-obbligu tal-konfidenzjalita`.**

**Dwar l-amministrazzjoni li tagħmel INDIS Dr Attard xehed illi l-punt kardinali tal-amministrazzjoni hija l-allokazzjoni u cioè** ***talbiet għal allokazzjonijiet industrijali.*** **(kliem testwali tax-xhud).**

**In segwitu ppreċiża :**

**... *l-proċess jaħdem billi kull min għandu interess illi f`Malta jieħu art industrijali, l-ewwel ma jagħmel jibda bi proċess mal-Malta Enterprise. Jiġifieri l-prassi hija illi l-Malta Enterprise tevalwa kull proċess għal talba ta` allokazzjoni ta` art. Jiġifieri l-proċess jibda kompletament mill-Malta Enterprise. Once li jispiċċa dak il-proċess, il-Malta Enterprise toħroġ dik li aħna nsejħulha letter of intent, illi fil-Malta Enterprise Act tissejjaħ incentives entitlement certificate. Jiġifieri l-MDC per eżempju, il-letter of intent li kienet toħroġ dak iż-żmien kien qisu kuntratt, għaliex propju l-liġi kienet tgħid illi dak l-entitlement certificate huwa kuntratt bejn il-korporazzjoni, il-Gvern u l-holder tiegħu. Dak ix-xogħol baqgħet tagħmlu l-Malta Enterprise.***

***... Once illi tiġi evalwata u approvata eventwalment mill-Malta Enterprise, dak il-letter of intent illi jinħareġ dik imbagħad tgħaddi għand l-INDIS, u hemmhekk l-INDIS jiskatta proċess biex insibu allokazzjoni għal dak il-proġett li jkun diġà ġie approvat.***

**Kompla :**

***... Malta Enterprise hija iktar iggerjata biex tevalwa l-business proposal tal-applikant, il-financials tal-applikant, il-kreazzjoni u kemm ħa jħaddem nies per eżempju, kemm ħa jkun ta` benefiċċju għall-ekonomija. Dak huwa xogħol li jagħmluh huma.***

**Wara li toħroġ il-*letter of intent* minn Malta Enterprise, tidħol INDIS biex tagħmel l-allokazzjoni. INDIS m`għandha l-ebda setgħa tikkontesta l-*letter of intent.* B`ebda mod ma tidħol fl-istesura tal-*letter of intent.***

**Dr Attard kien mistoqsi dwar l-allokazzjoni li INDIS għamlet favur All Plus Limited tas-sit fejn miet Jean Paul Sofia.**

**Ippreżenta l-kuntratt u d-dokumenti li kienu annessi. Fid-data tal-kuntratt il-kumpanija kienet Malta Industrial Parks mhux INDIS.**

**Stqarr li mingħajr il-*letter of intent* minn Malta Enterprise, kuntratt ta` allokazzjoni ma jsirx. Hekk kien il-każ preżenti. Meta ma jkunx hemm *letter of intent*, ġieli sar *encroachment.* Dan ma kienx il-każ tal-lum.**

**Dr Attard kien mistoqsi :**

***Xi mument. Wara li sar dan il-kuntratt, mill-2019 sal-lum sakemm irċevejt it-taħrika li trid tiġi hawn, inti qatt you questioned it that contract ?***

**Wieġeb :**

***Yes, I did.***

**Stqarr li dik kienet l-ewwel okkażjoni li xehed dwar l-inċident. Ma xehedx fl-inkjesta maġisterjali.**

**Xehed :**

***... dakinhar niftakarha ċara, għaliex kont qiegħed il-Mellieħa u kif qaluli li ġara inċident f`Kordin ovvjament inżilt mill-ewwel. Ġaladarba tkun area amministrata minnha, deherli li kelli ninżel. Kien is-Sibt.***

**...**

***Inżilt dakinhar fuq il-post, kien hemm diġà s-CEO preżenti ta` dak iż-żmien, il-Perit Joe Attard. Naħseb illi kienu għadhom kif salvaw lill-workers l-oħra, jiġifieri ma lħaqtx dak is-salvataġġ. Kienu diġà ħarġuhom. Is-CPD ovvjament aħna għandna close collaboration ħafna mas-CPD, jiġifieri ngħinuhom ħafna anke bis-CSRs tagħna biex biex xtraw il-makkinarju, biex proprjament ovvjament jgħinu fejn ikun hemm bżonn, u allura kif rawni, speċjalment is-Sur Coleiro u anke l-Perit Graham Attard, li huwa uffiċjal, talabni biex ngħinhom fejn jidħlu pjanti, biex ikunu jafu fejn kien hemm ġiebja per eżempju, minħabba l-periklu li bdew jaħsbu li jista` jkun illi jkompli jikkrolla l-bini. Ovvjament għamilt kuntatt mat-technical departiment tagħna u tajnihom il-pjanti biex ikunu jistgħu jaraw kif ħa jagħmlu s-salvataġġ. Konna qed ngħinu wkoll on site per eżempju fejn ħa***

*jitfgħu dak li bdew jaqilgħu, jiġifieri peress illi per eżempju faċċata għad għandna l-artijiet vojta, dak il-ħin bdejna nirranġaw biex ovvjament jitfgħu l-materjal biex kemm jista` jkun ikunu spediti u x-xogħol isir ta` malajr għax kieku ma jkollokx fejn titfa' l-ġebel, trid tipprova tara fejn ħa tieħdu. Jiġifieri kienet ikkumplikata. Ovvjament dakinhar avżajt kemm lill-ministru u kemm lid-diretturi illi ġara inċident fl-industrial estates tagħna, kif inhu naħseb obbligu tiegħi illi nagħmel, u mbagħad naħseb illi sakemm imbagħad bdew ħerġin il-fatti, kien hemm mument ta` pawsa għax ovvjament trid tistenna. Kienu avżawni mill-ewwel illi hija b`ċens temporanju, u allura hemmhekk tkun qed taħdem differenti minn kieku kienet b`kera per eżempju għaliex ġaladarba tkun kera, l-art tibqa' tgħajjat lilek b`ċens temporanju. Ovvjament tkun tkun tajtha, jiġifieri l-pussess u l-ownership ikun mar kompletament fuq is-sidien tagħha bil-kuntratt. Però mbagħad ovvjament meta bdew ħerġin l-affarijiet li isma` jista` jkun hemm xi ħaġa ħażina, speċjalment fl-allokazzjoni, għaliex tibda tisma` mill-media l-affarijiet, you question it. Jiġifieri konna ddiskutejnihom. L-ewwel m`għamilt naħseb staqsejt lill-persuni li kien għad fadal magħna għaliex mhux kull min kien fl-allocation committee dak iż-żmien meta ttieħdet id-deċiżjoni li tiġi allokata l-art, għadu mpjegat tagħna. Però hemm xi tliet persuni li kienu mpjegati magħna staqsejthom.*

**Dwar il-kumitat ta` persuni li ttratta l-allokazzjoni kompla jixhed hekk :**

*... Il-kumitat illi ddeċieda dakinhar li jagħti l-allokazzjoni lill-Allplus, kien kompost mis-Sur Karl*

***Azzopardi li kien is-CEO u kien iċ-chairperson tal-kumitat, is-sur Damian Whitehead li kien il-persuna li jieħu ħsieb il-propjetajiet fi ħdan il-kumpanija, fi ħdan l-INDIS, kellek lin-Nutar Roberta Rapa li kienet parti mil-legal section tal-INDIS flimkien ma` Elsa Borg, u li wkoll kienet membru, u kien hemm dakinhar is-Sur Christian Gatt li għadu ħaddiem tagħna li kien observer, huwa parti mill-property division u jitla' bħala observer fil-kumitat. Excused, jiġifieri ma kinux preżenti għal dak il-kumitat imma jiffurmaw parti mill-kumitat, kien hemm Alla jaħfrilha l-Avukat Katrina Borg Cardona, li sfortunatament m'għadhiex magħna, kien hemm iċ-chief controller excused ukoll, is-Sur Louis Attard, u kien hemm iċ-chief technical officer Noel Azzopardi li kien ukoll skużat dakinhar. Jiġifieri kellek preżenti ħamsa min-nies li wieħed minnhom kien observer u kellek tliet persuni oħra li dakinhar kienu skużati.***

**Dr Attard jgħid li staqsa lill-membri tal-kumitat jekk fl-allokazzjoni lil All Plus Limited kienx hemm xi ħaġa differenti minn ta` każi oħra. It-tweġiba li kellu kienet li l-proċess mexa normali, u ma rriskontraw xejn li seta` jġiegħlhom jiddubitaw.**

**Kien mistoqsi għalfejn kumitat magħmul minn dawn il-persuni kollha biex issir l-allokazzjoni ladarba kien hemm il-*letter of intent* mingħand Malta Enterprise.**

**Wieġeb :**

***Iva, għaliex l-amministrazzjoni mhijiex faċli daqs kemm wieħed jaħseb. L-ewwel nett l-art hija skarsa, jiġifieri aħna m'għandniex il-lussu illi għandek ħafna artijiet u tista` talloka fejn trid. Jiġifieri f`dan il-każ qed nitkellmu fuq art ta` tliet mitt (300) metru kwadru, li hija waħda mill-iżgħar artijiet illi jagħti l-Gvern … daqs size ta` appartament u nofs … Allokazzjonijiet ikunu ħafna ikbar … iva, għandek bżonn expertise tekniku …***

**Stqarr ukoll li l-post fejn issir l-allokazzjoni hija prerogattiva ta` INDIS wara li tqis id-daqs tal-proġett, id-disponibilita`ta` art u n-negozju li jkun se jsir. L-allokazzjoni lil All Plus Limited saret sena qabel hu sar Chairman Eżekuttiv.**

**Dr Attard kien mistoqsi kienx jaf li l-binja fuq is-sit allokat kenitx *free standing*.**

**Wieġeb li l-binja kienet tiela` waħedha, però ma jfissirx li ta` ħdejha ma kinux allokati. Kompla jgħid li la s-sit ikun ingħata b`temporanju, INDIS ma tidħolx aktar. Mhuwiex ir-remit ta` INDIS li tassikura li l-bini tiela` sewwa, li l-ħaddiema fis-sit ikunu tutelati jew jekk iċ-ċenswalisti humiex josservaw il-kondizzjonijiet tal-kuntratt.**

**Kien mistoqsi :**

***… din a yes or a no, inti bħala amministratur pubbliku, int ma jidhirlekx li huwa fil-kompitu tiegħek***

***bħala fejn inti, illi inti tara jekk dan għandux permess tal-bini, jekk hemmx method statement, jekk hemmx commencement of works, jekk qagħadx mal-permessi kollha ? Ma tidħolx fiha inti din ?***

**Wieġeb :**

***Mhux daqshekk sempliċi.***

**Kien mistoqsi :**

***Kumplikati daqshekk id-domandi ?***

**Wieġeb :**

***Le, mhux ikkumplikati. Imma meta tkun kumpanija illi inti l-workforce tiegħek hija fuq l-allokazzjoni u fuq l-administration, hemm awtoritajiet oħra illi once illi jibda l-bini per eżempju aħna m'għandniex nies tekniċi li jmorru jaraw jekk il-ġebel hux tajjeb per eżempju ... mhuwiex il-mansjoni ta l-INDIS li tmur tara kif qed tinbena l-binja.***

**Kien mistoqsi :**

***Imma inti ma tinkwetakx din lilek ?***

**Wieġeb :**

***Tinkwetani. Ħa ngħidlek ara. Jiena minn kemm ilni li dħalt, bdilt ħafna affarijiet jiġifieri, u llum qed nerġa' nibdel affarijiet li għamilt jien stess sena u nofs ilu. Jiġifieri tant titgħallem, tant id-dinja qed tevolvi malajr, illi impossibbli jkollok a foolproof situation fejn inti għandek kollox taħt kontroll.***

**Kien mistoqsi :**

***Inti l-film rajtu, tal-waqgħa ?***

**Wieġeb :**

***… Rajtu, u ħa ngħidlek, Sur Imħallef, ma kontx ħa ngħidha imma dik il-ġurnata naħseb kienet waħda mill-agħar ta` ħajti jien. Jiġifieri l-fatt li tara, li tkun taf li hemm xi ħadd hemm isfel, għamilt sitt sigħat hemm inħares u niċċassa u nispera li dan il-bniedem ħa joħorġuh ħaj. Fis-sebgħa u nofs ta` filgħaxija (07.30pm) tlaqt u bqajt niċċekkja l-mobile biex nara, forsi nittama illi joħroġ ħaj. Jiġifieri bħala bniedem emozzjonalment missitni ħafna, u l-poteri kollha li għandi mill-2020 qed nipprova nużahom biex nirranġa jekk hemm debbolezzi …***

***… kien hemm xi dubju li seta` kien hemm żbalji tekniċi jew materjal mhux tajjeb, aħna għamilna l-***

*kawża biex nirrexxindu dak il-kuntratt, għaliex hemmhekk jidher u jista` jkun, ovvjament hemm il-każ ma nistax naħseb x'ħa jiġri, imma hemmhekk ikollok dubju illi jista` jkun li ma wettqux l-obbligi kuntrattwali li kellhom.*

**Fix-xiehda Dr Attard reġa` għamel referenza għall-allokazzjoni in kwistjoni u stqarr :-**

***... rajt jekk kienx hemm forsi xi affarijiet illi mhux suppost saru, illi ma rriżultalix. Jiġifieri per eżempju jiena qbadt ġbart l-allokazzjonijiet kollha li ngħataw fl-2019. Jiġifieri dort il-minuti u kull allokazzjoni li saret niżżiltha bis-site kemm hi kbira, eċċetra eċċetra. Meta qbadt l-allokazzjonijiet ... biex inkunu fl-ambitu tal-art illi ngħatat lil All Plus, rajt it-timelines ta` kif imxew, biex inkun ċert illi isma` ma kienx hemm forsi xi fast processing tagħha jew xi ħaġa hekk. Kien kollox normali. Jiġifieri jekk tara l-allokazzjonijiet kollha li għamlet INDIS fit-2019 ta` sites ... ingħatat f`għaxar xhur minn mindu irċevejna l-letter of intent. Jekk trid nikkonferma, aħna rċevejna l-letter of intent fit-3 ta` Lulju tal-2019 ... Il-kuntratt sar fi Frar tas-sena ta` wara, jiġifieri għamlet qisu għaxar xhur biex għaddiet il-proċess kollu. L-oħrajn kollha kienu kollha f`dak iż-żmien.***

**Dwar iċ-ċenswalisti, stqarr illi min qed japplika ma` Malta Enterprise, qabel jidħol fl-ispejjeż biex jifforma kumpanija, ikun jixtieq konferma li ħa jieħu dik is-site. Fil-letter of intent, waħda mill-kundizzjonijiet biex jiġi**

**ffirmat il-kuntratt hija propju li min se jieħu s-sit jifforma kumpanija meta jsir il-kuntratt.**

**Kien mistoqsi :**

***Qed nerġa' nara l-letter of intent ... Issa hawn jgħid hekk : "The company shall undertake to comply with relevant regulations, including but not limited to the health and safety regulations and to obtain all the required permits from the relevant authorities department as may be required by law." Din hija fil-letter of intent. Issa intom bħala d-direttarji, bħala amministraturi tal-Gvern, kif tenforzawha din ?***

**Wieġeb :**

***M'għandniex enforcement illi jmur idur il-construction sites kollha.***

**Kien mistoqsi :**

***Il-kuntratt li bih inti se tiffirma għan-nom tal-poplu Malti huwa li inti għandek waħda mill-kondizzjonijiet hawn, li inti trid tenforza hija proprju dik li qrajtlek. Id-domanda leġittima, fil-fehma tiegħi, hija int min-naħa tiegħek kif ser tenforzaha dik ?***

**Wieġeb :**

*Minn mindu jiġifieri minn mindu ħadna, dħalna aħna fil-kumpanija, saru ħafna affarijiet li bdejna nippruvaw dejjem nimmitigaw. Timmitiga tista`. Jiġifieri teskludi qatt. Illum qed naħdmu, jiġifieri sena ilu l-INDIS approvat proġett per eżempju teknoloġiku illi mela tgħidli isma` kemm għandek bżonn enforcement officers biex iduru l-kundizzjonijiet kollha tal-kuntratt ? Ngħidlek trid mitejn (200) / tliet mija (300) biex iddur biex tara kemm għandhom ħaddiema, jekk hux qed jibnu tajjeb, jekk hemmx il-health and safety, x'inhu l-industrija, jekk bidilx xi ħaġa.*

*... l-iktar li nidħlu aħna huwa minn mindu titlesta l-binja, għaliex tinsiex li ġaladarba għaddejja binja, għandek professjonist li qed jieħu ħsiebha. Jiġifieri jien fl-opinjoni tiegħi m`inix bniedem tekniku, għax jien iktar bniedem legali, però ħadd m`huwa aqwa, fl-opinjoni tiegħi, mill-perit biex jiċċertifika, u responsabbiltà.*

**Dwar il-fattur ta` nuqqas ta` nies, Dr Attard fisser :**

*... għandna vacancies aħna illi ilhom sena u nofs ma japplika ħadd għalihom. Il-pajjiż qiegħed kważi in full employment. Ma ssibx nies biex iddaħħal miegħek, speċjalment fuq enforcement.*

**L-iskambju ta` domandi u risposti kompliet hekk :**

*D : Allura mhux hekk trid tagħmel, Nutar. Lil Malta Enterprise trid tgħidilha jien ma nistax nenforzaha din, mela ddaħħalhielix fil-letter of intent jew mur enforzaha inti qabel ma tagħmilha.*

*R : Issir ukoll. Aħna għandna compliance committee bejna u bejn il-Malta Enterprise.*

*D : Kumitat ieħor ?*

*R : Kumitat ieħor konġunt. Naqblu ħafna, Sur Imħallef. Jiġifieri bis-sistema kif inhi bħalissa naqblu ħafna.*

*D : Dan mietu n-nies. Nutar, hawn mietu n-nies. U Alla, għax huwa kbir, ma mitux iktar.*

*R : Qed nagħmel minn kollox biex jekk jista` jkun, fil-kapaċitajiet limitati tiegħi, jekk jista` jkun ma jerġgħux jiġru inċidenti hekk. X'għamilna ? Għamilna pjan teknoloġiku. Ma nistgħux nibqgħu nitfgħu l-burden kollha fuq l-ispezzjonijiet, għax impossibbli. Fuq l-ispezzjonijiet qed nagħmlu anke technology programm vast, jiġifieri b`saħħtu ħafna, illi per eżempju jien naf nieħdu, qed insemmi eżempju żgħir, jiġifieri nieħdu drone footage kull sitt xhur, ħalli aħna nkunu nafu anke l-movimenti per eżempju ta` min bena u min ma beniex, min waqaf u min ma waqafx. Ħalli hemmhekk inkunu nistgħu niskattaw. Jiġifieri qed nipprovaw narmaw lilna*

***nnifisna, fil-limitazzjonijiet kollha li għandna ta` ħaddiema u ta` anke obbligi fl-aħħar mill-aħħar, għax aħna għandna obbligi oħrajn li rridu naħdmu magħhom, illi nippruvaw kemm jista` jkun we empower anke lit-tenants l-oħra.***

**Il-Bord insista biex ikun jaf l-għadd ta` construction sites f`siti allokati minn INDIS.**

**Dr Attard wieġeb b`mod approssimattiv : 50**

**Ir-reazzjoni tal-Bord kienet :**

***... ħamsin (50) waħda in construction qed ngħid jien, bħalma kienet din, din mhijiex managable din ? U taf kif hux tiġi managable, billi dan kif jibda, dan m' hemmx rocket science fiha, kif jibda "agħtini f`idejja, lili, jien id-direttarju, lili trid tagħtini l-pjanti, commencement statements, trid tagħtini kollox għax ħa niġi niċċekkja jien. Kollox trid tagħtini lili mhux tagħtihom lil BCA, mhux tagħtihom lill-Planning Authority, "lili trid tagħtihom għax jien id-direttarju hawn." Din daqshekk diffiċli biex issir ?***

***R : Għandek kull dritt li tgħidilna x'nistgħu nagħmlu aħjar jiġifieri qiegħed hawnhekk jiena biex jekk jista` jkun, jekk mhux qed nara xi ħaġa nitgħallem. Jiġifieri din l-inkjesta trid toħroġ xi x'nistgħu nagħmlu aħjar, però nerġa' ngħid jiġifieri ma narawx dan il-każ f`iżolazzjoni. Aħna għandna hangers ta` għoxrin elf***

***(20,000) metru qed jinbnew taħt l-INDIS. Jiġifieri mhuwiex faċli illi jkollok in-nies tekniċi għal kull ħaġa speċifika, għandek fabbriki.***

**Kien mistoqsi INDIS kellhiex pjanti tal-iżvilupp tas-sit in kwistjoni.**

**Wieġeb :**

***Iva. Qabel japplikaw il-Planning Authority, il-pjanti jiġu endorsed minnha biex aħna nkunu ċerti li qegħdin mal-guidelines u l-masterplan tal-area. Jiġifieri li mhux qed jaqbeż per eżempju sular, illi l-faċċata mhux qed jagħmlilna xi affarijiet li jkerrħilna d-disinn, il-pjanti ikollna.***

**...**

***Meta ngħidlek pjanti aħna ma jkollniex l-istruttura, aħna jkollna design plans.***

**Kien mistoqsi :**

**...** ***m'għandkom lil ħadd tekniku li jekk dan fl-ewwel każ meta applika għal erba' sulari, għamel struttura u ħalla l-istess struttura meta ried jibni żewġ sulari oħra ?***

**Wieġeb :**

***... l-art hija tiegħu. Iċ-ċens temporanju jgħaddilu l-art kompletament. Jiġifieri jiena x' ħa nqabbad, ħa nqabbad perit imur jikkontesta l-perit tas-site ?***

**Kompla :**

***... il-letter of intent tobbliga lis-sidien illi jlestu l-proġett fi tliet snin ...***

***Aħna fil-kuntratt fil-fatt jekk tara l-kuntratt ħa ssib diskrepanza. Nagħtuhom sena u nofs u tliet xhur tal-permess. Jiġifieri sena u disa' xhur. Nagħmlu hekk biex jekk ikun hemm xi ħadd li qed jaqa' lura mhux biex ngħaġġlu bl-ebda mod, jiġifieri aħna mhux se jiskatta b`ġurnata u nidħlu l-Qorti. Jiġifieri nagħmlu hekk biex kemm jista` jkun ilaħħqu mat-timelines tagħhom.***

***... l-INDIS bħalissa iggerjata l-iktar biex tmur għal enforcement fejn jidħlu creation ta` impjegati, affarijiet li joħorġu mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt, imma mhux kostruzzjoni, għaliex f`moħħna, issa jista` jkun li dik ħażina, jiġifieri rrid noqgħod umilment għal dak li tiddeċiedu intom fejn nistgħu nagħmlu aħjar, f`moħħna hemm awtoritajiet oħra.***

***... jekk hemm bżonn li l-awtoritajiet jitkellmu aktar bejniethom biex nagħmlu spezzjonijiet min jibda u min***

*jispiċċaw, hemmhekk iva għandna naħdmu jiġifieri b`nifsi kollu, lanqas jekk nagħmel ġimgħa ma norqodx, imma nagħmluha.*

*Dan huwa l-ewwel, aħjar baqa` xejn, imma dan huwa l-ewwel inċident li ġara fuq art amministrata mill-INDIS, fabbriki enormi nbnew, hangers enormi. Jiġifieri hawn, jiġifieri inti ma jkollokx dik il-bozza illi isma` qed jiġri xi ħaġa ħażina, itfa' s-saħħa kollha tiegħek. Illum ġara inċident li ħadd ma jrid jgħaddi minnu, jiġifieri llum ħa nagħmel minn kollox biex jekk jista` jkun dik it-tebgħa nipprova ngħattiha. Però ma nistax nagħmilha waħdi, jiġifieri impossibbli.*

**Issokta :**

*... aħna għandna nuqqas fil-finance, għandna nuqqas fit-technical, għandna nuqqas ta` periti, għandna nuqqas ta` quantity surveyors. Jiġifieri dawn anke l-privat qed isib problema biex jimpjegahom illum, aħseb u ara l-Gvern. Il-pagi tal-gvern nafu x'inhuma.*

**Għamel enfasi fuq il-ħtieġa ta` aktar teknologija, anke bħala mizura ta` kontroll bħala alternattiva meta jkun hemm nuqqas ta` nies.**

**Fisser li l-viċenda mertu tal-inkjesta sejra sservi sabiex ikun hemm ripensament tal-prattika li kuntratt jiġi trattat bħala *one fits all.***

**Kien mistoqsi dwar il-kuntratt bejn Allplus Limited u INDIS :**

***… hawn miktub li "Emphyteuta shall submit to the company for its approval … detailed plans including elevations and drawings to scale of the buildings and improvements." Inti qed tgħid illi dan ma sarx f`dan il-każ ?***

**Wieġeb :**

***… d-detailed plans huma differenti minn structural plans.***

**Kien mistoqsi :**

***"The company may, at its discretion, either approve the proposed plans or request the emphyteuta to submit new plan or to make changes thereto." Dan sar f`dan il-każ ?***

**Ir-risposta kienet fin-negattiv.**

**Relattivament għall-klawsola tal-kuntratt li tgħid : *"The emphyteuta shall erect proper and solid buildings including finishings costing not less then €144,900 by not later than eighteen months from the issue of the permits required*." Dr Attard kien mistoqsi għala ladarba**

**rrizulta din il-klawsola kienet vjolata, INDIS m`għamlet xejn minn October 2021 sa Lulju 2023 biex tirrexxindi l-kuntratt ?**

**Għal din id-domanda, Dr Attard wieġeb :**

***Ġaladarba jkun għaddej il-bini, l-INDIS ma tmurx fuq in-nies ejja lesti, lesti, lesti. Jiġifieri hemmhekk tkun qed tgħin kważi kważi biex allaħares qatt iktar tagħmel tagħmel pressjoni. Dik il-klawsola qiegħda hemmhekk biex jekk inti qed tara xi ħadd li għadu ma bediex, ħa l-art sentejn u nofs ilu, la ppreżenta, u għandna minnhom dawn jiġifieri, dawn m'hijiex waħda jew tnejn, jieħu l-art u sentejn wara jidħlulna rapporti jew aħna stess nindunaw li s-site għada għalqa. Hemmhekk fejn qed tara li l-t-tenant m'għamel xejn, hemmhekk tieħu l-proċeduri. Once illi għaddejja l-binja, hemm il-permessi applikaw għal iktar.***

**Mistoqsi dwar l-għadd tal-*compliance officers*, xehed li dawn kienu 9.**

**Dwar għaliex damet biex tiġi kompletata l-binja in kwistjoni, Dr Attard xehed li INDIS ma kenitx infurmata.**

**Kien mistoqsi dwar il-kontenut tar-rikors ġuramentat li INDIS ippreżentat fil-Prim`Awla tal-Qorti Ċivili biex tirrexxindi l-kuntratt tal-art in kwistjoni. Xehed illi ma kienx jaf il-kontenut għax ma kienx hu li**

**ppreżenta l-att u ma kienx hu li kkonferma l-kontenut bil-ġurament.**

**Riferibbilment għal klawsola 4.7 tal-kuntratt li tgħid : *"In the event that the emphyteuta undertakes any works on the emphyteutical site, which require the company's prior consent in accordance with the preceding concession of this deed, and / or before the issuance of any other relevant permits by the competent authority and / or the works are not executed in accordance with the company's approval, the company may issue any instruction it deems fit to the emphyteuta so as to address such breach, including an instruction to cease and desist from continuing with any such works to execute any necessary remedial works to demolish any works that would have been built*.", kien mistoqsi għaliex INDIS ma tidħolx fejn si tratta ta` kostruzzjoni u struttura, Dr Attard saħaq illi dik il-klawsola mhux qiegħda fuq struttura. INDIS tidħol biss dwar għal xiex qed issir il-binja. INDIS mhijiex kwalifikata biex tara l-istruttura tal-binja kif qed tinbena. Il-verifika tagħhom hija li jaċċertaw li l-binja tkun qegħda sservi l-intenzjoni tal-*letter of intent*.**

**Dwar is-sit in kwistjoni, Dr Attard ma kienx f`pożizzjoni jgħid kemm saru spezzjonijiet bejn id-data tal-kuntratt u l-kollass tal-binja.**

**Dr Attard ippreżenta dokumenti.**

**<u>Meta xehed it-tieni darba</u>, Dr Attard ippreżenta dokumenti oħra li ma kienx f`qagħda li jippreżenta meta xehed l-ewwel darba.**

**Xehed dwar spezzjonijiet mill-compliance division ta` INDIS.**

**Qal li fl-2021, saru 313 enforcement visits, segwiti minn 314 fl-2022, u 240 fl-2023 sal-ġurnata tat-tieni xiehda tiegħu.**

**Dwar is-sit fejn miet Jean Paul Sofia, xehed illi qatt ma kien saru żjarat għall-fini ta` nfurzar.**

**Fl-atti ta` INDIS ma rrizultat ebda polza ta` assikurazzjoni li tkopri l-operat ta`l-persuni li lilhom kien allokat is-sit fejn Jean Paul Sofia sab il-mewt.**

**Kien mistoqsi meta jiskattaw miżuri ta` infurzar.**

**Wieġeb :**

***… INDIS, stante li mhijiex awtorità regolatorja, …***

***qed taġixxi bħala direttarja, bħalma taġixxi l-Housing, bħalma jaġixxi l-Lands, bħal ma jaġixxu awtoritajiet oħra li jqassmu l-art.***

*Jiġifieri fejn jidħlu obbligi li joħorġu mill-kuntratt, l-INDIS in tandem mal-Malta Enterprise kienu iktar jidħlu fuq dak li joħroġ mil-letter of intent, jiġifieri li permitted use, in-numru ta` impjegati.*

*... illum ngħid illi ħafna mill-affarijiet li għandna fil-kuntratt irid jinbidel. Jiġifieri jekk inti għandek obbligu ta` liġi tal-health and safety, għandek għalfejn iddaħħalha fil-kuntratt fl-aħħar mill-aħħar ? Hija liġi, jiġifieri jien tajtek art. Huwa ovvju li trid tqabbad professjonist, li tqabbad perit, li tqabbad health and safety ? Għandi jiena bħala direttarju niktibha ? Għax imbagħad jekk se tagħmel kif għedtilna inti l-aħħar darba, jekk niktibha kważi kważi qisni qed nitfa' l-ġebla fuq saqajja li rrid immur imbagħad nenforza. Issa l-kuntratt tagħna huwa twil għax qed nippruvaw kemm jista` jkun nagħmluh bullet proof illi ħafna nies ma jwettqux breach.*

**Kompla jgħid hekk :**

*... naħseb illi fejn nistgħu ntejbu huwa per eżempju kif naħdmu ma` awtoritajiet oħra.*

*Għandu l-BCA jibda jaħdem mal-INDIS biex meta jkun hemm commencement notice, sija l-Planning u sija l-BCA jien jinfurmani ħall jiena għamilhieli faċli illi hemmhekk immur għall-insurance imbagħad tal-proġett, Low risk insurance, il-contractors all risk, għax jekk mhux ħa javżani ħadd ħa tkun iktar diffiċli biex jien*

***immur fuq kull site biex nipprova nġib l-insurance. Dawn l-affarijiet il-ħin kollu għaddejjin fuqhom …***

**Kompla jgħid li waħda mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt hija li jrid ikun hemm public liability insurance ; saritx inkella le ma setax igħid. Qal li llum il-public liability insurance trid tkun in hand qabel isir il-kuntratt. Meta jkun qed isir l-iżvilupp irid ikun hemm il-contractors all risks insurance policy fis-seħħ. Internament INDIS ma kenitx tkun taf meta beda l-iżvilupp u allura l-bżonn tal-polza.**

**Saħaq li għalkemm INDIS hija kumpanija li qegħda tagħti art b`cens, tibqa` kumpanija tal-Gvern fejn allura l-istandards għandhom ikunu għolja ladarba si tratta ta` l-amministrazzjoni ta` art tal-poplu.**

**Insista :**

***Jiena qiegħed hawn biex nirranġa s-sitwazzjoni.***

**s) <u>Oliver Magro</u>**
**<u>Kap Eżekuttiv - Awtorità tal-Ippjanar</u>**

**Xehed illi fit-2 ta` Diċembru 2022, huwa kien maħtur Kap Eżekuttiv tal-PA fejn kien ilu mpjegat mill-2002 ħlief għal parentesi ta` 3 snin.**

**Stqarr li meta joħroġ permess tal-iżvilupp l-onus ikun tal-perit u tal-applikant li joqgħodu mal-kondizzjonijiet u l-pjanti approvati. L-Awtorità għandha l-obbligu li tagħmel il-monitoring tas-sit fejn ikun ħareġ il-permess.**

**Qal illi waħda mill-kondizzjonijiet tal-permess hija li tal-inqas 5 ijiem qabel jibda x-xogħol javża lill-PA b`*commencement notice*.**

**Fisser li llum-il ġurnata hemm żewġ formoli li l-perit irid jibgħat. Fiż-żmien tal-inċident in kwistjoni ma kienx hemm l-istess formoli. Kienu differenti. Fil-formoli tal-lum il-perit irid jiddikjara li l-iżvilupp mhux se jaffettwa terzi kif ukoll il *full commencement notice*. Il-PA tivverifika li l-isem tal-perit u tal-iżviluppatur huma tajbin.**

**Għar-rigward tas-sit mertu ta` din l-inkjesta pubblika, stqarr li l-iżvilupp kien kopert b`żewġ DNOs. Fil-każ ta` DNO, il-kondizzjonijiet tal-permess ma jkunux bħal dawk ta` permessi oħra. Xorta waħda però trid tintbagħat *commencement notice* mill-perit.**

**Fisser li d-DNO ilha teżisti mill-1997. L-ewwel Avviżi Legali daħlu fis-seħħ fl-1997. Dak iż-żmien kienet tissejjaħ General Development Order. L-ewwel DNO kif nafuha llum saret fl-2007. Matul is-snin kienet emendata biex ġiet id-DNO tal-lum.**

**Qal illi l-ewwel darba li DNO bdiet tintuża għal siti tal-INDIS kien fl-2011. Però dak iż-żmien xorta kien hemm bżonn ta` *Full Development Permit*. Fl-2013 dan ir-rekwiżit tneħħa sabiex b`hekk kull żvilupp ta` sit amministrat mill-Malta Industrial Parks (illum INDIS)**

**seta` jsir bil-proċedura tad-DNO. L-unika verifika li tagħmel il-PA tkun li s-sit huwa ndustrijali, li ż-żona hija ndustrijali u li l-għoli propost mill-iżviluppatur huwa l-għoli permess għal dik iz-zona. Wara l-2013 kien hemm emendi sussegwenti f`erba` okkażjonijiet.**

**Kompla jgħid li fil-każ ta` DNO ikun hemm ukoll pjanti. Meta si tratta ta` sit industrijali, il-PA tinsisti li l-pjanti jkunu approvati mill-INDIS, mis-CRPD u mis-CPD.**

**Dwar l-ipproċessar, xehed illi hemm tliet xenarji. Hemm il-*full proċess* fejn l-Awtorità hija obbligata bil-liġi toħroġ il-permess fi żmien 100 jum mill-validation tagħha. Hemm is-*summary procedure* fejn l-Awtorità trid toħroġ il-permess fi żmien 42 jum mill-validation. Hemm imbagħad id-DNO fejn l-Awtorità trid toħroġ il-permess fi żmien 30 ġurnata. Fil-każ tad-DNO ma hemmx validation period.**

**Kompla jfisser li d-DNO mhijiex limitata għal proprjetà tal-Gvern. Fil-fatt illum hemm 24 klassi ta` żvilupp li jaqa' taħtha. Il-class 17 huwa dak li jirregola.**

**Dwar iż-żewġ DNOs tal-kaz odjern, Magro xehed li l-ewwel waħda kienet dik Nru DN 360 tal-2020 li kienet preżentata minn Matthew Schembri. In-notification ħarġet b`approval fl-24 ta` April 2020. Kienet valida għal sena sal-24 ta` April 2021. Il-perit ippreżenta l-commencement notice fis-7 ta` Mejju 2020. Billi l-iżvilupp ma kienx tlesta entro s-sena, saret it-tieni DNO. Ma kenitx semplici estensjoni taż-żmien imma oħra gdida. Fil-każ taż-żewġ DNOs l-Awtorità ma kienet notifikata b`ebda issue dwar is-sit.**

**Kien mistoqsi dwar linji ta` komunikazzjoni bejn il-PA u awtoritajiet oħra bħall-BCA.**

**Wieġeb :**

***Li nista` ngħidlek illum x'hemm ...***

**Fisser x`ġara wara t-3 ta` Diċembru 2022 (data tal-inċident) :**

***Qabel 3rd December f`każijiet ta` DNO il-commencement notice kienet tiġi mdaħħla biss l-Awtorità tal-Ippjanar ovvjament imbagħad kienet tintbagħat dak iż-żmien BRO li kienet taqa' xorta taħt il-mansjoni tal-Att tal-Ippjanar, jiġifieri il-Kap 552. Jekk ma tiddaħħalx commencement notice ovvjament għall-Awtorità ix-xogħol qisu ma bediex għax dik qiegħda proprju għalhekk biex tinforma lill-Awtorità li x-xogħol se jibda. Jekk ma ddaħħalx għalina, għalija qisu ma bediex. Issa jekk jidħol ovvjament rapport, wieħed qed jirrapporta isma` hemm xi xogħol ovvjament l-awtorità tinvestiga through l-uffiċjali tagħha ...***

***Wara it-3rd December biex ngħid hekk daħlet fis-seħħ proċedura illi malli tidħol commencement notice l-Awtorità tal-Ippjanar tinforma awtomatikament mis-sistema lil BCA u li l-OHSA biex għallinqas ikunu jafu li isma` hemmhekk ix-xogħol ser jibda.***

**Kien mistoqsi jekk dan kollu seħħx wara li bdiet l-inkjesta pubblika jew qabel.**

**It-tweġiba kienet li kollox sar wara li bdiet l-inkjesta pubblika.**

**Stqarr li fil-każ ta` DNO dwar bini ndustrijali fuq sit amministrat minn INDIS ma jigix preżentat *method statement.* F`każi ta` din ix-xorta, il-PA titlob *clearance* mingħand l-INDIS għal dak l-iżvilupp.**

**Kompla jixhed li DNO ma tkunx ippubblikata u b`hekk il-pubbliku ma jkunx jaf biha almenu b`mod uffiċjali. Li jigri huwa li jekk xi ħadd jidħol fil-*website* tal-PA, jidħol fil-*map server* u hemm jivverifika jekkx hemmx DNO però pubblikazzjoni tagħha ma ssirx. Lanqas jekk ikun hemm oġġezzjoni ma hemm dritt ta` appell. Għax id-dritt ta` appell joħroġ mill-Kap 551 li jagħti lok biss li l-applikant jappella minn DNO u mhux l-*objective.***

**Dwar il-*commencement notices* taż-żewġ DNOs in kwistjoni, stqarr illi l-ewwel waħda hija datata 7 ta` Mejju 2020. It-tieni DNO kienet DNO 275/2022 u l-*clearance* harget fis-27 ta` Gunju 2022 ; *clearance* għaliex DNO hija *notification order* mhux *permit.* Fil-każ ta` din tal-aħħar il-perit ma ppreżentax *commencement notice.* Mill-PA ma marrux fuq is-sit iżda joqgħodu fuq dak dikjarat mill-perit fl-applikazzjoni.**

**Stqarr illi fil-każ tal-ewwel DNO, il-proposal kienet *Excavation of site construction of class 5B General Industry that includes basement ground, intermediate, first and second floor levels*. Fil-każ tat-tieni DNO, din kienet għal *proposed sanctioning of alterations to basement and ground floor plan as was approved in DN 360/2020.* Kien hemm ukoll *alterations* oħra proposti u cioè li jiżdiedu t-tielet u r-raba` sulari.**

**t) <u>Perit Andre` Pizzuto</u>**
**<u>President – Kamra tal-Periti</u>**

**Stqarr illi l-Kamra tal-Periti ("<u>il-Kamra</u>") kienet kostitwita fl-1920 wara li saret l-Architects Ordinance fl-1919.**

**Xehed illi fl-2021 saret l-Att dwar il-Periti ("<u>l-Att</u>"). Bl-Att kienu konservati żewġ funzjonijiet li l-Kamra diġà kellha u cioè dik raapprezentattiva tal-professjoni u dik dixxiplinarja. Bl-Att żdied ir-rwol regolatorju tal-Kamra.**

**Ippreżenta dokumenti.**

**Fl-2019 il-Kamra ħarġet dokument għal *public consultation* fejn issollecitat l-istesura ta` pjani regolatorji għal bini għoli ħafna sulari.**

**Billi r-riforma tas-settur kienet *slow moving,* periti ta` kuxjenza bdew jippruvaw jagħmlu tajjeb għan-nuqqasijiet tal-leġiżlatur billi jmorru oltre r-*remit* tagħhom u dan billi bdew jimponu fuq id-developer u fuq il-kuntratturi ċertu standards. Din ma tantx wisq irriżultat bħala soluzzjoni effettiva għax ħafna drabi li kien jiġri hu li jitkeċċa l-perit.**

**Qal li l-attitudini ġenerali kienet illi l-istandards igibu magħhom aktar spejjez għad-detriment tal-industrija. Din l-attitudini bdew tinbidel matul is-snin effett tal-pressjoni mill-opinjoni pubblika nklużi NGOs wara li kien hemm il-kollassi tal-bini u mietu n-nies fosthom Miriam Pace.**

**Kompla jgħid li in segwitu l-istruttura pubblika mxiet minn Uffiċċju, għal Aġenzija sakemm saret il-BCA. Qal li fis-sostanza min qed imexxi l-BCA *means well* (kliem testwali tax-xhud) però l-Awtorità mhux qegħda taqdi kif għandha l-funzjonijiet tagħha. Ippreżenta dokumenti biex isostni din l-affermazzjoni.**

**Fisser li l-Kamra hija tal-fehma li erbgħa għandhom ikunu l-funzjonijiet tal-BCA. Dik regolatorja li tinqasam fi tnejn : il-Building Regulations u l-Construction Regulations. Il-Building Regulations huma r-regolamenti li jkopru kwalunkwe binja. Sakemm binja tibqa` fil-post jridu jkunu osservati ; alterimenti l-binja ma tkunx *safe for occupation* (kliem testwali tax-xhud). Il-Construction Regulations ikopru l-proċess tal-kostruzzjoni : it-trab, l-istorbju, il-hoarding, il-ħinijiet tal-operazzjonijiet. Sakemm sit ikun qed jinbena sakemm isir binja hemm igħoddu l-Construction Regulations. Wara li l-BCA toħroġ il-*compliance certificate* u l-binja titqies bħala *fit for occupation* hemm issir binja u għaliha jgħoddu l-Building Regulations.**

**Kompla jixhed illi l-iżviluppatur mhux mistenni jifhem il-Building Regulations għaliex huma tekniċi hafna. Il-periti huma kwalifikati u mħarrġa biex jiggwidaw lill-klijenti lejn *compliance* anke fejn si tratta ta` esperti.**

**Stqarr illi fl-istat li l-industrija tinsab fih llum, il-maġġoranza tal-players mhumiex kompetenti u ma**

**għandhomx liċenzjar. Hija sistema bbażata fuq amateurs. Ma tistax tkompli tipprevali sitwazzjoni fejn kulħadd jrid jiċċekkja lill-ieħor. In partikolari dwar il-liċenzjar il-Kamra pproponiet illi għandu jkun hemm tliet klassi ta` liċenzji : l-apprentist, il-bennej regolari, u l-foreman. Għamlet din il-proposta għaliex kif inkiteb l-Avviż Legali jippermetti li persuna jista` jikseb liċenzja ta` bennej fl-eta` ta` 18-il sena. Il-kompitu ta` bennej huwa li jagħmel superviżjoni fuq persuni oħra li jkunu fis-sit ta` kostruzzjoni li però ma jkollhomx liċenzja. Eta` ta` 18-il sena hija żgħira wisq biex persuna tieħu dik ir-responsabilità. Il-proposta tal-Kamra hija li jkun hemm foreman li huwa figura diġà hija preżenti fis-siti ta` kostruzzjoni l-kbar fil-pajjiż. F`dawn is-siti wieħed isib figuri oħra bħal site engineers fejn persuni jagħmlu verifika ta` xulxin għall-aħjar andament tax-xogħol. Ir-riskju ta` inċidenti mhuwiex fil-proġetti l-kbar fejn hemm set-ups li jaħdmu tajjeb iżda fil-proġetti medji u żgħar.**

**Qal li d-divarju jimtela` fl-ewwel lok bil-kompetenzi mhux biss tal-ħaddiema iżda anke tal-periti.**

**Dwar il-ħtieġa ta` ordni fis-settur, Perit Pizzuto għamel dawn il-kwesiti :**

***Għaliex m`għandniex il-liċenzja ta` l-elettriku taqa` taħt l-Awtorità ? Għaliex għandu jkollna 24 awtorità tirregola l-industrija ? Għaliex m`għandekx ikollok kollox iddelegat lill-awtorità waħda u ma nikkomplikawx il-ħajja ta` kulħadd u noqogħdu***

***naghħmlu treasure hunts u nipprovaw nifhmu għand min irridu mmorru biex inġibu permess ?***

**Dwar Avviż Legali 136/2019, Perit Pizzuto għamel dikjarazzjoni ċara :**

***il-legal notice hija miktuba b`mod inkompetenti, minn nies li ma jifhmux jiġifieri fuq l- industrija, li qatt ma naħseb ħadmu fl-industrija, u hemm bżonn, u ilna niġġieldu biex din titlaq il-mument li ħarġet pubblikament.* (kliem testwali tax-xhud)**

**Ix-xhud għamel kritika qawwija ta` x`qed jintalab f`*method statement* u fejn suppost iwassal.**

**Qal illi l-Kamra kellha rwol determinanti biex tkun introdotta l-liċenzja tal-kuntratturi għalkemm ma kenitx involuta fil-mod kif inkiteb l-Avviż Legali attwali. Il-Kamra ressqet abbozz ta` Avviż Legali li kien jinkludi l-klassifikazzjoni tal-kuntratturi, materja li ma tirriżultax fl-Avviż Legali attwali. Fl-abbozz tal-Kamra, il-klassifikazzjoni hija bbażata fuq ir-riskju tal-proġett. Huma zammew bħala gwida dak li fil-Eurocodes jgħidulhom il-*consequence classes* fejn il-klassifikazzjoni ssir propju abbażi tar-riskju li jippreżenta ruħu proġett. Skont l-għamla u l-kobor jiġu mpjegati persuni kompetenti għal dak l-iskop. Huwa kkritika bl-aħrax il-figura tas-*site technical officer* ("<u>STO</u>") li ddeskriviha (kliem testwali tax-xhud) *kunċett stupidu … iktar ma jisparixxi malajr aktar aħjar*.**

**Dwar il-BCA, Perit Pizzuto rrimarka li kull ma tara l-BCA huwa li hemm id-dokumenti in place. Ma tidħolx fl-istruttura. Tidħol tara jekk il-karti daħlux u li l-kitba fid-dokumenti hijiex fis-sekwenza ndikata fl-Avviż Legali. Saħansitra jivverifikaw hemmx żbalji tal-ortografija. Jekk isibu, ir-rapport ikun rifjutat.**

**Dwar il-verifika tal-*method statements* fisser li hemm problem kbar ; l-akbar waħda hija li ħadd ma jaf min huma l-periti li jagħmlu l-audit. Il-problema hija legali u etika. Stqarr testwalment :**

***… hija kontra l-public procurement regulations … għandek professjonist li jivverifika xogħol ta` professjonist ieħor u ma jerfax profession liability … Ma tistax issir. Ma tistax issir. U iktar agħar meta hemm … conflict of interest. Tant lampanti li hija oxxena …***

**Xehed illi l-BCA għandu jkollha ġurisdizzjoni fil-każ ta` *all buildings* nklużi dawk li jkunu in kostruzzjoni *free standing.***

**u) <u>Perit Charles Buhagiar</u>**

**<u>Chairman - Building Industry Consultative Council</u>**

**Perit Charles Buhagiar xehed illi kien ilu 10 snin Chairman tal-Building Industry Consulatative Council ("<u>BICC</u>") li kien ġie kostitwit għall-ewwel darba fl-1997 meta hu kien Ministru tax-Xogħolijiet.**

**Dwar ir-rwol tal-BICC stqarr hekk :-**

***il-BICC hija l-forum fejn jiltaqgħu l-istakeholders ta` l-industrija biex jiddiskutu issues li qed jaffettwaw l- industrija minn żmien għal żmien. Meta ngħid l-istakeholders kollha nfisser l-operaturi kollha kemm privati kif ukoll pubbliċi, jiġifieri l-estate agents, developers, kuntratturi min-naħa tal-privat rrappreżentati minn l-MDA ; imbagħad għandek il-Kamra tal-Kummerċ, il-Kamra ta` l-Intrapriżi ż-Zgħar min-naħa tal-privat. Min-naħa pubblika għandek il-Public Works, il-Lands Authority, Housing Authority; imbagħad hemm il-professjonisti rappreżentati, il-Kamra tal-Periti, il-Kamra ta` l-Inġiniera, il-Kamra tal- Projects Managers. Imbagħad għandek ir-regolaturi, il-Planning Authority, l-OHSA, u l-BCA, MCCAA. Għandek Education Institutions, l-Università, l-MCAST u l-Jobsplus u l-unions tal-ħaddiema – il-General Workers Union, għandek il-forum, għandek il-UHM. Dawk kollha jiltaqgħu biex jiddiskutu l-issues li jqumu minn żmien għal żmien.***

***Issa meta jiena lħaqt Chairman fl-2013 l-industrija kienet fi stat ta` anarkija. Kulħadd jagħmel li jrid u mhux regolata. Aħna ppruvajna biex l-ewwel ħaġa li għamilna aħna kien naraw x' inhuma l-aktar affarijiet importanti li jsiru u li jiġu ssuġġeriti għax aħna ma ninsewx bħala BICC aħna consultative. Jiġifieri aħna nagħmlu l-proposti, ngħadduhom lill-Ministru. Il-BICC hija mwaqqfa b`riżoluzzjoni parlamentari, tirrapporta lill-Ministru li huwa responsabbli mill-kostruzzjoni, u***

***allura l-proposti tagħna jmorru għand il-Ministru. U l-ewwel ħaġa li rajna kienet proprju l-inċidenti li qed isiru fuq is-siti ta` kostruzzjoni anke dak iż-żmien fl-2013. U rajna pajjiżi oħrajn x' jagħmlu biex jittekkiljaw din l-issue. Rajna li hemm diversi raġunijiet għalfejn isiru l-inċidenti fil-postijiet tax-xogħol, però waħda minn l-affarijiet importanti kienet li n-nies li jkunu fuq siti ta` kostruzzjoni jkollhom knowledge dwar ir-riskji li qed jiffaċċjaw meta qegħdin fuq sit ta` kostruzzjoni.***

***Barra minn Malta ħadd ma jitħalla jidħol fuq sit ta` kostruzzjoni jekk ma jkollux a health and safety card. Din hija prattika, prassi kullimkien, ħlief hawnhekk. U allura aħna bdejna minn l-ewwel biex nagħmlu proposta biex issir health and safety card u din tiġi mandatorja għal kull min jidħol fuq sit ta` kostruzzjoni. Ħdimna fuqha. Għamilna riċerka. Ma kien hawn ħadd dak iż-żmien jagħti korsijiet fuq health and safety fuq construction sites f` Malta u konna aħna li bdejna nagħmlu dawn il-korsijiet li eventwalment kienu ha jwasslu li l-ewwel tieħu health and safety certificate u mbagħad tieħu tippreżenta ċertifikat u tieħu health and safety card.***

***Illum-il ġurnata din qabdet ħafna. Għandna aktar minn 9 institutions jagħtu dan it-tip ta` kors. Għandna madwar 7000 jew aktar ħaddiem li għandhom health and safety card, u dik imxiet 'il quddiem, pero sal-lum għadha volontarja mhux mandatorja. Meta kien Parliamentary Secretary Chris Agius responsabbli mill-construction taħt Ian Borg, konna tkellimna, u fehem il-bżonn tagħha din u ddeċidejna data meta tidħol b`mod mandatorju. Dik id-data kienet 1 ta` Jannar 2022.***

*Imbagħad kien inbidel il-Ministru … u ġiet estiża għall-1 ta` Jannar 2023, imma sal-lum għadha ma ġietx fis-seħħ il-bżonn li ssir mandatorja. Fil-fatt aħna konna bdejna nirreklamawha anke b` mod ġenerali mal-pajjiż, anke fuq minibuses ġew irrippjati fejn iqiegħdu d-data mhux qed tidħol mandatorja din, però minn dan kollu baqa' ma kien sar xejn. Jiġifieri mandatorja sal-lum ma daħlitx. U dik kienet l-ewwel ħaġa li aħna ghamilna.*

**Kien mistoqsi x`qed iżomm sabiex il-health and safety card tkun mandatorja.**

**Wieġeb :**

*kien hemm problema, għax inti għandek 22,000 ħaddiem fil-qasam tal-kostruzzjoni. Biex inti tagħmillhom kollha kors dawn u ggibhom up to standard hemm bżonn ċertu żmien ; ma tistax tagħmilha overnight jiġifieri. U aħna konna kull darba qegħdin nagħtu ftit żmien biex isir proprju minħabba f` hekk ; biex in-nies ikollhom ċans li tidħol u ssir mandatorja. Issa għaliex ma saritx sal-lum qed issaqsi l-persuna l-ħażina naħseb ; jiġifieri jien ma nistax ngħidlek dik. Però naf li l-Ministru attwali qiegha fil-pjanijiet tiegħu, u sa fejn naf jien għallinqas il-ħsieb huwa li tidħol fix-xhur li ġejjin. Imma again, ma nistax nitkellem għal ħaddieħor.*

**Mar imbagħad għat-tieni raġuni għalfejn jiġru l-inċidenti u spjega l-isfond għall-introduzzjoni tal-i*skill cards*.**

**Qal hekk :**

***ħafna mill-ħaddiema li jkunu fuq il-post tax-xogħol mhux neċessarjament ikollhom l-iskills biex jagħmlu dak ix-xogħol. Jista` jkollok persuna li qed tuża excavator biex iħaffer li m' għandux skill kif juża dik il-excavator, u allura jista` jwassal biex imbagħad isiru l-inċidenti. Din hija xi ħaġa li f`Malta biss teżisti li jkollna nies fuq il-postijiet tax-xogħol li m`għandhomx il-ħiliet, u din tissolva barra minn Malta billi dak li jkun ikollu skill card li hija maħsuba sabiex inti l-persuna li għandek il-card taf li għandu dik l-iskill neċessarja biex jagħmel dak il-job partikolari. Issa l-iskill card konna bdejna naħdmu fuqha bħala BICC fl-2015, wara li ghamilna l-health and safety card. Morna barra minn Malta naraw x`qed jagħmlu. Morna l-Ingilterra Hadna l-mudell Ingliż.***

***… Fl-2015 kellna sitwazzjoni fejn Malta kienu ġejjin ħafna ħaddiema barranin jaħdmu hawnhekk, mhux għax serjament kellhom l-iskills biex jagħmlu dak ix-xogħol. Kienu qed jikkompeti ma` ħaddiema Maltin. Dawn il-ħaddiema barranin la kienu jħallsu taxxa, la VAT u lanqas bolla ħafna drabi, u jispiċċaw joħolqu sitwazzjoni fejn ikollok kompetizzjoni inġusta mal-Maltin. U allura aħna ridna nagħmluha wkoll li nipproteġu l- ħaddiem Maltin. L-iskill card kienet maħsuba - 1) biex nipproteġu li dawk li huma well meaning jiġifieri ħaddiema li huma ta` l-affari tagħhom; 2) ridna nagħmluha biex min iqabbad il-ħaddiema jkun jaf li jekk għandu l-iskoll card dan kapaċi jagħmel dak ix-xogħol li qed jgħid li qed jagħmel; 3) tgħin lill-kuntratturi meta jiġu biex jagħżlu n-nies biex huma jħaddmu f`xogħol partikolari; u 4) l-***

*iktar importanti li l-iskill card hija card li hija akkreditata li tista` tintuża fl-UE, u allura ħaddiem bl-iskill card Maltija jista` imur barra u juża l-iskill card.*

*… Irridu nagħmlu l-iskill card mandatorja għall-ħaddiema li jkun hemm fuq il-lantijiet tax-xogħol. Jiġifieri l-iskill card hija xi ħaġa li nħossu li hija importanti biex dak li jkun li qiegħed fuq il-post tax-xogħol jaf x`qed jagħmel. Ikun għandu l-kapaċita` li jagħmel dak li hemm bżonn. Issa again, din issa mxiet ftit 'il quddiem din l-iskill card, għax l-iskill card issa bil-licencing of contractors li ħa jsir issa waħda minn l-affarijiet li qed tgħid il-liġi tal-liċenzja tal-kuntratturi hi li l-ħaddiema li jkunu tqaddbu mill- kuntratturi li jsir ċertu xogħol irid ikollhom prova tal-ħiliet li għandhom. Ma ssemmietx l-iskill card eżatt fil-liġi imma eventwalment ħa twassal għal hemmhekk.*

**Perit Buhagiar semma raġuni oħra għalfejn jiġru inċidenti fil-kostruzzjoni u cioè l-frammentazzjoni tas-settur.**

**Qal hekk :-**

*… ridna li jinħoloq regolatur wieħed għall-kostruzzjoni kollha f`Malta. U tlaqna bil-proċess sabiex titwaqqaf dik li hija llum il-BCA. Il-BCA ħarġet mill-BICC, wara konsultazzjoni wiesgħa li saret. Għamilna l-White Paper li giet ippreżentata mill-Gvern, dakinhar il-Ministru Ian Borg kien, li bit-twaqqif tal-BCA, u eventwalment saret. Però rrid ngħid li l-BCA kif kienet*

*maħsuba ma kinitx maħsuba biex tkun biss an enforcement agency; hija regolatur. Il-BCA mhix il-lesa ta` l-kostruzzjoni li toqgħod twaħħal iċ-ċitazzjonijiet lin-nies. Il-BCA għandha tkun dik l-awtorità li tissettja l-istandards u timmoniterja li dawk l-istandards jiġu implimentati. Mhux bilfors li tenforza fuq ix-xogħlijiet. Dik il-parti għadha s`issa mhux qed issir biżżejjed, il-parti ta` setting of the standards … il-BCA għad m`għandhiex dawk l-istandards li hemm bżonn li jsiru biex inti timxi magħhom. Il-building code huwa r-raba` inizjattiva kbira li għamilna bħala BICC li bdejna naħdmu fuq il-building code. Il-building code jgħidlek kif tagħmel ċertu xogħol …*

*bħala BICC lestejna d-draft tal-building code ta` demolition u excavation għal raġuni li dawk kienu aktar urġenti li jsiru. Għaddejnihom lill-BCA xi sentejn ilu naħseb issa, safejn naf jien approvati mill-BCA però ma ġewx fis-seħħ lanqas. Issa meta jiġu fis-seħħ dawk il-building codes ħa tinbidel is-sistema kif isir ix-xogħol illum.*

**Kompla stqarr li l-building codes, il-*method statements*, il-garanziji għandhom jgħoddu għal kull sitwazzjoni mhux fejn ix-xogħol ikun se jaffettwa l-bini ta` terzi biss.**

**Xehed li llum il-BCA kull ma tinforza huma l-istandards tal-construction site management regulations. Għandha wkoll il-protezzjoni tat-terzi. Hemm ukoll l-EPCs *li ma nafx kif tirregolhom fil-verità* (kliem testwali tax-xhud). Il-BCA hija sprovvista minn**

**qafas ta` liġijiet u regolamenti bħal ma għandha l-PA li fuqhom trid tmexxi bl-istandards. Dawn hemm bżonn isiru.**

**Sostna li kull ma għandu x`jaqsam ma` kostruzzjoni għandu jkun taħt il-kontroll tal-BCA. Il-PA għandha tkun responsabbli biss għall-ippjanar. Il-frammentazzjoni jeħtieġ li tkun eliminata.**

**Dwar ir-rwol tal-BICC fil-futur, Perit Buhagiar xehed illi l-Parlament diġà approva emendi bil-għan li l-BCA twaqqaf kunsill konsultattiv fl-istruttura tagħha li se jieħu post il-BICC bil-konsegwenza li l-BICC jiġi xjolt. Il-BICC hija ndipendenti mill-BCA. Il-funzjoni ta` tnedija ta` korsijiet li kellha l-BICC se tgħaddi wkoll għand il-BCA. Jidher li r-rwol ta` edukazzjoni taz-zghazagh se jibqa` tal-BICC.**

**Qal li l-BICC dejjem kien favur il-liċenzjar tal-kuntratturi. Bħala kondizzjoni tal-liċenzja, il-ħaddiema tal-kuntrattur iridu jkun mharrgin. Il-konferma tat-taħriġ trid tirriżulta mill-i*skill card*. Dik kienet il-pożizzjoni tal-BICC. Ġara però li r-regolamenti saru diversament billi jissemma t-taħriġ imma mhux l-i*skill card*. Probabilment ma kienx introdott ir-rekwiżit tal-i*skill card* għar-raguni ta` żmien.**

**Dwar it-TCNs li jkunu jridu jaħdmu fil-kostruzzjoni, xehed illi dawk li huma ta` l-affari tagħhom iġibu ċertifikati minn pajjiżhom jiġifieri li huma kapaċi jagħmlu x-xogħol li qed jagħmlu. Il-problema tqum**

**meta jkollok ħaddiema li ma humiex kapaċi jagħmlu xejn u l-kuntrattur jużahom biex jagħmlu ċertu xogħlijiet. Għalhekk l-i*skill card* hija importanti. Ma jistax ikollok mastrudaxxa jagħmel xogħol ta` bennej. Ma tagħmilx sens. L-abbuż huwa li jintużaw ħaddiema li m`għandhomx l-expertise. Dan iġib miegħu r-riskju.**

**Dwar il-*health and safety card* Perit Buhagiar stqarr li forsi r-raġuni li qatt ma kienet implimentata hija ma kienx hemm qbil dwar min kellu jenforzaha. L-OHSA qegħdin jgħidu li l-card ma taqax fir-remit tagħhom għax jgħidu li x-xogħol tagħhom huwa li jaraw li l-post ikun safe għall-persuni li jkunu mpjegati fih. Jgħidu li mhux huma responsabbli biex jaċċertaw li l-ħaddiema jkollhom knowledge fuq il-health and safety issues fuq il-post tax-xogħol. Min-naħa tagħha l-BCA ma tridx tenforzaha għax qed tgħid li m`għandhiex biex tenforzaha. Għalhekk : stat ta` limbo.**

**Dwar ir-rwol tal-*health and safety officer* xehed li dan jirrapporta lill-OHSA mhux lill-BCA.**

**Fisser il-proċedura ta` kif tinkiseb *skill card* u d-difetti tas-sistema preżenti.**

**Kien ċar :**

***… ħafna drabi anke meta jiġru l-inċidenti per eżempju, ma tkunx taf lil minn għandek fuq is-sit ta` kostruzzjoni għax m' hemmx records ta` min daħal u***

***min ħareġ … għalhekk għedt fil-bidu għedt aħna ilna naqra fi stat ta` anarkija fil-kostruzzjoni hawn Malta ; ghad m' għandniex biżżejjed kontrolli fuq kif isiru l-affarijiet.***

**v) <u>Dr Peter Gatt</u>**

**<u>President tal-Malta Chamber of Geologists</u>**

**Ippreżenta dokument. Dan huwa l-ewwel parti tar-rapport bl-isem : *Geology in the Construction Industry of Malta.* It-tieni parti għad trid titlesta.**

**Qal li l-mappa ġeoloġika ta` Malta li tissemma fl-Avviż Legali 136/2019 saret mingħajr konsultazzjoni mal-Kamra tal-Ġeoloġi. Il-konsegwenza tan-nuqqas ta` konsultazzjoni kien li l-mappa ġeoloġika għandha żbalji, omissjonijiet stratigrafiċi, u miżinterpretazzjonijiet anke ta` natura strutturali tal-blat. Aspett ieħor huwa dak amministrattiv. Fil-pajjiż ma hemmx strutturi li jieħdu ħsieb jew jindagaw dwar il-ġeoloġija. Malta m`għandhiex servizz ġeoloġiku fejn il-ġeoloġi jkunu nkarikati jagħmlu indaġni dwar l-art u t-territorju tal-pajjiż, inkluż il-blata kontinentali. Ma hemmx kontroll xjentifiku tal-kwalità taż-żrar li tintuża fil-kostruzzjoni.**

**Kompla jgħid li Avviż Legali 136/2019 ħadet post Avviż Legali 72/2013. Għalkemm ir-regolamenti tal-2019 saru sabiex tiżdied il-fiduċja jew ikollna iżjed public safety waqt l-iskavar, fil-verità s-sitwazzjoni**

**saret aktar prekarja għaliex tneħħiet il-ħtieġa ta` *geological investigation*. Minflok issaħħet public safety sar l-oppost.**

**Qal li fil-każ tal-kollass tal-binja ta` Kordin ma sar ebda studju ġeoloġiku.**

**Saħaq li l-professjoni tal-ġeoloġu hija mportanti, għandha tkun rikoxxjuta bħala tali u tkun regolata b`warrant.**

**Sostna li l-*method statement* li jissemma fl-Avviż Legali 136/2019 m`għandux isir minn perit iżda minn ġeoloġu wkoll speċjalment fejn jidħol l-iskavar.**

**w) <u>Perit Dr John Ebejer</u>**

**Xehed illi huwa kien Chairman u Kap Eżekuttiv tal-BICC. Għamel żmien ukoll konsulent tal-Ministeru. Fir-rigward tar-regolamenti tal-bini kien involut mill-2006 sal-2013.**

**Saret riferenza għal artikolu li kiteb ix-xhud u li l-Bord aċċetta bħala prova tal-kontenut.**

**Stqarr hekk :**

***Jiena kont ktibtu dak l-artiklu għax kont inkwetat bħal ħafna nies wara kollox, illi ma kienx qed isir enforcement ; ir-regolamenti li kien hemm ma kinux qed jiġu nfurzati. Jiġifieri effettivament ġew injorati.***

**Qal li kiteb l-artikolu wara li kienu seħħew tliet inċidenti in fila fi żmien qasir fejn mietu n-nies minħabba xogħolijiet ta` kostruzzjoni.**

**Kompla jgħid illi wara li nkiteb dak l-artikolu kien hemm żviluppi. Saret il-BCA. Kien hemm indikazzjonijiet li kien hemm iktar rieda illi l-affarijiet jimxu kif suppost.**

**Għamel affermazzjoni ċara :**

***nista` ngħid fiċ-ċert illi bejn l-2013 u l-2019 mil-lat ta` infurzar u mil-lat ta` regolamenti ma sar kważi kważi xejn, prattikament xejn.***

**Fisser l-istqarrija tiegħu hekk :**

***... aħna fir-regolamenti għedna li l-method statement għandu jiġi sottomess lill-Building Regulations Office ; u l-Building Regulations Office għandha tpoġġih fuq il-website biex ikun aċċessibbli għal kulħadd speċjalment ovvjament għal ġirien li forsi seta` kellhom inkwiet.***

**Qal li safejn jaf hu ma hemmx obbligu da parti tal-BCA li tqiegħed il-*method statement* fuq il-website tagħha.**

**Saħaq li għalih il-kwistjoni hija li tinbena kultura ta` kif għandhom isiru l-affarijiet. Issa din il-kultura ma tibniex mil-lum għal għada. Mhijiex kwistjoni li filli kulħadd jagħmel li jrid u mbagħad f`daqqa waħda kulħadd jimxi hekk kif suppost.**

**Qal illi fl-2007 kienu għaddew regolamenti li kienu jinkludu affarijiet bħal hoarding. Imbagħad fl-2012/2013 saru regolamenti dwar *Avoidance of Damage to Third Party*.**

**Dwar *freestanding constructions* xehed li mhuwiex korrett min jgħid li r-regolamenti eżistenti ma japplikawx għalihom. Jekk tassew il-*method statements* ma japplikawx, hemm kwistjoni ta` aċċess għas-sit li għadha fis-seħħ sal-lum.**

**x) <u>Perit Tano Zammit</u>**

**Xehed illi fl-34 sena li kien ilu jipprattika bħala perit ix-xogħol tiegħu kien konċentrat mal-kuntratturi fi proġetti ta` kull daqs.**

**Il-Bord fakkar lix-xhud li kien hu li talab li jixhed f`din l-inkjesta dwar *method statements* li ddeskriva bħala *rregolari.* Għalhekk il-Bord talbu jiddeponi dwar dan.**

**Stqarr illi *method statement* huwa dikjarazzjoni essenzjalment minn perit dwar kif għandu jsir ix-xogħol fil-kwadru tal-pjanti u d-dizinn.**

**Fisser li ngħata *clearance* mill-BCA għal proġett partikolari. Dan il-*clearance* ħareġ fl-4 ta` Awwissu 2023 *to carry out demolition of works* fis-sit 1, Triq Monsinjur Fenech, Mosta. Il-perit kien Perit Robert Vella. Biex ingħata l-*clearance* għaddew 5 xhur. Huwa kien qed jirrappreżenta lis-sidien tal-post adjacenti għas-sit fejn kienu se jsiru d-*demolition works.* Fiż-żmien kollu li għadda bejn il-presentata tal-*method statement* u l-*clearance* mill-BCA, huma ppreżentaw kontroproposti għall-*method statement* propost ; cio` nonostante l-clearance ngħata xorta waħda.**

**Qal illi meta jiġi preżentat *method statement* it-terzi ma jkunux infurmati. Trid toqgħod tiċċekkja kuljum jekk jirriżultax xi ħaġa online. Din mhijiex ħaġa sewwa u għandha tiġi rettifikata. It-tieni ħaġa hija li l-*condition report* li mhuwiex *available* għall-perit tal-parti l-oħra.**

**Kompla jixhed li l-proċess ta` skrutinju tal-*method statement* huwa semplicement *check-list* mingħajr referenza għall-pjanti sottomessi. Għalhekk mal-**

***method statement* għandhom ikunu annessi wkoll il-pjanti approvati mill-PA.**

**Mistoqsi dwar *free standing developments*, Perit Zammit stqarr li llum ma hemm xejn x`jirregola mill-punto di vista ta` *construction methodologies that are technically secured*. Għalhekk anke għal dawn is-sitwazzjonijiet, *method statements* għandhom jiġu preżentati wkoll lill-BCA.**

**y) <u>Av. Dr. Julian Buhagiar Vella</u>**

**Ippreżenta tliet dokumenti : wieħed minnhom l-waiver mill-Prim Ministru dwar konfidenzjalita`.**

**Xehed illi jaħdem bħala Junior Legal Officer fit-Taqsima tal-Compliance ta` INDIS.**

**Dwar ir-rikors ġuramentat li ppreżenta stqarr li dak huwa kopja mhux ittimbrata imma identika għall-att li hemm il-qorti. Kien hu li kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors ġuramentat fis-6 ta` Lulju 2023 wara li kien awtorizzat jagħmel dan mill-bord tad-diretturi ta` INDIS, mic-Chairman u Kap Eżekuttiv Nutar Jean Pierre Attard.**

**Quddiem il-bord tal-inkjesta ix-xhud reġa` kkonferma l-kontenut tar-rikors ġuramentat u stqarr li mis-6 ta` Lulju 2023 sal-lum ma sar jaf b`ebda fatt jew**

**ċirkostanza li twasslu jbiddel xi wieħed mill-fatti ndikati fir-rikors ġuramentat.**

**z) <u>Kurt Farrugia</u>**

**<u>Kap Eżekuttiv – Malta Enterprise</u>**

**Wara li ppreżenta l-waiver tal-Prim Ministru mill-obbligu tal-konfidenzjalita`, Kurt Farrugia ppreżenta wkoll dokumenti oħra.**

**Stqarr illi huwa sar Kap Eżekuttiv ta` Malta Enterprise fl-1 ta` Awwissu 2019. Qabel dik id-data kien Kap tal-Komunikazzjoni tal-Gvern.**

**Xehed li bħala struttura f`dan il-qasam l-ewwel kien hemm l-MDC. In segwitu wara l-2004 b`effett ta` bidla fil-liġijiet, kienu diviżi r-rwoli : dak ta` aġenzija għall-iżvilupp ekonomiku kien fdat lil Malta Enteprise waqt li dak relatat mat-tmexxija teknika fis-sens tat-tmexxija tal-oqsma industrijali sar ta` Malta Industrial Parks Limited ("<u>MIP</u>"). Meta MIP saret INDIS ir-rwoli u l-funzjonijiet baqgħu l-istess.**

**Kien mistoqsi :**

***Meta jkollok art bħal ma hi din, bħala destination, użu, funzjoni, min jieħu d-deċiżjoni fuqha ?***

**Wieġeb hekk :**

***... tidħol applikazzjoni għal talba għall-allokazzjoni tal-art, f`dan il-każ taħt it-three hundred square metres (300m$^2$), nesiġu li jkun hemm business plan u jkun hemm anke l-financials għal dak il-proġett. Aħna nevalwaw dawk. Meta naraw li l-proġett jidher li huwa fattibbli u ħa jħalli economic return, ħa jimpjega n-nies, hemmhekk imbagħad nagħmlu evalwazzjoni, jitla' f`dan il-każ l-investiment committee, u jekk approvat jew refused toħroġ ittra minn Malta Enterprise. Meta approvat toħroġ letter of intent b`ammont ta` kundizzjonijiet illi nagħmlu bħala korporazzjoni. F`dak il-mument dik l-ittra irid jiffirmaha l-proponent tal-proġett u jmur għand il-Malta Industrial Parks jew INDIS, naħseb dak iż-żmien, kienu għadhom Malta Industrial Parks, m'inix ċert, yes kienu MIP, u hemmhekk jgħidilhom jien għandi approval tal-proġett tiegħi mill-Malta Enterprise, se nkun hawn u għandi dritt li jkolli art f`żona industrijali. Minn hemm 'il quddiem tieħu over INDIS, kemm fuq fejn, kemm fuq it-tip ta` proġett, dejjem trid timxi ovvjament bil-kundizzjonijiet. Jiġifieri ma nistax Malta Enterprise approvatlu three hundred square meters (300m$^2$) u l-INDIS tagħtih ħames mija (500). Issa ovvjament dejjem ikun hemm allowance żgħir għax int il-plots ma jkunux maqtugħin eżatt three hundred square meters (300m$^2$). Hemmhekk fejn nifhmu lil xulxin. Jekk kemm-il darba mbagħad il-proġett jew inkella l-INDIS ma jkollhiex plot ta` dak id-daqs, jew trid tistenna jew inkella tidħol f`diskussjonijiet ma` min qed jipproponi l-proġett.***

**Kien mistoqsi dwar ir-rwol ta` INDIS wara li jkun approvat il-proġett min-naħa ta` Malta Enterprise.**

**Stqarr hekk :**

***… aħna mbagħad ma nidħlux fil-kwistjoni ta` lease u kundizzjonijiet purament li għandu x'jaqsam ma` l-art. Jiġifieri fil-letter of intent fil-fatt aħna, li hija talba għal, it-talba li saret mill-proponent għall-allokazzjoni ta` art, fil-fatt mill-ewwel aħna ngħidu "In this regard we are pleased to inform that Malta Enterprise has approved in terms of the business promotion act, the following location in the favour of", u l-ismijiet. Imbagħad l-ewwel kundizzjoni tkun "Industrial land measuring circa 300m$^2$ to be identified by Malta Industrial Parks. The terms and conditions relating to the allocation of this industrial land will be communicated to you by MIP in due course."***

**Ikkonferma l-*letter of intent* u l-kontenut tagħha. Din kienet annessa mal-kuntratt li biha kienet allokata l-art lil All Plus Limited.**

**Xehed dwar id-dettalji dwar kif kien evalwat il-proġett li wassal għall-allokazzjoni :**

***Daħlet applikazzjoni il-Malta Enterprise fit-12 ta` Frar tal-2019, fejn tiġi reġistrata u tmur għand il-unit konċernat, li f`dan il-każ huwa l-Micro Enterprise Support Unit. Issir evalwazzjoni ta` dak il-proġett.***

***Ħafna drabi jsiru laqgħat mal-proponent, sabiex tara l-proponent, tiltaqa' mal-proponent, u tagħmel ammont ta` mistoqsijiet. F`dan il-każ mill-meetings li kien hemm, kif infurmat, il-financials ma kinux jinkludu fost l-oħrajn illi se tinbena fabbrika, għax kien qed jassumi l-proponent illi l-fabbrika tkun lesta u kemm jidħol fiha. Allura bħala parti mill-evalwazzjoni tagħna għednielu jekk inti se tiġi b`dawn il-financials, il-probabiltà hija illi l-proġett tiegħek mhuwiex fattibbli għax m'għandekx l-ispiża li għandek bżonn biex tibni. Allura bgħattnih lura u kien għamel żieda ma` l-applikazzjoni għal dak li konna għednielu biex il-finanzjament ta` dan il-proġett jaqbel ma`, ikun hemm finanzjament biżżejjed biex dan il-proġett jitwettaq. U f`dak il-każ imbagħad, sadanittant aħna nkunu qed nagħmlu anke evalwazzjoni kummerċjali, tlabna lill-banek referenza fuq is-Sur Buhagiar u fuq is-Sur Schembri, illi għandna wkoll fid-dokumentazzjoni. Imbagħad saret is-submission tal-applikazzjoni propja u finali fl-14 ta` Mejju. F`dak il-każ imbagħad inkunu għamilna prattikament il-proċess kollu. Hemmhekk inkunu rajna li l-financials issa jagħmlu sens għall-proġett li qed jipproponi, u tela' quddiem l-investiment committee li huwa sotto kumitati tal-bord ewlieni tal-Malta Enterprise għal diskussjoni u eventwalment l-approvazzjoni.***

**Xehed illi l-*investment committee* kien presjedut minn Peter Borg u l-membri l-oħra kienu Paul Abela, Victor Carachi, Dana Farrugia, u Frank Farrugia.**

**Dwar il-*letter of intent*, stqarr illi ġeneralment il-letter of intent hija standard li tkun adattata għal kull proġett. Proġetti ta` 1000 metri kwadri jew inqas**

**jarahom l-investment committee waqt li proġetti ta` akbar fid-daqs jarahom il-bord ta` d-diretturi ta` Malta Enterprise.**

**Stqarr illi INDIS tidħol fix-xena wara li toħroġ il-letter of intent billi tidentifika s-sit fejn ikun se jsir il-proġett. Meta l-proġett ikun se jinvolvi medda ta` art sostanzjali l-kuntatt bejn Malta Enterprise u INDIS jibda qabel. Dak in kwistjoni kien jikkwalifika bħala proġett miż-żgħar.**

**Kompla jixhed illi l-Awtorità tal-Artijiet ma daħlet xejn fl-allokazzjoni billi kienet art li fil-passat kienet għaddiet b`titolu mingħand il-Gvern lil INDIS jew il-predecessuri tagħha.**

**Kien mistoqsi dwar il-paragrafu tal-letter of intent li jgħid : *"The company shall undertake to comply with the relevant regulations including but not limited to the health and safety regulations and to obtain all the required permits from the relevant authorities departments as may be required by law"***

**Wieġeb :**

***Dak huwa obbligu pożittiv li nagħmlu. Fil-verità fil-letter of intent nagħmlu dak l-obbligu sabiex aħna qed ngħidulek inti din l-ittra finalment xorta trid tgħaddi mill-proċessi ta` permessi u mill-proċessi ta` regolamentazzjoni viġenti għal dik it-tali binja. Allura***

***nkunu qed nagħmlu obbligu pożittiv fuq il-proponent ta` dak il-proġett sabiex jgħaddi mill-proċessi kollha. Jiġifieri l-ittra ma teżentakx milli ma ġġibx permezz tal-Planning Authority, ma teżentax milli tara li tkun qed tottempera ruħek mal-liġi f`dak li għandu x'jaqsam anything related ma` il-proċess jiġifieri.***

**Qal illi hija *a common standard clause* fl-allokazzjoni.**

**Dwar il-kawża li kienet istitwita minn INDIS għar-rexxissjoni tal-kuntratt, xehed li Malta Enterprise kienet infurmata minn qabel għalkemm ma kienx hemm il-ħtieġa tal-adezjoni tagħha sabiex INDIS tagħmel il-kawża.**

**Kompla jkun mistoqsi dwar il-*letter of intent* tal-każ in kwistjoni.**

**Xehed illi fil-każ ta` All Plus Limited il-*letter of intent* kienet tgħid li kellu jsir investiment ta`ftit aktar minn €260,000.**

**Kien mistoqsi jafx li sabiex jinbena u jkun *finished* sit għall-użu li kien destinat kienu meħtieġa €800,000.**

**Wieġeb li skont ma tressaq quddiemhom dak iż-żmien il-*financials* kienu jgħidu li l-bini u l-makkinarju għall-produzzjoni ta` għamara kienu sejrin jiswew**

**€262,500 bħala minimu żgur. Għall-fini ta` skjarezza, fisser li l-footprint approvat kien ta` 300m$^2$.**

**Kien mistoqsi :**

***Intom għandkom il-feeling tal-industrija wkoll, jiġifieri tawtorizza, issa mhux qed nindaħlilkom kif taħdmu, dik affari tagħkom, imma meta l-furniture industry nieżla f`dan il-pajjiż, nieżla, għandek fabbriki stabbiliti li they closed and imported furniture, ħlief trakkijiet, vannijiet ġej minn Sqallija ma tarax. Issa d-domanda tiegħi hija allura kif, what stimulates an investment granting land on those conditions to a furniture industry ? Tispjegali ftit, please ? Qed tifhem x'qed ngħidlek ?***

**Wieġeb :**

***jiena nista` nirrispondi fl-aħħar snin għax inzertajt anke meta dħalt jien, ftit wara kien hemm il-covid, allura l-attività pjuttost naqset. Dak iż-żmien dawn it-tip ta` applikazzjonijiet kienu jidħlu mhux ħażin. Jiġifieri anki llum-il ġurnata ma ngħidux għax carpenter, mastrudaxxa ma taċċettax l-applikazzjoni tiegħu, trid tara fuq il-mertu tagħha. Għax jaf għandek xi ħadd tal-mistier illi jagħmillek il-prodotti aħjar minn dak li jiġi minn bnadi oħra, ħalli ma noqgħodx insemmi postijiet. Allura f` dak il-każ nevalwaw il-proġett fuq il-mertu tiegħu.***

**Kompla jkun mistoqsi :**

***U due diligence f`dan il-każ, jiġifieri dawn il-persuni huma min huma, ma nafx min huma jien, kienu ta` dan il-qasam, dan għamiltuh dan l-aċċertament ukoll ?***

**Wieġeb :**

***Fil-fatt iltqajna magħhom u anke fejn infurmat jien, il-persuna illi kien qed jimmaniġġja din din l-applikazzjoni, mar fuq il-post, l-industrial estate tal-Ħandaq, fejn kellhom concern żgħira fejn kienu qed jipproduċu diġà xi ammont ta` għamara. Jiġifieri ma nistax ngħidlek a priori li proġetti bħal dawn se jiġu rifjutati. Li nista` ngħidlek li minn dak iż-żmien fl-aħħar ftit snin daħħalna, anke minħabba nuqqas ta` spazju industrijali, daħħalna skemi oħrajn bħal rent subsidy, illi applikazzjonijiet żgħar li m'għandhomx valur addizzjonali kbir, ġeneralment nistradawhom li japplikaw għal rent subsidiary u jmorru fil-privat, iktar milli jieklu iktar mill-art industrijali li għandna. U dik xi ħaġa li għamilna konxjament minħabba illi nħossu, propju kif qed tgħid int, illi llum-il ġurnata nagħtu ħafna iktar valur il-proġetti illi se jħallu additional value lill-pajjiż. Jiġifieri iva, relevanti ħafna li qed tgħid, u that economic assessment illum-il ġurnata jsir u ta` min ngħid anke dak iż-żmien kien isir imma ovvjament il-prijoritajiet tal-pajjiż jinbidlu anke ekonomikament.***

**Kien mistoqsi fuq liema entità pubblika jaqa` l-piz li tassikiura li l-impenji tal-investitur u l-obbligi minnu assunti humiex qed jiġu segwiti.**

**Wieġeb b`riferenza għal Malta Enterprise :**

***aħna nidħlu ladarba l-binja tkun lesta jew il-factory tkun lesta, u jibdew l-operazzjonijiet. Hemmhekk naraw illi l-makkinarju li wiegħed li ħa jixtri, din tapplika kemm għal factory żgħira tal-furniture sa pharmaceutical company kbira. Jiġifieri illi żamm mal-obbligazzjonijiet li qal fl-applikazzjoni oriġinali, jiġifieri li l-makkinarju li wiegħed li se jixtri u l-investiment li se jagħmel għamlu, illi jekk hemm obbligazzjoni f`dan il-każ ta` disa' (9) persuni li jħaddem miegħu, inżommu laqgħat regolari jew anke ħafna drabi spot checks biex naraw illi dak illi wiegħed qed iżomm miegħu, anke skond l-obbligazzjonijiet tal-letter of intent u dawk nagħmluhom b`mod konsistenti.***

**Kompla jixhed illi huwa l-kompitu tal-INDIS li tassikura li ċ-ċens ikun qiegħed jitħallas mill-kontraent.**

**Sostna li jkun hemm proġetti li ma jkunux approvati minn Malta Enterprise. Fejn jaraw ċerta proġetti ma jagħmlux sens bħala investiment propost, bħala impieg ta` persuni in relazzjoni mal-art li tkun rikjesta allura dawn jiġu rifjutati. Il-verifiki huma rigorużi. Dwar l-ingaġġ tal-ħaddiema l-verifiki anke tramite Jobsplus u Identity Malta jsiru wara li l-proġett jibda jaħdem.**

**Qal li l-verifika tal-osservanza tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt issir minn INDIS. Malta Enterprise żżomm kuntatt mill-qrib ma` INDIS u anke tagħmel spot checks magħha.**

**Kien mistoqsi għaliex kien qed jagħmel enfasi fuq intervent minn Malta Enterprise wara li jitlesta l-proġett meta clause 3 tal-letter of intent tgħid : *"In the event of the applicants or the company failing to comply with any of the conditions set out in this letter, or if there is any material change in the set up of this project, after notice shall have been served by the corporation requesting your compliance, the corporation shall be entitled to withdraw this letter in case its application shall be considered of no consequence and without any legal effect and this right shall be without prejudice to any legali right and sanctions."***

**Wieġeb li jispetta lill-applikant li javża lil INDIS b`material changes imbagħad INDIS tavża lil Malta Enterprise.**

**Kompla jixhed illi huma talbu lill-applikant sabiex jippreżenta l-*business plan* biex issir manifattura ta` għamara. Jitolbu *basic layout* tal-*production floor*. Però ma jitolbux il-pjanti tal-binja li jippreżenta l-perit lill-PA. Il-proġett mertu tal-applikazzjoni huwa approvat. Ippreċiża li fl-applikazzjoni ma kienx hemm kemm kienu se jitilgħu sulari.**

**Dwar il-*past history* ta` min applika xehed hekk :**

***Kellhom going concern żgħira għaddejja ġo l-industrial estate tal-Ħandaq, saret sar laqgħa magħhom u sar anke site visit biex nikkonfermaw illi vera kienu qed jipproduċu għamara u f`dan il-każ vera kienu qed jipproduċu l-għamara, jiġifieri l-esperjenza li tawna mill-applikazzjoni kienet l-esperjenza tal-proponenti però aħna rajna li vera kien hemm ammont tas-sales illi qed jiġu ġġenerati fl-aħħar xhur, fix-xhur ta` qabel meta kienu bdew joperaw minn site żgħir ġewwa tal-Ħandaq.***

**Kompla jgħid li meta ġara l-inċident mertu tal-inkjesta l-fabbrika ma kenitx għadha lesta.**

**Stqarr illi fil-proċess ta` due diligence li tagħmel Malta Enterprise ma ssirx talba għall-preżentata tal-fedina penali tal-applikant/i jew jekk l-applikant ikun kumpanija, tad-direttur/i jew jekk għandhomx kawżi kriminali pendenti quddiem il-qrati. Il-proċess ta` due diligence jsir fil-kuntest kummercjali/finanzjarju. Il-fatt li persuna jkollha *xi forma ta` każ mal-qorti fil-passat ma jipprekludihx milli jiftaħ negozju tiegħu.* (kliem testwali tax-xhud). Għalhekk il-kondotta ta` min japplika ma għandhiex tagħmel differenza sabiex proġett ikun approvat inkella le.**

**Kien mistoqsi dwar lessons to be learnt mid-diżgrazzja li fiha tilef ħajtu Jean Paul Sofia.**

**Wieġeb :**

***L-ewwel nett dejjem hemm x'titgħallem minn kull każ. Jiġifieri aħna sfortunatament kien hemm dan il-każ, ikun hemm każijiet oħra fejn għall-argument ikun hemm inċident fuq il-post tax-xogħol wara li bdew l-operazzjonijiet. Hemmhekk at application stage, diffiċli tipprevedi x'jista` jiġri fil-futur. Allura iva, ovvjament noqogħdu iktar attenti, qed noqogħdu aktar attenti u qed inħarsu lejn tali applikazzjonijiet b`mod iktar fid-dettall, però jekk tgħidlix jistax ikun illi approvajna proġetti illi allaħares qatt jista` jinqala' inċident fuq il-post tax-xogħol, inċident waqt il-bini jew inċident wara illi jibda l-operazzjonijiet, jiġifieri f`dan il-każ qed nitkellmu fuq għamara, hemm każijiet li qed jaħdmu bil-kimika, jekk jinqala` xi ħaġa diffiċli biex f`fażi ta` applikazzjoni tkun qiegħed tipprevjenih dak. Jiġifieri aħna quddiemna jkollna applikazzjoni minn proponent. Ovvjament checks isiru, qegħdin naraw illi jsiru dejjem iktar rigorużi, anke minħabba l-fatt, jiġifieri mhux relatat ma` dan il-każ biss, anke minħabba l-fatt illi qegħdin inkunu ħafna iktar attenti l-ammont ta` art illi napprovaw minħabba n-nuqqas ta` art industrijali li teżisti fil-pajjiż. Jiġifieri aħna min-naħa tagħna iva, hemm tagħlimiet x'nieħdu prattikament minn kull applikazzjoni. Ħa nagħtik eżempju li ddiskutejna internament bħala management din il-ġimgħa. Inti tapprova skema illi tinduna illi fi żmien sentejn mill-applikazzjoni ta` dik l-iskema, il-proġetti illi qed jiġu mhux neċessarjament qed iħallu l-frott li inti kont tixtieq. F`dak il-każ inti dejjem taġġusta u f`dan il-każ nemmen illi naħseb bħala sistemi kollha għandna nkunu iktar attenti illi meta ikollna kwalunkwe tip ta` proġett, naraw illi l-applikazzjoni li ssir u n-nies wara l-applikazzjoni, ikunu nies li jistgħu jwassluh proġett. Dan dejjem konna naghmluh, biex inkun ċar, u minkejja iċ-***

***checks li tista` tagħmel f`fażi ta` applikazzjoni li tkun qed tara proġett fuq karta, qatt ma tista` tipprevjeni li fil-futur xi darba jista` jinqala` xi ħaġa.***

**aa) <u>Perit Joseph Attard</u>**

**Xehed li huwa kien Kap Eżekuttiv ta` INDIS minn Lulju 2021 sa Jannar 2023. Issuccieda fl-inkariku lil Karl Azzopardi. Is-suċċessur tax-xhud kien Keith Fenech u warajh in-Nutar Jean Paul Attard. Il-kuntratt ma` All Plus Limited kien iffirmat mill-predeċessur tiegħu Karl Azzopardi.**

**Ix-xhud ikkonferma li l-INDIS tamministra art tal-Gvern li tinsab fl-oqsma ndustrijali fosthom dak ta` Kordin fejn kien is-sit tad-diżgrazzja in kwistjoni. INDIS tagħmel hi l-allokazzjoni tal-art abbażi tal-*letter of intent* li toħroġ Malta Enterprise. Mhux kompitu ta` INDIS li tikkontesta l-kontenut tal-*letter of intent.* Anke jekk ikun hemm *feeling* li l-*letter of intent* mhix sejra twassal biex il-proġett jirnexxi jew le, INDIS ma tidħolx fil-mertu. Il-letter of intent issir parti mill-kuntratt li INDIS tiffirma mal-applikant kif kien il-każ odjern.**

**Dwar kontroll minn INDIS tal-kondizzjonijiet tal-kuntratt, Perit Attard xehed :**

***bħala INDIS kellna Compliance Unit li kellha l-inspectors u kienu jintbagħtu l-inspectors jagħmlu l-inspections fuq is-sites. L-inspectors ma kinux daqshekk tekniċi. Kienu jsiru visual inspections bir-ritratti u kienu joħorġu condition reports. L-aktar***

***proċess, l-aktar dan il-proċess kien isir meta kien ikun hemm renewal ta` kuntratt.***

**Stqarr li safejn jaf hu qatt ma sar *compliance report* minn kull aspett dwar l-iżvilupp tas-sit in kwistjoni. Il-Compliance Committee l-aktar li kien jaħdem kien wara li jibdew joperaw billi kienu jsiru checks dwar l-użu u n-numru ta` impjegati.**

**Kien mistoqsi :**

***jekk dan sakemm jibda jopera, minn meta jsir il-kuntratt sakemm jibda jopera fuq din l-art mogħtija lilu, jekk dan huwiex qiegħed, ħa nikkwotalek : 'to undertake to comply with the evident relevant regulations including but not limited to the health and safety regulations and to obtain all the required permits from the relevant authorities as may be required by law' li qiegħda fil-letter of intent u suppost qiegħda fil-kuntratt ukoll, din ma tivverifikawhiex intom ?***

**Wieġeb :**

***L-INDIS ma kellhiex Health and Safety Officer le, biex jivverifika.***

**Kompla jkun mistoqsi :**

*Health and safety ma jfissirx biss occupational health and safety. Health and safety even for third parties. Tgħidli hemmhekk free standing kien. Jiġifieri jekk jiena mmur immur bil-kelb hemm, jiġifieri jisfronda fuqi ? Dan li qed ngħid jien. Il-pubbliku in ġenerali. Jiġifieri intom ma tivverifikawx jekk din il-condition hux qed tiġi osservata jew le ?*

**Wieġeb :**

***Le ma konniex nivverifikawha.***

**Kompla jgħid li INDIS qatt ma daħlet fi kwistjonijiet bħal bdil fil-*business plan* u applikazzjonijiet għall-bini ta` aktar sulari.**

**bb) <u>Noel Azzopardi</u>**
**<u>Chief Technical Officer – INDIS</u>**

**Ix-xhud ippreżenta dokumenti.**

**Xehed illi r-rwol tiegħu u tad-dipartiment tiegħu huwa li jieħdu ħsieb l-infrastruttura ta` l-industrial estates. Mil-lat professjonali huwa personalment l-ewwel beda bħala draughtsman imbagħad mar għal land u quantity surveying. B`infrastruttura qed ifisser primarjament s-substations, toroq, dawl, ilma, drenaġġ, u fit-tieni lok li jgħinu lill-applikanti fil-proċess biex japplikaw mal-PA għad-DNO.**

**Dwar il-każ mertu tal-inkjesta xehed li huma daħlu wara li kienet ġiet allokata l-art, wara li kien iffirmat il-kuntratt u bdew bil-proċess għall-permess. Waslu għandhom il-pjanti (architectural plans) u talbu liċ-ċenswalist biex iġib il-clearances mingħand is-CPD u s-CIPD. Wara li waslu marru għand il-PA tramite l-perit tal-iżviluppatur u beda l-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-ħruġ tal-permess. Min-naħa tagħhom huma għamlu eżami tal-pjanti arkitettoniċi li ppreżenta l-iżviluppatur. Bazikament il-pjanti kienu l-layout. Fil-fatt huma għamlu verifika tal-konfini tal-layout biex jaċċertaw ruhhom illi d-daqs jirrfletti dak tal-kuntratt. Fil-metodu ta` kostruzzjoni tas-sit huma ma jidhlux. U ma hemm ebda struttura nterna f`INDIS li tagħmel verifika ta` din ix-xorta. Kieku ma nqalgħetx id-diżgrazzja, kieku għal INDIS kollox kien jitqies bħala sewwa.**

**Mistoqsi xi skrutinju intern sar minn INDIS wara li grat id-diżgrazzja, ix-xhud xehed hekk :**

***Jiena min-naħa tiegħi dakinhar li ġara tlajt fuq is-sit mal-ewwel, biex nipprova nifhem naqra x' ġara u x' ma ġarax, ovvjament ma stajtx nidħol fuq is-sit li stajt nara minn barra flimkien mal-pulizija li kien hemm on site. Meta mort lura rrappurtajt lis-superjuri tiegħi, fil-fatt is-superjuri tiegħi ftit wara telgħu fuq is-sit ukoll, kemm is-CEO ta` dak iż-żmien u anki ċ-chairman tagħna, però jiena ma ġejt mistoqsi xejn wara biex nipprovdi ebda forma ta` informazzjoni … Ma ġejtx mitlub biex nagħmel xejn.***

**Qal ukoll li safejn jaf ma nbidel xejn fil-proċeduri nterni ta` INDIS …** ***ha nkun onest, none that I am aware of.*** **(kliem tat-testwali tax-xhud)**

**Għal sensiela ta` domandi dwar il-pjanti b`żieda fit-tieni DNO ta` żewġ sulari fil-binja li mbagħad iggarrfet, ix-xhud wieġeb :** ***il-pjanti li aħna ġew issottomessi lilna ma kinux pakkett ta` pjanti strutturali.***

**U kompla :**

***Naħseb għall-ammont ta` applikazzjonijiet illi jkollna ovvjament imma l-manpower dejjem tkun dejjem l-ikbar issue li jkollna. Aħna l-pjanti jiġu vvettjati anki minn perit min-naħa tagħna, però dejjem fuq pjanti ta` arkitettura mhux strutturali.***

**Qal li l-għoli permess ta` sulari fiż-żona huwa determinat mill-PA. Saret it-tieni DNO application għaliex l-applikant ried iżid is-sulari billi kien hemm bidla fl-għoli għal dik iż-żona ta` żvilupp mill-PA. Is-sit ikun allokat abbażi tal-informazzjoni li jagħti l-iżviluppatur. L-iżviluppatur ried jagħmel sanctioning. Billi fil-każ ta` DNO originali ma jistax ikun hemm sanctioning, saret applikazzjoni oħra għal DNO oħra. Fl-applikazzjoni l-ġdida preżentata mill-iżviluppatur issemmew** ***goods lift, fire and safety measures, and***

***modifications to the internal layout.*** **Huma fehmu li għalhekk kienet saret it-tieni DNO application.**

**Saħaq li huma jkollhom biss layout tal-pjanti. Dwar strutturi ma jkollhom xejn lanqas kalkoli.**

**Ix-xhud kien mistoqsi :**

***Fil-fehma tagħkom għandha tibqa` s-sistema li jiġu applikati biss DNO jew Full Development biex ikun hemm aktar skrutinju ?***

**Ix-xhud ma weġibx ħlief illi qal :**

***Hija naqra domanda diffiċli onestament.***

***nemmen illi ċertu tibdil naħseb li hu importanti li jsir, speċjalment wara li ġara.***

**Meta mistoqsi fuq l-iskorta tal-esperjenza tiegħu stqarr illi qatt ma kien hemm Dipartiment Tekniku f`Malta Enterprise.**

**cc) <u>Dr Joyce Cassar</u>**

**<u>Segretarju Permanenti</u>**

**<u>Diviżjoni - People and Standards</u>**

**<u>Uffiċċju tal-Prim Ministru</u>**

**Xehdet illi l-People and Standards Division (id-<u>Divizjoni</u>") hija responsabbli għall-ħolqien ta` policies ċentrali li jiġu mqassma mbagħad mal-amministrazzjoni flimkien mal-Kap taċ-Ċivil. Fir-remit tad-Diviżjoni jidħol l-ingaġġ ta` persuni minħabba direttiva partikolari li testendi l-applikazzjoni ta` numru ta` direttivi għall-bqija tas-settur pubbliku.**

**Ippreżentat dokumenti.**

**Qalet illi hemm direttiva 7 li hija amministrata mid-Diviżjoni li waslet għal reviżjonijiet fejn entitajiet jitolbu reklutaġġ ta` persuni. Huma jaraw jekk għandhomx il-finanzi għalihom. L-approvazzjoni ssir dejjem abbażi li huma jibqgħu responsabbli biex jimmoniterjaw u jiggwidaw lill-entitajiet anke sabiex joħolqu strutturi fejn jidħlu salarji, kif ukoll jgħinuhom anke f`negozjati mal-unions. Id-Diviżjoni tagħti assistenza wkoll fejn ma jkunx hemm unions.**

**Qalet li fost id-dokumenti li ppreżentat hemm statistika li tirrigwarda l-OHSA.**

**Spjegat illi huma jagħtu l-approvazzjoni tagħhom għal headcount, abbażi tar-resokont li jkun ingħata mill-Ministeru tal-Finanzi għax ovvjament kull entità u kull ministeru jitolbu ħafna iktar nies. Kieku nagħtu kull ma jitolbu kieku s-sistema ssir insostenibbli. Diġà l-amministrazzjoni timpjega madwar 50,000 ruħ. Huma jissottomettu l-HR Plans flimkien mal-Business Plans. Jekk ikun il-każ, il-Ministeru tal-Finanzi japprova l-finanzjament għalihom.**

**Qalet li fil-każ tal-OHSA bħala żieda fin-nies ingħataw prattikament kulma talbu.**

**Fil-każ tal-BCA, l-Awtorità preżenti fil-bidu kienet preċeduta minn Uffiċċju u wara minn Aġenzija. L-ewwel ma sar kien li tħejjiet id-dokumentazzjoni biex il-Prim Ministru japprova l-proċess tad-detailing, u cioè li persuna tmur lejn entità minflok tibqa` fis-servizz pubbliku. Fl-2019 kellhom talba għal 10 persuni**

**Dwar il-BCA, kompliet tixhed hekk :-**

***… compliance and enforcement officers talbu 8. Wieħed minnhom kien replacement. 7 kienu addizzjonali. Aħna nkunu tajnihom ftit parametri per eżempju f`dal-każ ta` 2020 għidnielhom subject li 50% jidħlu sa Marzu u 50% jidħlu fil-quarter four tal-2020. Inkunu għidnilhom hekk minħabba l-vot li jkollhom. Jiġifieri anke għall-fatt li inti biex iddaħħal compliance u enforcement officer jekk iddaħħal 8 f`daqqa jista` jkun fis-sistema tagħhom ikunu spjegawlna l-mod ta` kif iridu … Kien hemm talba għal 65 ruħ u għal 48 ruħ li ġew over, li ġew mogħtija għas-sena ta` wara. Fis-sena 2021 aħna għednielhom flimkien mal-finanzi, għax aħna għandna kumitat li huwa coordinating committee li fih hemm rappreżentant tal-finanzi, u għednielhom li r-recruitment was approved subject to the proposed recruitment jiġi staggered b`manjiera li jibqa' sostenibbli mal-vot rikorrenti li huwa item 6010 tal-Building and Construction. U ovvjament jiġi contained within the two million hemm. Iġifieri dawn is-65 qatt ma żammejnihomx u tajnihomlhom subject to the provisions. Għax jiena ovvjament minħabba l-fiscal responsibility ma nistax noverrajdja l-ammont fiskali li jkollhom u nkun irrid nagħtihom l-approval within. Iġifieri aħna normalment jekk tkun xi ħaġa urġenti u jekk tkun xi ħaġa li hija imperattiva li tiddaħħal, aħna***

*ngħidulhom li jistgħu idaħħluhom subject to li flus għalihom, mhux għall-aħħar xahar għax ovvjament jekk tiġi għandi f`Ottubru u tgħidli għandek flus għalihom inti jista` jkollok flus għall-Ottubru imma jrid ikollok is-salarju sħiħ għas-sena ta` wara. So, dana dejjem nagħmluh marbut. So fit-2022 kellhom l-istess provision imbagħad kellhom approvals għal 24 oħra unconditionally jew replacements. Iġifieri kienu nies replacements u għandek il-lista wkoll ta` 2023. Aħna jekk tgħidli dawn qgħadniex nidħlu fid-dettal jekk iridux senior manager flok compliance ngħidlek jien ma nidħolx fiha għax jiena ma nkun, aħna ma nkunux fil-mija and over entitajiet. Aħna nagħtuhom iċ-ċans li sakemm jibqgħu fl-istruttura tal-collective agreement jew tad-direttiva 7 u hemmhekk fejn aħna nodittjaw u sakemm ma jaqbżux is-salarji li hemm ġewwa, u l-allowances li hemm ġewwa dawn l-istrutturi approvati ma nidħlux jekk, dan jista` jgħid isma` jekk mhux ħa nġib officer imma ħa nġib Policy Officer jew ħa ndaħħal messaġġier. Hemmhekk aħna ma nidħlux. Ovvjament jekk jiġi jgħidli ħa ndaħħal żewġ messaġġiera flok Officer jiena niġbidlu l-attenzjoni li mhux se nħallih imma f`ħafna mill-każi huwa proċess intern li jidħlu fih. So, aħna nidħlu overall qisna r-regolatorju. Qisna monitoring and regulating mbagħad nagħmlu audits biex naraw li l-affarijiet li jkunu talbu ma nqabżux.*

**dd) <u>Michael Stivala,</u>**

**<u>President - Malta Developers Association ("MDA")</u>**

**Ippreżenta dokumenti.**

**Xehed li l-biċċa l-kbira tal-iżviluppaturi u tal-kuntratturi huma membri tal-MDC : madwar 600 developer u bejn 120 u 150 kuntrattur.**

**Xehed illi l-MDA kienet kostitwita fl-2010. L-idea kienet illi l-iżviluppaturi jingħaqdu u meta jitkellmu mal-Gvern minflok kulħadd jitkellem fl-interess tiegħu personali jitkellem fuq policies in ġenerali li jkunu fair għal kulħadd għax fil-passat kull żviluppatur kien imur jagħmel lobbying għal rasu bil-konsegwenza li fil-passat inħolqu sitwazzjonijiet illi effettwaw lil ċerta persuni tajjeb u lil oħrajn ħażin. Telqet mill-prinċipju li kellha tirrappreżenta lill-iżviluppaturi. Maż-żmien indunaw illi l-iżviluppatur huwa sezzjoni żgħira mill-istampa kollha tal-industrija tal-proprjetà. Maż-żmien żdiedu iktar sezzjonijiet li llum huma 11 u jinkludu : condominium companies, estate agents, tal-barrieri u kuntratturi tat-toroq. Kull lobbying isir fl-interess komuni mhux dak ta` settur kontra ieħor.**

**Stqarr illi meta tiġi preżentata applikazzjoni għall-ħruġ ta` permess tal-iżvilupp, huma jittrattaw ma` 13-il entità tal-Gvern anke jekk ħafna jaħsbu li tkun involuta l-PA biss : kull awtorità bir-regoli tagħha, waħda ma taqbilx mal-oħra. Il-burokrazija żejda tfixkel is-settur.**

**Qal li l-kuntratturi li kienu nvoluti fil-każ ta` Jean Paul Sofia ma kinux membri tagħhom.**

**Ikkonferma li ta` spiss jinqalgħu konflitti bejn l-interessi ta` żviluppatur u dawk ta` kuntrattur. Jiġru għaliex ħafna drabi ma jkunx hemm kuntratti ta` appalt bil-miktub bejniethom. Ikun hemm problemi dwar kif għandu jsir ix-xogħol.**

**Fisser li tajjeb li jkun hemm *method statement* iżda wara jiġri ta` spiss li l-perit ma jmurx biżżejjed fuq il-lant tax-xogħol.**

**Qal li bħala MDA meta jinqalgħu kwistjonijiet bejn sezzjonijiet, għalkemm kull sezzjoni tieħu d-deċiżjoni tagħha, jagħmlu sforz biex isibu tarf flimkien.**

**Saħaq li waqt li jkun qed isir l-iżvilupp, l-iżviluppatur m`għandux responsabilità għaliex huwa jkun qabbad professjonisti u nies tas-sengħa biex jagħmlu l-iżvilupp. Ir-rwol tal-iżviluppatur huwa dak ta` investitur.**

**Qal li l-MDA temmen li kulħadd għandu jkun liċenzjat. Għalhekk trid l-kuntratturi jkollhom liċenzja. Ilhom is-snin jitolbuha imma l-proċess kien jeħel. Kienu waslu fi ftehim mal-BRO biex isir reġistru. Imma r-reġistru reġa` weħel. L-insistenza tal-MDA għal-liċenzja ġejja mill-prinċipju li ma jistax bniedem jaqbad l-għodda u l-għada jsir kuntrattur. Mhuwiex aċċettabbli li dan jibqa` jsir. Is-serjetà tirrikjedi li jkun hemm liċenzjar. Kif ukoll li l-persuni liċenzjati jkollhom assigurazzjoni għall-ġirien (*public liability policy)* u għall-ħaddiema (*employers liability policy*) għaliex l-iżviluppaturi diġà huma assigurati bil-*contractors all risks policy.***

**Kompla jixhed illi l-MDA temmen li għandu jkun hemm klassifikazzjoni però b`mod gradwali għax għadu ma sarx stocktake ta` x`hemm fis-suq.**

**Qal li l-liċenzjar għandu jgħodd ukoll għas-subcontractors.**

**Dwar ir-regolamenti, xehed li d-difett tagħhom huwa li tħalliet barra l-kwistjoni tal-assigurazzjoni li għandha tgħodd għal kull kuntrattur : kbir jew żgħir.**

**Dwar taħriġ stqarr li l-MDA għandha l-akkademja tagħha u lesta tipprovdi hi t-taħriġ.**

**Dwar jekk is-settur għandux ikun self-regulating, Stivala stqarr li hemm 21 awtorità tirregola s-settur tagħhom.**

**Qal li sabiex il-liċenzja tkun imġedda l-kuntrattur irid juri bl-i*skill cards* li l-ħaddiema tiegħu huma mħarrġin. Min jinstab inadempjenti, ikollu jbati l-konsegwenzi.**

**Insista li jekk vis-à-vis ir-relazzjoni tal-iżviluppatur mal-kuntrattur ikun hemm nuqqas, min ikun responsabbli jbati d-danni.**

**Qal :**

***Daqsek kollox. Dak. Sempliċi. Żbaljajt ħallas tiegħu.***

**Kien mistoqsi dwar il-pożizzjoni tal-MDA dwar il-proċedura tad-DNO.**

**Wieġeb hekk :**

***… daħlet fl-2010. Għax il-gvern stess induna li bil-burokrazija li hawn f`dal-pajjiż ma tistax taħdem. Inti meta jiġi investitur minbarra dak iż-żmien ġew kumpaniji popolari fl-ajruport. Dawn ġew iridu jibnu***

***fabbrika u ndunaw li l-proċedura normali ddum għaddejja snin u dan l-investitur jilħaq jitlaq.***

**Dwar l-infurzar xehed :**

***... Prevention is better than cure. Iġifieri u hemmhekk aħna rridu u b`hekk jiena bdejt ngħid ftit qabel le, tħallix jaħdem jekk ma jkollux ċertu rekwiżiti. Mhux l-ewwel ittih il-liċenzja u mbagħad toqgħod tmur tiċċekkja għax inti jkollok kemm ikollok enforcement impossibbli jkollok l-enforcement fuq kull sit, kuljum kullimkien. Allura inti l-enforcement tajjeb biex jagħmel spot checks imma mhux tajjeb, impossibbli li jkun fuq kull sit il-ħin kollu. Iġifieri dan ikollok nies mingħajr ma jafu x'inhuma jagħmlu jew ikollok nies li qed jaħdmu ta` bilfors, irid ikollok qed iġibu ħaddiema li lanqas jittrejnjawhom, jista` jkollok kemm ikollok enforcement imma mhux ħa jwassal għal xejn.***

**Kien mistoqsi jekk fil-każ ta` DNO għandux ikun hemm xi għamla ta` *method statement*.**

**Wieġeb :**

***Hundred percent. Infatti hekk għedt. Aħna d-DNO hi proċedura tajba, l-problema hija r-requirments tal-BCA għax inti d-DNO hija proċedura tal-Planning Authority, kif tibda x-xogħlijiet trid tmur għand il-BCA u hemmhekk l-iżball. Infatti aħna tkellimna mal-gvern illi għandu jkun illi d-DNO from a BCA point of view trid tiġi ttrattata bħal kull applikazzjoni oħra. Ma jridx ikun hemm la exemption għalhekk la exemption għalhekk. Għalhekk anke jien fil-liċenzjar il-minuta li tiddaħħal l-exemptions hemmhekk il-problema illi nibdew induru ma l-affarijiet imbagħad jinqalgħu l-accidents u jeħel kulħadd magħhom.***

Dwar il-kontrolli in ġenerali xehed hekk :

***… l-proġetti l-kbar mhux il-problema. Il-proġetti ż-żgħar il-problema għax inti proġetti kbar l-ewwel ħaġa inti għandek il-banek jimmoniterjawhom pulzier, pulzier. Għandek l-awtoritajiet jiċċekkjawhom, għandek ħafna, għandek l-insurance, jiġifieri inti l-proġetti l-kbar mhumiex il-problema. Il-problema huma l-proġetti ż-żgħar, fejn jibdew jaqtgħu l-ispejjeż left, right and centre. U hemmhekk l-issue. Illum kulħadd. Il-biċċa tax-xogħol hija aħna Sur Imħallef ħa nitolbu oġġett ieħor illi biex inti tagħmel żvilupp trid tqabbad żviluppatur illiċenzjat ukoll.***

**Ikkritika l-mod kif il-BCA tittratta l-*method statement* fis-sens li bħala żviluppaturi huma jonfqu flus kbar biex jinkarikaw periti għat-tħejjija tal-*method statements* imbagħad l-BCA tieħu x-xhur biex tivverifika d-dokument permezz ta` periti oħra magħżula minnha. Il-BCA moħħha fil-karti flok tikkonċentra fuq kif ikun qed isir ix-xogħol fuq is-sit. La l-*method statement* isir minn professjonist dak għandu jieħu r-responsabilità għalih imbagħad l-BCA tagħmel verifiki permezz ta` spot checks.**

**Saħaq illi r-responsabilità tas-sit mhux biss għandha tkun tal-kuntrattur iżda tal-professjonisti l-oħra wkoll.**

**ee) <u>Alexia Vella</u>**
**<u>Kap Eżekuttiv - Jobsplus</u>**

**Xehdet darbtejn.**

**Meta xehdet l-ewwel darba, stqarret illi kienet maħtura Kap Eżekuttiv ta` Jobsplus f`Marzu 2020 fejn għadha sal-lum.**

**Ippreżentat dokumenti.**

**Kienet mitluba mill-Bord tippreżenta statistika ta` kemm kien l-għadd ta` persuni reġistrati ma` Jobsplus biex jaħdmu fl-industrija tal-bini u kostruzzjoni matul dawn l-aħħar 5 snin.**

**Wieħbet illi fl-2019 kien hemm 16,099. Fl-2020 l-għadd tela` għal 16,669. Kompla jitla` għal 17,758 fl-2021 u għal 19,273 fl-2022. Sa April 2023, l-għadd kien diġà 19,692.**

**Minn dawn il-persuni, ċittadini Maltin kien hemm 9904 fl-2019, 9714 fl-2020, 9801 fl-2021,9207 fl-2022 u 9225 fl-2023.**

**Ċittadini minn pajjiżi tal-UE kien hemm 1921 fl-2019, 1810 fl-2020, 1869 fl-2021, 1897 fl-2022 u 1900 sal-ewwel xhur tal-2023.**

**Magħhom hemm dawk magħrufa bħala EU dependent, u cioè persuni minn pajjiżi terzi li jkunu mizżewġin ma` ċittadini ta` pajjiżi tal-EU : 62 fl-2019, 70 fl-2020, 96 fl-2021, 98 fl-2022 u 103 fl-2023.**

**Kien hemm ukoll 7 ġejjin minn pajjiżi tal-EEA.**

**Għar-rigward ta` TCNs, l-għadd juri li kien hemm 4210 fl-2019, 5073 fl-2020, 5988 fl-2021, 8065 fl-2022 u 8457 fl-2023.**

**Kompliet tiġi mistoqsija x`kienu l-kwalifiki tagħhom biex jagħmluhom idonei biex jaħdmu f`dik l-industrija u kemm minnhom kellhom taħriġ ta` xi xorta dwar il-qasam in partikolari dwar materji ta` saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.**

**Wieġbet hekk :**

***Ir-rwol ta` Jobsplus huwa rwol li joħroġ mil-liġi, jiġifieri obbligu legali li aħna rridu nimxu miegħu, huwa li żżomm reġistru ta` kull min jimpjega, jħaddem, jiġifieri l-employers, lista tal-employers u lista ta` dawn l-employers lil min iħaddmu magħhom.***

***Meta inti timpjega xi ħadd biex jidħol jaċċessa s-suq tax-xogħol Malti jekk inti Malti jew EU national jew wieħed milli EU dipendenti jew EEA area ħa ngħidulhom għal din l-ispjega EU nationals dejjem ħa nirreferi għalihom, f`dak il-każ dawk għandhom dak li aħna insejħulha l-free movement of workers u għandhom free aċċess, equal access to the labour market daqs li kieku Malti.***

***Jobsplus tiġbor mingħand l-employers, jiġifieri l-employer għandu l-obbligu legali li joħroġ minn Kap 594 Employment and Training Services Act illi jinforma lill-Jobsplus bħala l-entità governattiva jew entità nazzjonali li tieħu ħsieb dan ir-reġistru, li tinforma minnufih kif jibda r-relazzjoni ta` xogħol ta` impjieg b`employment engagement form.***

**Kompliet tixhed illi fl-engagement form ikun hemm id-dettalji tal-employer, id-dettalji ta` min se jkun impjegat, l-okkupazzjoni u x-xogħol. Ikun hemm ukoll jekk il-kuntratt tax-xogħol huwiex se jkun definit jew indefinit inkella full time jew part-time. Anke l-hinijiet tax-xogħol ikunu ndikati.**

**Dwar l-impieg ta` TCNs stqarret li TCN ma jistax jaċċessa s-suq tax-xogħol bħal cittadini Maltin jew tal-UE. Ikollu bżonn ta` permess tax-xogħol u residenza u cioè tas-single permit skont Direttiva tal-UE tal-2011 u llum hija operativa fil-pajjiżi membri kollha.**

**Kienet mistoqsija x`aċċertamenti tagħmel Jobsplus qabel tagħti clearance lil Identità li tista` toħroġ is-single permit.**

**Wieġbet illi kull employer li jrid jimpjega TCN irid jissottometti applikazzjoni lil Identità. Jinġabru dokumenti minn Identità li mbagħad tgħaddi l-applikazzjoni bid-dokumenti lilhom, apparti l-Pulizija għal ragunijiet ta` sigurtà. Min-naħa tagħhom li jagħmlu huwa li jivverifikaw jekk l-employer tassew jeżistix jew jekk huwiex reġistrat diġà magħhom.**

**Dwar kompetenza tal-impjegat prospettiv li jagħmel xogħol partikolari bħal li jaħdem bħala bennej fil-kostruzzjoni, ix-xhud kienet ċara :**

***aħna ma għandniex il-kompetenza ta` regolatur tas-setturi. Iġifieri setturi hawn ħafna, regulated professions hawn ukoll Malta. Għal kull regulated profession għandek ir-regolatur, ħafna drabi individwu għalih.***

**Però ppreċiżat :**

***għandna unit fi ħdan Jobsplus li huwa Compliance Unit li magħmul minn numru ta` spetturi li għandhom il-poter bil-liġi li jidħlu f`kull stabbiliment ta` xogħol jew post fejn qed isir ix-xogħol u jagħmlu l-inspection tagħhom.***

**…**

***jekk imorru fuq il-post tax-xogħol u ħafna drabi nagħmlu joint inspections ma` entitajiet oħra, flimkien mal-identità nagħmlu on a weekly basis, mal-pulizija wkoll. Nagħmlu ma` entitajiet differenti li kollha għandhom irwoli differenti.***

**Ikkonfermat li ħadd minn Jobsplus ma qatt mar fis-sit fejn Jean Paul Sofia sab il-mewt.**

**Kompliet tixhed illi meta ssir spezzjoni għand employer u jsibu TCN li kellha tkun impjegata għal xogħol partikolari u tinstab li qegħda tagħmel xogħol differenti, dak ikun jikkostitwixxi ksur tal-liġi u jitqies li qed jaħdem bħala permess.**

**Qalet li fejn ikun qed isir ix-xogħol mhijiex informazzjoni li Jobsplus ikollha.**

**Għalhekk kompliet tkun domandata fejn allura ssir spezzjoni.**

**Wieġbet li ħafna drabi spezzjoni ssir jew wara rapport jew inkella jkun hemm *random check*.**

**Dwar il-kompetenza tal-persuni, stqarret li ssir *declaration of suitability form* li jiffirma l-employer meta jkun qed javżahom li jrid iġib persuna minn barra. Fid-dokument jingħad : *If the applicant will be performing a regulated profession, the employer must ensure that the applicant is registered with the respective regulatory body prior to the submission of the application for single permit.***

**Kienet mistoqsija jekk wara l-mewt ta` Jean Paul Sofia, sarx xi ħaġa min-naħa ta` Jobsplus, ix-xhud wieġbet :**

***Irridu nifhmu ftit illi hemm ir-regolaturi diġà in place. Ta` setturi differenti, hemm awtoritajiet li huma regolaturi specificaly jew bordijiet speċjalizzati fuq. Ma tistax tkun Jobsplus li tkun ir-regolatur ta` kull professjoni. Apparti li mhux kompitu professjoni hija regolata.***

**Dwar l-għadd ta` spetturi, Vella xehdet li Jobsplus għandha 12 u minn 7 sa 10 ikun qegħdin jagħmlu spezzjonijiet barra, u dan għall-postijiet tax-xogħol kollha. Jagħmlu l-ispezzjonjijiet tnejn/tnejn.**

**Saret din id-domanda :**

***Minn dawn is-sitta jew sebgħa jiġifieri tispiċċa fit-tlieta. Mhux fuq il-kostruzzjoni biss. Meta din l-industrija tħaddem 22,000 ħaddiem, din biss li nofshom huma extra komunitarji. Qed tifhem x'inhi l-problema ?***

**Ir-risposta kienet :**

*Iva. Qed nifhem x'inhi imma dawk għandna.*

**Dwar rikjesti għal aktar nies, xehdet li sa sentejn, tlieta ilu, kienu 6 l-ispetturi.**

**<u>Meta xehdet it-tieni darba</u>, ippreżentat dokumenti.**

**Stqarret illi fl-2019 saru 255 spezzjonijiet minn Jobsplus fl-industrija tal-kostruzzjoni ; 406 fl-2020 ; 573 fl-2021 ; 289 fl-2022 u 229 bejn Jannar u Settembru 2023. Fl-ispezzjonijiet ikun aċċertat jekk l-impjegati ta` employer għandhomx formla ta` ingaġġ u permessi tax-xogħol fil-każ ta` persuni li jkunu jeħtieġ permess biex jaħdmu Malta. L-għadd akbar ta` spezzjonijiet fl-2020 kien dovut għall-fatt illi peress li dik is-sena ħafna negozji kienu maghluqin minħabba l-pandemija tal-Covid-19 setgħu jsiru aktar spezzjonijiet fil-kostruzzjoni. L-ispezzjonijiet isiru kemm fil-lantijiet tax-xogħol u anke fl-uffiċċji tal-employer.**

**Qalet li Jobsplus ikollha kemm għandu employer persuni reġistrati bħala impjegati tiegħu. Il-verifika li ssir tkun ta` dawn il-listi ; mhux ikunux dawk il-ħaddiema jew le fuq il-lantijiet tax-xogħol. Ikunu routine inspections li employer ma jkunx jaf bihom qabel isiru. Xi drabi l-ispezzjonijiet isiru wara rapport mill-pubbliku.**

**Fissret li fil-każ ta` ċittadini Maltin l-obbligu tal-employer huwa li jkollu l-engagement form. Fil-każ ta` TCNs dawn irid ikollhom permess jaħdmu Malta skont il-liġi. Meta jkun hemmx engagement form fil-każ tal-impieg ta` Maltin, l-employer igħaddi minn administrative procedure fis-sens li jingħata żmien biex**

**jirregola ruħu. Intant l-impjegat jista` jkompli jaħdem. Jekk l-employer jibqa` ma jirregolax ruħu, Jobsplus tieħdu l-qorti.**

**Sostniet li verifiki dwar esperjenza tal-ħaddiema u ta` *skill cards* mhux responsabilità ta` Jobsplus.**

**In segwitu għal serje ta` mistoqsijiet, xehdet li Jean Paul Sofia ma kienx impjegat ma` All Plus Limited iżda ma` Whitefrost Limited.**

**ff) <u>Inġ. Helga Pizzuto,</u>**

**<u>Chairperson - Malta Competition and Consumer Affairs Authority ("MCCAA")</u>**

**Xehdet darbtejn.**

**<u>Fl-ewwel darba</u> li xehdet kienet mitluba tixhed dwar kif Reg 305/2011 tal-UE li daħal fis-seħħ 2013 kien implimentat Malta kemm bħala liġi u kemm bħala standards.**

**Stqarret illi bħala liġi Reg 305/2011 daħal b`Avviż Legali taħt il-Product Safety Act (Kap 47).**

**Qalet li fir-Regolament, hemm *standard* maqbul fl-UE ta` kif għandha tiġi *measured* il-*performance* ta` dak il-prodott. Sabiex jinbiegħ fl-UE il-prodott irid ikun akkumpanjat minn ċertifikat li jkun fih l-informazzjoni u jkun jista` jiġi C marked.**

**Dwar liema huma l-prodotti tal-kostruzzjoni in kwistjoni, stqarret li 35 kategorija ta` prodotti tal-kostruzzjoni li jvarjaw : hemm inklużi l-bricks, fire systems, bibien, aperturi, partitions tal-gypsum.**

**Dwar bricks, stqarret li dawn irid ikollhom certificate of conformity u ta` performance li jrid jinħareġ mill-manifattur inkluż dak lokali. Iċ-ċertifikat ikun utili għal min ikun se juża dawk il-bricks għax ikun jaf il-performance tal-prodott.**

**Qalet li l-MCCAA tista` titlob kopja ta` dak iċ-ċertifikat.**

**Fissret li jekk l-MCCAA ikollha dubju dwar CE marking tal-prodott tista` titlob is-certificate of performance relattiv.**

**Kienet domandata :**

***meta aħna fit-toroq naraw trakk bi vjaġġ bricks mimli sa fuq nett, dak ikollu CE Mark ?***

**It-tweġiba kienet :**

***Dak ikollu ċertifikat ma` dak il-batch li minnha jkun ħareġ il-performance tiegħu. Issa jista` jkun li jkollhom. Dan hemm sistema li biex inti jkollok din ic-CE mark u tkun ta`, anke minn external body li jrid jidħol biex jiċċekkja li inti fil-production mechanism tiegħek tista` tiggarantixxi ċertu repeatibility u għandek it-test taf tagħmlu eżatt bħal dak l-istandard. Simili imma li***

***jkollok repeatibility u għandek il-knowledge u s-setup biex tagħmel dak il-performance test.***

**Ippreċiżat li ma jkunx tat-trakk tal-bricks li jkollu ċ-ċertifikat imma jkollu l-manifattur ta` dak il-batch ta` bricks.**

**Qalet li bħala MCCAA huma joqgħodu fuq iċ-ċertifikat meta dan jintalab mill-MCCAA stess *on an audit basis* kif jgħid ir-Regolament stess. Ma hemmx obbligu tal-Awtorità li tagħmel verifika ta` kull certifikat. Min jixtri għandu jara li se jixtri mingħand dak il-manifattur li huwa reliable.**

**Sar il-mistoqsija : l-UE Reg jimponi minimum requirements obbligatorji għall-pajjiżi membri kollha. Qatt kien hemm ħsieb li pajjiżna ma joqgħodx mal-minimum u jagħmel obbligatorju li kull ċertifikat tal-manifattur tal-bricks jiġi depożitat mal-MCCAA li jkollha wkoll l-obbligu li tagħmel verifika tiegħu u tieħu passi jekk issib breaches ?**

**Ir-risposta kienet :**

***Le.***

**Dwar il-bricks li ntużaw fis-sit fejn miet Jean Paul Sofia, Ing. Pizzuto xehdet li kienu qegħdin jiċċekkjawhom. Stennew biex jieħdu samples mingħand il-manifattur. Minn fuq is-sit tad-diżgrazzja ma ħadux bricks biex jagħmlu testijiet.**

**Fit-tieni darba li xehdet stqarret illi s-CE mark mhijiex ċertifikazzjoni imma *a declaration of performance.***

**Qalet li din tal-aħħar għandha sinifikat differenti mis-CE mark normali fejn hemm ċertifikazzjoni li prodott huwa safe.**

**Kompliet tgħid li d-declaration of performance jistabilixxi parametri. Mingħajr l-osservanza ta` dawk il-parametri, il-prodott ma jistax joħroġ fis-suq biex jinbigħ.**

**Ippreżentat dokumenti.**

**Stqarret li jekk persuna tesiġi provvista ta` bricks li jkollhom performance partikolari, trid taċċerta ruħha li l-konsenja għandha l-performance li talab. Is-certificate of performance irid ikun available min-naħa tal-produttur tal-bricks. Id-dokument huwa ntiż li jimxi mal-prodott.**

**Xehdet li ma hemmx reġistru formali ta` min huma l-manufacturers ta` bricks fis-suq lokali.**

**Qalet illi r-records tal-measurements u l-performance tal-prodotti huwa obbligu tal-manufacturer.**

**Fissret li r-Regolament tal-UE huwa mahsub sabiex iħares il-*free movement of construction products*. Għalhekk ic-certificate of performance iwassal għal dan il-fini għax jiftiehem l-istess fil-pajjiżi differenti.**

**Ikkonfermat anke fit-tieni xiehda tagħha li kienu għadhom ma pprevelawx bricks mis-sit fejn sab il-mewt Jean Paul Sofia. Kollox huwa fuq spallejn il-manifattur. Lanqas sampling ma ttieħed mis-sit.**

**Skont ix-xhud ir-raġuni hija li l-aċċertamenti tal-MCCAA mhux intiżi bħala *a direct measure of safety*. Ir-Regolament ma jahsibx għal-limiti ta` kemm għandha tiflaħ brick.**

**Qalet li sal-lum it-talba għall-preżentata tad-declaration of performance tispetta lill-MCCAA.**

**Kompliet tixhed li hemm dawk magħrufa bħala notified bodies li għandhom il-funzjoni li jiċċertifikaw li l-istandards huma sodisfatti fil-każ ta` kategorija partikolari ta` bricks.**

**Kienet mistoqsija :**

***F`każ li m' għandekx l-involviment ta` dak in-notified body ... intom biex tittestjaw ... li l-prodott huwa fil-fatt konformi maċ-ċertifikat li nħareġ, semmejt illi għandkom l-istrutturi biex isiru ... min-naħa tagħkom ?***

**Wieġbet :**

***Li nista` ngħid li fuq dawn sa issa ma sarux imma saru fuq prodotti oħrajn ... imma fuq il-bricks le.***

**Sostniet li d-dokument li jikkonferma c-CE marking tal-bricks tal-inċident taħt eżami għadu ma wasalx**

**għand l-MCCAA għalkemm intalab lill-manifattur tal-bricks li kien Polidano. Skont dan, kien għadda d-dokumenti lill-Maġistrat Inkwirenti.**

**Skont ix-xhud, mill-manifatturi tal-bricks fis-suq lokali hemm aktar minn tnejn li jaderixxu mal-istandards prefissi fir-Regolament tal-UE.**

**Qalet li min-naħa tagħha l-Awtorità qegħda tkun pro-attiva fis-sens illi tablet mill-manifatturi tal-bricks id-declaration of performance tal-prodott. Fil-qasam tal-kostruzzjoni hemm mijiet ta` prodotti (apparti l-bricks) li jridu jiġu segwiti. Jekk l-Awtorità titlob id-declaration u ma tasalx mill-manifattur kif rikjest, il-manifattur ikun ordnat jieqaf milli jpoġġi l-prodott fis-suq sakemm jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu. Jekk ma jirregolarizzax, u l-prodott jibqa` għaddej fis-suq, hemm l-Awtorità tipproċedi kontra l-manifattur bil-pulizija b`azzjoni fil-qorti. Hekk taħseb il-liġi.**

**Sal-lum ma ttieħdux passi bil-pulizija fil-qrati kontra ħadd fuq talba tal-Awtorità.**

**Kompliet tgħid li ma tafx li l-Malta Standards Authority għamlet testing ta` bricks jew ta` planki tal-prestressed concrete.**

**Xehdet illi s-CE mark jew declaration of performance mhijiex indikazzjoni ta` kemm prodott huwa safe imma hija biss limitata biex tiddeskrivi l-performance ta` l-prodott. L-ghan huwa sabiex l-Istati Membri tal-UE fejn jidħlu prodotti tal-bini ikunu jistgħu jitkellmu bl-istess lingwa. Skont ir-Regolament, huwa biss meta hemm dubji serji ta` kemm il-prodott huwa konformi mal-istandards illi l-Awtorità tintervjeni u allura titlob id-declaration. Art 243 tar-Regolament**

***jgħid : fin-nuqqas ta` indikazzjoni oġġettivi għal kuntrarju l-istati membri għandhom jippreżumu dikjarazzjoni ta` prestazzjoni mfassla mill-manifattur tkun preċiża u affidabbli.***

**Qalet li l-MCCAA hija prekluża milli tirrestinġi l-free movement tal-prodott imma mhux li ma tassikurax bl-aċċertamenti tagħha li l-prodott huwa konformi mal-istandards prefissi fir-Regolament.**

**gg) <u>Robert Vella</u>**

**<u>Kap Eżekuttiv - Awtorità tal-Artijiet</u>**

**Xehed illi huwa sar Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet fi Frar 2021 u għadu hemm sal-lum.**

**Kien mistoqsi hekk :-**

***kemm inti personalment, kemm inti bħala Kap Eżekuttiv tal-Awtorità kontu involuti jew kont involut fl-allokazzjoni l-All Plus Limited jew lil Matthew Schembri jew il-Kurt Buhagiar, diretturi ta` din il-kumpanija tas-sit fejn miet Jean Paul Sofia ?***

**Wieġeb :**

***mela qabel xejn xtaqt nagħmel daqsxejn kjarifika fuq ir-rwol tal-Awtorità biex nasal għar-risposta. Hemm qisu misconception li l-Awtorità tal-Artijiet u qabilha l-Kummissarju tal-Artijiet li kien hemm qabel, għandhom f`idejhom l-amministrazzjoni kollha ta` l-art kollha, tal-proprjetà kollha tal-portafoll kollu ta` proprjetà tal-gvern. Dina ilha ħafna li mhux veru, jiġifieri jekk***

***nitkellmu fuq dan s-sit per eżempju, ok fil-1993 ġie trasferit bid-drittijiet u r-responsabbiltajiet kollha, minn dak iż-żmien kienet l-MDC. Illum l-MDC inqasmet kienet Malta Enterprise u MIP u l-Indis Malta ħadet over mill-MIP.***

**Kompla jixhed illi l-estate industrijali ta` Kordin inkluż is-sit mertu ta` din l-inkjesta kien trasferit mill-Kummissarju tal-Artijiet lill-MDC fl-1993 b`Avviż Legali skont l-Ordinanza li kienet viġenti dak iż-żmien.**

**Ippreżenta dokumenti.**

**Kien kategoriku fis-sens illi wara dak it-trasferiment il-Kummissarju tal-Artijiet u llum l-Awtorità tal-Artijiet ma kien baqgħalha l-ebda obbligi jew responsabilitajiet ta` ebda xorta.**

**Kien mistoqsi :**

***allura intom kontroll titilfu fuq kollox u jekk per eżempju xi entità mill-MDC u s-suċċessuri tagħha kif kienet, tagħmel xi trasferiment lanqas biss tkunu kkonsultati intom ?***

**Wieġeb :**

***Le, xejn.***

***Assolutament xejn.***

**Kien mistoqsi :**

***… meta l-Kummissarju tal-Artijiet għadda s-sit kollu inkluż dan il-post li l-MDC huwa mhux l-amministrazzjoni kien qed jgħaddilu ?***

**Wieġeb :**

***Le. Le.***

**Kompla jiġi mistoqsi :**

***anke l-proprjetà l-gvern għadda l-proprjetà tiegħu lill-Kummissarju tal-Artijiet ?***

**Wieġeb :**

***Eżattament. Skond l-ordinanza, Kapitolu 169 li ssemmi ħalli l-kopja li għandi jiena ġiet emendata ħafna drabi sewwa, li Malta Development Corporation Act skont il-Malta Development Corporation Act shall exercise the rights and responsibilities refered to it in this article and the provisions of the Land Compulsory Eviction Act and the disposal of government land act shall, for the purpose of any such land li ntuhom, be read and construed as if any reference therein to the Commissioner of Land were a reference to the Chairman of the Malta Development Corporation. Iġifieri bl-istess mod li bl-ordinanza l-artijiet kollha tal-gvern għaddew fl-amministrazzjoni tal-Commissioner of Lands.***

**Ippreċiża li l-Lands Authority mhijiex owner tal-artijiet. Il-gvern jibqa' l-owner.**

**Kompla jgħid :**

***Id-domanda naħseb hi wkoll, x'tagħmel l-Awtorità tal-Artijiet jekk xi entità minn dawn tkun qed tamministra ħażin din l-art. Xejn għax dawn huma entitajiet imwaqqfin bil-liġi orrajt. Iġifieri r-responsabbiltà***

**Kien mistoqsi :**

***int kemm int persuna, l-ewwel domanda kienet din, li int personalment jew int bħala Awtorità, tgħidli imma m'għandix inkun naf jien, orrajt, ġiet a konoxxenza tagħkom direttament jew indirettament din l-allokazzjoni ?***

**Wieġeb :**

***Assolutament le.***

***By the way, sorry ta, iġifieri jiena dħalt fi Frar sa fejn naf jien it-trasferiment sar qabel.***

**hh) <u>Dr Luke Anthony Fiorini - Direttur</u>**

**<u>Centre for Labour Studies - Università ta` Malta</u>**

**Xehed li mill-1997 sat-2014 l-Università kienet toffri l-kors ta` Diploma in Social Studies (Occupational Health and Safety). Kien kors part-time ta` filgħaxija u**

**kien jiftaħ kull sentejn. Matul is-snin sar 8 darbiet. Ħafna mill-istudenti kienu mature students.**

**Kompla jixhed illi b`effett mit-tieni semester tas-sena akkademika 2015-2016, bdiet Bachelors Degree fl-Occupational Health and Safety fuq bażi part-time filgħaxija kull sentejn. Id-Diploma kellha 60 credit waqt li d-Degree għandha 180 credit. Jekk xi ħadd jikseb 90 credit fil-kors tad-Degree jista` jieqaf u jieħu d-Diploma. B`hekk sabiex tinkiseb id-Diploma ġie li jrid ikollok 30 credit aktar mis-60 li kien hemm qabel. Dan ifisser li persuna tkun trid 3 snin biex tieħu d-Diploma. Barra minn hekk persuna b`Diploma diġà akkwisita tista` tidħol fil-bidu tat-tielet sena tad-Degree li huwa ta` 5 snin.**

**Bħala statistika ta` studenti, diplomati u/jew gradwati, xehed li mill-1997 sal-lum kien hemm 382-il student. Minnhom 279 kienu applikaw għall-kors tad-Diploma waqt li 103 marru għad-Degree. B`kollox kien hemm 257 gradwati liema għadd jinkludi 210 li ħadu d-Diploma direttament waqt li 2 ma baqgħux sejrin għad-Degree u għażlu minflok id-diploma. Kien hemm imbagħad 39 li ħadu d-Degree. Hemm 8 li ħadu ċertifikat għax waqfu fl-ewwel sena tal-kors.**

**Qal illi jaf li MCAST kienet avviċinata biex tagħmel kors li jwassal għal Diploma fl-OHS. Sar jaf b`dan meta ra r-rapport annwali tal-OHSA. L-idea wara li l-kors universitarju jogħla għal Degree kien sabiex imur `il fuq il-livell professjonali tal-OHS f`Malta.**

**ii) <u>Michael Ferry</u>**

**Xehed illi għal ghaxra snin u nofs huwa kien responsabbli mir-regolamenti tal-bini ta` dan il-pajjiż. Illum m`għadux.**

**Fl-2013 kien inħatar kap tal-BRO.**

**Fisser il-mod kif evolva s-settur wara l-1991 sal-lum. Accenna għall-building codes.**

**Qal illi fl-2007 il-Perit John Ebejer kien inkarikat sabiex jirrediġi l-"Environmental Construction Site Management Regulations". Fil-fatt hekk għamel u hekk sar permezz ta` Avviż Legali 295/2007. Dak iż-żmien dan l-Avviż Legali gie taħt ir-remit tal-PA.**

**Kompla jgħid illi f`Jannar 2010 kien preżentat l-ewwel qari tal-abbozz ta` liġi tal-Building Regulation Act. L-abbozz għadda mill-istadji kollha f`Novembru 2011. Bil-liġi twaqqfu żewġ korpi : il-BRO u l-Building Regulation Board ("<u>BRB</u>") F`April 2012 ħarġet applikazzjoni għall-ħatra ta` Kap tal-BRO. Inħatar Ingliż li però ma setax isib tarf l-aktar minħabba problemi ta` lingwa. Hu u ħaddieħor ilmentaw mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-kuntratt tal-Ingliż kien revokat. In segwitu kien maħtur hu bħala Kap tal-Uffiċċju.**

**Stqarr illi fl-1 ta` Mejju 2013 sar l-Avviż Legali 72/2013. Dak iż-żmien la kien hemm riżorsi u lanqas nies sabiex ir-regolamenti jiġu nforzati.**

**Kompla jgħid li kien hu li bena l-uffiċċju prattikament mill-qigħ. Fl-aħħar tal-2019 kellu 55 persuna, kollha professjonisti kif jixraq. Li ġara hu li l-Avviż Legali ma setax jiġi mplimentat. Kulħadd ħareġ all out kontra. Huwa pprova jlaqqa` lil kulħadd madwar mejda : l-iżviluppaturi, il-kuntratturi, il-periti forsi jaslu x`imkien. Reġa` kiteb ir-regolamenti mill-ġdid u minflok l-Avviż Legali 72/2013 sar l-Avviż Legali 136/2019. Dan l-Avviż Legali ħadem għalkemm jista`jiġi mtejjeb fuq l-iskorta tal-esperjenza ta` dawn l-aħħar snin.**

**Qal li in segwitu saru żewġ Avvizi Legali oħra : 426/2021 u 468/2021.**

**Kien hemm ukoll Avviż Legali 192/2019 li bih kienet kostitwita għal sentejn l-Building and Construction Agency. Il-ħsieb li matul dawk is-sentejn tkun imfassla t-triq sabiex issir l-Awtorità. Intant il-BRO sar parti integrali tal-Aġenzija. Il-BICC ma saret qatt parti mill-Aġenzija. Huwa baqa` Kap tal-BRO sal-15 ta` Settembru 2020.**

**Kompla jgħid li kellu mandat sabiex jikkonċentra fuq tliet oqsma partikolari : il-Construction Site Management Regulations li daħlu fis-seħħ bl-Avviż Legali 340/2022 fis-16 ta` Diċembru 2022 ; il-liċenzjar tal-kuntratturi ; u t-twaqqif tal-Awtorità.**

**Dwar l-ingaġġ tan-nies, stqarr hekk :**

*jiena kont noħroġ il-calls for applications bħala head tal-Building Regulation Office, ma kienx ikolli kjus ta` nies li jridu japplikaw magħna. La minn ġoċ-ċivil u lanqas barra ċ-ċivil. Kont nipprova nagħmel tentattiv biex forsi japplika xi ħadd from the wider public sector, u wkoll ma jiġix.*

**Qal li huwa kiteb ukoll l-abbozz ta` liġi dwar il-BCA bl-assistenza legali.**

**Kien mistoqsi :**

***l-issue hija għaliex dik l-Awtorita m'għamiltuhiex responsabbli wkoll għall-free standing property ?***

**Wieġeb :**

***It is responsible for free standing property. Who told you not ? Jekk inti tara l-avviż legali 295/07, li ovvjament kellu r-rimit tiegħu l-BRO wara, wara li nħtart jiena. It-295/07 ġie taħt ir-responsabbiltà tiegħi. Jekk tara r-Regulation 2, u tara r-Regulation 2 ta` kif ktibt it-340/22 li daħlet fl-avviż legali fis-seħħ fis-16 ta` Diċembru li għadda, ħa naqrahielek eżatt għax jiena din rajtha minn riċerka li kont għamilt, x'tgħid eżatt ... "L-għan ta` dawn ir-regolamenti hu li jillimita d-degradazzjoni ambjentali permezz ta` prattiċi xierqa, ta` ġestjoni tal-kostruzzjoni li jikkawżaw l-inqas inkonvenjenza lill-ġirien." Mela jien għandi lill-ġirien. "Li jiġi minimizzat ir-riskju ta` danni lill-pubbliku." Mela lill-pubbliku, mela free standing inkluż il-pubbliku. "Li jipproteġi l-proprjetà li tappartjeni lill-Gvern u lill-kunsilli lokali." Whatever it may be tal-Gvern, tkun***

***skola, tkun gymnasium, tkun uffiċċju ta` kunsill lokali, whatever it may be. "U kemm jista` jkun possibbli inaqqsu l-ħsara lill-ambjent." No.***

**Kien mistoqsi :**

***... is-sit fejn intradam dak it-tifel u baqa' mejjet kienet responsabbli hi jew le ? ... Għax hawn telgħu nies jaħilfu li mhux hekk il-każ.***

**Wieġeb :**

***Jekk tara l-avviż legali 340/22 u preċedentement it-295/07, mela min suppost qiegħed isegwi l-avviż legali kellu jmur jara l-lantijiet kollha li hawn miftuħin.***

**Reġa` kien mistoqsi :**

***għandek responsabbiltà biex dak jaqa' taħt ir-rimit tiegħek ? Yes or no.***

**Wieġeb :**

***Freestanding iva.***

**Stqarr illi l-Avviż Legali 340/2022 daħal fis-seħħ fis-16 ta` Settembru 2022 u huwa responsabilità tal-BCA kif kienet responsabbli għall-Avviż Legali 295/2007.**

**Kompla stqarr li l-Kummissjoni tal-UE qiegħda tenfasizza ħafna li jkollna sitwazzjoni fejn kull min jersaq lejn lant tax-xogħol ikun jaf għalxiex huwa responsabbli. Irridu nkunu nafu l-perit x'inhuma r-responsabbiltà tiegħu fuq il-lant tax-xogħol. Il-Periti Act tirregola l-professjoni iżda ma tkoprix dak l-aspett. Hawnhekk qed nitkellmu dwar stakeholder responsibility u obligations.**

**Kompla jgħid illi għandek il-building services engineer, il-health and safety supervisor, is-site manager. Eventwalment irid ikollok il-construction project manager. Il-UE trid level playing field għal kulħadd minħabba l-free movement of services and persons.**

**Qal illi wara l-eurocodes li diġà huma fis-seħħ fl-UE, jeħtieġ li jkollna operattivi l-building codes għat-twaqqigħ, għall-iskavar u għall-bini. Dawn diġà huma abbozzati. Dak dwar aċċess u egress hemm diġà 85% lest. Hemm bżonn ta` building codes dwar l-ambjent.**

**Kompla jgħid illi kuntrarjament għal dak li jiġri fl-UE, sanitary engineering hija responsabilità ta` building regulation mhux tal-ippjanar. Sanitary engineering għandha x`taqsam ma` kif tibni mhux fejn ħa tibni. Il-konfużjoni li ssib fis-sistema tagħna għad trid titranġa Is-sanita` għandha timxi mill-PA għall-BCA. Illum fil-pajjiż għandek policies tas-sanita` li jekk inti ma tosservahomx at the planning stage, ma joħroġx il-permess.**

**Qal li huwa spiċċa mill-BCA f`nofs Settembru 2023.**

**Fisser li l-building codes se jkunu enforzabbli. Magħhom kellhom isiru explanatory notes. Dawn jispjegaw il-kontenut tal-building codes. Magħhom irid ikun hemm guidance documents. Għandu jkun hemm standing committees dwar il-materji koperti mill-codes komposti minn professjonisti. Barra minn Malta dawn huma parti mill-building regulation institutions, iżda għandhom ċertu awtonomija kif jaħdmu.**

**Reġa` kien mistoqsi dwar ir-remit tal-BCA fil-każ ta` *free standing structures.***

**Qal illi sal-lum bl-applikazzjoni tal-Avviż Legali 136/2019 fejn si tratta ta` *free standing buildings* ma hemmx bżonn tagħmel *condition reports* għax m'għandekx ġirien ħdejk. Lanqas ma għandek għalfejn tagħmel *method statements.***

**Kompla :**

***Però inti marbut b`dak kollu li jrid isir fuq il-lant tax-xogħol daqs li kieku. Jiġifieri trid tagħmel hoarding, trid tagħmel l-istreet lighting.***

***… Il-construction site management hija r-responsabbiltà tal-BCA.***

**Saħaq li l-Kummissjoni Ewropeja tinsisti fuq tliet hwejjeg : is-saħħa u sigurtà tal-post tax-xogħol li jinkludi li persuna m`għandhiex tidħol fuq il-lant tax-xogħol jekk ma jkollhiex safety card ; il-liċenzjar tal-**

**kuntratturi u allura li jkun hemm minimum requirements biex inti taħdem halli jkun tassew assigurat il-free movement ; l-stakeholders obligations. Dawn għandhom ikunu mandatorji.**

**jj) Simon Debono**

**Segretarju Ġenerali**

**Home Owners Association/Federation of Estate Agents**

**Ippreżenta dokumenti.**

**Ilmenta mill-fatt li ġo siti ta` kostruzzjoni jitwasslu bricks li jkunu ġew stampati 48 siegħa qabel. Biex il-prodott itella` saħħa ta` bejn 7 u 9 kilonewtons, possibbilment 12 jekk ikollok 9 sulari, irid curing għal 6 ġimgħat. Mhux l-ewwel darba li jaqgħu bricks minn fuq trakk u fit-triq isiru trab minflok jagħmlu farrett fil-konkos. Meta sar ilment mal-MCCAA, kienu injorati.**

**Irrefera għal nuqqasijiet gravi li rriżultaw wara l-kollass ta` binja fejn Miriam Pace tilfet ħajjitha.**

**Dwar ix-xena tas-sit fejn miet Jean Paul Sofia ezatt wara l-inċident, xehed li s-CPD huma nies li jpoġġu ħajjithom f`riskju. Kienu fuq is-sit immedjatament. Is-CPD tista` tagħmel recovery u rescue : recovery tieħu l-ħin, waqt li f`rescue kull sekonda tgħodd. Seta` kien hemm lok għal titjib u ħeffa bl-użu ta` apparat**

**speċjalizzat għaliex bih kien jonqos sewwa l-ħin tar-rescue.**

**kk) <u>Peter Micallef</u>**

**<u>President - Union for Health and Safety Practitioners</u>**

**Xehed illi l-union hija ntiża għal occupational health and safety practitioners. L-aktar li huma ffokati huwa dawk minnhom li jaħdmu bħala project supervisors. Sal-lum m`għandhomx membri tagħhom li huma bid-Diploma fl-Occupational Health and Safety.**

**Ilmenta li l-OHSA ma tantx tissapportjahom fid-duties tagħhom. Meta jibgħatu rapport u javżaw lill-OHSA b`nuqqasijiet, isibu ruħhom rinfaċċjata bil-possibilita` ta` akkużi kontra tagħhom stess. Huma m`għandhomx relazzjoni ta` prinċipal u mpjegat. Huma jaħdmu għal rashom. Il-klijent tagħhom jista` jkun l-iżviluppatur jew il-kuntrattur. Fuq in-naħa l-oħra tagħhom hemm l-OHSA.**

**Kompla jgħid li d-Direttiva tal-UE Nru. 92/57/EEC ma kenitx trasposta fl-intier tagħha fil-liġi tagħna.**

**Stqarr illi m`għandux ikun permess li min m`għandux kompetenza jkun responsabbli ta` proġett.**

**II) <u>Damian Whitehead</u>**

**Xehed li kien ilu 7 xhur jaħdem il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u jieħu ħsieb il-business management services u development tal-Korporazzjoni. Qabel kien ilu 5 snin jaħdem INDIS bħala Chief Officer Property Management. Ir-rwol tiegħu kien li jżomm inventarju tal-proprjetà kollha, amministrata minn INDIS. Kien jinkludi wkoll li una volta Malta Enterprise tapprova proġett, dak il-proġett jgħaddi għandu biex jiltaqa`mal-klijent u identifika l-aħjar proprjetà industrijali li toqgħod għal dak li approvat minn Malta Enterprise. Kien ukoll id-dmir tiegħu li jressaq lill-allocations committee jew lill-bord ir-rakkomandazzjoni jekk għandhiex tiġi allokata l-proprjetà jew le, kif ukoll kien id-dmir tiegħu li jara li l-proċess li kellu jwassal għall-kuntratt jimxi kemm jista` jkun malajr.**

**Qal li in kwantu għal-letter of intent ta` Malta Enterprise, huma kienu jidħlu biss fil-kwistjonijiet tad-daqs u tal-investiment minimu li kellu jsir f`bini u makkinarju, l-aktar il-bini.**

**Kien mistoqsi :**

***F`dan il-każ si trattava ta` three hundred square meters (300m$^2$) … with an investment of two hundred and sixty two thousand and five hundred euro (€262,500) biex titla' fabbrika tal-furniture. Sotto giuramento qiegħed. Xejn stramb għalik din ?***

**Wieġeb :**

***Jien naraha baxxa, hija baxxa.***

**Kompla jkun mistoqsi :**

***Jekk allura kienet baxxa, x'wassal biex isir il-kuntratt ?***

**Wieġeb :**

***Għax hija … a minimum investment.***

**Kompla jkun domandat :**

***… tista`, on three hundred square metres (300m$^2$) itella' fabbrika illi l-applikazzjoni tagħha saret fi Frar tal-2019, illi mbagħad saret update tagħha f`Mejju tal-2019, biex itella' żewġ (2) sulari oħra, meta dan kien diġà bi tlieta (3). Dan kien se jkun biżżejjed dak l-investiment ?***

**Wieġeb :**

***Le.***

**Kompla jkun mistoqsi :**

***Allura għalfejn ġie awtorizzat ?***

**Wieġeb :**

***Nixtieq nista` nirrispondi imma mhux xi ħaġa li kont***

**Kompla jixhed illi għal dak il-kumpless partikolari, il-Kordin Huntment, kien hemm guidelines maħruġin minn INDIS, fejn wieħed ma setax jibni l-basement biss jew il-groundfloor biss, ried jibni is-sulari kollha li kienu in forza dak iż-żmien. Jiġifieri jekk kien se jkun marbut jibni kollox, l-iżviluppatur *mit-two six two (262) lanqas kien ħa jibda* (kliem testwali tax-xhud)**

**Qal li l-figura ta` €262,500 ġiet minn Malta Enterprise. Meta Malta Enterprise toħroġ letter of intent, ma tagħmilx referenza għal liema plot ħa tingħata għax dik trid tiġi mill-INDIS.**

**Kien mistoqsi :**

***… do you question that letter of intent ?***

**Wieġeb :**

***Le.***

**Anzi sostna li f`ebda każ ma jiehdu pożizzjoni favur jew kontra *letter of intent* ta` Malta Enterprise.**

**Dwar il-*letter of intent* fl-assjem tagħha l-unika fatt li kienu jikkontrollaw hija l-klawsola tax-xahrejn sabiex jiġu preżentati l-pjanti sabiex jintbagħtu (wara li jkunu gew il-clearances) lill-PA għall-endorsement. Il-pjanti jarahom l-uffiċċju tekniku tagħhom. L-uffiċċju ma jidħolx fi kwistjonijiet ta` strutturi. Ikollu biss layout drawings mhux working drawings.**

**Fisser li waqt li jkun għaddej ix-xogħol u wara li jkun sar il-kuntratt huma kienu jivverifikaw jekk l-iżviluppatur kienx qiegħed josserva l-kondizzjonijiet tal-kuntratt. Dan kien isir min-naħa tal-infurzar tagħhom li kienu tnejn jew tliet persuni.**

**Qal li fil-każ partikolari mertu ta` din l-inkjesta, is-sit ma kienx verifikat minn INDIS qabel waqa` kollox.**

**Kien mistoqsi jekk wara l-inċident u sakemm mar il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kienx hemm kambjamenti fil-proċeduri, xehed li ċert illi kien hemm attentati biex jinbidel il-proċess, però sakemm spiċċa hu ma kien għadu nbidel xejn fis-sens illi l-management il-ġdid jaddotta l-practices li jaħseb li huma tajbin għalih.**

**Qal li l-proċess ta` due diligence isir kollu minn Malta Enterprise mhux INDIS.**

**mm) <u>Perit Martin Debono</u>**

**Xehed illi wara l-2013, kien jaħdem bħala technical advisor maċ-chairperson tal-BICC fejn kienu qegħdin isiru l-liġijiet kollha dwar safety kif ukoll il-building codes, li huma ntizi sabiex jikkomplimentaw il-Eurocodes. Dawn tal-aħħar mhux applikabbli Malta sakemm ma jinzertax proġett li jkun funded mill-UE jew il-Gvern. Il-building codes jiġu applikaw għal kulħadd.**

**Kompla jixhed illi meta kienet kostitwita l-BCA baqa` jieħu ħsieb il-codes. Miegħu kien hemm Michael Ferry li kien CEO – Codes. Kienu magħżula l-aħjar esperti fil-pajjiż biex jagħtu l-kontribut tagħhom biex isiru l-codes. Saru 7 codes :**
**demolition excavation and structure ; fire ; hygene and health ; excess and egress ; noise ;' energy u sustainability.**
**Kienu abbozzi. Minnhom l-ewwel wieħed tal-lista kien lest minn kollox u kellu jmur għall-konsultazzjoni pubblika. Fuq livell ta` BICC kienu diġà saru xi konsultazzjonijiet imma mhux kulħadd ippartecipa.**

**Kompla jixhed illi l-code dwar demolition, excavation u structure huwa mportanti ħafna għax huwa l-basics anke għall-finijiet ta` liċenzjar.**

**Saħaq li kif qed jiġi ntrodott il-liċenzjar fil-preżent ma jagħmel ebda sens għaliex trid l-ewwel tistabilixxi** ***who is responsible for what*** **(kliem testwali tax-xhud).**

**Stqarr illi wara l-aħħar elezzjoni ġenerali,** ***f`daqqa qisu waqaf kollox*** **(kliem testwali tax-xhud). Minn 12-il**

**ruħ il-BICC spiċċat bi 2 u *kważi tfarrket għal kollox* (kliem testwali tax-xhud)**

**Qal li wara li tistabilixxi l-istakeholders obligations, trid tmur imbagħad għall-*minimum skill requirements.***

**Kompla jgħid li suppost b`effett mill-2024 il-health and safety card u l-i*skill card* kellhom isiru mandatorji mhux kif inhuma sal-lum volontarji. Jidher però mhuwiex se jkun il-każ.**

**Ippreċiża li ma` kull code kellu jkun hemm explanatory notes.**

**Kompla jixhed li skont il-codes il-bini kien klassifikat skont id-daqs.**

**Dwar il-liċenzjar saħaq li ma tistax tagħti liċenzja lil persuna li għamel kamra fuq il-bejt daqslikieku dik il-persuna sejra tibni skyscraper. Il-liċenzjar għandu jkun fondat fuq skill set.**

**Kompla jinsisti li "ma tistax tqiegħed il-karettun quddiem iż-żiemel" fis-sens illi l-ewwel trid iġġib lil kulħadd jaf x`inhuma l-obbligi tiegħu u jaf x`inhuma r-responsabbiltajiet tiegħu, imbagħad tibda tahseb fil-liċenzja.**

**Qal li kif inhi sal-lum jekk persuna jkollha 3 snin esperjenza u jkollha 2 ittri ta` referenza tkun tista` tieħu l-liċenzja ta` kuntrattur. Il-liġi ma tipprovdi xejn dwar min sejjer jagħmel skrutinju tal-ittri ta` referenza. Il-periti qegħdin jirrifjutaw. Meta ressaq dan it-tħassib lill-Gvern safa` mkeċċi. Dan ġara wara l-2020 meta sar Ministru Dr Zrinzo Azzopardi li warrab kull ma kien sar. Michael Ferry tneħħa mill-pożizzjoni li kellu nkluż mill-BCA, twarrab għal kollox u qegħduh jaħdem mid-dar. Fil-każ tiegħu, ma tħalliex konsulent fil-BICC u ħallewh 3 ġimgħat ma jistax jidħol fl-uffiċċju u dan minkejja kien qed jagħmel r-regolamenti u kien hemm diġà esperti appuntati u qegħdin jaħdmu.**

**Qal li l-BCA saret bl-isforzi tiegħu u tal-Perit Charles Buhagiar fl-ambitu ta` BICC. Hemm l-istakeholders kollha nklużi l-privati qablu li kellha ssir il-BCA. Peress li l-bini u l-kostruzzjoni fil-pajjiż kien inbidel sewwa matul iż-żmien, u billi s-settur kien sar altament tekniku, kienet meħtieġa awtorità li tivverifika li waqt li jkun qed isir il-bini, ix-xogħol isir tajjeb. Għalhekk il-bżonn tal-building codes. Jekk il-BCA tneħħilha l-building codes, qegħda hemm għalxejn. Il-BRO kienet aktar effettiva billi kellha 25 professjonista jaħdmu hemmhekk.**

**Kompla jixhed li beda jabbozza l-Party Wall Act li l-pajjiż għandu bżonn billi qal li ħafna nies li *are too sure of themselves, jixtru l-arja, jaqbdu u jibnu u lanqas ikunu jafu jekk il-bearing walls jkollhom saħħa jifilħuhomx il-bini li qed jagħmlu fuqhom* (kliem testwali tax-xhud)**

**Xehed :**

***… my only aim is li ma jmutux nies għal xejn, għax nistgħu nevitawhom. Il-codes demolition excavation u structures jgħidu li kull min ħa jagħmel binja jrid jagħmel 3 method statements, u maħsubin sew. Għax għandek id-demolition method statement, l-excavation u l-istructure. Għax dawn ħafna drabi jkunu tliet kuntratturi differenti. Jiġifieri lanqas ikunu l-istess persuna, allura ma tistax taqbad method statement wieħed u tapplikah għat-tlieta! Each one has to be specific for their thing.***

**Kien mistoqsi :**

***Il-BCA għandha ġurisdizzjoni ta` enforcement fejn jirrigwarda free standing properties/structures ?***

**Wieġeb :**

***Il-BCA isimha stess - Building and Cconstruction Authority. Jekk il-BCA ma għandhiex il-remit fuq any building li hawn hawn Malta mela għalfejn għamilniha l-BCA ?***

**Dwar dak li xehed Michael Ferry f`din l-inkjesta stqarr :**

***Michael Ferry mhux jaf il-liġi. Michael Ferry kitibha.***

**Ikkonferma li l-BCA għandha remit għal kull xorta ta` bini u kostruzzjoni nkluża l-binja fejn sab il-mewt Jean Paul Sofia.**

**Qal li d-differenza mportanti bejn full planning application u DNO tinsab fil-fatt illi waqt li fil-każ tal-ewwel trid tissoddisfa ħafna punti, u espost għal ħafna domandi, fil-każ tad-DNO hemm l-uffiċjali li jiddeciedi kollox. Bini fuq art tal-Gvern huwa wkoll regolat mir-regolamenti ezistenti nkluż l-Avviż Legali 295/2007. Sal-lum ma hemmx ħtieġa ta` *method statement* fil-każ ta` DNO.**

**Kompla jesprimi ruħu fis-sens illi fil-building codes kien abbozzat li għandek bżonn ta` tliet *method statements*, ikun x`jkun il-bini, free stranding jew imiss ma` ħaddieħor. Jekk inti ħa tagħmel xogħol perikoluż trid tagħmel method statement kif ħa twaqqa`, kif ħa tħaffer u kif ħa tibni. Għalhekk tliet *method statements*. Huwa kien saħaq mal-Ministeru : *tagħmlux crosscuts fuq il-BCA … għax il-BCA ma hijiex planning authority.***

**Kompla jisħaq :**

***Il-BCA jekk ma nagħmlux dawn l-affarijiet ħa toqtlu in-nies, in-nies ha jmutu.***

**Sostna li riedu li l-*building code imur fuq l-ixkaffa* (kliem testwali tax-xhud). Il-code kien ilu lest minn qabel l-aħħar elezzjoni ġenerali. Qed jirreferi għad-demolizzjoni, skavar u struttura. Anke dak dwar aċċess u egress huwa lest. Il-codes huma mahsuba li jkollhom saħħa ta` ligi. Kien mahsub li jkun kostitwit standing commitee sabiex jissorvelja t-thaddim tal-codes sabiex jekk isib li xi aspetti jkunu difettuzi jew ma jkunux qed jaħdmu tajjeb allura jieħu ħsieb li ssir rettifika.**

**Qal li kellhom isiru 7 codes li 2 minnhom kif spjega huma diġà abbozzati. Il-5 l-oħra kien se jibda x-xogħol fuqhom.**

**Sostna li kien hemm bżonn ta` azzjoni mmedjata dwar il-codes. Kliem ix-xhud : *Il-bini qed jaqa' mingħajr theżżiż. Jiġifieri aħseb u ara jekk ikollna t-theżżiż !* Dan b`riferenza għal terremot. Il-periti qegħdin jaħdmu abbażi tal-liġijiet ezistenti li mhux defineable. Dan m`għandux jibqa` l-istat tad-dritt. Ir-referenza għas-sengħa u l-arti bla tifsira ta` xejn m`għandhiex tibqa`. Il-pjan kien li xi żmien 3 snin jibda jitwettaq kollox. Dwar il-pożizzjoni llum ma setax jgħid għaliex qiegħed barra mill-kwistjoni.**

**Irrileva li sakemm il-Ministri kienu Dr Ian Borg u warajh Dr Aaron Farrugia, kienu taħt pressjoni sabiex ifittxu lestu. Meta nħatar il-Ministru Zrinzo Azzopardi sar il-kontra għax waqaf kollox fis-sens li kemm lilu kif ukoll lill-esperti l-oħra qalulhom biex jieqfu. Sa dakinhar id-direzzjoni politika kienet illi l-codes lesti (li**

**kienu 2) imorru għand il-BCA, jgħaddu mill-Bord u minn hemm imorru għal public consultation.**

**Saret referenza lix-xhud għall-Art 18 tal-Att kostituttiv tal-BCA fejn jingħad : *there shall be a national building and construction code which shall set out the minimum standards pertaining to buildings and works.* Xehed li wara l-aħħar elezzjoni ġenerali, saru guidance documents mhux building codes.**

**Qal li l-leġislazzjoni li kienu qegħdin jaħdmu fuqha kien għal minimum skill requirements. Imma barra minn hekk huma għamlu l-i*skill card*. Minn dan ħarġu 4000. Saret ukoll is-safety card. Minn din ħarġu 10,000. Mill-2024 suppost li kull min jidħol ġo site jrid ikollu bħala minimum il-health and safety card. In segwitu kellha tiġi l-i*skill card*. Però waqaf kollox għaliex qalu li dak kompitu tal-OHSA mhux tal-BICC.**

**Qal li jeżisti reġistru tal-bennejja però mhux aċċessibbli għall-pubbliku in ġenerali. Bħala raġuni ssemmiet data protection. Kien propju għalhekk li saret l-i*skill card* sabiex ikun hemm miżura ta` kontroll tal-kompetenza tal-persuni li jidħlu f`sit ta` kostruzzjoni.**

**Dwar l-assikurazzjoni xehed hekk :**

***Ta` l-insurance ġejja tagħhom, meta jiċċekkjaw il-low, medium, u high risk buildings li qed jinbnew. Kif jindunaw li ħafna minn dan il-bini li qed jinbena ġdid***

***huwa high risk, li jekk ikun hemm a tremor jew xi ħaġa jaqa' kollox, hemmhekk l-insurances ma nafx x' se jagħmlu. Jien naħseb fuq ser jinxurjaw jiġifieri.***

**Qal li huwa spiċċa mill-BICC ezatt wara l-aħħar elezzjoni ġenerali. Kienet terminata l-ħatra li kellu sa dakinhar. Fisser li huwa kien l-ewwel Chairman tal-BICC meta kienet kostitwita fl-1997 bl-Ministru jkun il-Perit Charles Buhagiar.**

**nn) <u>Tabib Kirurgu Victor Sultana</u>**

**Xehed dwar l-esperjenzi ġenerali tiegħu kemm bħala tabib tal-familja fin-naħa ta` fuq ta` Malta jara u jikkura persuni li jkunu jġarrbu korrimenti fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll bħala kirurgu fl-isptarijiet pubbliċi. Ittratta wkoll materji ġenerali relatati ma` prevenzjoni ta` inċidenti.**

**oo) <u>Wayne Flask</u>**

**Għamel referenza għal email li kien bagħat lill-Bord fl-24 ta` Awissu 2023 li fiha ndika l-fatti u/jew ċirkostanzi li wassluh sabiex jagħmel talba biex jiddeponi f`din l-inkjesta, liema talba kienet milqugha.**

**Il-Bord iqis din l-email bħala dokument.**

**Id-depożizzjoni tax-xhud fis-sostanza tikkonferma l-kontenut tal-email.**

**Ix-xhud ppreżenta dokument kompost minn diversi pagni.**

**pp) <u>Andre` Callus</u>**

**<u>Attivist – Moviment Graffiti</u>**

**Ippreżenta dokument u kkonferma l-kontenut tal-istess.**

**<u>qq) Ing. David Spiteri</u>**

**<u>Segretarju Ġenerali</u>**
**<u>Union Periti u Inġiniera Settur Pubbliku</u> ("<u>UPISP</u>")**

**Fid-depożizzjoni Ing. Spiteri bbaża ruħu fuq il-kontenut ta` email datata 30 ta` Awissu 2023 li kien bagħat lill-Bord fejn semma l-fatti u/jew ċirkostanzi li wassluh sabiex jagħmel talba biex jiddeponi f`din l-inkjesta, liema talba kienet milqugħa.**

**Il-Bord iqis din l-email bħala dokument.**

**Id-depożizzjoni tax-xhud fis-sostanza tikkonferma l-kontenut tal-email.**

**Ing. Spiteri stqarr li l-UPISP ma ħadet ebda pożizzjoni dwar l-inċident mertu ta` din l-inkjesta.**

**rr) <u>Peter Paul Coleiro</u>**

**<u>Direttur Ġenerali - Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili</u>**

**Xehed illi kien ilu jieħu ħsieb id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili ("<u>CPD</u>") minn April 2022. Imbagħad f`Mejju 2023 sar Direttur Ġenerali.**

**Stqarr li fit-3 ta` Diċembru 2022, flimkien man-nies tiegħu, huwa kien fil-post fejn waqa` l-bini u bħala konsegwenza miet Jean Paul Sofia.**

**Huwa ddeskriva x-xena b`dettall mhux biss bil-fomm iżda anke billi ppreżenta serje ta` sitt ritratti kbar meħuda bi drones tas-CPD sabiex ifisser aħjar il-konsegwenzi tal-waqa` tal-binja.**

**Qal li l-użu tad-drones kien utli sabiex ikollhom viżjoni tas-sit kollu kif inhu, kif ukoll sabiex ikun aċċertat lejn liema naħa marret il-binja wara l-kollass. Bihom setgħu jittieħdu ukoll deċiżjonijiet aktar preċiżi u f`waqthom. Ir-ritratti ttieħdu fil-kors tal-operazzjoni.**

**Stqarr illi l-call fis-CPD ma saritx fuq in-nru 112, imma minn persuni li kienu fuq il-post. Dan kien fid-9.56 am jew ftit qabel tat-3 ta` Diċembru 2023. Mill-Kordin Fire Station, li tinsab 200 metru bogħod, instema` ħoss ta kroll, u n-nies tagħhom telqu fil-pront lejn il-fire engines għax indunaw li kien ġara xi ħaġa sostanzjali, però kienu għadhom ma kinux jafu preċiż. Xi nies tawhom indikazzjoni li kienet waqgħet binja.**

**Qal li kienu n-nies tas-CPD kienu fuq il-post minuti warabl-apparat protettiv kollu in place. Fuq is-sit sabu ħafna trab. Raw persuna ħierġa mit-trab waħdu. Indunaw li ma kienx Malti. X`aktarx kien il-persuna li fil-media deher niżel mal-pajp li jagħti l-konkos u ħareġ 'il barra bil-mixi.**

**Xehed illi meta hu mar fuq il-post ftit tal-ħin wara l-inċident kien wieħed mill-ewwel uffiċjali għolja li wasal. Induna li l-fire fighters tagħhom kienu qegħdin jużaw il-protokoll *snatch rescue*. Fisser li huma għandhom *guidelines* ta` kif iridu joperaw li huma riġidi ħafna bħal li qabel ma jidħlu tnejn min-nies irid ikun hemm tnejn oħra bħala backup biex ikunu jistgħu jagħmlu r-rescue fuqek biex jgħinu jekk jinqala` xi ħaġa. Meta fire fighter jew grupp ta` fire fighters qed jaraw persuna in distress, sakemm ma hemmx xi ħaġa li hija mminenti li ħa toqtolhom kollha, jippruvaw dak li jgħidulu search and rescue.**

**Kompla jgħid li meta wasal hu sab wieħed miksi bil-konkos, li kien diġà qiegħed barra qed jitriegħed fuq stretcher. Kemm għamel sinjal u l-infermiera ħadu**

**ħsiebu fil-pront. Kien hemm tlieta (3) oħra : wieħed (1) kien fil-parti tan-nofsinhar tal-fabbrika, u tnejn (2) fil-parti tat-tramuntana tal-fabbrika, distanza ta` 50 metru bogħod.**

**Qal li waqt li kienet għaddejja l-operazzjoni, li kienet qegħda tieħu l-ħin u riżorsi, induna li kien hemm saqaf li qala` l-load kollha fuqu, bil-waqa` tal-binja, però kien għadu qed iċedi u nkwetat li ma jmurx iċedi u jinżel bin-nies tagħhom b`kollox.**

**Fisser li apparti l-operazzjoni nnfisha huwa kien ipprova jistabilixxi x`ġara sabiex ikollhom informazzjoni aħjar. Beda jitkellem ma` persuna li ngħad li kien il-kuntrattur. Huwa ma kienx qed jinvestiga bħall-Pulizija. Huwa kien qed jagħmel salvataġġ. Il-persuna ma kienx kapaċi jkun ċar fid-dikors. Bl-Ingliż lanqas kien kapaċi jindika bil-preċiż kemm kien hemm b`kollox persuni fis-sit. Għalhekk ma setgħux jiftehmu. Kien hemm ukoll *language barrier* tant li l-persuna ma setax jagħti nformazzjoni li tista` torbot fuqha.**

**Kompla fisser li sadanittant huwa avza lill-uffiċjali biex inaqqsu n-nies kemm jista` jkun għax kien hemm ċans ta` kollass ieħor u jisfgħu trapped in-nies tagħhom. Irnexxielhom joħorġu l-ewwel wieħed u ieħor warajh. It-tieni wieħed beda jgħidilhom li kien hemm persuna oħra taħtu. Dan tal-aħħar kien trapped sa saqajh. Għalhekk ma setgħux jaraw lill-persuna l-oħra. Dak insista li kien hemm persuna oħra. Għalkemm kienu għadhom bis-snatch rescue, bdew ifittxu l-persuna**

**għalkemm ma kellhom ebda indikazzjoni oħra ghajr dik li semma.**

**Stqarr illi waslu uffiċjali oħra u kulħadd ingħata nkariku. Wieħed minnhom kien il-perit tad-dipartiment li jaħdem fuq dawn it-tip ta` operazzjonijiet. Qallu sabiex qabel ma jibdew ifittxu jew iħaffru jgib il-pjanta tas-sit biex jaraw il-layout tas-sit u hekk sar. Kien hemm vann fuq barra u bdew jindagaw ta` min kien billi ħadd ma kien mar għalih. Imbagħad marru għar-ricerka bil-kelb tat-tfittxija tagħhom li kien diġà fuq il-post, kif ukoll bdew ifittxu anke bi drone.**

**Kompla stqarr illi hu ta struzzjonijiet ċari biex iduru anke l-core tat-taraġ, għax dan kien baqa` sħiħ. Il-periti tas-CPD u dak tal-qorti kienu ċari miegħu li dak seta` jitlaq b`mod imminenti, mingħajr indikazzjoni fejn seta` jmur. Għalhekk kien deċiż li jittajjar drone bit-tama li jekk hemm persuna, billi dan ma kienx għadu stabbilit, isibu jekk kienx huwiex qiegħed huwiex qiegħed fit-taraġ jew jekk hemmx xi ħadd fl-istruttura sħiħa. L-esitu tal-użu tad-drone għal dak l-iskop kien negattiv.**

**Xehed illi l-kelb tas-CPD beda jfittex. Mument minnhom l-kelb induna li taħtu kien hemm saqaf li ma kienx baqa` sod, u l-kelb *ma bediex jieħu pjacir* (kliem testwali tax-xhud) tant li ma marx `il quddiem. Il-kelb ħares lejn il-handler tiegħu u resaq lura. Għamilha xi darbtejn ; bħal donnu jrid imur `il quddiem imma ma kienx komdu. Telaq jiġri u dar id-dawra. Il-periklu kien imminenti u huwa ma riedx iqiegħed lin-nies tiegħu**

**f`riskju li jintradmu tenut kont ta` kif kien qiegħed iġib ruħu l-kelb.**

**Kompla jixhed illi l-perit irrimarka li kien hemm entrance mnejn seta`aċċeda min kien bil-vann li semma. Ħadu viżjoni ta` cctv camera mnejn dehret persuna dieħla bla tidher ħierġa. Għalhekk imxew fuq l-assunzjoni li dik il-persuna kienet maqbuda. Huwa talab permess lill-Pulizija biex jinfetaħ il-vann. Ingħata l-permess u meta l-vann infetaħ il-vann fil-preżenza tal-Pulizija sabu wallet u minnu kien identifikat Jean Paul Sofia.**

**Fisser li kellhom indikazzjoni mnejn seta` daħal u lil fejn mar. Waħda mill-biżgħat tiegħu, meta tqis id-daqs tas-sit, kienet illi jekk il-persuna għal xi raġuni bidel id-direzzjoni. Sar użu ta` delsar li huma microphones sensittivi ħafna. Bdew iċemplu wkoll in-numru tal-mobile ta` Jean Paul Sofia imma ma kienx hemm respons. L-enerġija tagħhom kienet diretta sabiex isibu lil Jean Paul Sofia u jsalvawh. Fil-fatt kellhom aktar minn 30 uffiċjali fuq is-sit u ħarġu on full force. Fl-istess waqt riedu jieħdu ħsieb l-iskansar tal-periklu billi s-sit kien *prone to collapse* (kliem testwali tax-xhud).**

**Kompla fisser dwar l-effett tal-fatt li ma kienx hemm respons meta ċemplu l-mobile. Qal illi l-Pulizija għandhom il-mezzi kif jistabilixxu l-aħħar location tal-mobile.**

**Stqarr li huma dejjem ittrattaw lil Jean Paul Sofia bħala bniedem ħaj maqbud fit-tifrik. Ma kenitx qegħda ssir tfittxija għal bniedem mejjet, nonostante li l-microphones ma kienu qegħdin jissenjalaw xejn. Qagħdu attenti ferm għal *selective debris removal* (kliem testwali tax-xhud). Dan ifisser li trid tagħżel eżatt ġebla ġebla x`qiegħed tneħħi. L-uffiċjal ikollu grupp ta` fire fighters miegħu u jiddeċiedi hu x`ħa jneħħu. Jibda jagħti indikazzjonijiet ċari dwar rimozzjoni. Il-vantaġġ ta` din l-operazzjoni kien li magħhom kien hemm il-perit tas-CPD, li fejn jidħol il-bini, għandu aktar esperjenza minnhom.**

**Kompla stqarr illi bil-ħin għaddej u mat-tneħħija bdew ifeġġu problemi oħra prinċipalment is-saqaf. Intant kien riesaq il-lejl imma huma kienu lesti anke għal-lejl. Xegħlu s-sit kollu, għamlu *back office strategic holding area* u poġġew il-fire engines. In-nies tagħhom ħadmu fuq li ħadmu.**

**Fisser li minħabba l-ghejja, kull sagħtejn bdew ibiddlu n-nies li kienu qegħdin iqallbu d-debris.**

**Qal testwalment :**

***Fire fighter li jagħmel sagħtejn iqalleb, wara sagħtejn bilfors trid twaqqfu, anke qabel, għaliex ħa jkun eżawrit, mhux se jkun effettiv, ħa jibda jieħu l-affarijiet for granted u jista` jweġġa', u allura tirtirah titfgħu rest u tpoġġi nies oħra.***

**Kompla fisser :**

***Bdejna nużaw id-drones anke bit-thermal imaging biex nippruvaw jekk jista` jkun naraw, it-thermal imaging turik is-sħana, jekk hemm forsi bniedem u forsi id jew xi ħaġa li qiegħda barra, turik l-id …***

**Qal illi ħin minnhom ra l-ħajt dobblu jinfetaħ. Il-ħajt ma kienx marbut. Għalhekk riedu jneħħu dak il-ħajt minħabba riskju ta` kollass fuq in-nies tas-CPD waqt l-operazzjoni. Kienu nkwetati wkoll għaliex Jean Paul Sofia ma kienx għadu nstab u bil-kollass seta` jkompli jintradam. Talab parir tekniku sabiex l-operazzjoni tibqa` kondotta b`mod u manjiera li fil-każ ta` waqa` l-ħajt imur lejn it-triq fejn kien hemm il-wisa` mhux 'il ġewwa fejn diġà kien hemm radam.**

**Kompla jgħid li t-tromba kienet għolja tliet sulari, imma kellha sular taħt ukoll. Jien ma stajtx nippermetti li l-handler u l-kelb jinżlu minn hemm għax kienet riskjuża wisq.**

**Dwar l-apparat, xehed hekk :**

***… tlabna wkoll l-għajnuna ta` operatur kbir ġewwa Malta … Id-dipartiment għandu krejnijiet, għandu ċertu gafef u għandu ċertu għodda, u għandu l-għodda kollha li għandu bżonn, imma meta inti tkun qed taħdem fuq xi ħaġa li hija ta` dan il-magnitude u trid terfa` soqfa kbar, aħna nippreferu naħdmu b`operaturi oħra …***

**Kien mistoqsi :**

***Imma m`għandkomx cranes li jifilħu dawk il-piżijiet intom?***

**Wieġeb :**

***Le, ma jifilħux, imma xorta lanqas kieku l-Gvern jixtrihomli ma naċċettahiex. Għal din ir-raġuni partikolari. Jekk jiena naqbad grupp ta` firefighters li jaħdmu bix-xift, u nassenjahom, għandhom erba` xiftijiet, u ngħid one, two, three, four, intom dejjem se taħdmu bil-krejn, se tittrenjaw bil-krejn, qatt m'hu se jkun kompetenti daqs bniedem li xogħlu huwa crane operatur tal-privat li jaħdem il-ħin kollu bil-krejn, speċjalment dawn l-ispecialised vehicles, jiġifieri ġibna l-ikbar krejn, jekk m`inix sejjer żball jekk mhux l-ikbar, wieħed mill-kbar nett ta` Malta, bl-operatur tiegħu li jaf jissettjah, jafu inside out u l-istess il-grabber, kellna bżonn ta` grabber illi l-operatur tiegħu dan jaħdem bih il-ħin kollu.***

**Stqarr illi meta l-operatur tal-crane beda jzarma l-hajt, ma waqqax ġebla waħda li hi waħda, la naħa u lanqas oħra tas-sit, daqs kemm kien metikoluż u jaf x`inhu jagħmel. Kien hemm l-uffiċjali miegħu, kif ukoll il-perit tas-CPD. Neħħa l-ħajt kollu u żewġ soqfa biex b`hekk kixfu l-art u ma sabu lil ħadd f`dik il-biċċa.**

**Xehed li l-operazzjoni kollha damet 15-il siegħa.**

**Qal illi fuq il-post kien hemm John Sofia li xtaq ikun direttament preżenti waqt l-operazzjoni. Meta tneħħa s-saqaf deher xi ħaġa. Is-sit kien perikoluż għaliex jekk it-taraġ jinżel kienu sejrin jintradmu. In-nies tagħhom niżlu xorta imma kien false alarm. Ftit wara tneħħa saqaf u sabu lil Jean Paul Sofia mirdum u kien ċertifikat mejjet minn tabib. Tellgħu l-katavru minn fejn kien u taw handover lill-Pulizija.**

**Apparti r-ritratti bid-drone, ippreżenta wkoll it-tliet rapporti tal-operazzjoni tagħhom li ġiet fi tmiemha hekk kif taw handover lill-Pulizija.**

**Kompla jgħid li t-tagħmir kollu disponibbli kien fuq il-post dakinhar. Fost it-tagħmir kien hemm il-*major inċident command unit* li waħdu jiswa` €1.3 miljun li kien qed jiddokumenta dak kollu li kien qed jiġri pass wara l-ieħor. Dan huwa control room minnu nnifsu.**

**Mistoqsi jekk id-diffikultà fil-fehma tiegħu kienx il-periklu ta` imminent collapse, ix-xhud wieġeb fl-affermattiv, minkejja t-tagħmir kollu li kien hemm.**

**Kien mistoqsi jekk iltaqgħux ma` konkos frisk. Wieġeb li kien hemm fil-bidu. Il-vittmi li baqgħu ħajjin kienu kollha bil-konkos. Meta ċeda l-bini, il-konkos mexa u nfirex.**

**Kien mistoqsi :**

***Jekk ikun hemm rakkomandazzjoni illi kull sit irid jindika jew irid ikollu headcount ta` min hemm u kemm hemm persuni jew ħaddiema fuq is-sit, lilkom tgħinkom ?***

**Wieġeb :**

***Hu żgur.***

**ss) <u>Perit Alex Bezzina</u>**

**Xehed li hu u l-uffiċċju tiegħu kienu nkarikati mill-Perit Charles Buhagiar bħala Chairman tal-BICC sabiex jabbozzaw il-building codes f`Ottubru 2019. Il-kompetenza tiegħu hija structural engineering billi għamel post-guaduate degree fl-Università ta` Alberta fil-Kanada.**

**Fisser li f`Lulju 2020 bħala uffiċju oriġinarjament kienu nkarikat biex jagħmlu t-Technical Guidance Document ("<u>TGD</u>") tal-Building Regulations. Dan tlesta u kien preżentat lil working group tal-BICC li kien immexxi mill-Perit Buhagiar u mill-Perit Martin Debono. Imbagħad kien hemm tim ta` esperti ġejjin minn oqsma differenti biex iqis id-dokumenti li kien qed iħejji l-uffiċċju.**

**Kompla fisser li skont l-Att dwar il-BCA tal-2021, iridu jsiru building regulations. Saħaq fuq il-prinċipju li regoli għal *building* jgħoddu meta binja tkun lesta waqt li regoli għal *construction* huma dawk li jgħoddu għal meta sit ikun qed jinbena.**

**Spjega li wara li tlesta l-ewwel abbozz tal-Building Regulations, ingħata lill-working group. L-iskop ghat-TGD huwa biex jgħin lil min hu responsabbli, jekk hux il-perit, jekk hux il-kuntrattur, sabiex jilħaq l-iskop ta` regulations. Fl-Ingilterra għandhom il-Construction Design Management ("CDM") fejn jaraw l-aspett ta` safety. F`Malta fejn jidħlu l-ħaddiema tidħol l-OHSA, imma fejn jidħol il-protezzjoni tal-pubbliku l-kontroll irid isir xort`oħra. Kemm l-Ingilterra kif ukoll fl-Ewropa l-kontroll isir minn entità waħda.**

**Kompla spjega li f`Ottubru 2021 wara laqgħat interni bejn il-BICC Working Group u l-Ministeru, il-BICC Working Group ingħata l-inkarigu mill-Ministru biex jirrevedu l-formoli fejn jidħlu *condition reports* u *method statements*.**

**Fisser li l-BCA titlob *condition reports*, *method statements*. Huma kienu mitluba jidhlu anke f`dan l-aspett bħala parti minn set ta` dokumenti li joħorġu mill-Building Regulations. Huma bdew minnufih iħejju dawn il-formoli.**

**Kompla jgħid li t-tieni abbozz tal-Building Regulations u tal-Construction Regulations beda jiġi rivedut mill-BICC Working Group.**

**Qal li bħala uffiċċju kienu nkarikati jiktbu t-technical guidance. Huma kienu hadu ħsieb kemm l-istruttura kemm it-twaqqigħ u kif ukoll l-iskavar li**

**jiffurmaw parti mill-Building Regulations. L-ewwel draft finali tal-Building Regulations intbagħat lill-BCA fil-5 ta` Settembru 2022 tramite l-BICC.**

**Kompla jgħid li fi Frar 2023, huma lestew l-abbozzi reveduti tal-Building Regulations, Construction Regulations, u TGDs, u ġew preżentati lill-BCA u lill-BICC Working Group.**

**Imbagħad saru l-ewwel abbozzi ta` TGDs tat-twaqqigħ, skavar u materjali u l-kwalità. Dawn huma l-codes. Saret referenza għall-fini ta` kjarezza għall-Art 18 tal-BCA Act li jitkellem dwar National Building and Construction Code.**

**Stqarr li tlestew seba` TGDs li jkopru demolizzjoni, skavar u struttura. Wara kellu jsir proċess konsultattiv għalkemm qal li ma jafx li sar.**

**Ippreżenta dokumenti wara li kien awtorizzat mill-Bord. Ix-xogħol kollu li għamel l-uffiċċju tagħhom jirriżulta mid-dokumenti li ppreżenta.**

**Qal li l-Building Regulation li tħejja huwa *a framework document* li jiġbor l-oħrajn kollha fih u cioè id-demolizzjoni, skavar u struttura.**

**Mistoqsi dwar free standing structures u l-BCA, stqarr li kif inhi l-liġi sal-lum, m'għandekx bżonn tibgħat *condition reports*.**

**Kompla jkun mistoqsi jekk skont il-BCA Act, il-kelma "building" hijiex definita.**

**Wieġeb :**

***Ma nafx ngħidlek sinċerament.***

**Kien rimarkat lix-xhud li fid-definitions tal-liġi, il-kelma "building" hija fil-fatt definita.**

**tt) <u>Martina Urso</u>**

**<u>Kap Eżekuttiv – Daphne Caruana Galizia Foundation</u>**

**Ippreżentat dokument li huwa r-rizultat ta` riċerka kondotta mill-Fondazzjoni lejn l-aħħar tal-2022 dwar korrimenti u mwiet f`siti ta` kostruzzjoni bħala reazzjoni għall-mewt ta` Jean Paul Sofia.**

**Qalet li r-rapport mhuwiex tekniku iżda jidentifikaw ix-xejriet prevalenti meta jseħħu diżgrazzji f`siti ta` kostruzzjoni. Ikopri s-snin 2010-2022, prinċipalment is-snin 2015-2022 fejn irriżulta li kien hemm tal-inqas 22-il inċident rappurtati inċidenti ta` tiġrif ta` bini li fih mietu n-nies. L-ogħla għadd ikun fl-2019 meta mietu 8 persuni. Fis-snin 2010-2022 mietu tal-inqas 49 ħaddiem f`siti ta` kostruzzjoni. Tgħid tal-inqas għaliex l-istatistika uffiċjali ma tinkludix ħaddiema li ma jkunux reġistrati. Bejn Jannar u April 2023, il-BCA applikat 250 penalitajiet, tnejn minn tlieta minnhom kienu għal dokumentazzjoni nieqsa. Mid-49 każ li semmiet, 34 minnhom għadhom pendenti imorru lura għall-2012 waqt li 15 oħra ingħalqu. Kisbu t-tagħrif għar-riċerka mingħand l-OHSA, il-Pulizija, id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, il-Qorti, l-Avukat**

**Ġenerali, il-Ministeru tal-Gustizzja u l-NSO. Kien diffiċli li tinkiseb l-informazzjoni mingħand dawn l-entitajiet mhux daqstant minħabba data protection iżda minħabba karenza ta` risorsi umani.**

**uu) Ing. Arthur Ciantar**
**President**
**Malta Association of Professional Engineers ("MAPE")**

**Xehed li MAPE hija l-union tal-inġiniera ta` Malta.**

**Ippreżenta żewġ dokumenti.**

**Qal li wara l-inċident li fih mietet Miriam Pace kien ħareġ l-Avviż Legali 180/2019 fejn kienet stabbilita l-figura ta` site technical officer ("STO").**

**Stqarr li MAPE hija kritika għall-mod kif kienet stabbilita l-kompetenza tal-STO fil-każi ta` twaqqigħ, skavar u bini.**

**Qal li t-tieni kwalifika ħolqot konfuzjoni fost l-inġiniera. Sabiex persuna li tkun gradwat fl-Inġinerija tikseb warrant irid ikollha Masters. Issa l-kwalifika ndikata fl-Avviż Legali hija wiesgħa wisq għaliex jista` jkun kull possessur tal-Baċellerat. Kien ikun aktar idonew li kieku kien speċifikat li Degree tkun fil-Built Engineering. Fil-lista tal-STOs hemm indikati persuni li m`għandhom ebda kwalifika fil-kostruzzjoni.**

**Fisser li s-setturi tal-inġinerija huma distinti u separati minn xulxin : electrical power engineer huwa kwalifika distinta minn engineer in built environment kif huwa separat minn mechanical engineer jew addirittura marine engineer.**

**Apparti dan qamet kwistjoni jekk persuna li jkollha warrant ta` inġinier tistax tkun STO ladarba l-liġi titkellem dwar Bachelor`s Degree in Engineering.**

**Esprima d-dispjaċir tiegħu li MAPE qatt ma kienet konsultata lanqas dwar il-kwalifika tal-STOs.**

**vv) <u>Mark Cachia</u>**

**<u>Uffiċjal Eżekuttiv – Kummissjoni Ġustizzja u Paċi</u>**

**Xehed illi l-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi ("<u>KGP</u>") hija parti mill-Arcidjocesi Kattolika ta` Malta.**

**Stqarr illi wara d-diżgrazzja ta` Jean Paul Sofia, il-KGP riedet tinvestiga aktar dak li qed jiġri fl-industrija tal-kostruzzjoni, b`mod speċjali fejn jidħlu l-inċidenti u l-imwiet. Kienet ikkommissjonata riċerka segwita minn rapport. Huwa mexxa r-riċerka flimkien ma` persuni oħra. Iċ-ċentru tal-istħarriġ kienu l-ħaddiema. Għalkemm il-focus tagħhom kienu l-ħaddiema kienu ntervistati wkoll l-istakeholders. Qal li r-rapport se jkun preżentat fil-ġimgħat li ġejjin.**

**ww) <u>Perit Daniel Darmanin</u>**

**<u>President tal-KGP</u>**

**Ikkonferma d-depożizzjoni ta` Mark Cachia.**

**<u>xx) Kevin Camilleri</u>**
**<u>Kap – Micro Enterprise Unit – Malta Enterprise</u>**

**Ippreżenta r-release tal-Prim Ministru biex waqt id-depożizzjoni tiegħu jkun eżentat mill-obbligu tal-konfidenzjalita`.**

**Xehed li l-unit tieħu ħsieb talbiet għall-allokazzjoni ta` art tal-Gvern għal skopijiet industrijali minn kumpaniji żgħar sa massimu ta` 300 mk.**

**Riferibbilment għall-każ taħt eżami xehed illi daħlet applikazzjoni minn żewġ persuni : John Schembri u Kurt Buhagiar. Lil dawn huwa ma kienx jafhom. It-talba saret fi Frar 2019 għal spazju ta` 300 mk.**

**Xehed illi meta tidħol applikazzjoni, ix-xogħol tal-unit huwa li jaraw illi l-applikazzjoni tkun kompletata kif rikjest salv li tintalab aktar informazzjoni jekk ikun il-każ.**

**Xehed li hija skont il-prassi wara li tidħol applikazzjoni, sar l-ewwel meeting mal-klijenti. Mal-applikazzjoni kien hemm business plan dettaljat. Huma talbu ħwejjeġ addizzjonali. It-talba kienet għall-allokazzjoni ta` fabbrika lesta. Huma jafu li fabbriki**

**lesti huma vera diffiċli biex issib. Għalhekk talbu lill-klijenti biex l-applikazzjoni tiġi modifikata sabiex turi li ħa jsir investiment f`binja. L-applikazzjoni b`investiment f`bini u d-Dokumentazzjoni relattiva waslu f`Mejju 2019.**

**Kompla jixhed li huma talbu l-allokazzjoni ta` fabbrika żgħira tal-għamara abbażi ta` footprint ta` 300 mk. Bħala Malta Enterprise huma ma jidħlux fi kwistjonijiet ta` kemm jistgħu jew għandhom jitilgħu sulari f`dak il-footprint billi l-kompetenza tagħhom hija li jaraw jekk il-proġett huwiex vijabbli inkelle le. Hija l-INDIS li tqis il-kwistjoni tas-sulari.**

**Stqarr li huma jitolbu referenza mill-banek. U hekk sar fil-każ in eżami. Fil-fatt ir-referenza mill-banek waslet.**

**Kompla stqarr illi waqt l-ipproċessar tal-applikazzjoni, jekk ikunu sodisfatti li l-informazzjoni rikjesta hija sodisfacjenti, allura jekk il-persuna tkun diġa' qegħda topera minn band`oħra, issir site visit fil-post fejn tkun qed topera biex huma jkollhom konferma ta` dak li qed jingħad fil-business plan.**

**Qal li fil-każ in kwistjoni, sar site visit, u kien huwa stess li mar fuq il-post. Kien post li kien Tal-Ħandaq, Qormi. Skont min applika kien mikri għandhom. Fil-post kien hemm operat għaddej. Sab żewġ persuni. Kien hemm makkinarju li kien ha jittieħed ukoll fil-binja l-ġdida bil-ħsieb li jsir investiment addizzjonali.**

**Stqarr li wara li mar fuq il-post huwa għadda għar-rakkomandazzjoni lill-investment committee li huwa kompost minn 5 diretturi tal-bord ta` Malta Enterprise billi l-proġett kien meqjus bħala wieħed miż-żgħar. Ic-Chairman tal-investiment committee huwa Peter Borg li huwa wkoll Deputy Chairman ta` Malta Enterprise. Bħala dak iż-żmien relationship manager, huwa kien favur l-allokazzjoni tal-art. Kien hemm ukoll l-approvazzjoni tal-investment committee wara li huwa għamel presentation.**

**Kompla jixhed illi l-investiment kellu jkun ta` €262,000 bħala minimu, tenut kont li l-footprint ta` art kienet ta` 300 mk. Il-figura kienet fattibbli. Mill-applikant huma ma jitolbux pjanti dettaljati tal-perit imma plan layout tal-area għax lilhom tinteressa l-footprint għal sular wieħed. Fl-ammont ta` €262,000 in kwantu għal €112,000 għall-binja u in kwantu għal €150,000 għall-makkinarju : prezzijiet tal-2019. Fuq l-art kien ser jinbena garage kbir. L-investment committee approva l-proġett fis-27 ta` Mejju 2019.**

**Stqarr illi Malta Enterprise ma tidħolx fil-mod kif tkun se ssir l-istruttura. Dak materji li jispettaw lil INDIS u lill-PA. Qal li l-proċess jaħdem hekk :-**

***… meta toħroġ il-letter of intent tagħna, tintbagħat lill-INDIS biex l-INDIS tidentifika biċċa art. Eventwalment meta l-INDIS tidentifika l-art, li f`dan il-każ sa fejn naf jien damet xi disa` (9) xhur biex sar il-kuntratt mill-OA tagħna, hi titlob li jsiru l-pjanti … Il-***

***pjanti normalment jiġu endorsjati mill-INDIS qabel ma l-klijent jista` japplika b`DNO il-Planning Authority.***

**Ikkonferma li apparti l-minimum investment, Malta Enterprise trid tapprova l-business plan, in-natura tan-negozju u l-impieg tan-nies qabel toħroġ il-letter of intent. F`dak id-dokument jingħad li l-klijent għandu josserva l-liġijiet ta`l-health and safety waqt li jkun qed isir il-bini. Huma standard clauses li juru obbligu morali lil kull min qiegħed jieħu.**

**Qal li meta jsir il-kuntratt INDIS *tista` tagħżel ċertu klawsoli li tpoġġi mil-letter of intent* (kliem testwali tax-xhud) *u żżid ħafna klawsoli oħrajn* (kliem testwali tax-xhud). Mingħandhom INDIS tieħu biss il-letter of intent.**

**Kompla jgħid illi INDIS tavżahom li jkun sar il-kuntratt. Jekk Malta Enterprise titlob, INDIS tgħaddilha kopja tal-kuntratt.**

**Stqarr illi Malta Enterprise terġa` tidħol fix-xena meta jitlesta l-iżvilupp u tibda l-operazzjoni biex tassikura ruħha li l-kondizzjonijiet tal-letter of intent qegħdin jiġu osservati. bħala eżempju : jekk il-binja tkun saret, jaraw jekk l-investiment ta`€150,000 f`makkinarju jkunx sar : mhux bilfors fl-ewwel sena tal-operat imma li jkun jidher li l-makkinarju qegħda jidħol fis-sit u qed jiġi operat. Imma jekk l-object of business kellu jkun fabbrika tal-għamara u minflok jispiċċa store, allura ċertament ikun hemm breach. Huwa jħejji rapport.**

**Ix-xhud kien mistoqsi dwar is-site visit li għamel fil-post li l-applikanti qalu li kellhom Tal-Ħandaq.**

**Xehed li l-post kien mikri lill-applikanti skont informazzjoni mogħtija minnhom. Hemm sab persuna qegħda taħdem u wieħed mill-applikanti. L-applikanti kienu nfurmati bl-ispezzjoni qabel saret.**

**Xehed dwar iċ-change of plans.**

**Stqarr illi l-ħsieb tal-iżviluppaturi kien li jiksbu fabbrika mibnija. Infatti għall-bini kienet allokata s-somma ta` €22,000 sabiex jagħmlu upgrades. Waqt l-inkontri magħhom, ingħad lilhom li dan ma setax ikun billi ma kienx hemm disponibbli binjiet lesti. Għalhekk kien hemm bidliet kemm fl-applikazzjoni kif ukoll fil-business plans. Jekk l-iskemi tal-bini jippermettu, il-bini jista` jiżdied b`mod vertikali mhux orrizzontali minħabba l-iskarsezza ta` art għall-bini ndustrijali. Jekk INDIS tapprova l-bini ta` aktar minn sular wieħed, dik mhijiex ħaġa li tidħol fir-remit ta` Malta Enterprise.**

**Dwar l-affidabbilita` finanzjarja tal-applikanti, xehed li huma jieħdu viżjoni tal-accounts wara li tkun bdiet l-operazzjoni tagħhom. Id-dikjarazzjonijiet li jsiru mill-banek mhumiex garanziji imma jekk il-persuni humiex *trustworthy.***

**Reġa` kien mistoqsi dwar is-site visit li huwa stess għamel fil-Ħandaq. Sostna li meta mar hu sab persuna taħdem u persuna li kien klijent.**

**Kien mistoqsi :**

***Kien qed jaħdem wieħed. Issa mistoqsija ovvja, skużani jekk qed inkun naive, skużani, business iħaddem persuna waħda ħa jibni fabbrika ?***

**Wieġeb :**

***Aħna anke nikkunsidraw startups għadhom ma bdewx, anzi ninkoraġġixxu li startups għadhom ma bdewx jibdew business, per eżempju ninkoraġġixxu per eżempju studenti mill-MCAST biex jibdew il-business tagħhom.***

***Jekk il-proġett li jkunu qegħdin jagħmlu ikun jidher li jagħmel sens u vijabbli, iva, mela le, anzi għalhekk qegħdin biex nipprovaw ngħinu kumpaniji jibdew u jiffjorixxu, jiġifieri dak huwa l-iskop.***

***… naf li kien hemm nies li kienu l-MCAST u tajnihom fabbriki u llum huma suċċess. Jiġifieri l-istartups, fil-fatt l-istart ups huwa wieħed mill-iktar li nħarsu lejhom aħna.***

**Mistoqsi ħax l-isem tal-persuna li kien qed jaħdem xehed li ma ħax l-isem għax *dik xi ħaġa personali tal-bniedem* (kliem testwali tax-xhud) *... ma nistaqsux min huwa l-impjegat* (kliem testwali tax-xhud). Ikkonferma li skont il-business plan kellhom iħaddmu 9 persuni.**

**Kien mistoqsi dwar il-lista tal-makkinarju.**

**Wieġeb :**

***... kien hemm lista qegħda fl-applikazzjoni u jiena kkonfermajt li dak il-makkinarju kien hemm.***

**Ippreċiża li r-referenza fil-paġna 79 ta` l-applikazzjoni għal investiment f`*boxroom* fl-ammont ta` €28,000 qegħda tirreferi għal *spray booth* ; almenu hekk kien qed jassumi li kienet. Dan id-dettall kien indikat fil-pjanta wkoll.**

**Kompla jixhed li matul dawn l-aħħar sentejn/sentejn u nofs, minħabba nuqqas ta` disponibbilita` ta` art industrijali, Malta Enterprise ħarġet skema ta` sussidju fuq il-kera li permezz tagħha tingħata nofs il-kirja għal tliet snin jekk persuna tikseb binja industrijali fil-privat. Kienet skema ntiża biex tħajjar nies imorru fil-privat.**

**Qal li b`manifattura ta` għamara huma kienu qegħdin jaġevolaw investiment f`għamara ta` kwalità**

**magħmula b`sengħa mhux għamara manifatturata b`kartun ippressat bħal dik li tinbigħ minn azjendi ta` mass production barra.**

**Kien mistoqsi jekk ladarba l-mira kienet li tiġi fabbrikata għamara ta` kwalità mnejn kienu l-applikanti se jsibu l-ħaddiema tenut kont id-diffikultajiet biex jinstabu ħaddiema speċjalment dawk tas-sengħa.**

**Wieġeb li llum f`kull settur hemm problema biex issib ħaddiema. Biex tintlaħaq dik l-operazzjoni, u dak it-turnover, l-applikanti għandhom bżonn il-ħaddiema. It-test ta` jekk kinux se jkunu in breach tal-kuntratt kellha tirriżulta wara li jibdew joperaw.**

**Saret din id-domanda :**

***Int għandek id-dokument hemmhekk. Mela ara għandek hekk : "Machinery to be purchased : boxroom 28,000, edging machine 17,000, overhead router 12,000, sanding machine 10,000." Imbagħad 3 : "Projected investment breakdown : property 112,500, plant machinery and equipment new, l-ewwel sena 130,000, it-tieni 10,000, it-tielet sena 10,000, in total 150,000", però dawk il-150,000 x'inhuma għax jien 67,000 għandi hawnhekk bħala new machinery ?***

**Wieġeb :**

*Jista` jkun li ma kienx indikahom. Aħna mhux dejjem nitolbu.*

**Kompla jkun mistoqsi :**

***Fuq liema kriterji oġġettivi approvajtu dan il-proġett meta qed naraw dawn in-nuqqasijiet fl-applikazzjoni ?***

**Wieġeb :**

***Ma naqbilx miegħek li hemm nuqqasijiet fl-applikazzjoni. Jiena l-proġett aħna naraw jekk hux vijabbli u jagħmilx sens ekonomiku.***

**Komplew id-domandi :**

***Jagħmel sens ekonomiku illi jiena ngħidlek li ħa nonfoq sixty seven thousand (67,000) fuq makkinarju ġdid biex nagħmel fabbrika ta` carpentry mentri fil-fatt imbagħad ngħidlek illi ħa nonfoq mija u ħamsin elf (150,000) ? Dik id-diskrepanza lilek tagħmillek sens ekonomiku ? Tagħmel il-proġett vijabbli jew le ?***

**Wieġeb :**

***L-obbligu li kellu fil-letter of intent huwa li jrid jonfoq mitejn u tnejn u sittin elf (262,000). Dik li torbot fil-letter of intent.***

**Domanda oħra kienet :**

***Mela inti qed tagħtini x'nifhem illi l-Malta Enterprise tapprova proġetti abbażi ta` businessplan ta` investiment f`makkinarju u affarijiet oħra, wara dik l-approvazzjoni nista` nbiddel dak kollu l-investiment li intom approvajtu, u nista` wkoll lilkom ngħidilkom li ser ninvesti sebgħa u sittin elf (67,000), u minflok ninvesti b`mod differenti ? Hekk hekk isiru l-applikazzjonijiet tal-Malta Enterprise ?***

**Wieġeb :**

***Le, l-investiment huwa ta` mija u ħamsin elf (150,000), il-letter of intent turih dak l-investiment li jrid isir, makkinarju jista` jindikah, imma kif qed ngħid jien, jekk dan applika fit-2019 u għall-argument il-binja tlestiet 2024, illum it-teknoloġija tinbidel, illum joħroġ makkinarju kull sena. Jiġifieri ma nistax ngħidlu inti ixtri makkinarju li għedt li ħa tixtri fit-2019.***

**Stqarr illi meta mar għas-site visit il-Ħandaq, huwa ma talabx li jara l-kuntratt tal-kirja tal-post.  Lanqas il-ktieb tal-kera.**

**Għal serje ta` domandi oħra, ix-xhud wieġeb : *ma niftakarx* : billi kienu għaddew erba` snin u nofs.**

**Saret referenza għal Pag 19 u Pag 37 tad-draft business plan. Skont ix-xhud l-accountant kunjomu Borg. Billi din l-affermazzjoni kienet ikkontestata, kien mistoqsi biex jgħid kif aċċerta ruhu li d-dokument sar minn accountant. Ikkonferma li ma kienx hemm firma ħdejn il-figuri. Kompla : ħafna *drabi jsiru minn accountant*. Qal ukoll : *imma anke kieku ġiet biss mingħand il-klijent, meta hija applikazzjoni ta` taħt it-tliet mitt (300) metru kwadru, naċċettawha wkoll.* Applikazzjonijiet ta` dan it-tip mit-2019 sat-2022 kien hemm fuq 100. Fil-każ in eżami, ma kienx hemm għalfejn tixgħel ebda "bozza hamra" billi Malta Enterprise qieset il-proġett bħala vijabbli.**

**Kien mistoqsi wkoll dwar l-objects clause fil-partnership agreement ta` bejn Schembri u Buhagiar mnejn ma jirriżulta mkien li n-negozju kien ser ikun ta` fabbrika tal-għamara.**

**Wieġeb :**

***Mela l-applikazzjoni intbagħtet taħt iż-żewġ persuni individwi, Kurt Buhagiar u Matthew Schembri. Jekk tara l-letter of intent tagħna, aħna konna qegħdin nesiġu illi jekk din il-kumpanija tidħol f`kuntratt, dawn l-individwi jidħlu f`kuntratt ma` l-INDIS, iridu jwaqqfu kumpanija.***

**Riedu jwaqqfu kumpanija li tkun speċifikament għax-xogħol ta` għamara. Qabel il-formazzjoni tal-kumpanija, kienu qegħdin joperaw f`isimhom bħala self employed anke l-Ħandaq. Meta Malta Enterprise approvat il-proġett, l-approval kien lil Schembri u Buhagiar mhux All Plus Limited. Però kellhom isegwu l-letter of intent fis-sens li kellhom jiffurmaw kumpanija għall-manifattura tal-għamara. Bħala regola, jintbagħtu l-M&A lil Malta Enterprise biex din tgħid jekk humiex qegħdin sewwa jew le.**

**Kompla jkun mistoqsi :**

***... f`dan il-każ intom irċevejtu ittra minn bank ewlieni f`pajjiżna, li qed jirreferi għal Kurt Buhagiar, bl-occupation tiegħu meter reader. Il-media tirreferi għal Kurt Buhagiar bħala xufier. Fir-rapport tiegħek li inti tellajt lill-approving comittee, inti tirreferi għalih bħala persuna illi vera huwa kapaċi fil-business.***

***Ir-rapport tiegħek illi huwa ndikat bid-data tas-6 ta` Mejju 2019 jgħid hekk fuq Buhagiar. "Through the past five years Mr Kurt Buhagiar has gained vast experience and knowledge with regards to contract and business management." Lanqas fix-xogħol tal-kostruzzjoni tal-mastrudaxxa. "During these years he managed to achieve a solid relationship with a network of leading local property developers."***

***Tista` tgħidli kif ivverifikajt din u x`għandha x`taqsam in-network of leading local property developers mal-fabbrika tal-għamara ?***

**Wieġeb :**

***Dik ivverifikata għaliex skont Jobsplus dak li staqsejt inti kien diġà qiegħed part time self employed. Dak naħseb li dak iż-żmien kien il-full time job tiegħu. Issa u anke kien uriena wkoll anke reference letters mingħand kumpanija, oħra naħseb li wkoll hemm minnhom diġà qegħdin ġol-applikazzjoni plus illi l-partners kienu wkoll jaħdmu, kellhom kumpaniji oħrajn. Jiġifieri kien hemm, ma niftakarx l-isem tal-kumpanija imma żgur Matthew Schembri kellu kumpanija żgur, u fil-fatt hemm xi references mingħand kumpaniji oħrajn li ħadmu magħhom u qed jgħidu kemm kienu sodisfatti bix-xogħol tagħhom.***

**Domanda oħra kienet dwar Matthew Schembri :**

***Inti tgħid hekk : "During the past four years Mr Matthew Schembri was the brain behind the strategy to enter into turnkey projects, which also included the installation, maintenance and repair of electrical plumbing and finishing works."***

***Tista` tgħidli kif ivverifikajtha ?***

**Wieġeb :**

***... kellu kumpanija oħra dak iż-żmien jisimha mingħalija, jekk m'inix żbaljat, Whitefrost jisimha l-kumpanija, li wkoll hemm xi reference letter fl-application, li qed jgħidu li jagħtu xogħol tajjeb ħafna mingħandhom, u ovvjament aħna dawk insemmuhom biex nuru illi l-klijent li qed japplika fil-każ tagħna għall-fabbrika tal-injam għandu esperjenza vasta kif imexxi business. Jiġifieri ovvjament mhux qed ngħidu li huwa tal-injam, imma meta xi ħadd diġà għandu track record illi għandu business, huwa plus għal applikazzjoni li jkollna magħna. Jiġifieri t-track record dejjem huwa xi ħaġa importanti.***

**Kompla jkun mistoqsi :**

***fir-rapport tiegħek ukoll inti tgħid "The promoters already secured a good clientele and presently they are working on a number of orders."***

***Kif ivverifikajtha din ?***

**Wieġeb li għamel din l-osservazzjoni abbażi tas-site visit u l-business plan.**

**Qal li tnejn kienu l-ittri ta` referenza li kienu preżentati mill-applikanti : waħda minn Asfaltar Limited u oħra minn Fratelli Magro Limited. Tal-ewwel kien**

**dwar xogħol (mhux għamara) li kien sar minn Whitefrost Limited u l-ieħor dwar xogħol li kien sar minn Kurt Buhagiar – mhux għamara. Għalihom kienu prova li kapaċi jmexxi negozju anke jekk ir-referenzi mhux neċessarjament jirreferu għall-manifattura ta` għamara.**

**Sostna li huma ma jitolbu audited accounts. Għalihom l-esperjenza hija biżżejjed.**

**Dwar ir-riżultat tas-site visit saħaq :**

***… deher illi bil-makkinarju li kien hemm preżenti f`dak il-garaxx, li kien ta` metraġġ ta` madwar mitt (100) metru kwadru, tieħu snapshot illi bil-makkinarju li ried jixtri u jinvesti, ovvjament ried aktar kobor biex ikun jista` jopera u joħroġ il-produzzjoni tiegħu u jkun iktar, u jkun produttiv. F`dak il-garaxx żgħir li kellu ma setax ikun produttiv biżżejjed biex ikun profittabbli u jagħmel l-istep li jmiss biex il-business ikun success. Hemmhekk kien ħa jibqa` dilettant ġo dak il-garaxx.***

**yy) <u>Perit David Mifsud Parker</u>**

**Xehed li huwa kien membru tal-Masons Board wara l-2013 u Chairman minn Ottubru 2017 sa Marzu 2022. Il-kompitu tal-Bord huwa li jagħmel eżami lill-persuni li japplikaw għal-liċenzja ta` bennej. Applikanti kien kollhom minn 150-200 fis-sena. Jifhem għalhekk li**

**hemm eluf. Il-lista tidher fil-website tal-BCA. Biex tkun taf persuna għandhiex liċenzja jew le, trid tidħol fil-website, tagħti l-isem u l-karta tal-identità tal-persuna u ssir taf dik l-informazzjoni. Però listi ma hemmx. Issa fil-każ tal-periti hemm lista tagħhom bil-warrants.**

**Kompla jixhed li qabel sar hu Chairman il-lista kien jieħu ħsiebha d-Direttur Ġenerali – Xogħolijiet. Meta kienet kostitwita l-BRO kienet saret pressjoni, inkluż mill-Kamra tal-Periti, biex issir il-lista u din fil-fatt saret. Imma l-aċċess huwa bl-isem u l-karta tal-identità.**

**Qal illi l-Mason Board fi żmienu kien kompost minn 12-il persuna. L-eżami lill-applikanti isir mill-membri tal-Bord u huwa kompost minn teorija u prattika. Wara li persuna tingħata l-liċenzja, tkun trid tħallas miżata kull sena. Id-Direttur Ġenerali – Xogħolijiet għandu s-setgħa li jieħu l-liċenzja fil-każ ta` nuqqas. Il-Bord jintervjeni dwar *malpractice* ta` liċenzjarju jekk ikun sentenza ta` qorti. Qal li f`ħames (5) snin kien hemm forsi tnejn (2).**

**Fisser li ma jaf b`ebda każ fejn xi eżaminatur rċieva xi rikjesta sabiex persuna tgħaddi mill-eżami.**

**Kien mistoqsi :**

***l-iskop tal-liċenzja hija biżżejjed fiż-żmien tal-lum, bit-teknoloġija tal-lum, li jservi l-iskop li nħoloq il-liċenzja ta` mason ?***

**Wieġeb :**

***Domanda ikkumplikata, però tirrikjedi ħafna biex nirrispondiha. Il-mason oriġinali kif kien, kien isir interview biss, u kien ibbażat fuq tħażżiż ta` ħnejja u nġara ta` turġien. Meta konna hemm, apparti li l-interview ma setax jibqa' jagħmel sens minħabba li l-ammont ta` applikazzjonijiet kiber ħafna, allura konna morna għal sistema li jiktbu, jkun hemm theory paper u bdejna nidħlu fid-dettal ta` ħadid, konkos, grade tal-konkos, u dawn l-affarijiet kollha daħħalnihom fil-karta. Ovvjament min kien jgħaddi, u min kien ma jgħaddix. Sempliċi.***

**zz) Paul Vella**

**Xehed li fit-12 ta` April 2000 saru xogħolijiet adjaċenti għall-post fejn kienet toqgħod il-mama tiegħu ġewwa Triq il-Katidral, Sliema. Waqa` l-bini kaġun tax-xogħolijiet, u ntradmu ommu u ħuh taħt it-tiġrif. Ommu mietet u ħuh indarab gravement. Iz-ziju tiegħu li kien ukoll fil-post irnexxielu joħroġ imma anke hu ndarab gravi. Qabel waqa` l-bini, il-kuntrattur injora għal kollox it-twissijiet li fil-post ta` ommu kien hemm il-konsenturi. Saret inkjesta maġisterjali segwita minn kawżi kriminali u oħra ċivili, it-tnejn marru fl-appell. L-aħħar sentenza kienet deċiża fl-2018. Kollox kien deċiż favur tagħhom imma baqgħu sal-lum ma thallsu ebda kumpens.**

**aaa) John Sofia**

**Fost hwejjeg oħra, John Sofia, li jiġi missier Jean Paul Sofia xehed :-**

***… Il-ħsieb f`moħħ kull min hu nvolut fl-industrija tal-kostruzzjoni għandu jkun : aħjar nobdi l-liġijiet milli nħallas b`multi kbar tal-għemil skorrett tiegħi jew nitwaqqaf minn xogħoli.***

***Dawn li ġejjin huma xi punti li xtaqt inqajjem u nġib għall-attenzjoni tal-Bord.***

***ID-DNO's***

***… avolja l-kumpanija kienet intitolata li tissottometti DNO, li l-intenzjoni tiegħu hija li tiffaċilita l-ipproċessar tal-applikażzjoni għall-iżvilupp tal-binja mal-Awtoritajiet, xorta waħda Allplus Limited ma kellhiex viżjoni ħolistika mill-ewwel tal-proġett. Dan għaliex fuq l-ewwel DNO, il-pjanti kienu jgħidu li ħa jkun hemm basement, groundfloor, intermediate level u first and second floor waqt li fit-tieni DNO, apparti li l-pjanti ma jidhrux fil-website tal-Planning Authority, id-DNO kienet tgħid li jrid isir sanctioning ta` xogħolijiet mibdula mill-ewwel DNO u l-wording sar basement, first, second, third u fourth floor filwaqt li l-groundfloor huwa ineżistenti.***

***Għaliex dal-wording differenti u l-pjanti ineżistenti ?***

***Għaliex iddaħħlet it-tieni DNO għat-two additional floors apparti s-sanctioning ?***

***Kien hemm għalfejn jissemmew it-two additional floors b`wording differenti u l-eliminazzjoni tal-ground floor ?***

***... Meta l-proċess jippermetti li jinqasam f`passi differenti, dan qed jippermetti xi abbuż ?***

***Sabiex jiehdu xi vantaġġ ?***

***Allura m'hemm l-ebda Awtorità li tiċċekkja l-pjanti u x`se jinbena fuqhom ?***

***... matul din l-inkjesta ħareġ li l-Malta Enterprise tara l-applikazzjoni u tapprova l-footprint, imbagħad tgħaddi l-letter of intent lill-INDIS biex din tindika l-allokazzjoni tal-art sakemm dan ma jkunx gia' indikat mill-Malta Enterprise stess. B`hekk l-INDIS bażikament tieħu l-approval tas-CPD u s-CRPD u mingħajr ma tara x`se jiġi mibni, tagħti l-art b`ċens. Bazikament kull ma jaraw hu li l-istruttura ma taqbiżx l-area u ma jiġix xi showroom jew stores. lmma f`dan il-każ 1m by 1.2 m refuge area għaddiet.***

***U minn dawn l-awtoritajiet kollha m`hemm ħadd li jiċċekkja l-istruttura għax anki l-Planning Authority neżgħet minn din ir-responsabbiltà bl-iskuża tad-DNO.***

***<u>SAĦĦA U SIGURTA`</u>***

*Mill-filmat li rajt jien, ma kien hemm xejn xi jżomm milli wieħed jidħol fil-binja. Tant hu hekk li ftit ħin qabel ma waqgħet il-binja, daħal it-truck driver tar-ready mix ta` Denfar, jisserva wara l-bieb minn fejn daħal Jean Paul wara ftit.*

*Għadni s`issa ma nistax nifhem kif, f`post fejn l-Awtoritajiet bħal ma hi l-INDIS li skont ir-records tagħha tkun taf li qed isir bini fuq art tagħha stess, ma tarax li l-affarijiet ikunu qed isiru skont il-liġi.*

*Għax forsi l-art tkun ingħatat b`ċens ?*

*Imma hawnhekk qed nitkellmu fuq art tal-poplu li allura, anki skont l-istess kuntratt taċ-ċens, wieħed ma jistax jagħmel li jrid fuqha, u li fuq kollox għandha tinbena skont is-sengħa u l-arti.*

*Fost ħafna liġijiet li jridu jinbidlu, għax kif qal anke Ministru quddiem dan l-istess Bord, il-liġijiet li hemm ilhom għoxrin sena, għandha ssir liġi li l-inspector jiġi mmultat sewwa jekk xi ħadd jiġbed l-attenzjoni li dan naqas minn dmiru. Dan biex inspector jaħsibha darbtejn qabel ma jagħlaq għajnejh għal xi abbuż, ħalli ma narawx il-konsegwenzi li rajna.*

*Mhux qed nimplika li kien hemm xi inspector li naqas apposta, imma għax għalija huwa abbuż jew nuqqas serju mill-Awtoritajiet, li inspector jew inspectors, jew rappreżentanti tal-INDIS jew entitajiet*

***oħra, allokati biex jaraw x'inhu jigri fl-Industrial Estates (art tal-Gvern), ma jagħmlux l-inspections neċessarji.***

***Barra minn hekk rajna li safety gear kien ineżistenti Kordin. Kieku mar xi inspector, kien jara b`għajnejh dawn in-nuqqasijiet verament serji.***

***DUE DILIGENCE***

***Mix-xhieda tas-CEO ta` Malta Enterprise, sirna nafu, jew almenu ingħatajna l-impressjoni, li din l-entità serrħet rasha fuq ir-referenza tal-banek biex aċċettat lil Kurt Buhagiar u lil Matthew Schembri bħala klijenti. Ma noħodhiex bi kbira li l-banek ħarġu referenza tajba. Kull ma trid tagħmel mal-bank biex ikollok referenza tajba hu li tmexxi l-kontijiet magħhom sew. Kurt Buhagiar kien driver u issa, permezz tax-xhieda tas-Sur Kevin Camilleri, sirna nafu li kien reġistrat mal-Malta Enterprise bħala meter reader.***

***Jekk il-bank ma kienx jaf bl-involvimenti li Buhagiar kellu ma` kumpaniji diversi, x`riskju seta` ħass il-bank ?***

***U Matthew Schembri, meta l-Malta Enterprise approvatlu l-proġett, dan lanqas biss kien għadu sar direttur ta` kumpanija. Probabbli li mal-bank, anki hu kien qed jidher bħala impjegat.***

***Imma fil-każ tal-Malta Enterprise, ma jistax ikun li din toqgħod fuq referenzi bankarji li kull ma jagħmlu huwa li jindikaw jekk persuna ħaddmitx tajjeb jew le kont tal-bank, speċjalment jekk dawn il-persuni kull ma jgħidu lill-bank huwa li huma impjegati.***

***X'riċerka għamlet iżjed il-Malta Enterprise fuq dawn iż-żewġ persuni ?***

***Kurt Buhagiar :***

***Fit-2009 kien arrestat mill-Pulizija Taljana fuq traffikar ta` persuni u weħel sena ħabs l-Italja stess. Allavolja Buhagiar kien instab ħati ta` crime bħal din, xorta kien ġie mpjegat bħala persuna ta` fiduċja għal diversi nies f`kariga għolja sakemm illum huwa x-xufier personali tas-CEO tal-Lands Authority Robert Vella sa minn Frar tat-2022. Buhagiar terġa` issa spiċċa biex illum għandu kariga għolja fl-amminstrazzjoni tal-Lands Authority.***

***Qabel l-elezzjoni tat-2017, Buhagiar kien ġie mpjegat mill-Water Services Corporation bħala meter reader. Imma kien jaħdem bħala x-xufier personali tas-Sur William Wait, l-Executive Chairman tal-istess entità, u baqa` d-driver tiegħu sa l-ewwel erba` xhur tat-2018. Minn informazzjoni li sibna fuq il-media, Buhagiar kien anke x-xufier ta` Kurt Farrugia meta dan laħaq is-CEO tal-Malta Enterprise.***

*Sempliċi google search tal-frażi due diligence, mingħajr ma noqgħod nidħol f`ħafna dettalji, ukoll turina kemm entitajiet bħal Malta Enterprise għandhom jagħmlu izjed sabiex jaċċertaw ruhom mill-abiltajiet tal-klijenti prospettivi tagħhom.*

*...*

*Kull persuna li tkun qiegħda tagħti servizz professjonali bħala subject person, eżempju Nutar, Avukat, Awditur, Broker, Bankier eċċ, irid jara' illi l-klijent li jkun qed ifittex is-servizzi tiegħu, tkun saritlu due diligence. Mhuwiex biżżejjed li min ikun qed jagħti servizz, jiddobba referenza minn bank fuq klijent u jserraħ rasu li l-klijent jista` jingħata dak li qed jitlob. Meta wieħed jiċċekkja fuq klijent jew fuq persuna li tavviċinah biex isir klijent, irid iħares ħafna iktar fil-fond, speċjalment meta wieħed mill-partijiet ta` kuntratt, ikun il-poplu - għax art pubblika hija tal- poplu. Mela n-Nutar tal-Gvern kellu żewġ partijiet quddiemu: lil Allplus Limited (Kurt Buhagiar u Matthew Schembri) u lil INDIS li il-Malta Enterprise kienet tagħtha l-go-ahead biex tagħti l-art b`ċens lil Allplus Limited. U l-Awtoritajiet ma kkunsidrawx sew il-background ta` Buhagiar u Schembri, kif kienu obbligati jagħmlu.*

*Diġà hija xi ħaġa mhux sabiħa illi art tal-Gvern tingħata lil żewġ persuni li gia` jkunu xellfuha mal-liġi saħansitra barra minn Malta. Imma li tingħata lil żewġ persuni biex jibnu fabbrika fuqha meta proġetti li kienu bnew huma jew li kienu nvoluti fihom kienu waqgħu jew kellhom xi problemi, hija xi ħaġa inaċċettabbli.*

*Dawn l-affarijiet suppost kienet tafhom il-Malta Enterprise, għax huwa l-obbligu ta` kull persuna li tkun involuta fi transazzjoni, li tfittex fuq il-klijenti prospettivi tagħha, u li tkompli ssegwi l-operat tagħhom anki WARA li ssir it-transazzjoni.*

*Huwa magħruf illi Kurt Buhagiar kien azzjonist fil-kumpanija SC Building Group Limited li kienet responsabbli għal bini li kien tiela' fi Gwardamangia u li kien il-kaġun tal-kollass ta` blokka ta` maġenbu …*

*Ma staqsietx il-Malta Enterprise x'involvimenti azzjonarji kellu Kurt Buhagiar meta jew qabel ma applika għall-art ?*

*Kieku l-Malta Enterprise fttxet ftit, kienet anki tinduna illi Kurt Buhagiar biegħ is-sehem tiegħu fl-SC Group wara l-kollas ta` Gwardamangia.*

*X`esperjenza kellu Kurt Buhagiar bħala mastrudaxxa ?*

*Kull ma nafu hu li meta l-Kap ta` Micro Enterprise Unit, is-Sur Kevin Camilleri mar f`post privat f`Tal-Ħandaq, sab impjegat wieħed jaħdem xi għamara u miegħu kien hemm jew Schembri jew Buhagiar.*

*Imma ta` min kien dan il-post ma nafux.*

*U ta` min kien dan l-operat ?*

*Għaliex il-Malta Enterprise ma tiġborx din l-informazzjoni?*

*Kif tista` tkun ċerta li min ikun qed japplika għal proġett ikunx ġenwin jew le ?*

*Intqal mis-Sur Camilleri stess li ma rax għamara fuq il-post.*

*Tgħiduli li forsi kien Matthew Schembri li allura kien qed jieħu ħsieb l-għamara ?*

*Le, ma jidhirx li kellu xi business tal-għamara u lanqas tal-airconditioning għax sa Frar 2019, kien għad ma kellux shareholding fil-kumpanija Whitefrost. Hu sar shareholder u direttur tagħha f`Ottubru 2019. Probabbli anki mal-banek mela, għalihom sa dak iż-żmien kien impjegat u mhux imprenditur.*

*U terġa` u tgħid, dawn kellhom jagħmlu bespoke furniture ? Għamara bħal din tirrikjedi sena kbira li la Buhagiar bħala driver jew meter reader u lanqas Schembri bħala airconditioning installer ma kellux.*

***Ħaġa oħra tal-iskantament hi r-referenzi li dawn taw lill-Malta Enterprise u iktar problema li dawn gew emmnuti. Referenzi kienu minn Whitefrost limited, li dak iż-żmien kienet ta` omm l-istess Schembri u minn Asfalatar Limited u minn Fratelli Magro li huma l-istess nies ta` Asfaltar.***

***Rat Malta Enterprise x-xogħol għamel mal-Asphaltar, Kurt Buhagiar ?***

***Possibbli li INDIS u Malta Enterprise ma jaffettwhomx li persuna bħal Kurt Buhagiar tkun ħadet €150,000 mill-Ewropa permezz ta` farmers grants biex jibni farm f`ODZ li llum nafu li hija sempliċement country residence għalih personali ? Ħa ukoll għotja ta` €62,000 biex jibni ħajt tas-sejjiegħ mad-dawra tal-istess residenza.***

***L-istess nistaqsi għal Matthew Schembri. L-esperjenza ta` dan hija fuq l-airconditioners mhux fuq l-injam (u kif għidt iktar il-fuq, lanqas biss kien direttur fil-Whitefrost).***

***Għaliex intagħżel is-settur tal-injam għal din il-fabbrika?***

***Mistoqsija oħra :***

*għaliex propju fit-18 ta` Novembru 2022, ġie mneħħi l-awditur tal-kumpanija Whitefrost Co Ltd., b`effett mit-30 ta` Lulju 2022, li tagħha Schembri huwa d-direttur u li tagħha wkoll Jean Paul kien impjegat ?*

*proprju l-għada daħlu l-audited accounts tal-kumpanija għas-sena 2021.*

*Nafu wkoll illi allegatament, Matthew Schembri kien qabbad żewġ persuni li kienu jaħdmulu sabiex isawtu lil missier l-ex mara tiegħu. Dan ċertament ma jirriflettix sew fuq persuna li qed tuża art tal-Gvern.*

*… meta jsiru inċidenti u ma jwegga` jew imut ħadd, mhux dejjem isiru inkjesti Maġisterjali. Allura kif nistgħu nitgħallmu minn tali inċidenti ?*

*…*

*Barra minn hekk, meta kuntrattur jinstab in breach ta` xi regola speċjalment jekk tintbagħtlu xi twissija mill-BCA, … kif dan ma jitwaqqafx milli jkompli jaħdem fuq siti oħra ?*

*Jien sirt naf li Matthew Schembri kellu multa fuq nuqqas ta` safety għall-mod ta` kif ħadem fuq xi gallarijiet Ħal-Qormi, u appellaha. Barra minn hekk, Jean Paul kien qed jintbagħat jaħdem ġo post f`Carini Street, Sta Venera … u kien qed jiġi mqabbad idaħħal*

*kemm torba kif ukoll joħroġ materjal li kien qed jitqatta` minn xi ħaddiema barranin. Ix-xogħol li beda isir kien li jitqatta` dak il-blat li suppost jitħalla żewġ piedi u nofs meta jsir tqattigħ minn mal-ġirien u kien qed jiġi replaced bi bricks, bil-bini ta` fuqu lest. Saħansitra saru xi rapporti lill-BCA u twaqqaf ix-xogħol. Milli sirt naf Matthew Schembri kien daħal f`konvenju biex jixtri appartament u garaxx u kellu jsir il-kuntratt wara li jitlesta x-xogħol mill-ħaddiema tiegħu stess ġol-imsemmi basement. Wara li il-BCA ħarġet stop notice, mid-dehra Matthew Schembri ħareġ mill-konvenju. Dan qed ngħidu biex nuri kif Matthew Schembri ma kienx jimxi mal-proċeduri tal-Health and Safety.*

*Kif affarijiet bħal dawn (żewġ każijiet li naf jien) ma jixgħelux bozza hamra lill-BCA u lill-OHSA, u lil INDIS stess biex tara li fuq l-art li tagħtu hi stess ma kienx qed jiġri hekk ukoll ?*

*…*

*Kif osservat il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi waqt din l-inkjesta, meta employer ikollu ċertu nuqqasijiet mal-ħaddiema, per eżempju iħaddem persuni bla ktieb, dak l-istess employer normalment ikun jonqos anki f`affarijiet oħra, per eżempju ma jħarisx is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Dan ifisser li karattru tal-bniedem jibqa` dejjem konsistenti, anki fil-ħażin.*

*…*

***HEALTH AND SAFETY***

***Ħaddiema tal-construction, għandhom jibdew jilbsu xi tip ta` locator b`xi forma ta` sound u light biex f`każ ta` inċident bħal ma ġara f`Kordin jgħinu fit-tfittix ?***

***Għalkemm ikun hawn min hu traskurat minnu, jien persważ li hawn ħafna ħaddiema li jekk ittihom safety gear jilbsuh, speċjalment jekk tidħol il-mentalita` bħal ma gia daħlet f`kumpaniji serji, li dan it-tip ta` lbies u equipment huwa parti mix-xogħol u mhux kapriċċ. Fil-każ ta` Jean Paul, kull meta ingħata safety gear x'jilbes, dejjem libsu. Din il-ħaġa tant hi serja, li jekk employer jagħti safety gear u equipment lil ħaddiem u dan ma jilbsux, għandha titnaqqas lil ħaddiem parti mill-paga (anki ħaġa zgħira) b`deterrent sakemm dan jifhem il-bżonn li jimxi mar-regolamenti għall-protezzjoni tiegħu u anki ta` sħabu.***

***Għaliex il-ħaddiema li kellu Matthew Schembri, li kienu mastrudaxxi, applikaw u ffurmaw kumpanija tal-bini ftit żmien qabel li l-iżviluppaturi ħadu l-art in kwistjoni ta` Kordin?***

***Forsi biex Matthew Schembri jibqa` jhallas lill-carpenters bil-paga li kellhom meta kienu jaħdmu miegħu? U hu jkun jista` jniżżel isem tal-kumpanija tagħhom stess fuq id-DNO għall-binja ta` Kordin ?***

***...***

***L-IRWOL TA` ENTITAJIET VARJI FIL-PAJJIŻ***

***Diġà ħarġet l-informazzjoni li qabel ma sar Ministru tax-Xogħolijiet Pubbliċi u l-Planning Stefan Zrinzo Azzopardi, il-Kabinett diġà kellu quddiemu l-liġijiet lesti għal-liċenzjar tal-kuntratturi.***

***Wieħed jistaqsi għaliex dawn ġew miżmuma qabel l-aħħar elezzjoni milli jieħdu s-saħħa ta` liġi ?***

***Għaliex ġew miżmuma u issa se joħorġuhom b`ċertu għaġla u b`hekk se jgħidu li dawn il-liġijiet ħarġu minħabba Jean Paul, u lill-poplu hemm barra jgħidulhom li ħarġu liġijiet biex jissalvagwardja lil min jaħdem fil-kostruzzjoni u b`hekk il-Ministru ikun qed jingħoġob ma` kulħadd.***

***Ma nistax nifhem kif is-Sur Michael Stivala tal-Malta Developers Association (MDA) qal li hu favur dawn il-liġijiet, u ħeġġeġ lill-Gvern biex jagħmilhom. Anzi qal li jrid li jkollhom insurance għall-ħaddiema u third parties qabel jingħataw il-liċenzja. Imbagħad jiġi l-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi, u jżomm milli joħorġu dawn il-liġijiet ġodda ?***

***Mela x`kien qiegħed iżomm lill-Ministru milli joħroġ dawn il-liġijiet jekk kellu l-MDA favurih ?***

***Vera li kellu lil xi ħadd jgħidlu li seta` jtellef l-elezzjoni jekk joħroġ dawn il-liġijiet ?***

***Jagħmel sens li jkollok persuna bħal Perit David Xuereb li huwa Chairman tal-MCESD, Chairman ta l-OHSA u direttur fuq il-BCA ?***

***Jista` faċilment ikun hemm konflitt ta` interess ?***

***Wara li kważi għaddiet sena mit-traġedja ta` ibni Jean Paul, issa ħareġ il-fatt illi l-MCCAA, skont ix-xhieda tal-Inġinier Helga Pizzuto, it-testijiet fuq il-bricks użati fil-fabbrika, għadhom ma sarux.***

***Ma tagħmilx sens li titlob CE certificate ta` production batch tas-sena ta` qabel. Dan kellu jsir mill-ewwel. U l-Awtorità m'għandhiex toqgħod biss fuq iċ-ċertifikati li jiġu mogħtija lilha mill-manifattur, imma għandha tikkommissjona testijiet fuq samples ta` bricks li għandhom jinġabru mis-sit.***

***Kif gia` għidt lill-Prim Ministru, din ta` ħafna awtoritajiet, qed tħalli ħafna laxkezza li ħadd mhu responsabbli u kulħadd jipponta lejn xi Awtorità oħra. Każ ċar li gia` ssemma` hawnhekk huwa tal-Malta Enterprise li ħarġet fergħa minnha u semmiet Malta Industrial Parks u sussegwentement INDIS, fejn din l-Awtorità spiċċat fi tnejn taħt żewġ Ministri differenti u***

*jidher li b`hekk inħolqu karigi għoljin ta`, fost oħrajn, Chairman u CEO minn żewġ Ministri differenti.*

*Jekk kif qal in-Nutar Jean Pierre Attard, Executive Chairman, li l-Awtoritajiet għandhom nuqqas ta` ħaddiema, huwa ovvju għaliex jekk entità kellha bżonn żewġ skrivani, b`żewġ entitajiet, ħa jkollna bżonn erbgħa. Mela meta fil-każ li gia' semmejna hawn fuq, bażikament ix-xogħol xorta kompla jsir minn entità waħda, il-Malta Enterprise, apparti l-allokażżjoni tal-plots. U ġieli jkun hemm każijiet fejn saħansitra l-Malta Enterprise tindika hi stess fejn għandu jingħata l-plot.*

*Għaliex f`dan il-każ partikolari ma baqax CEO wieħed ?*

*bir-riżorsi tas-CEO l-ieħor gew imqabbdin żewġ safety officers jew aktar ?*

*Skont is-Sur Jean Pierre Attard, Executive Chairman tal-INDIS, il-pjanti jiġi ċċekkjati biex jaraw li il-proġett ma jaqbiżx il-konfini tal-plot allokat, biex jaraw li mhux se jintuza bħala store/showroom. Qal ukoll li qabel ma jagħtu l-clearance, iġibu l-approvazzjoni mis-CRPD us-CPD.*

*Allura 1.2 metre by 1 metre bħala refuge area jew safety zone ġo fabbrika bħal dik, huwa biżżejjed għall-ħaddiema li kienu ha jaħdmu hemmhekk ?*

***Rigward l-ewwel DNO, ġiet sottomessa u ġie sottomess ukoll l-ewwel commencement notice. Fis-6 ta` Gunju 2022, ġie validat it-tieni DNO imma l-commencement ta` dan id-DNO qatt ma ġie sottomess.***

***Wieħed jistaqsi :***

***għaliex it- tieni commencement notice ma daħalx minn min kien inkarigat ?***

***Forsi għax indunaw li hemm il-firem foloz fl-ewwel commencement notice u ma ridx jidħol responsabbli għat-tieni commencement notice ?***

***Forsi għax kienu jafu li l-kuntrattur li qed jibni kien fil-fatt mastrudaxxa ?***

***Jista` jkun li l-commencement notice ma ddaħlitx għax kien hemm dubji li l-istruttura ta` isfel ma kinitx tiflaħ għal two additional floors fuqha u għalhekk tipprova ma jidħolx responsabbli ?***

***Jekk kif intqal, l-istima biex tinbena l-fabbrika fuq l-art kien stmat li kienet ta` €262,000, dawn kienu għal basement u żewġ sulari ?***

***Jew għal basement u ERBA' sulari ?***

*Jista` jkun li ddaħħlet l-ewwel DNO tal-basement u żewġ sulari biex id-diskrepanza fl-istima ta l-flus u l-binja ma tkunx daqshekk kbira ?*

*U b`hekk x'ħin ġie l-clearance u bdew jibnu, applikaw għal two additional floors mingħajr il-bżonn li jerggħu jagħmlu xi assessments mal-Awtoritajiet ?*

*Kif intqal diġà mill-Bord, il-binja kollha kellha tiswa` anki sa miljun u mitt elf euro biex tinbena u titlesta għall- operat.*

*Jidher li l-binja bdiet tiela b`ċertu għaġġla lejn l-aħħar. Tgħid għaliex beda joqrob id-deadline tal-kuntratt min-naħa tal-INDIS ?*

*Is-CEO tal-lNDIS inbidel kemm-il darba minn meta ġara l-każ ta` Jean Paul. Dawn it-tip ta` pożizzjonijiet apparti l-introjtu, iġorru ċertu responsabbilitajiet. lmma kif xbajna naraw, meta jinqala' xi ħaġa fentita, normalment is-CEO jinbidel u jmur f`entità oħra. Każ partikolari huwa ta` meta fl-Education Department kien hemm skandlu ta` xi player u l-Perm Sec tneħħa minn hemm u jekk m'iniex sejjer żball, mar f`entità tat-turiżmu. Min-naħa l-oħra, meta ħaddiem mal-Gvern jinqabad jagħmel xi ħaġa ħażina, jittella PSC.*

***<u>RESCUE AND RECOVERY</u>***

***Nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lis-CPD li jien ċert kellhom kull intenzjoni tajba biex jagħtu kull għajnuna dakinhar tal-inċident. U nemmen li xogħolhom huwa mportantissimu anki fis-sens wiesgħa tal-Health and Safety.***

***Nibda biex ngħid illi jiena, bħali nemmen li l-awtoritajiet iħossu l-istess. Jien tal-fehma li l-kunċett tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol imur lil hinn mill-prevenzjoni tal-inċidenti. Dan il-kunċett jinkludi wkoll l-għajnuna lill-ħaddiema wara li jsir xi inċident fuq il-post tax-xogħol biex kemm hu possibli tali inċidenti ma jirriżultax fi ħsara permanenti lill-vittmi jew addirittura fit-telf tal-ħajja.***

***Minn dak li għext jien u familjari oħra tiegħi, dik il-ġurnata u l-lejl ta` wara li ġara l-inċident, u minn filmati li rajt tal-inċident u tal-proċess tas-salvataġġ, jien inħoss li hemm ħafna lok ta` żvilupp fil-proċeduri u l-loġistika ta` kif għandhom isiru l-affarijiet f`dawn iċ-ċirkustanzi, mill-awtoritajiet kollha konċernati.***

***Dawn li ser insemmi hawn huma domandi li ilhom jippersegwitawni minn dakinhar tad-dizgrazzja u li mhux jien nista` nweġibhom imma l-awtoritajiet :***

***1. Jidher li s-CPD mhux mill-ewwel kienu jafu kemm kien hemm nies fuq il-post tat-traġedja. Inħoss li mhux aċċettabbli li kuntrattur jew is-site manager ma jkunx jaf kemm hemm nies fuq il-lant tax-xogħol.***

*Saħansitra, lanqas is-site officer ma kien hemm, li f`dan il-każ kien Matthew Schembri.*

*2. Dakinhar tal-inċident, uffiċjal tas-CPD stqarr magħna personalment li huma m'għandhomx esperjenza ta` operazzjoni bħal din. Qalulna li l-unika operazzjoni simili kienet it-tiġrif tad-dar ta` Miriam Pace u żied li terġa' dik kienet dar residenzjali u mhux post industrijali. Dan ifisser li s-CPD m`għandhomx taħriġ ta` operazzjoniet simili.*

*3. Is-CPD għandhom xi apparat li jamplifika s-signal minn tower antenna tas-service provider tal-mowbajl biex jinstab il-mowbajl ? Aħna lanqas ma rajna xi rappreżentant tal-kumpanija tal-mowbajl. Għax fil-każ ta` Jean Paul, il-mowbajl ma nkisirx imma tilef ir-reception għax kien iktar 'l isfel mil-livell tat-triq. Il-kap tas-CPD, is-Sur Peter Paul Coleiro, qal li kellhom żewġ containers fil-viċin mimlijin apparat li b`kollox jiswew €2.3 million apparat. Imma x'jiswa' dan l-apparat jekk lanqas imbagħad issib miegħu apparat ċkejken u effettiv bħal dan li qed ngħidu fuqu? U li skont xhieda li ingħatat f`din l-inkjesta pubblika, jeżisti appartat handheld li jfittex il- frekwenza tal-mobile in kwistjoni u a kwantu flus dan jista` jinxtara bi ftit flus.*

*4. Għaliex għandi informazzjoni li ma nistax nivverifika li ftit wara l-inċident, ħarġet ordni ta` recovery u mhux rescue? Għax milli rajna jien u familjari tiegħi, kemm dak il-ħin u kemm wara mill-filmati, ma tantx kien hemm dik l-urġenza min-naħa tal-membri tas-CPD, biex ineħħu x-xkiel ħalli jfittxu jinżlu fil-*

***basement. Ħafna hin il-personnel tas-CPD kien sempliċement jistenna. Eżempju l-grabja jidher li ċemplu biex iġibuha għal xi s-sebgħa ta` filgħaxija. Din waslet f`xi d-disgħa ta` filgħaxija. Ma ninsewx li l-kollass kien gia' ilu li sar ħdax il-siegħa. Għaliex damu daqshekk biex jiddeċiedu? Jew ma kienx hemm organizzazzjoni ? Din tidher anki kif sempliċement iżżarma scaffolding, li damu xi siegħa u nofs biex neħħewh, meta dan ħafna minnu seta` jinġibed u jiżżarma fil-ġenb, filwaqt li titkompla l-vera tfittxija, u mhux jinħela shift ta` ħaddiema għax skont il-Kap tas-CPD, Peter Paul Coleiro, għalkemm kien hemm xi 30 ruħ involuti direttament fis-salvataġġ, dawn kienu jinqasmu f`shiftijiet ta` xi tmienja min-nies kull darba. U dan ix-shift intefa` iżarma l-iscaffolding meta seta` isir minn ħaddiema oħra! Bejn biex tneħħa l-iscaffolding u bejn biex inġiebet il-grabja, intilfu tliet sigħat u nofs. Dan juri li la kienet teżisti logistika u lanqas protokolli.***

***5. F`xi ħin, membri tas-CPD, bdew jissemmaw b`microphones għal xi sinjal ta` ħajja taħt it-tifrik. Nikkalkula li gia` kien ilu xi siegħa u nofs li waqa` l-bini. Bniedem ferut taħt it-tifrik, jilħaq jiżvina jekk kellu xi feriti.***

***6. Kemm-il membru tas-CPD ipprova jidħol ifittex fit-tifrik? Niżlu biss meta Jean instab wara t-tneħħija tal-materjal mill-grabja.***

***7. F`ritratt minnhom ġie rappurtat li l-membri tas-CPD iffurmaw katina umana biex jgħaddu l-bricks lil xulxin. Mill-filmat jidher li dawn għamlu dan għal xi***

*għaxar minuti biss. Kien f`dan il-ħin li ttieħdu r-ritratti għar-rappurtaġġ f`operazzjoni ta` ħmistax-il siegħa.*

*8. Għaliex is-CPD u saħansitra l-ambulanzi minn Mater Dei kienu fuq il-post saħansitra wara ħmistax-il minuta, u l-għassa ta` Raħal Ġdid daħlet it-telefonata f`10.13 am mill-control room ? Xi tletin minuta wara l-kollass ? U l-Pulizija waslu fuq il-post xi l-10.30am, kważi erbgħin minuta wara l-kollass ?*

*9. Jiena ġejt infurmat bil-kollass minn omm Jean Paul, fil-11.11 am. Meta mort ma tħallejtx nidħol fuq il-post qabel is-7.30pm. U ħallewni biss wara li bdejt nipprotesta li l-membri tal-media tħallew jidħlu u l-familjari le. Membri tas-CPD jidħlu għal dan ix-xogħol konxji li jkunu lesti għall- konsegwenzi li jirrikjedi dan ix-xogħol. Milli rajt jien ġo Kordin, ħadd ma niżel ifittex, lanqas il-kelb ma niżżlu. Imbagħad ġejt mgħarraf li xi tliet gimgħat wara, dan il-kelb ġie rtirat. Wieħed jistaqsi jekk f`dan il-każ ġewx utilizzati klieb li kienu fl-aħjar tagħhom. Ir-raġuni li qed nistaqsi hija li s-CPD ibbażaw ħafna ċertu tiftix fuq il-ħila tal-klieb, jew addirittura ta` kelb. Infatti jidher li kelb wieħed biss ġie użat. U jekk kien hemm kelb li beża', għaliex ma gewx użati klieb oħrajn ? Milli smajna, ġiet mogħtija ħafna importanza lil dan il-kelb. Qisu għax beża` hu beża` kulħadd! Għax ma ġejniex mistoqsija għal xi ħwejjeġ ta` Jean biex jgħinu lill-kelb ifittex? U għaliex ma libbsuhx xi boots apposta lil kelb biex inaqqsulu l-biża` u jimxi aħjar ?*

***10. Jiena naf kemm il-membri tas-CPD jirriskjaw ħajjithom fil-qadi ta` dmirijiethom. Imma allura wieħed jistaqsi :***

***għaliex f`dan il-każ ħadd ma deher nieżel fiżikament fejn kien maħsub li kien hemm Jean (fejn fil-fatt instab) ?***

***għaliex terz tas-saqaf tal-basement tal-fabbrika qagħad jitneħħa meta taħtu deher ċar li ma kien hemm ħadd ?***

***Dan kien kollu telf ta` ħin f`sitwazzjoni bħal din.***

***Jiena tal-fehma li dan is-saqaf tneħħa biss biex tkun tista` timmanuvra l-grabja u jibdew dehlin ftit ftit lejn il-post fejn bdew ifittxu lil Jean Paul. Imma kif gia` għidt iktar il-fuq, inħela ħafna hin. Barra minn hekk, huwa inaċċettabbli li tfittex persuna b`dak il-metodu tal-grabja (li tiżen diversi tunellati). Mill-filmati jidher ċar li waqa' materjal bħal bricks u parti mis-saqaf lura ġol-basement, eżatt fejn kien hemm Jean Paul. Kieku kien għad hemm xi ħadd li għadu haj, kien hemm probabbilta` kbira li jintlaqat. Naf li l-kap tas-CPD, is-Sur Peter Paul Coleiro qal li lanqas gebla waħda ma waqgħet lix-xufier tal-grabja, imma jiddispjaċini ngħid li l-filmati li rajt jien jixhdu mod ieħor.***

***11. Għalkemm huwa minnu li l-core tal-fabbrika li ma waqatx kienet perikoluża u ħadd ma jista` jinnega***

*dan, huwa fatt ukoll li bil-moviment tal-grabja u theżżiż, din ma waqgħetx.*

*12. Innutajt li m`hemmx jew ma ntużatx proċedura fil-fehma tiegħi adegwata biex jiena u omm Jean Paul ġejna nfurmati bl-inċident. La jien u lanqas hi ma ġejna nfurmati minn uffiċjal pubbliku. Omm Jean Paul giet infurmata minn ħabib tiegħu u wara li saret taf hi, ċemplet lili. Kieku, f`każijiet bħal dawn, il-familjari jiġu nfurmati uffiċjalment, jista` jkun li dan jgħin kemm lill-familjari u anke fir-rescue tal-vittmi, peress li min hu nkarigat mis-salvataġġ ikun jista` jingħata informazzjoni fuq il-vittma per eżempju.*

*13. Ma jidhirx li hemm proċeduri dwar kif għandha tinġabar informazzjoni dwar min ikun hemm fuq is-sit meta tiġri xi tragedja hekk. Jidher li, kif intqal mill-Kap tas-CPD quddiem Qorti oħra, is-CPD saret taf li kien hemm Jean Paul mingħand wieħed mill-korruti. Kif jista` jkun li kuntrattur u/jew nies oħra nvoluti miegħu ma jagħtux imqar indikazzjoni li seta` kien qiegħed hemm ? Dan għandu jiġi vverifikat u jekk jinstab li ma gietx mogħtija l-informazzjoni sħiħa li kienet neċessarja, min seta` għamel hekk, għandu jinzamm responsabbli. Kuntrattur, site manager u kull min ikun responsabbli mis-sit, għandu jkun jaf, at any point in time, min ikun preżenti fis-sit. Meta tidħol f`xi post fejn is-sigurtà tal-kumpanija tkun prijorita`, jittiħidlek ismek. Allura meta tidħol f`post mimli b`tant riskju, le ? Sistemi u proċeduri bħal dawn jistgħu jgħinu ħafna.*

***14. Innutajna li ma kienx hemm loġistika dwar kif saru x-xogħlijiet ta` tindif tas-sit mill-ġebel u d-debris. Serrħulna rasna li kien hemm perit jieħu ħsieb ir-rescue works. Imma dan ma ħassejnihiex. Għamilna dawn l-osservazzjonijiet :***

***a. Ma kienx hemm ħaddiema iġorru l-ġebel. Dan il-ġarr sar ftit mill- ħaddiema tas-CPD, li tajjeb wieħed josserva li ħafna minnhom huma membri tas-sezzjoni tal-Volunteers, u ħafna minnu mis-sidien tal-pompa tal-konkos. Għal dawn ma kienx perikoluż biex jaħdmu fis-sit? Għaliex ma jiġux imqabbda iktar nies, ħaddiema fis-settur biex jgħinu lis-CPD?***

***b. Ħin minnhom jidher li ġie fuq is-sit is-Sur Charles Polidano, direttur tal-grupp Polidano Group. Kellu xi inġenji fuq il-post, fosthom il-grabja. Imma deher ċar li kien qiegħed ukoll jagħti xi istruzzjonijiet u jaħdem id f`id mas-CPD. Mhux qed nimplika b`xi mod li għamel xi ħaġa ħażina. Imma għaliex is-CPD kellhom jistennew il-kontribut ta` direttur ta` grupp involut fis-settur, u ma qabbdux lil xi ħadd tal-esperjenza mill-ewwel, malli seħħ il-kollass? Kif jiġu magħżula n-nies li jinġiebu fuq sit ta` traġedja ? Għaliex ma jinġibux esperti minn barra, speċjalment mill-Italja ? Dawn, kuntrarju għalina, żgur għandhom esperjenza f`kollassi, konsegwenza ta` terremoti u traġedji oħra. L-OHSA u awtoritajiet oħra bħas-CPD għandu jkollhom ftehim ma` pajjiżi ġirien tagħna, speċjalment la jafu li ahna m'għandniex l-esperjenza neċessarja.***

***15. Il-mod kif ġejna trattati wara li stennejna għal sittax-il siegħa l-eżitu tat-tfixxija għal Jean. Il-paramediċi offrewlna li jieħduna l-isptar Mater Dei. Dan kien għall-ħabta tat-tlieta ta` filgħodu. Wara li kellimna psikjatra u tabib, qalulna li stajna mmorru u staqsejna r-reception biex iwassluna. Qalulna li ma joffrux dan is-servizz u kellna nċemplu taxi u mmorru fuq il-post tal-inċident insuqu lura l-karozzi tagħna lura lejn id-dar.***

***Niġi għall-konklużjoni.***

**...**

***Nispera li din l-inkjesta pubblika tqanqal il-kuxjenzi u ġġib it-tibdil neċessarju fis-settur. Kultant naqta` qalbi imma fl-istess ħin għandi fiduċja kbira li dan kollu mhux qed isir għalxejn. U l-iktar ħaġa li nixtieq li tinbidel hija l-attitudni. Nispera li mil-llum il-quddiem, kull ħaddiem tal-kostruzzjoni jibda jirrealizza iktar kemm hu mportanti li jibża' għal ġildu, anki jekk l-imgħallem tiegħu ikun għadu mhux qed jieħu bis-serjetà il-bidla li kif qed ngħidu, tant hija neċessarja.***

***Nispera li l-kostruzzjoni ma tibqax industrija li biha jsir 'easy money'. Imma li tibda titħaddem minn nies li għandhom għal qalbhom is-sengħa, l-arti u fuq kollox is-serjetà fuq il-post tax-xogħol.***

**Ippreżenta dokumenti.**

**bbb) <u>Dr Albert Caruana</u>**

**Xehed illi fl-2012 huwa kien maħtur bħala Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Blata Kontinentali, li huwa Dipartiment zghir kompost minn 4 persuni li jagħmel parti mill-organizzazzjoni internazzjonali tal-geological surveys mifruxa mal-Ewropa kollha. Permezz ta` din il-platform huma jieħdu sehem f`diversi proġetti Ewropej.**

**Stqarr li fid-Dipartiment illum ma hemmx ġeologu impjegat, għalkemm kien hemm fil-passat. Meta tkun meħtieġa l-expertise ta` ġeoloġu għal proġett, huma jagħmlu outsourcing.**

**Kompla jgħid li d-Dipartiment huwa responsabbli għall-Mappa Ġeoloġika ta` Malta. Fil-passat, id-Dipartiment kellu n-nomenklatura Oil Exploration Department, u wara l-Continental Shelf Department. Fl-1993 kien ippubblika l-Mappa.**

**Dwar il-kwistjoni tal-konsultazzjoni tal-ġeoloġi, fisser li biex saret il-mappa ġeoloġika ta` Malta, l-ewwel ma sar kien il-ħruġ ta` tender li kienet ristretta għall-geological surveys ta` l-Ewropa. Kienu preżentati żewġ offerti u kienet magħżula l-British Geological Survey. Il-mappa li kienet saret fl-1993 kienet aggjornata mill-British Geological Survey. Il-mappa tan-1993 kellha skala li 1 mm għal kull 25 mt. It-tender kienet biex il-mappa tiġi updated fis-sens li 1 mm jiġi jirrappreżenta**

**10 mt. Il-konsultazzjoni fuq din il-mappa saret bejn il-31 ta` Ottubru 2022 u t-13 ta` Novembru 2022. Iċ-Chamber of Geologists kien ikkonsultat.**

**Ippreżenta dokumenti.**

**Qal illi t-tnedija tal-mappa kellha ssir fil-15 ta` Diċembru 2022. Fit-12 ta` Diċembru 2022, iċ-Chamber ħareġ fil-pubbliku jgħid li l-mappa kienet ħażina. Però mad-Dipartiment iċ-Chamber ma qalx fejn kienu l-iżbalji. Mar jikkummenta fil-media.**

**Stqarr illi l-mappa saret minn 6 ġeoloġi tal-British Geological Survey, ilkoll persuni li għandhom minn 7 sa 30 sena esperjenza fil-qasam, 4 minnhom gradwati b`PhD fil-ġeoloġija. Kien hemm ġeoloġu Malti, Dr Saviour Scerri, li għandu esperjenza ta` 35 sena fil-qasam. Imbagħad kien hemm 6 persuni oħra li kellhom il-kompitu li jagħmlu t-tpingija u l-kartografija.**

**Dwar il-konsultazzjoni huwa fisser li kien hemm link fejn il-persuna seta` jidħol fiha, ipinġi fuq il-mappa jew jindika fejn fil-fehma tiegħu huwa ħażin, imbagħad tikteb il-kumment jew tagħmel upload ta` xi dokument. Il-link ma marx biss għand il-Chamber of Geologists, imma lill-Kamra tal-Periti u lill-Università. Iċ-Chamber kien kontattat fil-31 ta` Ottubru 2022.**

**Qal illi l-mappa l-ewwel nett hija għodda disponibbli għal kulħadd, għall-pubbliku kollu. Mhijiex intiża biex tieħu post site investigation.**

**ccc) <u>Av. Dr. Ivan Mifsud</u>**
**<u>Dekan tal-Fakolta` tal-liġi - Università ta` Malta</u>**

**Xehed illi l-Fakolta` tal-liġi tal-Università ta` Malta kienet kontattata mill-Ministeru tax-Xogħolijiet Pubbliċi u Ippjanar fis-16 ta`Diċembru 2022 biex tagħmel studju dwar il-liġijiet relevanti għall-bini u kostruzzjoni bl-eskluzjoni tal-Att dwar il-BCA. L-espert tal-Fakolta` f`dak il-qasam huwa Dr. Kurt Xerri. Fil-fatt huwa kien inkarikat sabiex imexxi l-istudju wara li l-Fakolta` ffirmat collaboration agreement mal-Ministeru fit-23 ta` Mejju 2023.**

**Ippreżenta dokumenti.**

**Kompla jixhed li l-inkariku kien maqsum fi tliet fażijiet. L-ewwel tnejn huma lesti. U jinsabu fl-aħħar fazi.**

**ddd) <u>Av. Dr. Kurt Xerri</u>**
**<u>Lettur – Fakolta` tal-liġi</u>**

**Ippreżenta dokumenti.**

**L-inkariku tal-Fakolta` huwa mifrux fuq 3 fażijiet ta` 3 xhur xogħol għal kull każi.**

Id-dokument li ppreżenta huwa l-konklużjoni tal-ewwel fazi u huwa kompendju jew gabra ta` liġijiet. L-inkariku kien li jaraw il-liġijiet kollha li jorbitaw mal-BCA.

Qal li issa bdew it-tieni fazi. Prattikament problema li hemm fir-regolazzjoni tal-industrija tal-kostruzzjoni bħalissa hi li hemm ħafna liġijiet jikkonfliġġu ma` xulxin. Allura l-biċċa xogħol tagħhom kienet li jikkonċentraw fuq il-Kodiċi Civili u l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija sabiex jistabilixxu hemmx konflitt bejniethom kif ukoll ma` liġijiet oħra li jaqgħu fil-mansjoni tal-BCA li trid tenforza. Bdew jittrattaw il-kwistjoni tar-regolamenti dwar avoidance of third party damages u kif dawn jinkwadraw mal-Kodiċi Civili.

It-tieni fazi għandha tintemm fl-aħħar ta` Novembru 2023.

Kompla jgħid illi fit-tielet fazi għandha tinkorpora l-proposti b`emendi leġislattivi sabiex jiġu eliminati l-konflitti li jkun gew identifikati sa tmiem it-tieni fazi. Din it-tielet fazi għandha tkun finalizzata sal-aħħar ta` Frar 2024.

Fil-kuntest tat-tieni fazi, xehed illi huma sabu liġijiet illi prattikament u eventwalment jiġu sostitwiti għall-kollox mill-Building Code. Ligi minnhom hija l-Art 407 tal-Kap 16. Oħra hija l-Art 413 tal-Kap 16. Jekk ħa jkun aċċettat li l-ħxuna tal-ħajt diviżorju ma tkunx 38 cm skont il-Building Code allura dak ikollu riperkussjonijiet fuq il-jedd li tqabbad mal-ħajt.

**Dwar l-avoidance of damage to third parties, qal li r-regolamenti diġà qegħdin jissupplimentaw diversi dispożizzjonijiet li fil-Kodici Civili jirregolaw il-ħitan komuni. Aċċenna għall-Art 416, 419, 428, 440 u 538 tal-Kap 16. Bir-regolamenti qegħda ssir prevenzjoni tal-ħsara bl-obbligu li jkun ipprovduti dokumenti, fosthom il-*method statement*, il-*bank guarantee* u ċ-ċertifikazzjoni ta` kif tkun il-proprjetà.**

**Qal li fil-kwadru tal-inkariku tal-Fakolta`, huma li jridu jaraw mhux daqstant il-general provisions of law, imma l-partikolari provisions of law, fejn għandu japplika l-prinċipju tad-dritt : *lex specialis derogat generalis*.**

**Kompla stqarr li l-inkariku tagħhom jikkomprendi anke referenza għall-ġurisprudenza.**

**Kien mistoqsi dwar ir-rwol tal-BCA fejn jidhlu *free standing buildings* fit-3 ta` Diċembru 2022.**

**Wieġeb :-**

***… il-BCA le ma kellhiex mansjoni.***

**Stqarr li kien hemm l-Att tal-2011 dwar ir-Regolament tal-Bini li kien maħsub sabiex jippermetti li jibdew deħlin bil-mod liġijiet tal-kostruzzjoni. In segwitu l-BCA assorbiet il-funzjonijiet li ħarġu minn dak**

**l-Att. Il-liġi kienet intiża bħala an *enabling Act* u l-ħsieb kien li minnha joħorġu żewġ tipi ta` regolamenti. Fl-ewwel lok riedu li jiġu regolati l-kuntratturi kif joħroġ mill-Art 4 tal-Att. Fit-tieni lok riedu li jibdew isiru r-regolamenti tal-bini. L-enfasi kienet li tkun żgurata s-saħħa u s-sigurtà ta` persuni li jgħixu ġol-bini li madwaru jkun qed isir bini.**

**Kompla stqarr illi l-ewwel darba li ntuża l-Att tal-2011 kien meta daħlu fis-seħħ l-Avoidance of Damage to Third Party Property Regulations tal-2013 u cioè l-A.L. 72/2013, li kien emendat bl-A.L. 136/2019. Bis-saħħa ta` dak l-Avviż Legali saru obbligatorji l-*condition report*, il-*method statement*, l-*insurance cover* u l-*bank guarantee*. Fl-2019 ir-regolamenti kienu rivisti għaliex fost ħwejjeġ oħra daħal l-STO.**

**Qal li r-Regolamenti kienu relatati għal xogħol speċifiku relatat ma` third party property : skavar, demolizzjoni jew tnehhija ta` strutturi, bini fis-sens ta` *additional storeys or load bearing walls or structures over any property belonging to or occupied by third parties*, u *construction of new buildings or addition storeys adjacent to existing third party property*.**

**Kien mistoqsi :**

***L-Att XII tal-2011 kien jikkontempla … l-ħarsien ta` terzi minn free standing property ?***

**Wieġeb :**

***B` mod ġeneriku … nkun żbaljat jekk ngħid li iva ; ħa ngħidlek għaliex. Għaliex l-Att fih innifsu ma kienx qed jirreferi għal ebda tip ta` regolament speċifiku. Ovvjament kien qed jirreferi għar-regolazzjoni tal-industrija …***

**Kompla jkun mistoqsi :**

***… ir-riserva li għandek hija li dawk ir-regolamenti partikolari li ġew ċitati diversi drabi hawn ġew … kienu jgħoddu biss għal proprjetà, xogħlijiet, skavar, bini, whatever fejn kien hemm third party property adjaċenti, hux hekk ?***

**Wieġeb :**

***Iva.***

**Kien domandat :**

***… mid-diversi regolamenti li ħarġu taħt dak l-Att kien hemm xi mkien kontemplat skont inti l-free standing property?***

**Wieġeb :**

***… iva, però ħa ngħid kif.***

**Wieġeb hekk minħabba l-Environmental Management Construction Site Regulations li dahlu fis-seħħ fl-2007 bis-saħħa tal-Att dwar l-Awtorità tal-Ippjanar – Kap 552. Sa Diċembru 2022, il-PA kienet responsabbli għall-infurzar.**

**Qal li skont pag 6 tar-rapport bl-isem *A Modern Building and Construction Regulation Framework for Malta* li kienet harget il-Kamra tal-Periti, jidher illi kien hemm ordni ministerjali fejn l-infurzar għadda għand il-BRO. Il-Kamra kienet xettika u x-xhud jikkondividi din il-fehma.**

**Kompla fisser li sat-3 ta` Diċembru 2022 kienu fis-seħħ żewġ settijiet ta` regolamenti dwar il-kostruzzjoni : l-Avoidance of Damage to Third Parties Regulations, u l-Environmental Management Construction Site Regulations. Għalkemm iż-żewġ korpi ta` regolamenti kienu jgħoddu għal *free standing property* ma kinux jidħlu f`materji ta` struttura ta` dak il-bini.**

**Qal li l-Environmental Management Construction Site Regulations huma ntizi biex jipprevjenu u jillimitaw kemm jista` jkun il-ħsara li ssir lill-ambjent u lill-propjetajiet tal-viċin bħal *dust extraction and recovery systems, transportation and deposit of loose building material, obstruction to pedestrian and vehicular traffic, site cleanliness, road and  control, operating hours,***

***moratorium of construction works in tourist areas, dust emissions, sanding and fair facing of stone, noise abatement*. Il-Building and Construction Tribunal jittratta ksur ta` dawn ir-regolamenti. B`effett mis-16 ta` Diċembru 2022, l-infurzar għadda għand il-BCA. Qabel dakinhar l-infurzar formalment kien jispetta lill-PA. Però jekk titkellem ma` l-uffiċjali ta` l-PA jgħidulek li huma jqisu dik bħala materja tal-BRO, għalkemm legalment ma kien hemm xejn li kien jawtorizza lill-BRO sabiex taġixxi u tinforza dawn ir-regoli.**

**Reġa` kien mistoqsi b`insistenza :**

***… fit-3 ta` Diċembru 2022 dwar dawk ir-regolamenti partikolari li semmejt min kien responsabbli għall-operat tagħhom ?***

**Wieġeb :**

***Mela ma kien hemm ħadd li kien formalment responsabbli, fis- sens illi f` dak iż-żmien partikolari l-BRO li dakinhar kien uffiċċju tal-Gvern ma kienx assorbit mill-BCA***

**Kompla jkun mistoqsi :**

***Taf x'inti tgħid hu ?***

**Wieġeb :**

***Iva naf x`jiena ngħid.***

***… kellek liġi li fil-verità ma kinitx qed tiġi infurzata.***

**Qal li qed jirreferi għall-Environmental Management Construction Site Regulations. L-idea kienet li xi darba tidħol flimkien mal-Avoidance of Damage to Third Parties taħt il-Building Regulation Act. Però għal xi raġuni, probabilment żvista pjuttost gravi, formalment taħt il-Kap 552 (Development Planning Act) u allura li kieku l-BRO mar jinforza kien ikun insuċċess, għaliex il-BRO formalment ma kellhom l-ebda mod kif jinfurzaw ir-regolamenti għaliex is-setgħa kienet tispetta lill-PA u minħabba l-ordni ministerjali waqaf kollox.**

**Stqarr li l-Ministru li għadda l-liġi fl-2011 kien ippreveda li din tidħol taħt il-qafas regolatorju tal-Building Regulation Act, però qatt ma daħlet.**

**Saħaq li kieku fit-3 ta` Diċembru 2022 il-BCA kienet se tmur tipprova tinforza din il-liġi kienet tiġi challenged għax kienet liġi li tgħajjat lill-PA u bi żvista din il-liġi qatt ma ħarġet mingħand il-PA u marret għand il-BCA li kellha tkun l-awtorità kompetenti.**

**Stqarr li din kienet *lacuna* leġislattiva sinjifikanti. Kellek liġi li ma kenitx qed tiġi nfurzata. Wara Diċembru**

**2022, saru l-formalitajiet li kien hemm bżonn biex issa fl-aħħar għandek il-BCA li b`liġi għandha s-saħħa li tenforza.**

**Ippreċiża li b`effett mill-15 ta` Diċembru 2022, il-BCA hija responsabbli.**

**Kien mistoqsi :**

***… għall-kontroll, infurzar, tgħidlu li trid ta` free standing property ?***

**Wieġeb :**

***Iva. Però mhux f` dak li għandu x' jaqsam struttura.***

**Qal hekk għaliex bil-BCA Act l-Awtorità qegħda tassorbi l-funzjonijiet ta` entitajiet li kien hemm qabel. L-entitajiet li kien hemm qabel kellhom sempliċiment il-funzjoni li jipproponu u jirregolaw u jdaħħlu u jintroduċu regoli relatati mal-kostruzzjoni. L-Avoidance of Damage to Third Parties u Environmental Management Construction Site Regulations għandhom areas of operation kompletament differenti.**

**Fisser li l-Avoidance of Damage to Third Parties Regulations jittrattaw biss attività ta` kostruzzjoni li**

**tkun qed issir maġenb proprjetajiet mibnija. Ir-Regolamenti l-oħra citati aktar kmieni m`għandhomx kwalifika u allura japplikaw għal kwalunkwe bini nkluż free standing property però fil-każ tal-Construction Site Management Regulations anke li kieku ipotetikament il-BCA kellha tmur tenforza ma kellhiex il-jedd li titlob *method statement* jew xi tip ta` garanzija jew *condition report*, għaliex dawk ir-Regulations jissalvagwardjaw l-ambjent ta` madwar is-sit tal-kostruzzjoni.**

**Baqa` jinsisti li f`materja ta` infurzar fil-kwadru operattiv li fisser aktar kmieni, b`effett mill-15 ta` Diċembru 2022, sar iċ-ċaqlieq dovut mill-Kap 552 għall-Kap 623 u allura sar kompetenza tal-BCA.  Però l-istruttura baqgħet eskluża.**

**Għal domandi li saru mill-ġenituri ta` Jean Paul Sofia, Dr Xerri kkonferma li fit-3 ta` Diċembru 2022, il-BCA ma kenitx responsabbli għal ebda xorta ta` infurzar fil-każ ta` free standing sites.  Fl-istess data kienet fis-seħħ il-Building and Construction Authority Act – Kap 623 – MHUX IL-Building Regulation Ordinance.  Fil-Kap 623, ma hemm xejn li jillimita l-għanijiet tagħha għal third party properties.**

**Kien mistoqsi :**

***Kif stajtu taraw jekk hemmx konflitti jew anomaliji bejn il-BCA Act u s-Civil Code jekk ma dħaltux fil-BCA Act ?***

**Wieġeb :**

***Mela aħna ma dħalniex fl-ispeċifiku ta` kif għandu jiġi interpretat jew applikat jew implimentat il-BCA Act. Aħna li għamilna kien li rajna l-ambitu li jirregola l-BCA Act fosthom l-avoidance of damage to third party properties, li hija l-att prinċipali, cioè l-att fis-sens ta` strument legali prinċipali, u rajna dan fl-orbita tiegħu x`hemm liġijiet ċivili, fosthom ukoll il-liġijiet tal-kodiċi tal-pulizija li jistgħu jikkontradixxu dawn il-liġijiet.***

**Qal li l-kompetenza għaddiet lill-BCA fis-16 ta` Diċembru 2022 bis-saħħa tal-A.L. 623.08. Għaż-żmien ta` qabel dik id-data, għar-rigward ta` struttura, ma kien hemm xejn li abbażi tiegħu l-BCA setgħet taġixxi sakemm din l-istruttura ma kellhiex ġirien magħha. Fis-16 ta` Diċembru 2022, il-BCA ngħatat ir-remit għall-Construction Management Site Regulations però dawk ir-regolamenti ma kinux jirrigwardaw struttura.**

**Kien mistoqsi :**

***… minn fejn toħroġ illi qabel dakinhar il-BCA ma kellhiex remit fejn jidħlu free standing buildings ?***

**Wieġeb :**

***Bħala struttura l-BCA dejjem kellha remit, però limitat biss għal fejn għandek third parties.***

**Kompla jgħid li r-regolamenti li ħarġu sal-lum skont il-BCA mhux ikopru speċifikament l-istruttura ta` free standing property. Ikkonferma li kien hemm *lacuna* fil-mod kif kienet tiġi nfurzata l-Construction Site Management Regulations. B`effett mis-16 ta` Diċembru 2022, dawn ir-regolamenti tneħħew mill-kompetenza tal-PA li hija regolata bil-Kap 552 u għaddew għal dik tal-BCA li hija regolata bil-Kap 623.**

**Dr Xerri saħaq :**

***… l-BCA bħal predeċessur tagħha l-Building Regulation Act, din hija an enabling Act. Jiġifieri inti tagħmel dikjarazzjoni ta` prinċipji ta` inti dan l-att x`ser ikun ikopri u l-awtoritajiet u l-entitajiet imwaqqfin, jiġifieri li ħa jinfurzaw dawn il-liġijiet x`se jkunu jkopru. Il-problema hi illi jekk ma jidħlux leġiżlazzjonijiet sussidjarji li jagħtu bażi biex l-Awtorità taġixxi, l-Awtorita m`għandha jedd tagħmel xejn.***

**Kompla jinsisti li għad ma hemmx regolamenti dwar l-istruttura ta` free standing buildings u kwindi l-BCA m`għandhiex x`tenforza fir-rigward tal-istruttura ta` dan it-tip ta` bini.**

**eee) <u>Perit Ray De Micoli</u>**

**Xehed illi huwa ggradwa bħala perit u inġinier civili fl-1975. Ħadem b`mod estensiv Malta u barra fil-professjoni tiegħu.**

**Kien mistoqsi xi tfisser għalih is-sengħa u l-arti.**

**Xehed illi llum perit irid jieħu ħsieb kemm it-teknika kif ukoll irid ikollu sens ta` disinn u sens ta` kif xieraq l-affarijiet. Min-naħa tiegħu l-kuntrattur huwa responsabbli għax-xogħol li jeżegwixxi.**

**Kompla jixhed illi f`sit ta` kostruzzjoni hemm aktar minn stadju wieħed. L-aktar stadju kritiku huwa t-tħaffir. Speċjalment meta tkun qed tħaffer f`siti b`bini mal-ġenb, trid toqgħod attent ħafna għan-natura tal-blat u trid tagħmel investigations.**

**Stqarr illi l-*method statement* huwa mportanti. Però apparti dak huwa vitali li tara x`hemm fuq is-site b`għajnejk jekk jista` jkun u jekk hemm bżonn tagħmel iżjed riċerka u iżjed studju. Tordna li jsiru l-istudji li hemm bżonn biex tiżgura ruħek li meta tħaffer mhux ħa jkun hemm problemi għall-ġirien. L-istudju jinvolvi professjonisti oħra bħal ġeoloġi li jagħtuk għarfien aħjar dwar in-natura tal-blat.**

**Dwar regolamentazzjoni u nfurzar, Perit De Micoli xehed illi kieku wieħed iġib ruħu b`mod ċivili, kieku hemm inqas bżonn ta` infurzar, kieku wieħed iżjed joqgħod attent, kieku n-nies huma iżjed tekniċi, ikun**

**hemm ħafna iżjed bżonn, inqas bżonn ta` infurzar. Illum fis-settur hemm ħafna nies illi mhumiex tekniċi biżżejjed biex jaqdu r-rwol li jkunu qed jagħmu.**

**Ix-xhud kien mistoqsi hekk :**

***... fit-3 ta` Diċembru tas-sena l-oħra ġrat diżgrazzja f`dan il-pajjiż li xxokkjat. X'kienet ir-reazzjoni tiegħek ? Issa hawn staqsewk fuq l-opinjoni tiegħek. Issa jien reazzjoni. X`kienet ir-reazzjoni tiegħek bħala perit anzjan, anzjan mhux xiħ jiġifieri, anzjan esperjenzat senior architect rikonoxxjut Malta kollha, x`kienet ir-reazzjoni tiegħek meta inti tara dak il-film with that building falling off as if it was a domino ? X`kienet ir-reazzjoni tiegħek professjonali u umana ?***

**Wieġeb :**

***Ħadna xokk. Dik ir-reazzjoni.***

***I mean impressjonatni.***

***Wieħed irid joqgħod attent illi dawn imma ma jerġgħux jiġru kemm jista` jkun.***

**Kien mistoqsi :**

***Inti bħala perit ta` esperjenza tħossok skomdu illi tkun responsabbli bħala perit responsabbli ta` free standing property ?***

**Wieġeb :** ***Le. Lanqas xejn.***

## VI. IT-TERMINI TA` REFERENZA : RISULTANZI

## 1. OSSERVAZZJONIJIET PRELIMINARI

**Ta` tħassib gravi fl-inċident mertu ta` din l-inkjesta ma kienx biss il-fatt traġiku u ta` qsim il-qalb li ħaddiem żagħżugħ Jean Paul Sofia jmut fl-eta` ta` 20 sena, waqt li kien qed jagħmel xogħol fuq struzzjonijiet tal-prinċipal tiegħu, iżda wkoll id-dinamika sħiħa ta` inċident, fejn indarbu wkoll numru ta` ħaddiema oħra, ikkaġjunata mill-waqa` ta` bini li, fuq il-karta, kien intiz biex ikun fabbrika tal-għamara, u li ċeda f`daqqa, daqs li kieku l-binja kienet *domino.***

**Ix-xena tal-kollass kienet trasmessa *in tempo reale* fuq il-media socjali. Saret taf biha d-dinja kollha. L-awtenticita` tal-filmat (li tinsab imnaqqxa fil-memorja tal-bosta) qatt ma kienet kontestata minimament minn ħadd. Dik ix-xena għandha tibqa` stampata fil-memorja kollettiva ta` dan il-pajjiż. Tibqa` xena ta` għajb u mistħija ; daqqa ta` ħarta għall-governanza tajba. Għandha sservi sabiex kulħadd jitgħallem japprezza x`għandhom ifissru l-ħajja, il-kuxjenza retta, u dak li għandu jsir tajjeb u sewwa.**

**Għal min jaħseb li din it-traġedija għandha tkun ridotta għal ġrajja eċċezzjonali jew episodju, qiegħed jizbalja bil-kbir. Forsi għal min jaħseb b`dan il-mod, aħjar idur waħda sewwa madwaru. Jekk tassew nemmnu li dan huwa Stat imsawwar fis-saltna tad-dritt, allura kull investigazzjoni ta` din il-ġrajja kerha għal dan il-pajjiż għandha tkun akkurata, attenta, mirquma u ħielsa minn ekwivoċi. Fil-każ tal-lum hekk sar.**

**Fi stat demokratiku bħal ma għandu jkun pajjiżna m`għandhiex tkun permessa (jew addirittura tollerata *de facto*) l-impunita` fuq il-pretest li kollox jgħaddi.**

**Il-Bord sejjer iwieġeb għal kull wieħed mit-termini ta` referenza b`ġustizzja, fis-sewwa u kif għandu jkun. Fil-kwadru ta` dawn it-termini ta` referenza, il-Bord sejjer jafferma l-prinċipju tal-governanza tajba u jagħmel il-biċċa tiegħu sabiex ma tibqax tippersisti fil-pajjiż ix-xejra tristement attwali tax-*xejn mhu xejn,* ta` *li jgħaddi kollox*, ta` *x`jimpurtani għax ma jolqotx lili* u attitudnijiet żbaljati oħra ta` din ix-xorta.**

**L-inosservanza tal-liġijiet iġġib magħha sanzjonijiet. L-amministrazzjoni pubblika tista` tkun soġġetta għal sanzjonijiet statutorji. Fejn jirriżulta nuqqas ta` mġieba tajba dan jista` jwassal sabiex l-amministrazzjoni pubblika (u min imexxiha) jkollha tassumi responsabbilita` fejn in-nuqqas iwassal lill-persuna aggravata għal jedd ta` azzjoni.**

**Il-Bord sema` provi rilevanti għall-aċċertament tat-termini ta` referenza. Qies ukoll aspetti tad-dritt amministrattiv pubbliku sabiex jaċċerta ruħu jekk dan kienx sewwa osservat mill-entitajiet fl-Eżekuttiv.**

**Il-Bord jgħid li din l-inkjesta kienet okkażjoni oħra**

**sabiex dan il-pajjiż ifittex ir-ruħ tiegħu, isewwi l-ħwejjeġ żbaljati jew mgħawwġin, iwarrab il-ħażin, u jagħmel l-affarijiet tabilħaqq sewwa fl-aħjar interess tal-persuni kollha li għamlu minn dan pajjiżhom.**

**Sabiex il-kliem ikun ċar kif ukoll sabiex ikun hemm serħan tal-moħħ, il-Bord mhux ser joqgħod lura milli jgħid fejn tinsab il-problema. Lanqas mhu ser joqgħod lura milli jgħid liema entità tal-Istat naqset jew warrbet fil-ġenb l-obbligi tagħha. Daqstant ieħor mhux sejjer jonqos milli jagħti rakkomandazzjonijiet. Dan kollu qiegħed jingħad għaliex illum li qegħda tingħalaq din l-inkjesta ser ikun imiss li l-Istat jagħmel dmiru u jerfa` - kulħadd tiegħu - responsabilità tal-atti jew omissjonijiet tiegħu.**

**Il-Bord jirringrazzja lill-avukati tal-ġenituri ta` Jean Paul Sofia u l-Avukat tal-iStat għal ko-operazzjoni u lealtà li bihom ipparteċipaw f`din l-inkjesta. Jirringrazzja wkoll lil dawk il-persuni illi volontarjament ħassew id-dover li joffru jew li taw id-depożizzjoni tagħhom.**

## 2. L-Ewwel (1) Terminu ta` Referenza

***Jiġi mistħarreġ jekk l-allokazzjoni minn entitajiet tal-Gvern lil AllPlus Limited (C 93876) li tagħha Matthew Schembri u Kurt Buhagiar huma diretturi, tas-sit li fuqu kien qiegħed isir ix-xogħol ta` kostruzzjoni inkwistioni, saritx skont il-liġi, b`mod regolari u skont il-proċeduri viġenti, jew xort'oħra.***

### a) Sottomissjonijiet

### i) Il-ġenituri ta` Jean Paul Sofia ("il-ġenituri")

**Il-ġenituri għamlu l-istess sottomissjonijiet kemm għar-rigward tal-ewwel (1) kif ukoll fir-rigward tat-tieni (2) termini ta` referenza. Irrimarkaw li l-konsiderazzjonijiet tagħhom kellhom iwasslu għall-istess konklużjonijiet fil-każ taż-żewġ termini ta` referenza. Għalhekk meta l-Bord aktar tard sejjer iqis it-tieni (2) terminu ta` referenza, sejjer jirreferi għas-sottomissjonijiet li għamlu l-ġenituri fil-każ tal-ewwel (1) terminu ta` referenza.**

**<u>Fil-qosor</u>, il-ġenituri jirreferu għall-<u>Art 31(C) tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta` Malta</u> li jistipula x`għandhom ikunu l-kondizzjonijiet meta jiġi biex isir trasferiment ta` art tal-Gvern b`titolu ta` enfitewsi temporanja. Isostnu li fil-każ ta` Allplus Limited ma kienx sodisfatt dak li tgħid id-disposizzjoni.**

**Skont il-ġenituri, qabel kienet approvata l-koncessjoni, Malta Enterprise m`għamlet ebda proċess ta` *due diligence* :-**

**Ma ħadet ebda viżjoni tal-pjanti tal-binja proposta u cioe jekk fit-300 mk art kienx ser ikun hemm binja ta` sular wieħed jew ta` ħames sulari.**

**Il-business plan preżentata mal-applikazzjoni għall-konċessjoni ma kenitx *endorsed* minn professjonist u ċioè *accountant* jew awditur kif kellu jkun mistenni.**

**Ma kienx hemm verifiki jekk persuna li nstabet f`workshop ta` applikant/i f`Tal-Ħandaq kienx tassew impjegat jew le.**

**Lanqas jekk il-post indikat kienx tassew mikri lill-applikant/i.**

**Ħadd ma ħa viżjoni ta` audited accounts tan-negozju li suppost kien ġestit minn Tal-Ħandaq.**

**Ma kienx aċċertat jekk il-kundizzjonijiet tal-letter of intent kienux gew impost minn INDIS fil-kuntratt ta` cens.**

**Hadd ma aċċerta jekk qabel bdiet topera l-fabbrika kienx hemm osservanza tal-kondizzjonijiet tal-kuntratt.**

**Ma saret ebda talba għall-preżentata ta` audited accounts tal-applikanti jew tan-negozju tagħhom jew tal-kumpaniji tagħhom.**

**Kawżi pendenti kontra l-applikant/i quddiem il-qrati kriminali ma ġewx ikkunsidrati fil-proċess ta` due diligence.**

**Ħadd b`għarfien tekniku ma qies il-fattibilta` tal-investiment vis-à-vis il-binja li kienet proposta.**

**Għaddew biss tlett ijiem bejn il-bidla tal-business plan u l-ħruġ tal-letter of intent.**

**Il-ġenituri jikkontestaw kemm l-iskrutinju li għamel l-Investment Committee ta` Malta Enterprise li kkonkluda li l-proġett propost mill-applikant/i kien konformi mal-provvedimenti tal-<u>Art L-Art 31(C)(i)(b) tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta` Malta.</u> Baqa` bla risposta ta` xejn il-kwesit ta` kif l-applikant/i kienu sejrin**

**jimpjegaw disa` (9) persuni għal bini ta` ħames (5) sulari b`footprint ta` tlett mitt metru kwadru (300 mk) total ta` elf u ħames mitt metru kwadri (1500 mk) jew kinux ser jimpjegaw disa` (9) persuni għal sular wieħed, fuq spazju ta` tliet mitt metru kwadru (300 mk).**

**ii) <u>L-Avukat tal-Istat</u>**

**<u>Fil-qosor</u>, jgħid li l-entità li għamlet l-allokazzjoni tal-art industrijali ta` 322 mk ġo Kordin lil Allplus Limited kienet INDIS Malta Limited (gia`Malta Industrial Parks Limited) li hija responsabbli mill-amministrazzjoni tal-artijiet industrijali tal-Gvern. L-allokazzjoni saret bis-saħħa ta` kuntratt ta` ċens temporanju tal-4 ta` Frar 2019 fl-atti tan-Nutar Anton Borg. Kienet esebita kopja tal-kuntratt, li miegħu kienet annessa *letter of intent* ta` Malta Enterprise. Dan id-dokument jagħmel parti integrali tal-kuntratt.**

**Jgħid li qabel INDIS tagħmel l-allokazzjoni tkun assistita minn Malta Enterprise li hija korporazzjoni tal-Gvern li kienet kostitwita bil-Kap 463 tal-Liġijiet ta` Malta. Malta Enterprise tinkoraġġixxi t-twaqqif ta` impriżi ġodda ta` negozju u l-espansjoni ta` impriżi eżistenti ta` negozju f`Malta. L-art in kwistjoni bdiet tiġi amministrata mill-Korporazzjoni tal-Iżvilupp fl-1993 wara li b`liġi l-amministrazzjoni għaddiet għandha mingħand il-Kummissarju tal-Artijiet. Aktar riċenti fiż-żmien, l-amministrazzjoni tal-istess art għaddiet mill-Korporazzjoni (li ma baqgħetx teżisti bħala tali) għal għand Malta Industrial Parks Limited li mbagħad ħadet l-isem INDIS.**

**Jirreferi għax-xiehda tan-Nutar Jean Pierre Attard, Kap Eżekuttiv ta` INDIS, u għax-xiehda ta` Kurt Farrugia, Kap Eżekuttiv ta` Malta Enterprise, sabiex**

**ifisser kif inhi l-proċedura segwita sabiex art industrijali tal-Gvern tiġi allokata. Skont l-Avukat tal-Istat hija Malta Enterprise li trid tara jekk proġett propost huwiex fattibbli billi tqis l-aspetti tekniċi, finanzjarji u ta` negozju li jagħmlu l-proposta. Jekk tkun aċċertata l-fattibilita`, hija INDIS li tkun trid talloka l-art biex fuqha jitwettaq il-proġett. Għalkemm ir-rwoli huma ben distinti, iż-żewġ entitajiet tal-Gvern jikkoperaw bejniethom.**

**Għamel referenza għall-minuti tal-laqgħa tal-Investment Committee ta` Malta Enterprise tas-27 ta` Mejju 2019 fejn il-kondizzjonijiet għall-allokazzjoni tal-art in kwistjoni lill-applikanti kienu dawn : a) li ssir kumpanija ; b) li s-sit jintuża biss għall-manifattura ta` għamara ; c) li timpjega minimu ta` 9 persuni sa żmien 3 snin minn meta tibda topera sakemm jagħlaq iċ-ċens ; d) li l-impjegati jkunu reġistrati ma` Jobsplus u li jsir investiment minimu ta` circa €262,500 fil-kostruzzjoni u l-makkinarju fi żmien 3 snin mill-allokazzjoni u e) li jkollha l-permessi u l-awtorizzazzjonijiet neċessarji.**

**Jgħid li Kurt Buhagiar u Matthew Schembri kienu diġà jaħdmu fl-industrija tal-għamara. Kellhom referenzi mill-banek u business plan, oltre li kellhom diġà negozju tal-istess ġeneru ġo sit Tal-Ħandaq. Kien għalhekk li l-Investment Committee kien favur l-allokazzjoni tal-art.**

**L-Avukat tal-Istat deherlu li kellu jagħmel sottomissjonijiet dwar il-fatt li t-titolu kien dak ta` ċens temporanju. Saħansitra semma l-vantaġġ ta` titolu ta` din ix-xorta in partikolari c-cans aħjar li jkollu censwalist li jikseb *credit* propju għaliex it-titolu tiegħu ikun naxxenti minn dritt reali (mhux personali). Inoltre l-investiment minimu ta` €262,500 ma kienx għal akkwist ta` art iżda kien investment f`art li f`għeluq iċ-ċens kellha tmur lura għand INDIS u kwindi kien**

**benefikat. Anke għalhekk kien approvat. Issottometta wkoll li skont il-kuntratt, apparti l-benefikati, INDIS kienet sejra titħallas ċens komplessiv ta` €162,154.22 sal-iskadenza tal-kuntratt fl-2054.**

**Hija l-fehma tal-Avukat tal-Istat li ma rriżultat ippruvata ebda rregolarita` fil-mod kif saret din l-allokazzjoni billi kemm INDIS kif ukoll Malta Enterprise mxew mal-istess proċedura stabbilità minnhom tul is-snin.**

**Daqstant safejn jirrigwarda dawk iż-żewġ entitajiet.**

**Sabiex jagħlaq iċ-ċirku, l-Avukat tal-Istat ikkummenta wkoll b`mod ġenerali dwar ir-rwol tal-Awtorità tal-Artijiet. Saħaq li bil-fatt li l-art in kwistjoni, bħall-bqija tal-art tal-Gvern fil-qasam industrijali ta` Kordin, ma kenitx amministrata mill-Awtorità tal-Artijiet ma kellhiex titqies bħala anomalija għax it-trasferiment fl-amministrazzjoni sar snin twal qabel il-każ odjern b`saħħa ta` liġi. Għalhekk anke fil-każ ta` l-Awtorità tal-Artijiet ma kienx hemm irregolarita`.**

**b) <u>Osservazzjonijiet</u>**

**L-ewwel (1) terminu ta` referenza huwa ċirkoskritt għal stħarriġ dwar l-imġieba ta` dawk l-entitajiet tal-Gvern li kienu jew li setgħu kienu direttament involuti fl-allokazzjoni tas-sit lil All Plus Limited. Huwa bil-wisq evidenti mill-provi akkwisiti li ż-żewġ entitajiet li kienu attwalment u direttament involuti fl-allokazzjoni *de qua* kienu *in primis* Malta Enterprise, imbagħad INDIS. Il-Bord jgħid li għandhom ikunu dawn iż-żewġ entitajiet u n-nies tagħhom, u huma biss, li għandhom iwieġbu għall-ewwel (1) terminu ta` referenza.**

Qabel jgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tiegħu dwar kif l-ewwel (1) terminu ta` referenza jolqot lil dawn iż-żewġ entitajiet u n-nies tagħhom, il-Bord sejjer jgħid għaliex l-Awtorità tal-Artijiet m`għandha twieġeb għal xejn safejn jirrigwarda l-ewwel (1) terminu ta` referenza u bħala konsegwenza lanqas ghat-tieni (2) terminu ta` referenza.

Fil-kors ta` din l-inkjesta xehdu (u ppreżentaw dokumenti) Av. John Vassallo Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet u Robert Vella Kap Eżekuttiv tal-Awtorità. Il-Bord jistqarr prontament li dak li xehdu jirriżulta dokumentat.

Irriżulta mid-depożizzjoni tat-tnejn (mingħajr kontradizzjoni bejniethom) illi għalkemm l-Awtorità (gia' l-Kummissarju tal-Art) hija l-amministratur tal-art tal-Gvern (li huwa s-sid) hemm istanzi fejn ***ope legis*** l-amministrazzjoni, drittijiet u responsabbiltajiet ta` xi artijiet tal-Gvern għaddew għand entità pubblika oħra. U din ta` Kordin kienet propju waħda minn dawn l-artijiet.

Fuq l-iskorta ta` dokumenti li kienu esebiti, u li tagħhom il-Bord ha vizjoni, seta` jkun aċċertat li l-qasam industrijali ta` Kordin inkluż is-sit fejn miet Jean Paul Sofia għadda għand il-Korporazzjoni tal-Iżvilupp bis-saħħa ta`Avviż Legali 67 tal-1993. Ma rrizulta minn imkien li dik l-art rega' marret lura għand il-Kummissarju tal-Art jew għand l-Awtorità bħala suċċessur tiegħu. L-effett tal-Avviż Legali 67 tal-1993 kien li d-drittijiet u r-responsabilitajiet li kellu l-Kummissarju tal-Artijiet għaddew għand il-

**Korporazzjoni tal-Iżvilupp segwita mbagħad mis-suċċessuri tagħha, fil-każ tal-lum minn INDIS.**

**Peress li dak ma kienx l-uniku trasferiment ta` l-amministrazzjoni ta` art tal-Gvern (u responsabilitajiet relatati) mill-Kummissarju tal-Art b`liġi lil entità pubblika oħra, qamet il-kwistjoni jekk il-Kummissarju tal-Art (u llum l-Awtorità tal-Artijiet) tibqax iżżomm *track* jew xi forma ta` kontroll fir-rigward ta` dik l-art. It-tweġiba tac-Chairman tal-Awtorità kienet ċara u skjetta fin-negattiv għaliex skont hu mhuwiex possibbli minħabba ragunijiet ta` firxa wiesa` ta` xogħol li trid tagħmel l-Awtorità u karenza ta` risorsi umani. Inoltre l-art toħroġ għal kollox barra mir-remit tal-Awtorità.**

**`Il quddiem fl-ambitu tas-seba` (7) terminu ta` referenza l-Bord sejjer jgħaddi l-ħsibijiet tiegħu u jirrakkomanda rwol ta` kontroll mill-Awtorità tal-Artijiet sabiex forsi anke minn dan l-aspett jiġu skansati tragedji bħal dik mertu ta` din l-inkjesta.**

**c) <u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**Il-konsiderazzjonijiet li ser jagħmel il-Bord f`dan l-istadju għall-fini tal-ewwel (1) terminu ta` referenza jgħoddu wkoll *mutatis mutandis* kull fejn it-termini ta` referenza l-oħra jipprospettaw indaġni dwar il-kondotta tal-Istat, tramite l-enitajiet tiegħu, in partikolari, imma mhux biss, is-sitt (6) terminu ta` referenza.**

**Tajjeb jingħad li l-entitajiet b`funzjoni pubblika, direttament jew indirettament, jagħmlu parti mill-Eżekuttiv, għaliex huma fdati mhux biss b`amministrazzjoni pubblika fil-parametri tas-setgħat u dmirijiet assenjati lilhom inkluż b`liġi, iżda wkoll għaliex huma fdati bit-tutela tal-ġid komuni. U l-art tal-**

**Gvern hija tabilħaqq l-iprem eżempju ta` ġid komuni. Propju għaliex għandhom funzjoni ta` tutela, dawk l-entitajiet u l-persuni li jmexxuhom għandhom iwieġbu għall-agir li jwettqu jew li jonqsu milli jwettqu.**

**Kull funzjonarju u/jew dirigent ta` entità pubblika jeħtieġ li jifhem li mhux kollox għandu jew jista` jgħaddi sabiex ikun akkomodat persuna, tkun min tkun dik il-persuna. Żbaljat huwa dak il-funzjonarju u/jew diriġent pubbliku li jaħseb li għaliex qed jamministra ġid komuni jista` jinħeba wara l-anonimat jew qalb il-karti biex jiskansa l-konsegwenzi tan-nuqqasijiet tiegħu. F`pajjiż normali mġieba spreġudikata, negliġenti u/jew sregolata twassal għal konsegwenzi legali ċivili u xi minn daqqiet penali. Xi ħadd x`imkien jeħtieġ jifhem li l-imgħawweġ ma jistax jibqa` mgħawweġ iżda jeħtieġ li jinġieb għad-dritt. Ma jistax ikun li jgħaddi kollox fuq il-pretiża żbaljata li ż-żmien inessi. Meta min huwa obbligat ma jibqax tarka għall-ġid komuni, ir-riskju jkun li l-illegalità tkun aċċettata, u s-saltna tad-dritt tkun gravement preġudikata.**

**Ebda waħda mill-entitajiet tal-Istat li ssemmew fil-kors ta` din l-inkjesta la tista` u wisq anqas m`għandha tippretendi li hija legalment eżenti minn skrutinju pubbliku. Kull entità li ssemmiet trid tkun trendi kont ġust tal-atti jew omissjonijiet tagħha. Kontabilità tippreżupponi trasparenza fl-operat sabiex il-pubbliku jkun f`qagħda li jiġġudika dwar il-korrettezza ta` dak l-operat. Tesiġi wkoll li l-entitajiet tal-Istat ikunu fermi, ċari u ħielsa minn ekwivoċi meta jittrattaw il-persuna, il-ġid komuni u l-interess tal-kollettività.**

**Tajjeb jingħad b`mod ġenerali li fil-pajjiż inħolqu entitajiet u istituzzjonijet, uħud minnhom regolatorji, illi xogħolhom huwa li jassiguraw ir-regolarità fil-proċeduri kollha li għandhom iwasslu għat-twettieq ta` proġett,**

fosthom il-vijabilità u s-sostenibilita` tiegħu, il-finanzjament meħtieġ u d-*due diligence* tal-investituri. M`għandhiex titqies daqslikieku bħala rari l-konsiderazzjoni li xi nies fin-negozju ta` spiss iqisu r-regolamenti u l-liġijiet bħala xkiel żejjed biex jaslu fejn iridu, imma meta dan isib konfort fl-amministrazzjoni pubblika, allura għandha l-problemi, u problemi gravi.

Il-kultura li kollox jgħaddi għandha tkun rifjutata bis-serjetà u m`għandha qatt tkun permessa f`soċjetà demokratika fondata fuq is-saltna tad-dritt anke għaliex tagħmel ħsara lill-pajjiż. Kultura ta` din ix-xorta titwarrab meta l-Istat jirrikonoxxi illi f`soċjetà demokratika, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom ikunu esposti għall-iskrutinju kontinwu tal-pubbliku. Għalhekk inkjesti li jkunu skrupolużi, immexxija sewwa, rispettużi tat-termini ta` referenza, u kondotti b`mod trasparenti fil-pubbliku m`għandhom qatt ibeżżgħu lill-Istat, għaliex fl-aħħar mill-aħħar hija l-aħjar amministrazzjoni tal-Istat li tibbenefika mir-risultanzi ta` inkjesti pubbliċi u tnaddaf kull ma jirriżulta ppruvat li ma kienx tajjeb. Fil-każ odjern, is-smigħ tax-xhieda fil-pubbliku kien eżerċizzju ta` trasparenza u ta` kontabilità tal-amministrazzjoni.

M`għandha qatt titħalla tkun il-perċezzjoni li l-abbuż għandu jibqa` jew jista` jinħafer jew ikun irranġat jew addirittura minsi, bil-konsegwenza allura li wieħed jista` jinjora l-liġijiet. Perċezzjoni ssir realtà meta l-Istat jonqos milli jieħu l-passi kollha meħtieġa f`waqthom biex jesiġi u jissorvelja l-osservanza tal-liġijiet u meta jonqos milli jieħu passi biex jipprevjeni, jinvestiga, jidentifika u jgħaddi mill-proċess ġudizzjarju lil dawk li jiksru l-liġijiet. Daqstant sabiex il-ħsieb ikun ċar u bla ekwivoċi.

Hija Malta Enterprise li tevalwa kull applikazzjoni għall- allokazzjoni ta` art pubblika f`xi qasam

**industrijali. Jekk Malta Enterprise, wara li tlesti l-proċess, tiddeċiedi li applikazzjoni partikolari tintlaqa` b`mod favorevoli u tiġi approvata, allura toħroġ *letter of intent*, illi teknikament fil-Malta Enterprise Act tissejjaħ *incentives entitlement certificate*.**

**Hekk kif INDIS tirċievi l-*letter of intent* jiskatta proċess awtomatiku biex tinstab allokazzjoni għal dak il-proġett li teknikament ikun ġie approvat minn Malta Enterprise, ovvjament dejjem skont il-kundizzjonijiet imposti minn tal-aħħar.**

**Għalhekk Malta Enterprise hija l-entità li legalment tara jekk il-proġett imressaq għall-kunsiderazzjoni tagħha huwiex fattibbli waqt li min-naħa tagħha INDIS tara jekk għandhiex art industrijali, u fejn, sabiex effettivament ikun jista` jsir tali proġett.**

**Dan premess, u dejjem fil-kuntest tal-ewwel (1) terminu ta` referenza, il-Bord jirrimarka li fl-inkjesta l-persuni li xehdu dwar l-operat ta` Malta Enterprise kienu : a) Kurt Farrugia ; u b) Kevin Camilleri, waqt li l-persuni li xehdu dwar l-imġieba ta` INDIS (jew Malta Industrial Parks) kienu : a) Karl Azzopardi ; b) Nutar Jean Pierre Attard ; c) Damian Whitehead ; d) Av. Julian Buhagiar Vella ; e) Perit Joseph Attard u f) Noel Azzopardi.**

**B`kull rispett lejn is-sottomissjonijiet li ressaq l-Avukat tal-Istat, il-Bord jistqarr <u>mingħajr l-iċken esitazzjoni</u> li :-**

**<u>Fil-każ ta` Malta Enterprise</u> :**

- **Għall-proposta li saret mill-investituri, Malta Enterprise ma kien messha qatt ħarġet il-*letter of***

***intent* li abbażi tagħha sar il-kuntratt minn Malta Industrial Parks (illum INDIS).**

- **Il-proposta tal-investituri kienet oġġettivament karenti minn kull aspett fil-kwadru tal-proġett li kien propost.**

- **L-iskrutinju (li abbażi tiegħu l-Investment Committee ta` Malta Enterprise approva l-proġett) kien irregolari, disrispettuż lejn ir-rekwiżiti tal-liġi, inkompetenti, sprovvist minn kwalsiasi reqqa u ma kellu qatt jitressaq quddiem l-Investment Committee għall-approvazzjoni finali.**

- **Min-naħa tiegħu, l-Investment Committee kien superfiċjali u ma kellu qatt jaċċetta r-rakkomandazzjoni li tressqet għandu sabiex l-investiment u l-konsegwenti allokazzjoni jkunu approvati.**

- **Kull min kien direttament jew indirettament involut min-naħa ta` Malta Enterprise sabiex joħroġ il-*letter of intent* għandu jdur dawra madwaru u jqis il-pożizzjoni tiegħu mil-lum `il quddiem. Min żbalja, kien min kien, għandu jerfa` r-responsabilità sħiħa. Altrimenti l-kelma kontabilità tkun biss espressjoni fiergħa bla siwi effettiv ta` xejn.**

- **Mhuwiex ippruvat sal-grad rikjest għall-fini ta` din l-inkjesta li l-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-proġett saru bil-ħsieb li xi ħadd fl-amministrazzjoni ta` Malta Enterprise jieħu vantaġġ personali.**

**<u>Fil-każ ta` Malta Industrial Parks (illum INDIS</u>) :**

- **Bis-saħħa ta` liġi, din l-entità hija l-**

**amministratur tal-art de qua. Eppure taħt ebda ċirkostanzi ma jista` jingħad li kienu sodisfatti l-obbligi tagħha.**

- **Setgħet u kienet obbligata teżerċita kontroll anke hi bil-wisq aktar milli fil-fatt għamlet fil-każ odjern.**

- **L-uffiċjali tagħha ma kellhom ebda dritt jissoponu li huma kienu biss *rubber stamp* ta` atti ta` Malta Enterprise.**

- **Taħt ebda ċirkostanza, bħala amministratur tal-art, ma kellha qatt taċċetta b`għajnejha magħluqa l-*letter of intent* u tipproċedi biex tagħmel il-kuntratt bla topponi jew imqar tesprimi riservi.**

- **Bħala amministratur, ma għamlet l-ebda skrutinju separat dwar il-kontenut tal-*letter of intent.***

- **Kull min f`Malta Industrial Parks (illum INDIS) ma fehemx jew baqa` lura milli jifhem x`kien jew x`kellu jkun il-kompitu tiegħu bħala diriġent u/jew funzjonarju ta` amministratur – multo magis ta` art pubblika - għandu jdur dawra madwaru u jqis il-pożizzjoni tiegħu mil-lum `il quddiem.**

- **Mhuwiex ippruvat sal-grad rikjest għall-fini ta` din l-inkjesta li l-iskrutinju u l-approvazzjoni tal-proġett saru bil-ħsieb li xi ħadd fl-amministrazzjoni ta` Malta Enterprise jieħu vantaġġ personali.**

**Il-Bord isostni l-konsiderazzjonijiet tiegħu kif gej :-**

**Minkejja l-fatt li Malta Enterprise u INDIS huma distinti, ir-relazzjoni ta` bejniethom ġiet deskritta bħala waħda 'simbjotika' minn Kurt Farrugia (Kap Eżekuttiv ta` Malta Enterprise). Għaldaqstant skont Farrugia, jeżisti element ta` koperazzjoni qawwija bejn iż-żewġ entitajiet.**

**Cio` nonostante, il-Bord mhuwiex konvint li s-separazzjoni ta` Malta Development Corporation f`żewġ entitajiet distinti : Malta Enterprise u INDIS (gia Malta Industrial Parks) effettivament kienet pass fid-direzzjoni t-tajba għax ma jidhirx li finalment dik id-deċiżjoni wasslet għal iżjed effiċjenza u kontabilità dovuta.**

**F`dan il-kuntest ta` min jirrimarka li fix-xiehda tiegħu, in-Nutar Jean Pierre Attard, Chairman Eżekuttiv ta` INDIS qal hekk :-**

***Wara li l-INDIS waqgħet taħt ir-responsabbiltà tal-Ministru Silvio Schembri u l-Malta Enterprise baqgħet taħt ir-responsabbiltà tal-Onorevoli Miriam Dalli, qisu kien hemm ftit awtonomija iktar milli kien hemm qabel, għaliex iż-żewġ awtoritajiet qabel kienu jaħdmu ħafna flimkien, u mbagħad qishom l-entità u l-kumpanija tagħna bdew iktar jaħdmu b`mod awtonomu. U domna ftit sakemm sibna saqajna b`mod amministrattiv.***

**Il-Bord isibha bi tqila jifhem għax qed jingħad li għandu jkun hemm awtonomija meta suppost li dawn jaħdmu fl-istess settur u prattikament fl-istess proċess. Il-Bord huwa tal-fehma li dawn għandhom jaħdmu id f`id.**

**Fil-każ odjern, l-applikazzjoni waslet għand Malta Enterprise fit-12 ta` Frar 2019. Wara evalwazzjoni mill-**

**Micro Enterprise Support Unit, irriżulta li abbażi tal-applikazzjoni kif sottomessa oriġinalment, speċjalment abbażi tal-*financials* indikati, kien hemm il-probabilita` li l-proġett kien se jkun meqjus bħala mhux fattibbli.**

**Għaldaqstant l-applikazzjoni kienet riveduta u dik finali ġiet mibgħuta fl-14 ta` Mejju 2019.**

**Skont il-Kap Eżekuttiv ta` Malta Enterprise, *'Hemmhekk inkunu rajna li l-financials issa jagħmlu sens għall-proġett li qed jipproponi, u tela' quddiem l-Investment Committee li huwa sotto kumitat tal-Bord ewlieni tal-Malta Enterprise għal diskussjoni u eventwalment l-approvazzjoni'*.**

**Il-Bord mhux konvint li kienet segwita proċedura robusta, effiċjenti u trasparenti, skont prattiki ta` governanza tajba, biex jiġi determinat jekk AllPlus Limited kenitx verament jistħoqqilha tingħata dan is-sit.**

**Fil-fatt, u bl-akbar rispett, il-mod dilettantesk li bih saret l-ispezzjoni biex tittieħed tali deċiżjoni qajmet iżjed mistoqsijiet milli tweġibiet.**

**Biex jingħata kuntest ta` tali allokazzjoni, tajjeb li wieħed jirrileva li sabiex il-Gvern seta` jagħti l-art lil Allplus Limited b`ċens temporanju, kien assolutament neċessarju li qabelxejn jistabilixxi l-benefiċċju li tali proġett kien ser jagħti lill-ekonomija tal-pajjiż, partikolament jekk tali benefiċċju, jekk ippruvat, kienx suffiċjenti sabiex jiġġustifika li tingħata b`xejn l-art pubblika indikata. Dan jinkludi fatturi importanti bħal kemm tali proġett kien se joħloq impjiegi, u jekk id-dħul proġettat, speċjalment fil-kuntest tal-ekonomija lokali, kienx jiġġustifika li tali art pubblika tingħata b`xejn lill-**

**entità privata. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh id-domanda kbira għal tali art industrijali, li fil-verità hija pjuttost skarsa.**

**Abbażi tax-xiehda li l-Bord sema` matul din l-iskjesta, ħareġ ċar li l-proċess segwit bil-għan li tittieħed deċiżjoni jekk tingħatax approvazzjoni jew le għall-konċessjoni enfitewtika lill-applikant żgur li mhuwiex wieħed daqshekk b`saħtu u eżawrenti kif huwa rikjest u mistenni f`deċiżjoni tant importanti bħal din.**

**Fil-fatt irriżulta li :**

- **Il-Malta Enterprise ma titlobx, u sussegwentament ma teżaminax, il-pjanti tal-binja kif tkun qed tiġi proposta. Dan ifisser li l-Malta Enterprise ma tkunx taf jekk fit-tliet mitt metru kwadru kienx ser ikun hemm binja ta` sular wieħed, tnejn jew ta` ħames sulari, kif fil-fatt kien ippjanat f`dan il-każ partikolari.**

- **Il-business plan li tkun mibgħuta mal-applikazzjoni għall-konċessjoni tal-art mhux neċessarjament tkun endorsed minn professjonist li jkollu l-kompetenza neċessarju biex jagħmel dan, bħal ngħidu aħna accountant jew awditur ċċertifikat.**

- **Jeżisti nuqqas serju ta` verifiki neċessarji dwar materji tant importanti, f`termini ta` governanza tajba, bħal ngħidu aħna jekk :**

**(i) Persuna li se tkun se taħdem fuq il-proġett hiex verament ingaġġata mal-applikant;**

**(ii) Il-post indikat bħala l-warehouse tagħhom, qabel ingħataw il-konċessjoni, huwiex verament mikri lilhom jew lil xi ħaddieħor;**

**(iii) L-estimi u l-pjanijiet ta` negozju (business plans) tagħhom jagħtux evidenza ċara u ta` min joqgħod fuqha li l-inizjattiva indikata fil-fatt hiex f`pożizzjoni li tirrendi biżżejjed li tiġġustifika tali allokazzjoni (speċjalment permezz ta` skrutinju serju u rett tal-audited accounts); u**

**(iv) Il-kundizzjonijiet kollha kif imposti fil-letter of intent humiex qed jiġu osservati skrupolożament qabel ma l-fabbrika tibda topera skont il-liġi.**

**Il-fatt li ma jintalbux *audited accounts* tal-kumpanija huwa meqjus bħala nuqqas serju ieħor waqt dan l-iskrutinju.**

**Il-pjanti sottomessi mill-applikanti ma ġewx debitament analizzati minn ebda persuna teknika. Dan huwa meħtieġ biex tiġi vverifikata b`mod serju u ta` min joqgħod fuqu l-fattibbilta` tal-investiment vis-à-vis il-binja li kienet qed tiġi proposta mill-applikanti.**

**Il-Bord jinnota li wara l-bidla estensiva fil-*business plan*, eżattament fl-14 ta` Mejju 2019, il-*letter of intent* ħarġet f`perjodu qasir ħafna. Meta wieħed iqis it-tibdil estensiv li sar mill-applikanti, dan huwa meqjus bħala fatt stramb ħafna.**

**Il-Bord innota li ż-żewġ Diretturi, Kurt Buhagiar u Matthew Schembri, li skont l-applikazzjoni kienu ilhom jaħdmu f`daqqa fis-settur tal-għamara minn Settembru 2018, jiġifieri ħames xhur biss qabel intbagħtet l-applikazzjoni lill-Malta Enterprise. Skont informazzjoni mogħtija, jidher li fi żmien ta` tliet xhur, dawn kellhom ordnijiet li jammontaw ftit aktar minn €45,000. B`estimi konservattivi ħafna, u speċjalment meta jingħad li '*the style of furniture being manufactured is contemporary, innovative and of a high end level*', ma jirriżultax li dan l-ammont finanzjarju jindika xi numru kbir ta` ordnijiet ta` għamara. U minkejja dan, prattikament fi ftit xhur, dawn bagħtu l-applikazzjoni biex jingħataw fabbrika pubblika f`żona industrijali b`xejn.**

**<u>L-Art 31(C)(i)(b) tal-Kap 573</u> jgħid :-**

***Art tal-Gvern tkun tista` tiġi ttrasferita b`titolu ta` enfitewsi temporanju … jekk tikkonsisti f`art li tiġi mogħtija għall-proġett industrijali wara li l-applikant ikun issodisfa lill-awtorità kompetrenti dwar il-beneficcju li l-proġett jagħti lill-eknomija tal-pajjiż u li n-numru ta` impiegi li joħloq huwa adegwat.***

**Fil-każ taħt eżami, id-dettami tal-liġi kienu njorati fis-sostanza tagħhom.**

**Id-diriġent ta` Malta Enterprise li ha ħsieb l-eżami tal-applikazzjoni, li kellem lill-applikant/i, li mar f`post fejn allegatament l-applikant/i qalu li diġà kellu/hom negozju tal-għamara, u li għamel il-presentazzjoni lill-Investment Committee kien Kevin Camilleri, Kap tal-Micro Enterprise Unit, li tieħu ħsieb talbiet għall-allokazzjoni ta` art tal-Gvern għal skopijiet industrijali minn kumpaniji żgħar sa massimu ta` 300 mk.**

**Skont Camilleri, il-*business plan* li ppreżentaw l-applikanti kien *dettaljat*. Fir-realtà kien proġett sprovvist minn aċċertamenti tekniċi u finanzjarji oġġettivi u sostanzjali u ma kienx avvallat minn espert finanzjarju tas-settur.**

**Huwa paċifiku li s-settur tal-manifattura tal-għamara f`pajjiżna ilu għaddej minn kriżi s-snin bla ma għandek għalfejn tkun espert stellari. Huwa settur li bata effett tal-globalizzazzjoni (u allura l-prezz tal-prodott) u bata minn karenza ta` nies tas-sengħa li kellu effett negattiv qawwi mhux biss fuq fabbriki kbar rinomati imma saħansitra fuq il-mastrudaxxa żgħir tar-raħal li miegħu kien iħaddem tnejn jew tlieta min-nies. Iż-żgħar b`xorti ħażina spiċċaw kellhom jagħlqu waqt li l-kbar kważi kollha dawru n-negozju tagħhom mill-manifattura għall-importazzjoni tal-għamara.**

**Jgħidu x`jgħidu ġo Malta Enterprise din hija r-realtà u hija realtà li jafha kull min ikun fit-toroq u jdur tassew ir-realtajiet industrijali tal-pajjiż.**

**Mela tagħti art tal-Gvern għal suppost proġett ta` bini ta` fabbrika tal-għamara – skont Kevin Camilleri – ta` kwalità mhux ta` njam ippressat li tant hu komuni llum - kellha tkun ruled out *in primis* tenut kont tad-dispożizzjoni fuq ċitata tal-liġi. Minkejja l-insenjamenti li pprova jagħti lill-Bord dwar il-prospetti tas-settur, Camilleri wera, bl-akbar rispett, li kien bogħod mir-realtà fl-istqarrijiet tiegħu.**

**Skont l-applikant/i l-proġett kellu jwassal għall-impieg ġdid ta` 9 persuni. La nafu kinux se jkunu sempliċi lavranti, jew mastrudaxxi tas-sengħa jew diriġenti. Eppure sabiex tkun aċċertata l-vera fattibbilita` ta` dak li kien qed jingħad fuq il-karta, min-naħa ta` Malta Enterprise kien mistqarr biss li huma ma jidħlux fi kwistjonijiet ta` kemm jistgħu jew għandhom jitilgħu sulari fil-footprint ta` 300 mk, billi skont huma l-kompetenza tagħhom hija li jaraw jekk il-proġett huwiex vijabbli inkella le għaliex hija INDIS (mela ħaddieħor) li trid tqis il-kwistjoni tas-sulari.**

**Dawn huma stqarrijiet li jagħmlu għajb għaliex jekk il-proġett qed jgħid li sejrin jiġu mpjegati 9 persuni, wieħed irid jara fejn se jaħdmu, u cioè jekk hemmx wisgħa għalihom fil-proġett kif propost. Mela tidħol Malta Enterprise mhux INDIS.**

**Kevin Camilleri xehed dwar ir-referenzi tal-banek. Li xehed però komprizi d-dokumenti li ppreżenta ma jwasslu mkien. Bank serju jasal biex jitkellem dwar ir-relazzjoni tiegħu ma` klijent però huwa bil-wisq improbabbli kemm jasal biex jikkommetti ruħu dwar *uncharted* <u>commercial</u> *territory* speċjalment fil-każ taż-żewġ applikanti fejn ħadd minnhom ma ttratta mal-banek bħala mastrudaxxa tas-sengħa u/jew negozjant tal-għamara.**

**Camilleri jgħid li għamel *site visit* ġo maħżen Tal-Ħandaq fejn l-applikant/i suppost li kellhom negozju ta` mastrudaxxa. Fuq dak li ra, Camilleri kien messu waqaf hemm mhux kompla jipproċessa l-applikazzjoni. Fil-post ma kienx hemm l-applikant/i, kien hemm klijent (ismu mhux magħruf) u impjegat (ismu mhux magħruf). Ta` min kien il-post ma rriżultax. Daqstant ieħor ma**

**rriżultax b`mod sodisfaċjenti t-titolu tal-applikant/i. Jekk kien mikri, l-aqwa prova kellha tkun il-ktieb tal-kera. Eppure la kien preżentat dokument u lanqas saret talba biex jiġi preżentat dokument. Qal li kien hemm makkinarju però xejn dwar il-kondizzjoni ta` dak il-makkinarju u jekk addattat għall-manifattura ta` għamara ta` kwalità (mhux injam ippressat). Camilleri falla għal kollox fid-dmirijiet u responsabbiltajiet tiegħu, prova li dak ma kienx mod kif isiru l-affarijiet b`mod serju u trasparenti.**

**Id-dubbji gravi dwar il-fattibilita` tal-proġett komplew jissaħħu minħabba r-rekwiżit ta` €262,500 li kien indikat bħala minimu għall-bini (€112,000) u għall-makkinarju (€150,000). Li jkunu aċċettati figuri rreali u rrizorji mifruxa fuq numru ta` snin f`sit li kien għadu art bi prezzijiet anke jekk tal-2019 għall-kostruzzjoni u għall-makkinarju ma kellu qatt tkun.**

**Fattur ieħor kien li l-investituri ma ntalbux jippreżentaw pjanti għall-iżvilupp li kienu beħsiebhom jagħmlu. Anke jekk fil-każ tagħhom l-iżvilupp kien regolat b`*development notification order* (DNO) mhux b`*full development application* xorta waħda Malta Enterprise kien messha talbet *full plans* mhux semplici *plan layout.* Għalhekk Malta Enterprise mxiet ħażin. Bil-pjanti f`idejha Malta Enterprise kienet tqis is-serjetà tal-proġett fit-totalita` tiegħu. Mhux tgħid li hija ma tidħolx f`materja ta` strutturi – imġieba żbaljata oħra. Ma tistax tiskarika skrutinju li huwa tagħha fuq INDIS jew xi awtorità oħra. Iva Malta Enterprise għandha tidħol anke fl-istrutturi għaliex b`hekk tkun tista` tqis u tkejjel aħjar il-fattibbilita` ta` proġett fejn l-investituri qalu li suppost kellhom jaħdmu 9 persuni.**

**Fil-*letter of intent* issemma l-obbligu tal-applikant/i li jassikuraw l-osservanza tal-liġijiet fosthom dawk tas-saħħa u tas-sigurtà. Jinsorġi l-kwesit : għaliex kellha tidħol klawsola ta` dik ix-xorta meta mbagħad Malta Enterprise ma tassigurax l-osservanza tagħha ? Ma tistax Malta Enterprise tippretendi, anke f`dan l-aspett, li tista` tinkarika fuq xi entità oħra obbligu li hija stess inseriet fil-*letter of intent.* Klawsoli bħal dawn għandhom jidħlu biex jiġu nfurzati mhux biss biex ikunu daħlu jew biex jimpressjonaw. Mhux kwistjoni ta` obbligi jew standards morali iżda ta` obbligi legali.**

**Mankanza oħra kienet il-pretensjoni ta` Malta Enterprise li r-rwol tagħha jieqaf mal-ħruġ tal-*letter of intent* u jerġa` jissokta meta jibda l-operat tal-fabbrika. Din hija materja oħra li turi kemm il-miri ta` Malta Enterprise kienu foqra. Vera li l-kuntratt innifsu jsir minn INDIS imma Malta Enterprise għandha l-obbligu, una volta li harget il-*letter of* intent, li tassigura li l-investitur joqgħod mal-obbligi li daħal għalihom b`seħħ mid-data tal-kuntratt. Jekk dan mhux isir huwa ħażin u għalhekk Malta Enterprise għandha taġġjusta l-operat tagħha.**

**Apparti l-premess, il-Bord isib li għar-rigward ta` l-affidabilita` tal-applikant/i, il-proċess ta` *due diligence* minn Malta Enterprise kien karenti għall-aħħar.**

**Bejn l-applikanti, fiż-żmien preċedenti għall-formazzjoni tal-kumpanija, minn imkien ma rriżulta li kien hemm xi negozju tal-manifattura tal-għamara. Ċertament wieħed minnhom kien magħruf bħala meter reader. Jekk kien jagħmel xogħol part-time f`xogħol mhux ben inkwadrat jew definit ta` *contract and***

**_business management_ il-manifattura tal-għamara ma kienet tinkwadra mkien.**

**Jekk xi ħadd ħareġ _reference letter/s_, kien hemm obbligu ta` verifika stretta fid-_due diligence exercise_ minn Malta Enterprise. Mhux din taċċetta bla riserva kull ma wasal għandha mingħajr l-iċken kontroll. Anke jekk applikant minnhom għamel proġetti _turnkey_ anke hawn ma rriżulta minn imkien mhux biss li ma ħadimx fil-manifattura tal-għamara iżda lanqas li mqar kien jaf is-sengħa. Jekk mexxa negozju ta` _airconditioning_ dak ma jagħmlux negozjant għall-manifattura tal-għamara. Issemmew ordnijiet għal xogħol f`negozju li seta` kellhom l-applikant/i imma anke hawn bla verifika ta` xejn minn Malta Enterprise mqar għal fini ta` attendibilita`.**

**Diġà kien rimarkat li kien nuqqas gravi ieħor ta` Malta Enterprise kien li mill-persuni koncernati ma ntalbux _audited accounts_. Skont Kevin Camilleri, għalihom l-esperjenza kienet tgħodd. Għalhekk ikompli jinsorġi l-kwesit : il-kompetenza ta` persuna fit-tmexxija ta` negozju anke jekk mhux tal-għamara kif tiġi miżurata ? Bl-esperjenza ? Jew l-abilita` o meno kif issarrfet dik l-esperjenza f`riżultati finanzjarji tajbin ? U riżultati finanzjarji tajbin jew inqas mhux minn _accounts_ verifikati minn awditur għandhom jirriżultaw ? Eppure anke hawn : kien hemm falliment sħiħ ta` _approach_ min-naħa ta` Malta Enterprise.**

**Fix-xiehda tiegħu, Kurt Farrugia, Kap Eżekuttiv, tkellem l-aktar fuq pjan ġenerali dwar kif tipproċedi Malta Enterprise f`każi bħal dak in eżami u cioè aċċertament, Investment Committee, _letter of intent_. Evidenti li _in prima persona_ ma kienx involut**

**direttament fl-ipproċessar tal-applikazzjoni. Wara kollox, kien il-Kap Eżekuttiv mhux semplici funzjonarju. Fl-istess waqt però l-Bord jirrimarka li fit-totalita` tiegħu l-kaz ħareġ berah l-problemi ta` Malta Enterprise u wera l-ħtieġa urgenti li Malta Enterprise tagħmel *audit* tal-operat tagħha, tirrealizza aktar minn qatt qabel li għandha responsabilità kbira fuq spallejha lejn il-pajjiż u lejn iċ-ċittadini tiegħu li ma jistgħux u m`għandhomx jaċċettaw mgieba fqira u non-kuranti minn uffiċjali u/jew dirigenti u/jew funzjonarji pubbliċi nklużi dawk ta` Malta Enterprise.**

**L-*audit* li qiegħed isemmi l-Bord għandu jikkomprendi l-operat tal-Investment Committee. Għaldaqstant, bħala konklużjoni, il-Bord iħoss li l-proċess segwit mill-Investment Committee ta` Malta Enterprise biex tittieħed deċiżjoni tant importanti, li wasslet għal għoti ta` art pubblika b`xejn, ma kienx wieħed trasparenti, kif tirrikjedi l-governanza tajba f`tali ċirkostanzi. Dan huwa dovut l-aktar għax biex jiddeċieda tali rikjesti, il-Kumitat ta` Malta Enterprise ma kellux l-informazzjoni neċessarja biex wieħed jassigura illi jkun fl-aħjar pożizzjoni possibbli biex tali deċiżoni tkun waħda meħuda fl-aqwa interess tal-ekonomija ta` Malta.**

**L-argument li ġab l-Avukat tal-Istat li l-art de qua kienet sejra tintradd lura f`għeluq il-koncessjoni enfitewtika wara li INDIS tkun irċeviet bħala ċens iżjed minn €162,000 sas-sena 2054 inġab fix-xejn propju bid-deċiżjoni li ttieħdet minn INDIS li tistitwixxi proceduri ġudizzjarji kontra ċ-ċenswalisti sabiex tħassar u tirrexxindi l-konċessjoni enfitewtika, liema azzjoni ġudizzjarja għadha *sub judice*.**

**Propju għaliex l-Investment Committee ta` Malta Enterprise ma kien qatt intiż li jkun *rubber stamp* ta`**

**ħaddieħor m`għandux ikun il-Kumitat li jġib ruħu ta` *rubber stamp* għal ħaddieħor għaliex altrimenti qiegħed hemm għalxejn. Mill-minuti ma ħareġ xejn dwar l-iskrutinju partikolari li għamel jew li seta` għamel l-Investment Committee bħala distint u separat minn dak li seta` għamel ħaddieħor ġo Malta Enterprise. Għalhekk anke dan il-Kumitat almenu fil-każ taħt eżami ma qagħadx mal-obbligi tiegħu u ġab ruħu b`mod kif ma kellux iġib ruħu.**

**Dwar ix-xiehda ta` Kurt Farrugia safejn din tirrigwarda l-klawsola tal-*letter of intent* dwar *compliance with the relevant regulations including but not limited to the health and safety regulations,* il-Bord iqis bħala dmir tiegħu li jirrimarka li meta Kurt Farrugia jitkellem dwar dik il-klawsola bħala *obbligu pożittiv* li tagħmel Malta Enterprise fil-*letter of intent* dak għandu jfisser li għaliex huwa *obbligu pożittiv* għandha ssegwi l-inklużjoni tal-klawsola b`ħidma daqstant ieħor *pożittiva* u cioè tkun pro-attiva billi tgħasses fuq it-twettieq ta` dak l-obbligu fil-kors kollu li jsegwi l-ħruġ tal-*letter of intent* għaliex altrimenti dak ikun biss kliem fieragħ. Anke l-Kap Eżekuttiv għandu jifhem li Malta Enterprise m`għandhiex tidħol biss wara li l-binja tkun lesta u jibdew l-operazzjonijiet. L-osservanza tal-pattijiet għandha tkun kontinwa. Ara fil-każ tal-lum ħadd ma seta` jikkontrolla xejn għaliex il-binja waqgħet, miet ħaddiem u oħrajn indarbu gravement. Anke kif svolgew il-fatti għandu jobbliga lil Malta Enterprise tidħol f`qoxritha u tqis mill-qigħ l-operat tagħha.**

**Jekk il-Bord kellu jadopera l-kriterji għall-approvazzjoni li xehed dwarhom Kurt Farrugia allura l-Bord jgħid li l-proġett in kwistjoni ma kellu qatt ikun approvat. Il-proġett ma kienx jagħmel sens bħala**

**investment u kwindi ma kienx se jwassal għall-impieg tal-għadd ta` persuni li ppropona li jkunu mpjegati, apparti li l-verifiki li suppost saru ma kienu rigorużi xejn.**

**Tajjeb jingħad ukoll li l-proċess ta` *due diligence* għandu jinkludi l-eżami tal-fedina penali tal-applikant/i. B`fedina penali l-Bord qiegħed jifhem il-kondotta dettaljata li l-Kummissarju tal-Pulizija jirrilaxxja quddiem il-qrati jew lill-persuna li tkun wara talba tiegħu. Għandha titqies bħala dokument ieħor ta` rilevanza fl-aċċertament tad-*due diligence procedure*. M`għandux ikun dokument preġudizzjali *ut sic* iżda lanqas ma għandha entità pubblika mportanti bħal ma hija Malta Enterprise tgħaddi mingħajru fl-aċċertamenti tagħha.**

**Żbaljat Kurt Farrugia meta jgħid li l-kondotta ta` min japplika ma għandhiex tagħmel differenza sabiex proġett ikun approvat inkella le. Ħafna jiddependi x`jirriżulta mill-kondotta. Reati hemm minn kollox. Fil-Kap 9 tal-Liġijiet ta` Malta waħdu hemm Delitti kontra l-Fiduċja Pubblika, Delitti kontra l-Kummerċ Pubbliku u Delitti fil-Fallimenti. Hemm minn kollox u għalhekk entità pubblika għandha tgħasses tajjeb anke minn dan l-aspett. Fil-każ tal-lum Malta Enterprise ma għamlet xejn minn dan u kwindi naqset sewwa.**

**Niġu issa speċifikament għall-komportament ta` Malta Industrial Parks (illum INDIS).**

**INDIS hija amministratur għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. Hija wkoll amministratur ta` art li hija proprjetà tal-Gvern. Għaliex hija amministratur INDIS hija obbligata li ġġib ruħha bħala missier tajjeb tal-familja (*bonus paterfamilias*), obbligu li jinkludi li tamministra l-art bl-istess kura u attenzjoni daqs li kieku kienet hija s-sid. INDIS mhux le imma iva kellha l-obbligu li tqiegħed taħt il-lenti akkurat u meqjus tagħha l-*letter of intent* li bagħtet Malta Enterprise fir-rigward ta` dan il-każ mhux taċċettaha b`għajnejha magħluqa u toħodha *for granted.* Amministratur għaqli u prudenti jġib ruħu diversament. Ir-rwol ta` INDIS ma kienx limitat għal li tagħmel il-kuntratt taċ-ċens biss imma li taċċerta ruħha li l-kundizzjonijiet li rriżultaw fil-*letter of intent* kienu vantaġġjużi u fl-interess tas-sid tal-art u cioè l-Gvern. F`dan l-obbligu ewlieni tagħha INDIS falliet.**

**Dan il-konvinċiment tal-Bord isib sostenn fl-assjem tad-depożizzjonijiet li għamlu l-persuni li kienu jew li għadhom involuti f`INDIS (jew Malta Industrial Parks) :-**

**Jaraw il-layout tal-pjanti mhux daqstant sabiex jaraw kif se jsir il-bini tas-sit iżda biex ikunu ċerti li d-daqs ikun jirrifletti dak li jinkiteb fil-kuntratt. Għalkemm *layout plans* jiġu *vetted* minn perit tagħhom, dan ma jsirx għall-verifika tal-istruttura. Infatti lanqas jaraw il-*working drawings*. U hekk tibqa` s-sitwazzjoni anke wara li jkun sar il-kuntratt.**

**Il-permess tal-bini huwa regolat b`*Development Notification Orders* mhux wara *Full Development Application.* Id-differenza fl-iskrutinju hija diversa fis-sostanza. DNO m`għandhiex tibqa` tgħodd għall-iżvilupp ta` siti ta` din ix-xorta. Ċertament għandu jkun hemm ripensament fil-fond tenut kont ta` kif seħħet id-diżgrazzja ta` Jean Paul Sofia.**

**Internament għal INDIS *threshold* ta` investiment ta` €262,500 anke jekk minimu f`bini u makkinarju kien meqjus bħala baxx. Eppure kollox baqa` għaddej fuq l-iskorta tal-*letter of intent* għaliex il-kontenut tal-*letter of intent* mhuwiex *questionable*. Ħażin jekk jibqa` jingħad li mhux kompitu ta` INDIS li tikkontesta l-kontenut tal-*letter of intent.* Dik tkun konklużjoni żbaljata u allura inaċċettabbli.**

**Għalkemm kien permess lill-applikant/i li jtellgħu aktar sulari fis-sit, l-investiment li kien diġà minimu ta` €262,500 baqa` li kien bla modifiki ta` xejn.**

**In linea ġenerali, mhux necessarjament fil-każ odjern, waqt li jkun għaddej ix-xogħol wara li jkun sar il-kuntratt, għalkemm jivverifikaw jekk l-iżviluppatur ikunx qiegħed josserva l-kondizzjonijiet tal-kuntratt, dan isir mit-taqsima tal-infurzar ta` INDIS li però hija komposta minn tnejn jew tliet persuni li jridu jkopru l-pajjiż kollu, li jfisser infurzar kważi inesistenti. Fil-każ odjern ħadd ma osserva xejn. Tant ma kienx sorveljat illi kieku ma ġratx id-diżgrazzja, INDIS ma kienet tkun taf b`xejn.**

**Għal *due diligence*, INDIS toqgħod fuq li jkun sar minn Mata Enterprise. Ma tagħmel ebda proċess minn tagħha. Ingħad li INDIS m`għandha l-ebda setgħa tikkontesta l-*letter of intent.* Mnejn jirriżulta dan ma ngħadx.**

**Dwar l-osservanza tal-kondizzjonijiet tal-kuntratt, ingħad illi INDIS kienet sprovvista minn infurzar veru u proprju li jduru s-siti ta` kostruzzjoni li huma madwar ħamsin (50).**

**Ingħad li mhuwiex ir-remit ta` INDIS li tassikura li l-bini tiela` sewwa, li l-ħaddiema fis-sit ikunu tutelati jew jekk iċ-ċenswalisti humiex josservaw il-kondizzjonijiet tal-kuntratt. Mnejn jirriżulta ma nghadx.**

**Il-fatt li t-titolu tal-applikant/i kien ta` ċens ma kienx jagħtihom jedd jagħmlu li jridu, li jibnu kif iridu mingħajr tuteli għal ħadd una volta li l-kuntratt kien jitkellem ċar x`kienu l-obbligi taċ-ċenswalisti mill-punto di vista ta` osservanza u twettieq tal-liġijiet tal-ippjanar u tas-saħħa u sigurtà tal-liġi. Ma kellhiex tkun il-waqa` tal-binja, il-korriment tal-persuni u l-mewt ta` ħaddiem (li messu qatt kien fuq is-sit) li skattat fl-istrutturi nterni ta` INDIS li ssir il-kawża (li tinsab *sub judice*) għar-rexxissjoni tal-kuntratt ta` ċens temporanju. Fejn si tratta ta` art tal-Gvern, l-istandards għandhom ikunu għoljin. Kif svolġa l-każ taħt eżami, l-amministrazzjoni kienet fqira għall-aħħar.**

**INDIS hija kumpanija tal-Gvern fejn allura l-istandards għandhom ikunu għoljin ladarba si tratta ta` l-amministrazzjoni ta` art tal-poplu. Fil-każ odjern irriżulta li minkejja dak li kien jgħid il-kuntratt la rriżulta li saret verifika tal-poloz ta` assikurazzjoni, u lanqas ħadd realment u attwalment qies materji ta` saħħa u sigurtà mhux biss tal-ħaddiema fis-sit iżda lanqas tal-pubbliku li jkun għaddej minn ħdejn is-sit.**

**In vista tal-premess, il-Bord jikkonkludi li mill-istħarriġ tiegħu jirriżulta li Malta Enterprise u INDIS kienu nadempjenti fl-eżekuzzjoni tal-obbligi tagħhom skont il-liġi u skont ir-regoli tal-governanza tajba.**

## 3. <u>It-Tieni (2) Terminu ta` Referenza</u>

***Jiġi investigat u stabbilit jekk kienx hemm relazzjoni bejn il-mod kif saret l-imsemmija allokazzjoni, it-tiġrif tal-binja de qua u l-konsegwenzi tagħha.***

### a) <u>Sottomissjonijiet</u>

### i) <u>Il-ġenituri</u>

**Kif kien rilevat aktar kmieni, il-ġenituri rrilevaw min-naħa tagħhom li l-Bord għandu jqis anke għall-iskop tat-tieni (2) terminu ta` referenza is-sottomissjonijiet li ressqu għall-fini tal-ewwel (1) terminu ta` referenza.**

### ii) <u>L-Avukat tal-Istat</u>

**Jikkontendi li l-att ta` l-allokazzjoni ma wassalx għat-tiġrif tal-binja. Jekk għas-saħħa tal-argument kien hemm xi nuqqas, kien wieħed ta` natura burokratiku u mhux wieħed li wassal għat-tiġrif tal-binja.**

**Jgħid illi l-inkjesta maġisterjali kkonkludiet li kellhom jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-Perit Adriana Zammit, Matthew Schembri, Milomir Jovicevic u Dijana Jovicevic. Fil-fatt saret il-kawża kriminali kontra dawk il-persuni li għadha pendenti.**

**Jirrileva li mill-aspett tal-INDIS Malta jidher illi x-xogħol kien għaddej kif miftiehem, u sal-mument tat-tiġrif INDIS Malta ma kellhiex ħjiel li l-binja kienet ser tiġġarraf stante illi dan il-proġett jidher li kien fdat f`idejn professjonisti responsabbli. Sabiex jibda x-xogħol kien hemm ukoll il-clearances tal-Protezzjoni Ċivili u entitajiet oħra tal-Gvern.**

**Isostni li INDIS ma tidħolx f`aspetti ta` integrità strutturali tal-bini iżda l-verifiki tekniċi li jsiru min-naħa tagħha huma biss li taċċerta ruħha jekk l-istruttura tinkwadrax fil-parametri tal-allokazzjoni.**

**Ikompli jingħad li INDIS għandha rwol limitat għaliex m`għandhiex tkun hi li tagħmel il-verifiki fuq ix-xogħol tal-perit ta` l-iżviluppaturi li għandu *warrant* u li hu obbligat jagħmel ix-xogħol tiegħu kif jitolbu l-arti u s-sengħa.**

**Jisħaq li ma hemmx prova ta` ness ta` kawżalita` bejn l-allokazzjoni u t-tiġrif tal-binja, u għalhekk ir-**

**riċerka tal-ħtija trid issir fl-imġieba tal-Perit u tal-Kuntrattur.**

**b) <u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**Fl-isfond tat-tematika li kienet trattata aktar kmieni dwar il-grad ta` prova rikjest f`inkjesta ta` din ix-xorta, il-Bord huwa tal-fehma li l-fatt tal-allokazzjoni, saret kif saret, ma jirriżultax li għandu relazzjoni mat-tiġrif tal-binja u l-konsegwenzi tagħha.**

**Għall-fini ta` responsabilità penali trid issir il-prova mingħajr dubju dettat mir-raġuni u għall-iskop ta` responsabilità ċivili l-prova fuq bilanċ ta` probabilitajiet illi kien hemm ness ta` kawżalità bejn il-fatt ta` l-allokazzjoni tal-art u l-fatt tat-tiġrif tal-binja bil-konsegwenzi tagħha.**

**Mhijiex din l-inkjesta l-forum kompetenti sabiex tasal għal konklużjonijiet penali u ċivili.**

**Apparti minn hekk fl-aċċertament tar-responsabilità penali u ċivili jidħlu persuni oħra li llum huma akkużati quddiem il-qrati kriminali u li qegħdin jirrispondu anke fi proċeduri ċivili, liema proċedimenti għadhom sub judice. Il-persuni konċernati, inkluż il-perit tal-binja, ma xehdux fl-inkjesta odjerna propju għaliex huma akkużati quddiem il-qrati kriminali u kwindi għandhom il-jedd għas-silenzju li huwa prinċipju ewlieni fil-kwadru tal-ħarsien tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq ("<u>Francis Portelli et v. L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati et</u>" (Rikors Nru. 68/2014 JZM)**

**deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta` Jannar 2018).**

## **4. It-Tielet (3) Terminu ta` Referenza**

***Fil-kuntest ta` x`ġara qabel, matul u wara l-mewt ta` Jean Paul Sofia, jiġi nvestigat jekk l-iStat kellux fis-seħħ regolamenti u jekk assigurax l-infurzar ta` regolamenti, policies, proċessi u obbligi amministrattivi, u miżuri operazzjonali preventivi, li kapaċi jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà ta` persuni matul fażijiet kollha tal-iżvilupp u l-kostruzzjoni.***

### **a) Sottomissjonijiet**

### **i) Il-ġenituri**

**Il-Bord se jqis it-tielet (3) terminu ta` referenza għalih waħdu sabiex jaċċerta ruhu li t-talba kif dedotta tkun indirizzata u mwieġba b`mod sħiħ kemm jista` jkun anke jekk il-ġenituri għamlu sottomissjonijiet li jgħoddu għat-tielet (3), għar-raba`(4) u għall-ħames (5) termini ta` referenza flimkien billi jsostnu li huma konnessi.**

**Il-ġenituri jissottomettu li sal-lum ma hemm ebda building code enforzabbli f`pajjiżna, minkejja l-fatt illi x-xogħol fuqhom ilu għaddej is-snin u minkejja li d-drafts ilhom lesti tal-inqas mill-2019. Isostnu li kieku l-building codes daħlu fis-seħħ meta tlestew, it-traġedija setgħet tiġi evitata.**

Jgħidu li mix-xiehda tal-Perit Andre Pizzuto, President tal-Kamra tal-Periti, ħareġ ċar illi hemm bżonn ta` centralization u li kull ħaġa li għandha x`taqsam mal-bini u kostruzzjoni tiġi mmonitorjatha u enforzatha mill-BCA. Skont il-Perit Pizzuto, S.L. 136/19 aktar ħolqot problemi milli solviethom. Saħaq illi bil-building codes fis-seħħ ma jkunx hemm ħtieġa għal *method statements*. Li xi ħadd anonimu mill-BCA jimmodifika l-*method statement* ta` perit ieħor mingħajr ma jassumi responsabbilità professjonali hija kriminali u għalhekk għandha tinbidel. Il-Kamra tal-Periti għandu jkollha aċċess għall-atti ta` inkjesta maġisterjali f`każijiet li jinvolvu negliġenza u/jew nuqqas ta` professjonalità ta` perit u dan sabiex ikunu jistgħu jieħdu l-passi neċessarji kontra l-istess perit mhux ma jkun hemm ebda konsegwenzi għal periti li ma humiex qegħdin iżommu l-istandards f`xogħolhom, bil-konsegwenza ta` iktar fatalitajiet.

Kompla jingħad li llum mhuwiex possibbli li wieħed jivverifika jekk bennej imqabbad minnu jew mill-kuntrattur jew mill-perit inkarigat minnu huwiex liċenzjat jew le. Ħadd mill-persuni li xehdu f`din l-inkjesta ma kellu informazzjoni dwar il-bennejja u l-kuntrattur illi kienu on site f`Kordin, u jidher illi ma kien kompitu ta` ebda awtorità sabiex tivverifika jekk kinux fil-fatt reġistrati bħala bennejja u li kellhom l-iskill set neċessarja sabiex iservu bħala bennejja.

Il-ġenituri jsostnu li sal-lum jidher illi ma hemmx proċeduri u jew regolamenti/liġijiet fis-seħħ sabiex il-Malta Enterprise (u/jew l-INDIS) ikunu forniti bil-pjanti ta` x`verament qed ikun propost illi jinbena fuq art pubblika. Mix-xiehda ħareġ ċar illi kull ma jitolbu dawn l-awtoritajiet huwa l-layout tal-ewwel sular – u speċifikament fejn ser jintuża bħala storage, fejn ġej il-*goods lift* eċċ (skont ix-xiehda ta` Damian Whitehead). Huwa nkomprensibbli għalfejn l-awtoritajiet jaċċertaw ruħhom fejn ser tkun il-*goods lift* jekk qegħdin

**jippreżumu li l-bini ser ikun ta` sular wieħed. Xiehda bħal din turi li fil-verità l-awtorità tkun konxja li l-bini ser jitla` iktar minn sular – jew għall-inqas li f`dan il-każ kienet konxja li l-bini ħa jitla` iktar minn sular – iżda għal xi raġuni li taf hi biss, xorta waħda ma ħassitx illi kien pertinenti għall-evalwazzjoni tal-applikazzjoni li ssaqsi kemm-il sular kienu qegħdin jipproponu li jibnu.**

**Komplew jirrilevaw illi l-bidla tal-BCA minn Aġenzija għal Awtorità fissret illi l-ingaġġ tan-nies ma kienx iktar skrutinizzat mill-Public Service Commission. Minn meta saret awtorità ma kien hemm ebda *open call* għall-posts fi ħdan l-awtorità. B`hekk issa hemm iktar nuqqas ta` trasparenza fil-proċess ta` ingaġġ li jagħti iktar lok sabiex il-meritokrazija tiġi skartata. Ebda xhud ma stqarr illi l-BRO jew il-BCA (bħala aġenzija) kienet inqas effettiva mill-Awtorità odjerna, u b`hekk jidher illi ma kien hemm ebda ħtieġa per se għal din il-bidla.**

**Ingħad illi l-Avviż Legali huwa vag ħafna dwar min jista` jiġi appuntat bħala site technical officer (STO) fis-sens illi l-liġi tgħid illi din il-persuna tista` tkun perit jew persuna bi *bachelor's degree* fl-Engineering. Pero, l-Ing. Arthur Ciantar xehed illi l-liġi suppost tippreċiża li l-istess persuna għandha tkun *"civil engineer"* u mhux kwalunkwe tip ta` inġinier għaliex qiegħed jirriżulta li nies illi m`għandhomx kompetenza fl-industrija tal-bini u kostruzzjoni qegħdin jiġu ngaġġati bħala STOs.**

**Il-ġenituri osservaw illi jekk ikun hemm inqas minn 20 impjegat f`post tax-xogħol, il-kuntrattur ma huwiex obbligat jinforma lill-OHSA li ser jinbdew ix-xogħlijiet. Fl-istess waqt, l-OHSA ma tiċċekkjax kemm ser ikun hemm impjegati sabiex tivverifika kemm fil-fatt ser ikun hemm. F`dan il-każ partikolari l-OHSA qatt ma ġiet infurmata li kien beda xi xogħol f`Kordin. Dan ifisser illi ma saru ebda spezzjonijiet. Li kieku l-OHSA kienet infurmata u ssib li kellha għalfejn twaqqaf ix-xogħol,**

**dan kien isir. Għalhekk is-sitwazzjoni għandha tkun rimedjata.**

**Ikkummentaw dwar id-depożizzjoni ta` Dr Mark Gauci, li kien Kap Eżekuttiv tal-OHSA. Dr Gauci xehed illi bir-riżorsi li għandha, l-OHSA jagħmlu spot checks, jagħmlu xahar iduru l-iscaffolding, xahar iduru jekk hemmx protective clothing eċċ. Però skont il-ġenituri jkun aktar utili li kieku jduru s-siti tal-kostruzzjoni u jiċċekkjaw għal kull ksur possibbli milli jiffokaw biss fuq element wieħed.**

**Irreferew għax-xiehda ta` Karl Azzopardi. Dan stqarr illi fid-drafts tiegħu tal-liġi dwar il-liċenzjar tal-kuntratturi kien hemm *categorisation* tal-kuntratturi sabiex jinħarġu liċenzji differenti għad-diversi kategoriji ta` kuntratturi għaliex mhux kull persuna li tagħmel l-iskavar, per eżempju, huwa kompetenti sabiex jagħmel id-demolizzjoni. Però din il-categorisation ma saritx fil-liġi li saret f`Lulju 2023.**

**ii) <u>L-Avukat tal-Istat</u>**

**Anke fil-każ tal-Avukat tal-Istat il-Bord sejjer iqis it-tielet (3) terminu ta` referenza għalih waħdu għar-raguni diġà spjegata anke jekk l-Avukat tal-Istat għamel sottomissjonijiet li jgħoddu għat-tielet (3), għar-raba`(4), għall-ħames (5) u għas-sitt (6) termini ta` referenza flimkien.**

**L-Avukat tal-Istat illimita s-sottomissjonijiet tiegħu għall-entitajiet rilevanti fil-kuntest tal-Ippjanar u l-Iżvilupp u r-rwol li għandhom sabiex jevitaw riskji ta` korrimenti jew mewt.**

- **<u>L-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA)</u>**

**L-Awtorità ma hijiex limitata biss għall-infurzar tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem fis-settur tal-kostruzzjoni iżda tkopri wkoll diversi postijiet oħra tax-xogħol. Inoltre għandha kompetenzi oħra.**

**Kap 424 tal-Liġijiet ta` Malta jinkorpora obbligi ġenerali mposti fuq min iħaddem, min jaħdem għal rasu, kif ukoll, fuq il-ħaddiema nnfushom. Il-kriterji sabiex jiġu sodisfatti dawn l-obbligi jinsabu mifruxin fir-regolamenti li huma fis-seħħ bis-saħħa tal-Att li jirrifletti l-ispirtu tad-Direttiva 89/391/KEE. Hemm imbagħad S.L. 424.18 li huma r-Regolamenti dwar id-Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol li japplikaw għal kull post tax-xogħol, inkluż siti ta` kostruzzjoni, u li jikkostitwixxu s-sisien tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.**

**L-Avukat tal-Istat fisser li fis-settur ta` kostruzzjoni, l-OHSA hija responsabbli għar-Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi ta` Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol f`Siti ta` Kostruzzjoni) (S.L. 424.36). Verżjoni ta` din il-liġi ilha fis-seħħ mill-2004 iżda riċentament kienet sostitwita bl-Avviż Legali 88 tal-2018, li bih kienet trasposta d-Direttiva tal-Kunsill 92/57/KEE. Ma sarx hekk biss imma nħolqu obbligi onerużi kemm fuq il-klijent, fuq is-*supervisor* tal-proġett, fuq persuni li jaħdmu għal rashom, u fuq persuni li jimpjegaw lin-nies. Il-liġi tgħid min huwa responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà f`sit ta` kostruzzjoni u r-rispettivi obbligi : il-klijent jew aħjar is-sid tas-sit fejn qed isir il-proġett, is- *supervisor* tal-proġett meta dan jinħatar, kull kuntrattur li qed iwettaq ix-xogħol.**

**Kompla jingħad li l-Awtorità trid tingħata avviż bil-quddiem. Għar-rigward ta` siti ta` kostruzzjoni fejn ix-xogħol ikun ippjanat li jdum aktar minn tletin (30) jum tax-xogħol u fuq liema aktar minn 20 ħaddiem jaħdmu fl-istess waqt, jew inkella, fejn il-volum tax-xogħol huwa skedat li jeċċedi l-500 *person-days*, il-project supervisor għandu l-obbligu li jagħti lill-Awtorità notifika speċifika skont Skeda III. Dan l-obbligu kien diġà jeżisti fir-regolamenti li kienu saru fl-2004.**

**L-Avukat tal-Istat josserva li l-OHSA hija responsabbli sabiex tiġbor u tanalizza *data* u statistiċi dwar korrimenti, danni għas-saħħa, u mwiet fuq il-postijiet tax-xogħol. Saret referenza għax-xiehda ta` Dr Mark Gauci dwar l-istatistika ta` fatalitajiet fis-settur tal-kostruzzjoni u kif din l-istatistika għandha tinqara u titqies b`mod reali u korrett.**

**Dr Gauci jidher illi s-settur tal-kostruzzjoni qiegħed jiffunzjona similment bħal dak ta` pajjiżi oħra fl-Unjoni Ewropea. Anke l-Kummissjoni Ewropea iċċertifikat illi l-OHSA qiegħda tagħmel xogħol tajjeb.**

**Ikompli josserva illi l-OHSA kemm mit-termini tal-liġi u kemm mill-kapaċità tal-uffiċjali tagħha ma tistax tevalwa l-integrità strutturali tal-bini stante li n-nies tagħha huma mħarrġin biss dwar saħħa u s-sigurtà. Barra minn hekk l-OHSA m`għandhiex kompetenza legali sabiex tindaga dwar l-integrità strutturali ta` binja. Minkejja dan, l-Awtorità xorta waħda taħdem ma` entitajiet oħrajn biex taġixxi fejn jeżistu nuqqasijiet.**

**Fisser illi lil hinn min kull materja ta` saħħa u siġurta` fuq il-post tax-xogħol, ir-responsabiltà diretta tal-istruttura ta` binja hija riservata għall-Perit.**

**Kompla ssottometta li l-aġġjornament tal-leġislazzjoni kompla matul is-sena li għaddiet meta l-Kap 9 kien emendat sabiex Maġistrat Inkwirenti b`mod tassattiv jippermetti l-uffiċjali ta` l-OHSA il-fakolta` li jkunu preżenti waqt is-smigħ tax-xhieda f`każi ta` inċidenti fuq il-post.**

**Esprima ruħu fis-sens illi ma rriżultax li kien hemm nuqqasijiet mill-OHSA fil-kwadru tat-tielet (3), raba` (4), ħames (5) u sitt (6) termini ta` referenza.**

- **<u>L-Awtorità tal-Ippjanar (PA)</u>**

**L-Avukat tal-Istat jissottometti li l-PA mhijiex intiża sabiex tipproteġi s-saħħa u s-sigurtà ta` persuni iżda hija biss involuta fil proċess tal-permess għall-ippjanar. Kienet il-PA li ħarġet il-permess sabiex isir iż-żvilupp tas-sit in kwistjoni permezz ta` DNO li huwa distint minn proċessi oħra li tagħmel l-Awtorità. Fil-każ ta` DNO, il-proċess huwa iqsar, imma jidher illi xorta hemm obbligi fuq min japplika għal dak il-proċess. Saret referenza għall-Art 5(1) u (3) tal-S.L. 552.08. DNO tista` toħroġ biss għall-klassi ta` bini li huwa nkluż fl-Ewwel Skeda tal-Avviż Legali. Il-permessi huma soġġetti għal regolamenti oħra bħal dawk sanitarji. Mhuwiex il-każ li jingħad illi għax il-proċess kien ta` DNO allura l-proċess mhuwiex serju. Anke fil-każ tal-PA ma jistax jgħid illi kien hemm xi nuqqas li seta` jwassal għall-korriment jew mewt.**

- **<u>L-Awtorita tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA)</u>**

**L-Awtorità kienet kostitwita b`liġi fis-6 ta` April 2021. Qabel saret, l-awtorità li kienet tirregola, jew aħjar tissorvelja l-kostruzzjoni, kien il-"Building**

**Regulation Board", li evolva biex sar l-Aġenzija tal-Bini u l-Kostruzzjoni. Imbagħad saret il-BCA. Kemm kienet ilha hemm u anke qabel, kien hemm ritmu qawwi ta\` titjib leġislattiv. Aktar ma jgħaddi ż-żmien, il-BCA qegħda ssir punt ta\` riferenza fejn jidħlu regolamenti marbuta mal-mod kif għandha ssir il-kostruzzjoni f\`pajjiżna.**

**Skont l-Avukat tal-Istat, materja li riedet regolamentazzjoni kienet il-protezzjoni ta\` terzi persuni meta jkun qiegħed iseħħ żvilupp. Fil-fatt kienet indirizzata bl-S.L. 623.06. Effett ta\` dak l-Avviż Legali kien hemm l-impożizzjoni ta\` penali li laħaq il-figura ta\` 2,242. Dan juri biċ-ċar li l-BCA qegħda tinforza r-regolamenti li hija responsabbli għalihom, liema infurzar b\`mod kostanti qiegħed jiżdied.**

**Kompla jkun rilevat illi fis-16 ta\` Diċembru 2022, il-BCA bdiet tenforza r-regolamenti dwar il-ġestjoni tas-siti tal-kostruzzjoni (S.L. 623.08).**

**L-Avukat tal-Istat ikkontesta bħala zbaljata fejn ingħad mix-xhieda Michael Ferry u Perit Martin Debono li l-BCA kellha s-setgħa li tagħmel infurzar fil-każ ta\` "Stand Alone Buildings" bis-saħħa ta\` S.L. 623.08.**

**Jgħid hekk għaliex il-għan tal-liġi huwa ċar, u cioè li jirregola l-attività f\`sit ta\` kostruzzjoni sabiex ikun minimizzat l-inkonvenjent lil ġirien tas-sit u l-ambjent. Ir-regolamenti kellhom fl-immedjat il-protezzjoni tal-proprjetà tat-terz, u dan *stante* li kien jimmerita attenzjoni malajr u ried għalhekk ikun regolat. Il-Perit baqa\` u għadu responsabbli għall-istruttura.**

**L-Avukat tal-Istat jishaq fuq l-inkariku li ngħatat l-Università ta\` Malta biex isir *"stock take"* u miljorament**

**tal-leġislazzjoni dwar il-kostruzzjoni u li kien kondott mill-Av. Kurt Xerri mill-Fakolta` tal-liġi.**

**L-Avukat tal-Istat jagħmel referenza estensiva għad-depożizzjoni ta` Dr Xerri speċjalment il-parti kontroversa li kienet tirrigwarda l-infurzar ta` *free standing structures.* Fuq l-iskorta ta` dik id-depożizzjoni, jingħad li Michael Ferry u l-Perit Martin Debono kienu żbaljati fl-interpretazzjoni tagħhom tal-liġi. Jekk hemm nuqqas fil-liġi, dan ma nħolqotx issa, iżda li llum il-ġurnata dak in-nuqqas qed jiġi ndirizzat.**

**Kompla jkun rilevat li abbażi tal-Art 18 tal-Kap 623, il-BCA trid tagħmel Building Code/s. Għal żmien twil dan il-Kodici kien qed isir mill-BICC li nkariga lill-Perit Martin Debono. Skont Perit Debono, il-Kap Eżekuttiv tal-BCA waqqaf il-proċess biex ikomplu jsir il-Kodiċi/jiet. Dak mistqarr minn Perit Debono kien kontestat minn Jesmond Muscat fix-xiehda tiegħu. Imma li kieku kellu joqgħod fuq dak mistqarr minn Perit Debono li l-Codes kienu lesti fl-2020, x`sens kien jagħmel li f`Awissu 2022 Perit Debono javza lill-Kap Eżekuttiv tal-BCA li l-Codes kienu għadhom mhux lesti. Il-fatt jibqa` li Perit Debono kien inkorrett fl-informazzjoni li ta lill-Bord.**

**L-Avukat tal-Istat elenka x`sar wara t-3 ta` Diċembru 2022.**

**Kienu twettqu l-maggoranza tar-rakkomandazzjonijiet tal-Quintano Report.**

**Fit-18 ta` Lulju 2023 daħlu fis-seħħ ir-Regolamenti dwar il-Liċenzjar għall-Industrija tal-Kostruzzjoni (L.S. 623.09). U t-twettieq tagħhom kien kollu miexi kif kien ippjanat u mistenni.**

**Pass ieħor kienu l-ħtieġa ta` poloz tal-assigurazzjoni skont Reg 5(3) tal-istess L.S. 623.09 għalkemm il-kwistjoni tal-assigurazzjoni jidher li għadha miftuħa għaliex il-koperatura attwali tgħodd għal proġetti ndividwali. Għad ma hemmx diskordanza ta` veduti mal-Malta Insurance Association dwar kif għandha tinfirex l-assigurazzjoni però t-tahdidiet għaddejjin. Kontra dak affermat mix-xhud Av. Jason Azzopardi, xejn ma tħalla fuq l-ixkaffa.**

**L-Avukat tal-Istat jikkontesta dak mistqarr minn Dr Azzopardi meta xehed illi kieku l-abbozzi li xehed dwarhom saru liġi l-inċident tal-mewt ta` Jean Paul Sofia ma kienx isehh. Fil-fatt sar ħafna xogħol mill-awtoritajiet pubbliċi li Dr Azzopardi lanqas biss accenna għalih fid-depożizzjoni tiegħu.**

**L-Avukat tal-Istat saħaq illi kemm qabel, matul u anke wara l-mewt ta` Jean Paul Sofia, il-BCA dejjem imxiet skont il-mansjonijiet tagħha stabbiliti mil-liġi. Mhux biss għadha għaddejja b`riformi kontinwi li jikkompetu lilha.**

- **<u>L-Awtorità ta` Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA)</u>**

**L-Avukat tal-Istat irrileva li l-MCCAA hija responsabbli għar-regolament tal-UE 305/2011 li jistabilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kumerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li ħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106.**

**Jgħid li l-kwistjoni li qamet fl-Inkjesta kienet jekk il-briks fil-każ *de quo* waslux għall-kollass tal-istruttura ġewwa Kordin fit-3 ta` Diċembru 2022.**

**Għandu jingħad li fil-proċess verbal tal-Maġistrat Inkwirenti il-kwalità tal-briks ma tissemmiex bħala waħda mill-fatturi li wasslet għall-kollass.**

**Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 jarmonizza l-metodu ta` assessjar rigward il-prestazzjoni ta` prodotti għall-bini mingħajr ma jistabilixxi rekwiżiti fl-UE kollha għall-prodotti nfushom. Għaldaqstant, l-għan ta` dan ir-Regolament hu li jikkreja lingwa teknika komuni dwar karatteristiċi essenzjali tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-bini, biex b`hekk il-professjonist, l-awtoritajiet pubbliċi u x-xerrej ta` dawn il-prodotti ikun jista` jqabbel il-prestazzjoni ta` prodott ma` ieħor, anke jekk ġejjin minn pajjiżi differenti ġewwa l-Unjoni Ewropea;**

**Fil-valutazzjoni ta` impatt ippubblikat mill-Kummissjoni Ewropea kif ukoll fir-riżoluzzjoni tal-Parliament Ewropew rigward ir-Regolamenti tal-UE dwar prodotti għall-bini hemm spjegat li, b`differenza għal ħafna leġiżlazzjoni Ewropea oħra dwar is-suq intern, il-marka CE fuq il-prodotti għall-bini tirreferi għall-assessjar tal-prestazzjoni tal-prodott u mhux għall-konformità tal-prodott ma` xi rekwiżiti. F`dawn id-dokumenti, hemm ukoll spjegat li l-marka CE fuq il-prodotti għall-bini, m'hiex marka ta` kwalità u ma tindikax li l-prodott huwa sigur jew li l-prodott huwa konformi mar-regolamenti nazzjonali dwar il-bini**

**Fil-valutazzjoni ta` impatt ippubblikat mill-Kummissjoni Ewropea huwa wkoll rikonoxxut li dawn id-differenzi ħafna drabi joħolqu konfużjoni fost il-partijiet interessati minħabba n-nuqqas ta` għarfien jew l-interpretazzjoni skorretta tal-marka CE fuq il-prodotti għall-bini, li jwassal għal inċertezza legali.**

Għaldaqstant kif fissret il-Kap Eżekuttiv tal-MCCAA fix-xiehda tagħha l-għan ewlieni ta` dan ir-regolament hu li jassigura moviment liberu tal-prodotti fis-suq uniku u mhux li jistabbilixxi xi regoli dwar is-sigurezza tal-prodotti. Għalhekk, fl-implimentazzjoni ta` dan ir-regolament, l-Awtorità ma setgħet qatt tkun mistennija tieħu xi passi/azzjoni sabiex tevita xi riskju ta` korriment u/ jew mewt.

Fejn jidħol is-sorveljanza tas-suq, l-intenzjoni mhijiex li jsiru kontrolli fuq kull prodott disponibbli fis-suq, iżda li jsiru fuq kampjun ta` dawn il-prodotti. Is-sorveljanza tas-suq isseħħ fl-istadju tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti u mhux waqt il-proċess tal-manifattura jew installazzjoni. Prodotti tal-bini li jiġu nstallati direttament mill-manifattur tagħhom stess, m'għandhom bżonn l-ebda dikjarazzjoni tal-prestazzjoni u marka CE skont Regolament (UE) Nru 305/2011 minħabba li dawn qatt ma jkollhom trasferiment tas-siedja, pussess jew kull dritt ieħor bħala prodotti individwali.

Tajjeb jingħad illi l-introduzzjoni ta` sistema nazzjonali ta` awtorizzazzjoni ta` prodotti għall-bini oltrè dak ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 qabel il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott tirrestrinġi l-aċċess għas-suq u għalhekk titqies li toħloq miżura b`effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva fl-ambitu ta` Artikolu 34 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Skont l-artikolu 11 ta` Regolament (UE) 2019/1020, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, bħala parti mill-attivitajiet tagħhom, għandhom iwettqu kontrolli xierqa fuq il-karatteristiċi tal-prodotti fuq skala adegwata, permezz ta` kontrolli dokumentarji u, fejn xieraq, kontrolli fiżiċi u tal-laboratorju bbażati fuq kampjuni adegwati, filwaqt li jipprijoritizzaw ir-riżorsi u

l-azzjonijiet tagħhom biex jiżguraw sorveljanza effettiva tas-suq u filwaqt li jqisu l-istrateġija nazzjonali ta` sorveljanza tas-suq. L-ewwel livell ta` kontroll għandhom ikunu verifiki ta` dokumenti u verifiki viżwali, bħall-marka CE u fejn tehel, id-disponibbiltà ta` dokumentazzjoni u l-informazzjoni li takkumpanja l-prodott. Madankollu, jistgħu jkunu neċessarji verifiki aktar fil-fond sabiex tiġi vverifikata l-konformità, pereżempju l-kontenut tad-dokumentazzjoni rekwiżita bir-regolamenti tal-UE.

Barra minn hekk, meta l-operaturi ekonomiċi jippreżentaw rapporti ta` testijiet jew ċertifikati ta` attestazzjoni tal-konformità tal-prodotti tagħhom mal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni maħruġa minn korp ta` valutazzjoni tal-konformità akkreditat f`konformità mar-Regolament (KE) Nru 765/2008 ('notified bodies'), l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom, skont artikolu 11 ta` Regolament (UE) 2019/1020, jagħtu l-kunsiderazzjoni debita lil dawk ir-rapporti jew ċertifikati. Iktar minn hekk, permezz ta` artikolu 4, Regolament (UE) 305/2011 li jobbliga lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq sabiex jippreżumu li d-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni mfassla mill-manifattur hija preċiża u affidabbli, sakemm m`għandhomx indikazzjonijiet oġġettivi għall-kuntrarju.

Skont l-Avukat tal-Istat l-ittestjar ta` prodotti għall-bini jista` jservi biss bħala wieħed mill-għodod tagħha f`investigazzjoni meta jkun hemm indikazzjoni oġġettiva li d-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni mfassla mill-manifattur m'hiex preċiża u affidabbli.

Fil-każ tal-lum, minkejja li l-Awtorità ma kellha l-ebda evidenza ta` nuqqas ta` konformità ta` xi operatur ekonomiku rigward xi tip partikolari ta` prodott għall-bini, u minkejja li l-Awtorità ma kellha l-ebda ilment u

**informazzjoni oħra li jindikaw nuqqas ta` konformità ta` prodott għall-bini , xorta waħda wettqet 'il fuq minn 700 spezzjoni fuq kategorji varji ta` prodotti għall-bini.**

**Ir-Regolament (UE) 305/2011 mhux intiż biex jipproteġi s-saħħa u s-sigurtà ta` persuni. Fl-ambitu tal-obbligi tagħha l-MCCAA fl-implimentazzjoni u l-enforzar ta` tar-Regolament imxiet tajjeb u skont id-direzzjoni u gwida tal-EU.**

**b) <u>Osservazzjonijiet</u>**

**Il-Bord kien kostitwit u mniedi bis-saħħa ta` liġi tal-pajjiż sabiex jinvestiga u jagħti risposti.**

**Il-Bord jaċċerta lil kulħadd li l-istħarriġ tiegħu kien mirqum, metikoluz, attent u rispettuż lejn il-jeddijiet ta` kulħadd inkluż imma mhux biss lejn Jean Paul Sofia li tilef ħajtu jew ħaddiema oħrajn li ndarbu fl-inċident.**

**Saret din il-premessa għaliex dan it-tielet (3) terminu ta` referenza huwa kruċjali billi ċentrali fil-mira tiegħu hija investigazzjoni ta` kif ġab ruħu l-Istat f`kull materja li tirrigwarda s-saħħa u sigurtà tal-persuni fl-oqsma tal-iżvilupp u kostruzzjoni. Sabiex it-tielet (3) premessa titqiegħed fil-kwadru propju tagħha, wieħed irid ta` bilfors jiltaq mill-obbligi tal-Istat.**

**Tabilħaqq ma ssir ħsara ta` ebda għamla jekk infakkru li tagħna huwa Stat membru tal-UE (u allura marbut bl-obbligi li dak l-istatus jimporta) <u>kif ukoll</u> Stat membru tal-Kunsill tal-Ewropa (daqstant ieħor marbut bl-obbligi li anke dak l-istatus jimporta).**

**Tinsorġi allura d-domanda :**

**Tenut kont tad-dinamika tal-waqa` tal-binja li xxokkjat il-pajjiż, fir-realtà sejjer ifisser xi ħaġa jew x`imkien ?**

**It-tweġiba għal dan il-kwesit, trid tkun ta` bilfors riċerkata fil-pedament li jagħmel minnha pajjiż imsejjes fuq valuri dejjiema.**

**Ewlieni huwa <u>d-dritt għall-ħajja</u> li huwa dritt protett fil-milja tiegħu mill-<u>Art 33 tal-Kostituzzjoni ta` Malta</u>, kif ukoll mill-<u>Art 2 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Liberatjiet Fondamentali</u>. Kif inhuma mfassla dawn id-disposizzjonijiet hija garantita l-inkolumità u l-integrità fiżika ta` kull persuna.**

**<u>Speċifikament</u> il-Konvenzjoni timponi fuq l-iStat mhux biss obbligu negattiv imma wkoll obbligu pożittiv li jassigura li bl-aġir tiegħu d-dritt tal-ħajja ta` kull persuna jkun protett b`liġi. Stat mhux biss m`għandux jippermetti li l-ħajja ta` persuna tkun ippregudikata, imma għandu wkoll l-obbligu li jieħu l-passi kollha xierqa u meħtieġa biex tiġi mħarsa l-ħajja tal-persuni kollha fil-ġurisdizzjoni tiegħu. Għalkemm l-obbligu pożittiv tal-iStat li jwettaq miżuri operazzjonali ta` prevenzjoni biex jipproteġi lill-persuna mhuwiex wieħed assolut, fl-istess waqt jibqa` obbligu li għandu jitwettaq skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta` kull sitwazzjoni. Issa fejn tidħol is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fil-postijiet tax-xogħol, l-obbligu pożittiv tal-Istat għandu jilhaq il-milja tiegħu.**

**Is-saltna tad-dritt tikkomprendi elementi essenzjali ta` governanza tajba li jmorru 'l hinn minn dak li huwa strettament legali jew l-osservanza rigoruża tal-liġijiet u regolamenti. Il-Bord jirrikonoxxi li l-liġijiet waħedhom mhux biżżejjed u r-riċerka ta` legaliżmi bħala pretest biex jew ma jsir xejn jew inkella biex wieħed ifarfar fuq ħaddieħor mhux aċċettabbli. Kull fejn jirriżulta li liġi ma tkunx qegħda tiġi enforzata kif jixraq allura jkun meħtieġ li jittieħdu miżuri rimedjali sabiex l-infurzar ikun aktar rigoruż u tajjeb sabiex jitwarrab l-abbuż.**

**Ir-regoli għandhom jgħoddu għal kulħadd bl-istess mod. Dment li jitħalla jippersisti sentiment fejn mażżgħir wieħed ifittex ix-xagħra fl-għaġina u ma` min hu b`saħħtu mhux biss tingħalaq għajn waħda imma jingħalqu t-tnejn, allura l-folja mhux se ddur għall-aħjar . Din hija l-verità. Sabiex it-tielet (3) terminu ta` referenza jkun indirizzat sewwa, wieħed irid iħares lejn il-materji li t-terminu ta` referenza qiegħed jitlob investigazzjoni dwarhom.**

**Il-materji huma dawn :-**

- **Is-saħħa u s-sigurtà ta` persuni matul il-fażijiet kollha tal-iżvilupp u l-kostruzzjoni ;**
- **L-istat tad-dritt f`dak il-qasam qabel u wara t-3 ta` Diċembru 2022 ;**
- **L-infurzar tad-dritt, tal-policies, tal-proċessi u tal-obbligi amministrattivi ;**
- **Il-miżuri operazzjonali preventivi.**

**Ladarba taħt il-lenti hemm is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni matul il-fażijiet kollha tal-iżvilupp u tal-kostruzzjoni, wieħed ta` bilfors irid jinvestiga x`leġislazzjoni kien hemm fis-seħħ bir-relattivi policies u proċessi u kif il-leġislazzjoni giet infurzata. Il-Bord se jagħmel l-analiżi tiegħu abbażi tad-depożizzjonijiet li sema`u jinkwadra kollox fl-ambitu tat-tliet awtoritajiet li b`mod ewlieni huma mifruxa fuq il-qasam u cioè l-PA, il-BCA u l-OHSA. Qegħdin jintużaw l-abbrevjazzjonijiet għall-iskop ta` faċilita`.**

**Qabel iqis il-pożizzjoni ta` kull waħda mit-tliet awtoritajiet u l-imġieba tal-uffiċjali tagħha, il-Bord sejjer jagħmel serje ta` premessi ta` prinċipju.**

**Il-liġijiet isiru meta tinħass il-ħtieġa għalihom. Isiru wkoll għaliex l-Istat ikollu obbligi naxxenti mir-relazzjonijiet internazzjonali tiegħu bħal ma huma l-obbligi fil-kuntest tal-UE. Però meta ssir liġi jeħtieġ li pari passu magħha jkun hemm kwadru serju ta` infurzar. Kultant issib min jgħid li aħjar liġi ma ssirx jekk ma tistax tkun infurzata tajjeb u bis-serjetà għal raġuni jew oħra. Inoltre kull liġi għandu jkollha l-miri tagħha. L-iżvilupp u l-kostruzzjoni fuq naħa waħda u s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni fuq in-naħa l-oħra huma oqsma fejn huwa kruċjali li s-sostanza tal-leġislazzjoni u l-infurzar tagħha jimxu flimkien.**

**Meta t-tielet (3) terminu ta` referenza jitkellem dwar *miżuri operazzjonali preventivi* wieħed għandu jifhem kemm miżuri ta` prevenzjoni kif ukoll ta` infurzar. Il-problema mhijiex li tikteb liġijiet u tgħaddihom mill-Parlament speċjalment meta l-Eżekuttiv ikollu maġġoranza solida. Id-diffiċli jinsab f`li tenforza dawk il-liġijiet għaliex il-firxa tal-persuni li ser**

**ikunu soġġetti għal dawk il-liġijiet se jkun bil-wisq akbar. Sabiex dan isir, irid ikun hemm rieda politika ċara. Dan ifisser li l-Eżekuttiv u l-entitajiet pubbliċi għandhom jagħtu kenn mhux daqstant lil min qiegħed f`qagħda privileġġjata għax jista` jkollu influwenza fuq l-operat tal-Eżekuttiv u tal-entitajiet pubbliċi imma lil dawk il-persuni bla vuċi għax ikunu mġarrba fi drittijiethom. U r-rieda politika tissarraf fl-infurzar tal-liġijiet billi l-entitajiet pubbliċi jingħataw il-mezzi u n-nies sabiex dan ikun jista` jsir.. Hemm tissarraf il-kwalità tal-Istat : u cioè kemm huwa kapaċi jwettaq fir-realtà dak li l-Istat jidhirlu li għandu jirregola b`liġi. Jekk l-Istat ifalli f`dan l-aspett tant ewlieni, allura l-Istat ikun qed jonqos serjament fil-kredibilita` tiegħu.**

**Il-liġijiet għandu jkollhom finalità. L-aktar importanti hija li jimtela vojt meta l-vojt ikun aċċertat. Stat li jemmen fis-saltna tad-dritt m`għandux jippermetti *loopholes* f`liġijiet b`mod partikolari f`qasam sensittiv bħal ma huwa l-bini u l-kostruzzjoni. Għax il-vojt iġib miegħu l-inċertezza u meta jkun hemm inċertezza jsir inqas diffiċli għal min għandu interess jiskarta mill-obbligi tiegħu u fl-istess waqt jirrendi diffiċli l-infurzar. Kollox huwa ħolqa ma` oħra.**

**Jekk kien hemm każ fejn l-inċertezza leġislattiva, u allura l-konsegwenti karenza ta` infurzar, telgħu fil-wiċċ kien propju l-każ mertu ta` din l-inkjesta in partikolari min kellu jgħasses fuq *free standing structures.* Dwar dawn, il-Bord ikollu okkażjoni `l quddiem li jesprimi ruħu.**

**In linea ta` prinċipju, il-Bord għandu dubju kemm tassew is-saħħa u s-sigurtà ta` persuni f`postijiet tax-xogħol jiġu protetti u inċidenti skansati jekk inkunu dipendenti b`mod eċċessiv fuq aktar regolamenti**

**komplessi u dettaljati. Li ċertament huwa meħtieġ hija ċ-ċertezza tad-dritt, u cioè fejn kulħadd jaf fejn hu, fejn kulħadd jaf x`obbligi għandu, x`hemm għalih jekk jonqos, fejn ix-xogħol f`oqsma riskjuzi, bħal ma huwa l-kostruzzjoni, għandu jkun kondott skont regoli li jqegħdu fuq quddiem il-kompetenza, is-sengħa u l-abilita` li taħdem mhux biss tajjeb imma fis-sigurtà.**

**M`aħniex nittrattaw xi ħwejjeġ straordinarji iżda qegħda tiġi nvokata mġieba dettata mill-buon sens. Kontra dawk li jgibu ruħhom billi jtellgħu l-ħitan tal-indifferenza u tan-nonkuranza għall-ħajja ta` ħaddieħor, għandha tidħol is-saħħa tad-dritt li trid tissarraf billi l-infurzar tal-liġi ssir b`mod li ma tħares lejn wiċċ ħadd. Jekk sit tal-kostruzzjoni, bħal kull post tax-xogħol ieħor, jitħalla sprovvist mis-sigurtà, l-inċidenza u l-probabilita` tal-inċidenti tiżdied bil-bosta, għaliex inċident jispicca jitqies bħala donnu riskju aċċettabbli sabiex persuna taqla` l-hobża ta` kuljum. !ertament m`għandux ikun il-każ. Is-saħħa u s-sigurtà għandhom ikunu parti integrali mill-proċess ta` tmexxija tal-azjenda. Il-verità trid tingħad bla ma ħadd ma jħares lejn wiċċ ħadd.**

**Il-Bord jafferma li hemm leġislazzjoni fis-seħħ imma mhijiex biżżejjed dment illi l-livell ta` nfurzar jibqa` fqir u inadegwat kif inhu fil-preżent, prattikament mingħajr ebda ko-ordinament effettiv bejn l-entitajiet kollha li direttament jew indirettament huma nvoluti fis-settur tal-bini u kostruzzjoni.**

**Mingħajr eċċezzjoni, l-argument li ġabu bosta mill-persuni ġejjin minn entitajiet tal-Istat li xehdu kien li : *'aħna m`għandniex x`naqsmu ma` dan il-każ'*. Ftit eżempji :**

(i) ***'Imma mhuwiex il-mansjoni tal-INDIS li tmur tara kif qed tinbena l-binja'* – Nutar Jean Pierre Attard, Chairman Eżekuttiv, INDIS Malta.**

(ii) **'L-*uffiċjali tal-OHSA mhumiex kompetenti biex jindunaw, għaliex mhux ittrennjati u mhux il-kompetenza tagħhom biex jaraw jekk bini hux mibni safe jew le*. *Dik hija responsabbiltà stabbilita taħt liġijiet oħrajn u mhux taħt l-Occupational Health and Safety Authority Act'* – Tabib Mark Gauci, Kap Eżekuttiv OHSA.**

(iii) ***'Għaliex, għax il-liġi kif inhi qiegħda Regulation twenty six sub article four (26 (4)) aħna qegħdin hemm biex nipproteġu lit-terzi u xi ħaġa iktar milli ġara, sfortunatament ma setgħetx tiġri biex turi li t-terzi, il-binjiet tat-terzi kienu protetti'* - Sur Jesmond Muscat, Kap Eżekuttiv, MCA**

**Ir-realtà hi fejn si tratta ta` nfurzar, is-settur tal-kostruzzjoni għandu nuqqas evidenti kemm bħala kwantità kif ukoll bħala kwalità ta` spetturi.**

**Biex nagħtu kuntest tas-sitwazzjoni li ninsabu fiha llum f`dan il-qasam, tajjeb inżommu quddiem għajnejna li dan is-settur huwa wieħed li skont il-Perit David Xuereb, Chairperson OHSA u Direttur fuq il-Bord tal-BCA, *'Ovvjament naf fejn qegħdin, tista` tgħid li għandna pazjent marid u qed nipprovaw nagħtuh ħafna injections u ħafna pilloli kollha fl-istess ħin. Ir-realtà hija li l-pazjent huwa marid, għax għal dan l-aħħar ħafna snin, għexieren ta` snin, l-industrija ma rregolajnihiex. L-unika liċenzja li għandna hija warrant ta` perit u l-liċenzja ta` bennej. Meta aħna nafu li fuq is-sit tal-kostruzzjoni għandek kumplikazzjonijiet ħafna iktar minn dawn it-tnejn.'* U, kif żied, *'Jiġifieri ma rridx però niskuża l-fatt li din l-industrija għal għexieren ta` snin kienet komda mingħajr regoli u mingħajr l-abilità li nissanzjonaw lil***

***min mhux responsabbli. Dak li naħseb illi ovvjament qed iweġġagħna llum il-ġurnata`*.**

**Dan kien ikkonfermat mill-Perit Maria Schembri Grima, li meta domandata dwar l-istat tas-settur,, qalet bla tlaqliq '*Unregulated kienet. Min irid jagħmel li jrid'*.**

**Fuq l-istess nota xehed Jesmond Muscat, Kap Eżekuttiv preżenti tal-BCA. Meta mistoqsi dwar is-sitwazzjoni preżenti tal-industrija tal-kostruzzjoni wieġeb '*Is-sitwazzjoni ta` bniedem marid għal erbgħin (40) sena'*.**

**Apparti li ebda entità ma ħassitha responsabbli ta` infurzar f`dan il-każ partikolari, kważi kull entità ammettiet mal-Bord li għandha nuqqas qawwi f`dak li hu numru ta` spetturi biex iwettqu infurzar fuq is-siti.**

**Kien hemm min qal li dan hu dovut għax ma ngħatax flus għal dan l-iskop mill-Ministeru tal-Finanzi, argument imxejjen mill-informazzjoni mogħtija mill-istess Ministru tal-Finanzi.**

**Fil-fatt skont informazzjoni mgħoddija lill-Bord mill-Ministru, joħroġ ċar, pereżempju, li l-BCA fil-31 ta` Diċembru 2022 kellha accumulated funds ta` 1.28 miljun ewro. Dan huwa rifless ukoll fil-bilanċ tal-bank tal-BCA li kien jammonta għal 1.83 miljun ewro. Sitwazzjoni identika fl-OHSA – fl-aħħar tal-2022 dawn kellhom ammont ta` 1.35 miljun ewro bħala accumulated funds, li minnhom 1.17 miljun ewro kienu bilanċ fil-bank. Dawn il-fondi żgur li setgħu jintużaw biex jiġu ngaġġati aktar spetturi, kieku t-tmexxija tal-**

**BCA u l-OHSA kienu verament iħossu li dan kien ta` prijorità għalihom! Kien hemm min qal ukoll li dan in-nuqqas kien dovut prinċipalment għall-fatt li ma kienx hawn ħaddiema kwalifikati fis-suq tax-xogħol. Imma l-istess, kif jingħad aktar 'l isfel, din is-sitwazzjoni setgħet tiġi indirizzata permezz ta` opportunitajiet ta` taħriġ għal tali impjegati fil-qasam tal-infurzar. Fil-fatt, anki l-istess spetturi li huma diġà ingaġġati ma` dawn l-entitajiet għandhom bżonn urġenti ta` taħriġ biex ikunu aktar effettivi u inċisivi fix-xogħol tagħhom, kif stqarr il-Kap Eżekuttiv tal-OHSA, Dr Mark Gauci. Aħseb u ara rekluti ġodda li ma kellhomx esperjenza jew kompetenza f`dan is-settur!**

**Il-Bord huwa tal-fehma li dawn l-iskużanti ma jiġġustifikawx is-sitwazzjoni ta` nuqqas ta` infurzar li tissussisti anke llum. Sitwazzjoni li sfortunatament ilha teżisti snin twal u wasslet għal bosta mwiet u korrimenti serji matul is-snin.**

**Qajla jista` jkun aċċettabbli u ammissibbli l-fatt li filwaqt li hemm dan in-nuqqas qawwi ta` spetturi, fl-istess ħin il-Bord tad-Diretturi ta` kull entità għandu numru meqjus eċċessiv ta` membri – xi ħaġa li *prima facie* tista` tnaqqas l-effettività operattiva tal-Bord u li tistona ħafna meta mqabbla ma` kemm hemm spetturi.**

**It-tabella li ġejja turi n-numru ta` impjegati li jagħmlu spezzjonijiet kif imqabbel ma` dak tad-Diretturi tal-Bord rispettiv :**

| ***Entità*** | ***Membri fil-Bord*** | ***Numru ta` spetturi*** |
|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| **OHSA** | **9** | **13** |
| **BCA** | **11** | **17** |
| **Jobsplus** | **16** | **11** |

**Apparti l-kwantità ta` spetturi, il-Bord huwa preokkupat anke mill-kwalitàmeta jkun mistqarr li dawn l-impjegati ma għandhomx kompetenza teknika u allura ma jistax ikun hemm livell għoli ta` infurzar f`dan is-settur.**

**Issir referenza għad-depożizzjoni ta` Dr Mark Gauci fejn ingħad :**

***'Le imma li kieku kienet infurmata u li kieku marru l-uffiċjali, għax dan punt importanti ħafna, Sur Imħallef. Li kieku kienet infurmata u li kieku marru l-uffiċjali tal-OHSA xorta ma kinux ser jidentifikaw li hemm problema`.***

**Meta mistoqsi għaliex, ix-xhud wieġeb**

***'Għaliex m'għandhomx il-kompetenza teknika'*. U kompla *'Il-kompetenza hija f`dak li għandu x'jaqsam mal-applikabilità tal-liġijiet ta` Health and Safety. Il-liġi tal-Health and Safety ma għandna l-ebda referenza għall-iskills u kif inti tkun qed tagħmel ix-xogħol għal kwalunkwe attività. Il-liġi tal-OHSA ma tirregolax lil tabib kif għandu jopera imma jista` jkollok inċidenti li jwasslu jekk ikollok pereżempju tabib li qed jopera b`mod negliġenti u jwassal għall-inċident. L-OHSA mhux se tinvestiga dan jekk mhux kompetenti, kif opera, eċċetera. Tinvestiga kif wassal għall-inċident u fis-settur tal-kostruzzjoni l-istess ħaġa'*.**

**Dak mistqarr iħasseb u jinkwieta għaliex dak jista` jfisser ukoll li l-aspett ta` prevenzjoni mill-OHSA mhux qed jitwettaq għax jekk l-ispetturi ma jindunawx**

**li ħaddiema li jkunu on site, jew min inzerta jkun on site bħalma sar f`dan il-każ partikolari, qiegħed f`periklu, sinċerament ma nafux x'inhu l-iskop ta` dawn l-inspections.**

**Fl-istess ħin, it-Tabib Gauci, minkejja li l-OHSA għandu biss 13-il persuna li jagħmlu xogħol ta` infurzar, u jkunu dejjem tnejn tnejn flimkien, u minkejja l-limitazzjonijiet tekniċi kif_stqarr hu stess, qal li '*Mhu veru xejn u dan huwa, dawn huma affarijiet illi hemm evidenza, li huma bil-kontra ta` dak li jkun qed jintqal u l-messaġġ li jrid joħroġ minn dan meta ngħidu isma` l-OHSA hija attiva, qed tenforza, qed ittella' n-nies il-Qorti, huwa ta` deterrent biex dak li jkun joqgħod attent qabel jagħżel illi ma jiħux il-miżuri li hemm bżonn*'.**

**Fil-fatt, biex il-Bord ikun oġġettiv, huwa għamel referenza għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew (Petition No 0495/2021 by Christopher Stott (British) on the application of health and safety measures in the construction industry in Malta) li fiha ntqal li '*In light of the analysis of all the information available, including the information transmitted by the Maltese authorities following the requests for information from the Commission services, it appears that the national authorities have taken appropriate measures to ensure the health and safety of workers in the construction sector in Malta with a view to reduce the number of accidents. The Commission is therefore of the opinion that there are currently no grounds to take steps against Malta for violation of the above-mentioned EU health and safety legislation*'.**

**Issir ukoll referenza għal dak li xehdet Abigail Agius Mamo, CEO tal-Kamra tal-SMEs, li kienet ċara ħafna fl-analiżi tagħha, li hija kważi dijamettrikament opposta għal dak li qal it-Tabib Gauci :**

***'We cannot rely on self regulation ……. u ma naħsibx li we can rely on a system which is basicly self regulation, jiġifieri sakemm ma jkunx enforcement tajjeb u sakemm ma niċċekkjawx u nieħdu interess minnaħa tal-awtoritajiet, dawn mhux se jagħmlu l-biċċa tagħhom sew u kif nixtiequ'.*** **U żiedet bl-iżjed mod skjett** ***'Għalhekk aħna għafasna ħafna fil-feedback tagħna fuq l-enforcement għax aħna nemmnu li jekk sistema ma tistax tiġi enforced b`mod sistematiku u b`mod prattiku not just relying on human resources but adding other resources, nafu li s-sistema mhix se tkun ta` suċċess'*****.**

**Il-Bord huwa tal-fehma li l-istat attwali tas-settur huwa rifless b`mod preċiż f`kull ma ġie rilevat sa issa.**

**Aspett ieħor relevanti marbut mas-suġġett ta` infurzar, li fil-fatt isaħħaħ l-argument favur il-bżonn li dan jiġi msaħħaħ malajr kemm jista` jkun, huwa dwar kemm il-multi li jingħataw għan-nuqqasijiet identifikati fil-fatt iservu ta` deterrent għal min hu nvolut fl-industrija tal-kostruzzjoni.**

**Minn analiżi ta` data ppreżentata mill-BCA, bejn it-13 ta` Frar 2023 sal-21 ta` Awwissu 2023, ingħataw minn din l-entità 149 multa lil site managers, b`total ta` 84,150 ewro. Dan jikkorrispondi għal medja ta` madwar 565 ewro għal kull multa; fil-fatt, kważi 90% fil-mija ta` dawn il-multi kienu jammontaw għal 500 ewro jew anqas! Fil-każ ta` multi lil żviluppaturi/kuntratturi il-medja ta` multi hija ftit anqas, kważi 506 ewro! Mingħajr dubju, dawn huma ċifri baxxi wisq biex iservi bħala deterrent effettiv f`qasam bħal dak tal-kostruzzjoni.**

**c) <u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**Fl-isfond tal-premess, il-Bord ser ikompli jagħmel il-konsiderazzjonijiet tiegħu dwar it-tielet (3) terminu ta` referenza fil-kuntest ta` dawk l-awtoritajiet li jmissu direttament jew indirettament mas-saħħa u s-sigurtà tal-persuni f`postijiet tal-kostruzzjoni wara li qies l-evidenza li tagħha ħa konjizzjoni fil-kors ta` din l-Inkjesta.**

- **<u>L-OHSA</u>**

**Il-Bord jibda <u>bl-OHSA</u>.**

**Fl-inkjesta xehdu t-Tabib Mark Gauci (li għal aktar minn 20 sena) kien il-Kap Eżekuttiv (u llum m`għadux) u l-Perit David Xuereb (li sal-lum għadu) Chairman tal-Bord tal-OHSA.**

**Dwar li xehdu, diġà saret referenza fil-qosor aktar kmieni.**

**Li ġejjin huma l-ħsibijiet tal-Bord dwar aspetti ta` dik ix-xiehda safejn jinkwadraw ruhhom fit-tielet (3) terminu ta` referenza.**

- **<u>Tabib Dr. Mark Gauci</u>**

**Il-Bord ra d-dokumenti b`dati statistici li ppreżenta Dr Gauci sabiex jipprova jikkonvinċi lill-Bord li l-qagħda tal-pajjiż meta mqabbla ma` dik ta` Stati oħra membri tal-UE turi xejriet tajbin mingħajr indikaturi ta` drammaticità.**

**Il-Bord m`għandux għalfejn jiddubita li meħuda bħala kumpless id-*data* preżentata hija oġġettiva meta titqies l-infortunistika fil-postijiet tax-xogħol b`mod ġenerali, però jibqa` bla dubju l-fatt li s-salib veru huwa l-qasam tal-kostruzzjoni bid-*data* tal-imwiet b`mod ġenerali xxaqleb sewwa lejn in-negattiv – tħares mnejn tħares.**

**Il-figuri qegħdin hemm biex jgħinu fis-soluzzjoni mhux biex il-problema titqiegħed taħt it-tapit. U l-qasam tal-kostruzzjoni jeħtieġ interventi b`saħħithom ta` kull xorta.**

**Il-Bord jikkonsidra b`mod pożittiv il-ħidma tal-persuna Tabib Dr. Mark Gauci. Ra l-OHSA fil-bidu nett tagħha, saħansitra qabel twieldet meta kienet għadha fil-ġuf, u kien strumentali biex is-settur iħejji ruħu għall-isfidi taż-żmien.**

**Dan premess u rikonoxxjut, il-Bord jirrileva bl-akbar rispett li mkien m`għandha persuna tibqa` għal aktar minn 20 sena tmexxi l-OHSA – tajjeb kemm inti tajjeb. Għalhekk tkun xi tkun l-istruttura tal-OHSA fil-futur, il-Kap Eżekuttiv għandu jkollu nkarigu ċirkoskritt fiż-żmien. Il-politiċi għandhom jerfgħu r-responsabilitajiet tagħhom mhux jistrieħu fuq il-kompetenza ta` persuni tekniċi tajbin li għaliex ikunu**

**tajbin jsiru kważi ndispensabbli. Ħadd m`għandu jqis lilu nnifsu ndispensabbli għaliex ma jkunx fl-interess tal-ġid komuni.**

**Fuq l-iskorta tal-evidenza, il-Bord jirrimarka li r-Regolamenti li huma fis-seħħ bis-saħħa tal-Kap 424 kemm dawk ġenerali kif ukoll dawk speċifiċi jew mhux qed jiġu applikati jew mhux jiġu applikati tajjeb biżżejjed.**

**Fil-preżent jirriżulta li hemm karenza fil-kontroll u fl-infurzar. Is-suċċess tal-interventi tal-OHSA m`għandhomx jitkejjlu biss abbażi ta` l-għadd tal-persuni li qegħdin jitressqu quddiem il-qrati għaliex ikunu kisru l-liġijiet tal-OHS (għalkemm anke l-għadd bħala tali ma huwa xejn straordinarju) imma u fuq kollox abbażi ta` kemm ħaddiema qegħdin iweġġgħu inqas, jimirdu inqas u jmutu inqas fil-postijiet tax-xogħol.**

**Il-Bord inkwieta meta sema` jingħad li l-OHSA m'għandha l-ebda responsabbiltà legali jew teknika f`materji ta`** ***public safety*****, fil-protezzjoni ta` terzi waqt xogħol li jkun qed isir. Imma dan xi jfisser ? Li meta spettur tal-OHSA jara periklu li ma jaqax fir-responsabilità tiegħu jagħlaq għajnejh u jibqa` għaddej ? Jekk dak ikun il-każ, m`għandux jirreferi għal min jidhirlu li taqa` fil-kompetenza tiegħu ? Id-diżgrazzja tkun jekk ħadd ma jerfa` responsabilità.**

**Titħasseb tisma` jingħad li l-OHSA m`għandhiex kompetenza teknika u legali biex taġixxi fir-rigward ta`**

**strutturi ta` bini. Qegħda ssir din ir-rimarka għaliex ir-Reg. 6 tar-<u>Regolamenti Dwar Ħtiġijiet Minimi ta` Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (L.S. 424.15)</u> jittratta dwar l-obbligi ta` min iħaddem li jiżgura li l-kostruzzjoni u l-istabbilita` ta` kull bini u struttura jew xi parti minnhom ikunu xierqa għall-użu li għandu jsir minnhom. L-infurzar ta` dak l-obbligu jispetta lill-OHSA. L-obbligu jestendi wkoll għaż-żmien meta dik il-binja tkun għadha tiela`altrimenti kif se jkun assigurat b`mod preventiv (mhux wara diżgrazzja) li l-binja tkun xierqa għall-użu li se jsir minnha ?**

**Il-Bord ikompli jsaħħah ir-riservi tiegħu dwar il-proċess ta` infurzar min-naħa tal-OHSA meta jqis ir-<u>Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f`Siti ta` Kostruzzjoni)</u> [L.S. 424.36]. Dawn jitkellmu ċar li l-infurzar jispetta lill-OHSA. Jistabilixxu *inter alia* f`materja ta` saħħa u sigurtà f`siti ta` kostruzzjoni x`inhuma l-obbligi tal-klijent, tas-supervisor, tal-kuntrattur, u ta` persuni oħra li jaħdmu għal rashom. Ladarba hija kompetenza tal-OHSA permezz tal-ispetturi li jenforzaw ir-regolamenti jridu ta` bilfors ikollhom taħriġ u kompetenza sabiex ifittxu l-irregolaritajiet u jekk jirriżultaw ikunu jistgħu jipproċedu kif l-aħjar għandu jkun. Mhux aċċettabbli li l-uffiċjali tal-OHSA m`għandhomx il-kompetenza li jittendu jekk bini huwiex sikur jew le.**

**In linea ġenerali. il-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol tant huwa mportanti li m`għandux ikollu konfini speċjalment fejn si tratta ta` sorveljanza u nfurzar. Kull awtorità li tmiss direttament jew indirettament mal-qasam tal-kostruzzjoni għandu jkollha nies imħarrġa sabiex jipprevjenu u jirrapportaw il-periklu anke jekk mhux bilfors kull stat ta` fatt jaqa`**

fil-kompetenza ta` awtorità partikolari. Taqa` d-dinja jekk meta jkun riskontrat periklu ikun hemm *sharing* ta` dik l-informazzjoni bejn kull awtorità li tmiss mas-settur, imbagħad kulħadd jagħmel il-bicca tiegħu ? Mhux aħjar sorveljanza akbar (milli inqas) fejn jidħol il-periklu ? Dik mhijiex prevenzjoni wkoll ? Imma possibbli li s-settur tal-kostruzzjoni jidher li jinvolvi l-ġbid ta` ħbula ta` kull xorta li jobbliga lil kull min huwa tal-affari tiegħu li jagħlaq għajnejh ? L-ebda qasam m`għandu jibqa` barra mill-proċess ta` kontroll u regolamentazzjoni, u allura kull informazzjoni li tinkiseb, ladarba hija ntiza għall-fini ta` ġid, għandha tinfirex kemm jista` jkun fl-interess tal-ġid komuni.

<u>Aktar dwar l-OHSA</u>.

Mit-tagħrif li ngħata minn Dr Gauci, il-Bord mhux sodisfatt li hemm biżżejjed nies *on the ground* involuti fl-infurzar tal-leġislazzjoni ezistenti, tenut kont tal-fatt illi l-funzjonijiet tal-OHSA mhux limitati għall-infurzar. Għall-Bord mhux biżżejjed li l-OHSA ilha titlob żieda fir-riżorsi. L-importanti huwa li meta jaslu l-fondi, l-OHSA tkun *quick to respond* billi tagħmel il-biċċa tagħha u toqgħod mal-obbligi tagħha, anke għal dak li huwa ngaġġ ta` nies, għad illi Dr Gauci xehed illi l-ingaġġ ta` nies kif propost mill-OHSA ma kienx approvat mill-Finanzi.

It-tielet (3) terminu ta` referenza jirreferi <u>wkoll</u> għal *policies.*

Fejn *si tratta* ta` ġbir ta` statistika ta` inċidenti u mard industrijali, Dr Gauci qal illi għal ġbir ta` *data* l-OHSA toqgħod fuq l-istatistika tat-talbiet għal *injury*

***benefit*** **li jsiru lid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali. Tajjeb jingħad li *the sharing of statistical data* hija utli u tajba, però meta l-liġi stess tipprovdi kif għandu jingħata tagħrif dwar inċidenti l-attitudini għandha tkun xort`oħra. Infatti fil-Parti V tar-<u>Regolamenti dwar Postijiet tax-Xogħol (Sahha, Skansar u Hsieb Ġenerali)</u> [L.S. 424.09] jingħad li meta jsir inċident fejn ħaddiem imut, iweġġa` gravi jew jisfa` nkapaċitat għal aktar minn tlett ijiem irid isir rapport lid-Direttur tax-Xogħol. Ikun daqstant ieħor aħjar jekk dak ir-rapport isir ukoll lill-OHSA bis-saħħa tal-liġi għaliex hija l-OHSA li tinvestiga l-inċident fil-parametri tad-dmirijiet tagħha mhux id-Direttur tax-Xogħol. Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għandu rwol u finalità diversa minn dik tal-OHSA. *Common data* tista` tkun ta` għajnuna għal aktar minn entità waħda. Fl-istess waqt kull entità għandha tara l-esiġenzi tagħha. Għalhekk l-istatistika tal-OHSA għandha tkun distinta minn dik tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.**

**Dr Gauci kien mistoqsi jekk l-OHSA għandhiex statistika dwar l-hekk magħrufa *near misses* jew *dangerous occurrences.* Ir-risposta tiegħu kienet fin-negattiv u żied li mkien f`pajjiżi oħra ma jsiru rapporti ta` dik ix-xorta. Il-Bord jirrileva li l-Kap Eżekuttiv tal-OHSA għadda informazzjoni żbaljata. Minn riċerka li kellu jagħmel il-Bord wara dik ir-risposta, irriżulta li fir-Renju Unit hemm fis-seħħ l-hekk magħrufa bħala RIDDOR u cioè <u>Reporting of Injuries, Diseases and Dangerous Occurrences Regulations</u> 2013 li ħadu post dawk preċedenti tal-1995. Skont dawn ir-regolamenti, l-obbligu ta` notifika ta` inċidenti u mard industrijali jestendi wkoll għal *dangerous occurrences, which are near misses that could have resulted in serious injury or harm.* L-għan ta` RIDDOR huwa sabiex jgħin fil-prevenzjoni tal-inċidenti u tal-mard industrijali. Mela Dr Gauci kien żbaljat u dan ma kellux ikun. Tajjeb jekk ikun**

**hemm regolamenti ta` din ix-xorta f`pajjiżna għaliex mhux biss jgħinu fil-prevenzjoni imma jqegħdu lil kulħadd *on the alert.***

**Il-Bord huwa tal-fehma li l-OHSA għandha tinżel mill-aktar fis mit-torri tal-avorju li għamlet għaliha u tibda tqis l-inċidenti mhux bħala numri imma bħala diżgrazzji li bihom kissru familji. Mhijiex kondiviża mill-Bord il-fehma ta` Dr Gauci meta jgħid li l-inċident tal-mewt ta` Jean Paul Sofia *ma huwiex distint jew differenti mill-fatalitajiet l-oħra li jkunu qegħdin iseħħu*. (kliem testwali tax-xhud). Qegħda ssir din l-osservazzjoni għaliex fil-qasam tal-kostruzzjoni dan il-pajjiż għadu xxukjat bid-dinamika tal-kollass.**

**Parti sostanzjali mill-*policy* ta` awtorità hija kif iġġib ruħha fis-soċjetà biex twassal u tilħaq l-għanijiet tagħha. Mhijiex kondiviża l-fehma ta` Dr Gauci li l-OHSA hi proattiva. Jekk wieħed jagħti mqar daqqa t`għajn għar-regolamenti kollha li saru bis-saħħa tal-Kap 424 wieħed malajr jifhem kemm f`pajjiżna ghad hemm ħafna xi jsir mhux daqstant f`leġislazzjoni għaliex dik l-inqas ħaġa imma fit-twettieq ta` veru ta` dik il-leġislazzjoni fil-ħajja ta` kuljum tal-postijiet tax-xogħol.**

**Il-Bord se jagħti eżempju wieħed biss fil-kwadru tal-affermazzjoni tiegħu li l-OHSA mhijiex proattiva : ir-<u>Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol</u> (L.S. 424.18). Kif miktuba r-regolamenti jipprospettaw kif u b`liema mod ħaddiem la għandu għalfejn imut u lanqas jimrad meta jkun fil-post tax-xogħol tiegħu. Tinsorġi d-domanda : hemm tassew fis-seħħ *policies* li jagħmlu**

**minn dawn ir-regolamenti tant importanti *living law* mhux *dead law* ? Il-Bord jimmagina r-risposta għal dan il-kwesit.**

**Hemm tidħol il-funzjoni proattiva tal-OHSA. Li taqbad biċċa biċċa minn dawk id-disposizzjonijiet u twassal *on the ground* l-utilita` tagħhom. Jgħidu x`jgħidu fl-OHSA dan jew ma sarx jew ma sarx tajjeb biżżejjed. Il-verità hija li fil-biċċca l-kbira tal-każi l-OHSA wriet lilha nnfisha bħala reattiva. Fuq livell aktar wiesgħa, il-Bord huwa tal-fehma li l-Kap 424 jeħtieġ revizjoni sabiex il-ħidma tal-OHSA ssir aħjar milli hija fil-preżent. Aktar `il quddiem il-Bord sejjer jesprimi ruhu dwar kif fil-fehma tiegħu għandha ssir ir-reviżjoni.**

**Inkomplu dwar *policies*.**

**Fis-sit fejn miet Jean Paul Sofia *jidher* li kien hemm jaħdmu ħaddiema barranin ; *jidher* ukoll li whud minnhom kienu *third country nationals* (TCNs) It-tħassib jinsorġi waħdu u cioè x`qiegħed isir mill-Istat sabiex iħares is-saħħa u s-sigurtà ta` dawk il-persuni li jagħżlu li jiġu jaħdmu Malta, b`uħud minnhom mhux biss ikunu TCNs imma bi problema ta` lingwa u nklużjoni f`soċjetà li ma tridx tkun taf bihom ħlief għal raġunijiet ta` xogħol.**

**Il-Bord jgħid li l-*policy* f`dan il-kuntest għandha titlaq mill-fatt li dawn għandhom jitqiesu bħala persuni vulnerabbli, wisq aktar fil-kuntest ta` materji relatati mas-saħħa u s-sigurtà tagħhom f`postijiet tax-xogħol. Tajjeb jingħad illi r-<u>Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol</u> (L.S. 424.18) diġà jaħsbu għal persuni**

**vulnerabbli. Mela t-triq diġà hija spjanata. Niżbaljaw jekk naħsbu li l-vulnerabilita` għandha tkun relatata biss ma` kundizzjonijiet soċjali jew ta` saħħa. Qed jingħad dan kollu għaliex kien mistqarr minn Dr. Gauci li l-OHSA taħdem fil-qrib ma` JobsPlus, mad-DIER u mal-Pulizija biex tara li l-ħaddiema rregolari jkunu protetti. Id-domanda tibqa` ssir b`saħħitha : imma kif qed isir dan ? X`inhi l-finalità ? Sempliċi statistika ?**

**Il-Bord jgħid li tkun xi tkun ir-risposta, jeħtieġ li speċjalment fil-każ ta` TCNs, Identità u Jobsplus għandhom ikunu aktar ta` spalla għal xulxin u jkunu inqas afflitti mill-burokrazija. Huwa essenzjali li bejniethom ikun hemm sistema ta` *checks and balances*. X`imkien xi ħadd għandu jiddeciedi li TCN b`kompetenza teknika jew professjonali m`għandux jiġi mpjegat bħala *waiter*. B`kull rispett, persuna b`kompetenza teknika li tista` tkun ta` ġid għall-pajjiż m`għandhiex tkun impjegata ġo *confectionery*.**

**Ikompli jingħad b`konvinzjoni li Identità għandha tgħasses fuq il-proċess ta` skrutinju li qiegħed isir minn Jobsplus fil-każ ta` TCNs. Ma jagħmilx aktar sens illi sabiex joħroġ is-*single work permit* fil-każ ta` TCNs, Identità tistrieħ għal kollox fuq l-iskrutinju li tkun għamlet Jobsplus.**

**Il-Bord jagħmilha ċara : is-CEO ta` Identità Col. Dr. Mark Mallia xehed bl-aktar mod ċar u inekwivoku x`qed isir minn Identitàu kif qegħda tkun applikata s-Single Work Permit Directive tal-UE. Identità qegħda tagħmel li tista` sabiex taħdem tajjeb.**

**Imma ħaddieħor u cioè Jobsplus trid tagħmel il-biċċa tagħha, u dan mhux qegħda tagħmlu tajjeb biżżejjed.**

**Il-Bord wisq jibza` li Jobsplus qegħda taħt pressjoni sabiex tfittex tikkonkludi proċess ta` skrutinju bil-konsegwenza li jibda jgħaddi kollox u dak huwa ħażin. Aktar `il quddiem il-Bord sejjer jikkummenta dwar kif Jobsplus qegħda ġġib ruħha dwar l-i*skill cards* u x`għandu jsir sabiex is-sitwazzjoni tiġi għall-aħjar .**

**Iż-żamma ta` bilanċ huwa kruċjali.**

**Is-suċċess jew il-falliment ta` pajjiż żgħir bħal tagħna jistrieħ fuq il-hila tan-nies ladarba pajjiżna huwa sprovvist minn riżorsi naturali. Mela huwa dmir tal-Istat li jħares il-hila tal-persuni nklużi dawk tal-barranin. U l-ewwel responsabilità tal-Istat għandu jkun il-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà ta` dawk il-persuni fil-qadi ta` dmirijiethom.**

**Il-Bord ma jistax ma jesprimix disappunt dwar l-aspetti kontroversi li rriżultaw fix-xiehda ta` Dr Gauci u Perit Xuereb li huwa Chairman tal-OHSA, senjatament fejn xehdu l-oppost wieħed għall-ieħor.**

**Dwar li xehed Dr Gauci il-Bord qal biżżejjed.**

- **<u>Perit David Xuereb</u>**

**Il-Bord mhux ser joqgħod lura fil-kejl li jrid isir tal-Perit Xuereb bħala Chairman tal-Bord tal-OHSA. Fid-depożizzjoni li ta quddiem il-Bord, minkejja annunci ta` proġetti ta` ħidma, dwar aspetti kruċjali tal-ħidma tal-Awtorità li kien mistoqsi dwarha mill-Bord, wera li kien maqtugħ mir-realtà ta` kuljum tal-Awtorità u għamel stqarrijiet li kienu dikjarati nveritieri u żbaljati mill-Kap Eżekuttiv Dr. Gauci. Kondotta ta` din ix-xorta hija ċensurabbli u m`għandhiex titħalla għaddejja qisu xejn mhu xejn. Hija l-fehma konsiderata tal-Bord li taħt id-direzzjoni tal-Perit Xuereb l-OHSA baqgħet għaddejja bl-istess metodoloġija ta` snin ilu u baqgħet karenti fi proġetti ġodda ntiżi sabiex issir aktar rilevanti u operattiva fid-dinja tax-xogħol. Il-Bord huwa tal-fehma li l-Perit Xuereb għandu jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu. Il-Bord jisħaq illi fil-kors ta` din l-inkjesta li nżammet fil-pubbliku, Chairman ta` awtorità pubblika u Kap Eżekuttiv tal-istess awtorità pubblika, ikkontradixxew lil xulxin bi stqarrijiet konfliġġenti, li ma għamlu ebda ġid lill-awtorità, u kif din għandha titqies mill-pubbliku.**

- **<u>Il-BCA</u>**

**Il-Bord jgħaddi għall-<u>BCA</u>.**

**Fl-inkjesta diversi kienu l-persuni li kienu jew għadhom involuti fit-tmexxija tal-BCA. Il-Bord ser jirreferi għal dak li xehdu u jagħmel il-konsiderazzjonijiet tiegħu fil-kwadru tat-tielet (3) terminu ta` referenza.**

**<u>Qabel isir dan</u>, il-Bord bilfors ikolli jirreferi għad-depożizzjoni tal-Av. Kurt Xerri mill-Fakolta` tal-liġi tal-Università ta` Malta, liema Fakolta` kienet inkarikata**

mill-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi (u allura mill-Gvern) sabiex tħejji studju ntiż għal riforma tal-leġislazzjoni dwar bini u kostruzzjoni.

Il-Bord jistqarr li baqa` skonvolt bix-xiehda ta` Dr Xerri propju fl-aħħar udjenza tal-inkjesta, in partikolari meta xehed li fid-data tal-inċident *free standing structures* kienu barra għal kollox mis-sorveljanza u mis-sistemi ta` nfurzar tal-awtoritajiet eżistenti nkluża l-BCA minħabba *lacuna* fil-leġislazzjoni.

Taqbel jew ma taqbilx mal-analiżi legali li saret minn Dr. Xerri, jibqa` l-fatt fil-kwadru tat-tielet (3) terminu ta` referenza li fejn si tratta ta` *free standing structures* tħalla tippersisti għal snin sħaħ inċertezza regolatorja serja mmens b`mod u manjiera li l-binja in kwistjoni tħalliet tipproċedi mingħajr kontrolli esterni imma waqgħet kollha fuq spallejn il-perit tal-binja. Din hija sitwazzjoni inaċċettabbli li ma tistax tibqa` tippersisti u kull esitazzjoni min-naħa tal-Istat li jintervenji kjarament illum qabel għada tista` twassal lill-Istat għal inkwiet serju. Mhuwiex kompitu tal-Bord li jagħti pariri legali imma mhux ser jonqos milli jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu aktar `il quddiem.

<u>Fil-qosor</u>, mix-xiehda ta` Dr Xerri ħarġu dawn il-kostatazzjonijiet :-

- Problema ewlenija hija li fir-regolazzjoni tal-industrija tal-kostruzzjoni hemm ħafna liġijiet jikkonfliġġu ma` xulxin.

- Hemm liġijiet eżistenti li kif redatti u kontemplati eventwalment ikollhom jitħassru għal kollox meta jsiru l-building codes u jidħlu fis-seħħ.

- **Skond l-L.S. 623.06 il-prevenzjoni tal-ħsara lill-ġar issir bl-obbligu li jiġu preżentati dokumenti fosthom *method statement*, *bank guarantee* u ċertifikazzjoni ta` l-istat tal-proprjetà.**

- **Fit-3 ta` Diċembru 2022, il-BCA ma kellhiex mansjoni fejn jidħlu *free standing buildings.***

- **Ir-regolamenti kollha li kienu fis-seħħ fit-3 ta` Diċembru 2022 ma kinux intizi u destinati għal *free standing buildings* imma għall-protezzjoni tal-persuna u ta` bini ta` terzi waqt xogħol ta` twaqqigħ, skavar u bini mill-ġdid f`sit adjaċenti għal dak ta` terzi.**

- **L-infurzar ta` l-Environmental Management Construction Site Regulations li daħlu fis-seħħ fl-2007 bis-saħħa tal-Att dwar l-Awtorità tal-Ippjanar – Kap 552 sa Diċembru 2022 kien responsabilità tal-PA. Imma b`ordni ministerjali, l-infurzar għadda mill-PA għall-BRO.**

- **Sat-3 ta` Diċembru 2022 kienu fis-seħħ żewġ settijiet ta` regolamenti dwar il-kostruzzjoni : L.S. 623.06 u l-Environmental Management Construction Site Regulations. Għalkemm iż-żewġ korpi ta` regolamenti kienu jgħoddu għal *free standing property* ma kinux jidħlu f`materji ta` struttura ta` dak il-bini.**

- **B`effett mis-16 ta` Diċembru 2022, l-infurzar għadda għand il-BCA.**

- **Qabel dakinhar l-infurzar legalment kien jispetta lill-PA però dan ma kienx qed isir għaliex minħabba**

**l-ordni ministerjali l-infurzar kellu njsir mill-BRO għalkemm legalment ma kien hemm xejn li kien jawtorizza lill-BRO sabiex taġixxi u tinforza r-regolamenti.**

- **Li u allura li kieku l-BRO mar jinforza kien ikun insuċċess, għaliex il-BRO formalment ma kellhom l-ebda mod kif jinfurzaw ir-regolamenti għaliex is-setgħa kienet tispetta lill-PA u minħabba l-ordni ministerjali waqaf kollox.**

- **Li kieku fit-3 ta` Diċembru 2022 il-BCA kienet se tmur tipprova tagħmel infurzar kienet tiġi *challenged* għax kienet liġi li tgħajjat lill-PA u bi żvista din il-liġi qatt ma ħarġet mingħand il-PA u marret għand il-BCA li kellha tkun l-awtorità kompetenti.**

- **Riskontrata l-*lacuna*, b`effett mill-15 ta` Diċembru 2022, il-BCA hija responsabbli ta` dawk ir-regolamenti <u>imma mhux fejn si tratta ta` struttura</u>. Qabel dik id-data il-BCA kellha remit biss fejn si trattava ta` xogħolijiet ma` bini adjaċenti. Fis-16 ta` Diċembru 2022, il-BCA ngħatat ir-remit għall-Construction Management Site Regulations però dawk ir-regolamenti ma kinux jirrigwardaw struttura. Bħala struttura l-BCA dejjem kellha *remit*, però limitat biss għal fejn għandek *third parties*.**

- **Sal-lum għad ma hemmx regolamenti dwar l-istruttura ta` *free standing buildings* u kwindi l-BCA m`għandhiex x`tenforza fir-rigward tal-istruttura ta` dan it-tip ta` bini.**

**L-istampa li toħroġ mix-xiehda ta` Dr Xerri hija l-klassika *comedy of errors* (b`kull rispett lejn William Shakespeare !!). Il-ħażin hu li Jean Paul Sofia miet f`sit li ma kien kontrollat minn ebda awtorità regolatorja. Hija stampa ta` żbalji mill-ħoxnin li xi ħadd għandu d-dmir li jerfa` responsabilità għalihom. Dan għandu jkun l-Istat li naqas milli jżomm għajnejh miftuħa għat-taħwid fil-qasam tal-Eżekuttiv, fejn kulħadd jimxi fuq il-binarju tiegħu, bla ma jrendi kont lejn ħadd. Attitudni bħal din hija inaċċettabbli u li jeħtieġ tinbidel minnufih.**

**B`effett immedjat għandhom isiru regolamenti b`saħħithom li jirregolaw l-istruttura ta` *free standing buildings* u r-responsabilità għall-infurzar għand tkun tal-BCA.**

**Niġu issa għall-konsiderazzjoni tax-xiehda aktar fid-dettall ta` persuni li taw ix-xiehda tagħhom.**

- **<u>Perit Maria Schembri Grima</u>**

**Bl-akbar rispett lejn il-kompetenza tagħha bħala perit involuta bit-tim tagħha fi proġetti ta` żvilupp estensiv fil-pajjiż kollu, Perit Schembri Grima ma kien messha qatt aċċettat li tkun l-Ewwel Chairperson tal-BCA. Kienet tkun retta mija fil-mija mal-professjonalità tagħha li kieku rrifjutat.**

**Ma ninsewx li dan tal-kostruzzjoni huwa qasam li għal aktar minn erbgħin (40) sena ma kienx regolat kif**

**suppost kif del resto diġà rriżulta ppruvat anke minn dak li diġà ngħad.**

**F`materja ta` konflitt ta` interess, il-perċezzjoni <u>oġġettiva</u> fondata fuq fatti aċċertati hija ewlenija.**

**Il-Bord mhux sodisfatt illi Perit Schembri Grima setgħet titqies biss fil-*policy making* mhux fid-*day to day running* tal-BCA. L-għażla tan-nies li jridu jagħtu direzzjoni m`għandhiex tkun fondata biss fuq il-kompetenza imma fuq il-kawtela u l-buon sens ibda biex sabiex twarrab kull suspett bla bżonn. F`entitajiet pubbliċi u regolatorji bħal ma hija l-BCA, it-trasparenza għandha tkun fil-massimu tagħha. L-espressjoni skjetta ta` Perit Schembri Grima meta xehdet : *hemm nies u hemm nies* : hija stqarrija b`saħħitha imma mhijiex biżżejjed biex tagħti serħan tal-moħħ għall-fini ta` governanza tajba. Imbagħad f`pajjiż żgħir bħal tagħna fejn – kif jgħidu – kulħadd jaf lil kulħadd.**

**Dwar il-liċenzjar, il-Bord ikollu xi jgħid `il quddiem.**

**Dwar il-*building codes,* Perit Schembri Grima xehdet li meta spiċċat hi kellhom jingħalqu. Fir-realtà mhux hekk ġara. Il-Bord sema` depożizzjonijiet kontrastanti dwar il-konklużjoni ta` materja li kellha tkun il-qofol tar-riforma tas-settur għaliex liċenzjar bla *building codes* ma jagħmel ebda sens.**

**Il-Bord jgħid li l-*building codes* huma vitali għaliex jistabilixxu x`inhuma r-*rules of good practice* fis-settur. Ir-rwol tal-BCA jkun li tassikura li l-persuni responsabbli mill-proġett isegwu l-metodologija li toħroġ mill-*codes*.**

**Hija ħaġa tajba mmens. Jeħtieġu jsiru mill-aktar fis. Diġà sar ħafna xogħol, kważi kważi kollox huwa lest (ara x-xiehda tal-Periti Buhagiar, Debono u Bezzina) għalkemm ħaddieħor bħal Jesmond Muscat (CEO preżenti tal-BCA) jgħid li għadhom lura. Min għadda informazzjoni żbaljata għandu jerfa` r-respponsabilità. Il-fatt jibqa` li l-*codes* hemm bżonnhom u jeħtieġ isiru llum qabel għada. It-tajjeb tal-*codes* huwa li huma gwida ta` *good practice* li jsiru mill-BCA iżda li jridu jiġu mplimentati mill-professjonisti fis-siti ta` kostruzzjoni bħall-project managers, kif ukoll mill-bennejja. Li tagħmel il-BCA huwa li tassikura li jkunu qegħdin jimxu mal-metodoloġija tat-twaqqigħ u ta` skavar. Ir-responsabbiltà tal-metodoloġija hija tal-perit.**

**Dwar l-i*streaming* jew klassifika tal-kuntratturi, il-Bord sema` ħafna imma sal-lum baqa` ma sar xejn fil-konkret għalkemm fuq il-karta l-liċenzja tal-kuntratturi saret b`liġi. Fi kwalunkwe każ, sabiex klassifika tkun tassew mhux biżżejjed li ssir distinzjoni bejn kuntratturi ż-żgħar u oħrajn kbar, iżda u fuq kollox fuq is-sengħa u l-kompetenza. Hemm biss *jibdew jinqatgħu l-kuntratturi cowboys li hawn kollha* (kliem testwali tax-xhud).**

**Issemma li l-għadd tal-ispetturi tal-BCA kiber minn meta din twaqqfet sal-lum ; tajjeb imma mhux biżżejjed. Li jinteressa għall-fini ta` din l-inkjesta mhumiex dawk il-persuni li jagħmlu spezzjonijiet dwar l-effiċjenza enerġetika (li wkoll hija kompetenza tal-BCA) imma dawk involuti fl-infurzar tar-regolamenti eżistenti dwar bini u kostruzzjoni. L-effiċjenza enerġetika tista` tkun prijorita` għall-Gvern minħabba l-obbligi**

**internazzjonali li għandu l-pajjiż imma mhux għal dan il-Bord.**

**Perit Schembri Grima saħqet li *free standing structures* huma barra mir-remit tal-BCA għaliex il-BCA kienet kostitwita l-ewwel u qabel kollox sabiex ikunu mħarsa terzi waqt xogħol ta` twaqqigħ, skavar u kostruzzjoni. Jekk kien hekk il-każ, Perit Schembri Grima naqset bħala *policy maker* (kif iddikjarat li kienet) milli ġabet għall-attenzjoni tal-Ministru dik il-*lacuna*. Il-ġurisdizzjoni tal-BCA ma kellhiex tkun limitata għall-protezzjoni tat-terzi li jkollhom proprjetà adjaċenti.**

**Il-Bord huwa tal-fehma kull meta jkun se jsir xogħol ta` twaqqigħ, skavar jew bini, *commencement notice* għandha tingħata dejjem lill-BCA, u tkun komunikata wkoll lill-OHSA u lill-PA, anke fejn ma jkunx hemm proprjetà adjaċenti ta` terzi. Mhux biss imma x-xogħol jibda biss meta l-BCA tagħti l-*clearance*. Min jaqbad jaħdem mingħajr il-*clearance* tinħareġ *stop notice* immedjatament u s-sit ikun issiġillat u ħadd ma jkollu aċċess ħlief bil-permess tal-BCA. *Method statements* għandu jkun rikjest ukoll fil-każ ta` *free standing buildings*. Għandha toħroġ *stop notice* anke meta jsir xogħol li ma jkunx konformi mal-*method statement.***

**Wara li sema` d-depożizzjoni ta` Perit Schembri Grima u ta` persuni oħra li kienu jew għadhom involuti fil-BCA, il-Bord huwa tal-fehma li mhux biżżejjed *self regulation* tad-*duty holders* sabiex ikun hemm ordni, kontroll u nfurzar fis-settur. Jekk wieħed iħalli fil-ġenb**

**il-periti u r-regolamentazzjoni tagħhom *ope legis* mill-Kamra tal-Periti, f`pajjiż bħal tagħna *self-regulation* ma jwassalx għal dak li jkun awspikat fuq il-karta. Anke jekk il-President tal-MDA stqarr apertament li l-MDA taqbel ma` *self-regulation* ma qalx kif dan jista` jsir b`mod effettiv fil-prattika. U l-Bord mhux lest jieħu riskji jew jipproponi soluzzjonijiet li jkomplu jhabblu l-kobba. F`pajjiżi fejn id-dixxiplina u s-sens ta` *awareness* huma għoljin bħall-pajjiżi Nordiċi, is-*self-regulation* ħadem tajjeb imma fil-każ tagħna għadna `l boghod u ma nistgħux nibdew bis-settur tal-kostruzzjoni.**

- **<u>Karl Azzopardi</u>**

**Sa Mejju 2021 kien Kap Eżekuttiv tal-BCA. Abbażi tad-depożizzjoni tiegħu l-BCA saret sabiex tieħu ħsieb il-metodologiji u l-*standards* tas-settur u tkun distinta mill-PA li kellha tieħu ħsieb l-ippjanar. Għalhekk il-Bord jibqa` mistagħġeb kif u għaliex sas-16 ta` Diċembru 2022, u allura nkluż iż-żmien tal-inċident ta` Jean Paul Sofia, il-PA tħalliet legalment responsabbli għall-infurzar ta` materji mhux relatati ma` ppjanar (ara x-xiehda ta` Av. Kurt Xerri) li però l-Bord huwa cert li ma kenitx qegħda tenforza : karenza sħiħa ta` governanza tajba.**

**Meta saret il-BCA kien hemm approċċ ta` kawtela fis-sens li l-Gvern ma riedx jagħti skossi jew xokkijiet lill-industrija b`riformi radikali għalkemm is-settur kien ilu s-snin sprovvist minn regolamentazzjoni ċara, b`leġislazzjoni konfliġġenti u b`awtoritajiet li jitfixklu**

**f`saqajn xulxin bil-konsegwenza li min kien jagħmel li jrid baqa` jagħmel li jrid.**

**Fid-depożizzjoni tiegħu, Azzopardi jsemmi r-regolamentazzjoni tal-kuntratturi u tas-snajja tal-kostruzzjoni. Tajjeb. Imma mhux biżżejjed. Sal-lum l-i*skills card* għadha volontarja (kif konfermat mill-Perit Buhagiar) imma mhux hekk għandha tibqa` s-sitwazzjoni. L-i*skill card* għandha tkun mandatorja : hu min hu l-ħaddiem, jekk huwa ċittadin Malti, kemm jekk gej minn pajjiż membru tal-UE kif ukoll jekk huwa TCN. Il-pajjiż tal-appartenenza huwa mmaterjali.**

**Azzopardi fisser li sabiex il-BCA setgħet topera tajjeb fil-konfini tal-liġi kienet teħtieġ mhux inqas minn 300 ruħ inkluż il-qafas korporattiv, dak operattiv u dak legali, e*xternal resourcing* eskluż. Fir-realtà ma sar xejn minn dan għaliex għalkemm l-ingaġġ tan-nies żdied, il-figura speċjalment fl-infurzar għadha boghod minn dik il-figura. Meta spiċċa f`Mejju 2021, il-*head count* tan-nies tal-BCA kien ta` 70 ; minnhom minn 9 sa 11 kienu spetturi.**

**Dwar il-kompożizzjoni tal-Bord tal-BCA, il-Bord jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu `il quddiem.**

**Dwar il-liċenzjar tal-kuntratturi, xehed illi huwa ħadem fuq tlieta jew erba` abbozzi ta` regolamenti. Sal-2022, il-Kabinett tal-Ministri kellu l-abbozzi għall-ewwel *review*. Bħala fatt il-proċess illum huwa avvjat u msaħħah b`regolamenti li għandhom fejn jitjiebu**

**ulterjorment kif se jkun rilevat aktar `il quddiem. Oġġettivament però r-regolamenti ma kellhomx jieħdu sena jew aktar biex joħorġu mbagħad f`settur li jeħtieġ aktar minn qabel regolamentazzjoni u serjetà.**

- **<u>Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi</u>**

**Riferibbilment għad-depożizzjoni tiegħu, il-Bord `il quddiem se jagħti l-veduti tiegħu dwar ir-riforma proposta tal-OHSA.**

**Dwar id-diversità tar-rwoli ta` l-PA u tal-BCA, u l-kwistjoni tal-i*stand alone buildings,* il-Ministru jgħid li għaddej proċess ta` reviżjoni biex jaraw x`inhuma t-tibdiliet li hemm bżonn isiru, b`mod partikolari fejn jidħol l-obbligu li dak ix-xogħol ikollu insurance, avolja ma jkunx hemm *third party*.**

**Dwar il-*method statements* li l-Ministru xehed li qegħdin jiġu vetted mill-BCA, il-Bord mhuwiex kuntent bil-mod ta` kif qed isir il-*vetting*. Mhijiex ħaġa tajba u trasparenti li l-*vetting* ta` *method statement* li jsir minn perit qed jiġi *vetted* minn perit ieħor inkarigat mill-BCA li però jibqa` mhux magħruf u l-konklużjonijiet tiegħu ma jistgħux jiġu kontradetti. Din il-*policy* żbaljata, fondata fuq l-anonimat, ma tawgurax tajjeb, u hija opposta bir-raġun mill-Kamra tal-Periti, u għandha titwarrab għal kollox għax tmur kontra l-prinċipju tal-governanza tajba li huwa bażat fuq nuqqas ta` konflitt ta` interess, trasparenza u l-kontabilità.**

**Dwar bini mhux b`*full development permit* imma b`DNO, il-Bord ħaseb fit-tul u huwa tal-fehma konsiderata li fiċ-ċirkostanzi attwali tal-pajjiż, għandhom isiru emendi fil-leġislazzjoni ezistenti sabiex id-DNO ma tkunx aktar disponibbli għal proġetti ndustrijali fuq art tal-Gvern. Lanqas għal kwalsiasi proġett li jkun jinvolvi *free standing structures*. Dawn għandhom jeħtieġu *full development application*. L-argument li din tieħu proċessar aktar fit-tul huwa inaċċettabbli. Jeħtieġ li l-PA ssewwi s-sistemi tagħha u dan tista` tagħmlu għaliex m`għandhiex bżonn titlob fondi lil ħadd billi *financially* hija *self-sufficient.* Is-soluzzjoni hija li ssib tarf tad-dewmien mhux tbaxxi l-i*standards.***

- **<u>Jesmond Muscat</u>**

**Huwa l-Kap Eżekuttiv tal-BCA fil-preżent.**

**Dwar id-depożizzjoni in ġenerali tiegħu fit-tliet okkażjonijiet li xehed fl-inkjesta, ix-xhud beda fuq id-difiża, u cioè li s-settur tal-kostruzzjoni kien ilu mhux kontrollat għal għexieren ta` snin u bħal speci tistennewx mirakli mil-lum għall-għada. Fuq pjan uman wieħed jasal biex jifhem attitudini ta` din ix-xorta imma mhux aċċettabbli minn Kap Eżekuttiv ta` awtorità li ħafna huwa mistenni minnha li jġib ruħu hekk għaliex jispetta lilha li tipproponi riformi tas-setturi u tmexxiehom `il quddiem, kif ukoll minn professjonist li dam 18-il sena jaħdem il-PA u huwa gradwat fl-Environmental Planning – Urban Regeneration.**

**Waqt l-ewwel depożizzjoni, ix-xhud saħaq li l-ispetturi li kellu għad-disposizzjonijiet tiegħu kellhom ukoll kompiti ta` *energy efficiency* u l-*permitting.* Bir-rispett kollu, il-kollass tal-binja ma kellha x`taqsam xejn mas-setturi tal-aħħar imma ġara għaliex kien hemm nonkuranza grossolana ta` kull xorta. Il-fatt preokkupanti, u allura l-ħxuna tal-iżbalji ta` *policy* li saru matul is-snin mhux imputabbli għal Jesmond Muscat, kien li meta hu mar fuq il-post ma kienx jaf x`se jsib, la kien jaf il-PA number, la kien jaf il-lant, ma kien jaf xejn.**

**Skont Muscat, l-ewwel effett tad-diżgrazzja kien li l-BCA bdiet issaħħah il-ħidma tagħha dwar il-liċenzjar tal-kuntratturi u l-liċenzjar tal-bennejja. Tajjeb. Imma mhux biżżejjed. Dakinhar kien hemm ħtieġa urġenti ta` interventi sabiex jieqfu DNOs ġodda kollha sakemm isir stock-take tas-sitwazzjoni. Minkejja d-drammatiċità tal-inċident, minn dan ma sar xejn u s-sitwazzjoni llum għadha prattikament kif kienet fit-3 ta` Diċembru 2022.**

**Fix-xiehda tiegħu saħaq fuq l-importanza tar-riforma tal-liċenzja tal-kuntratturi. Il-liċenzja hija ħaġa tajba u għalkemm ir-riforma għandha difetti issir aktar ħsara jekk l-arloġġ jintefa` lura. Però r-riforma trid tkun kompletata jekk irridu tassew nissejħu pajjiż normali fejn il-kontabilità tagħmel sens.**

**Muscat għamel li seta` sabiex jimla` lill-Bord bi statistika ta` site visits u multi li tagħmel l-BCA. Tajjeb. Imma mhux biżżejjed. Għaliex tmur fejn tmur fiż-żewġ Gżejjer il-pajjiż sar *building site.* U allura l-kontrolli jridu jidhru aktar u l-istatistika ma tagħtix stampa sħiħa u korretta tas-sitwazzjoni. Hemm bżonn li fejn ikunu riskontontrati nuqqasijiet serji l-post tax-xogħol għandu**

**jieqaf sakemm il-ħażin ikun rimedjat. Il-multa waħedha ma twassal imkien. Dik għandha tkun il-*policy*.**

**Muscat saħaq fuq it-tagħlim u t-taħriġ. Tajjeb. Imma kollox irid ikun rilevanti u li ma tistax tgħaddi mingħajru fis-sens illi jekk ma titgħallimx jew ma tirċevix taħriġ ma tistax taħdem. Tinbaħ biss mhux biżżejjed. Trid tigdem tajjeb ukoll.**

**Xehed dwar il-BICC li b`liġi saret parti mill-BCA.**

**Tajjeb imma b`riserva fis-sens li l-BICC l-ġdida ma jistax ikollha dawk il-membri kollha sabiex tkun effettiva.**

**Dwar l-*iskill cards*, xehed li l-materja qegħda tkun trattata b`serjetà.**

**Anke l-Bord jemmen li hekk huwa l-każ però jeħtieġ li l-pussess ta` *skill card* trid tkun *the order of the day* fil-qasam tal-kostruzzjoni ; inkella r-riforma tispiċċa ħobża mhux moħmija li tispiċċa tagħmel aktar ħsara milli ġid. Inoltre l-i*skill card* trid tkun mandatorja.**

**Dwar *building codes*, xehed li dawn ma kinux lesti anzi *għadhom lura ħafna* (kliem testwali ta` Muscat) u l-periti ma kinux aċċettawhom. Jekk hu hekk is-sitwazzjoni ma hija feliċi xejn u jeħtieġ tkun rimedjata.**

**Tassew li jeżisti l-EU Building Codes imma dawn m`għandhomx saħħa ta` liġi.**

- **Saviour Camilleri**

**Huwa ċ–Chairman preżenti tal-BCA li ħa post il-Perit Schembri Grima wara r-rżenja tagħha.**

**Camilleri għamel l-almu tiegħu biex jikkonvinċi lill-Bord li l-BCA kienet tinsab fit-triq it-tajjeb biex issewwi l-imgħawweġ tas-settur tal-bini u kostruzzjoni. Din hija aspirazzjoni kondivisa anke mill-Bord. Però mhijiex biżżejjed. Għaliex li jgħoddu huma l-fatti. Kull policy li tkun adottata trid tkun imgħarbla b`reqqa u attwata u s-suċċess tagħha huma l-fatti.**

**Għamel li seta` waqt id-depożizzjoni tiegħu biex jisħaq li r-remit tal-BCA kien biss li jħares lill-ġirien u bini adjaċenti għal sit fejn ikun se jsir skavar, twaqqigħ jew bini. Però ma setax ikun kuntent b`daqshekk, għaliex ma jistax ikun li binja bħal dik fejn intradam Jean Paul Sofia toħroġ mill-kontroll tal-Istat u toqgħod biss fuq ir-responsabilità ta` perit.**

**Kien mistoqsi dwar il-ħtieġa tal-liċenzja tal-bennejja. Stqarr li din mhux se ssir fl-immedjat għaliex inkella tieqaf l-industrija għal kollox. Ħażin. Meta l-bini qiegħed ikompli jogħla fis-sulari, jista` ċ-Chairman tal-BCA jgħid hekk ? Kontra dak li jaħseb Camilleri, il-Bord qed jinsisti li din tkun vinkolanti fi żmien raġjonevoli.**

- <u>**Oliver Magro**</u>

**Xejn saljenti aktar milli kien diġà magħruf ma ħareġ mix-xiehda ta` l-Kap Eżekuttiv tal-PA. L-uniku disappunt li għandu l-Bord huwa li Magro wieġeb għal kull domanda li saret lilu però naqas u naqas serjament ma javża lil-Bord li l-PA kellha setgħa ta` nfurzar ta` xi xorta fuq il-binja in kwistjoni *ope legis*. Cio` nonostante naqas li jinforma lill-Bord – assumendo li kien jaf. Tassew disappunt.**

**Dwar x`hemm meħtieġ isir fil-PA, il-Bord jirrakkomanda `l quddiem.**

- <u>**Ing. Helga Pizzuto**</u>

**Il-Bord għandu osservazzjoni tal-bidu x`jagħmel dwar ix-xiehda ta` l-Ing. Pizzuto bħala Kap tal-MCCAA.**

**Xehdet darbtejn.**

**Imma f`ġieh is-sewwa ma hemm l-ebda xebh bejn dak li l-Ing. Pizzuto xehdet b`ġurament u l-osservazzjonijiet li għamel l-Avukat tal-Istat.**

**Il-Bord mhu jagħmel ebda *innuendo* ta` ebda xorta imma jisħaq li uffiċjal ta` awtorità mportanti għandu jkun preparat sewwa qabel jixhed sabiex jevita li ħaddieħor jispjega aħjar dak li ried ifisser.**

**L-osservazzjonijiet tal-Avukat tal-Istat huma lezzjoni akkademika tal-aqwa kwalità dwar ir-Reg 305/2011 UE. Il-Bord ma jistax jgħid daqstant ieħor dwar ix-xiehda tal-Ing. Pizzuto.**

**Ir-Reg 305/2011 tal-UE daħal fis-seħħ fl-2013. F`Malta daħal b`effett Avviż Legali taħt il-Product Safety Act (Kap 47 tal-Liġijiet ta` Malta). Fih jirriżultaw l-istandards li għandhom jiġu osservati fil-prodotti tal-kostruzzjoni.**

**Għalkemm ir-Reg huwa intiż sabiex ikun hemm uniformita` bejn l-Istati Membri tal-UE in vista tal-prinċipju tal-moviment ħieles tal-prodotti fl-UE, id-disposizzjonijiet jibqgħu provvedimenti fil-minimu tagħhom. Xejn ma jżomm lil ebda pajjiż inkluż tagħna li bla ma jirfes jew jirrestrinġi l-prinċipju tal-moviment ħieles tal-prodotti fil-pajjiżi tal-UE, jagħmel aħjar u aktar effettiv il-kontroll u l-infurzar tal-kwalità tal-prodott skont l-istandard.**

**Illum dan mhuwiex il-każ.**

**Il-liġi eżistenti trid tinbidel sabiex jiżdied tassew l-infurzar effettiv.**

***Dwar bricks, stqarret li dawn irid ikollhom* certificate of conformity u ta` performance li jrid jinħareġ mill-manifattur inkluż dak lokali. Iċ-ċertifikat ikun utili għal min ikun se juża dawk il-bricks għax ikun jaf il-performance tal-prodott.**

**L-MCCAA tista` titlob kopja ta` dak iċ-ċertifikat.**

**Il-Bord jikkontendi li *s-certificate of conformity* għandu jintbagħat lill-MCCAA b`mod obbligatorju. B`daqshekk ebda vjolazzjoni mhu se jkun hemm għall-jedd ħieles tal-prodotti anzi bil-maqlub ħarsien ulterjuri għall-konsumatur.**

**Qafas legali dwar kif kellhom jitmexxew siti ta` kostruzzjoni kienu diġà hemm fl-2013.**

**Sal-2019 sar ftit li xejn f`tema ta` nfurzar.**

**Il-liċenzjar tal-kuntratturi huwa primarju għas-success tas-settur. Għandu jinkludi mhux biss aktar ġid għal kulħadd imma u fuq kollox anqas korrimenti u mwiet ta` persuni.**

**Il-kostruzzjoni bħala settur ma jistax ikun aħjar min-naħat kollha jekk l-operaturi ma jkunux liċenzjati.**

***Skill cards* huma ndikaturi mportanti imma jekk ma jkollhomx appoġġ leġislattiv ma jiswew xejn.**

**5. <u>Ir-Raba` (4) Terminu ta` Referenza</u>**

***Sabiex jiġi nvestigat jekk miżuri adekwati għall-prevenzjoni ta` fatalitajiet u korrimenti minħabba l-iżvilupp u l-kostruzzjoni humiex serjament integrati fil-proċessi kollha relatati ma` dawn is-setturi.***

**a) <u>Sottomissjonijiet</u>**

**i) <u>Il-ġenituri</u>**

**Għall-fini tar-raba` (4) terminu ta` referenza, li ser jitqies għalih waħdu sabiex ikun aċċertat li t-talba għal investigazzjoni kif dedotta tkun indirizzata u mwieġba b`mod sħiħ kemm jista` jkun, il-Bord sejjer jirreferi għas-sottomissjonijiet li diġà għamlu l-ġenituri fil-każ tat-tielet (3) terminu ta` referenza, li jgħoddu għal dan it-terminu ta` referenza wkoll.**

**ii) <u>L-Avukat tal-Istat</u>**

**Anke fil-każ tal-Avukat tal-Istat, il-Bord sejjer iqis ir-raba` (4) terminu ta` referenza għalih waħdu billi s-sottomissjonijiet li diġà għamel l-Avukat tal-Istat fil-każ tat-tielet (3) terminu ta` referenza jgħoddu wkoll *mutatis mutandis* għal dan it-terminu ta` referenza.**

**b) <u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**It-tema ċentrali ta` dan it-terminu ta` referenza hija <u>l-prevenzjoni ta` mwiet u korrimenti fil-qasam tal-kostruzzjoni.</u>**

**Bħala leġislazzjoni, tajjeb jingħad li kemm ilu fis-seħħ il-Kap 424 saru jew kienu *saved* mil-liġi preċedenti li kienet tirregola l-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol sitta u tletin (36) korp ta` regolamenti li minnhom tmienja (8) kienu revokati u/jew superati b`regolamenti sussegwenti.**

**Tajjeb li jkompli jingħad li għalkemm għall-qasam tal-bini u kostruzzjoni hemm fis-seħħ regolamenti *ad hoc* u cioè r-<u>Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f`Siti ta` Kostruzzjoni) [L.S. 424.36]</u> li kienu ħadu post ir-Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f`Siti ta` Kostruzzjoni) [L.S. 424.29], regolamenti oħra li għadhom fis-seħħ (inklużi dawk ġenerali) jgħoddu <u>wkoll</u> għas-siti ta` kostruzzjoni, mhumiex inkompatibbli mar-regolamenti *ad hoc,* anzi jikkomplementawhom. Fost dawn hemm :**

- **ir-<u>Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol</u> [L.S. 424.18]**

- **<u>ir-Regolamenti dwar it-Twahhil ta` Sinjali tas-Saħħa u/jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol</u> [L.S. 424.16]**

- **<u>ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni kontra Riskji ta` Korriment tad-Dahar il-Postijiet tax-Xogħol</u> [L.S. 424.17]**

- **<u>ir-Regolamenti dwar Rekwiziti Minimi għall-Uzu ta` Tagħmir Proettiv Personali fuq ix-Xogħol</u> [L.S. 424.21]**

**Li kieku l-prinċipji ġenerali tal-prevenzjoni, kif ukoll il-miżuri konkreti u partikolari ta` prevenzjoni, li diġà nsibu fir-regolamenti, jitwettqu bis-serjetà, billi jiġu ntegrati u jsiru ħaġa waħda fil-proċessi tas-settur mhux**

**jitħallew biss fuq il-karta, kieku l-inċidenti ta` mwiet u korrimenti fuq il-post kollha tax-xogħol, inkluż fil-kostruzzjoni, jonqsu drastikament u l-konsegwenzi tagħhom ikunu mitigati ferm.**

**Mil-lat ta` leġislazzjoni, is-settur diġà jinsab taħt il-lenti tal-UE. Ir-regolamenti li saru f`pajjiżna matul is-snin, in partikolari dawk li saru wara l-2004, kienu tista` tgħid kollha xprunati mid-Direttivi li kienet qegħda toħroġ l-UE u għalhekk pajjiżna kellu jikkonforma ruhu. Imma li l-pajjiż jikkonforma ruhu mhux biżżejjed. Ir-regoli mhux biss irid jiġu mwettqa imma anke enforzati.**

**L-integrazzjoni ta` miżuri ta` prevenzjoni tinvolvi *policy* ta` prevenzjoni li tagħmel sens għal kull sitwazzjoni. Fil-kamp tal-bini u kostruzzjoni mhux kull sit huwa l-istess mhux biss mill-punto di vista ta` daqs imma anke ta` riskji u perikli. Għalhekk isiru r-*risk assessments*. L-akbar zball li jista` jsir huwa jekk il-problema tindifen taħt it-trab. Il-verità hi li l-korrimenti u l-imwiet fil-kostruzzjoni zdiedu mhux biss fl-għadd, fin-numri imma anke fil-gravità. Dak huwa l-kejl li fuqu trid titfassal politika ta` prevenzjoni : kemm se jonqos l-għadd sena wara l-oħra ; kemm se jmutu inqas sena wara l-oħra ; kemm se tonqos il-gravità tal-inċidenti sena wara l-oħra ; u kemm se jimirdu inqas nies sena wara l-oħra. Diffiċli imma dik hija t-triq. Diffiċli għaliex politika serja ta` prevenzjoni tolqot il-but. Imma jekk mhijiex ser tittieħed bis-serjetà l-pajjiż ser jitlef għaliex minn inċident għal ieħor ser jara l-aħjar nies tiegħu jintilfu. Jekk xjentifikament qed jirriżulta li l-għadd u l-gravità huma dovuti anke minħabba nuqqas ta` sengħa u minħabba diversità kulturali tan-nies li jgħixu Malta, allura wieħed irid jieqaf u jirrimedja mhux is-settur jitħalla jkompli jikber bla kontroll, ikollok kemm ikollok awtoritajiet regolatorji.**

**Minħabba li l-industrija tal-kostruzzjoni tħalliet tipprolifera bla kontroll effettiv, mhuwiex faċli tenforza l-liġijiet li diġà huma fis-seħħ. L-iżball ikun jekk iżżid il-liġijiet meta diġà għandna. Inutili għal kollox li jsiru liġijiet ta` kull xorta jekk ma jkunux jistgħu jiġu nfurzati. Ittejjeb jew tneħħi l-ambigwitajiet fil-liġijiet jagħmel ħafna sens imma iżżid il-leġislazzjoni fuq il-premessa li aktar liġijiet iġibu l-ordni hija żball. Li jrid isir huwa li jittieħdu miżuri fattibbli li jittejbu l-istandards. Għalhekk il-*building codes* ikunu pass tajjeb `il quddiem għax dawk jipproponu *standards* li jagħtu saħħa lil-leġislazzjoni.**

**Il-kostruzzjoni hija ndustrija fejn il-periklu huwa magħġun fiha. B`daqshekk ħadd m`għandu jirrassenja ruħu u jaċċetta l-periklu bħala *a matter of course.* L-industrija dejjem kienet fondata fuq l-għadd tal-ħaddiema u ċ-ċaqlieq tagħhom minn sit għal ieħor mill-istess kuntrattur. Għalhekk il-kontrolli jsiru aktar diffiċli. Hemm imbagħad is-*subcontracting* li hija problema minnha nnfisha.**

**Il-komplessita` tas-settur issib konferma ukoll fejn jidħol it-*tendering.* Hija prevelanti t-tendenza li jingħażlu kuntratturi mhux oħrajn mhux abbażi tar-records tagħhom ta` effiċjenza u ta` *safety records* imma fuq il-prezz. Irridu nitgħallmu li ħafna drabi l-irħis jispiċċa jkun l-aktar għali.**

**L-infurzar tal-liġijiet eżistenti huwa kruċjali sabiex l-industrija tiġi għall-aħjar fejn si tratta ta` saħħa u sigurtà mhux biss tal-ħaddiema, imma anke tas-siti u tal-pubbliku. L-ispetturi tal-awtoritajiet regolatorji jridu jkunu persuni kompetenti, effiċjenti u mħarrġa. L-uffiċjali tas-saħħa u sigurtà tal-azjendi ta` kostruzzjoni**

**għandhom ikunu fuq quddiem nett fl-opra ta` prevenzjoni u m`għandhomx iqisu lill-ispetturi bħala avversarji imma bħala persuni li bhalhom għandhom interess ewlieni li ħadd fuq il-post tax-xogħol la jimrad, la jkorri u lanqas imut.**

**Metodu effettiv ta` kif din l-industrija tista` ssib tarf tal-kwistjoni tas-saħħa u s-sigurtà hija jekk l-azjenda jirnexxielha tinkorpora l-prevenzjoni li diġà tinsab fir-regolamenti ma` oħrajn daqstant importanti li jkunu dettati mill-esperjenza u mill-buon sens fil-proġett mill-bidu nett : mid-disinn sal-immaniggjar tal-proġett sat-tmiem tiegħu. Meta jsir dan il-prevenzjoni ssir konkreta għaliex l-azjenda tħares fit-tul minn qabel jinqala` r-riskju.**

**Il-prevenzjoni essenjalment trid tkun strateġija u tinkorpora fiha miżuri teknici, oħrajn fejn jingħata tagħrif u motivazzjoni lill-ħaddiema sabiex ma jqisux il-periklu daqs li kieku huwa riskju aċċettabbli biex persuna taqla` l-ħobża ta` kuljum, u kollox ikun rifless f`miżuri organizzattivi fl-azjenda.**

**____Il-Bord jisħaq li l-prevenzjoni f`oqsma tax-xogħol fejn ir-riskju ta` fatalitajiet u korrimenti huwa għoli, bħal ma huwa s-settur tal-bini u kostruzzjoni, huwa ta` importanza fundamentali. Għalhekk għandu jkun hemm kondotta ta`** ***zero tolerance*** **fejn jidhlu nuqqasijiet jew traskuraġni.**

**Kondiviża hija l-fehma tal-Avukat tal-Istat li :** ***'Ir-regolamenti viġenti jindikaw min huwa responsabbli għas-saħħa u s-sigurtà fuq sit ta` kostruzzjoni. Hemm persuni msemmija li għandhom obbligi ċari fosthom il-klijent jew aħjar is-sid tas-sit fejn qed sir il-proġett,***

***hemm l-obbligi ta` supervisor fuq il-proġett meta dan jinħatar kif ukoll l-obbligi ta` kull kuntrattur li qed iwettaq ix-xogħol'*.**

**Imma regolamenti mingħajr prattikament l-ebda infurzar prattikament ma jfissru xejn. L-esperjenza wrietna li f`Malta *self-regulation* f`dan is-settur ma taħdimx. Għalhekk jibqa` nspjegabbli kif ma saret ebda spezzjoni minn ħadd fis-sit fejn miet Jean Paul Sofia matul iż-żmien kollu li damet tinbena l-fabbrika sakemm waqa` l-bini kollu f`salt. Imma jista` jkun hemm xi ħadd li jivvanta li huwa serju fil-kondotta tiegħu li jgħid li dan kien kumbinazzjoni jew xi inċident sfortunat ? Obbligu stabbilit fir-regolamenti preżenti jistipula ċar u tond illi l-OHSA suppost li tingħata avviż bil-quddiem, obbligu li ilu snin fis-seħħ, u huwa importanti ħafna għax huwa l-mod kif żviluppatur jinforma lill-Awtorità bl-iżvilupp li jkun se jsir. F`dan il-każ partikolari, mid-depożizzjoni ta` Dr Mark Gauci rrizulta li l-OHSA ma kenitx nfurmata, u safejn jaf il-Bord, ma ma ttieħdet ebda azzjoni kontra l-iżviluppatur dwar dan in-nuqqas minn ebda entità nkluża l-OHSA.**

**F`dan il-kuntest, wieħed ma jistax jifhem kif apparentament ma ttieħdet ebda azzjoni preventiva drastika minn xi entità li hija involuti f`dan is-settur wara li saret din id-diżgrazzja li ħasdet lill-pajjiż sħiħ. Veru li saru xi diskussjonijiet interni, kif indikat f`xi minuti tal-Bord rispettiv, bħal ngħidu aħna tal-BCA, imma l-bqija dawn baqgħu għaddejjin '*business as usual'*. Qisna ma tgħallimna xejn minn esperjenza kerha bħal din – ebda miżura ta` prevenzjoni biex nippruvaw nassiguraw li jekk jista` jkun ma jkollniex sagrifiċċji oħra fuq l-artal tal-kostruzzjoni f`Malta ma ġiet introdotta wara dan l-inċident fatali li ħalla ġuvni fl-aqwa ta` ħajtu mingħajr ħajja. Wieħed ġustament**

**isaqsi, dan huwa frott ta` apatija jew irresponsabbiltà ? Kien ikun wieħed qiegħed jippretendi wisq li l-entitajiet involuti jpoġġu madwar mejda waħda u, fi spirtu ta` sinċerità u kollaborazzjoni reċiproka, jiddiskutu flimkien bil-għan li, flimkien jew individwalment, tittieħed dik l-azzjoni meqjusa neċessarja biex kemm jista` jkun jitnaqqas ir-riskju li jkollna traġedja oħra bħal din ?**

## 6. <u>Il-Ħames (5) Terminu ta` Referenza</u>

***sabiex jiġi nvestigat jekk il-proċess tal-ippjanar, l-iżvilupp u l-kostruzzjoni għandux fi ħdanu liġijiet, policies, regolamenti, proċessi amministrattivi u miżuri operazzjonali xierqa li kemm jista` jkun jeliminaw ir-riskju ta` korriment u/jew mewt.***

### a) <u>Sottomissjonijiet</u>

### i) <u>Il-ġenituri</u>

**Għall-fini tal-ħames (5) terminu ta` referenza, li ser jitqies għalih waħdu sabiex ikun aċċertat li t-talba għal investigazzjoni kif dedotta tkun indirizzata u mwieġba b`mod sħiħ kemm jista` jkun, il-Bord sejjer jirreferi għas-sottomissjonijiet li diġà għamlu l-ġenituri fil-każ tat-tielet (3) terminu ta` referenza, li jgħoddu għal dan it-terminu ta` referenza wkoll.**

### ii) <u>L-Avukat tal-Istat</u>

**Anke fil-każ tal-Avukat tal-Istat, il-Bord sejjer iqis il-ħames (5) terminu ta` referenza għalih waħdu billi s-**

**sottomissjonijiet li diġà għamel l-Avukat tal-Istat fil-każ tat-tielet (3) terminu ta` referenza jgħoddu wkoll *mutatis mutandis* għal dan it-terminu ta` referenza.**

**b) <u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**It-tema ċentrali ta` dan it-terminu ta` referenza huwa l-eliminazzjoni tar-riskju ta` korriment u/jew mewt.**

**Huwa kważi mpossibbli telimina riskju f`post tax-xogħol. Tnaqqas kemm jista` jkun huwa possibbli. Huwa possibbli li tipprova ssib tarf ta` dawk is-sitwazzjonijiet ta` riskju li jekk ma jsirx intervent pront u addattat fuqhom isiru periklu. Il-mitigazzjoni tar-riskju huwa possibbli. Kollox jiddependi mit-tip ta` xogħol. Mod tkun taħdem ġo uffiċju u mod tkun taħdem fil-kostruzzjoni. It-tnejn għandhom ir-riskji tagħhom imma m`għandux ikun hemm l-iċken dubju li l-periklu huwa aktar reali f`sit ta` kostruzzjoni.**

**La dik hija s-sitwazzjoni, ifisser dan li min jaħdem fil-kostruzzjoni jrid jirrassenja ruhu u cioè jaf li ħareġ għax-xogħol però ma jafx jekk huwiex se jmur lura ?**

**Xejn minn dan.**

**Imma post ta` kostruzzjoni m`għandux jittiehed *for granted.***

**Jista` jsir ħafna fil-proċessi ta` ippjanar u żvilupp fuq naħa waħda u bini u kostruzzjoni fuq in-naħa l-oħra.**

**Leġislazzjoni diġà għandna fis-seħħ. Tista` ssir aħjar kif se jgħid il-Bord aktar `il quddiem.**

**Il-policies, il-proċessi amministrattivi u l-miżuri operattivi propju għaliex ġeneralment ma jkunux jinvolvu intervent leġislattiv għandhom mhux biss ikollha bħala direzzjoni effettiva dak li tgħid il-liġi imma għandhom ikunu aġġjornati skont il-bidla taċ-ċirkostanzi.**

**Nibdew bl-ippjanar u l-iżvilupp. Mela l-PA.**

**Din l-awtorità trid tagħti s-sehem tagħha sabiex sitwazzjonijiet bħal dawk li avveraw ruħhom fit-3 ta` Diċembru 2022 ma jerġgħu jiġru qatt almenu fejn jiddependi minnha.**

**Il-PA trid taġġjorna l-metodi, il-policies, il-proċessi tagħha sabiex l-iżvilupp tas-settur tal-kostruzzjoni sa fl-aħħar jagħmel sens. Meta l-iżvilupp jitħalla jiġri waħdu, xi mindaqqiet bi proġetti kbar jiġu awtorizzati f`lokalitajiet ġeografikament limitati, ir-riskju li kollox jgħaddi, inkluż is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u tat-terzi, jikber bil-bosta.**

**Iva dik responsabilità tal-PA li tagħmel tagħha biex is-settur jibda jagħmel sens.**

**Bini u kostruzzjoni. Mela l-BCA.**

**Din l-awtorità giet taħt il-lenti speċjalment wara l-inċident tat-3 ta` Diċembru 2022. Ħafna mistenni minnha u bir-raġun.**

**Imma għalkemm ir-rwoli tal-PA u tal-BCA huma distinti, il-ħidma tagħhom hija relatata għaliex bħala *common denominator* għandhom is-settur tal-kostruzzjoni. Mhumiex kompetitturi, u ħażin jekk huma.**

**Il-burokrazija trid tiġi ndirizzata mhux daqstant sabiex kollox jgħaddi aktar malajr imma sabiex wieħed imur għall-qofol u mhux jintilef fid-dettall xi drabi bla sura.**

**Niġu għal fejn awtorità tista` tkun ta` spalla għal oħra.**

**Meta joħroġ permess tal-iżvilupp l-onus ikun tal-perit u tal-applikant li joqgħodu mal-kondizzjonijiet u l-pjanti approvati. Imma l-PA għandha l-obbligu li tagħmel il-monitoraġġ tas-sit sabiex taċċerta ruħha li kollox ikun qed isir skont il-permessi approvati. Allura jekk waqt li jkunu qegħdin isiru spezzjonijiet ta` din ix-xorta, jiġu notati rregolaritajiet li jistgħu joħolqu riskju potenzjali jew reali u kwindi periklu jista` l-ispettur jagħlaq għajnejh u jibqa` għaddej ?**

**Li jkun hemm sharing ta` informazzjoni bejn iż-żewġ awtoritajiet mhux tajjeb sabiex l-iżviluppatur jimxi sewwa mingħajr riskju jew periklu għal ħadd?**

**Jeħtieġ li ż-żewġ awtoritajiet ma jinħlewx fil-formoli imma jmorru għas-sustanza u cioè li kollox huwa *in order.***

**Dwar id-DNOs, il-Bord diġà esprima ruħu u se jkompli jsaħħah il-fehmiet tiegħu `l quddiem.**

**Se jingħad biss li fejn tidħol art tal-Gvern amministrata kemm mill-Awtorità tal-Artijiet kemm mill-INDIS, m`għandux ikun hemm il-proċedura tad-DNO u għandu jkun hemm il-ħtieġa ta` *Full Development Permit* kif kienet is-sitwazzjoni qabel l-2013. Anke t-termini ta` żmien jeħtieġ li jkunu ripensati. Ir-responsabilità tal-iżviluppatur fejn tidħol art tal-Gvern għandha tkun skrutinata b`aktar reqqa għar-rigward ta` pjanti. Ma jagħmel ebda sens li fejn si tratta ta` art tal-Gvern il-permess ikun irid joħroġ fi żmien 30 jum għax ikun intalab DNO mingħajr *validation period.* Wieħed m`għandux jinsa li ma jeżisti l-ebda *method statement* fil-każ ta` DNO.**

**Dawn huma mankanzi serjissimi li għandhom effett determinanti fuq il-każ ta` Jean Paul Sofia :**

- **Is-sit ma kienx taħt ir-radar ta` ebda awtorità.**

- **Ma kienx hemm *full development application* fuq il-pretest li saret il-proċedura tad-DNO.**

- **Billi si trattava ta` DNO ma kienx hemm *method statement.***

- **Lanqas il-pubbliku ma jkun jaf b`DNO għax ma ssir ebda pubblikazzjoni.**

- **Fil-każi ta` DNO fit-3 ta` Diċembru 2022, *commencement notice* kienet tmur biss il-PA.**

- **L-OHSA u l-BCA bdew jiġu nfurmati wara t-3 ta` Diċembru 2022 u wara li bdiet tinstema` l-inkjesta pubblika.**

**Dawn huma mankanzi serji li f`pajjiż normali ma jiġrux u jekk jiġru xi ħadd irid ibati l-konsegwenzi.**

**Kif diġà ntqal f`dan ir-rapport, il-Bord ma setax ma jinnutax li sfortunatament l-argument ewlieni ta` kważi kull Chairperson u/jew mexxej eżekuttiv ta` dawn l-entitajiet, kien essenzjalment identiku - il-messaġġ prinċipali prattikament kienet litanija waħda ta` *'aħna m`għandniex x`naqsmu ma` dan il-każ'*. Ħadd, u l-Bord iħoss li għandu jemfasizza l-kelma ħadd, ma assuma l-iċken responsabiltà ta` dak li ġara – safejn jaf il-Bord, ħadd ma ndenja jsaqsi 'għax ma għamilniex spezzjoni waħda fuq dan is-sit?' Il-Kap Eżekuttiv stess emfasizza illi 'i*r-rwol tal-OHSA f`dak l-inċident u r-responsabbiltà huwa limitat'*. Min-naħa tiegħu, meta mistoqsi *'jiġifieri dehrilkom illi dak is-sit kien sit illi l-BCA kellu jkollha interess fih?'*, il-Kap Eżekuttiv tal-BCA wieġeb darba, darbtejn b`mod emfatiku ħafna 'Qatt'. Essenzjalment, skontu, għax huma qegħdin hemm biss biex jipproteġu t-terzi. La kienet binja free standing, ma kellhom l-ebda responsabbiltà. Dan kien ikkonfermat mic-Chairperson preżenti tal-BCA. Anki jekk is-Sur Michael Ferris, li sa xi snin ilu kien prattikament imexxi l-BCA u oriġinalment kien responsabbli għad-drafting ta` bosta regolamenti u liġijiet li jirregolaw ix-xogħol ta` din l-entità, ma qabilx ma` dan għax, skontu, il-BCA kienet responsabbli ta` din il-binja wkoll. Imma din hi issue legali li taqa` barra r-remit ta` dan il-Bord.**

**Punt importanti u relevanti ħafna biex tiġi ndirizzata din il-mistoqsija jikkonċerna l-mistoqsija għaliex il-building codes għadhom ma ġewx introdotti lokalment. Bosta xhieda tkellmu dwar dan is-suġġett, ewlieni fosthom kien il-Perit Martin Debono li mill-2013**

kien jaħdem bħala technical advisor maċ-Chairperson tal-BICC. Huwa qal li flimkien '*konna nagħmlu l-liġijiet kollha fuq safety, u konna qed nagħmlu wkoll il-building codes*'. Huwa kompla li '*Il-Building Codes kienet xi ħaġa importanti ħafna. Jekk taraw il-BCA leġislation din hi waħda mill-affarijiet li suppost li tagħmel il-BCA u għadha ma għamlithiex. Jiġifieri aħna bdejna naħdmu fuqhom qabel ma kien hemm il-BCA Act*'.

Il-Bord ma jistax jifhem għaliex dawn il-building codes, li mingħajr dubju jsaħħu l-governanza tajba fis-settur tal-kostruzzjoni, għadhom ma daħlux.

Ovvjament, anki hawnhekk il-Bord huwa tal-fehma li t-tema tal-infurzar effettiv hija waħda relevanti ħafna anki f`dan il-kuntest. Biex nagħtu eżempju wieħed biss, il-Bord ma jistgħax jifhem kif l-uffiċċjali kemm tal-Malta Enterprise kif ukoll tal-INDIS Malta baqgħu jsostnu waqt ix-xhieda tagħhom li huma ma jidħlux fl-infurzar tal-kundizzjonijiet u obbligi tal-letter of intent jew il-kuntratt iffirmat bejn l-INDIS Malta u l-applikanti qabel ma jitlesta l-bini tas-sit. Fil-fatt, ħadd minn dawn iż-żewġ entitajiet ma għamel site visit, lanqas waħda, minkejja l-fatt li suppost, skont il-kuntratt, il-binja kella tkun lesta f`Ottubru 2021. Il-Bord jempatizza mal-argument tal-familja illi kieku xi waħda minn dawn iż-żewġ entitajiet ħadet passi biex il-kuntratt jiġi rexiss minħabba dan il-ksur, kif effettivament sar wara li saret id-diżgrazzja, jista` jkun li d-diżgrazzja kienet tiġi skansata.

Aspett ieħor ta` nuqqas ta` governanza tajba li ġie innutat mill-Bord jirreferi għal nuqqas ta` dokumentazzjoni u minuti ta` diversi laqgħat li l-

**Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi kien ikollu ma` diversi awtoritajiet u entitajiet fl-industrija tal-kostruzzjoni. Huwa mportanti ħafna li l-punti saljenti u d-deċizjonijiet meħudha waqt tali laqgħat u diskussjonijiet jiġu rrekordjati biex tiġi assigurata kontinwità tal-ħsieb u ta` azzjoni f`każ li jiġi maħtur Ministru ieħor. Il-Bord japprezza li sab il-koperazjoni sħiħa tal-Ministru Zrinzo Azzopardi waqt din l-inkjesta, però tali minuti kienu joffru dawl importanti fuq il-*policy directions* li ngħataw waqt il-laqgħat.**

**7. <u>Is-Sitt (6) Terminu ta` Referenza</u>**

***sabiex jiġi nvestigat jekk kienx hemm xi entità tal-iStat, inkluż dawk tal-iżvilupp u l-kostruzzjoni li naqset milli tieħu passi/azzjoni fil-parametri tal-poteri tagħha li f`ġudizzju raġjonevoli kienet mistennija tieħu sabiex tevita r-riskju ta` korriment u/ jew mewt.***

**a) <u>Sottomissjonijiet</u>**

**i) <u>Il-ġenituri</u>**

**Il-ġenituri għamlu sottomissjonijiet <u>speċifikament</u> fir-rigward ta` dan it-terminu ta` referenza.**

**<u>Fil-qosor</u>, wara li għamlu referenza għax-xiehda, il-ġenituri għamlu dawn l-osservazzjonijiet dwar l-imġieba ta` entitajiet tal-Istat :-**

**<u>BCA</u> :**

**Min mexxa qabel u min qed imexxi llum il-BCA ma jafx fiċ-ċert x`inhuwa ir-remit tal-BCA, in partikolari fejn si tratta ta` *free standing structures*.**

**Skont il-ġenituri, Kap 623 b`ebda mod ma jillimita l-poteri tal-BCA għal binjiet li jmissu ma` binjiet oħra, nonostante dak li nghad minn xhieda fil-kors tal-inkjesta.**

**Billi fil-fehma tad-diriġenti tal-BCA il-każ ta` Jean Paul Sofia kien jaqa` barra mill-ġurisdizzjoni tagħhom, qagħdu lura milli jibdlu xi ħaġa u kkonċentraw minflok fuq il-liċenzja tal-kuntratturi.**

**<u>Malta Enterprise u INDIS</u> :**

**Irriżulta li dawn l-entitajiet ma jidħlux fl-infurzar tal-*letter of intent* u/jew il-kuntratt iffirmat bejn l-INDIS u l-applikant qabel ma jittella` l-bini. Mela naqsu milli jenfurzaw kundizzjonijiet illi huma stess imponew fuq l-applikant, kundizzjonijiet li setgħu, skont il-ġenituri, li kieku ġew implimentati salvaw il-ħajja ta` Jean Paul Sofia.**

**Malta Enterprise u L-INDIS f`ebda ħin m`għamlu site visit għalkemm il-binja kellha tkun lesta skont il-kuntratt f`Ottubru 2021. Li kieku xi waħda minnhom ħadet passi sabiex jiġi rexiss il-kuntratt minħabba dan il-ksur – kif fil-fatt għamlu f`Lulju 2023 – Jean Paul Sofia ma kienx imut.**

**Li kieku xi waħda minnhom bagħtet perit on site sabiex jistabbilixxi kinux qegħdin jimxu mal-**

**kundizzjonijiet jew x`kienet in-natura tad-dewmien, il-perit seta` forsi jinnota bl-istat ħażin tal-bini.**

**<u>DNO</u> :**

**Oliver Magro xehed illi t-tieni DNO kienet għal *sanctioning*. Dik id-DNO kienet approvata minkejja li DNO ma tista` qatt tkun għal *sanctioning.* Kien hemm għalhekk irregolaritajiet fil-kostruzzjoni mill-pjanti approvati, li ma ġewx senjalati mill-PA, BCA, Malta Enterprise u INDIS. Il-fatt illi kien hemm bżonn ta` sanctioning ifisser illi kien hemm ksur kemm tal-permess tal-bini maħruġ mill-PA, u anke tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt. Eppure ebda azzjoni ma ttieħdet minn ebda awtorità anke wara li t-tieni DNO ġie a konjizzjoni tagħhom.**

**Irriżulta li l-INDIS ma ngħatawx l-pjanti korretti tat-tieni DNO. INDIS ma kinitx konxja li kienu telgħin żewġ sulari oħra ma` li kien hemm u li kien hemm bżonn ta` *sanctioning.* Ikompli jfisser li INDIS lanqas biss indenjat ruħha tiċċekkja il-pjanti tad-DNO mal-PA.**

**Irriżulta li INDIS u Malta Enterprise ma għandhom ebda persuna teknika li tħares lejn il-pjanti sottomessi mill-applikanti sabiex jaraw jekk il-binja proposta hijiex fattibbli bl-investiment propost.**

**Kull persuna mid-diversi dipartimenti tal-Gvern li xehdu qalu li ma kien hemm ebda review tal-proċeduri u policies tagħhom u kulħadd baqa' għaddej kif kien. Din diġà hija ħażina għaliex wieħed irid bilfors jinvestiga u jindaga sabiex jara setax sar xi ħaġa sabiex din it-traġedija tiġi evitata. Fil-fatt jidher illi li ġara huwa li kulħadd farfar – għaliex kompitu ta` ħaddieħor – u kompla għaddej kif kien.**

**<u>Il-Ministru</u> :**

**Il-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi xehed illi hu m'għandux record tal-policy direction illi ta lill-PA. Eppure l-Kap 552 fl-Art 7 jimponi dmir fuq il-Ministru li jiżgura ruħu li l-Kunsill Eżekuttiv ikun infurmat bid-direzzjonijiet strategiċi tal-Gvern relattivi għall-ippjanar tal-iżvilupp u biex iwettaq monitoraġġ fuq l-eżekuzzjoni xierqa ta` tali policies. Dan apparti li skont l-Art 41 et seq tal-istess Kap 552 il-Ministru għandu jagħti l-feedback tiegħu dwar policies qabel ma dawn isiru enforzabbli.**

**Skont il-ġenituri, il-Ministru ma ta ebda direzzjoni lill-Kunsill Eżekuttiv kif kellu d-dmir illi jagħmel. Fil-fatt mistoqsi x`tip ta` direzzjoni ta lill-Awtorità, il-Ministru qatt ma seta` jirrispondi d-domanda. Jidher ukoll illi fil-proċess tat-tħejjija ta` policies taħt l-Att, l-irwol tiegħu qiegħed jiġi ridott għal rubber-stamping tal-policies imħejjija mill-Kunsill Eżekuttiv.**

**Il-ġenituri jinsistu li l-Ministru kellu jżomm minuti tal-laqgħat li kien iżomm mad-diversi awtorijajiet u entitajiet fl-industrija tal-kostruzzjoni.**

**Għalkemm il-Building Codes tlestew u marru l-Kabinett madwar sentejn u tliet snin ilu, jidher illi ma hemmx rieda politika biex jiġu mplimentati.**

**Dwar il-penali li ħarġet il-BCA jirriżulta li fil-biċċa l-kbira tagħhom ma jaqbżux il-€500. Penali ta` din l-entità mhux deterrent għall-iżviluppatur jew għall-kuntrattur.**

**<u>Malta Enterprise</u> :**

**Kien deċiż li l-art tingħata b`ċens temporanju lil Matthew Schembri u lil Kurt Buhagiar.**

**Skont Damian Whitehead, l-investiment li Malta Enterprise kienet qegħda tesiġi ta` €262,000, inkluż il-makkinarju fl-ammont ta` €150,000, u cioè investiment ta` €112,000 fil-binja, ma tagħmilx sens għal 5 sulari fuq 300 metru kwadru ta` art.**

**Eppure l-applikazzjoni kienet approvata xorta.**

**Whitehead xehed illi ma jafx illi Malta Enterprise qatt ħadet *"stand"* fuq jekk l-investiment jagħmilx sens għal proġett partikolari. Dan juri li jew kien qiegħed jipprova jagħti ġustifikazzjoni għalfejn xejn ma ġie *flagged* f`din l-istanza jew illi hemm nuqqas ta` riżorsi u /jew apatija kbira fl-awtorità fis-sens illi l-istess awtorità ma hijiex qed tagħraf l-importanza ta` xogħolha u ta` moniteraġġ fuq l-għoti ta` art pubblika.**

**<u>Jobsplus</u> :**

**Din l-entità pubblika ma titlobx lista ta` siti ta` kostruzzjoni mingħand kuntratturi li jħaddmu n-nies sabiex ikunu jistgħu jagħmlu spotchecks fuq il-ħaddiema. Dan ifisser illi l-kuntrattur huwa ħieles iħaddem min irid fejn irid mingħajr konsegwenzi għaliex Jobsplus ma għandha ebda mezz tkun taf fejn qiegħed isir xogħol ta` kuntrattur speċifiku.**

**Li kieku, dan ma kienx il-każ, kien ikun possibbli li l-Jobsplus tagħmel spezzjoni fuq is-sit ta` Kordin u**

**kienet tintebaħ bil-fatt illi kien hemm persuna/i fuq is-sit ta` kostruzzjoni li ma kienx reġistrat mal-kuntrattur.**

**L-interess ta` Jobsplus mhuwiex jekk impjegat huwiex kompetenti fix-xogħol illi ser ikun ingaġġat jagħmel. Dan ifisser illi anke li kieku setgħet tagħmel l-ispotchecks, jekk isib ħames mastrudaxxi f`post ta` kostruzzjoni li kienu reġistrati mal-kuntrattur ma kien ikun hemm xejn fflaggjata mal-awtorità, għaliex, għaliha, ir-reġistrazzjoni hija l-unika ħaġa importanti.**

**B`dan ir-raġunament, anke li kieku spetturi ta` Jobsplus sabu lil Jean Paul Sofia fuq is-sit ta` kostruzzjoni meta huwa kien rreġistrat mal-Whitefrost Limited, jista` jkun illi xorta waħda xejn ma kien ser jiġi fflaggjat, minħabba l-fatt illi kien fil-fatt reġistrat.**

**<u>MCCAA</u> :**

**Manifattur mhux rikjest minn MCCAA biex jipprovdi ċertifikat ta` performance ta` prodott (speċifikament bricks f`dan il-każ).**

**Iktar minn hekk, anke meta dan iċ-ċertifikat jingħata, l-awtorità ma tagħmel ebda verifiki sabiex tiċċekkja jekk dak iddikjarat huwiex minnu.**

**Fir-rigward tas-sit in kwistjoni ma jirriżultax li l-awtorità hadet kampjuni tal-bricks. Daqstant ieħor ma ħassitx il-bżonn li tibdel proċeduri tagħha biex possibilment tevita traġedji futuri.**

**Sakemm jiġi determinat konklussivament il-kawża tal-kollass, ma jistax jiġi eskluż illi l-bricks użat f`dan il-**

**proġett ma kienx tal-performance appożita għall-bini propost għax f`ebda mument ma ġie aċċertat la qabel ma beda l-bini, la waqt il-kostruzzjoni u anqas wara li l-binja ġġarfet.**

**<u>OHSA</u> :**

**Dwar li rriżulta mix-xiehda tal-Perit David Xuereb (Charirman tal-OHSA - Chairman tal-MCESD – Direttur tal-BCA) il-ġenituri huma tal-fehma li t-tliet entitajiet ikunu servuti aħjar minn persuna li tkun iffokata fuq waħda, anke minħabba konfliti ta` interess.**

**<u>INDIS</u> :**

**In-Nutar Jean Pierrre Attard xehed illi l-INDIS qatt ma ngħatat kopja tal-polza ta` asskiurazzjoni li kellha toħroġ l-kumpanija skont il-kuntratt iffirmat bejnha u bejn INDIS. Għalkemm dan huwa bi ksur tal-kuntratt ma kien hemm ebda konsegwenza min-naħa tal-INDIS.**

**<u>CPD</u> :**

**Kellu jkun inkarikat heavy lifting crane mill-privat għaliex is-CPD m`għandhiex għad-dispożizzjoni interna tagħha crane ta` dak it-tip.**

**Il-Gvern għandu dmir li jinvesti fl-aħjar mezzi disponibbli.**

**M`għandux jiddependi fuq il-privat għan-nuqqas tiegħu.**

**ii) L-Avukat tal-Istat**

**Anke fil-każ tal-Avukat tal-Istat, il-Bord sejjer iqis il-ħames (5) terminu ta` referenza għalih waħdu billi s-sottomissjonijiet li diġà għamel l-Avukat tal-Istat fil-każ tat-tielet (3) terminu ta` referenza jgħoddu wkoll *mutatis mutandis* għal dan it-terminu ta` referenza.**

**c) Konsiderazzjonijiet**

**Il-Bord qagħad attent ħafna biex iqis b`reqqa n-nuqqasijiet riskontrati mhux biss waqt il-ġbir tal-provi imma l-aktar fuq l-osservazzjonijiet tal-familja ta` Jean Paul Sofia.**

**Fir-rigward tal-osservazzjonijiet tal-Avukat tal-Istat u tal-familja, il-Bord diġà kellu okkażjoni jgħid tiegħu fil-każ tat-termini ta` referenza kollha preċedenti fil-każ ta` l-entitajiet kollha jew kważi li ssemmew għall-fini ta` dan is-sitt (6) terminu ta` referenza.**

**Riferibbilment għas-sottomissjonijiet li għamlu l-familja għall-iskop ta` dan it-terminu ta` referenza partikolari, senjatament fejn il-familja qeghdu taħt il-lenti whud mill-entitajiet pubbliċi, il-Bord, fl-analiżi tat-termini ta` referenza preċedenti, diġà qies il-komportament kemm tal-entitajiet indikati mill-familja kif ukoll tal-uffiċjali ta` dawk l-entitajiet. Għalhekk l-investigazzjoni li diġà għamel il-Bord u l-konsiderazzjonijiet relattivi jgħoddu wkoll għal it-terminu ta` referenza, partikolarment għaliex l-aċċertamenti li saru aktar kmieni huma l-frott ta` analiżi**

**oġġettiva fondata r-reqqa u l-apprezzament ta` fatti aċċertati.**

**Il-Bord se jagħmel apprezzament ulterjuri sabiex ikompli fuq il-linja tal-kjarezza. Ingħad fuq li ngħad li l-industrija tal-bini u kostruzzjoni teħtieġ regolamentazzjoni u nfurzar. Ir-regolamentazzjoni trid tkun at 360 degrees. Ma jridx ikun hemm aspett li jitħalla barra mill-binarji. Altrimenti l-infurzar mhux biss ikun diffiċli imma ftit ikollu effett reali. Twettieq effettiv tal-liġijiet jimxi pari passu mal-infurzar. It-tnejn mhux l-istess. Is-superfiċjalità hija l-akbar għadu. Is-suċċess tal-ispettorat jiddependi mhux biss fuq in-numru ta` spezzjonijiet li jsiru : importanti imma mhux biżżejjed. Jiddependi fuq il-kwalità tal-ispezzjonijiet. Il-kultura tan-nuqqas ta` infurzar li sal-lum hija xi ħaġa tal-biżgħa trid tispiċċa darba għal dejjem b`interventi leġislattivi mirati tajbin u magħhom infurzar daqstant ieħor tajjeb.**

**Fil-kwadru ta` dawn l-għamla ta` interventi, il-pajjiż irid isib tarf tal-konflitti ta` interess. Hemm wisq problemi fis-settur li qegħdin jistennew soluzzjoni u s-soluzzjonijiet ma jistgħux ikunu kompromessi għaliex lanqas il-konflitti ta` interessi jibqgħu mhux regolati. Wasal iż-żmien li kull min jaċċetta li joqgħod fuq bordijiet ta` entitajiet pubbliċi għandu jkun soġġett għal Kodiċi ta` Etika li jekk ma jkunx osservat iwassal għal konsegwenzi serji. Hemm wisq at stake jekk irridu tassew riformi ċari. B`imġieba trasparenti ssib tarf ta` konflitti ta` interess – reali jew potenzjalment perċepiti. Id-diffikultà titwarrab meta jkun hemm *disclosure.* B`dan il-mod il-kontabilità tkun aktar faċli għax tkun aktar traċċjabbli.**

**Riferibbilment in partikolari, u premess dak li diġà ngħad, il-Bord ser jgħid min fil-fehma tiegħu propju <u>m`għandux</u> ikun taħt il-lenti għal nuqqas. Dan huwa d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.**

**Id-<u>Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili</u> bin-nies tiegħu għamel kull ma kien possibbli fiċ-ċirkostanzi speċjali li sab ruħu fihom biex isalva l-ħajja ta` Jean Paul Sofia. Kull imputazzjoni – diretta jew indiretta - ta` nuqqas ta` xi xorta lin-nies tal-Protezzjoni Ċivili għandha tkun skartata u eskluża taħt kull regola ta` htija civili jew kriminali. Il-Bord qiegħed jgħid dan kjarament għaliex is-sewwa u l-ġustizzja hekk jitolbu.**

**Il-Kap tas-CPD ingħata ċ-ċans li jgħid tiegħu b`liberta` sħiħa mingħajr kantunieri. U hekk għamel. Mhux biss xehed imma ppreżenta dokumenti li ngħataw attenzjoni mill-Bord.**

**Kull tagħmir ta` protezzjoni civili adattat għal diżgrazzji estensivi għandu jkun disponibbli dejjem għaliex il-ħajja m`għandhiex prezz. Però f`ġieh is-sewwa ma kienx in-nuqqas ta` tagħmir adattat li seta` kien kawża tal-mewt ta` Jean Paul Sofia. Iċ-ċirkostanzi tal-kollass tal-binja kienu mingħajr preċedent, u dwar dan il-Bord jagħmel enfasi.**

**Waqt ix-xiehda, id-dettalji forniti mill-Kap tas-CPD kienu mpressjonanti. Min għandu nteress jaħbi xi ħaġa, igib ruħu diversament. Il-qofol tax-xiehda tiegħu kienet li għalihom Jean Paul Sofia kellu jitqies bħala persuna li**

**għadha ħajja u allura kellhom joperaw il-proċeduri tas-*search and rescue.***

**Dawk il-proċeduri kellhom ifissru reqqa fl-operazzjonijiet mhux biss għall-persuni nvoluti fit-tfittxija imma wkoll għal min kien qiegħed jitfittex. Il-periklu kien evidenti u reali għal kulħadd : kemm għal min kien inkarikat ifittex u kif ukoll għal min bħal Jean Paul Sofia kien mirdum.**

**L-operazzjoni tas-CPD ħadet sigħat twal ħafna mhux biex tiġbor katavru imma biex issalva persuna. Dak ma jfissirx li xi ħadd naqas anke fl-assenza tal-apparat u tagħmir kollu disponibbli. Il-Bord għandu konfort sabiex jiddikjara li s-CPD għamlet l-almu kollu tagħha sabiex issalva l-ħajja ta` Jean Paul Sofia.**

**Il-Bord xorta waħda se jagħmel id-domanda safejn jirrigwarda l-Istat :**

**Jista` l-Istat jagħmel aktar ?**

**Risposta :**

**Iva billi jieħdu l-opinjoni ta` esperti li għandhom jingħataw kull opportunita` li jipproponu soluzzjonijiet fattibbli fl-interess tas-saħħa tas-sigurtà ta` kulħadd u allura fl-interess tal-pajjiż.**

**Il-Bord jixtieq jemfasizza fuq il-bżonn urġenti u assolut li jissaħħaħ dejjem aktar l-infurzar mill-entitajiet pubbliċi nvoluti f`dan is-settur li, għalkemm importanti ħafna għall-ekonomija ta` pajjiżna, żgur ma jistax jitħalla jibqa` jagħmel li jrid, kif kien il-każ matul dawn l-aħħar ħamsin sena.**

**Il-Bord jifhem u japprezza l-isfidi u l-ostakoli li jsib ma` wiċċu kull min jaħdem f`dan is-settur imma għandu jsir dak kollu possibbli biex l-ispetturi kollha jiġu debitament enpowered biex ikunu jistgħu jwettqu d-doveri tagħhom mingħajr ebda biża` jew xkiel. Il-Bord jemmen li infurzar tempestiv huwa urġentament neċessarju biex is-sitwazzjoni preżenti fejn ċerti persuni irresponabbli jagħmlu li jridu, mingħajr ebda rispett għad-drittijiet ta` ħaddieħor tiġi ndirizzata mingħajr dewmien.**

**Il-qasam ta` kontroll għandu dejjem jibqa` jiġi msaħħaħ biex l-entitajiet regulatorji jkollhom is-snien u l-poteri leġislattivi neċessarji biex iwettqu l-funzjoni tagħhom sew. Biex nagħtu eżemplu wieħed jirreferi għax-xhieda tal-Inġinier Helga Pizzuto, Kap Eżekuttiv tal-MCCAA, li matulha ammettiet li sat-3 ta` Novembru 2023 kien għadu ma tteħidx bricks mis-sit ta` dan l-inċident fatali biex jiġi eżaminat. Meta mistoqsija għar-raġuni ta` dan, hija wieġbet '*Għax ir-regolament kif qed ngħidu, billi m`għandux limits of safety, li għandek huwa l-performance kif jiddikjaraha l-manufacturer*'. Il-Bord iħoss li din l-entità importanti għandha tingħata aktar poter u responsabbiltà biex twettaq il-ħidma tagħha b`mod aktar effettiv u teżerċita aktar kontroll biex tirrendi dan is-settur importanti wieħed aktar sigur u konsegwentament jitnaqqas b`mod qawwi r-riskju ta` korriment jew imwiet.**

**Mingħajr dubju, wasal iż-żmien li dan is-settur jiġi rregolarizzat b` mod urġenti u effettiv biex nevitaw iżjed imwiet u korrimenti serji bla bżonn u biex iċ-ċittadini tagħna ma jħossuhomx iżjed helpless quddiem ċerti sitwazzjonijiet. Regoli ċari u effettivi ma jridhomx biss min hu irresponabbli u egoist – li jinteressah biss mill-profit u li lest ipoġġi fuq l-artal tas-sagrifiċju kemm lill-ħaddiema tiegħu kif ukoll lil terzi.**

**8. <u>Is-Seba` (7) Terminu ta` Referenza</u>**

***sabiex jitressqu dawk ir-rakkomandazzjonijiet, kemm regolatorji kif ukoll amministrattivi, skont id-deċizjoni tal-Bord, sabiex jittieħdu miżuri għat-tisħiħ tas-saħħa u sigurtà fuq siti ta` kostruzzjoni.***

**a) <u>Sottomissjonijiet</u>**

**i. <u>Il-ġenituri</u>**

**Is-sottomissjoni tal-ġenituri kienet fis-sens illi huwa l-Bord fil-qagħda l-aktar idoneja sabiex jara kif għandhom jiġu indirizzati n-nuqqasijiet illi rriżultaw waqt din l-inkjesta u għalhekk kienu qegħdin iħallu dak prospettat mis-seba` (7) terminu ta` referenza għall-ġudizzju tal-Bord.**

**ii. <u>L-Avukat tal-Istat</u>**

**Jissottometti li r-riforma fis-settur tal-bini u kostruzzjoni fiha diversi diffikultajiet. Is-settur kien**

**deskritt mill-Kap Eżekuttiv tal-BCA bħala *"bħal raġel li ilu marid għal erbgħin (40) sena"*. B`żieda ma` dan, hemm il-kwistjoni li numru mdaqqas ta` *stakeholders* għandhom fehmiet diversi dwar kif għandu jkun riformat is-settur. Cio` nonostante qiegħed isir ħafna xogħol biex inċidenti bħal dak li seħħ fis-sit ta` Kordin jiġu evitati.**

**Skont l-Avukat tal-Istat, l-ikbar kwistjoni li trattat din l-Inkjesta kienet l-allegata *lacuna* fil-liġijiet ta` Malta fejn jidħol strutturi *free-standing*.**

**Fil-fehma tal-Avukat tal-Istat, għalkemm ir-regolatur għandu d-dmirijiet tiegħu, il-Perit u l-kuntrattur li jkunu nkarikati minn proġett għandhom ukoll responsabilità mhux biss ċivili imma wkoll kriminali. Bis-saħħa tal-*warrant* li jikseb, perit huwa l-ewwel punt ta` referenza f`sit ta` kostruzzjoni. Irid ikun hu li jagħti direzzjoni kull fejn jikkompetu l-mansjonijet tiegħu. Apparti obbligi gravi ta` natura ċivili u penali li jirriżultaw mil-liġijiet ġenerali, il-Perit jibqa` obbligat ukoll bl-osservanza ta` leġislazzjoni partikolari u speċjali, li tinkludi d-disposizzjonijiet tas-S.L. 623.06 safejn dawn jgħoddu għal kull Perit.**

**L-Avukat tal-Istat jirrimarka li fl-assenza ta` "*National Building Codes*", hemm il-"*European Building Codes*". Anke dawn huma għodda oħra f`idejn il-Perit, għalkemm jibqa` dejjem il-kejl tal-imġieba tiegħu skont is-sengħa u l-arti.**

**Dwar *free standing buildings* l-Avukat tal-Istat jissottometti li huwa tajjeb li wieħed jaħseb li għal xogħol f`dan it-tip ta` żvilupp għandu jkun hemm *method statement* u assigurazzjoni li tkopri terzi persuni u/jew garanzija bankarja. Anke l-Kamra tal-Periti bħala**

**regolatur tal-professjoni għandha rwol tagħha sabiex ittejjeb il-qagħda preżenti.**

**Dwar il-liċenzjar tal-kuntratturi, l-Avukat tal-Istat jgħid illi huwa pass importanti sabiex jiġi assigurat illi x-xogħol ikun qiegħed jiġi fdat lil persuni kompetenti. Wara diversi attentati matul is-snin, illum il-ġurnata l-BCA taf min huma l-kuntratturi liċenzjati u dawk mhux liċenzjati u li allura ma jistgħux jaħdmu. Ix-xogħol li qed isir huwa kontinwu u jidher ; għalhekk ma jistax jingħad li mhu jsir xejn. Diġà saru passi kbar sabiex jiġu ndirizzati ċertu nuqqasijiet fejn jidħol *stand alone buildings*. Għalhekk kwalunkwe rakkomandazzjoni f`dan il-kuntest għandha tikkunsidra l-progress kbir li diġà sar f`dan l-aspett tas-settur.**

**Fejn tidħol INDIS, l-Avukat tal-Istat, filwaqt li żamm ferm mal-pożizzjoni tiegħu li din m`għandha qatt tidħol f`materji ta` integrità strutturali ta` bini, fisser li qegħda tieħu inizjattivi sabiex sitwazzjonijiet bħal dawk mertu ta` din l-Inkjesta jiġu evitati. Ix-xiehda tal-Kap Eżekuttiv kienet ċara dwar dan kif ukoll minn dik ix-xiehda ħareġ ċar li INDIS qegħda tagħmel l-almu tagħha sabiex ittejjeb ir-relazzjoni tagħha mal-Awtoritajiet kif ukoll tirriforma l-proċessi tagħha.**

**L-Avukat tal-Istat jirreferi għall-investiment qawwi li qegħda tagħmel l-BCA fis-sistemi tat-teknoloġija.**

**Irrefera wkoll għall-impenn tagħha fit-twettieq tar-rakkomandazzjonijiet tal-Quintano Report.**

**L-Avukat tal-Istat jirreferi għal dak li jsir fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika dwar l-ingaġġ ta` nies u cioè li kif ikun hemm *clearance* mill-Ministeru tal-Finanzi, id-Diviżjoni għan-Nies u *Standards* fl-Uffiċċju tal-Prim**

**Ministru tmexxi bl-approvazzjoni għal impjegati. Meta kien hemm talbiet għal riżorsi umani kemm mill-OHSA kif ukoll mill-BCA ma kienx hemm nuqqasijiet fl-approvazzjoni.**

**Mar imbagħad għall-kwistjoni tat-TCNs billi għamel referenza għax-xiehda tal-Kapi Eżekuttivi ta` Jobs Plus u Identità. Sostna li hemm kordinament effettiv bejn iż-żewġ entitajiet u mal-Pulizija qegħdin isiru spezzjonijiet ta` sikwit. Hemm fis-seħħ qafas regolatorju b`saħħtu li jibbaża ruħu fuq analiżi tas-suq tax-xogħol u dikjarazzjonijiet ta` adattabilità ffirmata minn min iħaddem. Din id-dikjarazzjoni hija xorta soġġetta għal-liġijiet li jirregolaw settur partikolari. Għalhekk kwalunkwe rakkomandazzjoni għandha tikkunsidra illi Jobsplus ma tistax tkun hija wkoll ir-regolatur ta` setturi ta` xogħol differenti stante illi dawn huma koperti bil-qafas regolatorju tagħhom.**

**L-Avukat tal-Istat jikkonkludi li diġà sar ħafna biex ikun riformat is-settur tal-iżvilupp u l-kostruzzjoni fl-aħħar snin. Dan l-impenn ser ikompli b`reviżjoni stutturata tal-liġijiet marbuta mal-kostruzzjoni u l-iżvilupp, liema reviżjoni għaddejja flimkien mal-Università ta` Malta. Tħabbru wkoll miżuri oħra li sejrin jidħlu fis-seħħ matul is-sena korrenti b`rabta ma` aġġornament ta` standards li għandhom jiġu segwiti fis-settur. Dawn jinkludu l-bidu ta` proċess ta` introduzzjoni ta` *skill cards* , impenn ta` liġi ġdida tal-liċenzja tal-bennejja, aġġornament fil-Kap 424 tal-Liġijiet ta` Malta u regolamenti dwar ir-rwol tal-*project supervisor.* Dan l-impenn huwa appoġġjat minn żieda fir-riżorsi tal-OHSA u l-BCA. Hemm ukoll impenn sabiex jiġu ffinalizzatti l-ewwel Kodiċijiet tal-Bini.**

**L-Avukat tal-Istat jagħlaq billi jgħid illi l-Bord għandu jieħu konjizzjoni tar-riżultanżi tal-Maġistrat Inkwirenti sabiex jespleta l-inkarigu mogħti lilu u**

**għaldaqstant kwalunkwe rakkomandazzjoni għandha tikkunsidra l-isfond fattwali tal-akkadut fit-3 ta` Diċembru 2023.**

**b) <u>Osservazzjonijiet</u>**

**Qawwija ferm kienet id-dikjarazzjoni li għamel bil-ġurament Jesmond Muscat (Kap Eżekuttiv tal-BCA) meta ddikjara s-settur tal-kostruzzjoni huwa "*bħal raġel li ilu marid għal erbgħin (40) sena*".**

**Fl-istess waqt, aperta u skjetta kemm tista` tkun stqarrija ta` din ix-xorta m`għandhiex tkun pretest sabiex ma jsir xejn jew ftit fl-immedjat, għaliex il-ħtieġa li s-settur ikun riformat hija urġenti, speċjalment fejn jidħlu l-aspetti kollha ta` saħħa u sigurtà fix-xogħol ta` bini u kostruzzjoni, anke tenut kont tal-fatt li x-xogħol tal-bini u l-kostruzzjoni fil-pajjiż kollu għadu għaddej b`ħeffa u donnu ma jafx rallentament.**

**Tajjeb li jkun rimarkat ukoll li l-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà m`għandhiex tkun limitata għal siti ta` kostruzzjoni, għaliex il-bżonn ta` aktar miżuri ta` prevenzjoni u ta` ħarsien tas-saħħa u sigurtà m`għandhiex tkun distakkata mill-bżonn li l-qasam tax-xogħol fl-assjem tiegħu jibqa` taħt il-lenti sabiex isir aħjar.**

**Il-Bord jifhem li ħadd ma jrid u lanqas m`għandu interess li s-settur tal-kostruzzjoni imut jew jiġi fix-xejn. Li settur daqstant importanti minn kull aspett għall-pajjiż jitħalla *marid* għal tant snin u jitħalla bħal qasba tixxejjer mar-riħ mhuwiex raġuni sabiex xi ħadd**

**jagħmel difiża ta` xi xorta jew biex ma ssir ebda riforma u allura jibqa` jippersisti l-i*status quo.* Min jgħaddilu dan il-ħsieb minn moħħu qed jiżbalja bil-kbir. Trid taqta` fil-laħam il-ħaj billi tmur għall-għeruq tal-problemi : issalva t-tajjeb u tqaċċat il-ħażin. Però daqstant ieħor il-Bord jisħaq li huwa fl-aħjar interess ta` dan il-pajjiż illi għandu jsir kull sforz sabiex il-qasam ifieq tajjeb mill-*mard* li għandu, jekk hemm bżonn b`doża ta` miżuri b`saħħithom li jfejqu, li jġibu l-ordni fejn hemm diżordni, u fejn kull min għandu dmir jew responsabilità b`liġi jew xort`oħra għandu jerfa` l-piż li daħal għalih, mingħajr riservi jew distinzjonijiet, inkella jwarrab.**

## c) <u>Rakkomandazzjonijiet</u>

**Bla ħsara għal miżuri kemm amministrattivi kif ukoll regolatorji li kienu proposti aktar kmieni waqt il-konsiderazzjoni tat-termini ta` referenza l-oħra, u b`żieda magħhom, il-Bord qiegħed ukoll jirrakkomanda dawn il-miżuri sabiex il-qagħda preżenti fil-qasam tal-bini u kostruzzjoni tiġi għall-aħjar . Għat-twettieq ta` bosta mir-rakkomandazzjonijiet ikun meħtieġ bdil fil-leġislazzjoni kemm prinċipali kif ukoll sussidjarja :**

### i. <u>Il-Liċenzjar tal-Kuntratturi</u>

**Fil-pajjiż jirriżulta li hemm consensus wiesgħa ħafna li l-<u>liċenzjar tal-kuntratturi</u> huwa bżonnjuż sabiex is-settur tal-bini u kostruzzjoni jibda jara ftit tal-ordni. Però sabiex tkun miżura effettiva li sservi biex tibdel is-settur mill-qigħ huwa meħtieġ li jiġu skartati *half***

***measures.*** **Kulħadd għandu jkun jaf x`inhu jagħmel u għandu jifhem x`irid isir.**

**Bil-regolamenti li hemm fis-seħħ sal-lum, senjatament ir-<u>Regolamenti dwar il-Liċenzjar għall-Industrija tal-Kostruzzjoni</u> [L.S. 623.09] il-BCA taf kemm huma l-kuntratturi li rreġistraw għal liċenzja u għaddej iż-żmien sabiex isiru l-aċċertamenti previsti mil-liġi. Dawk ir-regolamenti huma l-ewwel pass fit-triq għas-serjetà. Imma kif inhuma biss mhux biżżejjed.**

**ii. <u>Il-Klassifikazzjoni tal-Kuntratturi</u>**

**Għall-fini tal-ħruġ ta` liċenzja, għandha tkun meħtieġa <u>klassifikazzjoni tal-kuntratturi</u> sabiex isir aċċertament tal-kompetenza u tas-sengħa tal-persuni li jridu liċenzja.**

**Jekk fil-passat kien hemm reżistenza u xi mindaqqiet anke krucjati kontra l-klassifikazzjoni, issa l-passat għadda, għandu jindifen, u jeħtieġ li mmorru għal bidliet li jagħmlu sens f`qasam li nbidel matul is-snin, u fejn il-kostruzzjoni ħadet dimensjoni radikalment diversa milli kienet ftit biss snin ilu.**

**Għal min ma jridx jifhem, klassifikazzjoni ċertament ma tfissirx li kulħadd kapaċi jagħmel kollox, imma certament tfisser li l-opportunitajiet tax-xogħol ikunu miżurati skont is-sengħa, il-kompetenza u t-taħriġ.**

**Il-klassifikazzjoni trid tkun immaniġġjata skont kategoriji. Id-daqs tal-kuntrattur huwa ndikatur qawwi.**

**Daqs fis-sens tal-*past history* tiegħu f`dawk li huma appalti, kemm iħaddem nies tas-sengħa, kemm iħaddem persuni li ma jkunux tas-sengħa, l-inġenji li għandu biex jaħdem bihom. Il-lista ta` kriterji għandha tkun mfassla fuq linji oġġettivi li jieħu kont taċ-ċirkostanzi tal-pajjiż u m`għandhiex tkun ezawrijenti. Anzi m`għandha teskludi ebda fattur sabiex is-settur iżomm ruħu aġġjornat mal-iżviluppi li jkunu għaddejjin. Il-benefiċċju tal-klassifikazzjoni għandu jkun il-professjonalità. Proġetti ta` entità sostanzjali jew proġetti ta` infrastruttura u ta` importanza nazzjonali għandhom jiġu eżegwiti minn kuntratturi fl-ogħla klassifika biex jiġu evitati kif del resto ġara u għadu qed jiġri anke llum li minħabba fatturi ta` prezz jidħlu għalihom kuntratturi ta` professjonalità nferjuri bil-konsegwenza li proġetti ma jispiċċaw qatt, u barra minn hekk mingħajr ebda garanziji reali għall-ħaddiema. Il-klassifikazzjoni tkun tista` tispecifika jekk kuntrattur ikunx jista` jidħol għal proġetti residenzjali, kummerċjali, industrijali jew oħrajn skont il-gradazzjoni tagħhom.**

**iii. <u>L-Iskill Card u s-Safety Card</u>**

**Pari passu mal-klassifikazzjoni hija neċessarja l-<u>i*skill card*</u>.**

**Qed isiru dawn ir-rakkomandazzjonijiet fir-rigward :**

- **Kull persuna li tkun taħdem fis-settur tal-bini u l-kostruzzjoni jrid ikollha *skill card* li toħroġ abbażi tas-sengħa li dik il-persuna jkollha.**

- **Kull persuna li jiġi mpjegat minn kuntrattur**

**liċenzjat biex jopera fil-bini u kostruzzjoni jrid ikollu *skill card*.**

- **Id-dokument għandu jkun mandatorju ossia obbligatorju mhux volontarju kif hi s-sitwazzjoni fil-preżent, sitwazzjoni li llum ma tagħmel ebda sens għaliex il-persuni li llum għandhom *skill card* ta` xi sengħa jirrappreżentaw biss *fraction* tat-total ta` eluf ta` persuni li kien aċċertat li qegħdin jaħdmu fis-settur tal-bini u kostruzzjoni.**

- **Ħaddiema tal-affari tagħhom m`għandhomx jitnaffru mill-i*skill card* għaliex hija fl-interess tagħhom u tiddistingwihom minn ħaddiema li jippozaw bħala ħaddiema tas-sengħa meta ma jkunux u xorta jippreżentaw kontijiet ta`persuni tas-sengħa.**

- **Il-pussess ta` *skill card* tagħti saħħa lill-professjonalità għaliex hija akkreditata fl-UE. Fil-każ ta` ħaddiema Maltin, tiftħilhom il-bieb għal aktar opportunitajiet ta` xogħol ħafna drabi aktar reditizzju barra mill-pajjiż.**

- **Id-dokument għandu jgħodd għall-ħaddiema kollha : kemm jekk Maltin, kemm jekk ikunu ċittadini tal-UE kif ukoll jekk ikunu TCNs. Iċ-ċittadinanza hija mmaterjali. Il-kwistjoni hija l-prova tal-kompetenza u tas-sengħa.**

- **Fil-każ ta` persuni li ma jkunux Maltin, ma toħroġ ebda *skill card* jekk il-persuna ma jkollhiex *working knowledge* tal-Malti <u>jew</u> tal-Ingliż.**

- **Il-pussess tal-i*skill card* trid tkun taħt monitoraġġ regolari u attent kondott minn grupp jew kumitat zghir ta` uffiċjali ġejjin mill-BCA, Identità u Jobsplus.**

- **Dawk il-persuni li jinstabu jaħdmu mingħajr *skill card* jitwaqqfu *on the spot.* Kuntratturi liċenzjati li jirriżulta li jkollhom persuni mpjegati bla *skill card* jitwaqqfu *on the spot.* Jekk xi ħadd sejjer jgħid li dawn huma rakkomandazzjonijiet riġidi u drakonjani żżejjed allura bir-rispett kollu jfisser li għadu mhux jifhem il-gravità tas-sitwazzjoni preżenti li ma tistax tiġi għall-aħjar bil-bwon awspiċi imma b`interventi mirati ċari u inekwivoċi. Il-proċedura tal-ħruġ tal-i*skill card* għandha koordinata bejn BCA, Jobsplus u Identità.**

- **Mal-i*skill card* għandu jkun hemm <u>safety card</u>.**

**iv. <u>Assigurazzjoni</u>**

**Rekwiżit ieħor obbligatorju għall-ħruġ ta` liċenzja ta` kuntrattur għandu jkun wkoll il-pussess :**

- **ta` polza ta` assikurazzjoni *contractors all risks* li toħroġ minn sena għal sena, u tagħti kopertura lill-operat tal-kuntrattur vis-à-vis terzi ; u**

- **polza ta` assikurazzjoni *employers liability* li tagħti kopertura assikurattiva lill-impjegati**

**tal-kuntrattur.**

**v. <u>*Employers Liability Insurance* :</u>**
**<u>Obbligatorja b`liġi</u>**

**Il-Bord huwa tal-fehma li huwa matur iż-żmien li assigurazzjoni tat-tip *employers liability* tkun obbligatorja għal kull employer u mhux tkun għażla fakoltattiva kif hija s-sitwazzjoni fil-preżent.**

**Il-Bord huwa wkoll tal-fehma li din l-assigurazzjoni m`għandhiex tkun obbligatorja biss għas-settur tal-bini u kostruzzjoni imma għal firxa mill-aktar wiesgħa ta` employers.**

**F`pajjiżna fl-1974 kien għadda mill-Parlament l-<u>Employers` Liability (Compulsory Insurance) Act</u>. Il-liġi però qatt ma giet fis-seħħ, lanqas sal-lum ħamsin (50) sena wara.**

**L-Att kien imfassal fuq l-<u>Employers' Liability (Compulsory Insurance) Act 1969 tar-Renju Unit</u>, liema Act għadu fis-seħħ anke llum.**

**Dwar jekk ikunx għaqli li l-Att tal-1974 jingieb kf inhu fis-seħħ illum, il-Bord għandu d-dubji tiegħu għaliex id-dinja tax-xogħol kif kienet fl-1974 mhijiex dik tal-lum. Fl-istess waqt l-Act tar-Renju Unit tal-1969 jista` jibqa` jservi bħala mudell sabiex issir liġi li tkun tgħodd għaċ-ċirkostanzi ta` pajjiżna bl-intiża ċara li għandha tispicca darba għal dejjem id-diżugwaljanza**

**attwali fid-dinja tax-xogħol f`pajjiżna llum ta` ħaddiema tal-ewwel klassi u dawk tat-tieni jew tat-tielet klassi għaliex ikun hemm employers li liberament jagħżlu li jagħtu kopertura assikurattiva lill-ħaddiema tagħhom f`każ li tirriżulta ppruvata ħtija tal-employer fil-konfront tagħhom u oħrajn li għax mhux obbligati ma jidħlux għal dik it-tip ta` assigurazzjoni.**

**Il-Bord ma jiqafx hawn. Anzi jżid jgħid li sabiex il-kopertura tkun effikaċi u tilħaq il-milja tagħha, l-awtoritajiet għandhom jadottaw il-mudell li diġà jaħdem tajjeb ħafna fil-każ ta` inċidenti awtomobilistiċi bis-saħħa tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta` Malta u cioè li fejn jidħlu terzi ebda assigurazzjoni ma tkun tista` teċċepixxi n-nuqqas ta` kopertura għaliex l-assigurat tagħha jkun kontrattwalment inadempjenti f`xi preġudizzjali, *warranty,* patt jew kondizzjoni attinenti għall-polza. Inoltre l-assigurazzjoni stess tkun *ope legis* leġittima kontradittur sabiex tiddefendi hi stess kull azzjoni ġudizzjarja li t-terz (f`dak il-każ l-impjegat) iressaq minħabba korriment, mewt jew mard industrijali naxxenti minn ħtija tal-employer tiegħu. L-eżempju tal-Kap 104 ikaxkar u għalhekk il-Gvern għandu jimxi lejn dik id-direzzjoni.**

**vi. *Method Statements***

***Method statement* fis-sostanza huwa dikjarazzjoni ta` perit dwar kif se jsir ix-xogħol fil-kwadru tal-pjanti u d-disinn. Is-sitwazzjoni attwali trid tinbidel għaliex sal-lum hemm obbligu għall-presentata ta` *method statement* biss meta jkun se jsir żvilupp adjaċenti għall-proprjetà ta` terzi. Id-dokument jiġi preżentat lill-BCA li tgħaddih minn proċess ta` *vetting*.**

**Aktar `il quddiem, il-Bord se jirrakkomanda li taħt ir-remit tal-BCA għandu jkun hemm *free standing structures* ukoll. Dan ifisser li anke fil-każ ta` *free standing structures* għandu jiġi preżentat *method statement* lill-BCA li tgħaddih minn proċess ta` *vetting* ukoll. Wara d-diżgrazzja ta` Jean Paul Sofia u tal-ħaddiema l-oħra li sfaw midruba fit-3 ta` Diċembru 2022, il-Bord jittama li nfetħu l-għajnejn magħluqa ta` bosta.**

**Fil-preżent, meta jiġi preżentat *method statement* dwar xogħol li jkun se jsir adjacenti għall-bini ta` terzi, it-terz ma jingħatax kopja ta` dak il-*method statement* għalkemm ikun il-parti l-aktar interessata għall-effetti ta` dak l-iżvilupp. Dak it-terz ikun kostrett jiċċekkja kuljum il-website tal-BCA sabiex jara jirriżultax xi ħaġa. Fil-fehma tal-Bord dan m`għandux ikun u għalhekk il-proċedura għandha tinbidel sabiex it-terz jingħata kopja tal-*method statement* fl-istess data li d-dokument ikun preżentat lill-BCA. It-terz għandu jkollu jedd jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu lill-BCA dwar il-*method statement* propost. Ħaġa oħra li trid issir hija li l-BCA għandha tippubblika kull *method statement* li tapprova u tagħmlu aċċessibbli għal kulħadd.**

**L-istess jingħad dwar *condition reports.* Jekk perit ta` żviluppatur jagħmel *condition report* dwar il-proprjetà tat-terz, it-terz għandu jkollu bi dritt kopja ta` dak il-*condition report* aktar u aktar meta dak il-*condition report* ikun sar wara li t-terz ikun ipprovda aċċess lill-iżviluppatur ħalli jiċċertifika l-istat tal-proprjetà tat-terz.**

**Tajjeb jingħad li l-proċess attwali ta` skrutinju tal-*method statement* huwa semplicement *check-list* mingħajr referenza għall-pjanti sottomessi. Għalhekk mal-*method statement* għandhom ikunu annessi wkoll il-pjanti approvati mill-PA. Ikompli jingħad illi *method statement* għandu jirrifletti dak li jirriżulta mill-pjanti approvati għall-iżvilupp. Dawn għandhom ikunu annessi wkoll mal-*method statement* flimkien mad-dettalji tal-polza ta` assigurazzjoni tal-perit li jkun ħejja l-*method statement*.**

**Il-Bord jisħaq għal darb`oħra li jkun xi jkun l-iżvilupp, u cioè kemm jekk ikun se jsir maġenb proprjetà ta` terzi, u kif ukoll jekk ma jkun ser tintmiss ebda proprjetà adjacenti u allura *free standing structures,* għandha tkun obbligatorja l-preżentata ta` *method statement* lill-BCA għall-iskrutinju tagħha.**

***Method statement* għandu jkun obbligatorju għal kull tip ta` żvilupp, kemm fil-każ ta` *full development applications* kif ukoll fil-każ ta` DNOs.**

**Illum qabel għada s-sitwazzjoni attwali għandha tkun rimedjata.**

**Din il-bidla fid-direzzjoni tesiġi li l-BCA tqum għall-okkażjoni. It-tliet *method statement templates* li wieħed isib fil-*website* tagħha huma limitati għal xogħol ta` twaqqigħ, skavar u bini. Kif inhuma diġà huma rudimentali u xotti wisq. Hemm lok għal titjib sostanzjali tenut kont li qed jiġi rakkomandat twessigħ tal-*method statement* b`liġi.**

**vii. *Vetting***

**Kif qed isir sal-lum il-*vetting* tal-*method statements* ma jagħti ebda serħan tal-moħħ. Il-proċedura attwali ma tiggarantixxi ebda serjetà fl-iskrutinju u fuq kollox mhijiex trasparenti. Min jagħmel il-vetting għandu jkun magħruf mhux jitħalla jistaħba wara l-anonimat u jfittex kenn wara l-BCA. Li s-sitwazzjoni m`għandhiex tibqa` dik li hija llum huwa wkoll fl-interess tal-BCA.**

**Min jagħżel li jidħol għal dan it-tip ta` xogħol għandu jerfa` r-responsabilità tal-ġudizzju tiegħu. Jekk jippretendi protezzjoni għall-*vetting* li jagħmel, dik il-protezzjoni għandha tagħtiha lilu l-BCA. Mhux hekk biss imma l-BCA għandha tassikura li l-persuni li tinkarika għall-fini ta` *vetting* mhux biss ikunu kwalifikati imma jkollhom kopertura assigurattiva għal *professional indemnity.***

***Vetting* għandu jsir dejjem minn periti ta` esperjenza u ta` kompetenza magħrufa, mhux minn persuni b`inqas kwalifiki jew addirittura minn persuni klerikali anke jekk ta` esperjenza tal-uffiċċju.**

**Il-BCA għandha tagħmel pubblika l-lista tal-persuni li tkun inkarikat biex jagħmlu l-*vetting*.**

**viii. Aċċess facli u Avviżi fis-sit**

**Anke f`dan l-aspett hemm lok għal titjib sostanzjali. Il-pubbliku għandu jkollu aċċess faċli u effettiv ta` rappurtaġġ fil-pront lill-entitajiet regolatorji**

**kollha, 24 siegħa kuljum inkluż Sibtijiet u Ħdud, biex iwasslu l-preokkupazzjonijiet u l-beżgħat li jkollu dwar ċerti binjiet u siti ta` kostruzzjoni. Ma jistax ikun li l-pubbliku jibqa` jħossu sprovvist mill-għajnuna f`każi fejn jinħass li ċertu bini u/jew kostruzzjoni jista` jkun ta` periklu ta` ħsara fuq il-persuna jew għall-proprjetà. Tali aċċess, li għandu jwassal għal azzjoni fil-pront, jekk ikun il-bżonn, joffri serħan il-moħħ lill-pubbliku, speċjalment il-persuni vulnerabbli.**

**Kull *site notice* għandha turi n-numri tat-telefon (*mobiles* inklużi) tal-BCA. Dawn għandhom ikunu aċċessibbli 24/07 għal rapporti mill-pubbliku. Il-kuntatt ta` *hot line* tal-BCA għandu jidher fis-*site notices*.**

**Jekk il-BCA trid tassew tkun rilevanti fil-ħajja tan-nies, trid trid tkun tassew viċin in-nies, jum wara l-ieħor, inkluż fil-*weekends*, mhux kważi kważi tieħu fastidju jekk in-nies jitolbu l-interventi tagħha għaliex ikun hemm suspett li kuntrattur tal-bini u kostruzzjoni jkun qed jagħmel li jrid.**

**Min mhux lest joqgħod għas-salib aħjar iwarrab u jagħmel wisa` għal ħaddieħor.**

**ix. *National Building Codes***

**Il-*Building Codes* jeħtieġ li jitlestew u jiġu pubblikati mill-aktar fis billi huwa fatt rikonoxxjut mill-esperti li mingħajrhom l-industrija mhux se ttejjeb l-operat tagħha. Biex dak awspikat iseħħ, jeħtieġ li titwarrab il-pika bejn l-esperti. Mhux aċċettabbli li periti jgħidu mod u l-BCA tgħid mod ieħor. X`imkien irid ikun hemm punt ta` kuntatt bejn id-diversi fehmiet u**

**_timeline_ stabbilit u ċert għat-tlestija u pubblikazzjoni għaliex l-assenza ta` dawn id-dokumenti u l-applikazzjoni tagħhom hija telfa għall-pajjiż għax tnaqqas is-serjetà tiegħu apparti kull konsiderazzjoni oħra ta` natura professjonali.**

**x. _European Building Codes_**

**Sakemm jitlestew għal kollox u jiġu ppubblikati n-National Building Codes, il-Bord huwa tal-fehma li s-settur għandu jagħmel tiegħu u japplika l-_European Building Codes_ li huma ntizi biex itejbu mhux biss il-prodotti imma anke l-proċeduri fil-qasam tal-bini u kostruzzjoni.**

**Dawn il-_codes_ Ewropej diġà huma obbligatorji kull fejn japplika l-Public Procurement Directive tal-UE, imma xejn ma jżomm li dak il-mudell diġà operattiv jimxi għal livell aktar mifrux fuq bażi lokali. Dawk il-_codes_ (li huma għaxra fl-għadd) bir-raġun jistabilixxu _standard technical specification for all public works contracts in EU member states_. Mela fejn hu diġà ppruvat bħala tajjeb, immexxu sakemm niddeċiedu dwar il-_building codes_ tagħna.**

**xi. Bini u kostruzzjoni :<br>Regolamentazzjoni tas-Saħħa u Sigurtà**

**Il-Bord huwa tal-fehma li l-iżviluppatur u l-kuntrattur għandhom ikunu responsabbli għal miżuri tas-saħħa u sigurtà fuq il-lant tax-xogħol.**

**Ma jistax ikun li meta _site safety officers_ jirrapportaw nuqqasijiet lill-OHSA jispiċċaw jittieħdu l-**

**qorti fuq il-pretest li ma jkunux għamlu x-xogħol tagħhom tajjeb.**

**Għandha ssir reviżjoni tar-regolamenti eżistenti biex ikun aċċertat li fis-settur tal-bini u l-kostruzzjoni kulħadd ikun jaf x\`inhuma r-responsabilitajiet u ħadd ma jitħalla juża xi dispożizzjoni sabiex ifarfar fuq responsabilita\` tiegħu ħaddieħor.**

**Il-*competent person* li jagħmilha wkoll ta\` *site safety officer* għandu jkollu l-awtorità li jwaqqaf ix-xogħol sakemm in-nuqqas riskontrat jitneħħa.**

**Skont il-liġi tagħna, f\`xogħol ta\` bini u kostruzzjoni, il-*competent person jiġi* appuntat mill-klijent u għalhekk jirrapporta direttament lill-klijent. Huwa l-klijent li jrid jassikura li jkunu *in place* l-miżuri kollha ta\` saħħa u sigurtà fis-sit. Dan iġib miegħu riskju ta\` konflitt ta\` interess. Il-*project supervisor* iħejji rapport lill-klijent sabiex dan jaġixxi. Dan iċ-ċaqlieq ta\` kompetenzi huwa ntrikat izzejjed u jxejjen l-awtonomija u l-kompetenza tat-tekniku għad-differenza tal-klijent li ħafna drabi jkun l-iżviluppatur. Hemm ħtieġa urġenti li l-project supervisor jingħata protezzjoni fil-liġi għat-tutela tal-pożizzjoni tiegħu. Għalhekk m\`għandux jitkeċċa għaliex jieħu azzjoni u għandu jkollu s-setgħa li jwaqqaf ix-xogħol anke jekk l-impjieg tiegħu jiġi mill-klijent.**

**Il-Bord jirrakkomanda li r-regolamenti viġenti jiġu eżaminati mill-ġdid b\`reqqa bil-għan sabiex min-naħa waħda jiġu ndirizzati u risolti l-konflitti ta\` interess perċepiti u attwali eżistenti u l-problemi li jġibu magħhom, kif ukoll sabiex il-professjonisti fis-siti ta\` kostruzzjoni jkollhom il-ħarsien legali li legittimament għandhom kull jedd jippretendu sabiex deċiżjonijiet li**

**jieħdu fl-aħjar interess tas-saħħa u sigurtà jkunu osservati mingħajr ħsara għalihom.**

**Il-Bord huwa tal-fehma l-OHSA għandha aktar minn qabel tkun preżenti *on the ground* u twaqqaf lantijiet tax-xogħol meta s-saħħa u s-sigurtà jkunu gravement ippregudikati.**

**xii. *Third Country Nationals* (TCNs)**

**It-TCNs li qegħdin jinġiebu minn barra biex jaħdmu fil-bini u kostruzzjoni mhux biss m`għandhomx *skill card* imma bil-kemm kapaċi jitkellmu b`Ingliż li jiftiehem.**

**Id-dħul tagħhom Malta huwa mingħajr kontroll prattiku u reali għaliex Jobsplus toqgħod kważi għal kollox fuq dak dikjarat mill-employer għal dik li hija kompetenza u sengħa tal-ħaddiem, apparti li ma ħadet ebda ħsieb biex tilqa` għall-isfida tal-ingaġġ ta` aktar persuni kompetenti biex jassikuraw il-qagħda tat-TCNs li kienet hija stess li rrakkomandat għall-ħruġ ta` Single Work Permit minn Identità.**

**Id-dehra li ħa l-Bord tal-immaniġġjar minn Jobsplus tal-kwistjoni kollha tat-TCNs hija fallimentari minn kull aspett.**

**Meta jasal ċertifikat ta` xi forma ta` kompetenza minn barra l-aċċertamenti huma fjakki. Il-profil tal-kontroll jeħtieġ jogħla u jsir aktar effettiv.**

**Anke Identità għandha tgħid tagħha. M`għandhiex tkun *rubber stamp*. Del resto se tkun hi mhux Jobsplus li toħroġ is-Single Work Permit fil-każ ta` TCNs.**

**Dan kollu jfisser li l-prattiċi amministrattivi preżenti għandhom jiġu rivisti occorrendo bil-bidliet leġislattivi li hemm bżonn.**

**xiii. <u>Il-postijiet tax-xogħol</u>**

**Is-sit fejn miet Jean Paul Sofia qatt ma kien spezzjonat minn ħadd u minn ebda awtorità.**

**Anke INDIS ma kkontrollatx is-sit wara li sar il-kuntratt fuq il-pretest li l-kontrolli tagħha jibdew wara li x-xogħol jitlesta.**

**Li kieku kien hemm il-kura u l-attenzjoni meħtieġa d-diżgrazzja forsi kienet tiġi evitata, dan apparti r-responsabilitajiet tal-iżviluppaturi, tal-kuntratturi u tal-periti li kriminalment u ċivilment għadhom *sub judice.***

**Mela għandu jsir kull sforz li ebda post tax-xogħol ma jaqa` barra mis-sorveljanza u monitoraġġ tal-awtoritajiet.**

**Jekk xi ħadd għandu dubju, allura l-kuntratti għandhom isiru aħjar u jiġu skrutinati aktar strettament.**

**xiv. <u>Spettorati</u>**

Dawk l-entitajiet pubbliċi li uffiċjali tagħhom xehdu fl-inkjesta wrew – kulħadd tiegħu - karenza fl-ispettorati. Ma hemmx biżżejjed nies u kwindi jsiru anqas spezzjonijiet. Dan huwa ħażin.

Nafu l-konsegwenzi u għalhekk huwa meħtieġ ripensament sħiħ ta` kif isir l-infurzar. Hemm il-ħtieġa li l-entitajiet pubbliċi jiġu ristrutturati mhux biss biż-żieda fl-għadd tan-nies imma wkoll ta` kif isiru l-ispezzjonijiet.

xv. <u>Informatika</u>

Il-PA, BCA, OHSA u Jobsplus għandhom ikollhom kanali diġitali ta` informazzjoni rilevanti bejniethom, u mhux kulħadd jaqdef għal rasu. Fejn hemm karenza jew fejn ma jwassalx l-ispettorat għandha twassal l-informatika. Għalhekk is-sistemi informatiċi tal-PA, BCA u l-OHSA għandhom ikunu kompatibbli għal dik li jirrigwarda sharing ta` informazzjoni li tkun kruċjali għall-prevenzjoni ta` sitwazzjonijiet li jqegħdu f`riskju u periklu l-ħajja tan-nies. B`daqshekk ma jkunx hemm ksur tar-regoli dwar data protection apparti li dawn ir-regoli għandhom jiġu nterpretati dejjem b`mod oġġettiv u qatt sabiex tinżamm mistura informazzjoni li tista` tkun ta` siwi għall-protezzjoni u għall-inkolumita` tal-persuni.

xvi. <u>Intelliġenza Artifiċjali</u>

Din hija fruntiera ġdida li għandha tiġi adoperata sabiex twassal għal aktar prevenzjoni u sigurtà ta` kulħadd fil-postijiet tax-xogħol. Meta l-Istat jinvesti tajjeb fit-tajjeb, ir-ritorn għal dak l-investiment tajjeb huwa garantit.

## xvii. Malta Enterprise

B`żieda ma` dak li kien rilevat aktar kmieni dwar il-karenzi grossolani riskontrati fil-kondotta ta` Malta Enterprise fil-każ in eżami, il-proċeduri ta` din l-entità jeħtieġ li jkunu miljorati u aktar trasparenti. L-approvazzjoni ta` business plan m`għandux jitqies bhallikieku xi ħaġa ovvja li tgħaddi. Fuqha jiddependi l-ħruġ ta` letter of intent. Mingħajr l-iċken dubju dak in eżami kien każ fejn letter of intent ma kellha qatt toħroġ. Il-proċeduri ta` monitoraġġ u kontroll minn Malta Enterprise jeħtieġ li jiġu ripensati u korretti minnufih.

Immedjatament għandha tiġi addottata sistema ferm aktar robusta u trasparenti mill-Malta Enterprise biex jiġi assigurat li kull applikazjoni għall-użu ta` fabbriki jew art industrijali tiġi evaluata b`mod ġust u oġġettiv.

Il-Bord huwa tal-fehma li bil-għan li tissaħħaħ il-governanza tajba f`dan il-proċess tant importanti, b`mod immedjat għandha tiġi addottata sistema li jkollha kriterji ċari u serji biex jiġi assigurat li kull min jingħata art tal-Gvern għal skopijiet industrijali verament ikollu proġett vijabli, sostenibbli u li jkun ta` benefiċċju għall-ekonomija tal-pajjiż. Mingħajr evidenza ċara u ta` min joqgħod fuqha, iċċertifikata minn professjonisti li għandhom il-kapaċità u l-warrant biex jagħmlu dan, ma teżistix ġustifikazzjoni ġusta biex art pubblika tingħata b`xejn lill-entità privata. Fuq kollox, huwa assolutament neċessarju li Malta Enterprise jkollha pjanti dettaljati tal-binja proposta biex tkun assolutmanet konxja ta` dak li jkun qed jiġi propost. L-aspett ta` due diligence ta` l-applikant/i huwa wkoll wieħed importanti ħafna. Dan kollu huwa neċessarju sine qua non biex jiġi assigurat li r-riskji kollha marbuta mal-bini, is-sostennibiltà u l-

**implementazjoni ta` tali proġett jiġu minimizzati kemm jista` jkun. Kemm għall-ħaddiema nfushom, inkluż kull min ikun fuq is-sit, kif ukoll għal terzi.**

**xviii. INDIS**

**Din m`għandhiex tipproċedi bl-assenjazzjoni ta` art pubblika lill-privat sempliċement fuq l-iskorta tal-*letter of intent* ta` Malta Enterprise, tagħlaq għajnejha għal kull irregolarità u tkun biss *rubber stamp*. Għall-bqija tan-nuqqasijiet tagħha, issir referenza għal dak li diġà ngħad aktar kmieni.**

**xix. Taħriġ**

**Għal min se jkollu sengħa rikonoxxjuta biex jaħdem fil-bini u l-kostruzzjoni, il-kompetenza għandha tkun ċertifikata minn entità ta` tagħlim u taħriġ pubbliċi. L-inizjattiva privata għandha tingħata spazju, inkluż dak li jsir mill-MDA. Imma kull inizjattiva ta` taħriġ u tagħlim li jagħmel il-privat għandu jkun skrutinat u ċertifikat minn entitajiet pubbliċi rikonoxxjuti għall-indipendenza u għad-dixxerniment tagħhom.**

**xx. Ksur tal-liġijiet dwar saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol : proċeduri kriminali**

**Wara li ħa konjizzjoni tax-xiehda tal-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Kenneth Haber, is-Supretendent tal-Pulizija Denise Miruzzi Mula u Franklin Calleja, Reġistratur Qrati Kriminali.**

**Il-lanjanza li għandu l-Bord hija dwar l-amministrazzjoni ta` dawk il-kawżi.**

**Skont ix-xiehda nafu li minn Settembru 2018 sa Lulju 2023 kien hemm 526 każi appuntati. Minnhom kienu deċiżi 516 b`119-il każ pendenti. Bejn Jannar 2018 u Lulju 2023 kien hemm 859 każ ġdid u 758 deċiżjoni. Fl-aħħar ta` Lulju 2023 kien hemm 105 każi pendenti.**

**Irriżulta li fl-2018 il-kawżi kienu jinstemgħu minn Maġistrati partikolari. In segwitu bdew jinstemgħu minn Maġistrat ieħor. Fl-2021 il-kawżi marru quddiem Maġistrat ieħor differenti. U l-kawżi li daħlu matul l-2023 (preċiżament bejn is-17 ta` Mejju 2023 u t-30 ta` Settembru 2023) bdew jinstemgħu minn Maġistrat ieħor differenti. Dan ifisser li kien hemm erba` Maġistrati f`temp ta` ħames snin li semgħu dawk il-kawżi kriminali.**

**Fil-fehma tal-Bord, u bl-akbar rispett, dan m`għandux ikun. Huwa fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-gustizzja li kawżi kriminali ta` dan it-tip, li huma sensittivi mmens, għandhom jinstemgħu mill-istess Maġistrat fuq medda tal-inqas ħames (5) snin. Il-vantaġġ ikun li l-ġudikant ikun fassal il-pjan ta` ħidma tiegħu b`mod attent, ikun afferra tajjeb il-problematika ta` dawn it-tip ta` kawżi, u jkun spjana t-triq għal *sentencing policy* ċara li, għalkemm mhux kodifikata b`ebda mod, tkun turi fejn irid jasal il-ġudikant bid-deċiżjonijiet li jagħti f`dawk l-għamla ta`**

**kawżi. Kulħadd ikun jaf fejn hu u jidħol għal dawk il-kawżi b`għajnejn miftuħa beraħ.**

**xxi. *Self-regulation***

**Fil-bini u l-kostruzzjoni kif operati f`dan il-pajjiż, *self regulation* jagħti lok għal konflitti ta` interess li jispiċċaw jagħmlu s-sitwazzjoni agħar milli hi fil-preżent. Huwa l-Istat permezz tal-entitajiet tiegħu li jeħtieġ ikollu l-miżuri amministrattivi u regolatorji *in place* sabiex jiskonsiljaw *self-regulation.***

**xxii. Qafas regolatorju iżjed effiċjenti**

**Fid-depożizzjoni tiegħu, il-President tal-Kamra tal-Periti esprima ruħu favur awtorità waħda li tirregola kull aspett tal-industrija tal-bini u kostruzzjoni. Proposta ta` din ix-xorta teħtieġ studju akkurat. Għalhekk għandu jiġi kkommissjonat studju professjonali biex mill-aktar fis jistħarreġ il-possibbiltà li ssir amalgamazzjoni effettiva bejn ċerti entitajiet regolatorji li huma nvoluti fis-settur tal-kostruzzjoni. Min se jistħarreġ il-kwistjoni b`dettall irid jara jekk is-settur jistax ikollu awtorità waħda li tkun effettiva u li però ma ssirx mostru bħal oħrajn li diġà għandna fil-pajjiż. Li jeħtieġ is-settur illum huwa li l-awtoritajiet ikollhom l-ideat ċari tal-ħidma tagħhom, jafu x`inhuma r-responsabilitajiet, ikollhom nies biżżejjed u mħarrġa tajjeb biex jaqdu d-dmirijiet tagħhom tajjeb u ma jkollhomx la konflitti ta` kompetenza u lanqas *lacunae*. Jekk dan isir, b`kull awtorità eżistenti tkun spalla tal-oħra, mhux waħda tipprova ssir aktar importanti f`għajn il-politiku minn oħra, allura t-triq hija spjanata għal futur aħjar fis-settur.**

**Il-Bord jirreferi speċjalment għal dak li qal Jesmond Muscat, Kap Eżekuttiv, Building and Construction Authority, fix-xhieda tiegħu tal-25 ta` Awwissu 2023, '*Inutli nibqgħu ninfirxu. Naħseb li wasal iż-żmien biex ningħaqdu iktar. Voldieri naħseb jekk in a nutshell tgħidli bħalma staqsejtni - x' kien? Irridu ningħaqdu iktar u nifhmu lil xulxin iktar; u r-riżorsi hemmhekk ma jinħlewx ukoll*'. Fil-fatt, il-Bord huwa tal-fehma li l-amalgamazzjoni bejn il-BICC u l-istess BCA, huwa pass kbir fid-direzzjoni t-tajba biex tissaħħaħ is-sinerġija ta` bejniethom. Waqt l-ewwel laqgħa tal-Kunsill Konsultattiv tal-Bini u l-Kostruzzjoni, fl-14 ta` Diċembru 2023, il-Ministru Zrinzo Azzopardi sostna li permezz tal-Liċenzja tal-Kuntratturi qed tinġabar statistika u informazzjoni dwar il-ħaddiema li jaħdmu fis-settur u l-ħiliet li għandhom. Min-naħa tiegħu ċ-Chairman tal-Kunsill Konsultattiv tal-Bini u l-Kostruzzjoni, il-Perit Charles Buhagiar, spjega li l-BCCC se sservi bħala forum konsultattiv fejn il-Gvern u l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni jipproponu ideat u regolamenti ġodda li jiġu diskussi mal-partijiet involuti biex b`hekk il-mod kif isiru l-affarijiet jitjieb. Huwa qal ukoll li se jiġu addottati prattiċi tajbin li ġew addottati minn pajjiżi oħra barra minn xtutna. Dan juri ċar il-bżonn urġenti li kemm jista` jkun dawn l-entitajiet jiġu nkorporati flimkien biex tissaħħaħ dejjem aktar l-effiċjenza operattiva tagħhom.**

**Fl-istess ħin, il-Bord iħoss li għandha tiġi rrikunsidrata d-deċizjoni li ssir separazzjoni bejn il-Malta Enterprise u l-INDIS Malta għax huwa importanti ħafna li dawn iż-żewġ entitajiet jaħdmu id f`id u b`kollaborazzjoni sħiħa bejniethom. Fil-fatt, jidher li s-separazzjoni li kien hemm bejn iż-żewġ entitatjiet ma tatx il-frott mixtieq għax kif mistqarr waqt ix-xhieda 'issa qed jaħdmu b`mod aktar awtonomu minn xulxin'. Jista` wkoll jiġi kkunsidrat li titwaqqaf pool waħda ta` spetturi li tkun tista` sservi l-entitajiet kollha u għalhekk titwarrab is-silo mentality li jidher ċar li sfortunatament tipprevali f`dan is-settur. B`hekk**

**tissaħħaħ l-effiċjenza u l-effettività fis-settur tant importanti tal-infurzar – arma li għal dawn l-aħħar diċenji prattikament mhux qed tintuża sew. Tali *pool* ta` spetturi żgur li jiffaċċilita l-iskambju fil-pront ta` informazzjoni utli għal kull entità involuta f`dan il-qasam.**

**xxiii. <u>Konfini ċari ħielsa minn ekwivoċi</u>**

**Hemm ħtieġa li jkunu determinati kjarament u bla ekwivoċi l-konfini tar-responsabbilitajiet tal-entitatijet involuti f`dan il-qasam.**

**Huwa importanti ħafna li kull entità tkun konxja tar-responsabbilitajiet tagħha biex ma jkunx hemm la overlaps li jistgħu jwasslu għal ċertu disgwid u duplikazzjoni ta` xogħol u lanqas *grey areas* fejn ikun hemm nuqqas ta` ideat ċari dwar ir-remits rispettivi, bir-riskju li dawn ma jkunux regolati b`mod effikaċi u effettiv. Kulħadd, mingħajr ebda eċċezzjoni, għandu jkun konxju bir-reponsabiltà tiegħu/tagħha biex jiġi assigurat li tittieħed azzjoni fil-ħin u b`mod effettiv.**

**xxiv. <u>Tissaħħaħ b`mod qawwi l-kollaborazzjoni bejn l-entitajiet involuti għax tali sinerġija twassal għal deċiżjonijiet effettivi li jkunu bbażati fuq informazzjoni ċara u reali</u>.**

**Il-Bord iħoss li tali tisħiħ ta` kollaborazzjoni jwassal biex kull entità tkun f`pożizzjoni aħjar li tieħu dawk id-deċizjonijiet neċessarji biex jissaħħaħ il-kontroll, mingħajr burokrazija żejda li twassal għal dewmien u nuqqas ta` azzjoni fil-ħin. Dan jinkludi speċjalment, sistemi ta` IT komuni li jkunu aċċessibbli mill-entitajiet kollha, ovvjament bil-miżuri kollha ta` sigurtà ta` aċċess li jkunu meħtieġa. Per eżempju kull**

**notifika ta` bidu tax-xogħol tkun tista` tkun iċċirkolata bejn l-entitajiet kollha f`ħin reali, mingħajr ebda dewmien li jxekkel azzjoni pronta li tista` tkun meħtieġa. Hekk kulħadd ikun konxju li jkun inbeda x-xogħol fuq it-tali proġett. Tali sistemi ta` IT, jinkludu wkoll Geographic Information Systems (GIS), li joffru informazzjoni ċara u dettaljata dwar fejn qed isir ċertu xogħol ta` kostruzzjoni. Il-Bord iħoss li tali sistemi jista` jkunu ta` utilità kbira fl-oqsma ta` ppjanar kif ukoll ta` infurzar.**

**xxv. <u>Ir-rwol tal-OHSA fl-inkjesti maġisterjali</u>**

**Il-Gvern għandu jqis mill-ġdid jekk huwiex għal kollox opportun li uffiċjali tal-OHSA ikunu preżenti waqt inkjesta maġisterjali li tkun qegħda tindaga dwar inċidenti ta` korriment gravi jew imwiet f`postijiet tax-xogħol skont l-emendi riċenti li saru fil-Kap 9 tal-Liġijiet.**

**Il-Bord għandu r-riservi serji tiegħu minħabba r-riskju reali ta` konflitt ta` interess. L-OHSA hija regolatur u *enforcer*. Jekk l-infurzar tagħha jkun karenti tant li jista` jkun kagun ta` inċident ta` korriment gravi jew mewt, ma jagħmel ebda sens li l-inkjesta maġisterjali bir-riservatezza u konfidenzjalità li tirrikjedi tispiċċa tkun lesiva għall-jedd ta` smigħ xieraq ta` persuna suspettata.**

**xxvi. <u>MCCAA</u>**

**Din l-awtorità għandha tkun proattiva u taqdi l-iskopijiet illi għalihom giet mwaqqfa. Bla ma jkun mittiefes il-prinċipju tal-moviment ħieles tal-prodotti f`ambitu komunitarju, għandhom isiru emendi fil-leġislazzjoni vigenti sabiex l-obbligazzjoni tas-CE**

**Markings fil-każ ta` prodotti ta` kostruzzjoni titwettaq aħjar. Kif ukoll li fil-każ tal-bricks id-dokumenti tal-produzzjoni jmorru l-awtorità b`obbligu fuq il-produttur li jippreżentahom mhux l-awtorità titlobhom meta jidhrilha. L-iskrutinju tajjeb u dirett mill-awtorità jgħin sabiex tkun garantita l-konformità mar-regoli Ewropej għall-protezzjoni stess tal-konsumatur.**

**Ir-Reg 305/2011 tal-UE daħal fis-seħħ fl-2013. F`Malta daħal b`effett ta` Avviż Legali bis-saħħa tal-Product Safety Act (Kap 47 tal-Liġijiet ta` Malta). Fih jirriżultaw l-istandards li għandhom jiġu osservati fil-prodotti tal-kostruzzjoni. Għalkemm ir-Reg huwa intiż sabiex ikun hemm uniformita` bejn l-Istati Membri tal-UE, id-disposizzjonijiet jibqgħu provvedimenti fil-minimu tagħhom. Xejn ma jipprekludi lil ebda pajjiż membru tal-UE li bla ma jirfes jew jirrestringi l-prinċipju tal-moviment hieles, jagħmel aħjar u aktar effettiv il-kontroll u l-infurzar tal-kwalità tal-prodott skont l-istandard.**

**Dwar bricks, irriżulta li dawn irid ikollhom *declaration of performance* li jrid jinħareġ mill-manifattur. Iċ-ċertifikat ikun utili għal min ikun se juża dawk il-bricks għax ikun jaf il-*performance* tal-prodott. Hija l-fehma tal-Bord li l-MCCAA għandha titlob dejjem u żżomm kopja ta` dak iċ-ċertifikat, mhux qed jiġri sal-lum li d-dokument jintalab biss f`każ ta` dubju biss dwar is-CE marking.**

**Dwar il-bricks li ntużaw fis-sit fejn miet Jean Paul Sofia, irriżulta mid-depożizzjoni tal-Ing. Helga Pizzuto li kienu qegħdin jiċċekkjawhom mal-manifattur mhux bit-teħid ta` kampjuni mis-sit tad-diżgrazzja. Minn fuq is-sit tad-diżgrazzja ma ħadux bricks biex jagħmlu testijiet. Fil-fehma tal-Bord, ma kellux isir hekk. L-**

**Awtorità messha kienet proattiva mhux reattiva, indipendentement mill-kwistjoni jekk il-kwalità tal-bricks kenitx jew le kawza jew le tal-inċident. F`sitwazzjonijiet traġiċi bħal dak tal-inċident tat-3 ta` Diċembru 2022, l-għassa u l-kontroll għandhom ikunu fil-massimu tagħhom.**

**Irriżulta wkoll li fl-istat tad-dritt kif inhu sal-lum jekk l-Awtorità titlob id-*declaration of performance* u din ma tkunx ikkonsejata mill-manifattur kif rikjest, il-manifattur ikun ordnat jieqaf milli jpoġġi l-prodott fis-suq sakemm jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu. Jekk ma jirregolarizzax, u l-prodott jibqa` għaddej fis-suq, hemm l-Awtorità tipproċedi kontra l-manifattur bil-pulizija b`azzjoni fil-qorti. Hekk taħseb il-liġi. Sal-lum ma ttieħdux passi bil-pulizija fil-qrati kontra ħadd fuq talba tal-Awtorità. L-istat tad-dritt attwali huwa nfeliċi ħafna. Jekk il-manifattur ma jikkonformax, l-Awtorità għandu jkollha s-setgħa li twaqqaf il-produzzjoni billi timpani s-siġilli mhux billi tieħu n-nies il-qorti.**

**Għalkemm l-MCCAA hija prekluża milli tirrestinġi l-moviment ħieles tal-prodott, għandha l-obbligu li tagħmel l-aċċertamenti kollha li hemm bżonn sabiex il-prodott ikun konformi mal-istandards prefissi fir-Regolament.**

**xxvii. <u>Kompetenza u professjonalità</u>**

**Il-kultura tal-prevenzjoni u tal-infurzar tiġi koltivata u tingħata saħħa jekk il-persuni - mhux biss fl-uffiċini imma l-aktar fil-postijiet tax-xogħol - ikunu kompetenti fil-ħidma tagħhom għax ikunu mħarrġa u jkunu kwalifikati.**

**F`dan il-kuntest ix-xiehda ta` <u>Dr Luke Anthony Fiorini - Direttur tas-Centre for Labour Studies tal-Università ta` Malta</u> kienet importanti għaliex għandha titqies bħala an *eye opener għal* kull min għandu tassew interess li s-settur tal-OHS ikun prijorità tassew mhux bid-diskors biss f`dan il-pajjiż.**

**Li xehed Dr Fiorini jassumi aktar rilevanza fil-kuntest għal dak li xehed Dr Mark Gauci li kien Kap Eżekuttiv tal-OHSA meta bla tlaqlieq stqarr li l-OHSA kienet beħsiebha titkellem mal-MCAST biex jitnieda kors dwar OHS f`dik l-istituzzjoni edukattiva. Imma għaliex ?**

**Għalkemm firxa ta` opportunitajiet ta` tagħlim u kwalifiki hija tajba fil-prinċipju, ma tgħoddx għal kull qasam f`kull żmien.**

**Irriżulta li mill-1997 sat-2014 l-Università kienet toffri l-kors ta` Diploma in Social Studies (Occupational Health and Safety) fuq bazi part-time filghaxijiet fejn ħafna mill-istudenti kienu *mature students*. Kien kors li rnexxa għaliex minnu ħarġu prattikament l-uffiċjali tas-saħħa u sigurtà kollha li hemm fil-qasam illum.**

**Imbagħad inħass li kellu jogħla l-livell għaliex b`effett mit-tieni semester tas-sena akkademika 2015-2016, bdiet Bachelors Degree fl-Occupational Health and Safety fuq bazi part-time filgħaxija kull sentejn. Id-Diplomakellha 60 credit waqt li d-Degree għandha 180**

**credit. Jekk xi ħadd jikseb 90 credit fil-kors tad-Degree jista` jieqaf u jieħu d-Diploma. B`hekk sabiex tinkiseb id-Diploma ġie li jrid ikollok 30 credit aktar mis-60 li kien hemm qabel. Dan ifisser li persuna tkun trid 3 snin biex tieħu d-Diploma. Barra minn hekk persuna b`Diploma diġà akkwisita tista` tidħol fil-bidu tat-tielet sena tad-Degree li huwa ta` 5 snin.**

**Kienet din bidla għall-aħjar ? L-istatistika provduta minn Dr Fiorini turi li mill-1997 sal-lum id-diplomati u/jew gradwati, xehed kienu 382. Minnhom 279 kienu applikaw għall-kors tad-Diploma waqt li 103 marru għad-Degree. B`kollox kien hemm 257 gradwati liema għadd jinkludi 210 li ħadu d-Diploma.**

**Il-figuri juru li Diploma hija aktar attraenti minn Degree. Juru wkoll li Diploma kif kienet sal-2014 kienet ukoll attraenti mid-Diploma wara l-2015, prinċipalment minħabba ż-żieda fil-credits u ż-żieda fiż-żmien.**

**L-aġġjornament ta` kors universitarji għall-esiġenzi taż-żmien huwa dejjem tajjeb. Imma dan għandu jsir b`kawtela għaliex mhu fl-interess ta` ħadd li jitnaffru persuni nteressati. Is-settur diġà huwa fraġli kif bosta xehdu li ma jistgħux isibu n-nies. Jekk hu hekk m`għandhiex persuna li trid tgħolli l-livell professjonali tagħha ssib xkiel professjonali fl-università. Għandha tkun l-università li għandha ddur waħda sewwa ħalli tfittex u ssib bilanċ bejn aġġjornament tal-livelli għaż-żminijiet mal-attrattiva ta` persuni interessati biex imorru għal Diploma.**

**Ir-rimedju m`għandux ikun li tkun riċerkata l-MCAST għaliex l-Università qegħda tkun aktar esiġenti fil-prodott li qegħda tfittex.**

**Is-settur tal-OHS huwa kull ma jmur jgħajjat għal aktar persuni kompetenti, professjonali u kwalifikati. Imma allura m`għandhomx isiru ostakoli bla bżonn sabiex persuni jkunu attratti għal settur li diġà jinsab taħt pressjoni minn kull kantuniera li tista` timmaġina. U jkunu attratti jekk il-mira tal-miżura tal-kompetenza professjonali ma ssirx billi togħla l-istiċella bla bżonn. Għalkemm il-ħsieb sabiex il-kors universitarju jogħla għal Degree kien sabiex imur `il fuq il-livell professjonali tal-OHS f`Malta, il-Bord jirrakkomanda li l-Università għandha tagħmel il-biċċa tagħha sabiex is-settur tal-OHS li diġà huwa vulnerabbli ma jsirx aktar vulnerabbli milli huwa fil-preżent.**

**xxviii. <u>Rapporti ġeoloġiċi</u>**

**Meta jkun qed isir tħaffir għal kull tip ta` żvilupp, mal-*method statement* għandu jiġi preżentat rapport ta` ġeoloġu sabiex qabel biss jibda t-tħaffir ikun magħruf l-istat tal-blat fis-sit.**

**Fil-kors tal-ġbir tal-provi, inqalgħet kontroversja dwar il-korrettezza tal-aħħar mappa ġeoloġika ta` Malta. Fuq naħa waħda l-istqarrija ta` rappreżentant tal-Kamra tal-Ġeoloġi li l-mappa attwali saret mingħajr konsultazzjoni magħhom u kellha żbalji, omissjonijiet stratigrafiċi, u miżinterpretazzjonijiet anke ta` natura strutturali tal-blat. U fuq in-naħa l-oħra r-rappreżentant tal-Gvern li xehed il-maqlub.**

**Il-Bord mhux se jgħid min għandu raġun għaliex mhux kompitu tiegħu li jagħmel dan. Li però ċertament jirrakkomanda l-Bord huwa li f`materji serji ta` din ix-xorta l-kontroversja għandha titwarrab fil-ġenb u kwalsiasi disgwid jiġi risolt bil-kalma, in buona fede u b`kompetenza bejn l-esperti fl-interess tal-pajjiż.**

**Il-Bord jirrakkomanda li l-investigazzjonijiet ġeoloġici jsiru tassattivi fl-Avviż Legali 136/2019 kif kienu fl-Avviż Legali 72/2013 li kien ġie sostwit bl-istess Avviż Legali 136/2019. Meta jkun se jsir skavar, il-*method statement* għandu jkollu l-input ta` ġeoloġu speċjalment f`żoni topografiċi tal-pajjiż fejn il-fraġilita` tas-sottoswol hija magħrufa.**

**xxix. <u>Garanzija bankarja</u>**

**Il-quantum tal-garanzija bankarja li trid issir lill-BCA mhux adegwat għaż-żminijiet tal-lum. L-ammont għandu jkun ta` għoxrin fil-mija (20%) tal-istima minn perit tal-valur tax-xogħlijiet.**

**xxx. <u>Terzi</u>**

**Kemm-il darba jirriżulta illi x-xogħolijiet ta` kostruzzjoni u finituri, ikunu qegħdin jagħmlu ħsara lil bini ta` terzi, il-BCA għandha tintervjeni fil-pront, tordna s-sospensjoni tax-xogħolijiet, tagħmel il-verifiki tagħha, u jekk il-ħsara tkun ikkonfermata, ix-xogħol ma jkomplix qabel is-sitwazzjoni tkun iċċertifikata bħala rimedjata mill-BCA stess.**

**xxxi. Il-bordijiet**

**Dan jgħodd kemm għall-BCA kif ukoll għall-OHSA.**

**L-għadd tal-membri tal-bordijiet huwa kbir wisq sabiex ikun effettiv tassew u jagħmel id-differenza. Kemm kienu effettivi l-bordijiet kostitwiti sal-lum tiġġudikah l-istorja. L-importanti huwa li la jkorru u lanqas imutu aktar ħaddiema.**

**Il-kriterju ewlieni ta` appartenenza għandha tkun il-kompetenza professjonali mneżża` minn kull konflitt reali jew potenzjali ta` interess. Il-kriterju għandu ftit persuni ta` kompetenza professjonali ndiskussa li huma kapaċi jgħidu tagħhom bi prudenza imma b`fermezza. Ir-rappreżentanza ta` settur m`għandhiex tkun il-kriterju tal-għażla. Kif m`għandux ikun li l-persuna tkun taħsibha bħall-Ministru responsabbli jew viċin tiegħu. Iridu jkunu persuni li jkollhom l-abilità li jagħtu direzzjoni.**

**Kemm fil-BCA kif ukoll fl-OHSA, l-enfasi għandha tkun fuq l-ispezzjonijiet għall-fini ta` nfurzar ta` leġislazzjoni. L-operaturi kollha tas-setturi jridu jifhmu *occorrendo* bil-presenza tal-ispetturi *on the ground* li ż-żminijiet qegħdin jinbidlu u li prattiċi żbaljati għandhom ikunu *a thing of the past*. Fejn jidħol l-infurzar, l-enfasi għandha tkun fuq a *hands on approach* mhux fuq il-mili ta` formoli u r-*red tape*. Dan tal-aħħar għandu jinżamm fil-minimu tiegħu mhux iservi bħala paraventu bil-konsegwenza li ftit persuni jkunu mpenjati *where things matter*.**

**xxxii. <u>Il-liċenzja tal-bennej</u>**

**L-għoti tal-liċenzja llum saret kompetenza tal-BCA. Dak kien pass tajjeb fid-direzzjoni t-tajba. Imma hawn mhux biżżejjed. Il-kriterji għandhom ikunu ripensati mill-qigħ ; l-istess il-funzjoni tal-bennej fid-dinja tal-bini tal-lum, anke tenut kont li l-Bord għamel kemm felaħ enfasi fuq il-ħtieġa tal-i*skill card*.**

**xxxiii. <u>Reviżjoni tal-Kap 424</u>**

**Hemm diġà *white paper* ippubblikata. Li l-Kap 424 jeħtieġ reviżjoni huwa mingħajr dubju. Jekk il-Gvern konvint li dak li qed jipproponi fil-*white paper* huwa t-triq `il quddiem għandu jipproċedi billi jestendi l-abbozz ta` liġi u jressqu quddiem il-Parlament tenut kont tal-fatt li l-*white paper* ħarġet f`April 2023 u sal-lum ma smajna xejn aktar dwarha.**

**Mhuwiex kompitu ewlieni tal-Bord li jindaħal. Xogħolu huwa wkoll li jipproponi soluzzjonijiet. Se jirrimarka biss li l-parti Eżekuttiva tal-OHSA (inklużi l-operazzjonijiet tagħha) għandha tinżamm <u>distinta għal kollox</u> mill-oqsma l-oħra kollha : Promozzjoni, Edukazzjoni, Tixrid ta` Informazzjoni, Standards, Leġislazzjoni : sabiex jiġi evitat *whatever it takes* il-konflitt tal-interess.**

**Tajjeb jekk noqgħodu fuq l-esperjenzi ta` pajjiżi oħra. Direzzjoni politika jrid ikun hemm. L-istess għandu jkun hemm fejn si tratta ta` twettieq ta` dik id-direzzjoni politika, imma l-aktar meħtieġ huwa l-komportament jum wara l-ieħor u l-infurzar tal-ħafna**

**tajjeb li diġà hemm b`nies dedikati u li jridu jagħmlu d-differenza. Liġijiet jinkitbu imma jridu jagħmlu sens. Għandhom ixejnu l-burokrazija. U jagħmlu sens mill-presenza effettiva.**

**xxxiv. Rappurtaġġ ta` inċidenti u *dangerous occurrences***

**Aktar kmieni kienet diġà trattata l-kwistjoni ta` kif isir ir-rappurtaġġ ta` korrimenti gravi u mwiet fil-postijiet tax-xogħol u allura kif tinġabar l-istatistika. Issemmiet ukoll il-kwistjoni ta` *dangerous occurrences* jew *near misses*. Il-Bord qiegħed jirrakkomanda li l-OHSA taġġjorna l-leġislazzjoni esistenti billi tuża bħala mudell ir-Reporting of Injuries, Diseases and Dangerous Occurrences Regulations 2013 tar-Renju Unit. Ma hemm ebda preġudizzjali ta` ebda xorta biex dan ma jsirx.**

**xxxv. Awtorità tal-Artijiet**

**Il-Bord huwa tal-fehma li anke meta l-amministrazzjoni ta` art jew proprjetà oħra tal-Gvern tgħaddi għand entitajiet oħra fl-amministrazzjoni pubblika, għandu jibqa` għandha l-Awtorità tal-Artijiet miżura ta` kontroll u/jew setgħat residwali sabiex tassikura li l-interess pubbliku jibqa` dejjem fl-ewwel post. X`ġara fil-każ mertu ta` din il-inkjesta kien trattat b`mod dettaljat aktar kmieni. Mhux biżżejjed li min naqas jerfa` r-responsabilità imma l-Istat għandu jimpjega ruħu sabiex il-kontroll tal-ġid komuni jsir b`mod effettiv u dan ma jistax isir bid-dispersjoni tas-setgħat mhux kontrollati tal-amministrazzjoni tal-ġid**

**komuni lil entitajiet fejn il-governanza tajba għadha ma waslitx lanqas sal-għatba. Bis-saħħa tal-Kap 573 il-Gvern għandu s-setgħa li jagħti direzzjonijiet strateġiċi. Il-Bord iqis din bħala waħda minnhom.**

**xxxvi. <u>Traspożizzjoni</u>**

**Waqt il-ġbir tal-provi ssemma b`insistenza li t-traspożizzjoni tad-<u>Direttiva tal-UE dwar il-Mobile or Temporary Construction Sites</u> fil-leġislazzjoni tagħna ma saritx b`mod sħiħ. Il-Bord għamel l-istħarriġ tiegħu u jistqarr li mhuwiex tal-istess fehma għaliex jidher li t-traspożizzjoni saret kif kellha ssir. Madanakollu l-Bord jieħu spunt sabiex jinsisti mal-awtoritajiet li għandhom dejjem jippreistaw reqqa u attenzjoni meta jiġu biex jagħmlu traspożizzjoni ta` leġislazzjoni tal-UE fil-liġi domestika tagħna ħalla t-tuteli minimi previsti fil-leġislazzjoni tal-UE mhux biss ikunu kollha kemm huma inseriti fil-leġislazzjoni tagħna imma li kull fejn ikun lok nitilqu mill-minimu u mmorru għal aktar ħarsien legali.**

**xxxvii. <u>*Site Technical Office*</u>**

**Kien rimarkat li bl-Avviż Legali 180/2019 kienet stabbilita l-figura ta` *site technical officer* ("<u>STO</u>"). Kien hemm min għamel kritika li din il-figura kienet *a half baked measure.***

**Il-kompetenza ta` STO fil-każi ta` twaqqigħ, skavar u bini hija fl-ewwel lok ta` perit. Sa hawn kollox sewwa għax perit għandu *warrant*.**

**Il-kompetenza hija estiża wkoll għal persuna b`*Bachelor`s Degree in Engineering.* Din mhix biżżejjed. Għax dik hija kwalifika akkademika li ma twassalx għal *warrant*. Għandu jkun inġinier b`*warrant* li jeżerċita fl-inġinerija ċivili ladarba hawn si tratta ta` bini u kostruzzjoni.**

**xxxviii. *__Development Notification Orders__***

**Il-Bord huwa tal-fehma li l-Avviż Legali 211 tal-2016 jeħtieġ li jkun emendat sabiex mill-proċedura tad-DNO jitneħħew żoni ta` żvilupp fil-Class 16. B`hekk *Development in Malta Industrial Parks and Malta Enterprise Zones* ikunu jeħtieġu *full development applications.* Inoltre anke f`każi ta` żvilupp f`dawk iż-żoni jkun irid jiġi preżentat *method statement* lill-BCA.**

**xxxix. *__Free Standing Structures__***

**Il-Bord ma jarax siwi li jidħol fil-kontroversa dwar liema awtorità kellha r-remit tal-iżvilupp ta` *free standing structures*. Il-Bord mhux se jgħid min għandu raġun u min m`għandux. Lanqas ma huwa l-funzjoni tal-Bord li jagħti pariri legali. Li ċertament se jgħid il-Bord huwa li kull ambigwità trid titneħħa, għandha tkun stabbilita kjarament iċ-ċertezza tad-dritt, bini ta` dik ix-xorta għandu jkun taħt il-kontroll tal-BCA u għandu jkun soġġett għar-regolamenti kollha li tenforza hi xejn eskluż.**

**Inċertezzi u *lacunae* m`għandhomx siwi. Fl-istess waqt il-Bord jafferma li min kien responsabbli biex *lacunae* jippersistu għandu jwarrab minnufih. Kjarezza massima trid tkun *la linea maestra*.**

**Il-Bord ikompli jinsisti jekk tassew huwa l-perit responsabbli mill-istruttura, irid ikun hemm awtorità li ssib in-nuqqasijiet tal-perit u tassikura li jkunu rettifikati qabel ma ssir diżgrazzja u dik l-awtorità għandha tkun il-BCA. Bl-akbar rispett lejn il-fehmiet tal-Avukat tal-Istat dwar ir-responsabilitajiet tal-perit u l-kuntrattur, il-mertu tal-inkjesta ma jirrigwardax lil dawn imma lill-Istat. Jekk dawk żbaljaw, ibatu l-konsgwenzi ċivili u kriminali, imma b`daqshekk l-Istat ma jistax jeżimi ruħu minn responsabilità li ħalla tippersisti inċertezza u kontroversja legali u leġislattiva bla bżonn. Għalhekk aktar kmieni ssemma l-obbligu <u>pożittiv</u> tal-Istat.**

**9. <u>Konklużjoni</u>**

**Il-Bord jikkonkludi billi jiċċita minn diskors li kien għamel Harold Walker MP li kien Secretary of State for Employment Ingliż f`Diċembru 1979 waqt forum organizzat flimkien mill-British Safety Council (BSC) u mir-Royal Society for the Prevention of Accidents (ROSPA) fl-okkażjoni tal-ħames anniversarju mid-dħul fis-seħħ tal-Health and Safety at Work Act 1974.**

**Mr. Walker kien qal hekk *inter alia* :**

***"Laws alone cannot prevent death and injury at work. Whatever legislation is enacted will always be dependent for its effectiveness on the spirit, will and determination of all those responsible for its implementation – management and workers alike. It is only in this way that health and safety precautions will not become just a mere paper exercise. Today there is a new awareness of the need to diminish the grief, suffering and hardship caused by occupational accidents and diseases. The best way to achieve this is through a co-operative endeavour between management and worker. Death, injury and disease should not be part of the routine pursuit of earning a living. They will only recede into the shadows of history if there is a concerted effort to push them there."***

**Dak li kien mistqarr aktar minn erbgħin (40) sena ilu għadu jgħodd anke llum.**

**Imħallef Emeritus Joseph Zammit McKeon**
**Chairman tal-Bord ta` Inkjesta**

**Charles Deguara**
**Membru tal-Bord ta` Inkjesta**

**Perit Mario Cassar**
**Membru tal-Bord ta` Inkjesta**